

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## C 181

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 55  
21 ta' Ġunju 2012

Avviż Nru

Werrej

Paġna

### I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

#### RIŻOLUZZJONIJIET

##### Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

##### L-479 sessjoni plenarja fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012

2012/C 181/01

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kontra d-diskriminazzjoni abbażi tar-razza jew l-orijini etnika, adottata fl-479 sessjoni plenarja ..... 1

#### OPINJONIJIET

##### Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

##### L-479 sessjoni plenarja fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012

2012/C 181/02

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Iż-żgħażaġh b'diżabbiltà: xogħol, inklużjoni u parteċipazzjoni fis-soċjetà" (opinjoni esploratorja) ..... 2

2012/C 181/03

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-problemi speċifiċi tal-gżejjer" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) ..... 7

# MT

Prezz:  
EUR 8,50

(Ikompri fil-paġna li jmiss)

<u>Avviż Nru</u>	Werrej (ikompli)	Paġna
2012/C 181/04	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-PDG u lil hinn minnu — l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-għażla ta’ indikaturi komplementari” (opinjoni fuq inizzjattiva proprja) .....	14
2012/C 181/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kosovo” .....	21
2012/C 181/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-politiki tal-iżvilupp u tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea” (opinjoni esploratorja) .....	28

### III Atti preparatorji

#### IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĠJALI EWROPEW

##### **L-479 sessjoni plenarja fit-28 u d-29 ta’ Marzu 2012**

2012/C 181/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva” COM(2011) 785 finali — 2011/0370 (COD) .....	35
2012/C 181/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Taxxa doppja fis-Suq Uniku” COM(2011) 712 finali .....	40
2012/C 181/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea” COM(2011) 739 finali – 2011/0183 (CNS) u “L-Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea” COM(2011) 740 finali – 2011/0184 APP .....	45
2012/C 181/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea” COM(2011) 613 finali .....	52
2012/C 181/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar sistema komuni ta’ taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE” COM(2011) 594 finali .....	55
2012/C 181/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)” COM(2011) 651 finali – 2011/0295 (COD) u dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq” COM(2011) 654 finali – 2011/0297 (COD) .....	64



## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RIŻOLUZZJONIJIET

## IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-479 SESSJONI PLENARJA FIT-28U D-29 TA' MARZU 2012

**Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kontra d-diskriminazzjoni abbażi tar-razza jew l-oriġini etnika, adottata fl-479 sessjoni plenarja**

(2012/C 181/01)

Matul is-Sessjoni Plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tad-29 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din ir-Riżoluzzjoni b'148 vot favur u 3 astensjonijiet.

"Fit-8 ta' Frar 2012, il-Partij voor de Vrijheid PVV (Partit għall-Ħelsien) nieda websajt fejn stieden lin-nies jesprimu l-ilmenti tagħhom fir-rigward ta' persuni mil-Lvant tal-Ewropa u mill-Ewropa Ċentali u li jaħdmu fil-Pajjiżi l-Baxxi.

Fir-Riżoluzzjoni tal-15 ta' Marzu 2012, il-Parlament Ewropew ikkundanna bis-saħħa dan il-websajt. Fir-rwol tiegħu bħala rappreżentant tas-soċjetà ċivili organizzata, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jikkundanna din l-azzjoni u n-natura tagħha ksenofobika u razzista. Il-KESE jappella lill-poplu tal-Pajjiżi l-Baxxi u lill-gvern tiegħu biex jaġixxu b'determinazzjoni kontra din l-inizjattiva li ma tistax tiġi ttollerata iżjed.

Il-KESE u l-membri tiegħu jfakkru b'mod qawwi li:

- It-Trattati tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea huma msejsa fuq il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, u li l-messaġġ li jwassal dan il-websajt imur kontra dan il-prinċipju, billi jiddiskrimina kontra ċ-ċittadini Ewropej abbażi tan-nazzjonalità tagħhom.
- Il-KESE jikkundanna kull attività li tmur kontra l-valuri fundamentali Ewropej, jiġifieri l-libertà, l-ugwaljanza u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.
- Il-KESE jappoġġja l-PE fis-sejħa tiegħu biex il-Kummissjoni u l-Kunsill jagħmlu kull ma jstgħu biex iwaqqfu t-tixrid ta' attitudnijiet ksenofobiċi fl-UE."

Brussell, 29 ta' Marzu 2012.

Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

## OPINJONIJIET

## IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-479 SESSJONI PLENARJA FIT-28U D-29 TA' MARZU 2012

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Iż-żgħażaġh b'diżabbiltà: xogħol, inklużjoni u parteċipazzjoni fis-soċjetà" (opinjoni esploratorja)**

(2012/C 181/02)

Relatur: **is-Sur VARDAKASTANIS**

Fittra tad-9 ta' Diċembru 2011, is-Sinjura Karen Hækkerup, Ministru Daniż għall-Integrazzjoni u l-Affarijiet Soċjali, tablet lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew biex, fisem il-Presidenza Daniża u b'konformità mal-Artikolu 304 tat-TFUE, iħejji opinjoni esploratorja dwar

*Iż-żgħażaġh b'diżabbiltà: xogħol, inklużjoni u parteċipazzjoni fis-soċjetà.*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta' Frar 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'148 voti favur u 3 astensjonijiet.

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

terzjarja daqs l-oħrajn u jenfazizza l-importanza tal-edukazzjoni mhux formali u l-bżonn li din tiġi rikonossuta.

**1.1 Il-KESE:**

1.1.1 jirakkomanda li tiġi implimentata l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet (UNCRPD) sabiex il-persuni b'diżabbiltà, fosthom iż-żgħażaġh irġiel u nisa jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tagħhom.

1.1.4 iħeġġeġ tixrid adegwat ta' informazzjoni dwar l-universitajiet jew opportunitajiet edukattivi f'forom alternattivi bħall-Braille, materjal għas-smigħ u materjal f'filmati jew verżjonijiet faċli li jinqraw u palantype. Il-libreriji għandu jkollhom kotba stampati fil-forma tal-Braille u bl-awdjo fil-kollezzjoni tagħhom.

1.1.2 jitlob li l-Istati Membri jħabirku biex iħeġġu lill-persuni b'diżabbiltà sabiex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u l-ekonomija bħala parti mill-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) b'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020 billi jiġu introdotti miżuri effettivi kontra d-diskriminazzjoni.

1.1.5 iqis li s-suġġetti mhux xjentifiċi (arts), l-isport u d-divertiment jaqdu rwol prinċipali fl-iżvilupp tal-ħiliet u l-inklużjoni taż-żgħażaġh b'diżabbiltà u għalhekk għandhom ikunu aċċessibbli b'mod sħiħ.

1.1.3 jitlob għal edukazzjoni aċċessibbli u inklużiva għall-persuni b'diżabbiltà, b'konformità mal-Artikolu 24 tal-UNCRPD. Il-Kumitat huwa tal-fehma li ż-żgħażaġh b'diżabbiltà għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni primarja, sekondarja u

1.1.6 jitlob lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej jipromovu l-aħjar Prattiki u azzjonijiet pożittivi għall-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà fl-edukazzjoni u l-impjeg. Dawn għandhom jinkludu investiment fl-intraprenditorija soċjali u l-SMEs u inċentivi finanzjarji għal min iħaddem sabiex jimpjega ż-żgħażaġh b'diżabbiltà.

1.1.7 jirrakkomanda li l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni taż-żgħażaġh b'diżabbiltà.

1.1.8 jitlob għall-aċċessibbiltà u akkomodazzjoni raġonevoli biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jaħdmu.

1.1.9 jemmen fir-rwol prinċipali tal-imsieħba soċjali fil-promozzjoni tal-impjieg taż-żgħażaġh b'diżabbiltà billi jinkludu l-aċċessibbiltà u l-akkomodazzjoni raġonevoli fin-negozjati tagħhom.

1.1.10 jirrakkomanda li jintużaw il-Fondi Strutturali sabiex tiġi promossa l-inklużjoni taż-żgħażaġh b'diżabbiltà. Il-Kumitat jitlob li jiġi implimentat tajjeb ir-regolament attwali u li r-regolament li jmiss jikkonforma mal-UNCPRD u jinkludi l-aċċessibbiltà fl-Artikolu 7 bħala prinċipju orizzontali flimkien mal-anti-diskriminazzjoni u l-inklużjoni.

1.1.11 jitlob lill-Istati Membri jtejbu l-implimentazzjoni tad-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol<sup>(1)</sup> u jħeġġeġ li d-Direttiva tiġi interpretata fid-dawl tal-UNCPRD.

1.1.12 jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jappoġġjaw l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw liż-żgħażaġh b'diżabbiltà u jikkonsultawhom fil-proċessi politiċi rilevanti.

1.1.13 ifakkar li l-kriżi ekonomika u l-miżuri ta' awsterità m'għandhomx ifixklu d-drittijiet taż-żgħażaġh b'diżabbiltà u jitlob lill-Istati Membri sabiex jieħdu miżuri pożittivi sabiex jipproteġu lil dawn l-individwi.

1.1.14 jirrakkomanda li għandu jiġi promoss id-dritt taż-żgħażaġh b'diżabbiltà li jgħixu b'mod indipendenti u jitlob lill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea sabiex jużaw il-fondi strutturali sabiex iħeġġu li ż-żgħażaġh b'diżabbiltà ma jixgħux f'istituti u jippromovu l-għajxien tagħhom fil-komunità.

1.1.15 jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tiżviluppa Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà u jirrakkomanda li din il-leġislazzjoni tkun b'saħħitha u tiżgura aċċess sħiħ għall-prodotti, is-servizzi u l-ambjent miġnbi fl-UE.

1.1.16 jitlob sistema Ewropea inklużiva tal-istandardizzazzjoni u jilqa' l-adozzjoni tal-Mandat 473 bħala miżura pożittiva li tippromovi l-aċċessibbiltà.

1.1.17 jilqa' d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva<sup>(2)</sup> u jitlob li d-Direttiva tiġi implimentata sew<sup>(3)</sup>.

1.1.18 jitlob li jiġi applikat b'mod effettiv ir-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ fl-Unjoni Ewropea<sup>(4)</sup> u jitlob lill-Istati Membri jinfurzwaw ir-Regolament u jadottaw miżuri addizzjonali biex jiżguraw il-moviment liberu taż-żgħażaġh b'diżabbiltà.<sup>(5)</sup>

1.1.19 jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Aġenda Diġitali biex tiżgura li s-siti elettroniċi tas-settur pubbliku u s-siti li jipprovdu servizzi bażiċi liċ-ċittadin ikunu aċċessibbli bis-sħiħ sal-2015.

1.1.20 iqis li huwa kruċjali li l-ħtiġijiet taż-żgħażaġh b'diżabbiltà jiġu integrati fil-politiki u l-programmi kollha tal-UE dwar iż-żgħażaġh u jsejjaħ għal azzjonijiet pożittivi li jxerrdu l-għarfien dwar il-bżonnijiet tagħhom.

## 2. Daħla

### 2.1 Il-KESE:

2.1.1 jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ż-żgħażaġh b'diżabbiltà huma soġġetti għal diversi tipi ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru, tar-razza, tal-kultur, tal-orijini etnika jew soċjali, tal-fattizzi ġenetiċi, tal-lingwa, tar-reliġjon jew twemmin, tal-opinjoni politika jew opinjoni oħra, tal-appartenenza għal minoranza nazzjonali, tal-proprietà, tat-twelid, tal-età, tal-orjentazzjoni sesswali jew ta' kwalunkwe status ieħor.

2.1.2 jitlob lill-Istati Membri sabiex ikomplu għaddejnin bin-negozjati dwar id-direttiva dwar l-antidiskriminazzjoni<sup>(6)</sup> sabiex jiżguraw il-protezzjoni legali kontra kull forma ta' diskriminazzjoni fl-UE.

2.1.3 jirrikonoxxi li ż-żgħażaġh b'diżabbiltà huma darbtejn sa ħames darbiet iżjed fil-periklu li jesperjenzaw vjolenza meta mqabbla ma' żgħażaġh mingħajr diżabbiltà.

2.1.4 jiddispaċiħ li ż-żgħażaġh b'diżabbiltà jiffaċċjaw preġudizzju u attitudni negattiva fis-soċjetà li jxekklu l-parteciċipazzjoni, l-awtodeterminazzjoni u l-inklużjoni tagħhom.

2.1.5 jafferma li ż-żgħażaġh nisa b'diżabbiltà, żgħażaġh li jeħtieġu livell għoli ta' appoġġ u persuni b'diżabbiltà psikoloġika huma fil-periklu ta' bosta tipi ta' diskriminazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16-22.

<sup>(2)</sup> ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1-24. ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16-22.

<sup>(3)</sup> L-aċċessibbiltà tal-mezzi awdjoviżivi onlajn għandhom jiġu provduti fid-dawl tad-Direttiva.

<sup>(4)</sup> ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1-12.

<sup>(5)</sup> Pereżempju l-aċċessibbiltà tal-karozzi tal-linja fiż-żoni rurali għandha tkun obbligatorja.

<sup>(6)</sup> COM/2008/0426 final.

2.1.6 jitlob li jiġu rikonossuti d-drittijiet politiċi taż-żgħażaġh b'diżabbiltà u li huma jkollhom l-opportunità li jgawduhom daqs l-oħrajn u jkis li l-proċeduri, il-faċilitajiet u l-materjal tal-votazzjoni għandhom kollha jkunu aċċessibbli.

2.1.7 jipproponi li l-politiki dwar iż-żgħażaġh b'diżabbiltà jiġu integrati fil-linji baġitarji rilevanti kollha fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali sabiex jiġu garantiti riżorsi adegwati għall-promozzjoni tal-aċċessibbiltà u l-inklużjoni.

2.1.8 jipproponi li tinġabar evidenza dwar l-impatt tal-istrumenti ta' politika rilevanti fuq iż-żgħażaġh b'diżabbiltà u jissuġġerixxi li jiġu finanzjati proġetti tal-UE, studji u riċerka fil-qasam.

2.1.9 ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-opinjonijiet preċedenti tal-KESE dwar, fost temi oħra, l-impjeg u l-aċċessibbiltà, l-istrateġija dwar id-diżabbiltà u l-konsegwenzi tat-tibdil demografiku.

### 3. Impjeg u edukazzjoni

#### L-edukazzjoni

#### 3.1 Il-KESE:

3.1.1 jagħraf l-importanza ta' sistema tal-edukazzjoni tradizzjonali inklużiva u jitlob li l-lingwa tas-sinjali tiġi mgħallma fl-iskejjel primarji, jiġu introdotti teknoloġiji fil-qasam tal-palantype (sistema li tittrasferixxi d-diskors f'kitba) u fil-qasam ta' ċirkwiti ta' induzzjoni (induction loops), għandhom jiġu reklutati għalliema kkwalifikati fl-użu tas-sistema Braille u metodi adatti oħra li jipprovdu appoġġ lit-tfal tal-iskola b'diżabbiltà, bħall-AAC (augmentative and alternative communication).

3.1.2 jilqa' l-programmi Żgħażaġħ Attivi u Żgħażaġħ fl-Azzjoni adottati mill-Kummissjoni bħala parti mill-Istrateġija Ewropa 2020, u jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni b'diżabbiltà jibbenefikaw bis-sħiħ minn dawn il-programmi.

3.1.3 jilqa' l-użu tal-Erasmus għall-programmi kollha tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u jirrakkomanda li l-Erasmus jintuża sabiex jagħti spinta lill-iżvilupp personali u l-prospetti ta' impjeg taż-żgħażaġh b'diżabbiltà.

3.1.4 jitlob għal miżuri effettivi li jiġġieldu t-tluq kmieni mill-skola, fid-dawl tal-fatt li huwa darbtejn inqas possibbli li l-persuni b'diżabbiltà jkomplu l-edukazzjoni terzjarja meta mqabbla ma' persuni mingħajr diżabbiltà. Il-Kumitat jixtieq jara li l-universitajiet isiru iktar inklużivi u li dawn jimplimentaw azzjonijiet pożittivi bħal boroż ta' studju għal studenti b'diżabbiltà u sistemi ta' kwota.

3.1.5 jixtieq jara miżuri effettivi li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għall-impjeg għaż-żgħażaġh b'diżabbiltà.

3.1.6 jilqa' r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-mobilità tal-persuni b'diżabbiltà<sup>(7)</sup> u l-enfasi tagħha fuq l-edukazzjoni inklużiva.

3.1.7 jirrikonoxxi l-importanza tal-edukazzjoni mhux formali<sup>(8)</sup> għaż-żgħażaġh b'diżabbiltà u jitlob li Qafas Ewropew tal-Kwalità għall-apprendistat jiġi żvilupp u jinkludi kriterji ta' aċċessibbiltà.

3.1.8 jagħraf li l-persuni b'diżabbiltà għandhom id-dritt jibbenefikaw mill-programmi ta' skambju tal-UE u minn opportunitajiet biex jistudjaw u jitgħallmu barra minn pajjiżhom u jibbenefikaw mill-għodod tal-UE tal-validazzjoni tal-ħiliet u r-rikonoxximent tal-kwalifiki.

3.1.9 jitlob għall-aċċessibbiltà tal-kontenut tal-programmi edukattivi, tal-ICTs u tal-istabbilimenti edukattivi bħala kundizzjoni meħtieġa għad-dritt għall-edukazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-iskejjel, l-universitajiet u s-servizzi li jipprovdu konsulenza liż-żgħażaġh jinkorporaw l-aċċessibbiltà fil-miżuri li jieħdu.

3.1.10 iħeġġeġ tixrid adegwat ta' informazzjoni dwar l-universitajiet jew opportunitajiet edukattivi f'forom alternattivi bħall-Braille, materjal għas-smiġh u materjal f'filmati jew verżjonijiet faċli li jinqraw u palantype. Il-libreriji għandu jkollhom kotba stampati fil-forma tal-Braille u bl-awdjo fil-kollezzjoni tagħhom.

3.1.11 jirrakkomanda l-użu ta' fondi Ewropej, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u t-Tagħlim tul il-Ħajja biex jappoġġaw l-użu ta' konsulenti għal tfal tal-iskola b'diżabbiltà u l-għalliema.

#### L-impjegi

#### 3.2 Il-KESE:

3.2.1 jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabbiltà huma darbtejn sa tliet darbtejn iżjed fil-periklu li jesperjenzaw il-qgħad meta mqabbla ma' persuni mingħajr diżabbiltà.

3.2.2 jappoġġja l-użu tal-Fondi Strutturali biex jiprovdu appoġġ finanzjarju adegwat lill-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà. B'mod partikolari, għandu jsir użu iżjed effettiv tal-FSE sabiex jagħti spinta lill-impjeg taż-żgħażaġh b'diżabbiltà u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex ikun hemm livell għoli ta' aċċessibbiltà fl-Ewropa.

3.2.3 jitlob lill-Istati Membri sabiex jipromovu l-impjeg taż-żgħażaġh b'diżabbiltà billi jagħtu appoġġ finanzjarju lil min jimpjega u billi jinvestu fl-SMEs, l-intraprenditorija soċjali u l-impjeg indipendenti.

<sup>(7)</sup> 2010/2272(INI).

<sup>(8)</sup> L-edukazzjoni mhux formali mhix provduta minn istituzzjoni ta' edukazzjoni jew taħriġ u normalment ma twassalx għal ċertifikat.



3.2.4 jissuġġerixxi li jkun hemm aċċess għal akkomodazzjoni raġonevoli, sghat tax-xogħol flessibbli, telexogħol u l-ICT sabiex jiġi appoġġjat l-impjieg taż-żgħażaġh b'diżabbiltà u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ċ-ċaħda ta' akkomodazzjoni raġonevoli hija att ta' diskriminazzjoni<sup>(9)</sup>.

3.2.5 jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea ttiprovi aċċessibbiltà għall-ħaddiema u l-apprendisti żgħażaġh b'diżabbiltà, filwaqt li tippromovi u tiżviluppa opportunitajiet professjonali u vokazzjonali transkonfinali għaż-żgħażaġh, kif ukoll tnaqqas l-ostakli għall-moviment liberu tax-xogħol fi ħdan l-UE.

3.2.6 huwa tal-fehma li l-imsieħba soċjali għandhom jaqdu rwol prinċipali fil-promozzjoni u l-ħarsien tal-impjieg taż-żgħażaġh b'diżabbiltà billi jinkludu din il-kwistjoni fin-negozjar kollettiv tagħhom.

3.2.7 jitlob lill-Istati Membri jinvestu fil-ħaddiema żgħażaġh b'diżabbiltà biex jgħinuhom jiffaċċjaw l-effetti tal-kriżi ekonomika, peress li qed isibu diffikultajiet ikbar biex jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol.

#### 4. Parteċipazzjoni u inklużjoni

##### 4.1 Il-KESE:

4.1.1 jafferma mill-ġdid li ż-żgħażaġh b'diżabbiltà, fosthom dik intellettuali, għandhom id-dritt li jiġu rikonossuti kullimkien bħala persuni quddiem il-liġi.

4.1.2 jitlob li tiġi rikonossuta s-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà billi tinġabar data konsistenti b'konformità mal-Artikolu 31 tal-UNCPRD u jenfasizza d-dmir tal-mezzi tax-xandir li jiġġieldu l-istereotipi.

4.1.3 jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikonossu l-fatt li l-kapaċità legali taż-żgħażaġh irġiel u nisa b'diżabbiltà hija daqs dik ta' kull persuna oħra, fl-aspetti kollha tal-ħajja.

4.1.4 jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat li ż-żgħażaġh b'diżabbiltà jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mid-dritt tagħhom għall-moviment liberu u jittama li jitressqu proposti speċifiċi biex jitneħħew l-ostakli għat-trasferibbiltà tal-benefiċċji tad-diżabbiltà.

4.1.5 jitlob li l-Istati Membri jħabirku biex iħeġġu lill-persuni b'diżabbiltà sabiex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u l-ekonomija bħala parti mill-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR) b'konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020 billi jiġu introdotti miżuri effettivi kontra d-diskriminazzjoni.

4.1.6 jitlob li Kumitat Ewropew għad-Diżabbiltà<sup>(10)</sup> jikkontribwixxi fil-politiki u l-leġislażzjoni tal-UE billi jindirizza l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabbiltà.

4.1.7 jenfasizza r-rwol prinċipali tal-isport fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh b'diżabbiltà u jitlob appoġġ finanzjarju u politiku għal inizjattivi pożittivi bħall-Paralympics.

4.1.8 jissuġġerixxi li jsiru reviżjonijiet minn pari mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Kumitat tal-Impjieg u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika, bil-għan li jsir skambju tal-aħjar Prattiki fl-ugwaljanza għaż-żgħażaġh b'diżabbiltà fi ħdan il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni, l-Istrateġija dwar l-Impjieg u l-politiki ekonomiċi mħaddna fil-PNR.

4.1.9 jitlob għall-appoġġ finanzjarju u politiku tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw liż-żgħażaġh b'diżabbiltà għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni u l-ġlieda kontra l-preġudizzji permezz tas-sensibilizzazzjoni.

4.1.10 jitlob li l-uffiċjali, l-għalliema, min iħaddem u l-fornituri tas-servizzi jitħarrġu sabiex jikkonformaw mal-leġislażzjoni fil-qasam tal-aċċessibbiltà u l-ugwaljanza kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.

4.1.11 jirrakkomanda li jiġi promoss id-dritt taż-żgħażaġh b'diżabbiltà li jgħixu b'mod indipendenti u li l-fondi strutturali jintużaw sabiex iħeġġu li ż-żgħażaġh b'diżabbiltà ma jixgħux f'istituti u jippromovu l-għajxien tagħhom fil-komunità.

#### 5. Aċċessibbiltà

##### 5.1 Il-KESE:

5.1.1 jitlob lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jinkludu l-aċċessibbiltà bħala prinċipju orizzontali fl-Artikolu 7 tal-abbozz tar-regolament ġenerali tal-Fondi Strutturali 2014-2020.

5.1.2 jilqa' l-passi li ħadet tal-Kummissjoni sabiex tiżviluppa Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà u jerġa' jisħaq il-bżonn ta' leġislażzjoni vinkolanti u b'saħħitha li tiżgura aċċess sħiħ għall-prodotti, is-servizzi u l-ambjent mibni fl-UE min-naħa tal-persuni b'diżabbiltà. Il-Kumitat jitlob li jiġu identifikati mekkaniżmi ta' infurzar u monitoraġġ b'saħħithom kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali.

5.1.3 iħeġġeġ applikazzjoni effettiva tar-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ fl-Unjoni Ewropea<sup>(11)</sup> u jitlob lill-Istati Membri jinfurzwaw ir-Regolament u jadottaw miżuri b'saħħithom biex jiżguraw il-moviment liberu taż-żgħażaġh b'diżabbiltà.

<sup>(9)</sup> ĠU C 376, 22.12.2011, p. 81–86.

<sup>(10)</sup> ĠU C 376, 22.12.2011, p. 81–86.

<sup>(11)</sup> ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1–12.

5.1.4 jirrakkomanda pjan speċifiku biex l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jkunu aċċessibbli f'termini ta' infrastrutturi, il-proċeduri ta' reklutaġġ, il-laqgħat, is-siti elettroniċi u l-informazzjoni.

5.1.5 jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Aġenda Diġitali biex tiżgura li s-siti elettroniċi tas-settur pubbliku u s-siti li jipprovdu servizzi bażiċi liċ-ċittadin ikunu aċċessibbli bis-sħiħ sal-2015.

5.1.6 jieħu nota b'sodisfazzjon tal-Qafas Regolatorju Komuni tal-Unjoni Ewropea għas-Servizzi u n-Netwerks tal-Komunikazzjoni Elettronika u huwa tal-fehma li l-prodotti u s-servizzi fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika huma kruċjali biex il-ġenerazzjonijiet mobbli l-ġodda jibqgħu infurmati u jikkomunikaw.

5.1.7 jagħraf l-importanza ta' aċċess għall-ICTs, li jinkludi aċċess għall-kontenut bħala dritt fundamentali tal-persuni b'diżabbiltà.

5.1.8 jirrikonoxxi l-valur miżjud tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva <sup>(12)</sup> u jitlob li d-Direttiva tiġi infurzata u applikata b'mod adegwat, b'mod partikolari l-miżuri li jolqtu l-persuni b'diżabbiltà.

5.1.9 jilqa' l-Proposta għal Regolament tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea <sup>(13)</sup> kif ukoll il-Komunikazzjoni dwar Viżjoni strateġika għal standards Ewropej <sup>(14)</sup>.

5.1.10 jappella li jkun hemm sistema Ewropea inklużiva tal-istandardizzazzjoni u jinnota b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-Mandat 473 bħala miżura pożittiva li tippromovi l-aċċessibilità.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

<sup>(12)</sup> ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1–24.

<sup>(13)</sup> COM(2011) 315 final.

<sup>(14)</sup> COM(2011) 311 final.



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-problemi speċifiċi tal-gżejjer”  
(opinjoni fuq inizzjattiva proprja)**

(2012/C 181/03)

Relatur: **is-Sur ESPUNY MOYANO**

Nhar l-20 ta' Jannar 2011, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar

*il-problemi speċifiċi tal-gżejjer.*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'129 vot favur, 4 voti kontra u 8 astensjonijiet.

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Ir-reġjuni insulari għandhom karatteristiċi u partikolaritajiet komuni u permanenti li jiddistingwixxuhom b'mod ċar mit-territorji kontinentali. L-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikonoxxi li t-territorji insulari jiffaċċjaw żvantaġġi prattiċi li jeħtieġu attenzjoni speċjali. Madankollu, il-KESE jemmen li hemm bżonn li tissokta l-ħidma sabiex tiġi adottata strateġija adegwata li tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawn ir-reġjuni insulari.

1.2 Il-KESE jqis li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "gżira" li tuża l-UE mhix adegwata, u għalhekk għandha tiġi riveduta u aġġornata fid-dawl tar-realtajiet il-ġodda ta' UE estiża li tinkludi Stati Membri gżejjer. F'opinjonijiet preċedenti<sup>(1)</sup>, il-KESE rakkomanda li din id-definizzjoni tinbidel; u hawnhekk, għal darb'oħra, itenni din l-istess rakkomandazzjoni.

1.3 Il-fenomi tal-migrazzjoni, il-problemi relatati mat-tixjiħ tal-popolazzjoni u t-tnaqqs tal-popolazzjoni għandhom impatt partikolari fuq il-gżejjer. Dawn is-sitwazzjonijiet jistgħu jwasslu biex jintilef il-wirt kulturali u biex jiddgħajfu l-ekosistemi minbarra li jista' jkollhom implikazzjonijiet ekonomiċi serji (impjeg, żgħażaġh, eċċ.).

1.4 Xi gżejjer iridu jiffaċċjaw il-kwistjoni tal-emigrazzjoni tal-popolazzjoni tagħhom lejn reġjuni oħra aktar għonja, gżejjer oħra jirċievu immigranti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku lokali, filwaqt li gżejjer oħrajn, minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, jirċievu aktar immigranti milli jifilħu jakkomandaw.

<sup>(1)</sup> "Integrazzjoni aħjar fis-suq intern – fattur ewlieni tal-koeżjoni u t-  
tkabbir għall-gżejjer", ĠU C 27, 30.2.2009, p. 123, u "L-innovazzjoni  
fit-turiżmu: niddefinixxu strateġija għal żvilupp sostenibbli fil-  
gżejjer", ĠU C 44, 11.2.2011, p. 75.

1.5 Il-KESE jemmen li, bla dubju ta' xejn, għandhom jittejbu l-aċċessibbiltà għall-gżejjer u l-konnettività bejniethom. Peress li l-aċċessibbiltà hi fattur vitali sabiex ir-reġjuni insulari jsiru aktar attraenti, l-ispejjeż tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri għandhom jitnaqqsu billi jiġi applikat il-prinċipju tal-kontinwità territorjali u billi jittejjeb ir-Regolament Ewropew Nru 3577/92.

1.6 Il-biedja, it-trobbija tal-annimali u s-sajd, li jagħmlu parti importanti mill-ekonomija lokali u huma s-sors tal-provvista tal-maġġorparti tal-industrija agroalimentari, huma fraġli minħabba d-distanza, iċ-ċokon tal-intrapriżi, in-nuqqas ta' diversifikazzjoni fil-produzzjoni u l-kundizzjonijiet klimatiċi.

1.7 Dan joħloq industrija agroalimentari insulari dgħajfa li f'it li xejn tista' tikkompeti mal-prodotti li jkunu ġejjin mill-kontinent jew minn pajjiżi terzi, u dan ikompli jdgħajjef is-settur primarju.

1.8 Il-KESE jirakkomanda li l-Politika Agrikola Komuni (PAK) tikkunsidra l-gżejjer bħala żoni żvantaġġati, kif isir fil-każ taż-żoni muntanjużi, u li tqis b'mod speċifiku l-insularità meta jingħataw il-finanzjamenti.

1.9 Ħafna gżejjer Ewropej raw li t-turiżmu hu fattur essenzjali għas-sopravivenza tal-popolazzjoni lokali, l-identità tagħhom, it-tradizzjonijiet u l-valuri kulturali tagħhom u l-pajsaġġ tagħhom. Din l-attività ġġenerat it-tkabbir ekonomiku, żiedet l-impjegji u ddiversifikat bil-kbir il-bażi ekonomika permezz tas-servizzi marbutin mat-turiżmu. Madankollu, l-ekonomija tal-gżejjer saret tiddependi wisq mit-turiżmu, u għalhekk hemm bżonn diversifikazzjoni lejn attivitajiet komplementari għal dan is-settur u li jippromovu l-iżvilupp ekonomiku insulari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal dik attwali li jaffettwaw bil-kbir it-turiżmu.

1.10 Il-KESE jingħaqad mal-Parlament Ewropew fit-talba tiegħu li jiġu żviluppati strateġiji speċifiċi simili għall-gżejjer, ir-reġjuni muntanjużi u żoni vulnerabbli oħra fi ħdan l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' strateġija għal turiżmu mal-kosta u marittimu sostenibbli, liema talba tinsab fir-Riżoluzzjoni tas-27 ta' Settembru 2011 <sup>(2)</sup>.

1.11 Il-KESE jikkunsidra li l-gżejjer jiffaċċjaw ċerti diffikultajiet meta jiġu biex jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni tal-UE minħabba ċ-ċokon tas-suq intern u l-kapaċità limitata tal-istrutturi disponibbli għar-riċerka u għall-iżvilupp. Il-KESE jemmen ukoll li hu importanti immens li l-UE tkompli tgħin lill-gżejjer jiżviluppaw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, tappoġġja l-ħolqien ta' strutturi għar-riċerka u l-iżvilupp u tippromovi l-parteċipazzjoni tal-SMEs insulari fil-programmi ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni, jekk ikun hemm bżonn anke permezz ta' kontributi mill-Fondi Strutturali.

1.12 Fir-rigward tar-reġjuni insulari, il-politika Ewropea dwar l-enerġija għandha tagħti prijorità lis-sigurtà tal-provvista fil-gżejjer, il-finanzjament tal-iżvilupp u t-tweġġiq ta' proġetti għall-produzzjoni tal-enerġija permezz ta' teknoloġiji ġodda u sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Għandha tagħti prijorità wkoll lill-promozzjoni tal-użu effiċjenti tal-enerġija, u fl-istess ħin tippromoteġi l-ambjent u n-natura.

1.13 L-UE għandha tinkludi l-iskarsezza tal-ilma, id-desalinizzazzjoni tal-ilma baħar kif ukoll possibbiltajiet tekniċi oħra għall-ġbir u l-provvista tal-ilma fil-qafas tal-politika reġjonali, filwaqt li tqis in-natura speċifika tar-reġjuni insulari.

1.14 Il-KESE jemmen li huwa importanti immens li jiġu żviluppati programmi ta' taħriġ permanenti speċifiċi għall-ħaddiema fir-reġjuni insulari li jaħdmu f'setturi differenti, b'mod speċjali fis-settur tat-turiżmu, li jirrappreżenta waħda mill-attivitajiet ekonomiċi prinċipali fir-reġjuni insulari. Dawn il-programmi għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew u mill-Fond ta' Koeżjoni, bl-impenn tal-Istati Membri, tal-isituzzjonijiet u tal-atturi soċjoekonomiċi.

1.15 L-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali u t-tagħlim tul il-ħajja jaqdu rwol essenzjali fl-istrateġija ekonomika u soċjali tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Proċess ta' Lisbona u l-Istrateġija Ewropa 2020. Il-KESE jitlob li jitqiesu l-partikolaritajiet tar-reġjuni insulari sabiex jiġi żgurat li l-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, fir-reġjuni kollha u għall-abitanti kollha, jiġu kkunsidrati fil-qafas tal-istrateġiji nazzjonali.

1.16 Il-KESE jhegġegħ l-implimentazzjoni tal-miżuri ppreżentati fil-Communiqué ta' Bruges dwar il-koordinazzjoni tat-taħriġ

<sup>(2)</sup> Ara l-opinjoni tal-KESE dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistica fid-dinja – Qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew, ĠU C 376, 22.12.2011, p. 44 u r-Riżoluzzjoni dwar l-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistica fid-dinja – qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew (2010/2206 (INI)).

vokazzjonali fl-Ewropa u adottat mill-Ministri tal-Edukazzjoni tal-Istati Membri kollha u l-imsieħba soċjali fuq livell Ewropew.

1.17 Il-KESE jitlob li l-Kummissjoni Ewropea toħloq "grupp interservizzi" speċifiku għall-gżejjer, jew jekk jagħti l-każ, li l-gżejjer jiġu inklużi fi gruppi interservizzi oħra li jeżistu diġà.

1.18 Il-Kummissjoni hija mitluba tiżgura li r-reġjuni insulari jibbenefikaw minn dispożizzjonijiet speċifiċi fil-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid 2014-2020 u li dawn ir-reġjuni jiġu kkunsidrati fi programmi speċifiċi ta' żvilupp reġjonali li jkunu aktar adatti għall-karatteristiċi partikolari tagħhom. Għandha titqies il-possibbiltà li jizjeddu l-livelli ta' kofinanzjament min-naħa tal-UE fl-oqasma ta' interess prijoritarju għall-iżvilupp tal-gżejjer.

1.19 Billi l-Istrateġija Ewropa 2020 ser taffettwa l-azzjonijiet futuri tal-UE, il-KESE jemmen li hemm bżonn li jiġi eżaminat x'impatt se jkollha din l-istrateġija fuq ir-reġjuni insulari u kif din tgħin biex jittaffew l-iżvantaġġi inerenti tal-insularità.

Billi l-attività turistica fil-gżejjer hija waħda staġjonali, il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew biex jagħtu spinta lill-proġett CALYPSO dwar it-turiżmu soċjali, kif diġà stqarr fl-opinjoni tiegħu dwar L-innovazzjoni fit-turiżmu: middefinixxu strateġija għal żvilupp sostenibbli fil-gżejjer <sup>(3)</sup>, bl-appoġġ tal-imsieħba soċjali għaliex dan il-programm jista' jkollu impatt fuq is-settur turisticu u effett multiplikatur f'setturi oħrajn.

## 2. Introduzzjoni

### 2.1 Ir-reġjuni insulari

2.1.1 Skont id-definizzjoni tal-Eurostat, gżira hija territorju li jissodisfa l-ħames kriterji li ġejjin:

- għandu superfiċje minima ta' kilometru kwadru;
- jinsab aktar minn kilometru 'l bogħod mill-kontinent;
- għandu popolazzjoni residenti permanenti ta' mill-inqas 50 persuna;
- m'għandux konnessjoni fiżika permanenti mal-kontinent;
- ma fihx il-belt kapitali ta' Stat Membru tal-UE.

2.1.2 Meta jkun ser jiġi definit il-kunċett ta' "gżira" għandha ssir referenza għad-Dikjarazzjoni 33 tat-TFUE li tistabbilixxi li l-"Konferenza [intergovernattiva] tikkunsidra li l-frażi 'reġjuni insulari' prevista fl-Artikolu 174 tista' tinkludi Stati gżejjer fit-totalità tagħhom, bil-kondizzjoni li jiġu sodisfatti l-kriterji meħtieġa".

<sup>(3)</sup> ĠU C 44, 15.2.2011, p. 75.

2.1.3 Kif il-KESE diġà saħaq f'opinjoni preċedenti <sup>(4)</sup>, din id-definizzjoni ma tikkunsidrax ir-realtajiet il-ġodda ta' Unjoni Ewropea estiża li tinkludi Stati Membri gżejjer.

2.1.4 Skont din id-definizzjoni, 14 <sup>(5)</sup> mis-27 Stat Membru tal-UE għandhom gżira/gżejjer fit-territorju tagħhom. L-importanza tagħhom għandha titqies fid-dawl tan-numru kbir ta' abitanti li joqogħdu fil-gżejjer differenti tal-UE, li jammotaw għal 21 miljun persuna. Dan jirrappreżenta, bejn wieħed u ieħor, 4 % tal-popolazzjoni kollha tal-UE-27.

2.1.5 Ir-reġjuni insulari għandhom karatteristiċi u partikolaritajiet komuni u permanenti li jiddistingwixxuhom b'mod ċar mit-territorji kontinentali.

2.1.6 Il-gżejjer kollha tal-UE għandhom ċerti elementi li jiddistingwixxuhom mill-bqija. Però, il-fatturi komuni li jeżistu fit-territorji insulari tal-UE huma akbar mid-differenzi partikolari ta' kull wieħed minnhom u, fuq kolloxx, dawn il-fatturi huma importanti ħafna f'oqsma bħat-trasport, l-ambjent, it-turiżmu u l-aċċess għas-servizzi pubbliċi essenzjali.

2.1.7 L-Artikolu 174 tat-TFUE jinkludi paragrafu ġdid li jgħid li: "għandha tingħata attenzjoni partikolari [...] lil reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti bħal pereżempju r-reġjuni tat-Tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna, u reġjuni insulari, reġjuni transkonfinali u reġjuni muntanjużi."

2.1.8 Dan l-Artikolu jirrikonoxxi li t-territorji insulari, b'mod ġenerali, jiffaċċjaw żvantaġġi prattiċi li jeħtieġu attenzjoni speċjali.

### 3. Is-sitwazzjoni demografika fir-reġjuni insulari

3.1 Il-fenomi tal-migrazzjoni, il-problemi relatati mat-tixjiħ tal-popolazzjoni u t-tnaqqis tal-popolazzjoni għandhom impatt partikolari fuq il-gżejjer.

3.2 Bħalissa xi gżejjer jew żoni ta' territorji insulari qed jiffaċċjaw theddid serju li tonqsilhom il-popolazzjoni għax il-popolazzjoni attiva – speċjalment iż-żgħażaġh – qed titlaq, il-popolazzjoni residenti qed tixjiħ u l-kundizzjonijiet klimatiki huma diffiċli. Din is-sitwazzjoni tista' twassal biex jintilef il-wirt kulturali u biex jiddgħajfu l-ekosistemi.

3.3 Gżejjer oħra, minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, qed jiffaċċjaw flussi tal-popolazzjoni fid-direzzjoni opposta, u huma esposti għall-immigrazzjoni irregolari minn pajjiżi terzi li ħafna drabi tkun sproprorzjonata fid-dawl tal-kapaċità ta' akkoljenza tagħhom.

3.3.1 F'xi gżejjer qed jinħolqu sitwazzjonijiet ta' emerġenza umanitarja estrema li għandhom jiġu indirizzati fil-qafas tas-solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, li tinkludi l-ħtieġa li jkomplu jinqasmu l-piżijiet operattivi ġġenerati billi jiġu kkombinati r-riżorsi nazzjonali u Ewropej.

3.3.2 F'opinjonijiet oħra l-KESE ppropona li fil-qafas ta' politika komuni dwar l-asil għandu jinbidel ir-Regolament ta' Dublin sabiex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà fi ħdan l-UE ta' dawkl li japplikaw għall-asil.

3.4 Mill-banda l-oħra, xi gżejjer għandhom preżenza qawwija ta' residenti barranin b'kapaċità tal-akkwist kbira li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali lokali, iżda li jistgħu jgħollu l-prezzijiet tad-djar meta s-suq tad-djar ikun saturat, u b'hekk l-aċċess għalihom isir aktar diffiċli għall-popolazzjoni lokali b'inqas riżorsi ekonomiċi.

### 4. L-aċċessibbiltà u l-insularità

4.1 Uħud mil-limitazzjonijiet tat-territorji insulari ġejjin mill-fatt li dawn it-territorji huma fiżikament maqtugħin mill-kontinent u jinsabu 'l bogħod. Dawn l-iżvantaġġi huma riflessi fi spejjeż ogħla tat-trasport, tad-distribuzzjoni u tal-produzzjoni, f'aktar inċertezza rigward il-provvista, u fil-ħtieġa li jżommu stokk akbar u li jkollhom aktar kapaċità għall-ħżin.

4.2 Il-prova ta' dan hi d-dipendenza totali tagħhom mit-trasport bil-baħar u bl-ajru. Għalhekk, ir-reġjuni insulari jinsabu f'qagħda inqas favorevoli mill-bqija tat-territorji biex jibbenefikaw mill-vantaġġi tas-suq uniku Ewropew bħala żona omoġena ta' relazzjonijiet ekonomiċi kompetittivi, fir-rigward tat-tkabbir tal-intrapriżi bil-għan li tissaħħaħ l-innovazzjoni u jinkisbu l-ekonomiji tal-kobor (economies of scale) u l-ekonomiji esterni.

4.3 Għaldaqstant, huwa importanti niftakru li, fil-kuntest tal-inizjattiva Komunitarja tal-Ajru Uniku Ewropew, jistgħu jiġu analizzati mekkaniżmi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru bil-ħsieb speċifiku li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tar-reġjuni insulari f'kull ħin.

4.4 Ma nistgħux ninsew is-sitwazzjoni li kkawża ċ-ċaqliq tas-sħaba ta' rmiel tal-vulkan Islandiż Eyjafjallajökull, li affettwat żoni kbar mill-ispazju tal-ajru Ewropew matul ix-xhur ta' April u Mejju 2010, u li minħabba fiha kellhom jingħalqu diversi ajruporti fiċ-ċentru u t-Tramuntana tal-Ewropa u saħan-sitra fin-Nofsinhar tal-Ewropa.

4.5 L-aktar problema preokkupanti ma kinitx daqstant li t-turisti ma setgħux jaslu fil-gżejjer, iżda li dawkl li kienu diġà fil-gżejjer ma setgħux imorru lura lejnj pajjiżhom u l-inċertezza dwar kemm kienet se ddum il-problema.

<sup>(4)</sup> "Integrazzjoni aħjar fis-suq intern – fattur ewlieni tal-koeżjoni u t-tkabbir għall-gżejjer", ĠU C 27, 30.2.2009, p. 123, punt 2.2.

<sup>(5)</sup> Spanja, l-Irlanda, Franza, id-Danimarka, l-Italja, il-Finlandja, l-Isvezja, ir-Renju Unit, il-Greċja, il-Pajjiżi l-Baxxi, Malta, Ċipru, l-Estonja u l-Portugall.

4.6 Dan il-każ partikolari jirrifletti l-vulnerabbiltà kbira tar-reġjuni insulari f'dawn iċ-ċirkustanzi, għaliex minkejja li affettwa kważi l-Ewropa kollha, l-ikbar impatt (negattiv) tal-għeluq tal-ispazju uniku Ewropew kien fuq ir-reġjuni insulari kkonċernati.

4.6.1 Kwistjoni oħra li trid titqies hi l-intenzjoni tal-Kummissjoni li mill-2012 tibda timponi taxxa tas-CO<sub>2</sub> fuq it-trasport bl-ajru. Jekk fl-aħħar mill-aħħar din it-taxxa tidħol fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha ssib formula speċifika għar-reġjuni insulari billi dawn jiddependu ħafna aktar mit-trasport bl-ajru. Dan ikompli jiggrava l-iżvantaġġi inerenti tagħhom.

4.7 L-aċċessibiltà hi fattur vitali sabiex ir-reġjuni insulari jsiru aktar attraenti. In-netwerks trans-Ewropej tat-trasport (TEN-T) għandhom iħaddnu politika multimodali ġenwina li tkun applikata wkoll għall-gżejjer. Il-ħolqien ta' kurituri bil-baħar u bl-ajru bejn il-kontinent Ewropew u l-gżejjer bis-saħħa tal-finanzjament ta' infrastrutturi fissi u mobbli jista' jgħin sabiex jinkiseb dan.

## 5. Il-biedja u s-sajd

5.1 Il-biedja, it-trobbija tal-annimali u s-sajd fil-gżejjer huma parti importanti mill-ekonomija lokali, b'mod partikolari f'termini ta' impjeg, u jagħtu wkoll appoġġ importanti lill-industriji agroalimentari lokali, li jirrappreżentaw l-akbar parti tal-produzzjoni industrijali fil-gżejjer.

5.2 Madankollu, il-produzzjoni tal-biedja u s-sajd fil-gżejjer hija fraġli ħafna, l-aktar minħabba d-diffikultajiet ikkawżati mill-bogħod, iċ-ċokon tal-intrapriżi, in-nuqqas ta' diversifikazzjoni fil-produzzjoni, id-dipendenza mis-swieq lokali, il-frammentazzjoni tagħhom u l-kundizzjonijiet klimatiċi. Dan kollu għandu impatt fuq l-industrija agroalimentari insulari, li tiddependi mill-prodotti tagħha stess. Id-dgħufija tal-produzzjonijiet agrikoli u tat-trobbija tal-annimali twassal biex l-industrija agroalimentari insulari tkun dgħajfa wkoll.

5.2.1 Dawn il-fatturi kollha jnaqqsu b'mod konsiderevoli l-kompetittività tal-produzzjoni tal-gżejjer meta mqabbla ma' dik kontinentali u ma' dik ta' pajjiżi terzi.

5.3 Barra minn dan, il-biedja lokali tiddependi ħafna mid-dinja esterna, kemm għall-provvista tal-materja prima u tal-prodotti maħsuba għall-użu fil-biedja (agricultural inputs) kif ukoll għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti, filwaqt li ġeografikament tinsab 'il bogħod mis-sorsi tal-provvista u mis-swieq.

5.4 Għalhekk, il-produtturi agrikoli fil-gżejjer jikkompetu f'kundizzjonijiet inugwali mal-produtturi f'territorji oħra. Il-produtturi lokali għandhom jirċievu l-appoġġ meħtieġ sabiex

il-biedja fir-reġjuni insulari jkollha l-istess kundizzjonijiet bis-saħħa, pereżempju, ta' strumenti speċifiċi tal-PAK maħsubin għall-gżejjer, sabiex jiġu promossi u rikonossuti aktar il-produzzjonijiet lokali.

5.5 Fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri maħsuba speċifikament biex jikkompensaw l-iżvantaġġi tal-insularità f'dan il-qasam, m'hemm xejn aħjar minn programm leġislattiv speċifiku. Dan jgħodd għas-settur primarju, li hu partikolarment importanti għall-gżejjer. Il-Fond Ewropew għas-Sajd ma jipprevedi l-ebda miżura speċjali, ħlief għar-reġjuni ultraperiferiċi u għall-gżejjer iż-żgħar fl-Eġew.

5.6 L-istess jista' jingħad għall-iskemi ta' għajmuna diretta fil-qafas tal-PAK. L-aktar riformi reċenti tal-iskemi tal-għajmuna diretta tal-PAK, tal-iżvilupp rurali u tal-FAEŻR ma kkunsidraw l-insularità.

## 6. Is-suq intern u t-turiżmu

6.1 Id-daqs limitat tat-territorji insulari, meta mqabbel ma' dak tat-territorji kontinentali, għandu impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni u l-istruttura tas-swieq. Il-parti l-kbira tan-nisġa tal-produzzjoni lokali f'dawn it-territorji hija magħmula minn intrapriżi żgħar u mikrointrapriżi li huma aktar vulnerabbli mill-kumpaniji l-kbar.

6.2 It-turiżmu kien u għadu riżorsa bażika fl-ekonomija ta' ħafna territorji insulari. Minkejja l-ħafna differenzi li jeżistu bejniethom, ħafna gżejjer Ewropej raw li din l-attività hija fattur essenzjali għas-sopravivenza tal-popolazzjoni lokali, l-identità tagħhom, it-tradizzjonijiet u l-valuri kulturali tagħhom u l-pajsaġġ tagħhom.

6.3 L-istabbiliment tat-turiżmu fir-reġjuni insulari Ewropej iġġenera t-ktabbir ekonomiku u l-impjegji f'dawn it-territorji u ddiversifika bil-kbir il-bażi ekonomika tagħhom permezz tas-servizzi marbutin mat-turiżmu. Bis-saħħa tiegħu reġgħu hađu l-ħajja u qed jitħarsu t-tradizzjonijiet u l-kultura lokali kif ukoll iż-żoni naturali u l-monumenti storiċi.

6.4 Għalkemm huwa ċar li b'mod ġenerali t-turiżmu kien fattur pożittiv, għandhom jiġu rikonossuti wkoll l-impatti negattivi li kellu fuq xi reġjuni insulari, bħan-natura prekarja tal-impjeggi, in-natura staġjonali tal-attività turistika, il-livell baxx tal-kwalifiki tal-impjegati, l-ispekulazzjoni qawwija tal-proprietà u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja tal-popolazzjoni lokali. Ħoloq ukoll problemi serji fil-provvista tal-ilma u diffikultajiet fl-għoti tas-servizzi pubbliċi bażiċi (ġestjoni tal-iskart, saħħa, eċċ.), u b'hekk ikkawża impatt qawwi fuq l-ambjent. Bħalissa l-ekonomija tal-gżejjer tiddependi ħafna mit-turiżmu, u għalhekk hemm bżonn diversifikazzjoni lejn attivitajiet oħrajn u mhux biss lejn daww komplementari għal dan is-settur u li jippromovu l-iżvilupp ekonomiku insulari f'sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal dik attwali li jaffettwaw bil-kbir it-turiżmu.



6.5 Wara l-adozzjoni tat-TFUE, ġiet rikonoxxuta b'mod espliċitu l-importanza tat-turiżmu fl-UE. F'Ġunju 2010, il-Kummissjoni ppreżentat komunikazzjoni li tippromovi qafas ġdid biex tittieħed azzjoni koordinata fl-Unjoni Ewropea bil-għan li t-turiżmu Ewropew isir aktar kompetittiv u tiżdied il-kapaċità tiegħu li jikber b'mod sostenibbli <sup>(6)</sup>. Dan ir-rikonoxximent joffri l-opportunità li tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur turistikku Ewropew, u b'hekk jingħata kontribut għall-istrateġija l-ġdida, jiġifieri l-Istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

6.6 Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011 <sup>(7)</sup>, il-Parlament Ewropew "jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tiżviluppa strateġija għal turiżmu mal-kosta u marittimu sostenibbli, u jitlob li jiġu żviluppati strateġiji speċifiċi simili għall-gżejjer, ir-reġjuni tal-muntanji u żoni vulnerabbli oħra".

## 7. Ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni

7.1 L-innovazzjoni hija għan essenzjali tal-politika ekonomika, kemm fil-livell tal-UE – bl-Istrateġija ta' Lisbona u l-Istrateġija Ewropa 2020 – kif ukoll fil-livell reġjonali, billi jiżdiedu l-investimenti pubbliċi fir-riċerka, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-appoġġ għall-"aktar setturi innovattivi" (fosthom it-trasport, l-enerġija, l-industrija ekoloġika, eċċ.). L-istess japplika għas-servizzi, speċjalment dawk li jirrikjedu livell ta' għarfien u ta' kwalifiki li jitqies normali fil-parti l-kbira tal-attivitajiet turistiċi (fosthom l-akkomodazzjoni, il-catering, is-servizzi immobiljari, eċċ.).

7.2 Għandhom jiġu promossi u msaħħa s-soċjetà tal-informazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda, li għall-gżejjer huma mod kif tiġi diversifikata l-attività u kif jiżdied l-għarfien. L-użu tal-ICT inaqqas l-iżolament filwaqt li jtejjeb il-proċeduri u s-sistemi tal-ġestjoni intraprenditorjali u r-relazzjonijiet esterni. Dan huwa ta' benefiċċju għall-kompetittività u għall-produttività.

7.3 Id-diffikultà prinċipali li jkollhom ir-reġjuni insulari biex jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li jinnovaw tinsab fid-dgħufija tan-nisġa intraprenditorjali, il-livelli ta' taħriġ, l-aċċess għas-suq Ewropew, in-nuqqas ta' investiment fl-infrastrutturi tar-riċerka, eċċ. L-innovazzjoni fir-reġjuni insulari għandha tiġi eżaminata minn lenti usa' li tkopri l-ipproċessar, il-metodi tal-marketing u t-tekniki innovattivi fil-ġestjoni jew l-organizzazzjoni tal-intrapriżi. L-għan tal-intrapriżi fir-reġjuni insulari għandu jkun li jtejjbu l-kapaċità tal-produzzjoni u l-kwalità tal-prodotti tagħhom, u li jtejjbu l-aċċess tagħhom għas-suq Ewropew f'kundizzjonijiet kompetittivi simili għal dawk tar-reġjuni kontinentali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(6)</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew, COM(2010) 352 final.

<sup>(7)</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew (2010/2206 (INI)).

7.4 Barra minn hekk, għandhom jiġu enfasizzati d-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-gżejjer meta jiġu biex jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni tal-UE. Minħabba ċ-ċokon tas-suq intern u l-kapaċità limitata tal-istrutturi disponibbli għar-riċerka u għall-iżvilupp, ir-reġjuni insulari jsibuha ħafna aktar diffiċli biex ikunu jistgħu jipparteċipaw f'dawn il-programmi.

## 8. L-enerġija u l-ilma

8.1 Billi l-gżejjer jiddependu ħafna mill-importazzjoni tal-karburanti, il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-enerġija għandhom impatt akbar fuq ir-reġjuni insulari.

8.2 Fir-rigward tar-reġjuni insulari, il-politika Ewropea dwar l-enerġija għandha tagħti prijorità lis-sigurtà tal-provvista fil-gżejjer, il-finanzjament tal-iżvilupp u t-tweġġiq ta' proġetti għall-produzzjoni tal-enerġija permezz ta' teknoloġiji ġodda u sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Għandha tagħti prijorità wkoll lill-promozzjoni tal-użu effiċjenti tal-enerġija, u fl-istess ħin tippoteġi l-ambjent u n-natura.

8.3 Il-produzzjoni, il-ħżin u d-distribuzzjoni tal-elettriku mhumiex importanti biss għall-ħtiġijiet primarji iżda wkoll għad-desalinizzazzjoni tal-ilma baħar, li tista' ssolvi l-kwistjoni tal-provvista tal-ilma għax-xorb f'ħafna gżejjer.

8.4 Minħabba s-superfiċje limitata fil-gżejjer u b'mod partikolari l-għamla blatija tagħhom, il-parti l-kbira tal-gżejjer ibatu minn nuqqas ta' ilma. Dan ixeċkel l-iżvilupp ekonomiku (speċjalment it-turiżmu) minbarra li għandu riperkussjonijiet fuq is-saħħa, il-biedja u t-trobbija tal-annimali.

## 9. It-taħriġ u l-impjieġ

9.1 Skont studju reċenti tal-Euroislands <sup>(8)</sup>, il-kapital uman huwa problema kbira fil-gżejjer Ewropej, speċjalment fil-Baħar Mediterran. Il-livell tal-edukazzjoni huwa partikolarment baxx, anke fil-gżejjer fejn hemm università u fejn il-prodott domestiku gross (PDG) għal kull ras huwa għoli. Fil-gżejjer tat-Tramuntana, il-kapital uman huwa ppreparat aħjar biex jiffaċċja sfidi ġodda, iżda anke hawnhekk il-bidla tal-impjieġi tradizzjonali hija diffikultuża.

9.2 L-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali, it-tagħlim tul il-ħajja u l-għarfien tal-lingwi barranin jaqdu rwol essenzjali fl-istrateġija ekonomika u soċjali tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Proċess ta' Lisbona u l-Istrateġija Ewropa 2020. Il-pedament tal-istrateġiji nazzjonali għandu jkun li jiġu żgurati l-edukazzjoni u

<sup>(8)</sup> Studju tal-Euroislands, "The Development of the Islands – European Islands and Cohesion Policy" (L-iżvilupp tal-gżejjer – Il-gżejjer Ewropej u l-politika ta' koeżjoni), (Programm Ewropew ESPON 2013).

l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja fir-reġjuni kollha u għall-abitanti kollha. L-iskarsezza tal-persunal u l-ħtieġa li jiġu offruti sensiela wiesgħa ta' servizzi jirrikjedu li l-abitanti tal-gżejjer ikunu professjonalment polivalenti, u dan jista' jinkiseb permezz ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali adegwati li jiġu ffinanzjati mill-UE.

## 10. Il-politika reġjonali

10.1 Il-politika reġjonali tirrappreżenta l-mezz Ewropew prinċipali li jgħin lit-territorji insulari jegħlbu l-limitazzjonijiet strutturali tagħhom u jisfruttaw il-potenzjal ta' żvilupp u tkabbir tagħhom. Madankollu, hemm bżonn li din il-politika titjeb sabiex il-gżejjer, li huma parti integrali mis-suq uniku Ewropew, jibbenefikaw bl-akbar mod possibbli minn dan kemm ftermini ekonomiċi kif ukoll ftermini soċjali.

10.2 B'mod ġenerali, it-territorji insulari huma żvantaġġati meta mqabbla mat-territorji kontinentali. L-insularità mhix waħda mit-temi prijoritarji fl-aġenda Ewropea tal-politika reġjonali u tal-politika ta' koeżjoni. Barra minn hekk, it-tkabbir biddel b'mod radikali l-prijorità tal-aġenda Ewropea ta' dawn il-politiki, u dan xejn ma ffavorixxa l-politiki Ewropej dwar l-insularità.

10.3 Għandu jinħoloq qafas integrat li jindirizza b'mod effikaċi l-limitazzjonijiet li jiffaċċjaw il-gżejjer Ewropej. Għalhekk, jeħtieġ li qabel ma jiġu adottati miżuri u politiki li jistgħu jinfluwenzaw lill-gżejjer, isiru l-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom bħalma jsir fil-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi. B'dan il-mod jiġu evitati r-riperkussjonijiet negattivi u l-kontradizzjonijiet, u tissaħħaħ il-koeżjoni territorjali. Dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt huma partikolarment meħtieġa fil-każ tal-politiki tat-trasport, tal-ambjent u tal-enerġija.

10.4 Fil-perjodu ta' programmar 2007-2013, il-PDG għal kull ras huwa l-uniku indikatur li ntuża biex tiġi determinata l-eliġibbiltà tar-reġjuni fil-qafas tal-għanijiet stabbiliti fil-politika reġjonali. Dan l-indikatur jinjora l-fatt li l-koeżjoni timplika dimensjoni ħafna usa' li tinkludi komponenti soċjali, ambjentali u territorjali u komponenti oħrajn relatati mal-innovazzjoni u l-edukazzjoni. L-indikaturi ġodda, li jużaw data statistika aktar rilevanti, għandhom jipprovdu stampa definita sew tal-livell ta' żvilupp fil-gżejjer u jippermettu li wieħed jifhem b'mod sodisfaċenti r-realtà tar-reġjuni bi żvantaġġi ġeografiċi permanenti.

10.4.1 Għal dan il-għan, l-indikaturi ta' riferiment tal-Istrateġija Ewropa 2020 għandhom jiġu inklużi bħala referenza, b'konformità mal-qafas politiku ġenerali tal-Unjoni.

10.5 Għalkemm fl-ippogrammar għall-2007-2013 ġie rikonoxxut li l-gżejjer Ewropej huma eliġibbli għall-kooperazzjoni transkonfinali, l-istabbiliment ta' kriterju ta' distanza massima ta' 150 km bejn il-fruntieri reġjonali wassal biex bħalissa jiġu esklużi tliet arċipelagi (is-Cyclades, il-Hebrides u l-Gżejjer Baleariċi).

10.6 Il-KESE jappella biex jitneħħa l-kriterju relatat mad-distanza (150 km) użat għall-klassifikazzjoni tal-gżejjer bħala reġjuni tal-fruntieri eliġibbli għall-finanzjament skont il-programmi ta' kooperazzjoni transkonfinali fil-qafas tal-kooperazzjoni territorjali tal-politika ta' koeżjoni jew fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

10.7 Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-gżejjer affettwati mhux biss minn żvantaġġ wieħed, iżda minn diversi żvantaġġi msemmijin fl-Artikolu 174, bħall-gżejjer muntanjużi jew dawk b'densità ta' popolazzjoni baxxa ħafna. L-istess jista' jingħad għall-arċipelagi li jintlaqu minn insularità doppja jew multipla. Dawn it-territorji jiffaċċjaw żvantaġġi addizzjonali minħabba l-frammentazzjoni tagħhom u minħabba d-dimensjoni ġeografika limitata tagħhom. Ta' min jiġbed l-attenzjoni wkoll għall-qagħda ta' għadd ġmielu ta' gżejjer kostali li jiffaċċjaw żvantaġġi gravi marbutin mal-mikroinsularità. Dan kollu jfisser li r-restrizzjonijiet imposti mill-insularità jikbru u li l-popolazzjoni sikwit tbat minħabba n-nuqqas ta' servizzi.

10.8 Għaldaqstant, fil-każ tal-gżejjer hemm bżonn li jiġi applikat approċċ integrat tal-politiki differenti kemm orizzontalment (permezz ta' approċċ intersettorjali fil-politiki prinċipali b'impatt territorjali – PAK, Politika Komuni tas-Sajd, għajnuna mill-Istat, eċċ.) kif ukoll vertikalment (bl-inklużjoni tad-dimensjoni reġjonali, nazzjonali u Ewropea). Dan l-approċċ għandu jirrifletti wkoll l-orjentazzjonijiet politiċi l-ġodda tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u l-importanza mogħtija lil oqma partikolari, bħall-enerġija u l-klima, il-projezzjoni esterna tal-UE u l-ġustizzja u l-affarijiet interni <sup>(9)</sup>.

## 11. L-aspetti b'saħħithom u attraenti tar-reġjuni insulari

11.1 Rigward l-aspetti b'saħħithom tal-gżejjer, il-konklużjonijiet tal-istudju tal-Euroislands fil-qafas tal-ESPO (10) jenfasizzaw li l-vantaġġi komparattivi prinċipali huma l-kwalità tal-ħajja u l-wirt naturali u kulturali tagħhom. Il-gżejjer għandhom wirt naturali u kulturali għani ħafna u identità kulturali qawwija. Madankollu, teżisti restrizzjoni importanti għaliex il-wirt naturali u kulturali huwa riżorsa li la hija rinnovabbli u lanqas tista' tiġi sostitwita.

11.2 Skont ir-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-istudju, it-teknoloġiji l-ġodda fl-oqsma tal-komunikazzjoni u tal-informazzjoni jnaqqsu l-impatt negattiv tal-insularità (iċ-ċokon u l-iżolament) fuq il-gżejjer. It-teknoloġiji l-ġodda jistgħu jkunu ta' benefiċċju wkoll għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u għas-servizzi, bħall-edukazzjoni u r-riċerka, is-servizzi tas-saħħa, l-informazzjoni, il-kultura u attivitajiet kreattivi oħrajn. Il-bidliet

<sup>(9)</sup> Oqsma identifikati fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Parlament Nazzjonali dwar Ir-Revizzjoni tal-Baġit tal-UE, COM(2010) 700 final.

<sup>(10)</sup> Studju tal-Euroislands, "The Development of the Islands – European Islands and Cohesion Policy" (L-iżvilupp tal-gżejjer – Il-gżejjer Ewropej u l-politika ta' koeżjoni), (Programm Ewropew ESPON 2013).

teknoloġiċi l-oħra (l-iżvilupp ta' forom ġodda ta' enerġija rinnovabbli, it-teknoloġiji ta' sostituzzjoni parzjali tar-riżorsi naturali, il-progress fis-settur tat-trasport, eċċ.) jistgħu jtaffu l-limitazzjonijiet ikkawżati mill-insularità.

11.3 Fir-reġġjuni insulari jeżisti għadd kbir ta' eżempji ta' prattiki tajbin:

— l-inizjattivi fis-settur intraprenditorjali: minkejja l-prezzijiet relattivament għoljin tagħhom, diversi prodotti agrikoli u manifatturati tal-gżejjer (prodotti tal-ikel u tax-xorb)

“irreżistew” il-kompetizzjoni fl-Unjoni Ewropea u fis-suq dinji bis-saħħa tal-kwalità tagħhom (bl-użu ta' prodotti lokali u metodi tradizzjonali tal-produzzjoni) u/jew tal-partikolarità tagħhom u l-ħolqien ta' marka kummerċjali (brand).

— l-inizjattivi li jittieħdu biex jiġu indirizzati l-problemi ġenerali tal-ambjent, bħat-tibdil fil-klima, jew il-problemi speċifiċi relatati mal-insularità: ta' min isemmi l-isforzi li qed isiru biex tiġi prodotta l-enerġija rinnovabbli fil-gżira ta' Kitnos (Cyclades), Samsø, Eigg (l-Iskozja), Gotland, Bornholm, il-Gżejjer Kanarji, eċċ.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-PDG u lil hinn minnu — l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-għażla ta’ indikaturi komplementari” (opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2012/C 181/04)

Relatur: **is-Sur PALMIERI**

Nhar l-20 ta’ Jannar 2011, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar

*il-PDG u lil hinn minnu – l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-għażla ta’ indikaturi komplementari*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta’ Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta’ Marzu 2012 (seduta tad-29 ta’ Marzu 2012), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’172 vot favur, 5 voti kontra u 12-il astensjoni.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) itenni dak li qal f’punt 8 tal-messaġġ finali tal-Konferenza tal-KESE bl-isem “Go sustainable. Be responsible! European civil society on the road to Rio+20”, li saret fis-7 u t-8 ta’ Frar 2012, fejn jintqal li r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili organizzata japprezzaw li l-abbozz preliminari jirrikonoxxi l-limiti tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) bħala mezz li jkejjel il-benesseri, u jappellaw biex is-soċjetà ċivili tkun involuta fl-iżvilupp urġenti ta’ indikaturi komplementari.

1.2 Il-KESE jirrikonoxxi l-progress li sar fl-aħħar snin fit-fassil ta’ indikaturi komplementari għall-PDG fuq livell dinji u Ewropew, u b’mod partikolari fl-istudju ta’ indikaturi li jirriflettu l-kwalità tal-ħajja u l-kundizzjonijiet soċjali tan-nies b’rabta mas-sostenibbiltà tas-sistemi ekonomiċi.

1.2.1 Il-KESE jtenni li t-tfassil ta’ tali indikaturi huwa fundamentali, u jemma li dan għandu jsir b’approċċ globali li jpoġġi lill-Unjoni Ewropea (UE) fuq quddiem nett fil-kuntest tal-avvenimenti internazzjonali li ser isiru fil-futur qrib (Rio+20) u, fuq kollox, fid-dawl tal-progress possibbli fl-istrategġija Ewropej il-ġodda għall-istabbiltà u t-tkabbir ekonomiku, għall-iżvilupp u l-koeżjoni soċjali, u għas-sostenibbiltà ambjentali. L-ewwel aġenda li fuqha ser jitkejjel it-tfassil tal-indikaturi komplementari għall-PDG hija l-Istrategġija Ewropa 2020.

1.3 Il-KESE jemma li t-triq kumplessa li qed twassal għar-ridefinizzjoni tal-benesseri u l-progress tas-soċjetà – li jmorru lil hinn mit-tkabbir ekonomiku biss – ma tistax titfarrak mill-politiki Ewropej li eventwalment jifasslu biex jilqgħu għall-effetti l-ġodda tal-kriżi ekonomika u finanzjarja.

1.3.1 Sabiex l-ekonomija tirkupra u tingħeleb il-kriżi, jeħtieġ li tinbidel il-paradigma ta’ referenza biex l-iżvilupp ikun ibbażat

fuq il-benesseri u l-progress tas-soċjetà. B’hekk biss tista’ tingħata aktar attenzjoni lill-fatturi li kkawżaw il-kriżi u l-effetti ta’ riċessjoni li nhasu dan l-aħħar fl-Ewropa, bil-għan li jitkejju u jifasslu politiki aktar adegwati kemm f’qasir żmien kif ukoll f’perjodu minn medju sa twil ta’ żmien. F’dan ir-rigward, il-politiki tal-UE jirrappreżentaw sfida partikolarment interessanti.

1.4 Għalhekk, il-KESE jtenni li għandhom jingħelbu kemm ir-reżistenzi għall-introduzzjoni u l-monitoraġġ istituzzjonali tal-indikaturi tas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali – flimkien mal-indikaturi tradizzjonali ta’ natura strettament ekonomika u finanzjarja – kif ukoll it-tentazzjonijiet li dawn l-indikaturi jitnaqqsu, għaliex fil-fatt il-kriżi attwali tista’ titrażżan u tkun ikkontrollata aħjar.

1.5 Id-distakk bejn il-politiki ekonomiċi, kemm fuq livell nazzjonali u kemm fuq dak Ewropew, u l-politiki għall-benesseri u l-progress tas-soċjetà kiber sew. Madankollu, billi issa l-adozzjoni tal-indikaturi komplementari għall-PDG hi mifruxa sew fost l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika, il-possibbiltà li dan id-distakk jonqos hi marbuta mal-kapaċità li l-ħafna informazzjoni disponibbli tissarraf f’għarfien u sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej.

1.5.1 F’dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi promoss dibattitu dwar l-istess tifsira tal-progress li, minbarra li jiddefinixxi mill-ġdid il-kunċett ta’ żvilupp, jintroduċi wkoll l-aspetti tar-responsabbiltà politika. Dan l-approċċ ġdid jitlob li jiġu identifikati d-dimensjonijiet differenti li jsawru l-progress permezz:

- i) tal-estensjoni tal-kontinju nazzjonali għall-fenomeni soċjali u ambjentali,
- ii) tal-użu ta’ indikaturi komposti, u
- iii) tal-ħolqien ta’ indikaturi ewlenin.

1.6 Il-KESE jemmen, għalhekk, li l-istatistika taqdi rwol deċiżiv biex tneħħi d-distakk fejn jidħol l-għarfien li qed jipper-sisti:

- bejn il-proċessi ekonomiċi u soċjali li nibtu mid-deċiżjonijiet politiċi u l-avvanzi f'termini ta' benesseri u ta' progress soċjali,
- bejn l-istess istituzzjonijiet politiċi u l-korpi taċ-ċittadini, speċjalment illum il-ġurnata fil-kuntest tal-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

1.7 Il-KESE huwa konvint li t-trasparenza tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet demokratiċi tirrikjedi governanza statistika indipendenti li taqdi r-rwol fundamentali tagħha li tiggwida l-kejl u l-metodoloġija użata lejn il-fenomeni imposti mill-esiġenzi ġodda ta' natura ekonomika, soċjali u ambjentali. F'dan il-kuntest, il-Eurostat għandu jibda jaqdi rwol ċentrali fl-integrazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-istatistika nazzjonali u reġjonali.

1.8 Il-KESE jemmen ukoll li s-soċjetà ċivili, flimkien mal-atturi soċjali u istituzzjonali l-oħra, għandha tidentifika l-oqsma ta' intervent li fihom jiġi determinat il-progress ta' soċjetà, filwaqt li tindika l-aktar oqsma u fenomeni importanti (fil-kamp ekonomiku, soċjali u ambjentali). Dan jista' jsir permezz ta' strumenti speċifiċi ta' informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni.

1.8.1 Il-KESE jemmen li l-leġittimità tad-deċiżjonijiet pubbliċi ma tistax tinkiseb u tiġi żgurata b'mod esklużiv permezz tal-garanziji u s-sistemi uffiċjali – istituzzjonali, legali jew kostituzzjonali – tal-Istat, iżda għandha neċessarjament tissejjes fuq il-kontribut tas-soċjetà ċivili.

1.8.2 Il-kontribut speċifiku tas-soċjetà ċivili għad-definizzjoni tal-prospetti tal-iżvilupp u tal-benesseri huwa kontribut politiku b'żonjuż mhux biss biex id-dimensjonijiet parteċipattiva tingħaqad ma' dik tal-għarfien, iżda wkoll biex jinkisbu l-għanijiet stabbi-liti.

1.9 Madankollu, għad iridu jiġu żviluppanti l-istrumenti ta' infurzar u ta' responsabbiltà meħtieġa biex l-għażliet politiċi, b'mod partikolari dawk tal-politika ekonomika u baġitarja, jintrabtu mal-prestazzjoni tal-istess indikaturi.

1.10 Fid-dawl tal-esperjenza relatata mal-konsultazzjoni u l-parteeipazzjoni f'diversi pajjiżi, il-KESE jemmen li l-“paradigma deliberattiva” (proċess ta' skambju ta' informazzjoni u opinjonijiet dwar deċiżjoni komuni f'qafas ta' diskussjoni li fiha jiġu f'formati u espressi l-preferenzi kollettivi), li għandha tkun il-bażi għat-tfassil tal-indikaturi tal-benesseri u l-progress, għandha tissejjes fuq:

— diskussjonijiet ekwi bejn l-atturi istituzzjonali u dawk li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili,

— l-inklużjoni fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-interessi kollha involuti fil-kejl u l-insewiment tal-benesseri u l-progress soċjali,

— approċċ iffokat fuq il-ġid komuni, b'mod partikolari fis-sinteżi li tirriżulta mid-dibattitu.

1.11 Il-KESE jieħu l-impenn li jkompli l-monitoraġġ tal-attivitajiet li, fuq livell nazzjonali u Ewropew, jimplikaw l-involvement tas-soċjetà ċivili fit-thejjja tal-indikaturi komplementari għall-PDG.

1.12 Il-KESE jtenni li hu lest ikun il-post fejn jiltaqgħu s-soċjetà ċivili u l-korpi istituzzjonali Ewropej bħala parti minn proċess parteċipattiv u deliberattiv li matulu jiġu identifikati u mfassla l-indikaturi tal-progress għall-Unjoni Ewropea.

## 2. Introduzzjoni

2.1 B'din l-opinjoni l-KESE jixtieq jagħti l-kontribut tiegħu għar-riflessjoni dwar kif għandha tiġi involuta s-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-tfassil tal-indikaturi tal-benesseri u l-progress ta' soċjetà, fid-dawl kemm tal-Konferenza tal-Nazzjonijiet Uniti dwar l-iżvilupp sostenibbli (*Earth Summit – Rio+20*), li ser issir bejn l-20 u t-22 ta' Ġunju 2012 f'Rio de Janeiro<sup>(1)</sup>, kif ukoll tar-Raba' Forum Dinji tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) bl-isem “Statistics, Knowledge and Policies Measuring Well-Being and Fostering the Progress of Societies”, li ser isir bejn is-16 u d-19 ta' Ottubru 2012 f'New Delhi, l-Indja.

2.2 Il-KESE beħsiebu jkompli miexi fit-triq li qabad fiż-żewġ opinjonijiet preċedenti, u jissokta bil-proċess ta' monitoraġġ tal-progress li jsir fuq livell Ewropew f'dak li hu tfassil ta' indikaturi komplementari għall-PDG, liema indikaturi għandhom ikunu jistgħu jesprimu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali b'konformità sħiħa mas-sostenibbiltà ambjentali<sup>(2)</sup>.

2.3 Fl-opinjoni tiegħu “Lil hinn mill-PDG – Indikaturi għal żvilupp sostenibbli”<sup>(3)</sup>, il-KESE kien diġà rrifletta fuq il-limiti tal-PDG, fuq il-korrezzjonijiet u ż-żidiet possibbli, u b'hekk fuq il-ħtieġa li jtfasslu kriterji ġodda għall-identifikazzjoni ta' indikaturi komplementari tal-benesseri u s-sostenibbiltà (ekonomika, soċjali u ambjentali) “għal politika aktar ibbilanċjata”.

<sup>(1)</sup> <http://www.earthsummit2012.org/>.

<sup>(2)</sup> Ara l-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE dwar “Lil hinn mill-PDG – Indikaturi għal żvilupp sostenibbli” ĠU C 100, 30.4.2009, p. 53; u l-opinjoni dwar il-“Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew – Il-PDG u lil hinn – Inkejl u l-progress f'dinja li dejjem tinbidel”, ĠU C 18, 19.1.2011, p. 64.

<sup>(3)</sup> ĠU C 100, 30.4.2009, p. 53.

2.4 Sentejn wara, b'risposta għad-diskussjoni u l-preparamenti li saru fuq livell Ewropew, fl-opinjoni tiegħu dwar "Il-PDG u lil hinn – Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel" <sup>(4)</sup> il-KESE laqa' b'sodisfazzjoni il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea <sup>(5)</sup>, u enfasizza kemm hu importanti li tiġi adottata perspettiva fit-tul meta jingħażlu l-parametri ta' referenza u l-istrumenti statistiċi l-aktar adatti għall-estensjoni tal-kontijiet nazzjonali lejn oqsma ta' natura verament aktar soċjali u ambjentali, u dan isir ukoll skont l-għażliet strateġiċi tal-atturi politiċi istituzzjonali.

2.4.1 Fl-opinjoni msemmija hawn fuq il-KESE enfasizza l-ħtieġa li jiġu studjati aktar fil-fond l-indikaturi li jirriflettu l-kwalità tal-ħajja u l-kundizzjonijiet soċjali tan-nies bl-użu ta' approċċ globali li jpoġġi lill-Unjoni Ewropea fuq quddiem nett f'din l-inizjattiva.

### 3. Mit-tkabbir ekonomiku għall-progress tas-soċjetà: triq kumplessa

3.1 Il-ħidma ilha għaddejja l fuq minn 50 sena biex jifasslu indikaturi ġodda sintetiċi, alternattivi jew, aħjar, komplementari fir-rigward tal-indikatur tradizzjonali tat-tkabbir ekonomiku, il-PDG. Il-PDG hu strument ta' kejl li "jispeċjalizza" f'segment partikolari ta' attività – essenzjalment is-suq – ta' soċjetà. Dan hu indikatur li b'mod "għażżien" biss jista' jiġi interpretat minn "indikatur tal-produzzjoni" għal "indikatur tal-benesseri ta' soċjetà" <sup>(6)</sup>.

3.1.1 Bejn is-snin 60 u 90 tħejjew indikaturi soċjali, komplementari u alternattivi għall-PDG li setgħu jindikaw oqsma ta' investigazzjoni li jmorru lil hinn mill-qasam tradizzjonali ta' natura ekonomika. Din tista' tiġi definita bħala l-"fażi soċjali" tal-indikaturi tal-progress ta' soċjetà.

3.1.2 Lejn tmiem is-snin 80, ir-Rapport Brundtland (1987) qajjem il-kwistjoni tal-iżvilupp sostenibbli fuq livell dinji <sup>(7)</sup>. Wara dan, il-Konferenza dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti fl-1992 (*Rio Earth Summit*) poġġiet il-kwistjoni ambjentali fl-aġenda politika internazzjonali, u b'hekk għaddejja għal "fażi globali" fir-riċerka u t-tħejjija ta' indikaturi li huma kapaċi jkejlu l-progress tas-soċjetà <sup>(8)</sup>.

<sup>(4)</sup> ĠU C 18, 19.1.2011, p. 64.

<sup>(5)</sup> COM(2009) 433 final.

<sup>(6)</sup> L-istess Simon Kuznets, li firex l-użu tal-PDG fl-Istati Uniti, kien wissa kontra l-abbużi u l-misinterpretazzjonijiet li jista' jhloq l-użu ħażin ta' dan l-istrument, u ħa ħsieb jiddetermina l-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Costanza, R., Hart, M., Posner, S., Talberth, J., 2009, *Beyond GDP: The Need for New Measures of Progress*. Boston University.

<sup>(7)</sup> Nazzjonijiet Uniti, 1987, Report of the World Commission on Environment and Development.

<sup>(8)</sup> Ir-riċerka tikkonċentra l-aktar fuq erba' approċċi metodoloġiċi differenti: i) indikaturi ta' korrezzjoni tal-PDG, ii) indikaturi alternattivi, iii) indikaturi sintetiċi (jew komposti), iv) sistema ta' indikaturi.

3.2 Kien però matul l-aħħar għaxar snin li ġiet enfasizzata b'aktar qawwa l-ħtieġa li jitkejjel il-livell ta' benesseri li jintlaħaq f'soċjetà waqt li fl-istess ħin tkun garantita s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tagħha.

3.3 F'dawn l-aħħar is-snin, l-OECD beda jaqdi rwol fundamentali bil-Proġett Globali tiegħu, imniedi fl-2003, dwar il-kejl tal-progress tas-soċjetajiet <sup>(9)</sup>. Il-Proġett Globali kien u għadu jirrappreżenta mument verament ta' dibattitu "parteċipattiv" fuq livell dinji, li għamel lin-nies konxji li hemm bżonn tinbidel il-paradigma tal-progress tas-soċjetà u, sussegwentement, il-mudell ta' żvilupp globali.

3.3.1 Permezz tal-Proġett Globali nħoloq netwerk ta' operaturi privati u pubbliċi interessati li jiftħu diskussjoni intensiva dwar: i) l-istudji u l-analiżi tal-istatistika marbuta mal-benesseri soċjali, is-sostenibbiltà ambjentali u t-tkabbir ekonomiku, u ii) l-għodod tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni li jistgħu jaqilbu l-informazzjoni f'għarfien <sup>(10)</sup>.

3.4 Fl-20 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-komunikazzjoni bl-isem "Il-PDG u lil hinn – Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel" <sup>(11)</sup>, li rrikonxiet il-bżonn li flimkien mal-PDG ikun hemm indikaturi ambjentali u soċjali u stabbilixxiet programm ta' ħidma sa tmiem l-2012.

3.5 Ftit inqas minn xahar wara <sup>(12)</sup> ġie ppubblikat ir-"Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Kejl tal-Prestazzjoni Ekonomika u l-Progress Soċjali" (magħruf bħala r-Rapport tal-Kummissjoni Stiglitz, Sen u Fitoussi) <sup>(13)</sup>, b'dawn l-għanijiet espliciiti:

- a) li jiġu identifikati l-limiti tal-użu tal-PDG bħala indikatur tal-prestazzjoni ekonomika u tal-progress soċjali;
- b) li tiġi evalwata l-possibbiltà li jintużaw strumenti alternattivi biex jitkejjel il-progress soċjali;
- c) li tiġi promossa d-diskussjoni dwar il-preżentazzjoni adatta tal-informazzjoni statistika.

<sup>(9)</sup> Il-proġett tnieda f'Palermo fl-2004 fl-okkażjoni tal-ewwel forum dinji tal-OECD dwar "Statistics, knowledge and policy"; tliet snin wara sar it-tieni forum (2007) f'Istanbul dwar "Measuring and fostering the progress of society", fejn ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, l-OECD, in-Nazzjonijiet Uniti, l-UNDP, il-Bank Dinji u l-Organizzazzjoni tal-Konferenza Islamika ffirmaw id-Dikjarazzjoni ta' Istanbul. Fl-2009 sar it-tielet forum tal-OECD dwar "Charting progress, building vision, improving life" f'Busan, il-Korea t'Isfel.

<sup>(10)</sup> Matul il-forum annwali tal-24 u l-25 ta' Mejju 2011, l-OECD ippreżenta l-Indiċi ta' Ħajja Aħjar (Better Life Index), li hu indikatur li jkejjel il-ġid, il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja bis-saħħa ta' 11-il parametru (djar, dħul, xogħol, ħajja komunitarja, edukazzjoni, ambjent, governanza, saħħa, sodisfazzjoni personali, sikurezza, bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol): OECD, 2011, *How's Life? Measuring well-Being*, OECD Better Life Initiative, <http://www.oecdbetterlifeindex.org/>.

<sup>(11)</sup> COM(2009) 433 final.

<sup>(12)</sup> 14 ta' Settembru 2009.

<sup>(13)</sup> <http://www.stiglitz-sen-fitoussi.fr/en/index.htm>.

3.5.1 Għal dan il-għan, ir-Rapport ressaq 12-il rakkomandazzjoni dwar kif jitħejjew strumenti ta' kejl li jenfasizzaw il-benesseri soċjali, materjali u mhux materjali fid-diversi dimensjonijiet tiegħu <sup>(14)</sup>.

3.6 Fil-25 ta' Settembru 2009, id-dibattitu dwar il-PDG u l-ħtieġa ta' indikaturi komplementari tal-benesseri soċjali u ambjentali kiseb importanza akbar matul is-summit tal-G20 f'Pittsburgh. Fid-dikjarazzjoni finali ġie enfasizzat li waqt li nintrabtu li ndaħħlu mudell ġdid u sostenibbli tat-tkabbir, għandna nħeġġu l-ħidma fuq it-tħejjija ta' metodi ġodda tal-kejl sabiex jitqiesu aktar bis-sħiħ id-dimensjonijiet soċjali u ambjentali tal-iżvilupp ekonomiku.

3.7 F'Diċembru 2010, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-“Ħames rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali” <sup>(15)</sup> li fil-Kapitolu 1 “Is-sitwazzjoni u x-xejriet ekonomiċi, soċjali u territorjali”, fih sezzjoni “It-titjib tal-benesseri u t-tnaqqis tal-esklużjoni” (p. 73-117) li tinkludi sensiela ta' indikaturi tal-benesseri.

3.8 Minkejja li qed terġa' titpoġġa enfasi fuq il-progress tas-soċjetà, jidher li fl-istituzzjonijiet Ewropej għad hemm xi reżistenzi pjuttost qawwija għall-implimentazzjoni tal-indikaturi soċjali u ambjentali.

3.8.1 Bejn ir-rebbiegħa u l-ħarifa tal-2010, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pjan dwar it-tisħiħ tal-governanza ekonomika Ewropea bil-għan li jerġgħu jiġu bbilanċjati l-iżbilanċi fiskali u makroekonomiċi tal-Istati Membri tal-UE <sup>(16)</sup>. Din is-sistema ser tkun ibbażata fuq sistema ta' indikaturi (tabella ta' valutazzjoni) b'mekkaniżmu ta' twissija għal meta jkun hemm dan it-tip ta' żbilanċi, biex b'hekk ikunu jistgħu jittieħdu l-azzjonijiet korrettivi adegwati fl-Istati Membri kkonċernati <sup>(17)</sup>. B'xorti ħażina, id-diskussjoni dwar is-sistema ta' indikaturi li għandhom jiġu adottati xejn ma kienet trasparenti. L-għażla

<sup>(14)</sup> Nhar it-12 ta' Ottubru 2011, l-OECD, l-Istitut Nazzjonali Franċiż tal-Istatistika u l-Istudji Ekonomiċi (Insee) u l-Ministeru Franċiż tal-Ekonomija, il-Finanzi u l-Industrija organizzaw konferenza f'Pariġi bl-isem “Two Years after the release of the Stiglitz-Sen-Fitoussi Report”.

Insee, 2011, *Two years after the Stiglitz-Sen-Fitoussi report: What well-being and sustainability measures?* INSEE contributions. Parigi.

<sup>(15)</sup> [http://ec.europa.eu/regional\\_policy/sources/docoffic/official/reports/cohesion5/index\\_mt.cfm](http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/official/reports/cohesion5/index_mt.cfm).

<sup>(16)</sup> It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika għall-istabilità, it-tkabbir u l-impjiegi – Għodda għal governanza ekonomika tal-UE isħaħ, COM(2010) 367 final.

It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, COM(2010) 250 final.

<sup>(17)</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro, COM(2010) 525 final – 2010/0279 (COD).

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, COM(2010) 527 final – 2010/0281 (COD).

tal-Kummissjoni baqgħet teskludi għalkollox l-indikaturi ekonomiċi li huma rilevanti wkoll biex jinfiehem l-iżbilanċi finanzjarji, dawk ta' natura soċjali u ambjentali.

3.8.2 Jidher li din l-istess għażla saret ukoll fil-Patt Euro Plus jew fil-Patt Fiskali reċenti, b'risposta għall-ispekulazzjoni finanzjarja u biex titħares il-kompetittività taż-żona tal-euro.

3.8.3 Kif diġà stqarr kemm fl-opinjoni dwar it-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika Ewropej <sup>(18)</sup> kif ukoll fl-opinjoni dwar l-iżbilanċi ekonomiċi <sup>(19)</sup>, il-KESE jemmen li, jekk bi żbilanċi makroekonomiċi wieħed jifhem id-differenzi persistenti bejn id-domanda u l-provvista aggregata (li joħlqu surplus jew defiċit fil-konsum u t-tfaddil globali ta' ekonomija), allura huwa rakkomandat li għall-inqas jiddaħħlu indikaturi soċjali, bħal pereżempju, l-indikatur tal-inugwaljanza fid-dħul u l-ġid, l-impatt ta' dħul aktar baxx, il-komponent tal-hekk imsejja “ħad-diema foqra” (“working poor”), il-proporzjon tad-dħul u l-profitti fil-PDG, eċċ. <sup>(20)</sup>. Dawn huma indikaturi li jenfasizzaw l-iżbilanċi makroekonomiċi li jirriżultaw mit-tfaddil eċċessiv fejn hemm dħul aktar għoli, u mit-tidjin fejn hemm dħul medju jew baxx. Mingħajr dubju ta' xejn, dawn huma fost il-fatturi li kkawżaw il-kriżi ekonomika u finanzjarja fid-dinja li bdiet fl-2008 <sup>(21)</sup>.

3.8.4 Fi kliem ieħor, ftit inqas minn sentejn wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea <sup>(22)</sup> msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni Ewropea stess, waqt li qed issegwi toroq ġodda għall-iżvilupp u l-progress soċjali u li reġgħet intalbet taqdi rwol ta' ġestjoni, ta' koordinazzjoni u fuq kollox ta' kontroll tal-Istati Membri, qed tkompli tuża strumenti u approċċi tradizzjonali li jagħtu preferenza biss lil xi dimensjonijiet tal-aspett ekonomiku u jeskludu l-biċċa l-kbira tad-dimensjonijiet soċjali u ambjentali.

<sup>(18)</sup> Opinjoni dwar “il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika għall-istabilità, it-tkabbir u l-impjiegi – Għodda għal governanza ekonomika tal-UE isħaħ”, ĠU C 107, 6.4.2011, p. 7.

<sup>(19)</sup> Opinjoni dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri ta' infurzar biex jikkoreġu żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro” COM(2010) 525 final – 2010/0279 (COD) u l-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi” COM(2010) 527 final – 2010/0281 (COD), ĠU C 218, 23.7.2011, p. 53.

<sup>(20)</sup> Kif inhu propost ukoll fir-rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi”, relatur: is-Sinjura Elisa Ferreira (2010/0281(COD)) tas-16 ta' Diċembru 2010.

<sup>(21)</sup> ILO-FMI, *The Challenges of Growth, Employment and Social Cohesion*, dokument ta' diskussjoni għall-konferenza konġunta ILO-FMI, Oslo, 13 ta' Settembru 2010, p. 67-73.

<sup>(22)</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew – Il-PDG u lil hinn – Inkeju l-progress f'dinja li dejjem tinbidel, COM(2009) 433 final.



3.8.5 Fid-dawl ta' sitwazzjonijiet bħal dawn, il-KESE, flimkien mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, jaħseb li d-diskussjoni dwar l-idea tal-progress soċjali ma tistax tkun limitata għal oqsma ristretti, iżda għandha tinkludi lis-soċjetà kollha.

3.9 Fkull ħidma nazzjonali u internazzjonali rigward l-indikaturi komplementari għall-PDG joħroġ fid-dieher li, kieku nġhatat aktar attenzjoni wkoll lill-indikaturi tas-sostenibbiltà ekonomika, soċjali, ambjentali, interġenerazzjonali u finanzjarja, sew pubblika u sew privata, il-kriżi attwali kienet tiġi identifikata fil-ħin u żgur li b'hekk kienet tiġi ġestita aħjar.

3.9.1 Il-kejl tal-benesseri u l-progress mhux biss problema teknika. Il-kunċett stess tal-benesseri jikkonċerna l-preferenzi u l-valuri li huma l-bażi tas-soċjetà u n-nies li jsawruha.

3.9.2 Fost l-aktar aspetti sinifikanti tal-istudji u d-diskussjonijiet dwar il-kawżi tal-kriżi u dwar il-possibbiltà ta' "kejl" permezz ta' indikaturi aktar komprensivi nsibu l-attenzjoni kbira li tingħata lid-domanda aggregata (u mhux il-provvista biss). Rigward il-benesseri materjali, id-dibattitu internazzjonali jindika l-ħtieġa li tingħata aktar attenzjoni lid-dħul u l-konsum milli lill-produzzjoni, u juri l-bżonn li jitqiesu wkoll l-indikaturi tal-konċentrazzjoni tal-ġid. Fl-istess dibattitu titfakkar l-influenza li l-kwalità tal-oġġetti għandha fuq il-benesseri, u titpoġġa enfasi partikolari fuq l-inugwaljanzi, fuq il-kejl tagħhom u fuq l-obbligju li ma jiġux ikkunsidrati biss il-valuri "medji".

3.9.3 Mingħajr dubju ta' xejn, il-fatt li l-kriżi ekonomika u finanzjarja tal-2008-2009 baqgħet tkaxkar sat-tieni għadsa fil-kriżi li għaddejjin minnha bħalissa juri li din id-diskussjoni hija f'lokha aktar minn qatt qabel, speċjalment biex jiġu diskussi l-orijini tal-istess kriżi u r-ridefinizzjoni tat-tkabbir, l-iżvilupp u l-progress li d-diversi sistemi tal-pajjiżi u, b'mod aktar ġenerali, is-soċjetajiet jixtiequ joħlqu jew joħlqu mill-ġdid.

#### 4. Paradigma ta' referenza ġdida: il-progress ta' soċjetà

4.1 Id-dibattitu dwar il-ħtieġa li jintużaw indikaturi ġodda li jestendu l-qasam ekonomiku u li jiġu kkunsidrati l-problemi soċjali u ambjentali issa qiegħed jitqanqal aktar peress li nbidlet il-paradigma ta' referenza tas-soċjetà. Illum it-tkabbir ekonomiku – għad li hu fattur estremament importanti għall-pajjiż – mhux biżżejjed biex jiġgarantixxi progress reali għall-komunità, sakemm ma jkunx inklużiv u sostenibbli.

4.1.1 Flimkien mal-kunċett tat-tkabbir ekonomiku jingħaqad dak tal-progress. Dan hu kunċett ħafna usa' u ħafna aktar kumpless li n-natura multidimensjonali tiegħu tinvolvi firxa ta': i) għanijiet li jridu jintlaħqu, ii) politiki u azzjonijiet li jridu jitħejjew, iii) u għalhekk, indikaturi biex jissorveljaw l-avanz lejn dawn l-għanijiet. L-istess kunċett tal-progress jista' jimplika interpretazzjonijiet u tifsiriet differenti għal popolazzjonijiet, kulturi u reliġjonijiet differenti f'postijiet differenti.

4.2 It-tibdil tal-paradigma ta' referenza mit-tkabbir ekonomiku għall-progress xejn ma jissemplifika l-affarijiet, iżda hemm it-tendenza li jikkomplikahom. Għaldaqstant, issa jeħtieġ aktar minn qatt qabel li jitħeġġeġ dibattitu dwar it-tifsira tal-progress li, minbarra li jerġa' jiddefinixxi l-kunċett tal-iżvilupp billi jidentifika l-għanijiet mixtieqa u l-istrumenti biex dawn jintlaħqu, jintroduċi wkoll l-aspetti tar-responsabbiltà politika. Fi kliem ieħor, dan id-dibattitu għandu jippermetti li s-soċjetà, fil-komponenti kollha tagħha, tiffoka fuq l-elementi li temmen li huma essenzjali għall-eżistenza tagħha stess.

4.3 Dan l-approċċ, li hu ġdid għalkollox, jirrikjedi li jiġu identifikati d-dimensjonijiet differenti li jsawru l-progress sabiex imbagħad ikunu jistgħu jtfasslu l-indikaturi adegwati. It-tliet approċċi predominanti għall-kejl tal-progress jikkonċernaw:

- 1) l-estensjoni tal-kontinuità nazzjonali għall-fenomeni soċjali u ambjentali,
- 2) l-użu ta' indikaturi komposti, u
- 3) il-ħolqien ta' indikaturi ewlenin.

4.4 L-aktar ħidma reċenti u komprensiva rigward il-progress ta' soċjetà turi li dan hu magħmul essenzjalment minn żewġ sistemi: is-sistema umana u l-ekosistema<sup>(23)</sup>. Dawn huma żewġ sistemi marbutin mill-qrib ma' xulxin permezz ta' żewġ elementi, jiġifieri l-"ġestjoni tar-riżorsi ambjentali" u s-"servizzi tal-ekosistema"<sup>(24)</sup>.

4.4.1 F'dan il-kuntest, il-"bennesseri tal-bniedem" (fuq livell individwali u soċjali) għandu funzjoni dominanti u jirrappreżenta l-oġġettiv fundamentali tal-progress tas-soċjetà. Il-benesseri tal-bniedem, għalhekk, hu appoġġjat minn tliet oqsma ta' attivitajiet: l-"ekonomija", il-"kultura" u l-"governanza" (li, min-naħa tagħhom, jistgħu jitqiesu bħala "għanijiet intermedji"). L-ekosistema wkoll hi magħmula minn qasam ta' attivitajiet rappreżentat mill-"kundizzjoni tal-ekosistema" (Illustrazzjoni 1).

4.4.2 F'dan il-kuntest, il-"bennesseri ta' soċjetà" jista' jiġi definit bħala l-benesseri tal-bniedem flimkien mal-kundizzjonijiet tal-ekosistema, filwaqt li l-"progress tas-soċjetà" jista' jiġi definit

<sup>(23)</sup> Hall J., Giovannini E., Morrone A., Ranuzzi G., 2010, *A Framework to Measure the Progress of Societies*. Direttorat tal-Istatistika. Dokument ta' Hidma Nru 34. OECD, STD/DOC (2010)5, Pariġi.

<sup>(24)</sup> Filwaqt li l-ġestjoni tar-riżorsi tirrappreżenta l-effetti tal-azzjonijiet li għandha s-sistema umana fuq l-ekosistema (sfruttament tar-riżorsi naturali u tniġġis), is-servizzi tal-ekosistema jorbtu ż-żewġ sistemi (is-sistema umana u l-ekosistema) flimkien fiż-żewġ direzzjonijiet (forniment tal-ikel, ilma, arja, effetti tad-diżastri naturali, eċċ.). Ara: Hall J., Giovannini E., Morrone A., Ranuzzi G., 2010.

bħala t-titjib fil-benesseri tal-bniedem u tal-kundizzjonijiet tal-ekosistema. Din hi evalwazzjoni li, madankollu, trid tiġi kkoreġuta billi tintrabat mar-rwol li għandhom l-inugwaljanzi fil-benesseri tal-bniedem u fil-kundizzjonijiet tal-ekosistema. Iridu jitqiesu l-inugwaljanzi bejn is-soċjetajiet u ż-żoni ġeografiċi u fi hđandhom, kif ukoll bejn il-ġenerazzjonijiet differenti. B'dan il-mod ikun jista' jiġi definit il-progress ekwu u sostenibbli ta' soċjetà.

4.5 Din ir-riflessjoni tinkludi d-dibattitu dwar l-indikaturi komplementari għall-PDG. Illum dan id-dibattitu qed jerġa' jitfaċċa u qed tinbet l-esiġenza li jitkejlu fenomeni oħra (li mhumiex sempliċement it-tkabbir ekonomiku) għaliex is-sensibilizzazzjoni mill-ġdid dwar l-importanza ta' dawn il-fenomeni twassal biex fl-aħħar jitpoġġew fuq l-aġenda politika. Li jitkejlu jfisser li huma magħrufin, u għalhekk jistgħu jiġu ġestiti.

4.5.1 Dawn il-fenomeni jirrappreżentaw l-għażliet politiċi, u għalhekk għandhom jiġu srorveljati b'mod li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jiġu informati b'mod adegwat. Huwa għal din ir-raġuni li l-istatistika uffiċjali indipendenti u ta' kwalità taqdi rwol fundamentali.

## 5. Informazzjoni, konsultazzjoni u parteċipazzjoni fil-proċessi tat-tħejija tal-indikaturi tal-progress

5.1 Id-dibattitu dwar it-tħejija tal-indikaturi komplementari għall-PDG reġa' nfetħ għaliex matul l-aħħar għaxar snin ħareġ fid-dieher distakk tabilħaqq bejn:

- il-miżuri meħuda mill-korpi uffiċjali tal-istatistika (jiġifieri l-istituti nazzjonali u sopranazzjonali tal-istatistika) biex jidentifikaw għadd ta' fenomeni;
- u t-tendenzi ekonomiċi, soċjali u ambjentali li jirrigwardaw il-komunità u li ċ-ċittadini Ewropej iridu jħabbtu wiċċhom magħhom ta' kuljum.

Dan id-distakk kompli jikber minħabba l-effetti ekonomika u soċjali devastanti li rriżultaw mill-kriżi dinjija.

5.1.1 Fi kliem ieħor, id-distakk bejn ir-realtà identifikata u rappreżentata mill-istatistika uffiċjali (permezz ta' indikaturi tradizzjonali, u l-PDG huwa l-aktar wieħed rappreżentattiv fosthom) u r-realtà li jaraw iċ-ċittadini bilfors iwassal għal sensiela ta' diskussjonijiet dwar ir-rwol li l-istatistika uffiċjali għandu jkollha matul is-seklu 21.

5.2 Dan kollu jiġri proprju meta, b'riżultat tal-iżviluppi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), qed issir rivoluzzjoni ta' veru fil-komunikazzjoni, li biha l-flussi ta' informazzjoni jistgħu jsiru aktar disponibbli. Il-mistoqsija ewlenija hija kemm dan kollu jissarraf f'għarfien reali għall-komunità, u

hu hawnhekk li l-istatistika uffiċjali għandha taqdi rwol ewleni. L-għan għandu jkun li l-informazzjoni tkun tista' tissarraf f'għarfien.

5.2.1 Iż-żieda fl-informazzjoni disponibbli tiffavorixxi t-trasparenza fil-proċessi tat-teħid ta' deċizzjonijiet (pereżempju, l-indikaturi statistiċi jgħinu biex wieħed jifhem id-dinamiċi ta' fenomeni partikolari, bħall-impjeg, il-qgħad, l-inflazzjoni, eċċ.). Però l-fluss enormi ta' informazzjoni jista' jħawwad moħħ l-utenti, sew iċ-ċittadini u sew daww li jħejju l-politiki (għaliex iż-żieda fil-fluss ta' informazzjoni mhux bilfors twassal għal aktar għarfien).

5.3 Minħabba din id-dilemma joħroġ ċar li hemm bżonn ta' governanza statistika indipendenti u ta' kwalità. Din l-istatistika għandha taqdi r-rwol fundamentali tagħha li tiggwida l-kejl u l-metodoloġija użata lejn il-fenomeni imposti mill-esiġenzi ġodda ta' natura ekonomika, soċjali u ambjentali (25).

5.3.1 Huwa f'dan il-kuntest li l-KESE jemmen li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea intitolata "Lejn immaniġġjar sod tal-kwalità għall-Istatistika Ewropea" (26) hi tassew rilevanti, billi tisħaq li l-istatistika tal-lum, minbarra li tipprovdli l-għarfien dwar il-fenomeni, għandha tippermetti wkoll il-ġestjoni attwali u futura tagħhom. Iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu jagħmlu l-għażliet tagħhom b'mod infurmat, razzjonali u demokratiku.

5.3.2 Għalhekk, il-Eurostat għandu jibda jaqdi rwol ċentrali fl-integrazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-istatistika nazzjonali u reġjonali mis-27 Stat Membru tal-UE, speċjalment rigward l-aspetti marbutin mal-kwalità tal-ħajja, is-sostenibbiltà u t-tqassim tad-dħul u tal-kapital, sabiex jitkejjel it-tibdil fil-benesseri li jirriżulta mill-azzjonijiet pubbliċi.

5.3.3 Il-Eurostat għandu jagħti appoġġ metodoloġiku bil-għan li jipprovdli lill-atturi istituzzjonali u soċjali kif ukoll liċ-ċittadini Ewropej l-istrumenti biex ikunu informati u konsultati b'mod adegwat u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu sehem b'mod effikaċi fid-dibattitu pubbliku (27).

(25) Giovannini, E., 2007, *Statistics and Politics in a Knowledge Society*, OECD, STD/DOC(2007)2, 29 ta' Mejju 2007, mislut nhar it-28 ta' Jannar 2010 minn: <http://www.2007oecd.org/dataoecd/39/53/41330877.pdf>.

Giovannini, E. 2009, *Measuring Society's Progress: A key issue for policy making and democratic governance*, mislut nhar it-28 ta' Jannar 2010 minn: <http://www.oecd.org/dataoecd/6/34/41684236.pdf>.

(26) COM(2011) 211 final.

(27) Huwa għalhekk li fis-Sistema Statistika Ewropea nholq l-I sponsorship Group dwar il-Kejl tal-Progress, il-Benesseri u l-Iżvilupp Sostenibbli, li għandu l-mandat li jikkoordina l-attività marbuta ma' din il-kwistjoni u li jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-kummissjoni Stiglitz, Sen u Fitoussi, filwaqt li jikkunsidra b'mod adegwat l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020.

5.4 F'dan il-kuntest ġdid, is-soċjetà ċivili flimkien mal-atturi soċjali u istituzzjonali l-oħra għandha tidentifika – permezz ta' round tables u forums speċifiċi dwar is-suġġett – l-oqsma ta' intervent li fihom jiġi determinat il-progress ta' soċjetà, filwaqt li tindika l-aktar oqsma u fenomeni importanti (diversi oqsma fil-kamp ekonomiku, soċjali u ambjentali). Fl-istess ħin, l-istatistika għandha rwol ta' appoġġ "tekniku" billi tipprovdi l-metodoloġija adatta u tidentifika l-indikaturi effikaċi għall-monitoraġġ ta' dawn il-fenomeni.

5.5 Bl-involvement taċ-ċittadini jinħolqu "forum ta' intelliġenza kollettiva" li, waqt li jippermettu l-prattiki ta' ċittadinanza attiva, jikkontribwixxu għar-ridefinizzjoni tad-demokrazija:

- l-ewwel nett, id-"demokrazija parteċipattiva" b'interazzjoni akbar u b'aktar opportunitajiet għat-tfassil tal-prijoritajiet billi wieħed jifhem bil-mod il-mod u jikkunsidra l-fehmiet differenti rigward l-interess ġenerali <sup>(28)</sup>;
- u mbagħad, id-"demokrazija preparatorja" sabiex jiġu speċifikati l-kriterji li jstabbilixxu l-kunċett tal-benesseri bħala għan kondiviż tal-progress soċjali, filwaqt li jiġu identifikati l-varjabbli adatti għat-tħejjija ta' indikaturi li jkejlu l-benesseri u jiġu stabbiliti toroq tal-progress tas-soċjetà li l-partijiet interessati jkunju jistgħu jifhmuhom, u b'hekk ikunu jistgħu jiffaċilitaw l-involvement tagħhom biex jinkiseb il-benesseri b'mod mifrux <sup>(29)</sup>.

5.5.1 Prattiki bħal dawn jiżviluppaw il-kunċett ta' "kapital soċjali" <sup>(30)</sup> fuq il-bażi tal-għanijiet Ewropej ta' ekonomija tal-għarfien u ta' koeżjoni soċjali, jiġifieri l-kapaċità li jiġi rfinat il-kunċett ta' benessere għal kulħadd permezz ta' fiduċja, fehim

u kooperazzjoni akbar bejn is-soċjetà ċivili u l-amministrazzjoni pubblika. Dan jista' jseħħ biss bis-saħħa ta' parteċipazzjoni ċivili, politika u soċjali qawwija, li l-istess amministrazzjonijiet pubbliċi jridu jappoġġjaw permezz tal-prattiki ta' konsultazzjoni <sup>(31)</sup>.

5.5.2 Dan l-aħħar, għadd konsiderevoli ta' pajjiżi b'dew proċessi deliberattivi strutturati li jinvolvu s-soċjetà ċivili (l-Awstralja, il-Kanada, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Messiku, il-Pajjiżi Baxxi, ir-Renju Unit, l-Istati Uniti, l-Isvizzera).

5.5.3 L-esperjenzi kollha juru li hemm differenzi sostanzjali fl-istruttura u l-ambitu tal-proċessi għall-involvement tal-atturi tas-soċjetà ċivili. Dawn id-differenzi joħorġu fid-dieher fl-istadju tad-diskussjoni jew dibattitu interattiv (dibattitu pubbliku u identifikazzjoni tal-valuri u tal-prijoritajiet) aktar milli fl-ewwel fażi tal-konsultazzjoni.

5.5.4 Il-fażi tal-konsultazzjoni ta' spiss issir permezz ta' użu qawwi ta' siti elettroniċi speċifiċi għal dan il-għan, it-twaqqif ta' gruppi ta' ħidma li jitrattaw oqsma tematiċi speċifiċi, u permezz ta' programmi ta' konsultazzjoni li jużaw ħafna n-netwerks soċjali, il-bloggijiet u s-sondaġġi (l-aktar onlajn). Madankollu, s'issa l-ebda pajjiż ma kiseb rabta formali u sostanzjali bejn il-ħolqien deliberattiv tal-indikaturi u l-proċessi ta' programmazzjoni ekonomika u finanzjarja.

5.5.5 Il-KESE jemmen li s-soċjetà ċivili tista' tiġi involuta fl-identifikazzjoni tal-indikaturi tal-benesseri u tal-progress permezz tal-parteċipazzjoni attiva tagħha kemm fl-għażla tal-prijoritajiet politiċi kif ukoll fl-għażla tal-informazzjoni li għandha tiġi srorveljata.

Brussell, 29 ta' Marzu 2012.

Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

<sup>(28)</sup> Għal aktar tagħrif dwar din il-kwistjoni, ara l-Konferenza tal-KESE dwar id-demokrazija parteċipattiva "Id-demokrazija parteċipattiva għall-ġlieda kontra l-kriżi tal-fiduċja Ewropea. Ara wkoll: *The Citizen's Handbook* (<http://www.vcn.bc.ca/citizens-handbook>) u *l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej* (<http://www.citizens-initiative.eu/>) – kampanja li tippromovi d-drittijiet parteċipattivi taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(29)</sup> Ħafna drabi fl-analiżi tad-dinamiki tad-demokrazija parteċipattiva ssir distinzjoni bejn il-proċessi minn fuq għal isfel (top-down) u dawk minn isfel għal fuq (bottom-up). Fiż-żewġ każi, ir-referenza għall-interazzjoni bejn żewġ livelli ta' organizzazzjoni u teħid ta' deċiżjonijiet (li ma jinsabux fil-forom tad-demokrazija diretta) twassal biex id-demokrazija parteċipattiva tissejjes fuq id-djalogu u l-proċessi u tiġi applikata bl-aħjar mod fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti. L-għan hawnhekk li ż-żewġ proċessi jiltaqqu flimkien.

<sup>(30)</sup> *The well-being of nations: the role of human and social capital*, OECD, Pariġi, 2001.

<sup>(31)</sup> *Citizens as partners, Information, consultation and public participation in policy-making*, PUMA (Public Management Service), OECD, Pariġi, 2001.



## Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kosovo”

(2012/C 181/05)

Relatur: **is-Sur SIBIAN**

F'ittra tat-22 ta' Settembru 2011, il-Kummissarju Maroš Šefčovič u l-Kummissarju Štefan Füle talbu lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iħejji opinjoni esploratorja dwar

*Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kosovo*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-hidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-6 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'145 vot favur, 5 voti kontra u 13-il astensjoni.

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

L-opinjoni esploratorja tal-KESE dwar ir-rwol tas-soċjetà ċivili fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kosovo tqis ir-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

Din l-opinjoni tinkludi sett ta' rakkomandazzjonijiet li huma indirizzati kemm lill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll lill-awtoritajiet tal-Kosovo. Il-KESE jinsab lest jappoġġja l-azzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li għandhom l-għan li jsaħħu r-rwol tas-soċjetà ċivili fil-Kosovo kif ukoll ir-relazzjonijiet bejn l-UE u s-soċjetà ċivili tal-Kosovo.

1.1 Il-KESE jappella lill-gvern tal-Kosovo jieħu miżuri adatti għall-moviment sigur u liberu tal-minoritajiet etniċi fit-territorju kollu bħala prekundizzjoni għar-rikonċiljazzjoni u l-fiduċja reċiproka.

1.2 Il-Kummissjoni Ewropea għandha taqdem flimkien mal-gvern tal-Kosovo u l-organizzazzjonijiet tal-mezzi tax-xandir fil-pajjiż sabiex tappoġġja l-libertà tal-mezzi tax-xandir u l-professionalizzazzjoni tal-ġurnaliżmu.

1.3 Il-KESE jħeġġeġ lill-gvern tal-Kosovo jikkonsulta lis-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali fit-tfassil ta' strateġija nazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku. Il-gvern tal-Kosovo u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jagħtu l-ogħla prijorità lill-inklużjoni taż-żgħażaġh u n-nisa fis-suq tax-xogħol. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-appoġġ għall-iżvilupp rurali, l-agrikoltura sostenibbli u l-għaqdiet tal-bdiewa.

1.4 Il-KESE għandu jgħin fit-tisħiħ tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Kosovo billi jinvolvi lilu nnifsu mal-atturi soċjali ewlenin u billi jaqsam l-għarfien u l-kompetenza tiegħu. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi wkoll appoġġ qawwi

lill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Kosovo. Il-gvern tal-Kosovo għandu jiżgura linja baġitarja speċifika għall-funzjonament tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Kosovo.

1.5 Il-KESE jirrakkomanda lill-Ministeru tax-Xogħol tal-Kosovo jwaqqaf mekkaniżmu trasparenti u ġust għall-finanzjament tal-inizjattivi tal-imsieħba soċjali.

1.6 Għad li l-istatus tal-Kosovo jżommu milli jkun firmatarju tal-Konvenzjonijiet tal-ILO, il-gvern tal-Kosovo għandu jallinja l-leġislazzjoni u l-prattiki tiegħu magħhom.

1.7 Fil-fehma tal-KESE, huwa obligatorju li r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali jieħdu sehem fit-twaqqif ta' Kunsill Nazzjonali inklużiv għall-Integrazzjoni Ewropea.

1.8 Il-gvern tal-Kosovo għandu jsaħħaħ l-infurzar tal-liġi dwar l-aċċess liberu u sigur għall-informazzjoni pubblika.

1.9 Fil-kuntest tat-tnedija tal-Kunsill Nazzjonali tal-Kosovo Kontra l-Korruzzjoni fi Frar 2012, il-KESE jesprimi t-tama tiegħu li s-soċjetà ċivili tiġi provduta b'mezzi ġenwini biex tkun tista' tagħti kontribut effettiv għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

1.10 Il-gvern tal-Kosovo għandu jikkunsidra l-Qafas Strateġiku mħejji mis-soċjetà ċivili u joħloq il-qafas legali u istituzzjonali għal djalogu strutturat u l-involvement tagħha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. L-Assemblea tal-Kosovo għandha tiżviluppa pjattaforma istituzzjonali li tkun tista' tippermetti djalogu regolari mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

1.11 Il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħti iktar appoġġ għall-ħolqien ta' networks tas-soċjetà ċivili fil-Kosovo bil-għan li jitħaffef id-djalogu mal-awtoritajiet u jkun hemm konnessjoni mal-pjattaformi eżistenti tas-soċjetà ċivili Ewropea.

1.12 Il-Kummissjoni Ewropea għandha tappoġġja lill-gvern tal-Kosovo fl-iżvilupp ta' qafas legali u fiskali li jwassal għal sostenibbiltà fit-tul għas-soċjetà ċivili fil-Kosovo. Il-gvern tal-Kosovo għandu johlq mekkaniżmi trasparenti ta' finanzjament pubbliku għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li l-gvern tal-Kosovo jistabbilixxi Fond tal-Istat għas-Soċjetà Ċivili.

1.13 Il-KESE jirrakkomanda li l-finanzjament disponibbli tal-KE għas-soċjetà ċivili skont l-IPA jkun ibbilanċjat bejn dawk li jippromovu d-demokrazzja u l-istat tad-dritt, u dawk li jippromovu l-iżvilupp soċjoekonomiku. Is-sejħat għal proposta taħt l-IPA għandhom jiġu ppjanati b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu evitati l-lakuni fil-finanzjament.

1.14 Il-Kummissjoni Ewropea għandha tqis il-possibbiltà li tidentifika modi biex tiffaċilita l-aċċess tal-organizzazzjonijiet iżgħar tas-soċjetà ċivili għall-programmi tagħha u li tappoġġja l-inizjattivi iktar fit-tul.

1.15 Il-Kummissjoni Ewropea għandha ssib soluzzjonijiet sabiex tiffaċilita l-aċċess tal-imsieħba soċjali għall-fondi allokat għas-soċjetà ċivili taħt l-IPA. Jistgħu jinħolqu programmi speċifiċi għall-imsieħba soċjali taħt il-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili (Civil Society Facility – CSF). It-trade unions jistgħu jeħtieġu li jkollhom programmi mmirati taħt l-IPA li jippermettulhom isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom.

1.16 Il-KESE jappoġġja bil-qawwa l-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali fid-definizzjoni tal-prijoritajiet nazzjonali għall-assistenza tal-IPA.

1.17 Il-KESE jikkonferma l-interess u r-rieda tiegħu li flimkien mal-Kummissjoni Ewropea jippresedi s-sessjonijiet plenarji tas-soċjetà ċivili li jsiru darba fis-sena fi ħdan id-Djalogu tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

## 2. Kuntest tal-opinjoni

### 2.1 Atturi esterni fil-Kosovo

2.1.1 Fis-17 ta' Frar 2008, l-Assemblea tal-Kosovo ddikjarat l-indipendenza. L-awtoritajiet tal-Kosovo wegħdu li jimplementaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Proposta ta' Status Komprensiv (PSK) ta' Ahtisaari u adottaw Kostituzzjoni ġdida li tirrifletti dan l-impenn. L-Assemblea stiednet lill-Unjoni Ewropea tapplika l-missjoni għall-istat tad-dritt tagħha (EULEX).

Hija stiednet ukoll grupp ta' Stati<sup>(1)</sup> biex iwaqqfu l-Uffiċċju Ċivili Internazzjonali għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' Ahtisaari. Ir-Rappreżentant Ċivili Internazzjonali għandu s-setgħa li jwarrab il-leġislazzjoni u d-deċiżjonijiet ikkunsidrati kuntrarji għall-PSK ta' Ahtisaari.

2.1.2 Bi preżenza li tnaqqset b'mod gradwali, il-KFOR, il-preżenza militari mmexxija min-NATO, qed tkompli tipprovdi s-sigurtà madwar il-Kosovo, filwaqt li l-Pulizija tal-Kosovo ħadet ir-responsabbiltà għall-ħarsien tal-maġġoranza tas-siti kulturali u reliġjużi u l-biċċa l-kbira tal-fruntieri.

2.1.3 F'Lulju 2020, il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja adottat l-opinjoni konsultattiva tagħha dwar l-indipendenza tal-Kosovo u sabet li d-dikjarazzjoni tal-indipendenza ta' dan l-Istat ma kinitx tikser il-liġi internazzjonali.

### 2.2 L-approċċ tal-UE fil-Kosovo

2.2.1 22 mis-27 Stat Membru tal-UE rrikonoxxew l-indipendenza tal-Kosovo, iżda n-nuqqas ta' kunsens Ewropew dwar l-istatus tal-Kosovo ma jimpedix lill-UE milli tieħu impenn fil-Kosovo. Il-livell ta' impenn mal-awtoritajiet tal-Kosovo tal-ħames Stati li ma jirrikonoxxux l-indipendenza tiegħu – Ċipru, il-Greċja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u Spanja – ivarja.

2.2.2 Il-Kosovo jagħmel parti mill-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni (PSA), iżda għadu l-uniku pajjiż fir-reġjun li ma għandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-UE, status li jipprekludih milli jiffirma Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA). Fl-2010-2011, fi ħdan id-Djalogu dwar il-PSA, saru tmien laqgħat (seba' laqgħat settorjali segwiti minn waħda plenarja), inklużi konsultazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dwar il-kapitoli ewlenin tal-*acquis* tal-UE.

2.2.3 B'konformità mar-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kosovo li għaddiet f'Settembru 2010, f'Marzu 2011 ingħata bidu għal djalogu ffaċilitat mill-UE bejn Belgrad u Pristina. Dan id-djalogu għandu l-għan li jsib soluzzjonijiet prattiċi dwar il-kooperazzjoni, il-kummerċ reġjonali, il-libertà ta' moviment u l-istat tad-dritt (ara 3.3).

2.2.4 F'Lulju 2010, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar il-Kosovo sabiex ihegġegħ lill-Istati Membri tal-UE jsaħħu l-approċċ komuni tagħhom lejn il-Kosovo. Il-Parlament Ewropew saħaq li l-prospett tal-adeżjoni mal-UE huwa incattiv qawwi għar-riformi meħtieġa fil-Kosovo u appella għal passi prattiċi sabiex din il-possibbiltà ssir iżjed tanġibbli kemm għall-gvern kif ukoll għaċ-ċittadini. F'Jannar 2012, il-Kummissjoni Ewropea tat bidu għad-djalogu tal-liberalizzazzjoni tad-djalogu mal-Kosovo.

<sup>(1)</sup> L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, in-Norveġja, il-Polonja, is-Slovenja, l-Isvizzera, l-Isvetza, it-Turkija, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerika.

2.2.5 Il-Kosovo jibbenefika mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), l-Istrument għall-Istabbiltà (IfS), u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), u sorsi oħra ta' finanzjament. Barra dan, il-Kosovo qed jipparteċipa fil-programmi multibenefiċjarji tal-IPA. Id-dokument ta' ppjanar indikattiv multiannwali għall-2011-2013 ġie adottat fis-27 ta' Ġunju 2011. Fl-2011, ammont totali ta' EUR 68,7 miljun mogħti fil-programm annwali tal-IPA għall-2011 ġie allokat b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Ministeru għall-Integrazzjoni Ewropea u l-Istituzzjonijiet tal-gvern. L-assistenza ta' qabel l-adeżjoni mal-UE qiegħda tiffoka fuq appoġġ għall-istat tad-dritt, l-ekonomija, il-kummerċ u l-industrija, u għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika.

### 2.3 *Attivitajiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rigward is-soċjetà ċivili fil-Kosovo*

2.3.1 It-*tkabbir* tal-UE u l-progress li sar mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent sabiex jersqu eqreb lejn is-*sħubija* mal-Unjoni Ewropea huma waħda mill-prijoritajiet ta' relazzjonijiet esterni tal-KESE. Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni żviluppat għodod effiċjenti sabiex tilħaq l-għanijiet ewlenin tagħha biex tappoġġja s-soċjetà ċivili fil-Balkani tal-Punent u ttejjeb il-kapaċità tagħha li tkun imsieħba tal-gvernijiet fi triqthom lejn l-adeżjoni mal-UE.

2.3.2 Il-Grupp ta' Kuntatt tal-Balkani tal-Punent – korp intern permanenti mwaqqaf mill-KESE fl-2004 – huwa l-*istru-*ment ewleni għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-KESE f'dan ir-rigward. Ir-rwol tal-Grupp ta' Kuntatt huwa wkoll li jissorvelja l-bidliet fis-sitwazzjoni politika, ekonomika u soċjali fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent. Barra minn hekk, il-Grupp ta' Kuntatt jippromovi l-kooperazzjoni bejn il-KESE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-Balkani tal-Punent.

## 3. *Żviluppi politiċi fil-Kosovo*

### 3.1 *Fatti u ċifri ewlenin dwar il-Kosovo*

3.1.1 Sa tmiem l-2011, il-Kosovo ġie rikonoxxut minn 86 Stat Membru tan-NU, inklużi 22 Stat Membru tal-UE.

3.1.2 Il-Kosovo, b'popolazzjoni ta' madwar 2 miljuni, huwa wieħed mill-ifqar pajjiżi fl-Ewropa. Il-Bank Dinji jistima li l-Prodott Domestiku Gross (PDG) *per capita* huwa ta' EUR 1 760. Skont l-aħħar data disponibbli tal-2006 huwa stmat li 45 % tal-popolazzjoni qed jgħixu taħt il-livell nazzjonali tal-faqar, filwaqt li 17 % huma estremament foqra. Għandu dijaspora kbira u waħda mill-aktar popolazzjonijiet żagħżuġha fl-Ewropa.

3.1.3 L-Albaniżi jikkostitwixxu 90 % tal-popolazzjoni, is-Serbi 6 % u l-Bożnijaċi, it-Torok, ir-Roma, l-Ashkali u l-Eġizzjani flimkien jikkostitwixxu l-4 % li jifdal mill-popolazzjoni. Il-maġġoranza Albaniża u l-minorità mhux Serba jaċċettaw lill-Istat tal-Kosovo bħala wieħed leġittimu. Il-parti l-kbira tal-komunità Serba topponi l-istatus ta' Stat tal-Kosovo. Id-distakk soċjali bejn l-Albaniżi tal-Kosovo u s-Serbi tal-Kosovo għadu sinifikanti. Is-Serbi tal-Kosovo għadhom iżommu awtonomija *de facto* b'saħħitha fil-parti tat-Tramuntana tal-pajjiż. Fil-partijiet l-oħra tal-Kosovo, jinsabu kkonċentrati fit-territorji rurali.

Minbarra l-motivazzjoni politika, il-lingwa għadha kawża serja tal-iżolament tal-komunità Serba. Is-Serbi tal-Kosovo li jgħixu fit-territorji rurali jsofru minn diskriminazzjonijiet, li jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum tagħhom, u m'għandhomx opportunitajiet ta' xogħol. L-aċċess tagħhom fuq livell indaqs mal-Albaniżi tal-Kosovo għall-amministrazzjoni u s-servizzi soċjali diversi tal-Kosovo, bħal sptar, huwa prekarju. Il-libertà tal-moviment tagħhom fit-territorju tal-Kosovo huwa limitat fil-prattika. Il-popolazzjoni Serba qed tkompli titlaq mill-Kosovo.

3.1.4 Fit-Tramuntana tal-Kosovo u fil-parti l-kbira taż-żoni b'popolazzjoni Serba, l-istituzzjonijiet paralleli fil-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, il-ġustizzja u s-servizzi soċjali ilhom jiffunzjonaw sa mill-1999. Huma jirċievu għajnuma mis-Serbja u fil-parti l-kbira tagħhom huma taħt il-kontroll tagħha. Parti kbira mis-Serbi tal-Kosovo għadhom jibbojkottjaw l-elezzjonijiet nazzjonali u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Kosovo, b'mod partikolari fit-Tramuntana. Fil-bqija tal-pajjiż, is-Serbi tal-Kosovo pparteċipaw iżjed fl-elezzjonijiet u huma rrappreżentati fl-istituzzjonijiet lokali u nazzjonali (inklużi l-gvern u l-Assemblea). Proċess ta' deċentralizzazzjoni li jipprevedi l-ħolqien ta' muniċipalitajiet ġodda li fihom il-minoritajiet etniċi jkunu jistgħu jikkostitwixxu maġġoranza b'iktar setgħat muniċipali ġie bbojkottjat fil-muniċipalitajiet b'maġġoranza Serba.

### 3.2 *Ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien*

3.2.1 Mill-pajjiżi ġirien kollha, il-Kosovo għandu l-aħjar relazzjonijiet mal-Albanija. L-Albanija kienet u għadha attiva ħafna fil-ksib tar-rikonoxximenti għall-Kosovo u tipprova tinfluwenzja d-deċiżjonijiet tal-gvern (lobbying) sabiex il-Kosovo jiġi inkluż fl-inizjattivi reġjonali.

3.2.2 Il-Kosovo għandu relazzjonijiet tajba wkoll ma' Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Id-demarkazzjoni tal-fruntiera tlestiet u ġew stabbiliti relazzjonijiet diplomatiċi tajba.

3.2.3 Il-Kosovo u l-Montenegro qablu li jkomplu l-proċess ta' demarkazzjoni tal-fruntieri mal-Montenegro. Il-Montenegro kien talab li l-minorità Montenegrina tiġi rikonoxxuta b'mod kostituzzjonali fil-Kosovo qabel ma ż-żewġ pajjiżi jiskambjaw l-ambaxxaturi u titkompla d-demarkazzjoni. Il-komunità Montenegrina hija rikonoxxuta mil-Liġi dwar il-Komunitajiet u ż-żewġ pajjiżi huma mistennija li jstabbilixxu relazzjonijiet diplomatiċi fil-futur qarib.

3.2.4 Is-Serbja u l-Bosnja-Herzegovina huma l-uniċi pajjiżi ġirien li miegħu il-Kosovo ma għandu l-ebda relazzjonijiet politiċi formali. Ir-relazzjonijiet ekonomiċi għadhom asimetriċi għax filwaqt li s-Serbja hija l-ikbar esportatur lejn il-Kosovo, sa dan l-aħħar, il-Kosovo ma setax jespporta lejn dan il-pajjiż. L-UE qiegħda taġixxi bħala medjatur għan-negozjati tekniċi bejn Pristina u Belgrad. L-aġenda tan-negozjati mas-Serbja tinkludi l-iżblukkar tal-kummerċ mal-Kosovo, l-użu tal-ispazju tal-ajru fuq is-Serbja, it-tranżitu tal-passiġġieri b'passaporti tal-Kosovo jew vetturi b'reġistrazzjoni tal-Kosovo u l-parteċipazzjoni tal-Kosovo f'fora reġjonali. Fl-aħħar ta' Frar 2012, il-Kosovo u s-Serbja waslu għal ftehim dwar il-kooperazzjoni reġjonali u l-ġestjoni tal-qsim tal-fruntiera.

### 3.3 Kwistjonijiet attwali

3.3.1 Għad hemm tensjonijiet fir-relazzjonijiet interetniċi minħabba l-instabbiltà tal-Kosovo tat-Tramuntana u minħabba li l-minorità Serba tal-Kosovo u s-Serbja jirrifjutaw li jaċċettaw l-indipendenza tal-Kosovo u l-istituzzjonijiet ġodda tagħha. Hemm ukoll gruppi ta' Albaniżi tal-Kosovo li ma jaċċettawx is-sorveljanza internazzjonali tal-indipendenza tal-Kosovo.

3.3.2 Fl-aħħar ta' Lulju 2011, is-sitwazzjoni marret għall-aħħar fil-Kosovo tat-Tramuntana meta l-Kosovo ddeċieda li jimponi embargo fuq il-prodotti Serbi bħala ritaljazzjoni għall-ibblukkar min-naħa tas-Serbja tal-prodotti mill-2008 għal raġunijiet tan-nuqqas ta' rikonossiment tat-timbru tad-"Dwana tal-Kosovo". L-iskjerament unilaterali tal-pulizija tal-Kosovo f'żewġ punti ta' kontroll fuq il-konfini tat-Tramuntana mas-Serbja wasslu għall-vjolenza, li rriżultat fil-mewt ta' uffiċjal tal-pulizija tal-Kosovo. Il-kalma reġġet lura bl-għajnuna tal-KFOR, il-preżenza militari mmexxja min-NATO.

3.3.3 F'Settembru 2011, il-kwistjoni tat-timbri tad-dwana ssolviet fil-kuntest tad-djalogu bejn Belgrad u Pristina bil-medjazzjoni tal-UE. L-implimentazzjoni tal-ftehim wasslet għal imblokki mifruxa sew fit-Tramuntana u sehew ukoll xi inċidenti vjolenti. Fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tramuntana tal-Kosovo, fl-aħħar ta' Settembru s-Serbja waqfiet il-parteċipazzjoni tagħha fid-djalogu bil-medjazzjoni tal-UE msemmi hawn fuq, u reġġet ingħaqdet mal-mejda tan-negozjati biss f'Novembru 2011.

## 4. Is-sitwazzjoni ekonomika fil-Kosovo

### 4.1 Il-qagħda attwali wara l-konflitt

4.1.1 B'rata uffiċjali ta' iżjed minn 40 %, il-Kosovo għandu l-ogħla rata ta' qgħad fir-reġjun li hija ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, din id-data għandha tiġi kkunsidrata b'kawtela bħala iktar baxxa mir-realtà, fil-kuntest tas-settur informali kbir tal-ekonomija tal-Kosovo. Ir-rata ta' qgħad hija ogħla fost in-nisa u qiegħda taffettwa b'mod partikolari l-popolazzjoni żagħżuġha. Madwar 30 000 żgħażuġ u żgħażuġha jidħlu fis-suq tax-xogħol kull sena, rata li mhix possibbli li tiġi sostnuta bit-tkabbir ekonomiku attwali. Il-faqar huwa wkoll kwistjoni kritika, b'madwar 20 % tal-popolazzjoni li qed jgħixu b'inqas minn euro kuljum.

4.1.2 L-ekonomija fil-parti l-kbira għadha tiddependi fuq irrimessi u l-għajnuna fil-forma ta' donazzjonijiet. L-ekonomija tal-Kosovo hija affettwata mill-inċertezzi ta' wara l-gwerra, konnessjonijiet kummerċjali li ġew interrotti u investment insufficienti fl-infrastruttura. Appoġġjat minn sforz enormi ta' emerġenza u rikostruzzjoni mmexxi minn għajnuna fil-forma ta' donazzjonijiet internazzjonali, it-tkabbir ekonomiku laħaq iż-żewġ ċifri fl-ewwel snin tas-seklu 21. Iżda dan it-tkabbir wera li mhuwiex sostenibbli minħabba defiċit kummerċjali kbir ħafna u nuqqas ta' investment barrani dirett (IBD). L-ammont ta' investment barrani nett fil-Kosovo sa mill-2007 naqas kontinwament minn 19 % għal 7,1 % tal-PDG. Is-settur informali huwa kbir, u l-ġbir tat-taxxi huwa fqir.

4.1.3 Minkejja li l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali kellha impatt relattivament żgħir fuq l-ekonomija, minħabba

l-integrazzjoni internazzjonali limitata tal-Kosovo, l-effetti negattivi tagħha ġew trażmessi l-iżjed permezz ta' tnaqqis fir-rimessi, l-esportazzjoni u l-IBD.

4.1.4 Fil-parti l-kbira tagħha l-ekonomija tal-Kosovo hija bbażata fuq is-settur tas-servizzi (68 %), filwaqt li oqsmha oħra għandhom sehem relattivament baxx: l-industrija (20 %, u l-agrikoltura (12 %). Il-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni tal-Kosovo jgħixu f'żoni rurali. L-attivitatiet agrikoli huma frammentati fi plottijiet żgħar li b'hekk iwasslu għal biedja ta' sussistenza fil-biċċa l-kbira ineffiċjenti. Din is-sitwazzjoni qed iżżomm lura wkoll l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili f'saħħitha u rappreżentattiva li taħdem fuq kwistjonijiet ta' agrikoltura u żvilupp rurali.

4.1.5 Il-korruzzjoni għadha mifruxa ħafna u qed ikollha influwenza qawwija fuq il-prospetti ta' tkabbir ekonomiku tal-pajjiż. Fl-Indiċi Trasparenti tal-Perċezzjonijiet dwar il-Korruzzjoni Internazzjonali, il-Kosovo huwa kklassifikat fil-post numru 110, u huwa evalwat bħala wieħed mill-iżjed pajjiżi korrotti fl-Ewropa.

4.1.6 Il-gvern m'għandux strateġija nazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku, li għandha titfassal b'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali u atturi oħra tas-soċjetà ċivili.

## 5. L-istat u r-rwol attwali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

### 5.1 Id-djalogu soċjali

5.1.1 Huwa stmat li n-numru totali ta' membri tat-trade unions huwa madwar 60 000. Is-sħubija fil-unions tas-settur pubbliku hija għolja ħafna, fejn huwa stmat li 90 % tal-uffiċjali pubbliċi jagħmlu parti minn trade union<sup>(2)</sup>. Issa li l-liġi tippermetti t-twaqqif ta' trade unions fis-settur privat, it-twaqqif tagħhom flivell ta' intrapriża hija l-isfida ewlenija għat-trade unions fil-perjodu li ġej. L-istħarriġ jindika li 5,09 % tal-popolazzjoni jiddikjaraw l-affiljazzjoni tagħhom ma' trade union<sup>(3)</sup>.

5.1.2 Fil-Kosovo, il-Liġi tax-Xogħol, li daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2010, ġiet ikkunsidrata bħala waħda mil-liġijiet l-iżjed importanti li qatt għadew<sup>(4)</sup>. Saru ħafna konsultazzjonijiet dwar l-abbozz ta' din il-liġi, prinċipalment bejn l-ghaqdjet ta' dawk li jħaddmu u t-trade unions, iżda wkoll bl-involvement tal-kumitat tal-assemblea speċjalizzata u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-liġi ġiet approvata b'mod unanimu fl-aħħar sessjoni plenarja tat-tielet perjodu legiſlattiv, fl-istess jum tax-xoljiment tal-assemblea minkejja oppożizzjoni ripetuta mill-gvern ikkonċernat bil-piż baġitarju għoli tagħha. It-trade unions hedded li jibbojkottjaw il-proċess ta' elezzjoni jekk il-liġi ma tiġix approvata.

<sup>(2)</sup> Kushtrim, Shaipi (2011), *Annual Review 2010 on Labour Relations and Social Dialogue in South East Europe: Kosovo, Regional Project for Labour Relations and Social Dialogue in South East Europe*, Friedrich Ebert Stiftung, Jannar 2011.

<sup>(3)</sup> *Better Governance for a Better Impact. A Call for Citizens, The CIVICUS Civil Society Index Analytical Country Report for Kosovo*, Kosovar Civil Society Foundation (KCSF), Marzu 2011.

<sup>(4)</sup> Il-Liġi tax-Xogħol: l-implimentazzjoni tagħha fl-ewwel sitt xhur, is-Sommarju ta' Politika tal-GAP, l-Istitut għall-Istudji Avanzati GAP, Settembru 2011.



5.1.3 **Il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Kosovo** (KES) twaqqaf fl-2009. Sa mit-twaqqif tiegħu l-attività tiegħu ġiet imfixkla mill-oppożizzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ tal-Kosovo u l-Union tat-Trade Unions Indipendenti tal-Kosovo (BSPK) għall-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet oħra ta' min iħaddem (Alleanza tan-Negozju tal-Kosovo) u t-trade unions (Konfederazzjoni tad-Trade Unions Ħielsa tal-Kosovo – KSLK). Minkejja n-nuqqas ta' ftehim intern, il-KES xorta waħda kellu l-laqgħat regolari tiegħu.

5.1.4 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-Kosovo m'għandux il-kapaċità u r-riżorsi biex jopera b'mod effettiv.

5.1.5 **L-Imsieħba Soċjali m'għandhomx rwol importanti fil-Proċess ta' Integrazzjoni Ewropea u l-Proċess ta' Żvilupp Ekonomiku.** Il-gvern tal-Kosovo għandu joħloq bażi legali adegwata sabiex iżid ir-rwol u r-rappreżentanza tal-imsieħba soċjali fil-proċessi msemmija hawn fuq.

5.1.6 Il-Ministeru tax-Xogħol bħalissa qed jiffinanzja l-proġetti tal-imsieħba soċjali iżda ma nħoloq l-ebda kriterju u regola ta' proċedura.

## 5.2 Id-djalogu ċivili

5.2.1 L-oriġini tas-soċjetà ċivili fil-Kosovo jmorru lura għall-aħħar tas-snin tmenin u l-bidu tas-snin disgħin, wara l-waqgħa tal-Komuniżmu fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Minħabba s-sitwazzjoni speċifika ħafna fil-Kosovo f'dak iż-żmien, is-soċjetà ċivili żviluppata lilha nnifisha bħala parti importanti minn sistema parallela sħiħa u reżistenza ċivili għar-reġim Serb. L-għajjnuna umanitarja u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-movimenti ċiviċi b'appoġġ wiesa' mis-soċjetà kienu l-oqsma ewlenin tal-attivitatiet tas-soċjetà ċivili. Wara l-bojkott tal-istituzzjonijiet Serbi min-naħa tal-popolazzjoni Albaniża kollha fil-Kosovo u n-nuqqas ta' servizzi soċjali u tas-saħħa, is-soċjetà ċivili stabbiliet lilha nnifisha bħala l-fornitur ewlieni tas-servizzi (5).

5.2.2 Wara l-gwerra, is-soċjetà ċivili malajr adattat lilha nnifisha sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet il-ġodda, bħall-għajjnuna ta' emerġenza u r-rikonstruzzjoni, jew ir-rikonċiljazzjoni bejn il-gruppi etniċi. Fil-kuntest ta' appoġġ finanzjarju u tekniku fuq skala kbira mid-donaturi internazzjonali, in-numru ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (Civil Society Organisations – CSO) żdied b'mod sostanzjali. Bħalissa, madankollu, minn iżjed minn 6 000 NGO irreġistrata fl-2010, huwa stmat li inqas minn 10 % għadhom attivi jew parzjalment attivi (6).

(5) Governanza Aħjar għal Impatt Aħjar. A Call for Citizens, The CIVICUS Civil Society Index Analytical Country Report for Kosovo, Kosovar Civil Society Foundation (KCSF), Marzu 2011.

(6) Governanza Aħjar għal Impatt Aħjar. A Call for Citizens, The CIVICUS Civil Society Index Analytical Country Report for Kosovo, Kosovar Civil Society Foundation (KCSF), Marzu 2011.

5.2.3 Bħalissa, s-CSO fil-Kosovo qed jiffaċċjaw sfidi simili għal pajjiżi oħra fir-reġjun (7) billi l-biċċa kbira tas-settur għadha tiddependi fuq il-finanzjament internazzjonali (huwa stmat li iktar minn 70 % tar-riżorsi tas-CSO jiġu minn donaturi barranin). Għadaqstant, is-CSO saru mmexxija iktar mid-donaturi u jirreaġixxu inqas għall-bżonnijiet tal-komunità filwaqt li s-sostenibbiltà tagħhom hija dubjuża f'kuntest ta' nuqqas ta' fondi internazzjonali għas-soċjetà ċivili fil-futur. Minflok, is-CSO qed jiffaċċjaw problema ta' leġittimità billi r-rabta tagħhom mal-kostitwenzi tagħhom iddgħajfet.

5.2.4 Ħafna donaturi bdew jirtiraw mill-Kosovo u l-ammont globali ta' fondi disponibbli għas-soċjetà ċivili qed jonqos. Id-dominanza ta' appoġġ ibbażat fuq proġetti fuq perjodu qasir meta mqabbla mal-appoġġ istituzzjonali fuq perjodu twil ifisser li huwa diffiċli ħafna li jintlaħaq il-kompitu ta' sostenibbiltà tar-riżorsi finanzjarji u umani tas-CSO (8).

5.2.5 F'Diċembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ħadet impenn li jintlaħaq ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Kosovo fil-programmi tal-UE, mingħajr ħsara għall-pożizzjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-istatus tiegħu. F'dan ir-rigward, kemm il-KE kif ukoll il-Gvern tal-Kosovo għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jkunu involuti fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi.

5.2.6 Il-problemi minħabba r-rikonnoxximent internazzjonali tal-Kosovo għandhom impatt dirett fuq ir-rabtiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili tal-Kosovo. Numru ta' netwerks internazzjonali u bbażati fl-UE ma jaċċettawx membri mill-Kosovo. Minkejja dawn l-ostakli, is-soċjetà ċivili tal-Kosovo hija rrappreżentata fi pjattaformi u forums reġjonali u Ewropej differenti u tgawdi minn esponent internazzjonali ogħla minn dik ta' kwalunkwe settur ieħor tal-pajjiż. Il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-Kosovo fi programmi reġjonali għandha tiġi faċilitata.

5.2.7 Il-Kostituzzjoni tal-2008 tħares il-libertà tal-espressjoni u tal-istampa, b'eċċezzjonijiet għad-diskorsi li jipprovokaw ostilità etnika. Is-soċjetà ċivili ġeneralment tikkunsidra lilha nnifisha bħala ħielsa li tikkritika l-gvern, u f'it CSO jirrapportaw restrizzjonijiet illeġittimi jew attacki min-naħa tal-gvern lokali jew ċentrali. Minkejja dan, jeżistu rapporti ta' mezzi tax-xandir qrib il-gvern li jintużaw kontra l-inizjattivi tas-soċjetà ċivili u individwi li jikkritikaw il-gvern. Minkejja li fil-Kosovo hemm varjetà wiesgħa ta' mezzi tal-istampa u elettroniċi, il-ġurnaliżmu investigattiv huwa rari minħabba l-biża' ta' kastig bi tpattija. Id-dipendenza finanzjarja tal-mezzi tax-xandir fuq ir-reklami tal-gvern tqajjem dubji dwar l-indipendenza editorjali tagħhom.

(7) The 2010 NGO Sustainability Index for Central and Eastern Europe and Eurasia, United States Agency for International Development (USAID).

(8) Better Governance for a Better Impact. A Call for Citizens, The CIVICUS Civil Society Index Analytical Country Report for Kosovo, Kosovar Civil Society Foundation (KCSF), Marzu 2011.

5.2.8 Il-**liġi fundamentali dwar l-NGOs** tippermetti proċedura ta' reġistrazzjoni malajr u faċli u tiżgura l-prinċipji ewlenin għat-twaqqif, l-operat u x-xoljiment tal-NGOs. Il-qafas legali komplementari għas-soċjetà ċivili huwa kkunsidrat bħala wieħed li mhuwiex sodisfaċenti: l-organizzazzjonijiet ta' benefiċċju pubbliku għandhom benefiċċji limitati ħafna, jeżistu f'it eżen-zjonijiet minn taxxi għad-donaturi potenzjali u l-proċessi ta' djalogu ċivili għandhom ma ġewx ifformalizzati. Hemm bżonn liġijiet dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), id-dwana, it-taxxa fuq id-dħul korporattiv u t-taxxa fuq id-dħul personali sabiex jiġu speċifikati l-benefiċċji fiskali għall-NGOs bi Status ta' Benefiċċju Pubbliku. Il-filantropija lokali għadha fil-fażi tal-bidu tagħha. Hemm bżonn tibdil fil-kultura korporattiva sabiex l-għotjiet filantropiċi jkollhom impatt ġenwin. Hemm hteġġa kbira għal ambjent li joħloq possibbiltajiet għas-sostenibbiltà finanzjarja tal-NGOs – li jippermetti lill-NGOs jaċċedu għal fondi pubbliċi permezz ta' leġislazzjoni dwar l-sponsorship, it-taxxa fuq id-dħul korporattiv, u t-taxxa fuq id-dħul personali.

5.2.9 Il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili għandha t-tendenza li tkun limitata għal parir dwar l-inizjattivi leġislattivi, filwaqt li t-tentattivi tas-CSO sabiex isolvu l-problemi relatati mat-trasparenza u l-korruzzjoni jirnexxu inqas. L-aċċess għal informazzjoni għadu jikkostitwixxi ostaklu għall-kooperazzjoni bejn l-NGOs u l-gvern, prinċipalment minħabba infurzar dgħajef tal-**Liġi** dwar l-Aċċess għad-Dokumenti Pubbliċi.

5.2.10 **Mhuwiex qed iseħħ djalogu formali bejn is-soċjetà ċivili u l-gvern.** Il-Kummissjoni Ewropea għandha tappoġġja lill-gvern tal-Kosovo sabiex toħloq strutturi formali għall-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi u korpi regolari għal konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u għandhom jinħatru u jitħarrġu uffiċjali pubbliċi sabiex iservu bħala kuntatti ta' kollegament mas-CSO.

5.2.11 Wara sforzi min-naħa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-gvern beda jfassal l-*Istrateġija għal kooperazzjoni bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili*. Dan il-proċess jinsab fl-istadju bikri tiegħu u huwa kkoordinat mill-Pjattaforma CiviKos, netwerk tas-soċjetà ċivili.

5.2.12 Ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu speċifiku sabiex il-gvern jagħmel kuntratti mas-soċjetà ċivili u l-ebda qafas legali li jirregola l-għażla għall-ftit għotjiet tal-gvern li jingħataw lill-NGOs, li qed jingħataw fuq preferenzi pjuttost personali. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi assistenza teknika lill-gvern tal-Kosovo għall-ħolqien ta' mekkaniżmi bħal dawn.

5.2.13 Mingħajr dispożizzjonijiet regolatorji ċari li jipprovdu inċentivi għall-voluntiera, huwa estremament diffiċli għall-NGOs li jattiraw individwi jew gruppi għall-volontarjat. Il-mudelli Ewropej ta' leġislazzjoni fil-qas tal-volontarjat jistgħu jiġu rakkomandati lill-gvern tal-Kosovo.

5.2.14 Fil-qas tal-ħarsien ambjentali, il-kooperazzjoni bejn il-gvern u s-soċjetà ċivili għandha tissaħħaħ u s-CSO għandhom jiġu kkonsultati u involuti b'mod strutturat fit-tfassil tal-politika u d-dibattiti pubbliċi.

## 6. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Kosovo u l-IPA

### 6.1 Access għall-fondi tal-IPA

6.1.1 Bejn l-1998 u l-2009, l-għajnuna tal-KE lill-Kosovo laqgħet total ta' iżjed minn EUR 2,3 biljun, inkluż il-finanzjament tal-missjoni EULEX, l-RSUE u l-Uffiċċju Ċivili Internazzjonali. L-imsieħba ewlenin tal-kooperazzjoni bilaterali tal-Kummissjoni Ewropea kienu l-Ġermanja, l-Isvizzera, in-Norveġja, l-Isvetza (Sida), il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju Unit (DFID) u l-USAID.

6.1.2 Skont id-Dokument Multiannwali tal-Ippjanar Indikattiv għall-2009-2011, li ġie adottat mill-Kummissjoni Ewropea fl-2009, ġew identifikati erba' kwistjonijiet trasversali ewlenin li għandhom jiġu indirizzati fil-Kosovo: **is-soċjetà ċivili**, l-ambjent, l-opportunitajiet indaqs u l-governanza tajba. Il-finanzjament tal-IPA qed isegwi 3 linji prinċipjali: l-appoġġ għall-kisba ta' kriterji politiċi, kriterji ekonomiċi u standards Ewropej.

6.1.3 Bħala l-aktar donatur li għandu influwenza f'termini tal-ammont ta' għajnuna u l-kategoriji ta' finanzjament tagħha, l-UE għandha l-potenzjal li tiddetermina l-enfasi tal-aġendi u l-assistenza li jippromovu d-demokrazija. Dan ifisser ukoll li l-effettività tal-intervent tal-Kummissjoni hija xprun kruċjali ta' kif l-għajnuna internazzjonali fil-Kosovo hija meqjusa u leġittimizzata.

6.1.4 Skont il-kriterji politiċi, il-finanzjament tal-IPA jappoġġja t-titjib tal-kapaċità amministrattiva u l-bini ta' istituzzjonijiet fil-Kosovo, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-ħarsien tal-minoritajiet Serbi u minoritajiet oħra, u jikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-mezzi tax-xandir pubbliċi permezz tas-semplifikazzjoni tal-kwis-tjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-programmi kollha. **Għall-perjodu 2009-2011, 2 sa 5 % tal-għajnuna totali lill-Kosovo ġiet allokata għall-appoġġ tas-soċjetà ċivili.**

6.1.5 Minkejja li l-finanzjament tal-Unjoni Ewropea lis-soċjetà ċivili baqa' dejjem jiżdied, proċeduri ta' applikazzjoni burokratiċi u kumplessi u ammonti minimi ta' għotjiet relattivament għoljin jeskludu l-parti l-kbira tal-organizzazzjonijiet milli jibbenefikaw minn dawn il-fondi. L-istess kundizzjonijiet wessgħu d-differenza bejn is-CSO l-kbar u dawk żgħar. Il-lingwa u t-teknikalità tal-applikazzjonijiet għandhom ostakoli għall-aċċess tas-CSO komunitarji u dawk ta' livell lokali għall-finanzjament tal-UE.

6.1.6 Il-finanzjament tal-KE disponibbli għas-soċjetà ċivili huwa mmirat iktar lejn l-attivitajiet li jippromovu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, u inqas lejn dawk li jippromovu l-iżvilupp soċjoekonomiku.

6.1.7 Taħt l-assistenza tal-IPA, m'hemm l-ebda inizjattivi min-naħa tal-imsieħba soċjali appoġġjati u lanqas programmi mmirati li jippermettulhom isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom.

6.1.8 Għad hemm tħassib dwar il-kapaċità limitata tal-awtoritajiet tal-Kosovo li jassorbu l-fondi tal-IPA. Il-gvern għandu jinvolti lis-CSO fid-definizzjoni tal-prijoritajiet għall-assistenza tal-IPA.

6.1.9 Meta jitqies li djalogu strutturat bejn is-CSOu l-gvern huwa nieqes fil-Kosovo, il-KESE jilqa' l-pjani tal-Kummissjoni Ewropea għall-finanzjament ta' proġetti fl-2012 li ser iwaqqfu netwerks ta' CSO bil-għan li jiffaċilitaw id-djalogu mal-awtoritajiet.

6.1.10 Il-KESE jirrakkomanda li s-sejħiet għal proposti taħt l-IPA jiġu ppjanati b'mod li jkunu jistgħu jiġu evitati l-lakuni fil-finanzjament.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-politiki tal-iżvilupp u tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea” (opinjoni esploratorja)**

(2012/C 181/06)

Relatur: **is-Sur ZUFIAUR NARVAIZA**

Fittra tal-20 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jħejji opinjoni esploratorja dwar

*Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-politiki tal-iżvilupp u tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea.*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni, inkarigata sabiex tipprepara l-hidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-6 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'167 vot favur, 15-il vot kontra u 5 astensjonijiet.

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Fsitwazzjoni fejn il-kriżi ekonomika, ekoloġika u soċjali qed jikkundizzjonaw il-ġejjieni tal-umanità, il-KESE jqis li huwa prijoritarju li jintlaħaq kunsens bejn l-atturi differenti tal-kooperazzjoni dwar kunċetti komuni tat-tip ta' żvilupp li jrid jiġi promoss<sup>(1)</sup>.

1.2 Sabiex il-kooperazzjoni tkun effikaċi, huwa essenzjali li jkun hemm koerenza bejn il-politiki tal-UE kollha u dik tal-iżvilupp. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) għandhom jiġu mħeġġa wkoll iżidu u jtejbu l-koordinazzjoni u l-koerenza ma' dawn il-politiki.

1.3 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bi dritthom, huma atturi prinċipali tal-iżvilupp, u għaldaqstant, għandhom jagħmlu parti prinċipali wkoll mill-politiki ta' kooperazzjoni. Għandhom jiġu involuti fid-definizzjoni, l-applikazzjoni u s-segwitu tal-politiki u l-programmi ta' kooperazzjoni u jkunu fost il-korpi strateġiċi li permezz tagħhom isir il-finanzjament.

1.4 Il-KESE jippromovi kollaborazzjoni ta' natura iktar strateġika bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, permezz ta' djalogu politiku, ftehimiet qafas u mekkaniżmi ta' kanalizzazzjoni ta' fondi aktar effettivi.

1.5 Il-Kummissjoni Ewropea u l-gvernijiet kollha għandhom jappoġġjaw il-Prinċipji ta' Istanbul għall-effikacija tal-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

1.6 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandu jkollhom aktar rikonossiment f'arranġamenti ġodda ta' kooperazzjoni bħall-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar u l-kooperazzjoni trijangolari.

1.7 Il-politiki tal-kooperazzjoni u l-iżvilupp, speċjalment dawk Ewropej, għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi u d-diversità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-esperjenza tagħhom mal-pajjiżi msieħba.

1.8 F'dinja globalizzata, hemm bżonn li tiġi rikonossuta n-natura dinjija ta' wħud mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u li jittieħed vantaġġ mill-potenzjal tagħhom bħala atturi globali.

1.9 Hemm bżonn li jiġi introdott tibdil fis-sistema tal-għoti ta' fondi Ewropej għall-iżvilupp permezz tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Hemm bżonn jiġu introdotti b'mod urġenti, fost affarijiet oħra, modalitajiet bħall-“ftehimiet qafas”, is-sussidji operattivi, is-sussidji kaskata (*cascading subsidies*), il-konvenzjonijiet multiannwali, il-fondi ta' emerġenza jew l-implimentazzjoni tal-“kaxxa tal-għodda” (*tool box*) definita fid-Djalogu Strutturat. Fil-fehma tal-KESE, in-networks, il-federazzjonijiet jew konfederazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu d-destinatarji prinċipali ta' dawn il-modalitajiet ta' finanzjament.

1.10 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandu jingħaltalhom ambjent favorevoli sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom fil-pajjiżi kollha. Dan ifisser ir-rispett ta' prinċipji bażiċi bħall-libertà tal-assoċjazzjoni, tal-espressjoni, ta' għaqda u ta' azzjoni. Dan l-għan għandu jkun inkorporat fil-politiki pubbliċi ta' kooperazzjoni.

1.11 Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili għandha tkun komponent reali ta' governanza u, għaldaqstant, tiġi adottata mill-UE bħala kriterju ta' azzjoni fir-relazzjoni tagħha mal-pajjiżi msieħba.

1.12 Filwaqt li jilqa' bi pjaċir l-involviment tal-awtoritajiet lokali fil-politika ta' żvilupp tal-UE<sup>(2)</sup>, il-KESE jemmen li, minkejja l-ħtieġa ta' komplementarjetà u kooperazzjoni, it-tagħqid tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali fil-kuntest tal-politiki tal-kooperazzjoni u l-iżvilupp joħloq konfużjoni kunċettwali u diffikultajiet funzjonali.

(<sup>1</sup>) ĠU C 376, 22.12.2011, p. 102-109. Ara l-punt 1.5, relatur: is-Sur Wilms.

(<sup>2</sup>) “Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-iżvilupp: Aġenda għall-Bidla”, ĠU C 113, 18.4.2012, p. 52-55.

1.13 L-involvement tas-settur privat fil-politiki ta' żvilupp huwa essenzjali biex dawn isaħħu l-impatt tagħhom. Madankollu, irid jiġi evitat li din tkun skuża biex jitnaqqas il-kontribut pubbliku jew li s-sehem tas-settur privat, jew ta' kwalunkwe settur ieħor, iwassal għall-istabbiliment ta' "kundizzjonalitajiet" ġodda għall-proġetti ta' kooperazzjoni. Għandu wkoll jiġi stabbilit qafas, ibbażat fuq standards internazzjonali definiti diġà, għall-involvement effettiv ta' kwalunkwe settur u li jkun jaqbel mal-għanijiet tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

1.14 Iridu jiżiedu l-mekkaniżmi għat-trasparenza u l-obbligi ta' rendikont tal-kooperazzjoni, inklużi dawk li jaffettwaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll dawk għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

1.15 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jinvolvu wkoll il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, previst fit-Trattat ta' Lisbona, fil-politika ta' żvilupp.

1.16 L-attivitajiet internazzjonali tal-KESE fuq tul ta' żmien twil ikkontribwixxew, bħal fil-każ tal-mandat mogħti lill-KESE fil-Ftehim ta' Cotonou, għar-rikonoxximent tad-dimensjoni istituzzjonali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Dan kien waħda mill-kwalitajiet fundamentali tal-Ftehim ta' Cotonou, li kien l-ewwel trattat internazzjonali ffirmat mill-UE fejn ġie rikonnoxxut b'mod espliċitu r-rwol essenzjali tal-atturi mhux statali bħala msieħba fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp<sup>(3)</sup>. Huwa importanti immens ukoll li l-Ftehim jistabbilixxi li l-atturi mhux statali ser jirċievu r-riżorsi finanzjarji għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħhom sabiex ikunu jistgħu jaġixxu verament bħala msieħba f'dawn il-ftehimiet. Dan il-mandat iffamilta l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Monitoraġġ AKP-UE, li kien l-ewwel korp konġunt magħmul minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, f'dan il-każ tal-pajjiżi tal-AKP, u minn membri tal-KESE u ffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Ir-rwol tal-Kumitat ta' Monitoraġġ hu, kif jindika ismu stess, li jwettaq il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Cotonou u tal-ftehimiet ta' sħubija ekonomika. Kien ukoll element deċiżiv fl-istabbiliment tal-klawżola tal-iżvilupp sostenibbli. Dan il-metodu ta' ħidma sar punt ta' referenza għall-ħidma tal-KESE f'żoni ġeografiċi oħra li ħalla ħafna frott u li kkontribwixxa, pereżempju, għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet organizzattivi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għall-istabbiliment ta' pjattaformi u ta' punti ta' kuntatt mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fid-delegazzjonijiet tal-UE, u biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal fondi tal-UE u s-sehem f'negozjati dwar ftehimiet kummerċjali.

1.17 Il-KESE jemmen li dawn l-esperjenzi għandhom jissodaw u jitwessgħu permezz tal-appoġġ tal-politiki ta' kooperazzjoni. U billi jwassal leħen għadd kbir ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kbar, jitlob lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jiżgura li d-delegazzjonijiet tal-UE jimpenjaw lilhom infushom bis-sħiħ li jappoġġjawhom, li jagħmlu kuntatti magħhom, isiru jafu dwar l-attivitajiet tagħhom u jappoġġjawhom, kemm jekk ikunu Ewropej kif ukoll minn pajjiżi terzi. Fid-dawl tat-tisħiħ tad-Delegazzjoni tas-Servizz

<sup>(3)</sup> L-Artikolu 4 tal-Kapitolu 2 tal-Ftehim ta' Cotonou jistipula li l-UE u l-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-AKP għandhom jinformaw u jikkonsultaw lill-atturi mhux statali dwar il-politiki u l-istrateġiji ta' kooperazzjoni, u li dawn l-atturi għandhom jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji.

Estern tal-Unjoni, huwa aktar importanti minn qatt qabel li dan l-impenn jiġi adottat bħala ħidma speċifika u vinkolanti u mhux waħda li ssir biss jekk iridu jew fuq bażi volontarja.

1.18 Fil-kuntest tal-deċentralizzazzjoni tal-kooperazzjoni Ewropea għall-iżvilupp, il-KESE jemmen li jista' jikkoopera b'mod effettiv ħafna mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna fid-djalogo tad-delegazzjonijiet mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali. Dan għaliex, minn naħa, il-KESE huwa l-kontroparti Ewropea tal-korpi konsultattivi differenti li qegħdin jinħolqu fil-ftehimiet ta' sħubija ekonomika (Cariforum), ftehimiet kummerċjali (Korea t'Isfel), ftehimiet ta' assoċjazzjoni (Amerika Ċentrali, Ċili) u ftehimiet oħrajn. U min-naħa l-oħra, minħabba r-relazzjonijiet eżistenti u stabbli li l-KESE għandu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-istituzzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, mill-kontinenti kollha u, speċjalment, fil-pajjiżi tal-AKP, tal-Amerika Latina u tal-Mediterran<sup>(4)</sup>.

1.19 Il-KESE jtenni l-importanza li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jippromovu s-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni taċ-ċittadini tal-UE dwar il-kooperazzjoni f'dan iż-żmien ta' kriżi li jista' jnessi l-impenni li jkunu ttieħdu rigward il-politika tal-iżvilupp. Għal dan il-għan għandhom jingħataw mezzi suffiċjenti b'linja baġitarja speċifika bil-kundizzjoni li jkun hemm salvagwardji suffiċjenti rigward it-trasparenza u r-responsabbiltà.

## 2. Princġpi u għanijiet ġenerali

2.1 Fl-aħħar għaxar snin, l-Unjoni Ewropea tat attenzjoni dejjem ikbar lid-djalogo mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, ir-Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif ukoll id-"Djalogo Strutturatur", wessgħu l-ambitu u l-firxa tad-djalogo b'mod li fih bħalissa qed jipparteċipaw, fost oħrajn, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-KESE, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili: fosthom organizzazzjonijiet tat-trejdjunjins, koperattivi u organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, organizzazzjonijiet tal-bdiewa, konsumaturi, organizzazzjonijiet tan-negozju, pjattaformi tal-NGOs u organizzazzjonijiet imsieħba tal-pajjiżi msieħba.

2.2 Madankollu, minkejja dawn l-avvanzi u l-impenni internazzjonali<sup>(5)</sup>, il-perċezzjoni ġenerali hija li għadhom retorici ħafna u li l-progress prattiku huwa ħafna inqas. F'ħafna pajjiżi, kemm pajjiżi donaturi kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadhom qed jiffaċċjaw diffikultajiet kbar u l-ħidma tagħhom iddeterjorat. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-organizzazzjonijiet tat-trejdjunjins li

<sup>(4)</sup> <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.external-relations-other-continent>.

<sup>(5)</sup> Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-effiċjenza tal-għajnuna għall-iżvilupp, ta' Marzu 2005; Forum ta' Livell Għoli ta' Accra tal-2008; Princġpi ta' Istanbul għall-Iżvilupp (<http://www.aideffectiveness.org/busanhlf4/images/stories/hlf4/PrincipiosdeOSC-Estambul-Final.pdf>); Qafas Internazzjonali għall-Effiċjenza tal-Iżvilupp tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ([http://www.cso-effectiveness.org/IMG/pdf/spanish\\_framework\\_for\\_cso\\_dev\\_eff.pdf](http://www.cso-effectiveness.org/IMG/pdf/spanish_framework_for_cso_dev_eff.pdf)); Dikjarazzjoni tal-Forum ta' Livell Għoli ta' Busán tal-2011.

jsibu diffikultajiet biex jaċċessaw l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp fil-pajjiżi donaturi, filwaqt li l-aċċess huwa limitat jew xejn fil-pajjiżi msieħba, kemm f'dak li jirrigwarda r-riżorsi kif ukoll fid-djalogo politiku. B'mod ġenerali, l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għar-rwol tagħhom bħala atturi tal-iżvilupp huma mheddin (il-miżuri li dan l-aħħar ġew adottati mill-gvern taż-Żimbabwe huma eżempju ta' dan).

2.3 Il-KESE jemmen li rikonossiment akbar u aħjar tar-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jirrikjedi l-aċċettazzjoni ta' grupp ta' kriterji, prinċipji u valuri fil-politiki tal-iżvilupp u tal-kooperazzjoni.

2.4 L-ewwel nett, hija fundamentali l-ħtieġa li jkun hemm konverġenza bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili nnifishom, u bejn dawn u l-istituzzjonijiet Ewropej, **dwar x'nifhem bi żvilupp**. Dan l-oġettiv huwa estremament neċessarju u urġenti f'kuntast fejn iltaqgħu tliet kriżijiet: dik ekoloġika (tibdil fil-klima, telf tal-bijodiversità, eċċ.), dik soċjali (żieda fl-inugwaljanzi, eċċ.) u dik ekonomika (il-qgħad, il-prekarjetà tax-xogħol, id-dominanza tal-finanzi fuq l-ekonomija reali, eċċ.). Dawn it-tliet kriżijiet wasslu għar-raba' waħda: il-kriżi alimenterja. Id-data li turi l-profondità ta' dawn il-kriżijiet – li jaffettwaw lil xulxin – tindika li l-futur ta' kulħadd jinsab fil-periklu. U li l-uniku mod biex jiġu minimizzati d-danni hija qabża kwalitattiva fid-dimensjonijiet tal-ugwaljanza, il-kooperazzjoni u l-kura. L-iżvilupp, għaldaqstant, ma jistax jinftiehem bħala sinonimu ta' tkabbir ekonomiku, u l-prospertà u l-progress ma jistgħux jitqiesu bħala waħda mal-indikaturi tal-PDG.

2.5 Il-KESE jkompli jqis li, bla ħsara għall-ħtieġa li ssir riforma tal-kriterji ta' implimentazzjoni tagħhom, **il-kooperazzjoni għall-iżvilupp hija waħda mill-istrumenti essenzjali sabiex isir avvanz fl-iżvilupp**, speċjalment għall-iżvilupp tal-pajjiżi l-aktar fqar.

2.5.1 F'dan is-sens, il-KESE jtenni l-ħtieġa li jiġu mwettqa l-impenji fil-qasam tal-finanzjament tal-iżvilupp li ttieħdu fuq skala internazzjonali, li għandhom jibqgħu jkunu irrevokabbli għall-pajjiżi donaturi u, b'mod partikolari, għall-Unjoni Ewropea. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp **hija politika pubblika** fil-pajjiżi donaturi, ibbażata fuq prattiki tajbin, li għandu jkollha r-riżorsi neċessarji sabiex tiġi mwettqa.

2.5.2 Il-KESE jtenni li, kif stabbilit fit-Trattat ta' Lisbona, għandha tiġi żgurata **l-koerenza bejn il-politika għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp u l-politiki l-oħra - tal-kummerċ, tal-investiment u finanzjarja**. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jiġu mħeġġa wkoll iżidu u jtejbju l-koordinazzjoni u koerenza ma' dawn il-politiki.

2.6 Matul l-aħħar għaxar snin saru bidliet importanti fil-qasam tal-kooperazzjoni. Fost dawn kien hemm il-kooperazzjoni Nofsinar-Nofsinar u l-kooperazzjoni trijangolari. **Ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tan-netwerks tagħhom għandhom jirċievu rikonossiment akbar f'dawn il-modalitajiet ta' kooperazzjoni ġodda**.

2.7 Bl-istess mod, uħud mill-mezzi ta' kanalizzazzjoni tal-fondi biex itejbu s-sjeda, bħall-appoġġ baġitarju, kellhom effett

ta' marġinalizzazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi msieħba. **Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prominenza adwegwata lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indiġeni fis-sjeda demokratika u fil-programmi tematiċi, inkluż l-aspett finanzjarju**.

2.8 Il-preżenza tal-KESE f'diversi assoċjazzjonijiet strateġiċi tal-UE (pereżempju mal-Brażil u maċ-Ċina), ir-rikonossiment tar-rwol tiegħu fil-ftehimiet internazzjonali bħal dak ma' Cotonou u s-sehem tiegħu fil-programmi dinjin, bħar-Rio+20, iwasslu għall-konklużjoni li l-KESE għandu jkun involut fil-programmi tematiċi tal-politika tal-kooperazzjoni u l-iżvilupp tal-UE.

2.9 Il-kunsens milħuq fil-livell internazzjonali u espress fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Accra (AAA) u l-Forum ta' Livell Għoli ta' Busan huma passi rilevanti fit-tfassil tal-effikaċja tal-għajnuna. Madankollu, **l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jemmu li għandhom jiġu estiżi wħud mill-kriterji u l-kunċetti ta' dawn id-dokumenti**: pereżempju, dak li hu mfisser bi sjeda, armonizzazzjoni, allinjament, ġestjoni tar-riżultati, responsabbiltà reċiproka, effikaċja tal-għajnuna. Djalogo bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet Ewropej għandu jwassal għal definizzjoni li taqbel aktar ma' dawn il-kriterji.

2.10 L-għan huwa li tiġi indirizzata l-effikaċja tal-għajnuna permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-komponenti differenti tal-kunċett tad-drittijiet tal-bniedem u li tiġi valutata abbażi tal-kontribut tagħha għat-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza u, anke, fil-perspettiva li tintemm id-dipendenza mill-għajnuna nnifisha.

2.11 L-approċċi tal-organizzazzjonijiet differenti u d-dikjarazzjonijiet internazzjonali juru li **l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma atturi tal-iżvilupp fihom infushom** (6). Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-gvernijiet kollha jappoġġjaw il-Prinċipji ta' Istanbul għall-effikaċja tal-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

2.12 **Il-politiki tal-iżvilupp u l-kooperazzjoni għandhom iqisu l-karatteristiċi speċifiċi u d-diversità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**. Xi eżempji tal-firxa wiesgħa ta' forum li jstgħu jieħdu l-kontributi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp, appoġġjati minn politiki xierqa ta' kooperazzjoni huma: il-valur miżjud għall-iżvilupp li tista' tikkontribwixxi NGO ddedikata għall-ħarsien tal-ambjent jew tad-drittijiet tal-bniedem; trejdnunjin li tiproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema, id-distribuzzjoni ewlenija tal-ġid permezz ta' negozjar tal-pagi u protezzjoni soċjali tal-ħaddiema; koperattiva agrikola li taffettwa direttament is-suffiċjenza u s-sovranià alimentari; assoċjazzjoni tal-immigranti bil-kontribut tagħha għall-iżvilupp; jew, organizzazzjoni ta' min iħaddem jew ta' dawk li jaħdmu għal rashom, bil-kontribut deċiżiv tagħhom għall-ħolqien ta' nisġa ta' produzzjoni u tal-ħolqien ta' impjiegi. Il-KESE jqis li hu essenzjali li l-politiki tal-iżvilupp u tal-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet pubbliċi jieħdu vantaġġ mill-potenzjal kollu li din id-diversità tirrappreżenta.

(6) L-Artikolu 20 tal-AAA. Konklużjonijiet ta' Busan tal-1 ta' Diċembru ta' din is-sena. Prinċipji ta' Istanbul.



2.13 Il-KESE jitlob li fil-pajjiżi kollha jkun hemm ambjent leġiżlattiv u istituzzjonali li jagħti s-setgħa u li jiffavorixxi l-eżistenza, l-iżvilupp u s-sehem tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili organizzata għandha ssir komponent essenzjali ta' governanza demokratika (7).

2.14 **Il-kollaborazzjoni mas-setturi privati hija essenzjali biex il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ikollha impatt sinifikanti.** Hemm bżonn li tiġi enfasizzata d-diversità kbira tas-settur privat (inklużi l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u l-organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, flimkien mal-kisbiet il-kbar li jirriżultaw mill-inizjattivi soċjalment responsabbli (responsabbiltà soċjali korporattiva). L-isfida hija kif jiġi massimizzat il-kontribut tagħhom f'termini tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, kif ukoll tas-sigurtà tal-bniedem, f'dinja globalizzata. Madankollu, is-sħubija pubblika-privata jew l-appoġġ unikament privat mill-korporazzjonijiet il-kbar fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp iqajmu ċertu dibattitu dwar kemm dawn is-sħubijiet jistgħu jaffettwaw l-oġettivi tal-iżvilupp. Is-sħubija pubblika-privata tista' tkun strument li jiġib flimkien il-programmi ta' żvilupp tal-imsieħba differenti u l-għodod effikaċi għall-iskambju tal-għarfien u r-riżorsi tal-imsieħba differenti. F'dan is-sens, ikun meħtieġ li jiġi stabbilit qafas għall-kontribut effettiv u responsabbli tas-settur privat, b'konformità mal-istandards internazzjonali diġà miftiehma, bħall-istandards tax-xogħol tal-ILO, il-Linji Gwida għall-Impriżi Multinazzjonali tal-OECD u l-Prinċipji ta' Gwida dwar l-Impriżi u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti. Għandha ssir referenza wkoll għall-inizjattivi internazzjonali ta' trasparenza bħall-prinċipji tal-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI) jew il-Proċess Kimberley dwar il-kummerċ u l-investment internazzjonali.

2.14.1 Il-parteċipazzjoni tas-settur privat m'għandhiex twassal lanqas għal tnaqqis fil-finanzjament tal-gvernijiet għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u l-għajnuna, pereżempju, m'għandhiex issir kondizzjonata għall-privatizzazzjoni tas-setturi strateġiċi jew servizzi essenzjali għall-komunità.

2.14.2 Min-naħa l-oħra, b'konfermazzjoni mal-punt 1.13, it-tiegħi tas-sehem tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fis-sħubijiet pubbliċi-privati huwa ingredjent fundamentali, bl-istess mod bħalma hu r-rwol tal-imsieħba soċjali u tad-djalogu soċjali.

2.15 **Iridu jithegħgu aktar il-mekkaniżmi għat-trasparenza u l-obbligi ta' rendikont tal-partijiet kollha involuti fil-kooperazzjoni,** kif ukoll l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, għax il-korruzzjoni tagħmel ħafna ħsara lill-appoġġ tal-poplu għall-politiki ta' kooperazzjoni. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qegħdin f'pożizzjoni tajba biex jagħmlu dan, fl-aspett doppju tagħhom tal-obbligu li jagħtu rendikont dwar il-kisbiet tagħhom u bħala mekkaniżmi ta' kontroll soċjali rigward il-kooperazzjoni b'mod ġenerali. L-għanijiet stabbiliti tal-iżvilupp ikunu jistgħu jintlaħqu biss f'każ li tinżamm konnessjoni u interazzjoni materjali ma-ċittadin.

(7) Dikjarazzjoni Finali tal-10 Seminar Reġjonali tal-Organizzazzjonijiet Ekonomiċi u Soċjali AKP-UE. 28, 29 u 30 ta' Ġunju 2009, <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.acp-eu TENTH-regional-seminar-reports.6271>.

2.16 F'dinja globalizzata, hemm bżonn li tiġi rikonossuta n-natura internazzjonali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u li jittieħed vantaġġ mill-potenzjal tagħhom bħala atturi globali responsabbli. Min-naħa l-oħra, f'dinja multipolari ma tantx għadu jagħmel sens li ssir distinzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar. L-appoġġ għan-netwerks tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għall-pjattaformi ta' koordinazzjoni tagħhom, għall-mekkaniżmi ta' federazzjoni tagħhom u għal-livell ta' affiljazzjoni tagħhom, fost affarijiet oħra, għandu jiffirma parti, għaldaqstant, mill-attivitajiet ta' żvilupp iffinanzjati mid-donaturi u, b'mod speċjali, mill-kooperazzjoni tal-UE.

### 3. It-tisħiħ tar-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

3.1 Ir-riżultati tad-**Djalogu Strutturati** miġbura fid-Dokument Finali tal-Konferenza ta' Budapest (8) huma kunsiderazzjonijiet u proposti li għandhom relevanza kbira għall-partijiet interessati kollha. Il-KESE jqis li dan id-djalogu għandu jiġi kkonsolidat u li għandu jiġi stabbilit xi mekkaniżmu ta' koordinazzjoni jew grupp ta' kuntatt, li jiltaqa' perjodikament u jirrappreżenta l-komponenti tal-Fondi Ewropej tal-Iżvilupp (EDFs), sabiex tiġi żgurata l-konformità u l-applikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu (9). Dan il-forum għandu jkun ta' **natura politika permanenti** (jiddiskuti l-politiki ta' kooperazzjoni, b'mezzi u strumenti pprovduti mill-Kummissjoni Ewropea) u **rappreżentattiv** (organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, Kummissjoni, Parlament Ewropew, l-Istati Membri, eċċ.) Il-KESE jqis li minħabba l-mandat istituzzjonali u l-esperjenza tiegħu, għandu jkollu rwol speċifiku f'dan il-forum ta' djalogu.

3.2 Għandu jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jipparteċipaw u jkun jistgħu jikkontribwixxu fit-tfassil, l-applikazzjoni u s-segwitu tal-politiki ta' żvilupp. Għal dan il-għan, u biex jissaħħu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-livell globali u tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-organizzazzjonijiet Ewropej, ikun tajjeb li l-UE tanalizza l-possibbiltà li jiġi stabbilit statut legali għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej ibbażat fuq kriterji preċiżi u adottat mill-parteċipanti fid-djalogu strutturati.

3.3 Minn mindu daħal fis-seħħ il-Ftehim ta' Cotonou, il-KESE qeda rwol ċentrali fit-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-atturi mhux statali, l-iżjed minħabba l-mandat li rċieva (10). Fil-prattika, dan ħa l-forma ta' Kumitat ta' Monitoraġġ AKP-UE ta' natura permanenti, seminars reġjonali regolari u l-konferenzi kollha tal-AKP, eċċ, li mal-medda tas-snin ikkontribwixxew b'mod

(8) [https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/mwikis/aidco/images/f/fb/Joint\\_Final\\_Statement\\_May\\_2011.pdf](https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/mwikis/aidco/images/f/fb/Joint_Final_Statement_May_2011.pdf)

(9) Bħal ma jeżistu f'diversi direttorati tal-Kummissjoni Ewropea rigward suġġetti oħra.

(10) Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jorganizza l-laqgħat ta' konsultazzjoni u l-laqgħat tal-operaturi ekonomiċi u l-atturi soċjali tal-AKP-UE (Protokoll 1 tal-Ftehim ta' Cotonou (mhux disponibbli bil-Malti)). Dan il-mandat kien ikkomplementat mit-talba tal-eks-Kummissarju tal-UE għall-Kummerċ, is-Sur Pascal Lamy, li l-KESE jissorvelja n-negozjati dwar il-ftehimiet ta' sħubija ekonomika. F'dan il-kuntest, il-KESE appoġġja l-inklużjoni tal-kapitolari soċjali u ambjentali fi ħdan il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-CARIFORUM u l-ħolqien ta' kumitat konsultattiv tas-soċjetà ċivili li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika: dan kollu kien inkorporat fil-ftehim ta' kummerċ finali mar-reġjun. Għalhekk, nistgħu naraw li, fil-fatt, id-dispożizzjonijiet istituzzjonali stabbiliti kemm fil-Ftehim ta' Cotonou kif ukoll fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-Karibew, flimkien mal-mandati mogħtija lill-KESE, saħħew ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

dirett biex jitwettqu l-prinċipji tas-sjieda, it-trasparenza, il-governanza tajba u s-sħubija, li huma integrali għall-Ftehim ta' Cotonou<sup>(11)</sup>.

3.4 Barra minn hekk, huwa importanti li meta jiġi stabbilit djalogu politiku permanenti fil-livell tal-pajjiż benefiċjarju tiġi meqjusa l-ispeċifità ta' kull attur jew organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili.

3.5 Id-djalogu strutturat għandu jwassal għal **kollaborazzjoni ta' natura aktar strateġika bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**. F'dan is-sens, il-KESE jemmen li hemm il-ħtieġa li jiġu definiti oqfsa ta' relazzjoni u parteċipazzjoni lil hinn mill-finanzjament tal-proġetti. Bħal, pereżempju, l-implimentazzjoni ta' "kaxxa tal-għodda" definita fid-Djalogu Strutturat għall-applikazzjoni mhux biss fuq livell lokali – delegazzjoni tal-UE – iżda wkoll dak ċentrali. Dan iwassal għal assoċjazzjoni aktar flessibbli u effettiva bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fuq livell globali.

3.6 Min-naħa tagħhom, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol determinanti biex bl-impetu u t-talbiet tagħhom, tiżdied il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u jiġi promoss l-istabbiliment ta' patt globali ġdid għal wara l-2015 li fl-aġenda tal-iżvilupp jinkludi wkoll it-tnaqqis tad-diżugwaljanzi, il-protezzjoni soċjali universali, id-distribuzzjoni tal-ġid b'mod ġust u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali.

3.7 **L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma entitajiet ta' diversità u eteroġeneità kbira**, u dan jista' jirrikjedi definizzjoni aktar preċiża ta' x-nifhmu b'organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili. Din id-diversità, l-esperjenza u r-relazzjoni mal-pajjiżi misehba għandhom jiġu rikonossuti fil-qafas tal-kooperazzjoni Ewropea li għandha tiegħu vantaġġ minnha, bl-użu tal-potenzjal u l-ispeċifitàjiet li kull attur jista' jikkontribwixxi.

#### 4. Il-parteeipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-istrumenti u programmi ta' għajjuna differenti barra mill-UE

4.1 Il-KESE diġà esprima l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (ICD)<sup>(12)</sup>. Barra minn hekk, **il-KESE jemmen li s-soċjetà ċivili għandha tintervjeni fir-rigward tal-grupp ta' strumenti għall-kooperazzjoni** skont il-kunsiderazzjonijiet tad-Djalogu Strutturat u kif stabbilit fl-Aġenda għall-Bidla approvata riċentement.

<sup>(11)</sup> Għal valutazzjoni kompleta tar-rwol li jaqdu l-atturi mhux statali fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Cotonou, jekk jogħġbok irreferi għad-Dikjarazzjoni Finali tal-11-il Seminar Reġjonali tal-Gruppi ta' Interess Ekonomiku u Soċjali tal-AKP-UE, l-Etjopja, 2010, [http://www.eesc.europa.eu/resources/docs/f\\_ces6152-2010\\_decl\\_en.doc](http://www.eesc.europa.eu/resources/docs/f_ces6152-2010_decl_en.doc) (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(12)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Strument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) tal-Unjoni Ewropea", ĠU C 44, 11.2.2011, p. 123-128. Opinjoni tal-KESE dwar "Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla", COM(2011) 637 (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU).

4.2 Skont dak li hu propost fid-Djalogu Strutturat, il-KESE jqis li għandhom jiġu introdotti bidliet fis-sistema tal-għoti ta' fondi Ewropej tal-iżvilupp permezz tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-istrumenti stabbiliti fil-perspettivi finanzjarji 2014–2020 għandhom jipprevedu modalitajiet ġodda lil hinn mill-mekkaniżmi tradizzjonali ta' sussidju għall-proġetti. Għandhom jiġu introdotti b'mod urġenti, fost affarijiet oħra, arranġamenti bħall-"ftehimiet qafas", is-sussidji operattivi, is-sussidji kaskata (*cascading subsidies*) jew il-konvenzjonijiet multiannwali, li huma modalitajiet li, fuq żmien medju jew twil, jiggarrantixxu impatt akbar f'termini ta' żvilupp.

4.3 Bl-istess mod, jaqbel li jiġu stabbiliti fondi speċjali għall-każijiet urġenti, bħal pereżempju, il-proċessi demokratiċi fil-Mediterran, li ma jistgħux jistennaw l-approvazzjoni tas-sejthiet għas-sussidji u li jistgħu jitqiegħdu fil-prattika biss b'mod effettiv permezz ta' netwerking ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili varji, bħat-trejdjunjins, NGOs, organizzazzjonijiet ta' koperattivi, ta' negozji żgħar, organizzazzjonijiet tan-nisa, eċċ.

4.3.1 Bl-istess linja ta' ħsieb, in-netwerks, il-federazzjonijiet jew konfederazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu d-destinatarij prinċipali ta' dawn il-modalitajiet ta' finanzjament. Għalhekk, il-mekkaniżmi bħas-sussidji operattivi jew is-sussidji kaskata jkunu strument tajjeb li jżid il-valur miżjud tan-netwerks tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili involuti fl-iżvilupp.

4.3.2 Fil-qafas tal-Aġenda għall-Bidla, il-kooperazzjoni Ewropea għandha tittratta u terġa' tiddefinixxi l-mekkaniżmi tagħha ta' ppjanar u ġestjoni taċ-ċiklu tal-proġetti billi tiffoka fuq aspetti bħall-iżborż aktar fil-ħin tal-fondi u flessibilità adattata għaċ-ċirkostanzi. Bl-istess mod, għandha tingħata aktar importanza lill-appoġġ għall-fażijiet ta' dijanjosi u studju tal-fattibilità ta' azzjonijiet ta' żvilupp bħala mezz biex jiġi żgurat aħjar is-suċċess ta' dawn l-azzjonijiet.

4.3.3 Il-mudelli ta' finanzjament għandhom jinkludu tliet tipi ta' inċentivi għall-promozzjoni ta': 1) responsabbiltà dwar ir-riżultati tal-iżvilupp; 2) l-integrazzjoni u l-merġers bejn organizzazzjonijiet u l-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili globali; 3) tipi ġodda ta' netwerks u alleanzi fost diversi atturi.

4.3.4 It-Trattat ta' Lisbona jinkorpora dak li jissejjaħ Korp Volontarju Ewropew ta' Għajjuna Umanitarja (EVHAC), li bħalissa jinsab fil-fażi pilota f'idejn id-DĠ ECHO, u r-riżultati ta' din il-fażi pilota għandhom jiġu valutati bir-reqqa qabel ma jitnieda dan il-Korp. Il-KESE huwa konvint mill-**potenzjal materjali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jikkannalizzaw l-isforzi tal-volontarjat Ewropew fis-setturi kollha u, speċjalment, fl-iżvilupp**. Il-KESE jqis li, abbażi ta' kriterji definiti b'mod ċar, il-volontarjat għandu jinftiehem bħala kontribut *in natura* għall-proġetti soġġetti għall-kofinanzjament<sup>(13)</sup>.

<sup>(13)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Il-Komunikazzjoni dwar il-Politiki tal-UE u l-Volontarjat: Ir-Rikonossiment u l-Promozzjoni fl-UE tal-Ħidmiet Volontarji Transkonfinali" (Ara paġna 150 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

## 5. It-tisħiħ tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi msieħba

5.1 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ħafna drabi u f'diversi pajjiżi, iħabbtu wiċċhom ma' sitwazzjonijiet ta' vulnerabilità politika, istituzzjonali jew ekonomika kbira li jagħmlu l-ħidma tagħhom aktar diffiċli, jew jaġixxu f'kuntesti fejn jiġu mhedda, intimidati jew kriminalizzati. Ta' sikwit dan huwa r-riżultat ta' prattiki restrittivi min-naħa tal-gvernijiet. Il-KESE jtenni l-ħtieġa li tiġi inkorporata d-dimensjoni ta' superviżjoni tal-oqfsa leġiżlattivi, tal-libertajiet fundamentali u tal-miżuri ta' appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-politiki ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif ukoll regolamenti dwar l-azzjonijiet ta' żvilupp u kooperazzjoni.

5.2 Il-KESE huwa konxju li l-oqfsa regolatorji dwar l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma differenti ħafna kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi msieħba. Dan m'għandux jimpedixxi l-progress fir-rigward tal-istandards internazzjonali (bħal-libertà tal-assoċjazzjoni, tal-espressjoni, ta' għaqda, u biex wieħed ikun jista' jopera flibertà totali, jikkomunika u jikkoopera, ifittex finanzjament u jirċievi protezzjoni mill-istat) fiċ-ċirkostanzi u l-livelli kollha. Il-preżenza u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mhux biss ma jneħħux il-leġittimità tad-demokrazija rappreżentattiva iżda saħansitra jsaħ-ħuha jekk ikun hemm il-mezzi għat-tweqqif tagħha <sup>(14)</sup>. **Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili għandha tkun komponent reali ta' governanza u, għaldaqstant, tiġi adottata mill-UE bħala kriterju fir-relazzjoni tagħha mal-pajjiżi msieħba.**

5.3 **Id-dimensjoni istituzzjonali, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet organizzattivi** tal-organizzazzjonijiet msieħba ta' pajjiżi terzi, jisħoqqilhom rikonoxximent akbar min-naħa tal-kooperazzjoni Ewropea. Lil hinn mill-kapaċità tal-ġestjoni tal-proġetti, il-kontribut għat-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħala tali, jikkontribwixxi għall-iżvilupp integrali tas-soċjetajiet ikkonċernati. Għaldaqstant, għandha tiġi **mħeġġa l-kisba u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' dawn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-pajjiżi msieħba**, kemm b'mod ġenerali kif ukoll fil-qasam ta' proċeduri għall-aċċess għall-finanzjament Komunitarju, inklużi l-proġetti lokali fuq skala iżgħar, jew għall-parteċipazzjoni fin-negozjati ta' ftehimiet kummerċjali, pereżempju.

5.4 Fl-istess ħin, il-KESE jemmen li l-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE għandha tidistingwixxi l-organizzazzjonijiet li, minkejja li jsejħu lilhom infushom tas-soċjetà ċivili, ma jkunux demokratiċi jew jiddependu direttament mill-Istati.

5.5 Għandhom jiġi promossi **r-raggruppament u r-riko-noxximent legali bħall-korpijiet ta' parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi msieħba**. Kif ġie propost fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou jew fl-Amerika Latina, pereżempju, għandhom jibqgħu jiġu organizzati pjattiformi u netwerks rappreżentattivi fuq diversi livelli sabiex jiġu stabbiliti sinerġiji bejniethom u jitjiebu l-mezzi tagħhom għal relazzjoni mal-entitajiet pubbliċi.

5.6 L-eżistenza ta' punti fokali jew ta' persuni ddedikati biss għar-relazzjonijiet mas-soċjetà ċivili fid-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi msieħba rriżultat utli f'ħafna kuntesti differenti.

<sup>(14)</sup> Dak li huwa stabbilit fl-AAA u fil-Forum ta' Busan jorbot lill-pajjiżi kollha.

Ir-rwol tagħhom għandu jiġi approfondit filwaqt li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li janalizzaw is-sitwazzjoni fil-pajjiżi rispettivi u l-promozzjoni tal-kuntatt mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għandha tittejjeb il-koordinazzjoni bejn dawn il-punti fokali u l-KESE sabiex jinsiltu t-tagħlimiet u prattiki tajbin f'dan il-qasam.

5.7 It-tnedija tal-kunċett ta' sjeda demokratika għandha timxi id fid mat-twessigħ tal-possibiltajiet ta' aċċess għar-riżorsi ta' kooperazzjoni Komunitarja għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-pajjiżi msieħba, speċjalment għar-raggruppamenti, in-netwerks u l-organizzazzjonijiet l-aktar rappreżentattivi.

5.8 Fl-istess ħin għandu jsir progress **f'forom ġodda ta' kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** biex b'hekk jinfetħu mezzi ta' kooperazzjoni trijngolari, min-Nofsinhar lejn in-Nofsinhar, jew permezz ta' skambju ta' *know how*, assistenza teknika min-naħa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej u t-teknoloġija ta' ġestjoni, pereżempju. Dawn il-forom ġodda ta' kooperazzjoni jistgħu jkunu rilevanti ħafna għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-pajjiżi bi dħul medju li se jaraw tnaqqis fil-kooperazzjoni tradizzjonali tal-UE, ta' dawk fejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma ċentrali għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija u għall-promozzjoni tar-rikonoxximent tad-drittijiet taċ-ċittadinanza, it-tnaqqis tad-diżugwaljanzi, il-parteċipazzjoni ċivika, l-ugwaljanza tas-sessi, id-distribuzzjoni fiskali mill-ġdid, it-trasparenza jew il-protezzjoni tad-dispożizzjonijiet ambjentali.

## 6. Sensibilizzazzjoni tal-opinjoni pubblika u l-edukazzjoni għall-iżvilupp

6.1 L-UE żammet ir-rwol tagħha ta' donatur għall-iżvilupp anke f'perjodi ta' kriżi ekonomika. It-tkomplija ta' dan l-impenn hija sfida għall-Istati u l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. Dan l-impenn, fil-biċċa l-kbira, ser jiddependi fuq l-appoġġ pubbliku u l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-iżvilupp u l-problemi globali li jaffettwaw il-pajjiżi kollha.

6.2 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma mezz adattat għall-edukazzjoni għall-iżvilupp u s-sensibilizzazzjoni tal-opinjoni pubblika. Il-KESE jtenni l-importanza li tingħata attenzjoni lil dan is-suġġett, partikolarment fi żmien ta' kriżi. L-edukazzjoni għall-iżvilupp teħtieġ approċċi innovattivi biex jirkupraw in-natura tagħha ta' trasformazzjoni, sabiex iwasslu l-messaġġi tagħha lil gruppi akbar mit-tfal u ż-żgħażaġh. Għaldaqstant, l-innovazzjoni f'dan il-qasam timplika l-istabbiliment ta' alleanzi b'diversi atturi. Dan huwa rilevanti, b'mod partikolari, fil-pajjiżi li ssiehu riċentement fl-UE bi tradizzjoni inqas stabbilita ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u li fihom l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma inqas żviluppatti.

6.3 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej u l-KESE, minħabba r-rabta tagħhom mas-soċjetà ċivili Ewropea, huma fil-pożizzjoni li jindirizzaw dan il-kompitu ta' sensibilizzazzjoni tal-opinjoni pubblika. Huma jistgħu, barra minn hekk, jipprovdu l-kredibilità li jiksbu permezz tal-ħidma tagħhom fl-UE mas-setturi soċjali l-aktar differenti, fosthom dawk l-aktar vulnerabbli. Fid-dawl ta' dan, huwa fundamentali li fost l-għanijiet ta' sensibilizzazzjoni, tiddaħħal il-viżibbiltà tal-proġetti mwettqa mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi msieħba, jew, fost oħrajn, mal-imsieħba tal-politika ta' vċinat tal-UE.

6.4 Iż-żamma ta' linji ta' finanzjament speċifiċi għal ħidmiet ta' sensibilizzazzjoni u edukazzjoni għall-iżvilupp u t-twettiq ta' kampanji Ewropej għat-tixrid ta' informazzjoni dwar l-iżvilupp u l-kooperazzjoni huma fundamentali f'din il-perspettiva.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---



## III

(Atti preparatorji)

## IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

L-479 SESSJONI PLENARJA FIT-28U D-29 TA' MARZU 2012

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva"**

COM(2011) 785 finali — 2011/0370 (COD)

(2012/C 181/07)

Relatur ġenerali: **is-Sur FORNEA**

Nhar it-30 ta' Novembru 2011 u nhar il-15 ta' Diċembru 2011, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikoli 173(3) u 166(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva*

COM(2011) 785 finali – 2011/0370 (COD).

Nhar is-6 ta' Diċembru 2011, il-Bureau tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew inkariga lill-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar dan is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu 2012) li jaħtar lis-Sur Fornea bħala rapporteur ġenerali u adotta din l-Opinjoni b'168 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 3 astensjonijiet.

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 L-industriji kreattivi għandhom jiġu indirizzati billi jintrabtu maċ-ċiklu ġdid ta' żvilupp industrijali u għandhom jiġu kkunsidrati mhux separatament, iżda f'relazzjoni stretta u interdixiplinari ma' servizzi u proċessi oħra ta' produzzjoni. F'dan il-kuntest, ta' min iħares lejhom bħala xprun għall-iżviluppi innovattivi fl-industrija u s-settur tas-servizzi.

1.2 Is-setturi kulturali u kreattivi għandhom ikunu fost il-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, peress li jikkontribwixxu għal tip ġdid ta' tkabbir fl-UE u ta' min jenfasizza li l-iżviluppi attwali tal-industriji kreattivi qed jintlaqgħu tajjeb fl-Ewropa kollha u m'għandhomx jiġu limitati għal pajjiżi jew reġjuni partikolari.

1.3 Il-Kumitat jisħaq fuq l-importanza li għandhom l-aspetti ekonomiċi fil-Programm Ewropa Kreattiva u jaqbel mal-idea li dan il-Programm għandu jħeġġeġ lill-atturi kollha tas-setturi

kulturali u kreattivi sabiex jimmiraw lejn l-indipendenza ekonomika. Madankollu, jidher li l-Programm huwa ffukat wisq fuq l-oġettivi ġenerali tal-kompetittività, filwaqt li ma jagħtix biżżejjed viżibbiltà lill-oġettivi tal-promozzjoni tad-diversità lingwistika u kulturali fl-Ewropa.

1.4 Il-Kumitat jappoġġja bil-qawwa l-proposta biex jiżdied il-baġit ikkonċernat u jqis li l-pakkett totali ta' EUR 1,8 biljun allokat lill-Programm Ewropa Kreattiva għandu jinżamm. Dan il-pakkett jirrappreżenta żieda sinifikanti iżda huwa ammont relattivament baxx meta mqabbel mal-baġit tal-UE jew ir-riżorsi li ċerti Stati Membri jimmobilizzaw biex jappoġġjaw l-attivitàjiet kulturali.

1.5 L-amalgamazzjoni tal-programmi Kultura u MEDIA tista' tiġi aċċettata kemm-il darba l-komponenti proposti jkunu deskritti b'mod ċar u l-istatus tagħhom ikun iggarantit. Dan jista' jinkiseb jekk, filwaqt li jiġu skjerati skont il-bażi legali,

jigħu speċifikati l-persentaġġi li, fil-baġit, jikkorrispondu għal kull element u l-kwoti minimi allokatilhom. Għal aktar trasparenza u ċarezza, ta' min jistabbilixxi linji ta' azzjoni annwali.

1.6 Il-KESE jikkunsidra li s-suċċess tal-Programm Qafas Ewropa Kreattiva jiddependi bil-kbir mir-rabta li ssir bejn it-taqsimi MEDIA u t-taqsimi Kultura u, fl-istess ħin, mit-tfassil ta' approċċ trasversali li jikkontribwixxi sabiex jinħolqu linji ta' azzjoni komuni bejn il-programmi differenti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>.

1.7 Il-Kumitat jinnota n-nuqqas ta' indikazzjonijiet definiti tajjeb fir-rigward ta' kif il-Kummissjoni beħsiebha tinvolvi r-rappreżentanti tal-partijiet interessati fil-proċeduri ta' implimentazzjoni. L-Artikolu 7 mhuwiex ċar biżżejjed <sup>(2)</sup>. Ikun jaqbel li l-aċċess għall-finanzjament isir aktar faċli għall-organizzazzjonijiet kollha tal-ligħi privata li, billi jwettqu attivitajiet kulturali u kreattivi, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali li joperaw f'dan is-settur u l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha kkonċernati tas-soċjetà ċivili għandu jkollhom ukoll aċċess għal dan il-mekkaniżmu ta' faċilitar.

1.8 Hemm bżonn li jigħu ssemplifikati l-proċeduri amministrattivi, billi jigħu żviluppati applikazzjonijiet u proċeduri onlajn, aktar rapidi, biex jassiguraw il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-programmi <sup>(3)</sup>. Jeħtieġ ukoll li jittejjbu l-proċeduri u l-kapaċitajiet tekniċi tal-komunikazzjoni, tal-implimentazzjoni u tal-provvista tar-rapporti intermedji u finali, l-istess bħalma hemm bżonn li jiġi żgurat li l-fajls tal-benefiċjarji tas-sussidji tal-Programm jigħu proċessati b'mod aktar effikaċi.

1.9 Peress li r-Regolament jippreżenta format apert u flessibbli, il-komitoloġija proposta ma tiggerantixxi li l-Istati Membri ser ikollhom biżżejjed kontroll fuq il-proċess ta' implimentazzjoni tal-Programm. Ta' min jimmodifika l-proċeduri tal-kumitati sabiex l-esperti tal-Istati Membri jkunu jistgħu jiltaqgħu regolarment biex jiddiskutu l-proġetti li jkunu ntgħażlu. Bl-istess mod, għandha tiġi prevista proċedura ssemplifikata sabiex wara valutazzjoni perijodika l-parametri speċifiċi tal-linji ta' azzjoni jigħu adattati.

1.10 Barra minn hekk, in-natura aperta u flessibbli ta' dan il-format twassal sabiex il-gwida tal-Programm ikollha importanza partikolari, billi ser tkun hi li tindika b'mod preċiż liema huma l-azzjonijiet li jridu jitwettqu, liema huma l-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni, il-livelli ta' kofinanzjament, eċċ. Il-Kumitat

<sup>(1)</sup> Huma kkonċernati programmi bħal daww imsemmijin fid-dettall fl-Artikolu 13(1)(b) tal-Proposta għal Regolament.

<sup>(2)</sup> It-test tal-Artikolu 7 tal-Proposta għal Regolament jirreferi għall-mekkaniżmu li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament "għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u organizzazzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej".

<sup>(3)</sup> Il-proċedura, kif inhi bħalissa, hija waħda diffiċli ħafna, minħabba li d-dokumenti kollha jridu jintbagħtu bil-posta filwaqt li t-tweġibiet kultant idumu tliet xhur jew erbgħa biex jaslu.

jitlob lill-Kummissjoni sabiex jifassal b'mod apert u trasparenti u jesprimi l-interess tiegħu sabiex jieħu sehem f'dan il-proċess.

1.11 Il-Kumitat iqis li hemm bżonn li l-Proposta tal-Kummissjoni maħsuba biex tgħaqqad flimkien il-punti ta' kuntatt tal-Programm Kultura u l-Programm MEDIA fi ħdan l-uffiċċji tal-Programm Ewropa Kreattiva tiġi indirizzata b'mod aktar flessibbli, filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet reġjonali speċifiċi tal-Istati Membri. Jenfasizza li huwa importanti li tiġi ppreżervata l-prossimità ġeografika mal-atturi taż-żewġ setturi, kif ukoll li jinżamm għarfien espert separat għat-taqsimi Kultura u t-taqsimi MEDIA, billi jeżistu differenzi sinifikanti bejniethom f'dak li huma r-realtajiet u l-modi ta' żvolġiment tal-attivitajiet li jitwettqu fil-qafas rispettiv tagħhom. Il-ħolqien tal-uffiċċji l-ġodda għall-Programm Ewropa Kreattiva għandu jsir abbażi tal-esperjenza li l-punti ta' kuntatt Kultura u l-uffiċċji MEDIA kisbu s'issa.

1.12 Jekk il-mekkaniżmu finanzjarju propost huwa pass fit-triq it-tajba, dan għandu jingħata pubbliċità, sabiex ikun jista' jinbidel il-mod kif l-istituzzjonijiet finanzjarji jħarsu lejn l-intraprendituri tas-settur kulturali u kreattiv u jivvalutawh. L-istrument għandu jiżgura kopertura ġeografika bilanċjata u l-funzjonament tiegħu m'għandux ikun ta' ħsara għall-mekkaniżmi ta' għajjuna f'forma ta' sussidji.

1.13 Il-proprjetà intellettuali tirrappreżenta fattur ewlieni biex tingħata spinta lill-kreazzjoni u lill-investimenti fil-produttjoni tal-kontenut kulturali u kreattiv, kif ukoll biex jigħu remunerati l-kreaturi u jitwessgħu l-possibilitajiet ta' impjeg f'dawn l-attivitajiet. F'dan il-kuntest, il-KESE jisħaq fuq l-importanza li d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jigħu implimentati b'mod effettiv, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak internazzjonali.

1.14 L-għażla u l-implimentazzjoni tal-proġetti finanzjarji permezz tal-Programm Ewropa Kreattiva għandhom isiru bir-rispett sħiħ tal-prinċipji u l-valuri tal-UE fil-qasam tad-demokrazzija, id-drittijiet tal-bniedem u tal-ħaddiema u r-responsabbiltà soċjali. Għandu wkoll jiġi previst mekkaniżmu biex il-vjolenza u d-diskriminazzjoni ma jitħallewx jiżviluppaw fil-proċess tat-twettiq tal-proġetti ffinanzjati permezz ta' dan l-istrument.

## 2. Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament

2.1 Ir-Regolament li qed jiġi diskuss hawnhekk jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva, maħsub biex jappoġġja s-setturi kulturali u kreattivi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Il-Programm għandu jappoġġja biss daww l-azzjonijiet u attivitajiet li potenzjalment jippreżentaw valur miżjud Ewropew u jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġġettivi tal-Istrategġija Ewropa 2020 u l-inizjattivi ewlenin tagħha.

2.2 L-oġġettivi ġenerali tiegħu huma li jrawwem is-salvagwardja u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika Ewropea, kif ukoll li jsaħħaħ il-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi bil-għan li jiġi promoss it-kabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

2.3 L-objettivi speċifiċi tiegħu jikkonsistu f'dan li ġej:

- li jappoġġja l-kapaċità tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej sabiex joperaw b'mod transnazzjonali;
- li jippromovi ċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali tax-xogħlijiet u l-operaturi kulturali u kreattivi u jilħaq udjenzi ġodda fl-Ewropa u lil hinn;
- li jsaħħaħ il-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi, u b'mod partikolari l-impriżi żgħar u medji u l-organizzazzjonijiet;
- li jappoġġja l-kooperazzjoni politika transnazzjonali sabiex irawwem l-iżvilupp tal-politika, l-innovazzjoni, il-bini tal-udjenza u mudelli goddatan-negozju.

2.4 Il-Programm għandu l-istruttura li ġejja:

- taqsima transetturali indirizzata għas-setturi kulturali u kreattivi kollha (15 % tal-baġit totali);
- taqsima Kultura indirizzata għas-setturi kulturali u kreattivi (30 % tal-baġit totali);
- taqsima MEDIA indirizzata għas-settur awdjoviżiv (50 % tal-baġit totali).

### 3. Kummenti ġenerali

3.1 Fl-2008, is-setturi kulturali u kreattivi impjegaw 3,8 % tal-ħaddiema Ewropej u kkontribwixxew għal 4,5 % tal-PDG tal-Unjoni Ewropea. Il-KESE huwa konvint li l-Programm Qafas Ewropa Kreattiva ser jgħin fit-tweqqif tal-Istrateġija Ewropa 2020 u bħall-Kummissjoni jqis li l-innovazzjoni, il-kreattività u l-kultura għandhom jaqdu rwol essenzjali fl-iżvilupp modern taċ-ċittadin Ewropew u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-intraprenditorija, it-tkabbir intelliġenti u sostenibbli u l-kisba tal-objettivi relatati mal-integrazzjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea.

3.2 Il-fattur politiku li jwassal biex jiġi vvalutat mill-ġdid ir-rwol tal-kultura fil-politiki nazzjonali u Ewropej għandu jiġi ddeterminat mir-relazzjoni kumplessa bejn il-kultura u l-ekonomija, kif ukoll mill-kontribut tal-industriji kulturali u kreattivi għall-iżvilupp tal-Istati Membri, għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u għall-konsolidazzjoni tas-sens ta' appartenenza għall-ispazju Ewropew. Għalhekk, jeħtieġ li l-programm il-ġdid ta' għajnuna finanzjarja jirrifletti l-ħtiġijiet tas-setturi kulturali u kreattivi fl-era diġitali, billi jiġi adottat approċċ aktar prammaturiku u eżawrjenti.

3.3 Is-settur kulturali mhuwiex omoġenju u jippreżenta għadd ta' modi partikolari ta' tħaddim. B'hekk, l-attivitatijiet relatati mal-produzzjoni mużikali u diskografika jsegwu mudell ekonomiku speċifiku u jsiru f'ambjent li huwa radikalment differenti minn dak tal-arti tal-ispettaklu. Għaldaqstant, jeħtieġ li bis-saħħa tal-komponenti tiegħu, il-Programm Ewropa Kreattiva jawtorizza approċċi flessibbli, li permezz tagħhom ikun aktar

faċli għall-benefiċjarji eventwali tiegħu, kif immirati fil-Proposta għal Regolament, li jkollhom aċċess għalih u li jagħmlu użu effikaċi minnu.

### 4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew diġà esprima fehmietu dwar l-industriji kulturali u kreattivi fl-opinjoni li adotta, bl-istess isem, waqt is-sessjoni plenarja tiegħu ta' Ottubru 2010 u li kellha lis-Sur Cappellini u lis-Sur Lennardt rispettivamente bħala relatur u korelater. Dan it-test kien tfassal fil-kuntest tal-konsultazzjonijiet dwar il-Green Paper dwar "L-esplojtazzjoni tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi".

4.2 Din l-opinjoni dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva mhijiex ser tittratta mill-ġdid is-suġġetti li kienu diġà ġew indirizzati fl-opinjoni dwar il-Green Paper; minflok, ser tipprova tappoġġja lill-Kummissjoni billi tressaq kummenti diretti dwar it-test li pproponiet fit-23 ta' Novembru 2011, fid-dokument COM(2011) 785 final.

4.3 L-operaturi attivi f'dawn is-setturi approvaw li l-baġit tal-Programm għola għal EUR 1,8 biljun għall-perjodu 2014-2020, avolja dan it-tkabbir għandu jitqies f'relazzjoni maż-żieda tan-numru ta' pajjiżi benefiċjarji u t-tweqsigħ tal-konfini tal-industriji kreattivi li jkopri. Ir-Regolament ma jiddefinixxi b'mod ċar l-espresjoni "industriji kreattivi" u kien ikun opportun li t-test tiegħu jipprovdi aktar informazzjoni preċiża dwar il-kampi ta' azzjoni li jkopri eżattament, kif ukoll dwar l-atturi kkonċernati.

4.4 L-atturi tas-settur kulturali u awdjoviżiv iqisu l-amalgamazzjoni tal-programmi attwali Kultura 2007-2013, MEDIA u MEDIA MUNDUS fi programm qafas wieħed, li jgħib l-isem "Ewropa Kreattiva", bħala inizjattiva pożittiva u kostruttiva tal-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, ta' min jikkunsidra aktar bir-reqqa l-mod kif ġie traspost kull wieħed minn dawn iż-żewġ elementi, politiki jew proċessi ta' natura ġenerali, peress li huwa essenzjali li jitqiesu l-karatteristiċi proprji ta' dawn is-setturi, li jvarjaw b'mod reċiproku mil-lat tal-atturi ewlenin, tal-loġika finanzjarja, tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni.

4.5 L-ewwel nett, il-partijiet interessati tas-settur kulturali ser joqogħdu attenti għat-tipi ta' finanzjament pubbliku, għall-kundizzjonijiet ta' aċċess u għall-kriterji ta' eliġibbiltà previsti fil-Programm. Min dawn il-parametri ser tiddependi ħafna l-intensità tal-impenn tagħhom u tal-appoġġ li ser jagħtu lill-azzjonijiet proposti fil-Programm Qafas il-ġdid.

4.6 Mil-lat professjonali, jidher li s-settur awdjoviżiv jinsab ġeneralment sodisfatt fir-rigward tal-effikaċja tal-Programm MEDIA attwali, kif ukoll fir-rigward tal-politiki l-ġodda previsti fil-Programm Qafas Ewropa Kreattiva. Il-professjonisti tas-settur japprezzaw il-Programm MEDIA għall-għajnuna li joffri u għar-rilevanza tiegħu fis-suq awdjoviżiv. It-taqsima MEDIA tal-Programm Qafas il-ġdid f'it li xejn hija differenti mill-Programm attwali. Madankollu, it-test tar-Regolament il-ġdid jista' jipprovdi aktar informazzjoni preċiża, f'forma ta' annessi li jidħlu fid-dettall ta' kull linja ta' azzjoni kkonċernata, kif ukoll il-baġit previst għat-tweqqif ta' dawn il-linji ta' azzjoni.

4.7 Il-KESE jilqa' l-inizjattiva li ħadet il-Kummissjoni biex tissemplifika l-proċeduri ta' ġestjoni tal-Programm Kultura u l-Programm MEDIA bis-saħħa tal-applikazzjoni fuq skala akbar tar-rati fissi, l-użu tal-konvenzjonijiet qafas ta' sħubija u tal-proċeduri elettroniċi, kif ukoll ir-riforma tal-istrumenti ta' ħidma tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura.

4.8 Jeħtieġ li jtfasslu miżuri adatti sew biex jiżguraw "kundizzjonijiet indaqs fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej billi jkunu kkunsidrati l-pajjiżi b'kapaċità tal-produzzjoni baxxa u/jew pajjiżi jew reġjuni b'żona ġeografika u lingwistika ristretta".<sup>(4)</sup>

4.9 Il-KESE jqis li hemm bżonn li fost il-prijoritajiet jiġu introdotti mill-ġdid miżuri biex jipromovu l-mobbiltà tal-artisti, id-djalogu interkulturali u l-edukazzjoni artistika, kif ukoll biex jikkoordinaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament li qed jiġi diskuss hawnhekk ma' testi oħra tal-Unjoni Ewropea li jinteressaw lil dawn is-setturi u li jiżviluppaw mekkaniżmi bbażati fuq strumenti li jħeġġu lill-artisti jieħdu sehem fattivajiet kulturali jew tours barra minn pajjiżhom.

4.10 Il-Proposta għal Regolament tagħti attenzjoni partikolari għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u għall-kreaturi meqjusa individwalment. Madankollu, l-organizzazzjonijiet trej-djunjonistiċi jiddispiacijhom li r-Regolament iqis il-kreaturi kulturali, il-persuni u l-intrapriżi kreattivi tas-settur biss bħala sempliċi provvedituri ta' servizzi u jqisu li teżisti ħtieġa konsiderevoli li l-għoti ta' għajnnuna finanzjarja jkun soġġett għar-rispett ta' standards ta' protezzjoni soċjali li jkunu kapaċi jeliminaw il-fatturi ta' prekarjetà li spiss jinsabu fil-kuntratti fuq perjodu qasir li jikkarakterizzaw il-proġetti f'dan il-qasam.

#### *Sfidi u dgħufijiet tal-Proposta ġdida għal Regolament*

##### *Fil-livell ġenerali:*

4.11 Iż-żieda tal-baġit hija aħbar tajba iżda ta' min jikkunsidra l-aspetti li ġejjin:

- iż-żieda tan-numru ta' pajjiżi benefiċjarji;
- l-estensjoni tal-oqsma ta' finanzjament;
- il-htigijiet il-ġodda għat-tranzizzjoni lejn is-soċjetà diġitali;
- id-deprezzament monetarju;
- il-ħtieġa li nżommu f'moħħna t-tqabbil bejn il-baġit propost fir-Regolament, jiġifieri EUR 1,8 biljun għall-perjodu 2014-2020, u dak li Franza (EUR 7,5 biljun) jew il-Ġermanja (EUR 1,1 biljun) talloka kull sena, kif ukoll il-ħtieġa li dan il-baġit jitqies f'paragun mal-ammont totali tal-baġit Ewropew.

<sup>(4)</sup> Artikolu 3(2)(d) tal-Proposta għal Regolament.

4.12 Id-diversità kbira tal-politiki li jħaddnu l-Istati Membri twassal sabiex minn pajjiż għall-ieħor jinħolqu distorsjonijiet bejn il-partijiet interessati fil-qasam tal-possibbiltajiet ta' aċċess għall-programmi b'finanzjament pubbliku mmirati lejn is-settur awdjoviżiv u kulturali.

4.13 Rigward l-industriji kreattivi, is-sinerġiji li jeżistu bejn il-programmi dedikati għall-innovazzjoni u l-kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs u l-Programm Ewropa Kreattiva huma dgħajfa, jew saħansitra ineżistenti. Għandha ssir aktar faċli li dawn is-sinerġiji jingħaqdu flimkien permezz ta' rabtiet aktar stretti bis-saħħa tal-possibbiltajiet li joffri l-iżvilupp tat-teknoloġiji diġitali.

##### *Fil-livell operattiv:*

4.14 Il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Programm mill-atturi kkonċernati huma kumplessi ħafna mil-lat amministrattiv u dan iwassal għal spejjeż għoljin ta' amministrazzjoni li fil-prattika jnaqqsu l-baġit allokat għall-produzzjoni tal-proġetti u għat-tixrid tagħhom.

4.15 Waħda mill-problemi rikurrenti li jqajmu l-partijiet interessati tas-settur u li taffettwa b'mod partikolari l-intrapriżi ż-żgħar tikkonċerna t-tul ta' żmien meħtieġ biex jinkisbu s-sussidji.

4.16 Rigward il-mekkaniżmu finanzjarju l-ġdid li tfassal sabiex l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u operatori oħrajn ikollhom aċċess għall-krediti aktar faċilment, l-użu ta' dan it-tip ta' strument finanzjarju mhuwiex komuni fil-qasam kulturali. Jeżisti r-riskju li l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jurux interess biex jieħdu sehem, minħabba l-ammonti baxxi kkonċernati, in-nuqqas ta' għarfien dwar il-problemi speċifiċi tas-settur kulturali u r-rendiment dgħajef ta' ċerti tipi ta' proġetti relatati, li ma jistgħux jeżistu mingħajr għajnnuna mill-fondi pubbliċi.

4.17 Il-monitoraġġ operattiv u l-ġestjoni tal-garanziji mogħtija fil-qafas tal-mekkaniżmu finanzjarju jitwettqu mill-Fond Ewropew ta' Investiment (FEI), li m'għandux għarfien espert speċifiku fil-qasam kulturali.

4.18 Il-Fond ta' Garanzija ta' Produzzjoni tal-MEDIA, li tnieda fl-2010 u li għandu għarfien espert rikonoxxut fil-qasam tiegħu, jagħti xhieda tal-ħtieġa ta' sinerġija akbar bejn l-istrument finanzjarju l-ġdid u l-mekkaniżmi eżistenti<sup>(5)</sup>.

4.19 Teoretikament, hija idea tajba li l-punti ta' kuntatt Kultura u l-uffiċċji MEDIA jingħaqdu flimkien f'uffiċċju wieħed Ewropa Kreattiva, peress li l-għan ta' dan l-aġġustament huwa li b'hekk tiġi garantita ċentralizzazzjoni tal-informazzjoni dwar il-programmi disponibbli u li jinkisbu ekonomiji ta' skala bis-saħħa tal-mutwalizzazzjoni tar-riżorsi.

<sup>(5)</sup> Nistgħu nsemmu l-eżempju tal-IFCIC (Institut pour le financement du cinéma et des industries culturelles – Istitut għall-finanzjament taċ-ċinema u tal-industriji kulturali) fi Franza, jew inkella, fi Spanja, l-Audiovisual SGR, organizzazzjoni mwaqqfa fi tmiem l-2005 fuq inizjattiva tal-Ministeru Spanjol għall-Kultura, bil-parteċipazzjoni tal-ICAA (Istituto de la cinematografía y de las artes audiovisuales – Istitut ċinematografiku u tal-arti awdjovizjivi) u ta' entitajiet li jiġġestixxu d-drittijiet tal-produtturi ta' xogħlijiet awdjoviżivi fil-pajjiż.



4.20 Fil-livell operattiv, huwa possibbli li jinkisbu sinerġiji, l-aktar fil-qasam tal-ġestjoni komuni u l-komunikazzjoni, iżda huwa importanti li wieħed iqis tajjeb li ċerti pajjiżi, bħal Franza jew il-Ġermanja, żviluppaw netwerk ta' uffiċċji reġjonali li jirriflettu d-diversità kulturali u li l-missjoni tagħhom hi li jippreżervaw relazzjoni mill-qrib mal-atturi lokali. Barra minn hekk, is-settur kulturali u dak awdjoviżiv għandhom attivitajiet bażiċi pjuttost differenti: in-netwerks ta' produzzjoni u ta' tixrid tagħhom huma differenti u l-partijiet interessati l-kbar tagħhom jeħtieġu tipi differenti ta' għarfien espert.

4.21 Minn dan il-lat, ċentralizzazzjoni bħal din jaf ikollha l-effett negattiv li l-kompetenzi jspiċċaw livellati. L-iffrankar miksub b'dan il-mod jaf ikun negliġibbli u ma jiġġustifikax

il-modifiki proposti. Nistgħu nqisu wkoll b'ċertu nuqqas ta' fiduċja l-idea li l-uffiċċji jirċievu l-missjoni addizzjonali li jipprovdou data statistika u li jgħinu lill-Kummissjoni tiżgura komunikazzjoni adegwata u xxandar ir-riżultati u l-impatt tal-Programm mingħajr ma ġew previsti r-riżorsi finanzjarji meħtieġa għal dan il-komputu.

4.22 Il-modifiki proposti fil-qasam tal-komitologġija jafu joffendu ċerti sensibilitajiet, peress li l-Kummissjoni qed tippromponi bidliet ta' proċedura fil-kumitati għall-programmi kollha. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ser jitilfu s-setgħa ta' kodeċiżjoni u ta' koġestjoni tagħhom għall-benefiċċju tal-Kummissjoni Ewropea u r-rwol tagħhom ser ikun limitat għall-validazzjoni tal-proġetti magħżula minn qabel.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Taxxa doppja fis-Suq Uniku”**

COM(2011) 712 finali

(2012/C 181/08)

Relatur: **is-Sur FARRUGIA**

Nhar il-11 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Taxxa doppja fis-Suq Uniku*

COM(2011) 712 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'135 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 10 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 It-taxxa doppja hija ostaklu serju għall-attività transkonfinali billi ma tippermettix il-funzjonament effikaċi tas-Suq Uniku b'implikazzjonijiet ekonomiċi negattivi fuq l-investiment u l-impjieg. It-taxxa doppja tiskoraġġixxi l-investiment u tipperikola l-kompetittività li b'hekk tinfluwenza negattivament it-kabbir ekonomiku u l-kisba tal-miri tal-UE2020.

1.2 Permezz ta' numru ta' dokumenti ta' opinjoni, il-KESE saħaq fuq l-importanza tat-tneħħija tat-taxxa doppja. Huwa appoġġa l-proposti mmirati biex jittieħdu iktar malajr il-miżuri sabiex tiġi evitata t-taxxa doppja kif ukoll it-tisħiħ tas-simplifikazzjoni amministrattiva fis-sitwazzjonijiet transkonfinali, u sabiex jitħeġġeġ suq intern fejn hi prevalenti l-kompetizzjoni ġusta.

1.3 Meta jqis dan, il-KESE huwa favur l-inizjattivi li jridu jneħħu t-taxxa doppja kif stabbilit fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni<sup>(1)</sup> billi jiġi promoss “interfacing” effiċjenti tar-reġimi fiskali differenti.

1.4 Il-KESE huwa wkoll tal-opinjoni li t-tneħħija tat-taxxa doppja għandha ssir b'mod li hu proporzjonali mal-obiettivi meħtieġa u tirrispetta s-sovranià fiskali tal-Istati Membri individwali.

1.5 Il-KESE barra minn hekk huwa wkoll tal-opinjoni li l-kwistjonijiet relatati mat-taxxa doppja għandhom impatt iktar

sproporzjonat fuq l-individwi u kumpaniji żgħar u ta' daqs medju li normalment m'għandhomx ir-risorsi biex jindirizzaw tali problemi. B'riżultat ta' dan, filwaqt li l-KESE huwa favur il-komunikazzjoni, jenfasizza li proposti mmirati biex jittrattaw it-taxxa doppja jeħtieġ li jkunu koerenti ma' miżuri li jittrattaw it-taxxa doppja għaċ-ċittadini kif ukoll li jinkludu soluzzjonijiet għall-individwi u l-SMEs.

1.6 Il-KESE jaqbel li t-twaqqif ta' Forum tal-UE dwar it-Taxxa Doppja huwa msejjes fuq l-istess prinċipji tal-Forum Konġunt dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment, u li wera kemm huwa effikaċi. Madankollu jipproponi li l-forum jitqies bħala l-ewwel pass lejn it-twaqqif ta' osservatorju tal-Kummissjoni tal-UE li l-KESE diġà ressaq bħala mezz biex jitneħħew l-ostakli transkonfinali għaċ-ċittadini<sup>(2)</sup>. Lejn it-tmiem, il-funzjonijiet tal-osservatorju jistgħu jiġu estenzi iktar sabiex jinkludu rwol investigattiv dwar l-effikaċja attwali tal-isforzi biex titneħħa t-taxxa doppja għaċ-ċittadini, l-SMEs kif ukoll il-kumpaniji l-kbar.

1.7 Il-KESE jissuġġerixxi li l-Forum tal-UE dwar it-Taxxa Doppja tinkludi wkoll rappreżentazzjoni mis-soċjetà ċivili organizzata.

1.8 Il-KESE jappoġġa wkoll it-tfassil ta' kodiċi tal-kondotta li jippermetti ftehim komuni u applikazzjoni ta' kunċetti dwar it-taxxa bejn l-Istati Membri differenti, sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' taxxa doppja u jitnaqqsu ċirkustanzi fejn id-DTCs mhumiex effikaċi. Dan iwassal biex jiġi evitat l-arbitraġġ.

<sup>(1)</sup> COM(2011) 712 final.

<sup>(2)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar *It-tneħħija ta' ostakoli fiskali transkonfinali għaċ-ċittadini tal-UE*, ĠU C 318, 29.10.2011, p. 95.

1.9 Filwaqt li l-KESE huwa favur l-istudju tal-fattibbiltà ta' riżoluzzjoni tat-tilwim effiċjenti, jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-isforzi għandhom ikunu mmirati sabiex jiżguraw użu limitat tal-arbitraġġ.

1.10 Il-KESE huwa favur l-istudju tal-iskala sħiħa tal-fenomeni tal-ebda taxxa doppja u l-implikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali tiegħu, kif ukoll dawk li potenzjalment jistgħu jsejtnu permezz ta' miżuri mmirati għat-tneħħija tiegħu.

1.11 Fl-aħħar nett, il-KESE jenfasizza li l-proposti kollha għandhom jiġu vvalutati permezz ta' valutazzjonijiet ekonomiċi u soċjali bir-reqqa u li dawn għandhom jippreżentaw l-impatti fuq kull Stat Membru.

## 2. Kontenut u sfond tal-proposta

2.1 It-taxxa doppja tohq inċertezza legali li xxekkel l-attività ekonomika taċ-ċittadini u l-kumpaniji. Twassal għal piż ikbar tat-taxxa globali u telf tas-sigurtà soċjali li ma trendix, piż amministrattiv ikbar għalhejn u li jkollu impatt negattiv fuq l-investiment u t-tħaddim tas-Suq Uniku li min-naħa tagħhom jinfluwenzaw b'mod negattiv il-kompetittività u l-impjegji. Konsultazzjoni mill-Kummissjoni turi s-sinifikat tal-problema tat-taxxa doppja, hekk kif iktar minn 20 % tal-każi rappurtati jiswew 'l fuq minn EUR 1 miljun għall-kontribwenti fiskali korporattivi u iktar minn 35 % tal-każi jiswew 'l fuq minn EUR 100 000 għall-individwi.

2.2 Il-komunikazzjoni<sup>(3)</sup> mressqa mill-Kummissjoni tenfasizza l-importanza li tiġi affrontata l-problema tat-taxxa doppja<sup>(4)</sup> sabiex jiġi żgurat li s-Suq Uniku jkun effettiv u li jintlaħqu l-oġġettivi mniżżla fl-istrateġija Ewropa 2020.

2.3 Il-komunikazzjoni tappella sabiex ikun hemm iktar koordinazzjoni fejn tidħol it-taxxa bħala mezz sabiex jiġi żgurat qafas għall-politika ekonomika iktar b'saħtu fiż-żona tal-euro. Dan jiġi spjegat fl-Att dwar is-Suq Uniku<sup>(5)</sup> li jenfasizza l-importanza tat-tneħħija tal-ostakli transkonfinali għaċ-ċittadini tal-UE kif ukoll il-piż tat-taxxa amministrattiva għall-kumpaniji. Dan tal-aħħar attwalment qiegħed jiġi indirizzat permezz tal-proposta tal-Kummissjoni għal bażi komuni konsolidata tat-taxxa korporattiva (BKKTK)<sup>(6)</sup>. Il-Komunikazzjoni tirreferi wkoll għall-bżonn ta' netwerk effikaċi għall-Konvenzjonijiet dwar it-Taxxa Doppja bejn l-Istati Membri u l-importanza li jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mat-taxxa doppja fuq il-wirt.

2.4 Il-komunikazzjoni tiffoka fuq li jiġu indirizzati l-ostakoli relatati mat-taxxa doppja u turi li din il-kwistjoni hija saħansitra

iktar importanti waqt perjodu ta' kriżi ekonomika. Il-komunikazzjoni turi li, minn perspettiva dinamika, it-tneħħija tat-taxxa doppja u l-indirizzar tal-ebda taxxa doppja jistgħu jkunu sors ta' dħul mit-taxxa għall-gvernijiet.

2.5 Il-komunikazzjoni tirrikonoxxi li filwaqt li numru ta' Stati Membri (MS) diġà qed jindirizzaw il-kwistjoni ta' taxxa doppja permezz ta' ftehimiet unilaterali, bilaterali u multilaterali, it-Trattat UE ma jobligax lill-Istati Membri biex ineħħu t-taxxa doppja.

2.6 Il-komunikazzjoni telenka numru ta' żoni li ġew esplorati mill-Kummissjoni bħala mezz sabiex tiġi trattata t-taxxa doppja inklużi d-Direttiva dwar Kumpaniji Prinċipali, id-Direttiva dwar l-Imgħax u r-Royalties, il-Konvenzjoni dwar l-Arbitraġġ (AC), il-Forum Konġunt dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment (JTPF), ir-rakkomandazzjonijiet dwar proċeduri għall-ħelsien mit-taxxa minn ras il-għajn u l-proposta għal Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva (BKKTK).

2.7 Il-komunikazzjoni tirrimarka wkoll li filwaqt li dawn l-isforzi kienu rilevanti, ma joperawx b'mod effikaċi biżżejjed. B'riżultat ta' dan, il-komunikazzjoni tirreferi għal dawn is-soluzzjonijiet possibbli li ġejjin, iżda mingħajr ma tidħol fid-dettall ta' kwalunkwe minn dawn il-proposti:

— It-tisħiħ tal-istrumenti eżistenti b'mod partikolari fir-rigward tad-direttiva dwar l-imgħax u r-royalties. Il-Kummissjoni pproponiet riformulazzjoni tad-direttiva fl-istess waqt mal-COM(2011) 712, biex b'hekk tiġi trattata t-taxxa minn ras il-għajn sabiex titnaqqas it-taxxa doppja fuq tali ħlas. Il-KESE adotta opinjoni dwar ir-riformulazzjoni tad-direttiva<sup>(7)</sup>.

— Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-ambitu tal-konvenzjonijiet dwar it-taxxa doppja fir-rispett tal-indirizzar ta' soluzzjonijiet triangolari u ta' kif għandhom jiġu trattati entitajiet u taxxi mhux koperti mill-Konvenzjonijiet dwar it-Taxxa Doppja (DTC) fi ħdan l-UE, bi proposta għal djalogo msaħħaħ bejn l-Istati Membri f'każ ta' tilwim.

— Passi maħsuba sabiex ikun hemm interpretazzjoni u implementazzjoni iktar konsistenti tad-dispożizzjonijiet tad-DTCs bejn l-Istati Membri. Dan jirreferi għall-adozzjoni potenzjali ta' Forum tal-UE dwar it-Taxxa Doppja li jiżviluppa kodiċi tal-kondotta dwar it-taxxa sabiex jiġu indirizzati kunflitti minħabba l-interpretazzjoni tal-kunċetti applikabbli bejn l-Istati Membri u li jinstabu fid-DTCs.

<sup>(3)</sup> COM(2011) 712 final.

<sup>(4)</sup> It-taxxa doppja tiġi spjegata bħala impożizzjoni ta' taxxi komparabbli minn żewġ ġurisdizzjonijiet fiskali (jew aktar) fir-rigward tal-istess dħul jew kapital taxxabli.

<sup>(5)</sup> COM(2011) 206 final.

<sup>(6)</sup> COM(2011) 121 final.

<sup>(7)</sup> Ara Opinjoni tal-KESE (ĠU C 143, 22.5.2012, p. 46) dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati minn Stati Membri differenti (riformulazzjoni), COM(2011) 714 final.

— Sabiex tiġi indirizzata l-assenza ta' mekkaniżmu vinkolanti globali għat-tilwim, il-Kummissjoni tipproponi soluzzjoni fl-aħħar verżjoni tal-Artikolu 25 tal-konvenzjonijiet dwar il-Mudell tat-Taxxa tal-OECD (2008) li tirreferi għal proċedura ta' ftehim reċiproku bi proċedura vinkolanti għas-soluzzjoni tat-tilwim għall-proċeduri pendenti kollha dwar it-taxxa doppja.

2.8 Fl-aħħar nett, il-komunikazzjoni tenfasizza l-passi ulterjuri li għandhom jittieħdu:

- ħidma sabiex jiġu żviluppati l-għażliet imressqa fil-komunikazzjoni prinċipalment it-twaqqif ta' forum, l-iżvilupp ta' kodiċi tal-kondotta u tiġi ddeterminata l-fattibbiltà ta' mekkaniżmu effiċjenti għas-soluzzjoni tat-tilwim;
- preżentazzjoni ta' soluzzjonijiet possibbli, li dal-aħħar ġew mnedija mill-Kummissjoni <sup>(8)</sup>, sabiex jiġu affrontati l-ostakli mit-taxxa għall-wirt transkonfinali fi ħdan l-UE;
- jkompli jiġi użat il-JTPF, li riċentement ġie rinnovat, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar taxxa doppja fuq l-ipprezzar tat-trasferimenti;
- matul is-sena jitressqu soluzzjonijiet dwar it-taxxa doppja transkonfinali fuq dividends mħallsa lill-investituri b'portafoll;
- it-tnedija ta' missjoni għall-ġbir tal-fatti sabiex jiġi stabbilit l-effett tat-taxxa doppja.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-KESE huwa favur li tiġi indirizzata t-taxxa doppja, li hi meqjusa ta' detriment għall-investment u u għaldaqstant il-ħolqien ta' impjiegi u attività ekonomika. Filfatt, il-KESE, permezz ta' numru ta' dokumenti ta' opinjoni, enfasizza l-importanza tat-tneħħija tat-taxxa doppja. Il-KESE appoġġja l-proposti mmirati biex jittieħdu iktar malajr il-miżuri sabiex tiġi evitata t-taxxa doppja kif ukoll għat-tisħiħ tas-simplifikazzjoni amministrattiva fis-sitwazzjonijiet transkonfinali <sup>(9)</sup>, u lejn it-twaqqif ta' prinċipji komuni sabiex jiġi mħeġġeġ suq intern fejn tiddomina l-kompetizzjoni ġusta <sup>(10)</sup>.

3.2 Il-KESE adotta wkoll l-isforzi tal-Kummissjoni mmirati sabiex titneħħa, jew tal-inqas titnaqqas, it-taxxa legali u

<sup>(8)</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar l-eżenzjoni minn taxxa doppja fuq il-wirt (2011/856/EU).

<sup>(9)</sup> Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 2.

<sup>(10)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar *It-taxxa diretta għall-kumpaniji*, ĠU C 241, 7.10.2002, p. 75. (mhux disponibbli bil-Malti)

ekonomika doppja jew żejda fuq l-introjtu mqassam mis-sussidjarji fil-pajjiż li fih twaqqfet il-kumpanija *holding* <sup>(11)</sup>. Dan jiġi sostanzjat iktar mill-KESE permezz tal-appoġġ tiegħu għall-proposta għal BKKTK bħala mezz ta' allinjament tal-prinċipji dwar it-taxxa korporattiva filwaqt li madankollu jinnota li l-abbozz tad-direttiva jeħtieġ kjarifika ulterjuri fid-dettalji tiegħu <sup>(12)</sup>.

3.3 Il-KESE jenfasizza wkoll fuq l-importanza ta' approċċ newtrali lejn l-introjtu abbażi ta' pajjiż b'pajjiż fl-applikazzjoni tal-BKKTK u jenfasizza li l-adozzjoni ta' tagħha m'għandhiex twassal li l-Ewropa tkun inqas flessibbli u inqas kompetittiva biex tattira l-investment dirett barrani (FDI). Dawn il-kwistjonijiet iridu jkunu appoġġati kif xieraq minn valutazzjonijiet tal-impatt.

3.4 Il-KESE jissuġġerixxi li dawn l-oġġettivi jintlaħqu l-ewwel u qabel kolloxx permezz ta' koordinazzjoni msaħħa u interfacing iktar effikaċi bejn ġurisdizzjonijiet differenti tat-taxxa nazzjonali, ukoll permezz ta' komunikazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet tat-taxxa stess u bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u l-kontribwenti. Il-progress fdawn l-aspetti jitqies proporzjonali għall-oġġettivi fil-mira u ma jinfluwenzax is-sovranietà ta' ġurisdizzjonijiet differenti tat-taxxa nazzjonali. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma konformi mal-Komunikazzjoni tal-UE dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi fiskali diretti tal-Istati Membri fis-Suq Intern <sup>(13)</sup>.

3.5 B'riżultat ta' dan, il-KESE huwa favur tentattivi sabiex jissaħħu strumenti eżistenti u sforzi ulterjuri mmirati għat-tneħħija tat-taxxa doppja kif enfasizzat fil-komunikazzjoni sabiex jiġi żgurat interfacing effiċjenti ta' reġimi fiskali differenti u sabiex jiġi ċċertifikat li l-piż tat-taxxa jinfluwenza darba biss lill-operaturi kummerċjali u b'mod mistenni mill-istess operaturi.

3.6 Il-KESE jenfasizza b'mod ulterjuri li filwaqt li t-tneħħija tat-taxxa doppja hija rekwiżit essenzjali sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tas-Suq Uniku, kwalunkwe proposta għandha tiffoka fuq it-tneħħija effiċjenti tal-ostakli fiskali u biex tiġi żgurata l-effikaċja tad-DTCs fi ħdan il-konfini tal-bażi legali disponibbli fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Filfatt, l-isforzi mmirati sabiex titneħħa t-taxxa doppja għandhom isiru b'mod li jirrispetta s-sovranietà fiskali tal-Istati Membri individwali.

### 4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-KESE jenfasizza li kwistjonijiet relatati mat-taxxa doppja għandhom impatt qawwi fuq l-individwi u l-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju. Normalment in-negozji l-kbar għandhom il-mezzi finanzjarji u r-riżorsi umani biex jitrattaw it-taxxa doppja u l-arbitraġġ relatat iżda l-individwi u l-SMEs m'għandhomx tali riżorsi, spiss fir-rigward b'mod partikulari

<sup>(11)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar *il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 90/435/EEC dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti*, ĠU C 32, 5.2.2004, p. 118. (mhux disponibbli bil-Malti)

<sup>(12)</sup> Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar *il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar Bażi għat-Taxxa Korporattiva Konsolidata Komuni (CCCTB)*, ĠU C 24, 28.01.2012, p. 63. (mhux disponibbli bil-Malti)

<sup>(13)</sup> COM(2006) 823 final.



ta' informazzjoni u għarfien tal-prattiki legali u amministrattivi (<sup>14</sup>). It-taxxi fuq il-wirt jippreżentaw problemi partikulari liċ-ċittadini relatati mat-taxxa doppja. Il-komunikazzjoni mressqa mill-Kummissjoni tiffoka fuq it-tneħħija ta' taxxa doppja fuq il-kummerċ, l-iktar il-kumpaniji l-kbar, iżda tista' tintuża wkoll biex tindirizza l-kwistjonijiet speċifiċi li ċ-ċittadini u l-SMEs jiffaċċjaw.

4.2 Il-KESE jirrikonoxxi l-effikaċja tal-Forum Konġunt dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment (JTPF) sabiex tiġi indirizzata t-taxxa doppja fuq l-ipprezzar tat-trasferimenti u jawgura li l-Forum tal-UE dwar it-Taxxa Doppja jimxi bl-istess mod. Il-JTPF, li jaħdem fi ħdan il-qafas tal-OECD tal-Linji Gwida dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti u jopera abbażi tal-kunsens li jiġu proposti soluzzjonijiet mhux leġislattivi lill-Kummissjoni għall-problemi prattiċi li jinħolqu minn prattiki tal-ipprezzar tat-trasferimenti fl-UE, diġà laħaq numru ta' għanijiet fosthom kodiċi tal-kondotta tad-dokumentazzjoni dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti għall-impriżi assoċjati fl-UE, linji gwida għal ftehim ta' prezzijiet minn qabel fl-UE kif ukoll linji gwida dwar servizzi fi ħdan il-grupp aġġunt b'valur baxx. L-effikaċja ta' dan il-forum hi parzjalment ibbażata fuq ir-rappreżentazzjoni wiesgħa tal-forum minn Stati Membri kif ukoll mill-kummerċ.

4.3 Għaldaqstant il-KESE jawgura li t-twaqqif ta' Forum tal-UE dwar it-Taxxa Doppja huwa bbażat ukoll fuq l-istess prinċipju sabiex tiġi żgurata r-rappreżentazzjoni effikaċi mill-partijiet interessati rilevanti kollha li jinkludu s-soċjetà ċivili organizzata.

4.4 Il-KESE jappoġġja t-twaqqif ta' Forum tal-UE dwar it-Taxxa Doppja iżda jinnota li ngħataw ftit dettalji fil-komunikazzjoni dwar il-funzjonijiet tal-forum. Il-KESE jipproponi li l-Forum tal-UE dwar it-Taxxa Doppja jitqies bħala l-ewwel pass u dak preċedenti għal osservatorju. It-twaqqif tal-forum f'osservatorju huwa marbut mar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-KESE dwar it-tneħħija ta' ostakli transkonfinali fejn il-KESE għamel riferiment għall-iżvilupp ta' Osservatorju tal-UE li l-għanijiet tiegħu jkunu li jikseb, fuq bażi kontinwa, ħarsa dettaljata u prattika tal-ostakli fiskali eżistenti li jinkludu t-taxxa doppja u l-evoluzzjoni tagħhom (<sup>15</sup>).

4.5 Il-funzjonijiet tal-Osservatorju tat-Taxxa, taħt l-awspiċju tal-Kummissjoni tal-UE, jista' jiġi estiż iktar biex jinkludi l-investigazzjoni tal-ostakli tat-taxxa għan-negozji, l-SMEs u n-negozji l-kbar, kif ukoll ir-rwol investigattiv fuq l-effikaċja attwali ta' sforzi sabiex titneħħa t-taxxa doppja. Lejn it-tmiem, l-osservatorju jista' jkollu rwol importanti x'jaqdi fl-estensjoni tal-applikazzjoni u l-ambitu tad-DTCs kif ukoll jiġu eżaminati

modi kif jiġu ttrattati s-soluzzjonijiet triangolari u l-Gvernijiet jiġu mħeġġa jiżviluppaw ħelsien mit-taxxi mingħajr ma tintilef is-sovranità tat-taxxa.

4.6 Il-KESE jappoġġja wkoll it-twaqqif ta' kodiċi tal-kondotta li jenfasizza prinċipji li l-Gvernijiet jistgħu jaqblu dwarhom b'mod *a priori*. Il-kodiċi tal-kondotta jippermetti ftehim komuni dwar il-kunċetti enfasizzati fid-DTC applikabbli bejn l-Istati Membri li spiss iwassal għal interpretazzjoni żbaljata u tilwim.

4.7 Madankollu l-KESE hu tal-opinjoni li kodiċi tal-kondotta jista' fil-prattika jitqies effikaċi jekk jopera permezz ta' pressjoni bejn il-pari, bl-Istati Membri jkunu kawti dwar l-implikazzjonijiet relatati għall-isem u l-fama.

4.8 Il-KESE huwa favur ukoll l-istudju tal-fattibiltà ta' mekkaniżmu effiċjenti għas-soluzzjoni tat-tilwim, bil-għan li jiġu ddeterminati l-iktar modi effikaċi sabiex titneħħa t-taxxa doppja. Jirrikonoxxi li l-proċeduri ta' għajjnuna reċiproka fejn pajjiżi jiltaqgħu biex isolvu l-kwistjonijiet jieħdu perjodu twil ħafna sabiex jiġu ddeterminati u li hemm fejn il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ titjieb li hi kkaratterizzata wkoll minn proċess twil. Dawn joħloq spejjeż eċċessivi u inċertezza dwar il-kummerċ.

4.9 Madankollu, il-KESE jenfasizza li l-isforzi għandhom ikunu mmirati sabiex jiżguraw li hemm bżonn limitat għall-arbitraġġ u li l-enfasi għandha għaldaqstant titqiegħed fuq l-iżvilupp ta' kodiċi tal-kondotta, kif enfasizzat fil-komunikazzjoni kif ukoll il-forniment ta' linji gwida ċari u trasparenti, li għaldaqstant iservu bħala l-ewwel linji ta' istanza u jkunu effikaċi għas-soluzzjoni tat-tilwim.

4.10 Il-Forum tal-UE dwar it-Taxxa Doppja għandu rwol importanti x'jaqdi f'dan ir-rigward sabiex jinkuraġġixxi konvenzjonijiet dwar it-taxxa li jipprovdut proċedura ta' ftehim recip-roku bi proċedura li tgħaqqad għas-soluzzjoni tat-tilwim għall-każijiet pendenti kollha dwar it-taxxa doppja.

4.11 Il-KESE huwa favur il-proposta tal-Kummissjoni li tistudja l-firxa sħiħa tal-fenomeni tal-ebda taxxa doppja. Il-KESE jissuġġerixxi b'mod ulterjuri studju tal-implikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali tagħha, kif ukoll dawk li jistgħu jseħħu permezz ta' miżuri mmirati għat-tneħħija tagħha.

4.12 Il-KESE jtenni l-importanza ta' valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt ekonomiku u soċjali sabiex jiġi ddeterminat sa fejn, l-adozzjoni ta' kwalunkwe proposta enfasizzata fil-komunikazzjoni, tista' twassal fir-rigward ta' konsegwenzi ekonomiċi u

(<sup>14</sup>) Skont ir-Rapport Sommarju mill-Kummissjoni tal-UE dwar il-Konsultazzjoni dwar il-Konvenzjonijiet tat-Taxxa Doppja u s-Suq Intern, 69 % mill-individwi li ltaqgħu ma' kwistjonijiet ta' taxxa doppja fitxew rimedji biex titneħħa t-taxxa doppja meta mqabbla ma' 85 % fil-każ tal-korporazzjonijiet.

(<sup>15</sup>) Ara n-nota fqiegħ il-paġna nru 2.

soċjali ħżiena<sup>(16)</sup>. Tali valutazzjoni trid tkun eżawrjeni u tinkludi l-Istati Membri kollha affettwati mill-proposti.

4.13 Bħala konklużjoni, il-KESE jinstab ħerqan li l-Kummissjoni tistudja u tressaq proposti addizzjonali fir-rigward tat-taxxa doppja fosthom:

— rakkomandazzjonijiet dwar it-taxxi għall-wirt transkonfinali li dal-aħħar ġew ippubblikati mill-Kummissjoni;

— it-tressiq ta' soluzzjonijiet dwar it-taxxa doppja transkonfinali fuq dividends mħallsa lill-investituri b'portafoll;

— il-forniment ta' informazzjoni ulterjuri dwar il-ħolqien tal-Forum, Kodiċi tal-Kondotta u l-fattibbiltà ta' mekkaniżmu vinkolanti għar-riżoluzzjoni;

— valutazzjoni dwar il-firxa u l-implikazzjonijiet tal-ebda taxxa doppja.

Brussel, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

<sup>(16)</sup> Ara nota f'qiegħ il-paġna nru 12.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea”**

COM(2011) 739 finali – 2011/0183 (CNS)

**u “L-Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jstabilixxi miżuri li jimplementaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea”**

COM(2011) 740 finali – 2011/0184 APP

(2012/C 181/09)

Relatur: **is-Sur DANTIN**

Nhar id-19 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea*

COM(2011) 510 final – 2011/0183 (CNS)

u

*il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabilixxi miżuri li jimplementaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea*

COM(2011) 511 final.

Nhar id-9 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat proposti emendati, u nhar il-15 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea*

COM(2011) 739 final – 2011/0183 (CNS)

u

*il-Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jstabilixxi miżuri li jimplementaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea*

COM(2011) 740 final – 2011/0184 (APP)

li jissostitwixxu l-proposti msemmija qabel.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tad-29 ta' Marzu 2012), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'165 vot favur, 21 vot kontra u 11-il astensjoni.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Sistema fejn madwar 75 % tar-riżorsi tal-Unjoni jittieħdu direttament mill-baġits nazzjonali tmur lil hinn mill-ittra u l-ispirtu tat-Trattat ta' Ruma <sup>(1)</sup>.

1.2 Is-sistema attwali, ibbażata essenzjalment fuq kontribuzzjoni tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING), qajmet diskussjonijiet baġitarji li jiffukaw fuq il-kunċett tar-ritorn ġust u l-mekkaniżmi

ta' kumpens li ma jqisux il-vantaġġi offruti mill-Unjoni b'mod speċjali fil-qasam tal-paċi, il-libertà, il-prosperità, it-tkabbir u s-sigurtà.

1.3 F'dan il-kuntest, il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti leġiżlattivi tal-Kunsill ippreżentati mill-Kummissjoni. Fil-fatt huwa tal-fehma li dawn jippuntaw lejn id-direzzjoni t-tajba, billi jnaqqsu bin-nofs il-kontribuzzjoni tal-ING u jikkompensaw għal dan b'żewġ riżorsi proprji ġodda, wieħed ibbażat fuq il-VAT u l-ieħor fuq taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji. Din iż-żieda relattiva tar-riżorsi proprji reali, filwaqt li ser iġġib

<sup>(1)</sup> Artikolu 201.

il-funzjonament tal-UE fil-qasam baġitarju eqreb lejn l-ispirtu u l-ittra tat-Trattat ta' Ruma, tikkontribwixxi wkoll għaż-żieda tal-awtonomija finanzjarja tal-UE u tappoġġja l-isforzi l-kbar li l-Istati Membri qed jagħmlu fir-rigward tal-baġits tagħhom.

1.4 Huwa jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-fatt li fl-istess ħin li jiġu stabbiliti riżorsi proprji ġodda, id-dokument inkwistjoni jipproponi l-ħolqien ta' sistema ġdida ta' ħlasijiet ta' ammonti f'daqqa maħsuba biex jissostitwixxu l-mekkaniżmi kollha ta' korrezzjoni eżistenti, minkejja li huwa tal-fehma li din l-azzjoni xorta mhijiex suffiċjenti.

1.5 Sadattant, filwaqt li japprova fil-wisa' l-kontenut tal-proposti inkwistjoni, il-KESE jixtieq jagħmel l-osservazzjonijiet li ġejjin.

1.5.1 F'ħafna mill-opinjoni tiegħu, il-Kumitat ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-VAT intra-Komunitarja hija sors ta' evazzjoni fiskali qawwija. Għaldaqstant huwa tal-fehma li hemm bżonn li din ir-riżorsa proprja ġdida tiġi stabbilita fl-istess żmien li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet maħsuba biex inaqqsu, jekk mhux jeliminaw, il-frodi. B'konsegwenza ta' dan ser ikun attent għall-proposti leġiżlattivi li ser ikollhom isiru wara d-diskussjonijiet mibdija mill-"Green Paper dwar il-futur tal-VAT".

1.5.2 Fil-komunikazzjoni tagħha "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", il-Kummissjoni elenkat għadd ta' mezzi ta' finanzjament adegwati li skont hi setgħu, u bir-raġun, iġġeneraw riżorsi proprji ġodda. Bl-eċċezzjoni tat-taxxa tal-VAT il-ġdida u tat-taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji, dawn ġew rifjutati mingħajr ma ngħataw ir-raġunijiet politiċi għal din id-deċiżjoni, ħlief il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull wiehied minnhom.

Il-Kumitat huwa tal-fehma li jmissha ntalbet opinjoni minnu qabel ma ttieħdu d-deċiżjonijiet mill-Kummissjoni.

1.5.3 Bħalma indika fl-opinjoni tiegħu dwar "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE," il-KESE jqis li ż-żieda fil-baġit Ewropew tidher mhux biss mixtieqa iżda wkoll meħtieġa sabiex tiffaċċja bis-sħiħ l-isfidi l-ġodda li jeħtieġu rispons komuni. Il-KESE jiddisputa li d-dokument inkwistjoni jindirizza biss l-istruttura u l-kontenut kwalitattiv interni tal-baġit mingħajr ma jibbaża fuq riżorsi proprji ġodda sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni essenzjali rigward id-daqs tal-baġit.

Mingħajr ma jissottovaluta l-aspetti indirizzati fid-dokumenti inkwistjoni, il-Kumitat huwa tal-fehma li l-baġit mhuwiex biss kwistjoni ta' ċifri jew ta' għażliet rigward l-organizzazzjoni interna tiegħu. L-ewwel u qabel kollox huwa strument maħsub biex jaqdi proġett politiku, jiġifieri l-ambizzjonijiet tal-Unjoni. Għaldaqstant jinħtieġu koerenza u adegwatezza bejn l-għażliet politiċi tal-UE u tal-mezzi li bihom jistgħu jitwettqu. Huwa jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx din l-opportunità biex tippovdi appoġġ finanzjarju b'mod speċjali biex jiġu sodisfati l-obbligi li jirriżultaw mit-Trattat ta' Lisbona, l-Istrateġija 2020, kif ukoll il-ħtieġa li jittieħdu azzjonijiet maħsuba biex jistimulaw it-tkabbir.

## 2. Introduzzjoni, il-qagħda attwali

2.1 Il-proposta għal deċiżjoni inkwistjoni hija waħda mis-sitt proposti leġiżlattivi li jakkumpanjaw il-komunikazzjoni "Baġit għall-Ewropa 2020" (COM(2011) 500 final) <sup>(2)</sup>. Kull waħda minn dawn għandha tiġi eżaminata individwalment <sup>(3)</sup>.

2.2 Il-kwistjoni tar-riżorsi proprji hija strutturalment u politika importanti. Fil-fatt, l-orijini tar-riżorsi tiddetermina r-rapport bejn iċ-ċittadini, l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Komunitarji, filwaqt li tqajjem il-kwistjoni tal-awtonomija finanzjarja tal-Unjoni. Id-dibattitu dwar ir-riżorsi proprji għall-UE huwa marbut mad-dibattitu ġenerali dwar il-futur tal-integrazzjoni fejn huma preżenti żewġ viżjonijiet: il-federaliżmu u l-inter-governamentalizmu.

2.2.1 Huwa għalhekk li l-Kumitat ilu mill-2008 tal-fehma li t-fassil tal-politiki tal-baġit ma jistax isir mingħajr l-għażla fundamentali bejn il-federaliżmu <sup>(4)</sup> jew is-sistema intergovernativa. Barra minn hekk, huwa ċar li l-grad ta' progress fl-integrazzjoni Ewropea jitkejjel ukoll fuq il-bażi ta' kif jiġi ffinanzjat il-baġit <sup>(5)</sup>.

2.3 Minkejja li fit-Trattat ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 1957 kien hemm provvediment għal perjodu ta' transizzjoni għall-kontribuzzjonijiet nazzjonali, fl-Artikolu 201 tiegħu jistipula li "**Salv kull dħul ieħor, l-estimi għandhom ikunu ffinanzjati kompletament minn riżorsi proprji**".

<sup>(2)</sup> "Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-sinjura 2014-2020", COM(2011)398 final; "Abbozz ta' Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kooperazzjoni f'materji marbuta mal-baġit fir-rigward ta' ġestjoni finanzjarja soda", COM(2011)403 final; "Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea", COM(2011)739 final; "Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri li jimplementaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea", COM(2011)740 final; "Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali u daww ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtieġijiet fi flus kontanti (Tfassil mill-ġdid)", COM(2011)742 final; "Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE", COM(2011)594 final.

<sup>(3)</sup> Ara b'mod speċjali l-opinjoni tal-KESE rigward "Is-sistema komuni ta' taxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji" (Ara paġna 55 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali) u l-opinjoni tal-KESE dwar "Il-Baġit 2014-2020" (għadha ma ġietx pubblikata fuq il-Ġ.U.).

<sup>(4)</sup> Il-federaliżmu jista' jiġi karatterizzat hawnhekk b'dal-mod: il-prinċipju ta' superpożizzjoni (il-kompetenzi tal-Istat huma diviżi bejn gvern federali u gvernijiet tal-Istati Federali), il-prinċipju tal-awtonomija (kull livell ta' gvern huwa awtonomu jew "sovrani" fil-qasam ta' ġurisdizzjoni tiegħu) u l-prinċipju ta' parteċipazzjoni (l-entitajiet federali huma rappreżentati u jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet federali meħuda fil-livell tal-Istat Federali).

Il-modalitajiet tal-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji jistgħu jvarjaw, iżda fil-prattika sistema formalment federali mhux bilfors tippresupponi livell xi ftit jew wisq ogħla ta' ċentraliżmu jew demokratiżmu.

Sors: <http://fr.wikipedia.org/wiki/F%C3%A9d%C3%A9ralisme>.

<sup>(5)</sup> Ara l-opinjoni tal-KESE dwar "Ir-riforma fil-baġit tal-UE u l-finanzjament tiegħu fil-futur"; ĠU C 2008 204, 9.8.2008, p. 113.



2.4 Attwalment, ir-riżorsi tal-Unjoni huma magħmula minn riżorsi proprji msejħa tradizzjonali li ġejjin minn dazji doganali, dazji agrikoli, imposti fuq iz-zokkor, u minn riżorsi proprji msejħa ġodda li ġejjin minn imposta fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) armonizzat u minn taxxa fuq l-Introjtu Nazzjonali Gross. Dawn ir-riżorsi – VAT u ING – fil-verità huma riżorsi proprji li fil-fatt mhumiex, peress li dawn jiġu ntaxxati mill-Istati Membri fuq id-dħul tagħhom. Dawn jitqiesu bħala riżorsi proprji sempliċiment għax huma destinati għall-baġit Ewropew, li għall-2011 jammonta għal EUR 126,5 biljun, jew 1,13 % tal-PDG tal-UE-27.

2.4.1 Ir-rapport dwar l-Operat tas-Sistema tar-Riżorsi Propri (6) inniedi mis-servizzi tal-Kummissjoni juri li s-sistema ta' finanzjament attwali kisbet riżultati medjokri fir-rigward tal-maġġoranza tal-kriterji ta' valutazzjoni. Is-sistema hija opaka u kumplessa wkoll, u f'it speċjalisti huma dawk li jifhmuha, fatt li jillimita l-aċċess għall-pubbliku u jagħmel il-kontroll demokratiku tagħha diffiċli.

Min-naħa l-oħra, il-mod kif inhu finanzjat il-baġit tal-UE jwassal biex għadd ta' Stati Membri jqisu l-kontribut tagħhom għall-Unjoni biss bħala nfiq, li inevitabbilment joħloq tensjoni kull meta jkun hemm dibattitu dwar il-baġit.

2.4.2 Din is-sitwazzjoni twassal biex il-Kummissjoni tagħmel proposta lill-Kunsill sabiex dan jemenda s-sistema tar-riżorsi tal-Unjoni Ewropea. Din il-proposta tqis il-qafas legali mġedded propost mit-Trattat ta' Lisbona u b'hekk torbot mal-kontenut tal-Komunikazzjoni preċedenti tagħha: "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE" (7).

2.5 Għaldaqstant, dan id-dokument ser jittejjja b'konformità sħiħa mal-opinjoni li l-Kumitat adotta waqt is-sessjoni plenarja ta' Ġunju 2011 dwar din il-Komunikazzjoni (8).

### 3. Qafas legali mġedded

3.1 It-Trattat ta' Lisbona jistabbilixxi qafas legali ġdid. Huwa jagħmel bidliet importanti mhux biss lill-proċedura tal-baġit tal-Unjoni, iżda wkoll lill-mod ta' kif l-Unjoni tiffinanzja l-baġit tagħha.

Għaldaqstant l-Artikolu 311 jipprevedi li "jista' jistabbilixxi kategoriji ġodda ta' riżorsi proprji jew jabolixxi kategorija eżistenti". Jgħid ukoll li: "Il-Kunsill, li jaġixxi permezz ta' regolament skond il-proċedura leġislattiva speċjali, għandu jistabbilixxi miżuri li jimplementaw is-sistema tar-riżorsi proprji". B'hekk it-triq hija miftuħa għal tnaqqis fl-għadd attwali ta' riżorsi proprji u l-ħolqien ta' riżorsi ġodda li l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tagħhom huma stabbiliti permezz ta' regolament.

### 4. Il-kontenut tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

4.1 Il-proposta għal deċiżjoni inkwistjoni dwar ir-riżorsi proprji tinkludi tliet elementi prinċipali: is-semplifikazzjoni

tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda u r-riforma tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni. Dawn it-tliet proposti għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda li teħtieġ deċiżjoni waħda.

#### 4.1.1 Semplifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri

Il-Kummissjoni tipproponi **t-tneħħija tar-riżorsa proprja ta' bħalissa bbażata fuq il-VAT** peress li din hija kumplessa u f'it għandha valur miżjud meta mqabbla mar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING. Il-proposta hi li din ir-riżorsa titneħħa fil-31 ta' Diċembru 2013.

#### 4.1.2 L-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda

Fil-komunikazzjoni tagħha "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", il-Kummissjoni elenkat sitt riżorsi proprji potenzjali. Il-Kummissjoni żammet tnejn minnhom fid-dokumenti inkwistjoni. Hija tipproponi l-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014 u riżorsa ġdida bbażata fuq il-VAT ukoll mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014. Dawn ir-riżorsi proprji ġodda ser jiffinanzjaw 51,4 % tal-infiq tal-UE, meta r-riżorsi proprji tradizzjonali jirrappreżentaw madwar 20 % tat-total u r-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING madwar 30 %, jiġifieri tonqos minn 74,2 % għal 29,7 % (9).

#### 4.1.3 Ir-riforma tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni

4.1.3.1 Fil-preżent hemm stabbiliti mekkaniżmi temporanji ta' korrezzjoni. Dawn itemmu fl-2013. Il-korrezzjoni mogħtija lir-Renju Unit u r-ribassi fuq il-finanzjament ta' din, mogħtija lil erba' Stati Membri (il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija u l-Isvezja), kif ukoll il-korrezzjoni moħbija, li tikkonsisti fiż-żamma, bħala spejjeż tal-ġbir, ta' 25 % tal-ammonti miġbura mill-Istati Membri għar-riżorsi proprji tradizzjonali, ser ikomplu japplikaw hekk kif inhuma sad-dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni dwar ir-riżorsi proprji.

4.1.3.2 **Il-Kummissjoni**, li nnutat li s-sitwazzjoni oġġettiva ta' għadd ta' Stati Membri evolviet sew, li mill-1984 (il-Ftehim Fontainebleau) il-kundizzjonijiet li fuqhom jibbażaw il-mekkaniżmi ta' korrezzjoni applikati sal-lum ukoll evolwew (is-sehem tal-PAK fil-baġit tal-UE u l-finanzjament ibbażat fuq il-VAT naqsu sew, u r-Renju Unit issa huwa wieħed mill-aktar Stati Membri għonja tal-Unjoni (10)), **indikar li teħtieġ li tiġi riveduta l-korrezzjoni tar-Renju Unit.**

4.1.3.3 Għaldaqstant, l-abbozz ta' deċiżjoni inkwistjoni jipproponi li jiġu stabbiliti **korrezzjonijiet temporanji** favur il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju Unit u l-Isvezja. Wara dan ser tiġi stabbilita **sistema ġdida ta' ħlasijiet ta' ammonti f'daqqa**, bil-għan li tissostitwixxi l-mekkaniżmi ta' korrezzjoni eżistenti kollha mill-1 ta' Jannar 2014. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li **tnaqqas l-ammont tal-korrezzjoni moħbija minn 25 % għal 10 %.**

(6) Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni: "Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Operat tas-Sistema tar-Riżorsi Propri", SEC(2011) 876 final, 29.6.2011.

(7) COM(2010) 700 final.

(8) Ara l-opinjoni tal-KESE: "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", ĠU C 248, 25.8.2011, p. 75.

(9) Ara l-Appendiċi I.

(10) Ara l-Appendiċi II.

## 5. Kummenti ġenerali

5.1 Sistema fejn madwar 75 % tar-riżorsi tal-Unjoni mhux ġejjin mir-riżorsi proprji reali iżda jittieħdu direttament mill-baġits nazzjonali permezz ta' riżorsa bbażata fuq l-ING, u li 15 % ġej minn riżorsa bbażata fuq il-VAT li ma tista' bla ebda mod titqies bħala riżorsa proprja tal-UE minħabba l-mod kif tiġi determinata, tmur lil hinn mill-ittra u l-ispirtu tat-Trattat ta' Ruma.

5.2 Il-Kumitat jenfasizza li huma dawn "il-kontribuzzjonijiet" li qajmu d-dibattitu li ma jqisx la s-sitwazzjoni fit-tul rigward il-kontributori netti u lanqas il-vantaġġi offruti mill-Unjoni b'mod speċjali fil-qasam tal-paċi, il-libertà, il-prosperità, it-tkabbir u s-sigurtà.

5.2.1 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-kunċett tar-"ritorn ġust", li ġej mill-kontribuzzjonijiet tal-ING, japplika wisq inqas illum il-ġurnata milli meta nbdiet il-kostruzzjoni Ewropea. Tali kunċett, li ħafna drabi fixxkel it-tħaddim tal-Unjoni Ewropea waqt li mmonopolizza d-dibattiti, huwa fil-biċċa l-kbira responsabbli għan-nuqqasijiet, id-dewmien u l-fallimenti tagħha. Dan imur kontra l-ispirtu ta' Unjoni bejn l-Istati u ċ-ċittadini u kontra kull loġika ekonomika razzjonali. Fil-fatt, f-Unjoni ekonomika, monetarja u politika, il-benefiċċji u l-valur miżjud fihom infushom għandhom ikunu ta' ġid għal kulħadd. Il-progress li għamlet l-Unjoni Ewropea huwa kollu bbażat fuq l-effett ta' multiplikatur ta' tqassim li huwa l-oppożitt tal-kunċett tar-ritorn ġust<sup>(1)</sup>.

5.3 Is-sistema attwali tar-riżorsi proprji, li tiddependi fuq il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, hija opaka u kumplessa, u dan jillimita l-kontroll demokratiku, u ma tikkontribwixxi għall-viżibbiltà tal-impenn favur l-integrazzjoni Ewropea; barra minn hekk, minħabba li żżid mal-perċezzjoni li l-kontribuzzjoni lill-Unjoni hija bħala spiża addizzjonali ta' piż fuq il-baġits nazzjonali, din is-sistema ma tipprovdix lill-Unjoni l-krediti biżżejjed għall-ġabra sħiħa tal-politiki tagħha.

5.3.1 Barra minn hekk, is-sistema attwali, li tikkonsisti fdiversi mekkaniżmi ta' korrezzjoni jew ta' ribassi – kemm jekk huma ribassi ġenerali favur Stat Membru, bħall-korrezzjoni għar-Renju Unit, kif ukoll jekk huma ribassi speċjali, bħal dawk biex jiffinanzjaw ribassi oħrajn – hija waħda kumplessa immens, nieqsa mit-trasparenza u hija totalment inkomprensibbli għaċ-ċittadini Ewropej. Sistema bħal din ma tikkontribwixxi xejn biex tiġi sodisfata l-esiġenza għal linja diretta bjen l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha.

5.4 Minħabba dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali ta' hawn fuq, **il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti għal deċiżjoni tal-Kunsill imressqa mill-Kummissjoni**. Fil-fatt huwa tal-fehma li dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba fis-semplifikazzjoni tal-istruttura tagħha u peress li, b'mod speċjali, inaqqsu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali eżistenti fil-baġit tal-Unjoni Ewropea minn 85,3 % (EUR 111,8 biljun) għal 29,7 %, (EUR 48,3 biljun), li minnhom id-dħul fuq il-bażi tal-ING ser jonqos minn 74,2 % (EUR 97,3 biljun) għal 29,7 %

(EUR 48,3 biljun) u b'hekk joqorbu lejn l-ispirtu u l-ittra tat-Trattat ta' Ruma. Din iż-żieda fil-proporzjon ta' riżorsi proprji reali ser tgħin biex tiżded l-awtonomija finanzjarja tal-UE kif ukoll issostni l-isforzi baġitarji kbar li qed ikollhom jagħmlu l-Istati Membri.

## 6. Kummenti speċifiċi

6.1 Fil-komunikazzjoni tagħha "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", il-Kummissjoni elenkat għadd ta' modi ta' finanzjament li, skont hi, setgħu jsiru riżorsi proprji ġodda: it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju, irkanti fil-qafas tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra, miżata tal-UE li tirrigwarda t-trasport bl-ajru, VAT Ewropea, taxxa Ewropea tal-enerġija, imposta Ewropea fuq il-kumpaniji.

6.1.1 Kull waħda minn dawn ir-riżorsi potenzjali kienet soġġetta għal analiżi<sup>(12)</sup> mill-Kummissjoni li wriet għal kull waħda minnhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li dawn jippreżentaw, mingħajr qatt ma tat ir-raġunijiet politiki għalfejn uħud minn dawn il-possibbiltajiet twarrbu u wasslu biex l-għażla tkun favur taxxa ġdida tal-VAT u taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji.

6.1.2 Il-Kumitat huwa tal-fehma li għandhom jiġu komunikati r-raġunijiet politiki li wasslu biex uħud mill-possibbiltajiet ġew rifjutati, u li **l-Kumitat kellu jiġi kkonsultat permezz ta' opinjoni qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet**.

### 6.2 Il-kontenut tal-proposti emendati

6.2.1 It-tneħħija tar-riżorsa proprja ta' bħalissa bbażata fuq il-VAT. Semplifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri

Din ir-riżorsa proprja li fil-fatt mhijiex, li qed tissejjaħ "ġdida", miġbura mill-Istati Membri minn fuq id-dħul tagħhom issa tidher li ma għadhiex applika. Din tikkorrispondi biss għal bażi matematika użata biex jiġu kkalkolati l-kontribuzzjonijiet nazzjonali. Din hija kumplessa, teħtieġ għadd kbir ta' formalitajiet amministrattivi biex twassal għal bażi armonizzata, u ma toffrix valur miżjud kbir. **Il-Kumitat huwa favur din is-semplifikazzjoni**.

### 6.2.2 Il-ħolqien ta' riżorsa tal-VAT ġdida

Din ser tkun wieħed mill-aspetti tal-iskema tal-VAT mibdula radikalment applikabbli fl-UE. Din ser tirrappreżenta 18,1 % tar-riżorsi proprji l-ġodda (ara l-Appendiċi I) sal-2020.

Din ser torbot, minn naħa, mal-"Green Paper dwar il-futur tal-VAT"<sup>(13)</sup>. L-inizjattivi li beħsiebha tieħu l-Kummissjoni f'din il-Green Paper ġew approvati mingħajr l-ebda riżerva mill-Kumitat.

<sup>(12)</sup> SEC (2011)876 final – Dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni "Il-Finanzjament tal-Baġit tal-UE: Rapport dwar it-tħaddim tas-sistema tar-riżorsi proprja" (mhux disponibbli bil-Malti) – li jakkumpanja d-dokument dwar il-Proposta ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(13)</sup> Ara l-opinjoni tal-KESE dwar "Il-Green Paper dwar il-futur tal-VAT", ĠU C 318, 29.10.2011, p. 87.

<sup>(1)</sup> Ara n-nota 5 fqiegħ il-paġna.

Dan is-sehem tal-VAT fuq oġġetti u servizzi, akkwisti intra-Komunitarji ta' oġġetti u l-importazzjoni tal-oġġetti soġġetti għal rata standard tal-VAT f'kull Stat Membru skont id-Direttiva 2006/112/KE<sup>(14)</sup> ma għandux jeċċedi żewġ punti ta' persentaġġ tar-rata standard u r-regolament ta' eżekuzzjoni jipprevedi punt ta' persentaġġ effettiv.

**Il-Kumitat japprova l-ħolqien ta' din ir-riżorsa tal-VAT il-ġdida** li ser tissostitwixxi dik eżistenti li l-analiżi wriet li ma għadhiex tapplika. Fil-fatt huwa tal-fehma li l-baġit tal-UE – u r-riżorsi li jikkostitwixxuh – għandhom jitqiesu bħala wieħed minn għadd ta' mezzi li jservu l-oġġettivi komuni.

Madankollu, kien ikun eħfef biex jingħata ġudizzju dwar is-sustanza u l-forma ta' din il-proposta kieku d-dokumenti inkwistjoni pprovdew data preċiża dwar it-tibdiliet li saru lill-istruttura tal-VAT u stabbilixxew, permezz ta' studju, id-differenzi fil-volumi finanzjarji li ser jaffettwaw kull Stat Membru minħabba dawn it-tibdiliet.

Barra minn hekk, kif wera f'bosta mill-opinjoni tiegħu, il-Kumitat qed jerġa' jgħbed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-VAT intra-Komunitarja hija sors ta' evażjoni fiskali qawwija. Għaldaqstant huwa tal-fehma li hemm bżonn li din ir-riżorsa proprja ġdida tiġi stabbilita fl-istess żmien li jiġi stabbiliti dispożizzjonijiet maħsuba biex inaqqsu, jekk mhux jeliminaw, il-frodi. F'dan il-kuntest il-KESE ser joqgħod attent ħafna għad-dispożizzjonijiet leġislattivi li ser jiġu proposti wara d-diskussjonijiet mibdija mill-“Green Paper dwar il-futur tal-VAT”.

### 6.2.3 Introduzzjoni ta' taxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji

F'bosta opinjonijiet tiegħu<sup>(15)</sup>, il-Kumitat diġà stqarr li taħt ċerti kundizzjonijiet huwa favur l-introduzzjoni ta' taxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji (FTT). Huwa indika b'mod speċjali li:

- tingħata preferenza lill-introduzzjoni tal-FTT fil-livell dinji, minħabba t-tħassib li ġie espress dwar ir-riskji tal-effett ta' rilokazzjoni; madankollu, jekk dan mhux possibbli, **ser ikun favur l-adozzjoni ta' din it-taxxa fil-livell tal-UE** filwaqt li jitqiesu l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea;
- apparti l-fatt li l-FTT tista' żżid l-istabbiltà u l-effikaċja tas-swieq finanzjarji billi tnaqqas il-volatilità tagħhom, din hija meħtieġa, kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-UE, bħala mezz biex jinġabar dħul sabiex jonqsu d-defiċiti tal-baġit.

Fil-fatt, kif tindika l-Kummissjoni fil-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill, din it-taxxa tista' tipprovdi sors ġdid ta' dħul miġbur

<sup>(14)</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

<sup>(15)</sup> Ara l-opinjoni tal-KESE dwar “Ir-Rapport Larosière”, ĠU C 318, 23.12.2009, p. 57; l-opinjoni tal-KESE dwar “Taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji”, ĠU C 44, 11.2.2011, p. 81, *Sinteżi u konklużjonijiet* paragrafu 1.10; l-opinjoni tal-KESE dwar “Politika baġitarja: tkabbir u aġġustament baġitarju”, ĠU C 248, 25.8.2011, p. 8, punti 4.4.2, 1.5.3 u 1.5.4; u l-opinjoni tal-KESE dwar “It-tassazzjoni tas-settur finanzjarju” ĠU C 248, 25.8.2011, p. 64.

fil-livell tal-UE. Din tippermetti li jonqsu l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, li l-gvernijiet nazzjonali jiġu offruti marġini ta' manuvra supplementari u tikkontribwixxi b'hekk għall-isforz ġenerali ta' konsolidazzjoni fiskali. Min-naħa l-oħra, din l-inizjattiva tal-UE għandha tikkostitwixxi l-ewwel pass 'il quddiem fit-triq tal-applikazzjoni ta' FTT fuq skala dinjija, kunċett li attwalment qed isir dibattitu dwaru fil-livell tal-G20.

**Skont dak li ntqal hawn fuq u l-opinjoni tiegħu, il-Kumitat huwa favur l-introduzzjoni ta' taxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji bħala riżorsa proprja għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.**

Sal-2020 din ser tkun tirrappreżenta 33,3 % tar-riżorsi proprji tal-Unjoni (ara l-Appendiċi I) b'allokazzjoni għall-baġit ta' EUR 54,2 biljun, filwaqt li, skont l-ewwel estimi, din ser tippermetti li kull sena jiġi ġġenerat, skont ir-reazzjonijiet tas-swieq, dħul li jammonta għal EUR 57 biljun<sup>(16)</sup>.

Ir-rati tat-tassazzjoni bħala perċentwal tal-ammont taxxabli mhux ser ikunu inqas minn 0,1 % għal transazzjonijiet finanzjarji oħra ħlief dawk li jirrigwardaw il-kuntratti tad-derivattivi u minn 0,01 % għat-transazzjonijiet finanzjarji li jirrigwardaw il-kuntratti tad-derivattivi<sup>(17)</sup>.

### 6.2.4 Ir-riforma tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni

Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-abbozz ta' deċiżjoni inkwistjoni jipproponi li tiġi valutata mill-ġdid il-korrezzjoni tar-Renju Unit u li tiġi introdotta sistema ġdida ta' ħlasijiet ta' ammonti f'daqq bil-għan li tissostitwixxi l-mekkaniżmi ta' korrezzjoni eżistenti kollha mill-1 ta' Jannar 2014. L-istess japplika għat-tnaqqis fl-ammont tal-korrezzjoni moħbija minn 25 % għal 10 % (ara l-punt 4.1.3).

Dawn il-proposti huma pass fid-direzzjoni t-tajba iżda mhumiex biżżejjed peress li dawn ma jindirizzawx il-konsegwenzi kollha ta' baġit li jibbaża l-aktar fuq ir-riżorsi proprji.

Fil-fatt, il-Kumitat huwa tal-fehma li meta 66 % tal-baġit ġej minn riżorsi proprji, il-kunċett tar-“ritorn ġust” għandu jitwarrab għax imur kontra l-valuri tas-solidarjetà u l-benefiċċji reċiproċi tal-integrazzjoni Ewropea (ara l-punt 5.2.1). Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea rigward il-primazija ta' sistema bbażata fuq ir-riżorsi proprji għaliex huwa jistenna, b'mod speċjali, li riforma bħal din għandha l-potenzjal li, eventwalment, tneħħi l-korrezzjonijiet nazzjonali li mhux ser ikunu ġustifikati iżjed f'baġit Ewropew rivedut, u b'hekk jiġi żgurat valur miżjud imsaħħaħ għall-Istati Membri kollha<sup>(18)</sup>.

<sup>(16)</sup> Ara COM(2011) 594 final – Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' tassazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE.

<sup>(17)</sup> Ara nota 10 f'qiegħ il-paġna.

<sup>(18)</sup> Ara l-opinjoni tal-KESE: “Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE”, ĠU C 248, 25.8.2011, p. 75, punt 4.4.

Madankollu, fir-rigward ta' ġudizzju dwar il-valur intrinsiku tal-proposti mressqa fid-dokumenti inkwistjoni, il-KESE juri li huwa diffiċli tingħata valutazzjoni preċiża minħabba li dawn ma jiġġustifikawx il-volum tal-korrezzjonijiet proposti u lanqas joffru paraguni mas-sitwazzjoni eżistenti.

6.3 Kif diġà kienet indikat fil-komunikazzjoni tagħha dwar "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE" <sup>(19)</sup>, id-dokument inkwistjoni jfakkar li, skont il-Kummissjoni, "l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda mhix argument dwar id-daqs tal-baġit (...)". **Il-Kumitat mhuwiex tal-istess fehma.** Fil-fatt, waqt ir-reviżjoni u r-riorganizzazzjoni tal-baġit tal-UE – billi jiġi emendat, jiġu introdotti riżorsi proprji u jiġu riformati l-mekkaniżmi ta' korrezzjoni – jeħtieġ li wieħed jistaqsi dwar x'ser ikun l-impatt ta' dawn il-bidliet fuq il-volum tal-baġit u li dawn jiġu direzzjonati skont l-għażliet politiċi li saru jew li jridu jsiru.

Brussell, 29 ta' Marzu 2012.

6.3.1 Minn din il-perspettiva, il-Kumitat iqis li l-baġit tal-UE mhuwiex biss kwistjoni ta' ċifri jew ta' għażliet, jew tal-organizzazzjoni interna tal-elementi differenti li jikkostitwixxuh. Huwa l-ewwel nett strument li jaqdi proġett politiku, jiġifieri l-ambizzjonijiet tal-Unjoni. F'dan il-kuntest jeħtieġ li jkun hemm koerenza u adegwatezza bejn l-ambizzjonijiet politiċi tal-UE u l-mezzi kif din tagħżel biex twettaqhom. Illum il-ġurnata l-Unjoni Ewropea ma għandhiex biżżejjed mezzi baġitarji, la biex timplimenta l-istrateġija politika tagħha, l-Istrateġija 2020, u lanqas biex tonora l-obbligi li jirriżultaw mit-Trattat ta' Lisbona l-ġdid.

Il-Kumitat iqis li ż-żieda fil-baġit Ewropew, fiha nnifisha, ma tidhirx biss mixtieqa iżda meħtieġa fil-konfront tad-daqs tal-isfidi l-ġodda li jeħtieġu rispons komuni <sup>(20)</sup>.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

<sup>(19)</sup> COM(2010) 700 final.

<sup>(20)</sup> Ara l-opinjoni tal-KESE: "Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE", ĠU C 248, 25.8.2011, p. 75, punt 1.1 u 4.1.



## APPENDIĊI I

## Estimi tal-evoluzzjoni tal-istruttura tal-finanzjament tal-UE (2012-2020)

	Abbozz ta' baġit 2012		2020	
	EUR biljun	% tar-riżorsi proprji	EUR biljun	% tar-riżorsi proprji
<b>Riżorsi proprji tradizzjonali</b>	<b>19,3</b>	<b>14,7</b>	<b>30,7</b>	<b>18,9</b>
<b>Kontribuzzjonijiet nazzjonali eżistenti li minnhom</b>	<b>111,8</b>	<b>85,3</b>	<b>48,3</b>	<b>29,7</b>
Riżorsa proprja tal-VAT	14,5	11,1	—	—
Riżorsa proprja tal-ING	97,3	74,2	48,3	29,7
<b>Riżorsi proprji ġodda li minnhom</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	<b>83,6</b>	<b>51,4</b>
Riżorsa tal-VAT ġdida	—	—	29,4	18,1
Taxxa tal-UE fuq it-transazzjonijiet finanzjarji	—	—	54,2	33,3
<b>Total tar-riżorsi proprji</b>	<b>131,1</b>	<b>100,0</b>	<b>162,7</b>	<b>100,0</b>

Sors: Kalkolu tal-Kummissjoni bbażat fuq COM(2011) 510 aġġornat fuq il-bażi ta' COM(2011) 738

## APPENDIĊI II

## Evoluzzjoni tal-parametri ewlenin (1984-2011)

	1984	2005	2011
<b>Sehem tal-PAK fil-baġit (% tat-total)</b>	69 %	50 %	44 %
<b>Kontribuzzjoni bbażata fuq il-VAT (% tat-total)</b>	57 %	16 %	11 %
<b>Prosperità tar-Renju Unit (ING per capita skont l-istandards tal-poter tal-akkwist)</b>	93 % tal-UE-10	117 % tal-UE-25	111 % tal-UE-27

Sors: il-Kummissjoni Ewropea, DG Baġit

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea”**

COM(2011) 613 finali

(2012/C 181/10)

Relatur: **is-Sur VAN IERSEL**

Nhar is-6 ta’ Ottubru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-futur tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea*

COM(2011) 613 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta’ Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta’ Marzu 2012 (seduta tat-28 ta’ Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’139 vot favur, 2 voti kontra u 9 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet

1.1 Il-KESE jaqbel li l-kriżi attwali qed iġġiegħel lill-Istati Membri u lill-UE jkunu attenti ħafna għall-infiq żejjed. F’dan il-kuntest, jifhem perfettament li l-Kunsill ma jixtieqx joħloq iżjed opportunitajiet fil-qafas tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE).

1.2 Madankollu, il-KESE jixtieq ifakkar fid-dispożizzjonijiet il-ġodda tat-TFUE, b’mod speċjali fl-Artikoli 4, 174 u 222, li jenfasizzaw ir-responsabbiltà konġunta tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jindirizzaw id-diżastri naturali u l-attakki terroristiċi fit-territorju kollu tal-Unjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet juru li f’ċirkustanzi speċjali ħafna, l-UE ma titqiesx biss b’halha komunità ta’ interessi soċjoekonomiċi iżda wkoll b’halha komunità b’destin komuni. Din kienet ukoll il-motivazzjoni li wasslet għall-ħolqien tal-FSUE fl-2002, sena li rat diversi każijiet ta’ għargħar enormi tax-xmajjar f’bosta Stati Membri.

1.3 Il-KESE jemmen bis-sħiħ li meta nħarsu lejn iż-żoni ta’ koeżjoni b’mod integrali, naraw li jeżisti destin komuni għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni, li jassumu r-responsabbiltà tagħhom għalih. Fid-dawl tar-riżultat tad-diskussjonijiet twal fil-Kunsill, il-KESE huwa diżappuntat li dan l-ispirtu b’halha qiegħed ibatti. L-enfasi qawwija li l-Kunsill għamel fuq is-“sussidjarjetà” matul dawn id-diskussjonijiet tirrifletti dan in-nuqqas.

1.4 Il-KESE jaqbel mal-aġġustamenti prattiċi kollha li l-Kummissjoni tippromponi għar-Regolament tal-FSUE bil-għan li l-Fond jitħaddem b’mod aktar professjonali u biex ikun inqas burokratiku u jieħ u inqas ħin għal dawk li jibbenefikaw minnu.

1.5 Il-KESE jinsisti b’mod partikolari fuq ix-xewqa li tittejjeb il-viżibbiltà tal-impenn konġunt tal-Unjoni meta din tagħti l-appoġġ finanzjarju f’każ ta’ diżastru. B’halha l-proċeduri huma purament amministrattivi. Il-pagamenti tal-UE ħafna drabi jsiru xhur wara li jseh id-diżastru, u dan jindika n-natura teknika u saħansitra anonima tal-proċedura. B’halha r-riżultat huwa pjuttost l-oppost tal-espressjoni ta’ empatija komuni, li l-KESE jixtieq li tkun enfasizzata aktar.

1.6 Il-KESE jipproponi li tiġi kkunsidrata l-inklużjoni tal-finanzjament tal-FSUE direttament fil-baġit tal-Unjoni Ewropea b’halha mod prattiku biex jitħaffu l-pagamenti u biex jiġi żgurat livell ħafna ogħla ta’ viżibbiltà għall-attivitatiet tiegħu.

## 2. Introduzzjoni

2.1 Il-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ġie stabbilit fl-2002, u b’hekk inholq strument tal-UE biex jirrispondi għad-diżastri naturali kbar. Dak iż-żmien il-KESE qabel bis-sħiħ mal-ħolqien tal-Fond <sup>(1)</sup>.

2.2 Ir-Regolament oriġinali tal-2002 jistabbilixxi li sa tmieni l-2006 kellha ssir reviżjoni tal-Fond. Għal dan il-għan, fl-2005 l-Kummissjoni wettqet l-ewwel reviżjoni tal-FSUE. Fl-istess sena l-KESE kkummenta dwar il-proposta tal-Kummissjoni li rriżultat

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar “il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea”, ĠU C 61/30, 14.3.2003, p. 187 (mhux disponibbli bil-Malti).

minn dan <sup>(2)</sup>. Il-KESE ressaq diversi proposti, b'mod partikolari biex il-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond jiġi estiż għan-nuqqas ta' xita, biex jitbaxxew il-livelli limitu tal-interventi, u biex il-Kummissjoni tingħata setgħa diskrezzjonali akbar.

2.3 Fl-aħħar mill-aħħar, il-Kunsill ma laqax il-bidliet proposti mill-Kummissjoni li kienu ntlagħhu tajjeb ħafna fil-Parlament Ewropew (PE). Dawn kienu msejsa fuq l-esperjenza Prattika bir-Regolament u jikkonċernaw l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond lil hinn mid-diżastri naturali, il-ħidma biex il-kriterji tal-applikazzjoni jkunu aktar iffokati u trasparenti, u l-aġġustament tal-proċeduri burokratiċi li jieħdu l-ħin u li huma ta' ħsara għar-reazzjoni f'waqtha u l-viżibbiltà.

2.4 Fl-2011 il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta Komunikazzjoni dwar il-futur tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea bil-għan li terġa' tiftaħ id-diskussjoni ġenerali dwar il-Fond. L-opinjoni preżenti tal-KESE qed tikkumenta fuq din il-Komunikazzjoni.

2.5 Fir-rigward tal-ħin twil li jittieħed minħabba l-burokrazija b'rabta mal-proċeduri tal-FSUE, ta' min isemmi li l-Kummissjoni ma taġix minn rajha iżda biss abbażi tal-applikazzjonijiet formali min-naħa tal-Istati Membri, u dan jieħu ż-żmien. Wara kull applikazzjoni jsiru proċeduri estensivi bejn il-Kummissjoni, il-PE u l-Kunsill biex jiġi approvat baġit, u l-Istat Membru applikant iressaq ukoll il-kontribut finali tiegħu biex jiġġustifika t-talba għall-appoġġ finanzjarju.

2.6 Il-Kummissjoni tikkonkludi li dan "iwassal għal effett kumulattiv li f'ħafna drabi biex ikunu jistgħu jitħallsu l-għotjiet jilhq u jgħaddu bejn 9 u 12-il xahar minn meta jseħħ id-diżastru u xi drabi anki aktar" <sup>(3)</sup>.

2.7 Il-biża' mill-implikazzjonijiet baġitarji wasslu għal xett-ċiżmu u oppożizzjoni kontinwi. Is-"sussidjarjetà" tibqa' wieħed mill-prinċipji ewlenin f'każ ta' "diżastru". Fl-2010 reġgħet għet ikkonfermata l-oppożizzjoni min-naħa ta' maġġoranza kbira ta' Stati Membri għal kull bidla maġġuri fil-bażi legali u l-operat tal-Fond ta' Solidarjetà.

2.8 Wieħed għandu jfaħħar lill-Kummissjoni għall-isforzi tagħha biex testendi l-operat tal-FSUE għaliex l-evalwazzjoni tat prova li dan huwa ta' suċċess kbir fil-każijiet fejn intuża. Mill-banda l-oħra, l-applikazzjonijiet miċħuda wasslu għall-frustrazzjoni u għalhekk huma ta' ħsara għall-immaġni tal-UE.

2.9 X'aktarx l-istat attwali tad-dibattitu politiku mhux ser jagħti wisq spazju lil dawk li jippruvaw jestendu l-appoġġ tal-FSUE għal kategoriji ġodda ta' "diżastri", u lanqas lil dawk li jixtiequ jimmodifikaw il-livelli limitu jew itaffu l-kriterji għad-diżastri reġjonali.

<sup>(2)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "il-Proposta ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea", ĠU C 28/14, 3.2.2006, p. 69 (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(3)</sup> COM(2011) 613 final – Punt 2.3: l-aħħar paragrafu.

### 3. Kummmenti tal-KESE dwar il-proposti tal-Kummissjoni

3.1 Il-KESE huwa tal-fehma li, fiċ-ċirkustanzi attwali, kull bidla fil-FSUE għandha tkun limitata għal kjarifiki u għal titjib fl-operat tar-Regolament tal-2002. Il-kjarifiki dwar l-operat tal-Fond għandhom bla dubju ta' xejn jippruvaw itejbu l-viżibbiltà tiegħu.

3.2 Kif targument l-Kummissjoni, il-fatt li jkun hemm definizzjoni aktar preċiża li l-assistenza mill-Fond tista' tingħata biss f'każ ta' diżastru naturali tista' tgħin biex jiġu esklużi d-diffikultajiet legali mhux mixtieqa. Dan ikun iwieġeb ukoll għall-kritika ta' bosta Stati Membri, u jnaqqas id-diżappunt tal-Istati Membri milquta.

3.3 Il-KESE jemmen li l-limitazzjoni tal-Fond għad-diżastri naturali mhux ser teskludi l-"effetti ulterjuri" ta' dawn id-diżastri, pereżempju fuq l-impjanti industrijali jew il-faċilitajiet tas-saħħa u l-istatarijiet. Għalkemm, b'mod ġenerali, f'dawn il-każijiet ma jintlaqtux biss is-servizzi pubbliċi iżda wkoll l-attivitajiet privati, jeżisti argument qawwi biex dawn jiġu inklużi meta jkunu jagħmlu parti minn qafas soċjetali reġjonali, pereżempju f'termini ta' impjeg.

3.4 L-esperjenza turi li jeżistu problemi sostanzjali bl-interpretazzjoni ta' ċerti riperkussjonijiet li jirriżultaw minn "diżastru reġjonali straordinarju". Il-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li l-kriterji għad-diżastri reġjonali jitpoġġew fuq bażi sempliċi u oġġettiva, li tkun komparabbli ma' dik użata għad-definizzjoni ta' "diżastri maġġuri". Bħalma turi s-simulazzjoni li għamlet il-Kummissjoni, ir-riżultat finali jkun bejn wieħed u ieħor bħall-effett tad-definizzjoni attwali. Madankollu, għadd ta' applikazzjonijiet ma kinux jiġu ppreżentati għaliex huwa ċar li ma kinux eliġibbli għall-appoġġ mill-FSUE.

3.5 Il-Kummissjoni bir-raġun tikkritika d-dewmien biex tipprovdi l-għotjiet. Il-KESE jaqbel perfettament ma' dan (ara wkoll il-punt 2.6 aktar 'il fuq). Il-Kumitat huwa tal-fehma li għandu jsir kull sforz sabiex jingħaġġu l-proċeduri u b'hekk jitejbu r-reazzjoni u l-viżibbiltà tal-FSUE.

3.6 F'dan ir-rigward, il-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li fir-Regolament tiġi introdotta l-possibbiltà li jsiru pagamenti bil-quddiem, liema pagamenti jkollhom jitħallsu lura f'każ li applikazzjoni ma tiġix aċċettata abbażi tar-regoli.

3.7 Il-KESE jaqbel bis-sħiħ mal-Kummissjoni li l-proċeduri jistgħu u għandhom jitqassru u jiġu ssemplifikati kull fejn hu possibbli. Jeżistu diversi possibbiltajiet biex jiġu amalgamati d-deċizzjonijiet fi ħdan il-Kummissjoni (fis-sistema attwali hemm erbgħa) kif ukoll fi ħdan l-Istati Membri (bħalissa jeżistu tnejn). Kif għustament targument l-Kummissjoni, jista' jiġi ffrankat ħafna żmien jekk isiru xi aġġustamenti proċedurali pjuttost sempliċi.

3.8 Hija pjuttost rivelattriċi u mixtieqa ħafna l-proposta tal-Kummissjoni li fir-Regolament tiġi msaħħa u speċifikata d-dispożizzjoni li l-Istat Membru benefiċjarju jintalab jiċċara fid-detall kif ser jipprevjeni diżastri oħra fil-futur billi jimplementa l-leġislazzjoni tal-UE dwar il-valutazzjoni, il-ġestjoni u l-prevenzjoni tad-diżastri abbażi tal-lezzjonijiet misluta u l-impenn li jieħu miżuri b'rabta mat-tibdil fil-klima.

3.9 Il-Kummissjoni ssemmi b'mod espliċitu l-Artikolu 222 tat-TFUE, jiġifieri d-dispożizzjoni li l-UE u l-Istati Membri għandhom jaġixxu flimkien fi spirtu ta' solidarjetà f'każ ta' attakk terroristiku jew ta' diżastru naturali jew ikkaġunat mill-bniedem. Jista' jingħad ukoll li t-TFUE jintroduċi għall-ewwel darba

fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 174 il-"koeżjoni territorjali" bħala "responsabbiltà konġunta" bejn l-UE u l-Istati Membri; l-Unjoni għandha tippromovi aktar il-"koeżjoni territorjali" fir-reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali permanenti.

3.10 Dawn id-dispożizzjonijiet ma jirriflettux biss ir-responsabbiltajiet konġunti fost l-atturi kollha fl-Unjoni, iżda joħorġu fid-dieher ukoll is-sens ta' destin komuni. Fid-dawl tar-reazzjonijiet tal-Kunsill għall-proposti suċċessivi tal-Kummissjoni u l-kummenti mill-partijiet l-oħra kkonsultati, huwa ċar li l-Istati Membri huma inqas lesti li jaġixxu bi spirtu ta' destin komuni. Dan jispjega għaliex huma qed jagħmlu enfasi dejjem akbar fuq is-"sussidjarjetà".

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar sistema komuni ta’ taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE”**

COM(2011) 594 finali

(2012/C 181/11)

Relatur: **is-Sur PALMIERI**

Nhar id-19 ta’ Ottubru 2011, il-Kunsill iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta’ taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE*

COM(2011) 594 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta’ Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta’ Marzu 2012 (seduta tad-29 ta’ Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’164 vot favur, 73 vot kontra u 12-il astensjoni.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (KESE), b’konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew<sup>(1)</sup> jilqa’ b’sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tiġi introdotta taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (FTT – Financial Transaction Tax) għalkollox konformi mal-pożizzjonijiet li diġà ġew espressi qabel fl-Opinjoni tiegħu<sup>(2)</sup>.

1.2 Fl-Opinjoni preċedenti tiegħu<sup>(3)</sup>, il-KESE diġà kien għamel enfasi fuq l-importanza li terġa’ tiġi garantita l-awtonomija finanzjarja tal-Unjoni Ewropea (UE) hekk kif kien indikat fil-bidu nett mill-Artikolu 201 tat-Trattat ta’ Ruma. U huwa f’dan il-kuntest li l-FTT tista’ tirrappreżenta – għall-KESE – wieħed mill-elementi prinċipali tas-sistema l-ġdida ta’ riżorsi proprji tal-Unjoni. Dan huwa strument li kapaċi jiżgura l-awto-suffiċjenza finanzjarja meħtieġa tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020.

1.3 Il-KESE jinsisti fuq il-bżonn li jkun hemm qbil dwar l-applikazzjoni globali tal-FTT, iżda madankollu, bħalma diġà indika fl-Opinjoni tal-15 ta’ Lulju 2010 (ara nota nru 2 f’qiegħ il-paġna), iqis li l-aħjar mod kif jinkiseb dan ir-riżultat huwa billi t-taxxa tiġi introdotta fl-Unjoni Ewropea (UE). Il-KESE, b’konformità mal-pożizzjoni tal-Kummissarju Algirdas Semeta u

tal-Parlament Ewropew, iqis li bħalma ġara għal ħafna politiki globali (bħal pereżempju dik dwar it-tibdil fil-klima), l-UE tista’ u għandha taqdi r-rwol ta’ mexxejja u tkun l-awtorità f’dan il-qasam<sup>(4)</sup>. Madankollu, il-KESE jqis li għandhom isiru l-aktar sforzi possibbli sabiex l-introduzzjoni tat-taxxa ssir fil-livell globali.

1.3.1 Il-KESE jqis li l-ittra indirizzata mill-Ministri tal-Finanzi ta’ disa’ Stati Membri tal-UE (il-Ġermanja, Franza, l-Italja, l-Awstrija, il-Belġju, il-Finlandja, il-Greċja, il-Portugal u Spanja) lill-Presidenza Daniża tal-UE għandha titqies f’dan id-dawl – ittra li fiha d-deċiżjoni tal-Presidenza li tgħaġġel il-proċess ta’ analiżi u negozjar għall-applikazzjoni tal-FTT tintlaqa’ b’sodisfazzjon.

1.4 Għall-KESE, l-introduzzjoni tal-FTT tagħmel parti minn proċess usa’ – inniedi mill-Kummissjoni – permezz tar-reviżjoni tad-direttivi prinċipali tas-swieq tal-istrumenti finanzjarji (COM(2011) 656; COM(2011) 652), bil-għan li jiġu garantiti trasparenza, effiċjenza u effikaċja aħjar ta’ dawn is-swieq. Barra minn hekk, kif diġà ġie enfasizzat f’Opinjoni preċedenti, il-KESE huwa tal-fehma li, permezz ta’ regolazzjoni u superviżjoni adatti, għandhom jiġu assigurati l-istabbiltà u l-effikaċja tas-settur finanzjarju, jiġi limitat it-teħid ta’ riskju eċċessiv, kif ukoll jinħolqu l-inċentivi adatti għall-istituzzjonijiet tas-settur finanzjarju.

1.5 Il-KESE jqis li sabiex ir-riskju tad-delokalizzazzjoni tal-attivitajiet finanzjarji jiġi newtralizzat jew għall-inqas jitnaqqas għall-minimu, hemm bżonn li l-prinċipju tar-residenza (jew tat-territorjalità), propost mill-Kummissjoni, jingħaqad mal-prinċipju tal-ħruġ, imressaq mill-Parlament Ewropew, li abbażi

(1) Il-Parlament Ewropew “huwa favur l-introduzzjoni ta’ taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, li ttejjeb il-funzjonament tas-suq billi tnaqqas l-ispekulazzjoni u tgħin biex jiġu ffinanzjati l-beni pubbliċi globali u jitnaqqsu d-defiċits pubbliċi”.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar finanzjament innovattiv fil-livell globali u Ewropew. 2010/2105(INI) test adottat fit-8 ta’ Marzu 2011.

(2) Opinjoni tal-KESE dwar “Taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji”, adottata fil-15 ta’ Lulju 2010 (ĠU C 44/14, 11.02.2011, p. 81). Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni dwar it-tassazzjoni tas-Settur Finanzjarju (COM(2010) 549 final), (ĠU C 248/11 of 25.8.2011, p. 64).

(3) Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni: ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE (ĠU C 248/11, 25.8.2011, p. 75).

(4) Algirdas Semet, 17/2/2012, Il-koordinazzjoni tat-taxxi tal-UE u s-settur finanzjarju. Kummissarju tal-UE għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, il-Verifika u l-Ġlieda kontra l-Frodi. Speech/12/109. Londra.

Il-Parlament Ewropew, Riżoluzzjoni dwar finanzjament innovattiv fil-livell globali u ewropew (P7\_TA-PROV(2011)0080).



tiegħu t-taxxa tapplika (bħal taxxa tal-bolla) għal dawk it-tranżazzjonijiet li jinvolvu l-istrumenti finanzjarji kollha maħruġin minn persuni legali rreġistrati fl-UE, minħabba li ma jkunux jistgħu jiġu applikati l-kuntratti ta' xiri jew ta' bejgħ<sup>(5)</sup>.

1.6 Il-KESE jqis li jekk tiġi applikata l-FTT, dan jippermetti li tiġi żgurata li jkun hemm kontribuzzjoni aktar ġusta tas-settur finanzjarju, kemm għall-baġit pubbliku tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-baġits tal-Istati Membri.

1.7 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li permezz tal-introduzzjoni tal-FTT huwa possibbli li tinbidel is-sistema ta' benefiċċji tal-operatori finanzjarji billi jitnaqqas il-kummerċ ta' frekwenza għolja u b'dewmien baxx (high frequency and low latency trading). Dawn huma operazzjonijiet li huma spekulattivi ħafna, huma sors ta' nuqqas ta' stabbiltà tas-swieq finanzjarji u għalkollox separati mill-funzjonament normali tal-ekonomija reali. Għalhekk, permezz tal-FTT ser ikun possibbli li jiġu stabilizzati s-swieq finanzjarji, billi jiżiedu l-benefiċċji f'allokazzjonijiet finanzjarji fuq perjodu medju u fit-tul li jistgħu jiġu diretti lejn il-qasam tal-intrapriżi.

1.7.1 Il-KESE jsostni li l-pass inqas mgħaġġel tat-tranżazzjonijiet spekulattivi ħafna, dovut għall-introduzzjoni tal-FTT, ser iwassal biex jiġu stabilizzati b'mod sostanzjali l-fluttwazzjonijiet tal-valuri fis-swieq finanzjarji, u jista' jippermetti lill-intrapriżi, li joperaw f'ekonomija reali, li jkollhom xenarji finanzjarji aktar stabbli għall-investimenti proprji<sup>(6)</sup>.

1.8 Għall-KESE, wieħed mill-aktar effetti importanti tal-introduzzjoni tal-FTT jista' jkun dak marbut mat-titjib tas-sitwazzjoni tad-dejn sovrani. Il-kriżijiet tal-bonds tal-Gvern jaggravaw fil-perjodi ta' instabbiltà finanzjarja qawwija. Iż-żieda fid-dħul li tirriżulta mill-introduzzjoni tal-FTT ser tikkontribwixxi biex ittejjeb l-istabbilizzazzjoni fiskali, u timpedixxi l-ħtieġa li jsir aktar dejn. Effett bħal dan ser ikun dirett għar-riżorsi li jmorru għand l-Istati Membri u indirett għar-riżorsi li ser imorru fil-baġit tal-UE, li ser jissostitwixxu l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri.

1.9 Il-KESE jirrikonoxxi li l-introduzzjoni tal-FTT, peress li tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni fiskali, ser tiggarantixxi funzjonament tajjeb tas-suq intern, u għalhekk tippermetti li jiġu evitati d-distorsjonijiet f'ambitu fejn sal-lum diġà mill-inqas għaxar Stati Membri tal-UE introduċew forom differenti ta' FTT.

<sup>(5)</sup> Il-Parlament Ewropew, Abbozz ta' Rapport dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE. Relatur: Anni Podimata (10/2/2012).

<sup>(6)</sup> Schulmeister, S., 2011, "Implementation of a General Financial Transaction Tax" Austrian Institute of Economic Research (l-Istitut Awstrijakk tar-Riċerka Ekonomika) Ikkummissjonat mill-Kamra Federali tax-Xogħol.  
Griffith-Jones, S., Persaud, A., 2012, Financial Transaction Taxes (Taxxi fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji) <http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/201202/20120208ATT37596/20120208ATT37596EN.pdf>. (mhux disponibbli bil-Malti).

1.10 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-konsegwenzi makroekonomiċi u mikroekonomiċi negattivi li jirriżultaw mill-applikazzjoni leġislativa tal-FTT jiġu regolati b'attenzjoni, u b'hekk ir-riskji u l-ispejjeż relatati jiġu nnewtralizzati jew għallinqas jonqsu. Għal din ir-raġuni l-KESE jqis li, sabiex jiġu kkompensati l-effetti negattivi prinċipali li l-FTT jista' jkollha fuq l-ekonomija reali, jeħtieġ li tiġi evalwata l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi adegwati ta' kumpens.

1.10.1 Il-KESE jqis li l-monitoraġġ u l-valutazzjoni sussegwenti tal-konsegwenzi marbuta mal-applikazzjoni tal-FTT – permezz ta' rapport li għandu jintbagħat lill-Parlament u lill-Kunsill – għandhom ikunu previsti kull sena u mhux fi tmien it-tielet sena mill-introduzzjoni tal-FTT<sup>(7)</sup>.

1.11 Il-KESE jqis li l-impatt tal-introduzzjoni tal-FTT għandu jiġi vvalutat billi jitqiesu l-effetti tat-tnaqqis tal-PDG fit-tul (kif jidher fil-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni) kif ukoll l-effetti globali b'rabta mal-kontribut: i) għal funzjonament aħjar tas-swieq finanzjarji wara l-istabbilizzazzjoni tagħhom; ii) għar-rilokazzjoni tal-investimenti lejn ekonomija reali; iii) għal politiki ta' regolamentazzjoni li kapaċi jtejjbu l-effiċjenza, l-effikaċja u t-trasparenza tas-swieq finanzjarji Ewropej; iv) għall-konsolidazzjoni tas-sistema fiskali tal-Istati Membri minħabba aktar disponibbiltà tar-riżorsi, u v) għall-iffrankar u l-investimenti mill-familji. Skont l-istimi reċenti, dawn l-effetti kollha jistgħu saħansitra jwasslu għal żieda pożittiva tal-PDG fit-tul ta' 0,25 %<sup>(8)</sup>.

1.12 Il-KESE jesprimi xi riżervi fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt relatata mal-applikazzjoni tal-FTT li tikkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni. Fil-fatt iqis li din ma tikkunsidrax numru ta' effetti – li wħud minnhom jinsabu mniżżla f'din l-Opinjoni – bir-riskju li dan jista' jgħajjef il-valutazzjoni globali tal-istess proposta. Għal din ir-raġuni, il-KESE jitlob li malajr kemm jista' jkun il-Kummissjoni ttwettaq valutazzjoni addizzjonali aktar fil-fond.

1.13 Il-KESE jaqbel mal-għażla tal-Kummissjoni li tiġi proposta FTT minflok taxxa fuq l-attivitajiet finanzjarji (FAT – financial activities tax), peress li anke jekk din it-taxxa tista' tirregola b'mod aħjar l-aspetti distributtivi (minħabba korrelazzjoni aħjar mad-dħul iġġenerat mill-attivitajiet finanzjarji), madankollu tippreżenta riskji kbar li tiġi trasferita fuq il-konsumaturi u l-intrapriżi b'effetti minimi ta' stabilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji.

1.14 Il-KESE huwa tal-fehma li għandu jiġi mfakkar li mill-ħarifa tal-2010 l-hawn, il-livell limitu taċ-ċittadini Ewropej – intervistati mill-Ewrobarometru – li huma favur l-introduzzjoni ta' FTT ma niżilx taħt il-livell limitu ta' 60 % (fil-ħarifa tal-2010: 61 %; fir-rebbieġha tal-2011: 65 %, fil-ħarifa tal-2011: 64 %<sup>(9)</sup>). Għal din ir-raġuni, l-introduzzjoni tal-FTT tista' tkun l-ewwel pass importanti sabiex is-settur finanzjarju jerġa' jibda jikseb il-fiducia b'żonjuza miċ-ċittadini Ewropej.

<sup>(7)</sup> Hekk kif indikat fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni, SEC(2011) 1103 final.

<sup>(8)</sup> Griffith-Jones, S., Persaud, A., 2012, Op.cit.

<sup>(9)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, 2011, Ewrobarometru 76 – *Public opinion in the European Union – First Results* (Opinjoni pubblika fl-Unjoni Ewropea – L-ewwel riżultati, mhux disponibbli bil-Malti). Ġbir ta' tagħrif: Novembru 2011. Pubblikazzjoni: Diċembru 2011.

1.15 Waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala korp konsultattiv tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-KESE jimpenja ruħu biex iwettaq monitoraġġ kostanti tal-proċess li permezz tiegħu l-proposta tal-Kummissjoni għall-introduzzjoni tal-FTT twassal għal leġislazzjoni.

## 2. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi sistema komuni ta' tassazzjoni fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji

2.1 Sa mill-2009 fil-laqgħat tal-G20 (Pittsburgh, Toronto u Cannes), il-Kummissjoni Ewropea ħasset il-ħtieġa li tiġi introdotta taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji mad-dinja kollha. F'dan l-isfond, fis-7 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar it-Tassazzjoni tas-Settur Finanzjarju (COM(2010) 549 final).

2.2 Illum il-Kummissjoni, fi ħdan qafas aktar sistematiku, qed terġa' ttipproponi t-tassazzjoni fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (FTT). Fil-fatt, il-proposta tidħol fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid 2014-2020 ippreżentat mill-Kummissjoni, bil-għan li tiġi żgurata – permezz ta' sistema aktar appoġġjata u li għandha riżorsi proprji – awtonomija finanzjarja akbar għall-baġit pluriennali tal-Unjoni Ewropea <sup>(10)</sup>.

2.3 L-applikazzjoni tat-taxxa tikkonċerna t-tranżazzjonijiet finanzjarji li jsiru mill-entitajiet finanzjarji, b'eċċezzjoni ta' dawk li jolqtu liċ-ċittadini u lill-intrapriżi (il-konklużjoni ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, self ipotekarju, kreditu għall-konsum jew servizzi ta' hłas), it-tranżazzjonijiet fis-suq primarju (ħliet il-ħruġ u r-rimborż ta' ishma u kwoti ta' impriżi għall-investment kollettiv fit-titoli trasferibbli u l-fondi ta' investment alternattivi) u t-tranżazzjonijiet immedjati fil-muniti (mhux id-derivati f'muniti).

2.4 L-atturi involuti fil-hłas tal-FTT huma l-istituzzjonijiet finanzjarji li jipparteċipaw fi tranżazzjoni finanzjarja "jew akkont tagħhom stess jew akkont ta' persuni oħra, jew li jaġixxu għan-nom ta' parti għat-tranżazzjoni". Jibqgħu esklużi t-tranżazzjonijiet finanzjarji mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali. Il-Kontropartijiet Ċentrali, id-Depożitarji Ċentrali tat-Titoli u d-Depożitarji Ċentrali Internazzjonali tat-Titoli, kif ukoll il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, mhumiex ikkunsidrati bħala istituzzjonijiet finanzjarji sakemm dawn ikunu qegħdin jeżerċitaw funzjonijiet li mhumiex ikkunsidrati bħala attivitá kummerċjali fiha nfisha.

2.5 Il-prinċipju ta' residenza (jew ta' territorjalità) jintuża biex jittaffa r-riskju ta' delokalizzazzjoni, li bla dubju ser jinħoloq. Skont dan il-prinċipju, mhuwiex importanti l-post fejn issir it-tranżazzjoni, iżda l-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti l-atturi finanzjarji involuti. It-tranżazzjoni hija soġġetta għall-applikazzjoni tat-taxxa jekk mill-inqas waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji involuti fit-tranżazzjoni tkun stabbilita fil-UE.

<sup>(10)</sup> Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multianwali għas-snin 2014-2020 (COM(2011) 398 final) u li jirrappreżenta t-traspożizzjoni regolatorja tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Il-Baġit għall-Ewropa 2020 tad-29 ta' Ġunju 2011 (COM(2011) 500 final)

2.5.1 Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva, istituzzjoni finanzjarja titqies li hija stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

— tkun ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru biex taġixxi bħala tali, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet koperti minn dik l-awtorizzazzjoni;

— għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha f'dak l-Istat Membru;

— l-indirizz permanenti jew ir-residenza tas-soltu tagħha jkun jinstab f'dak l-Istat Membru;

— għandha fergħa f'dak l-Istat Membru;

— hija parti, li qiegħda taġixxi akkont tagħha stess jew akkont ta' persuna oħra, jew qiegħda taġixxi fisem parti għat-tranżazzjoni, għal tranżazzjoni finanzjarja ma' istituzzjoni finanzjarja oħra stabbilita f'dak l-Istat Membru, jew ma' parti stabbilita fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u li mhijiex istituzzjoni finanzjarja <sup>(11)</sup>.

2.6 L-FTT ssir dovuta minn meta ssir it-tranżazzjoni finanzjarja. Minħabba n-natura differenti tat-tranżazzjonijiet, huma previsti żewġ ammonti taxxabbli. L-ewwel wieħed jikkonċerna t-tranżazzjonijiet mhux relatati mal-ftehim dwar derivati, li għalihom l-ammont taxxabbli jikkorrespondi mal-ammont dovut li jħallas jew għandu jħallas attur lil parti terza. Jekk il-prezz tal-ammont dovut ikun inqas minn dak tas-suq jew ma jkunx previst, l-ammont taxxabbli jiġi kkalkulat skont il-prezz tas-suq. It-tieni jikkonċerna l-każ tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, relatati ma' ftehim dwar derivati fejn l-ammont taxxabbli jkun l-ammont nozzjonali tal-ftehim dwar derivati fil-ħin meta ssir it-tranżazzjoni.

2.6.1 Ir-rati minimi li għandhom japplikaw l-Istati Membri fuq l-ammont taxxabbli għandhom jiġu identifikati kif ġej:

i) 0,1 % għat-tranżazzjonijiet finanzjarji mhux relatati ma' ftehim dwar derivati;

ii) 0,01 % għat-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati ma' ftehim dwar derivati.

Għal kull kategorija ta' tranżazzjoni, l-Istati Membri jistgħu japplikaw rata waħda. L-Istati Membri madankollu huma ħielsa li japplikaw rati ogħla mir-rati minimi stabbiliti.

2.7 L-entità responsabbli għall-hłas tat-taxxa hija kull korp finanzjarju li jkun involut fit-tranżazzjoni bħala parti, fisem oħrajn, fisem il-parti għat-tranżazzjoni jew meta t-tranżazzjoni tkun saret f'ismu; madankollu, il-partijiet l-oħrajn involuti fit-tranżazzjonijiet huma meqjusa responsabbli flimkien in solidum

<sup>(11)</sup> Fil-każ li jiġu ssodisfati aktar kondizzjonijiet, l-Istat Membru ta' appartenenza jiġi determinat skont l-ewwel kondizzjoni li tiġi ssodisfata skont l-ordni fil-lista.

taħt kundizzjonijiet stabbiliti. Madankollu, l-Istati Membri huma ħielsa li jidentifikaw partijiet oħrajn responsabbli għall-ħlas tat-taxxa u l-obbligi tar-reġistrazzjoni, tal-kontabbiltà, tar-rappurtar u ta' obbligi oħra li jiżguraw il-ħlas effettiv tat-taxxa.

2.8 Fil-każ ta' tranżazzjonijiet li jsiru b'mezzi elettroniċi, it-taxxa għandha titħallas minn meta ssir dovuta, u fil-każijiet l-oħrajn huwa previst limitu massimu ta' tliet ġranet ta' xogħol.

2.9 L-Istati Membri huma responsabbli għall-adozzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-evitar, l-evażjoni u l-abbuż. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tista' tipproponi atti ddelegati permezz ta' konsultazzjoni minn qabel tal-Kunsill.

2.10 L-introduzzjoni tal-FTT timplika l-abolizzjoni u n-nonintroduzzjoni ta' kwalunkwe taxxa oħra fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji fil-livell tal-Istati Membri individwali.

2.11 Fil-qafas tal-proposta tal-Kummissjoni, l-adozzjoni ta' taxxa minima komuni – li d-dħul fis-seħħ tagħha huwa previst fl-1 ta' Jannar 2014 – tippermetti li jiġu armonizzati l-inizjattivi li ttehdud diġà mill-Istati Membri fir-rigward tal-FTT u b'hekk jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku.

2.12 L-għażla li tiġi adottata taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji saret wara valutazzjoni tal-impatt li kkunsidrat ukoll l-introduzzjoni tal-FAT bħala soluzzjoni alternattiva potenzjali, iżda li qieset l-FTT bħala preferibbli. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni tal-impatt, ġie stmat li l-qligħ annwali li tiġġenera l-FTT huwa ta' EUR 57 biljun fis-sena (EUR 37 biljun iridu jmorru fil-baġit tal-UE, filwaqt li l-EUR 20 biljun li jkun fadal imorru fil-baġit tal-Istati Membri individwali) <sup>(12)</sup>.

2.13 Huwa previst li l-Kummissjoni tibgħat rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva regolament flimkien ma' proposti għal emendi, fejn meħtieġ. L-ewwel rapport huwa previst għall-31 ta' Diċembru 2016, u dawk sussegwenti ser isiru kull ħames snin.

### 3. Kummmenti ġenerali

3.1 Permezz ta' din l-Opinjoni, il-KESE beħsiebu jipprovdi valutazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni li għandha l-għan li tippromovi Direttiva tal-Kunsill għall-istabbiliment ta' sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji (COM(2011) 594 final <sup>(13)</sup>).

3.2 Din l-Opinjoni tkompli fi ħdan il-qafas li diġà ġie mfassal qabel mill-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-15 ta' Lulju 2010 dwar l-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji,

<sup>(12)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Brussell, it-28 ta' Settembru 2011, SEC(2011) 1103 final, Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni – Sommarju eżekuttiv tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja d-dokument "Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE".

<sup>(13)</sup> Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE (COM(2011) 594 final).

u mill-Opinjoni tal-15 ta' Ġunju 2011 (ara n-nota 2 fil-qiegħ tal-paġna) dwar il-Komunikazzjoni dwar it-tassazzjoni tas-settur finanzjarju (COM(2010) 549 final).

3.3 Il-proposta għal FTT tissejjes fuq l-għarfien li s-swieq finanzjarji, wara l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, urew – matul dawn l-aħħar għoxrin sena – żieda qawwija fil-volumi ta' tranżazzjonijiet finanzjarji u fil-volatilità tal-prezzijiet tagħhom. Dan wassal għad-destabilizzazzjoni tal-ekonomija dinjija <sup>(14)</sup>.

3.3.1 Is-swieq finanzjarji, minn "strumenti" li jirkupraw ir-riżorsi finanzjarji għall-ekonomija reali, bil-mod il-mod qed jaqdu rwol ċentrali "huma stess", u fil-fatt qed "idgħajfu" l-ekonomija reali. Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, il-KESE jqis xieraq li dawn is-swieq ikunu soġġetti għal mekkaniżmi li kapaċi jiżguraw l-effiċjenza, permezz tar-regolamentazzjoni tagħhom u l-effiċakja, permezz tat-trasparenza, filwaqt li jkun iggarantit li jikkontribwixxu b'mod ugwali – flimkien ma' fatturi oħrajn tal-produzzjoni – għat-tħejija tal-baġit tal-Unjoni u l-baġits tal-Istati Membri <sup>(15)</sup>.

3.3.2 Il-KESE, filwaqt li jtenni li l-kriżi attwali hija minħabba kriżi finanzjarja li bdiet fl-2007 u li nfrxet għall-ekonomija reali sa mill-2008 <sup>(16)</sup>, iqis li s-settur li huwa prinċipalment responsabbli għal din il-kriżi – dak finanzjarju – għandu jikkontribwixxi b'mod ġust biex din tingħeleb. Sal-lum, l-Istati Membri tal-UE impenjaw ruħhom li jappoġġjaw lis-settur finanzjarju (f'termini ta' finanzjamenti u garanziji) b'EUR 4600 biljun, jiġifieri 39 % tal-PDG tal-UE-27 fl-2009. Kontribut li tassew kellu effett negattiv fuq il-finanzi pubbliċi ta' xi Stati Membri tal-UE, u ta' bidu għal kriżi perikoluża taż-żona tal-euro <sup>(17)</sup>.

<sup>(14)</sup> It-tranżazzjonijiet ibbażati fuq il-munita huma mill-inqas 70 darba ogħla meta mqabbla mal-kummerċ ta' prodotti u servizzi fil-livell dinji. Fl-2006, il-kummerċ fis-swieq tad-derivati, fl-Ewropa, kien 84 darba ogħla meta mqabbel mal-PDG, filwaqt li l-kummerċ f'suq immedjat (spot market trading) (xiri u bejgħ ta' muniti jew valuri finanzjarji bi ftehimiet immedjati stabbiliti "on the spot") kien biss 12-il darba ogħla mill-PDG nominali tal-UE.

Schulmeister, S., Schratzenstaller, M., Picek, O., 2008, *A General Financial Transaction Tax – Motives, Revenues, Feasibility and Effects*, l-Istitut Awstrijakk tar-Riċerka Ekonomika, studju ta' riċerka kkummissjonat mill-Ecosocial Forum Austria, kofinanzjat mill-Ministeru Federali tal-Finanzi u l-Ministeru Federali tal-Ekonomija u x-Xogħol, Marzu 2008.

<sup>(15)</sup> Haug, J., Lamassoure, A., Verhofstadt, G., Gros, D., De Grauwe, P., Ricard-Nihoul, G., Rubio, E., 2011, *Europe for Growth – For a Radical Change in Financing the EU*.

Rapport tal-Grupp de Larosière (ĠU C 318, 23.12.2009).

Il-Parlament Ewropew, 15 ta' Ġunju 2010, Rapport dwar il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali: rakkomandazzjonijiet rigward il-miżuri u l-inizjattivi li għandhom jittieħdu (2010/2242 (INI)); relatur: Pervenche Berès.

Il-Parlament Ewropew, 8 ta' Marzu 2010, Riżoluzzjoni dwar it-taxxi fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji. (2009/2750 (RSP)).

Il-Parlament Ewropew, 8 ta' Marzu 2011, Riżoluzzjoni dwar finanzjament innovattiv fil-livell globali u Ewropew. (2010/2105(INI)); relatur: Anni Podimata.

<sup>(16)</sup> Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – It-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika għall-istabilità, it-tkabbir u l-impjegi – Għodda għal governanza ekonomika tal-UE isħaħ, ĠU C 107/7, 06.4.2011.

<sup>(17)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Brussell, it-28 ta' Settembru 2011, SEC(2011) 1103 final, Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni – Sommarju eżekuttiv tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja d-dokument "Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE".



3.4 F'dan il-kuntest, il-proposta għal taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji hija parti integrali minn proċess li nbeda mill-Kummissjoni, permezz tar-reviżjoni tad-direttivi ewlenin tas-settur tas-swieq tat-titoli, bil-għan li jiggarantixxi governanza u trasparenza aħjar tas-swieq finanzjarji<sup>(18)</sup>, ħafna drabi mixtieqa mill-KESE fix-xogħlijiet tiegħu.

3.5 Il-KESE f'żewġ okkazzjonijiet separati diġà esprima opinjoni favorevoli dwar l-introduzzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, kemm fl-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-15 ta' Lulju 2010 (ara nota 2 fil-qiegħ tal-paġna) kif ukoll fl-Opinjoni tal-15 ta' Ġunju 2011 (ara nota 2 fil-qiegħ tal-paġna).

3.5.1 Għall-KESE, il-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 594 final tintroduċi sistema Ewropea ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji li hija konformi mal-linji ġenerali tal-proposti eżaminati fiż-żewġ Opinjonijiet preċedenti.

3.6 Il-KESE jirrikonoxxi bħala validi r-raġunijiet prinċipali li wasslu lill-Kummissjoni li tipproponi l-applikazzjoni ta' FTT fl-ivell Ewropew:

- iż-żieda fit-taxxa fuq l-attivitajiet finanzjarji bil-għan li dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu b'mod iżjed ġust għall-baġit pubbliku tal-Unjoni u għall-baġits tal-Istati Membri;
- il-bidla fl-imġiba tal-operaturi finanzjarji billi jitnaqqas il-volum tat-tranżazzjonijiet finanzjarji ta' frekwenza għolja u latenza baxxa (high frequency and low latency trading);
- L-armonizzazzjoni tal-FTT tal-Istati Membri differenti billi jiġu stabbiliti żewġ rati minimi (0,1 % għall-bonds u l-ishma; 0,01 % għad-derivati).

3.6.1 Fir-rigward tal-kontribuzzjoni għall-baġit tal-Unjoni u tal-Istati Membri, il-kriżi ekonomika u l-kriżi reċenti tad-djun sovrani jeħtieġu politika li kapaċi terġa' tnedi l-iżvilupp ekonomiku f'kuntest ta' restrizzjonijiet dejjem aktar stretti fuq il-baġits pubbliċi. L-introduzzjoni tal-FTT, li tikkontribwixxi għas-sistema l-ġdida ta' riżorsi proprji tal-baġit tal-UE, ser tippermetti li l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jitnaqqsu b'mod sinifikanti, u b'hekk tippermetti li jissaħħu mill-ġdid il-baġits nazzjonali. Il-Kummissjoni stmat li, fl-2020, ir-riżorsi proprji l-ġodda jistgħu jikkorrespondu għal madwar nofs il-baġit tal-UE u l-parti tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri fuq l-introjt nazzjonali gross ser tonqos għal terz meta mqabbla mal-porzjon attwali li jaqbeż it-tliet kwarti.

3.6.1.1 Kif ġie indikat qabel, l-applikazzjoni ta' FTT ser issir ukoll għal sens ta' ġustizzja. F'dawn l-aħħar snin, is-sistema

<sup>(18)</sup> Brussell, 20 ta' Ottubru 2011, COM(2011) 656 final, Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li tirrevoka d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.  
Brussell, 20 ta' Ottubru 2011, COM(2011) 652 final, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament [EMIR] dwar id-derivati OTC, il-kontropartijiet ċentrali u r-repożitorji tan-negożju.

finanzjarja bbenefikat minn taxxa mnaqqsa, minħabba l-vantaġġ fiskali ta' madwar EUR 18-il biljun fis-sena minħabba l-eżenzjoni tas-servizzi finanzjarji mill-ħlas tal-VAT.

3.6.1.2 F'dan il-kuntest, il-KESE diġà ddikjara li huwa favur il-proposta tal-Kummissjoni li temenda s-sistema tat-taxxa fir-rigward ta' żieda fil-kontribuzzjoni tas-settur finanzjarju. Għal din ir-raġuni, il-KESE jqis li l-proposta tal-Kummissjoni miexja fid-direzzjoni mixtieqa.

3.6.2 Fir-rigward tal-possibbiltà li, permezz ta' FTT, ikun possibbli li jitnaqqas il-volum ta' tranżazzjonijiet finanzjarji b'riskju għoli u volatili ħafna, jaqbel li ssir enfasi fuq il-kategorija ta' tranżazzjonijiet finanzjarji li għandha tkun l-aktar milquta mill-proposta. It-tranżazzjonijiet finanzjarji ta' frekwenza għolja u latenza baxxa, permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni avanzati ħafna, bl-użu ta' algoritmi matematiċi kumplessi li kapaċi janalizzaw – fi frazzjonijiet ta' sekonda – id-data tas-suq billi jimplementaw l-istrateġiji relatati ta' intervent fis-swieq finanzjarji (kwantità, prezz, ħin, il-postijiet fejn jinsabu l-kummerċanti, ordnijiet ta' xiri/bejgħ) billi b'hekk jitnaqqas il-ħin ta' latenza (li jitkejjel f'mikrosekondi – “partijiet minn miljun ta' sekonda”). Permezz ta' dawn it-tranżazzjonijiet, l-operatur ikun jista' jipprova risposta “bikrija” fis-swieq billi jiġġenera tranżazzjonijiet ta' xiri u bejgħ li jingħalqu f'wieħed minn għaxra ta' sekonda. Għal din il-kategorija ta' tranżazzjonijiet, kien hemm ukoll diskussjonijiet dwar “insider trading abbażi tal-informatika”<sup>(19)</sup>.

3.6.2.1 Dawn it-tranżazzjonijiet jirrappreżentaw bejn it-13 % u l-40 % tal-volum totali ta' kummerċ fis-swieq finanzjarji tal-UE. Fl-Istati Uniti, ferba' snin biss (mill-2004 sal-2009), ġie kkalkolat li l-volum ta' tranżazzjonijiet finanzjarji ta' frekwenza għolja żdied minn 30 % għal 70 %<sup>(20)</sup>.

3.6.2.2 Dawn l-operazzjonijiet jirrappreżentaw tranżazzjonijiet għalkollox separati mill-funzjonament normali tal-ekonomija reali u jistgħu, fost l-oħrajn, ineħħu l-likwidità fi ħdan is-sistema ekonomika u jdgħajfu r-resistenza sistematika, mifhuma bħala l-kapaċità ta' sistema li tirreżisti għal pressjonijiet li jirriżultaw minn fażijiet kritiċi<sup>(21)</sup>.

3.6.2.3 L-applikazzjoni ta' FTT – wara ż-żieda tal-ispejjeż tat-tranżazzjoni – ser ikollha effett negattiv fuq l-attivitajiet ta' kummerċ bi frekwenza għolja minħabba l-effett kumulattiv

<sup>(19)</sup> Schulmeister, S., (2011), op.cit.  
The New York Times, 23.7.2011, *Stock Traders Find Speed Pays, in Milliseconds*. Duhigg, C.

<sup>(20)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, 8 ta' Diċembru 2010, konsultazzjoni pubblika dwar *Review of the Markets in Financial Instrument Directive (MiFID)* (Reviżjoni tad-Direttiva dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji – MiFID), Direttorat Ġenerali tas-Suq Intern u s-Servizzi.  
Il-Kummissjoni Ewropea, 20 ta' Ottubru 2010, SEC(2011) 1226 final, Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni. Valutazzjoni tal-Impatt li takkompanja d-dokument il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (Tfassil mill-ġdid) u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (mhux disponibbli bil-Malti).  
L-Istitut Awstrijakk tar-Riċerka Ekonomika, 2011, op. cit.

<sup>(21)</sup> Persuad, A., 14 ta' Ottubru 2011, “La Tobin Tax? Si può fare” (It-taxxa Tobin? Tista' ssir) (www.lavoce.info).

tal-applikazzjoni tat-taxxa. Il-volum imnaqqas tat-tranżazzjonijiet ta' frekwenza għolja ser jippromovi l-attività tal-istituzzjonijiet finanzjarji, diretta lejn l-attività finanzjarji tradizzjonali ta' intermedjazzjoni tal-kreditu, b'avantaggi ċerti għall-operaturi kkonċernati – bħall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju – li llum qed iġarrbu kriżi serja ta' likwidità.

3.6.2.4 Is-sistemi tat-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji li diġà huma fis-seħħ urew il-kapaċità li jnaqqsu l-volumi tal-kummerċ u l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tat-titoli, u għalhekk jippermettu tnaqqis fil-primjums tar-riskju; b'hekk huwa raġonevoli li l-introduzzjoni ta' FTT fl-livell Ewropew toħloq tnaqqis importanti anke għal dik il-kategorija ta' tranżazzjonijiet "mhux produttivi".

3.6.3 Fir-rigward tal-oġġettiv tal-armonizzazzjoni fiskali, s'issa għaxar Stati Membri tal-UE diġà ilhom żmien li introduċew forum differenti ta' taxxi fuq attivitàjiet u tranżazzjonijiet finanzjarji (il-Belġju, Ċipru, Franza, il-Finlandja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, ir-Rumanija, il-Polonja u r-Renju Unit). Għal dawn il-pajjiżi qed jintalab li l-liġi nazzjonali proprja tiġi adattata għal dik tal-UE (pereżempju, fost affarijiet oħra jistgħu jintalbu: japplikaw ir-rata minima u jarmonizzaw l-ammont taxxabli fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-UE). Għal finijiet ta' funzjonament tajjeb tas-suq intern, l-introduzzjoni ta' FTT ser tippermetti li jinġhata vantaġġ lis-swieq finanzjarji li huma l-aktar effiċjenti filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet ikkawżati minn regoli fiskali stabbiliti b'mod unilaterali mill-Istati Membri.

#### 4. Kummmenti speċifiċi

4.1 Il-Kummissjoni fasslet valutazzjoni tal-impatt tal-introduzzjoni tal-FTT b'rabta mal-effetti fit-tul fuq il-prodott domestiku gross (PDG), bejn – 0,17 % (għar-rata ta' 0,01 %) u – 1,76 % (għar-rata ta' 0,1 %) fl-ambitu ta' xenarju partikolarment sever li fih ma għie kkunsidrat l-ebda effett "mitiganti", pereżempju l-esklużjoni tas-suq primarju, l-esklużjoni tat-tranżazzjonijiet li jinvolvu mill-inqas operatur mhux finanzjarju u l-effetti fuq il-fatturi varjabbli makroekonomiċi l-oħra. Għall-Kummissjoni, jekk jiġu kkunsidrati wkoll l-effetti "mitiganti", l-effett massimu fuq il-PDG jinbidel minn – 1,76 % għal – 0,53 %. Fir-rigward tal-effetti fuq l-impjeg, għie smat li dawn ser ikunu bejn – 0,03 % (b'rata ta' 0,01 %) u – 0,20 % (għar-rata ta' 0,1 %).

4.2 Fir-realtà, jekk mal-effetti fit-tul tal-PDG wara l-introduzzjoni tal-FTT jiżdiedu l-effetti marbuta mal-funzjonament aħjar tas-swieq finanzjarji wara l-istabbilizzazzjoni tagħhom, mar-rilokazzjoni tal-investimenti lejn ekonomija reali; ma' politiki ta' regolamentazzjoni li kapaċi jtejbu l-effiċjenza, l-effikaċja u t-trasparenza tas-swieq, mal-konsolidazzjoni tas-sistema fiskali tal-Istati Membri minħabba aktar disponibbiltà tar-riżorsi, l-effett kumplessiv f'termini tal-varjazzjoni tal-PDG jista' jkun pożittiv u skont l-istimi għandu jkun ta' 0,25 % <sup>(22)</sup>.

4.3 Il-KESE jqis li l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni mhix biżżejjed u għal din ir-raġuni

jqis adegwat li l-Kummissjoni tippreżenta analiżi addizzjonali ta' din il-valutazzjoni b'tali mod li l-impatt tal-istess propost joħroġ aktar fid-dieher.

4.3.1 Il-KESE jqis li għandhom jitqiesu l-elementi li ġejjin: xi wħud mill-effetti li ssemmev f'din l-Opinjoni li ma tqisux mill-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni; xi spjegazzjonijiet relatati mal-ipoteżijiet adottati fil-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni (bħal pereżempju l-elastiċità tad-domanda għall-prodotti finanzjarji milqutin mill-FTT); l-effetti ta' trasferiment possibbli fuq il-konsumaturi u l-intrapriżi; u l-effetti fuq l-impjeg tas-setturi finanzjarji tal-Istati Membri tal-UE hekk kif tiġi introdotta l-FTT.

4.4 Il-KESE jqis li l-introduzzjoni ta' FTT għandha ssir b'ar-rangamenti adegwati li jinnewtralizzaw jew li għall-inqas inaqqsu r-riskji u l-ispejjeż relatati. Fost ir-riskji li l-KESE jqis li għandhom jiġu kkunsidrati hemm: it-trasferiment eventwali tat-taxxa fuq l-ispiża tal-kreditu għall-intrapriżi u l-konsumaturi; it-tnaqqis fil-qligħ fuq il-fondi tal-pensjoni, id-delokalizzazzjoni tal-investimenti finanzjarji; iż-żieda fl-ispejjeż tal-intrapriżi minħabba l-hedging (assicurazzjoni kontra l-varjazzjonijiet tal-prodotti bażiċi u r-rati tal-kambju); l-effett tat-taxxa fuq il-profitti tas-settur finanzjarju u fuq dawk l-Istati Membri fejn dan is-settur huwa wieħed importanti; l-effetti tal-impatt fuq l-ekonomija peress li l-introduzzjoni tat-taxxa tista' ssir ffazi ekonomika kkaratterizzata minn reċessjoni.

4.5 Il-KESE jqis li dawn ir-riskji huma bbilanċjati b'opportunitajiet u benefiċċji ħafna akbar. L-FTT, li titfa' piż fuq l-investimenti fuq perjodu qasir, tiddetermina żieda fid-domanda tal-investimenti fuq perjodu medju u dak fit-tul li tradizzjonalment jintużaw għall-finanzjament tal-intrapriżi u tal-Istati. Dan kollu ser jirriżulta f'aktar likwidità disponibbli fis-swieq u b'hekk ser jikkontribwixxi biex titjeb is-sitwazzjoni tal-intrapriżi, il-familji u d-djun sovrani. L-istabbilizzazzjoni fis-swieq ta' prodotti derivati ser tkun ta' importanza partikolari. Il-karatteristiċi ta' dawn il-prodotti, fil-fatt, jinfluwenzaw b'mod sostanzjali l-għadd ta' tranżazzjonijiet li jsiru u, għalaqstant, idgħajfu l-proliferazzjoni ta' prodotti li huma responsabbli b'mod sinifikanti għall-kriżi tas-swieq finanzjarji u tal-ekonomija dinjija ta' dawn l-aħħar snin.

4.6 It-taxxa addizzjonali possibbli fuq il-fondi tal-pensjoni li tirriżulta mill-introduzzjoni tal-FTT għandha tkun modesta meta jitqiesu l-mod u t-tip ta' investiment; barra minn hekk, il-possibbiltà li jiġu valutati mill-ġdid l-assi tipiċi tal-fondi tal-pensjonijiet (investimenti inqas varjabbli) tista' tikkompensa biex jinġheleb it-tnaqqis potenzjali fil-qligħ li jirriżulta mill-applikazzjoni tat-taxxa. Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li, sabiex jiġu newtralizzati jew jitnaqqsu l-effetti fuq il-fondi tal-pensjoni, tista' titqies il-possibbiltà li jitnaqqsu r-rati jew ikun hemm xi tip ta' eżenzjoni għal dan is-settur.

4.7 Il-kamp ta' applikazzjoni u r-rati tal-FTT huma stabbiliti billi jitqies l-oġġettiv tat-trażżin tal-effetti negattivi potenzjali tal-ispostament – barra mill-EU – tal-investimenti u tal-fondi finanzjarji. Il-KESE diġà enfasizza din il-ħtieġa, għaladarba ma baqgħatx kwistjoni li tiġi introdotta t-taxxa fil-livell globali.

<sup>(22)</sup> Griffith-Jones, S., Persaud, A., 2012, Op.cit.



4.7.1 Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-FTT, l-adozzjoni tal-prinċipju tar-residenza (jew tat-territorjalità) jitlob li anke l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-pajjiżi terzi stabbiliti fl-UE jkunu soġġetti għat-taxxa u dan jimplika spettru wiesa' ta' applikabbiltà. L-istess definizzjoni tat-territorjalità tal-istituzzjonijiet finanzjarji, bil-għan li jiġi deċiż l-Istat Membru li jiġbor it-taxxa, tippermetti li jitnaqqas kemm jista' jkun possibbli l-każijiet ta' evażjoni u evitar tat-taxxa.

4.7.2 Sabiex l-effetti tad-delokalizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji jiġu newtralizzati aktar, il-KESE jappoġġja l-proposta, imressqa mill-Parlament Ewropew, li jiġi introdott il-prinċipju tal-ħruġ abbażi ta' liema t-taxxa tapplika (bħal taxxa tal-bolla) għal dawk it-tranżazzjonijiet kollha li jinvolvu strumenti finanzjarji maħruġin minn persuni legali rreġistrati fl-UE <sup>(23)</sup>.

4.7.3 Fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rati, il-KESE, waqt li jfakkar li fl-Opinjoni adottata fl-2010 (ara n-nota 2 fil-qiegħ tal-paġna) kien indika l-applikazzjoni ta' rata uniformi ta' 0,05 %, jirrikonoxxi li l-applikazzjoni taż-żewġ rati – kif propost mill-Kummissjoni – għandha t-tendenza li tnaqqas ir-riskju tad-delokalizzazzjoni u tiggarrantixxi li l-baġits tal-Unjoni u tal-Istati Membri jibbenefikaw minn riżorsi adegwati.

4.7.4 Il-KESE jfakkar ukoll li pajjiżi bħall-Korea t'Isfel, il-Hong Kong, l-Indja, il-Brażil, it-Tajwan, u l-Afrika t'Isfel li introduċew l-FTT, waqt li taw attenzjoni partikolari għall-ġestjoni tagħha, għall-bażi taxxabbli u għall-applikazzjoni tar-rati, kisbu riżultati pożittivi mil-lat tad-dħul mingħajr ma xxekkel it-ktabbir ekonomiku <sup>(24)</sup>.

4.8 L-esklużjoni tas-suq primarju mill-ambiti tat-taxxa tnaqqas kemm jista' jkun l-effetti tal-FTT fuq l-ispejjeż tal-finanzjament tal-attivitajiet reali, u tnaqqashom għall-effetti indiretti li jirriżultaw minħabba inqas likwidità li twassal għaliha din it-taxxa fuq it-titoli tal-istituzzjonijiet finanzjarji.

4.9 Il-fatt li t-taxxa tapplika wkoll għall-kuntratti derivati bbażat fuq il-munita, iżda mhux għal tranżazzjonijiet immedjati fil-munita, jippermetti li jsir intervent fuq il-biċċa l-kbira tat-tranżazzjonijiet għal finijiet spekulattivi li jaffettwaw is-swieq

tal-munita <sup>(25)</sup>. L-inklużjoni eventwali tat-tranżazzjonijiet immedjati fil-munita fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FTT mhux ser tkun tikkostitwixxi la l-limitazzjoni reali għall-moviment liberu tal-kapital (meta jiġu kkunsidrati wkoll ir-rati previsti), u lanqas ksur tal-partijiet relatati tat-Trattat ta' Lisbona (Grupp Mexxej dwar il-finanzjament innovattiv għall-iżvilupp, Pariġi, Ġunju 2010).

4.10 Kif diġà ooserva l-KESE (Opinjoni adottata fl-2011, ara n-nota 2 fil-qiegħ tal-paġna), l-FTT u l-FAT mhumiex sistemi ta' taxxa alternattivi. L-FTT tirrigwarda essenzjalment it-tranżazzjonijiet fuq perjodu qasir, filwaqt li l-FAT tikkonċerna l-attivitajiet finanzjarji kollha (għalhekk anke n-negozjar fis-suq primarju). L-introduzzjoni tal-FTT ma tipprekludix l-applikabbiltà ta' sistema Ewropea ta' FAT, b'mod partikolari jekk l-għan ewlieni huwa li s-settur finanzjarju "jaġhti kontribut ġust u sostanzjali" lill-finanzi pubbliċi (Opinjoni tal-2010, ara n-nota 2 fil-qiegħ tal-paġna) u li jiġi armonizzat id-dazju fuq l-attivitajiet finanzjarji biex jissaħħaħ is-suq uniku. Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' sistema ta' taxxa Ewropea fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji hija stess issaħħaħ il-ħtieġa għal aktar uniformità fis-sistemi ta' taxxa tal-Istati Membri individwali fil-qasam tal-attivitajiet finanzjarji b'mod ġenerali.

4.10.1 L-FTT għandha effetti gradwali ta' distribuzzjoni, kemm peress li l-persuni b'livell għoli ta' dħul jagħmlu użu ikbar mis-servizzi tas-settur finanzjarju, kif ukoll peress li ma hemmx spejjeż diretti fuq il-familji u l-intrapriżi mhux finanzjarji minħabba li ma tapplikax għall-attivitajiet ta' konċessjoni u għoti ta' self li jikkonċernawhom. Fuq dawn it-tranżazzjonijiet ser ikunu imposti biss l-ispejjeż indiretti li jirriżultaw minn likwidità aktar baxxa tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji.

4.11 Is-sistema tal-ġbir tat-taxxa hija sempliċi u tinvolvi spejjeż baxxi ħafna għat-tranżazzjonijiet li jsiru fis-swieq u, b'mod ġenerali, għat-tranżazzjonijiet irreġistrati. Dan jappoġġja l-ħtieġa li jiġu estiżi l-obbligi ta' reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, billi jiġu inklużi t-tranżazzjonijiet li jsiru fis-swieq (over-the-counter) irrappreżentati minn prodotti mhux standardizzati kkummerċjalizzati fuq l-hekk imsejħa swieq ta' derivati barra l-Borża, innegozjati b'mod bilaterali bejn żewġ partijiet.

Brussell, 29 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

<sup>(23)</sup> Fil-każ li ma titħallasx it-taxxa tal-bolla mill-partijiet kontraenti, il-kuntratt ta' xiri jew ta' bejgħ ma jkunx applikabbli. Il-Parlament Ewropew, Abbozz ta' Rapport dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE. Relatur: Anni Podimata (10/2/2012).

<sup>(24)</sup> Griffith-Jones, S., Persaud, A., 2012. op.cit.

<sup>(25)</sup> It-tranżazzjonijiet fil-munita huma eżattament l-istess tip ta' tranżazzjonijiet li għalihom J. Tobin ħaseb din it-tip ta' taxxa. Tobin, J., 1978, *A Proposal for International Monetary Reform* (Proposta għal Riforma Monetarja Internazzjonali). Diskors presidenzjali mill-Professur Tobin matul il-Konferenza tal-1978 tal-Assoċjazzjoni Ekonomika tal-Lvant, Wash. D.C., Cowles Foundation Paper – Stampat mill-ġdid għall-Eastern Economic Journal, 4(3-4) Lulju-Ottubru 1978.

## APPENDIĊI

**għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċewu aktar minn kwart tal-voti:

**Punt 1.1**

Żid punt ġdid 1.2 kif ġej wara l-punt 1.1

*"Il-Kumitat jesprimi t-tħassib kbir tiegħu, madankollu, dwar l-effetti negattivi li taxxa bħal din jista' jkollha fuq it-tkabbir u l-impjieġ, kif indikat fil-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, u huwa wkoll ikkonċernat mir-riskju tal-effetti lil ħin mis-settur finanzjarju, b'mod partikolari rigward l-aċċess għall-kapital għall-intrapriżi ż-żgħira u ta' daqs medju u għall-bdiewa kif ukoll iż-żieda fl-ispejjeż għal min jissellef u għal dawk li jfaddlu għall-pensjoni. It-taxxa proposta probabbli ddgħajjef ukoll il-poter tal-akkwist għall-familji bi dħul finanzjarju baxx."*

**Raġuni**

Ser tingħata bil-fomm.

L-emenda ġiet ivvotata u rrifjutata bi 93 vot favur, 143 vot kontra u 11-il astensjoni.

**Punt 1.10**

Ibdel it-test kif ġej:

*"Il-KESE jenfasisza l-ħtieġa li l-konsegwenzi makroekonomiċi u mikroekonomiċi negattivi li jirriżultaw mill-applikazzjoni leġiżlattiva tal-FTT jiġu rregolati b'attenzjoni, u b'hekk ir-riskji u l-ispejjeż relatati jiġu nnewtralizzati jew għallinqas jonqsu. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi nnotat li l-proporzjonijiet differenti tas-settur finanzjarju ta' kull Stat Membru relattivi għall-ekonomija kollha jindikaw li l-piż ta' din it-taxxa tista' ma tinqasamx b'mod ugwali fost l-Istati Membri. Għal din ir-raġuni l-KESE jqis li, sabiex jiġu kkompensati l-effetti negattivi prinċipali li l-FTT jista' jkollha fuq l-ekonomija reali, jeħtieġ li tiġi evalwata l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi adegwati ta' kumpens."*

**Raġuni**

Huwa fatt li f'kull Stat Membru, is-settur finanzjarju għandu piż relattiv differenti meta mqabbel mal-ekonomija sħiħa. Għalhekk il-KESE għandu jirrikonoxxi dan il-fatt.

L-emenda ġiet ivvotata u rrifjutata b'86 vot favur, 137 vot kontra u 15-il astensjoni.

**Punt 3.3.2**

Ibdel it-test kif ġej:

*"Il-KESE, filwaqt li jtenni li l-kriżi attwali hija minħabba kriżi finanzjarja li bdiet fl-2007 u li nfirxet għall-ekonomija reali sa mill-2008 <sup>(1)</sup>, iqis li s-settur li huwa prinċipalment responsabbli għal din il-kriżi (flimkien mal-klassi politika) – dak finanzjarju – għandu jikkontribwixxi b'mod ġust biex din tingħeleb. Sal-lum, l-Istati Membri tal-UE impenjaw ruħhom li jappoġġjaw lis-settur finanzjarju (ftermini ta' finanzjamenti u garanziji) b'EUR 4 600 biljun, jiġifieri 39 % tal-PDG tal-UE-27 fl-2009. Kontribut li tassew kellu effett negattiv fuq il-finanzi pubbliċi ta' xi Stati Membri tal-UE, u ta' bidu għal kriżi perikoluża taż-żona tal-euro <sup>(2)</sup>."*

**Raġuni**

Meta nitkellmu dwar ir-responsabbiltà tal-kriżi, ma nistgħux ma nsemmux il-politiċi. Fil-fatt f'diversi pajjiżi kienet l-irresponsabbiltà tagħhom għal diversi snin li kkontribwiet b'mod sinifikanti għall-kriżi.

L-emenda ġiet ivvotata u rrifjutata bi 72 vot favur, 154 vot kontra u 15-il astensjoni.

(1) Opinjoni dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – It-tsih tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika għall-istabilità, it-tkabbir u l-impjieġi – Għodda għal governanza ekonomika tal-UE isha, ĠU C 107/7, 06.4.2011.

(2) Il-Kummissjoni Ewropea, Brussell, it-28 ta' Settembru 2011, SEC(2011) 1103 final, Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni – Sommarju eżekuttiv tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja d-dokument "Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2008/7/KE".

**Punt 4.6**

Ibdel it-test kif ġej:

“Forsi ~~il~~-taxxa addizzjonali ~~possibbli~~ fuq il-fondi tal-pensjoni li tirriżulta mill-introduzzjoni tal-FTT ~~għandha tkun tista’~~ ~~titqies~~ ~~bħala~~ ~~taxxa~~ modesta meta jitqiesu l-mod u t-tip ta’ investiment; ~~barra minn hekk, u~~ il-possibbiltà li jiġu valutati mill-ġdid l-assi tipiċi tal-fondi tal-pensjonijiet (investimenti inqas varjabbli) ~~tista’ ser~~ tikkompensa biex jingħeleb it-tnaqqis potenzjali fil-qlich li jirriżulta mill-applikazzjoni tat-taxxa. Madankollu, wisq probabbli din it-taxxa ser twassal għal tnaqqis fl-ammonti tal-pensjonijiet futuri, b’impatt konsiderevoli għall-ħaddiema f’dawk l-Istati Membri fejn ir-riżorsi finanzjarji akkumulati fil-fondi kapitali tal-pensjonijiet jirrappreżentaw parti kbira tal-pensjonijiet. Madankollu, Għalhekk, il-KESE huwa tal-fehma li, sabiex jiġu newtralizzati jew jitnaqqsu l-effetti fuq il-fondi tal-pensjoni, tkun ~~ħaġa tajba~~ li jiġu eżentati għal kollox mit-TTF dawk it-tranżazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment (depożiti) ~~ġo~~ ~~fondi~~ tal-pensjonijiet jew biex isir it-trasferiment finali tagħhom u li tiġi ~~valutata~~ ~~tista’~~ ~~titqies~~ il-possibbiltà li ~~jitnaqqsu~~ r-rati ~~jitnaqqsu~~ b’mod sinifikanti jew ikun hemm ~~xi tip ta’~~ ~~forom ta’~~ eżenzjoni għal dan is-settur, ~~għal~~ ~~tranżazzjonijiet~~ ~~oħra.~~”

**Raġuni**

Kif ħareġ mill-informazzjoni ppreżentata fil-laqgħat tal-grupp ta’ studju, din it-taxxa tista’ tnaqqas il-kapital tal-pensjoni futura tan-nies b’5 %. Huwa moralment żbaljat li nisfurzaw miljuni ta’ pensjonanti Ewropej li jnaqqsu l-valur tal-pensjoni tagħhom b’dan il-mod, meta ħafna drabi din diġà tkun baxxa.

L-emenda ġiet ivvotata u rrifjutata bi 82 vot favur, 142 vot kontra u 19-il astensjoni.

**Punt 4.7.3**

Żid it-test kif ġej:

“Fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rati, il-KESE, waqt li jfakkar li fl-Opinjoni adottata fl-2010 (ara n-nota 2 fil-qiegħ tal-paġna) kien indika l-applikazzjoni ta’ rata uniformi ta’ 0,05 %, jirrikonoxxi li l-applikazzjoni taż-żewġ rati – kif propost mill-Kummissjoni – għandha t-tendenza li tnaqqas ir-riskju tad-delokalizzazzjoni u tiggarrantixxi li l-baġits tal-Unjoni u tal-Istati Membri jibbenefikaw minn riżorsi adegwati. Madankollu, il-KESE iqis li jekk it-TTF tkun applikabbli biss għall-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u ma tkunx ta’ natura globali, l-ogħla rata m’għandhiex taqbeż 0.05 % u ż-żieda potenzjali tagħha ta’ 0.1 % (skont il-proposta tal-Kummissjoni) għandha ssir biss wara għadd ta’ snin u wara analiżi bir-reqqa tal-effetti ekonomiċi u soċjali tas-sistema fis-seħħ.”

**Raġuni**

M’hemm l-ebda raġuni li għaliha l-KESE għandu jibdel il-pożizzjoni li ħa qabel fir-rigward tar-rata massima ta’ 0,05 % speċjalment minħabba l-ħafna effetti possibbli tas-soluzzjoni proposta, li huma diffiċli li wieħed jipprevedi.

L-emenda ġiet ivvotata u rrifjutata b’85 vot favur, 144 vot kontra u 12-il astensjoni.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)”**

COM(2011) 651 finali – 2011/0295 (COD)

**u dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq”**

COM(2011) 654 finali – 2011/0297 (COD)

(2012/C 181/12)

Relatur: **is-Sur METZLER**

Nhar il-25 ta' Novembru 2011 u fil-15 ta' Novembru 2011, il-Kunsill u l-Parlament rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 u l-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)*

COM(2011) 651 final – 2011/0295 (COD).

Nhar it-2 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq*

COM(2011) 654 final – 2011/0297 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'138 vot favur, 2 voti kontra u 8 astensjonijiet.

## 1. Kontenut u konklużjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni, permezz tal-proposta tagħha, taġġorna l-qafas li nħoloq permezz tal-Direttiva tal-Abbuż tas-Suq u b'hekk tħares il-fiduċja fl-integrità tas-swieq kapitali.

1.2 Fil-prinċipju, il-KESE jappoġġja l-proposta mressqa mill-Kummissjoni. Madanakollu, il-Kumitat għandu tħassib parzjalment fundamentali dwar it-tfassil konkret tal-proposta tal-Kummissjoni fil-forma ta' regolament u direttiva.

1.3 B'mod partikolari l-formulazzjoni xejn ċara ta' ħafna mid-data fl-abbozz ta' regolament dwar l-abbuż tas-suq u d-delega tar-responsabbiltà tal-ispeċifikazzjoni ulterjuri lill-AETS jew lill-Kummissjoni fit-tieni livell, jistgħu jwasslu għal nuqqas konsiderevoli ta' ċertezza legali. Fid-dawl tal-fatt li l-prinċipju taċ-ċertezza legali fil-liġi kriminali huwa l-bażi tal-istat tad-dritt, dan jagħti lok għal kritika. Il-prinċipju taċ-ċertezza legali fil-liġi kriminali huwa stabbilit mhux biss fil-konstituzzjonijiet tal-Istati

Membri iżda anki fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. La huwa fl-interess tal-Kummissjoni u lanqas dak tal-Istati Membri jew ta' dawk li qed japplikaw il-liġi għal att leġislattiv Ewropew li jqajmu tħassib fundamentali bħal dan fir-rigward tal-liġi kostituzzjonali u kriminali. Il-KESE għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tiċċara l-fatti legali fir-rigward tar-reati fl-ewwel livell.

1.4 Hemm ukoll lok għal kritika tal-Artikolu 11 tal-Proposta għal Regolament li jitlob li kull min ikun qed jirranġa jew imexxi b'mod professjonali tranżazzjonijiet permezz ta' strumenti finanzjarji, għandu joħloq mezz ta' kif jidentifika abbuż tas-suq. Piż burokratiku ikbar mhux bilfors ifisser regolazzjoni mtejba. Il-KESE jirrakkomanda regolazzjoni effiċjenti u bilanċjata. Dan ir-reġim mhux biss iwassal għall-periklu li jitressqu ħafna rapporti mhux kwalifikati li xejn ma jgħinu lill-awtoritajiet iżda jpoġġi fi żvantaġġ ukoll lill-istituzzjonijiet finanzjarji ż-żgħar u għalhekk kapaċi jxekkel l-attività ekonomika lokali u b'hekk jolqot ħażin ukoll l-interessi tal-popolazzjoni u tal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju fiż-żoni rurali. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra dan it-tħassib u tirrikorri għal approċċ iktar divrenzjat lejn ir-regolament hekk kif tagħmel pereżempju fir-rigward tal-emittenti ż-żgħar u ta' daqs medju b'bosta proposti leġislattivi ppjanati attwalment.



## 2. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

2.1 Id-Direttiva 2003/6/KE dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq kienet l-ewwel sforz sabiex jiġu armonizzati l-liġijiet dwar l-abbuż tas-suq fil-livell Ewropew. Fl-20 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat proposta dwar ir-reviżjoni ta' din id-Direttiva fil-forma ta' Direttiva (MAD) u regolament (MAR) dwar l-abbuż tas-suq.

2.2 L-għan tal-Kummissjoni huwa li taġġorna l-qafas attwali stabbilit permezz tad-Direttiva tal-Abbuż tas-Suq u tiżgura l-armonizzazzjoni gradwali tar-regoli Ewropej dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. B'hekk, il-Kummissjoni tkun qed tirreaġixxi għall-kundizzjonijiet tas-suq li qed jinbidlu.

2.3 Filwaqt li d-Direttiva tal-Abbuż tas-Suq tkopri biss l-istrumenti finanzjarji li jintużaw fis-swieq regolati, il-proposta testendi l-iskop tar-regoli Ewropej għall-istrumenti finanzjarji negozjati fuq pjattaformi ġodda u barra l-borża (over the counter – OTC). Fl-istess waqt il-proposta tagħti s-setgħa lir-regolaturi li jinvestigaw u jippenalizzaw l-abbużi filwaqt li tnaqqas il-burokrazija għall-emittenti ż-żgħar u ta' daqs medju.

## 3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni, permezz tal-proposta tagħha, qed tirrispondi għall-kundizzjonijiet li qed jinbidlu tas-suq u tfittex li taġġorna l-qafas stabbilit mid-Direttiva tal-Abbuż tas-Suq. L-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-abbuż tas-suq inaqqsu l-fiducia fl-integrità tas-swieq li hija kundizzjoni essenzjali għat-tħaddim tas-suq kapitali.

3.2 Jagħmel sens li jiġi estiż l-ambitu tar-regoli attwali dwar l-abbuż tas-suq sabiex jiġu koperti wkoll l-istrumenti finanzjarji negozjati barra mis-swieq regolati u l-użu ta' teknoloġija sofistikata ħafna għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji tan-negozju bħan-negozjar ta' frekwenza għolja. Madanakollu, dan kapaċi jiggarrantixxi l-integrità tas-suq jekk l-impatt Prattiku mixtieq huwa li jiġu inklużi l-istrumenti OTC u n-negozjar ta' frekwenza għolja.

3.3 Hija mixtieqa armonizzazzjoni ikbar tar-regoli dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq. Il-proposta tal-Kummissjoni fil-forma attwali tagħha li tipp-revedi regolament u direttiva dwar l-abbuż tas-suq, tista' twasal għal bosta problemi legali b'mod partikolari fir-rigward tal-prinċipji ġenerali tal-liġi kriminali u kostituzzjonali milquta mill-proposta, u għalhekk tagħti lok għal kritika.

## 4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-KESE jilqa' l-estensjoni tal-ambitu tal-istrumenti finanzjarji nnegozjati barra l-borża. Madanakollu, mhuwiex ċar kif dawn ser jiġu koperti mill-proposta. Ħafna drabi ma jeżisti l-ebda suq għall-istrumenti negozjati barra l-borża peress li huma

negozjati biss b'mod bilaterali. Għalhekk, ikun ta' għajjnuna għal min japplika l-liġi jekk it-test ikun iktar speċifiku billi l-Kummissjoni jew l-AETS jipprovdu eżempji ta' każijiet speċifiċi.

4.2 Il-KESE jilqa' fil-prinċipju l-inklużjoni ta' teknoloġija sofistikata ħafna għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji tan-negozju fl-ambitu tar-regoli dwar l-abbuż tas-suq. Madanakollu, jeħtieġ li niftakru li n-negozju bbażat fuq l-algoritmi fih innifsu mhux negattiv u jintuża saħansitra mill-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jipproċessaw l-ordnijiet ta' kuljum ta' klijenti privati. Għalhekk, min japplika l-liġi jirrikjedi kjarifika dwar x'ikun legalment permess. F'dan il-każ sett ta' eżempji mħejjija mill-Kummissjoni jew mill-AETS ikun ta' għajjnuna.

4.3 Hija u tfassal il-leġislazzjoni fil-qasam tal-liġi kriminali l-Unjoni Ewropea trid tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà. Skont il-leġislazzjoni attwali, ir-regoli huma stabbiliti fil-forma ta' direttiva, approċċ li aħna napprovawh. Mhuwiex ċar għalfejn il-Kummissjoni ma żammitx ma' dan l-approċċ. Il-proposta tistabbilixxi regoli dwar is-sanzjonijiet fil-forma ta' direttiva (MAD). Il-każijiet fejn għandhom jiġu applikati dawn is-sanzjonijiet madanakollu huma miġbura fir-regolament (MAR) li għandu jiġi applikat direttament fl-Istati Membri.

4.4 L-approċċ li r-regoli jiġu stabbiliti fil-forma ta' regolament tal-UE huwa dubjuż peress li l-applikazzjoni tar-regoli proposti tista' twassal għal bosta problemi legali. Għall-kuntrarju ta' direttiva, l-Istati Membri ma jistawx jostakolaw l-applikazzjoni tagħhom. Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-proposta tal-Kummissjoni jeħtieġ li dawn il-problemi fl-applikazzjoni tal-liġi jiġu evitati.

4.5 Problemi fl-applikazzjoni tal-liġi jistgħu jinqalgħu minn nuqqas ta' preċiżjoni fil-formulazzjoni jew l-użu ta' termini legali mhux speċifiċi. In-nuqqas ta' ċertezza legali li ġejja minn dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet toqot il-prinċipji kostituzzjonali ġenerali u l-liġi kriminali. Dawn jinkludu l-prinċipju ta' ċertezza fil-liġi kriminali (*nulla poena sine lege ċerta*) - pereżempju l-Artikolu 103 (2) tal-Liġi Bażika Ġermaniża, l-Artikolu 25(2) tal-Kostituzzjoni Taljana). Skont dan, standard jeħtieġ li jidentifika ċar il-każijiet fejn għandhom japplikaw is-sanzjonijiet. Dan il-prinċipju ġenerali tal-istat tad-dritt huwa stabbilit ukoll fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Fid-dawl tal-maġġoranza tar-regolamenti tar-regolament propost, il-KESE jiddubita kemm kien hemm konformità ma' dan il-prinċipju. Ir-reġimi regolatorji li jeżistu dwar il-liġi dwar l-abbuż minn informazzjoni privileġġata huma, tal-anqas l-istampa ġuridika Ġermaniża, meqjusa bħala reġimi li jqajmu ħafna inċertezza legali u għalhekk ikkunsidrati b'mod kritiku.

4.6 In-nuqqas ta' ċertezza legali ġej ukoll mid-dispożizzjonijiet li jagħtu setgħa lill-Kummissjoni jew lill-AETS li jispeċifikaw kriterji tat-tieni livell għall-każijiet fejn japplikaw il-pieni bħal fil-każ tal-Artikolu 8(5) tal-MAR. L-Artikolu 8 fih innifsu

m'għandux implikazzjonijiet legali għax jiddefinixxi biss il-kunċett tal-manipulazzjoni tas-suq. Madanakollu, ikun trivjali li ssir referenza għan-nuqqas ta' effett tal-piena ta' Artikolu 8 peress li din il-miżura tipprovd i definizzjoni awtoritattiva tal-offiża tal-abbuż tas-suq u għalhekk hija parti integrali tad-dispożizzjoni dwar il-penali. Barra minn hekk, l-Anness I tal-MAR jinkludi katalogu tal-indikaturi relatati mal-partijiet individwali tal-Artikolu 8 u għalhekk ta' min jistaqsi hemmx għalfejn li dan jerġa' jiġi stabbilit f'pass addizzjonali fit-tieni livell. Il-KESE jifhem sew it-tħassib tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dan l-approċċ li jippermetti adattament kontinwu għall-iżviluppi fis-suq u jħalli fidejn il-Kummissjoni u l-AETS biex jikkonkretizzaw l-elementi jew l-aspetti individwali. Żviluppi ġodda fis-suq jistgħu jibdlu wkoll il-piż fuq is-superviżjoni. Madanakollu, fir-rigward tal-fatt li hija involuta l-liġi kriminali, dan l-approċċ iqajjem tħassib dwar l-istat tad-dritt. Barra minn hekk, il-kombinazzjoni tal-Artikolu 8, l-anness u miżuri possibbli oħra ta' implimentazzjoni tisser li mhuwiex ċar liema mġiba qed tiġi penalizzata.

4.7 L-AETS tintalab tispeċifika l-indikaturi tat-tieni livell mhux biss taħt ir-regoli proposti dwar l-abbuż tas-suq iżda anki b'mod parallel taħt il-proposti dwar ir-riformulazzjoni tad-Direttiva 2204/39/KE (MiFID) - dan jista' jpoġġi piż żejjed fuq l-AETS. B'riżultat ta' dan jeżisti l-periklu ta' dewmien u nuqqas persistenti ta' ċertezza.

4.8 Fir-rigward ta' min huwa indirizzat mill-proposti, ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 11(2), li kwalunkwe persuna li qed tirranġa jew tmexxi b'mod professjonali tranżazzjonijiet permezz ta' strumenti finanzjarji għandha toħloq mezzi ta' prevenzjoni u identifikazzjoni ta' abbuż mis-suq, huwa dubjuż.

4.9 Il-persuni involuti b'mod professjonali fin-negozjar tal-istrumenti finanzjarji diġà huma mitluba jirrapportaw tranżazzjonijiet suspettużi (ara l-Artikolu 6(9) tad-Direttiva dwar l-abbuż tas-suq). Skont ir-regolatur Ġermaniż BaFin (ara r-rapport fil-ġurnal BaFin, Lulju 2011, mill-paġna 6) dan ir-rapportar dwar tranżazzjonijiet suspettużi jipprovd i informazzjoni utli. In-numru ta' rapporti li jrsu dejjem qed jiżdied.

4.10 L-introduzzjoni ta' mekkaniżmi sistematiċi ta' identifikazzjoni tista' twassal għal żieda kbira fir-rapportar tat-tranżazzjonijiet allegatament suspettużi. Għadd kbir ta' rapporti mhux kwalifikati żgħur mhuwiex fl-interess tal-regolaturi. Fil-prattika, il-problema tal-ksur potenzjali tar-regoli ta' prevenzjoni tal-abbuż tas-suq mhijjex tant in-nuqqas ta' identifikazzjoni tas-suq, iżda l-fatt li numru kbir ta' każijiet jew ma jiġux segwiti mill-prosekuturi tal-Istat jew jitwaqqgħu kontra ħlas. Jista' jkun il-każ li l-uffiċċji tal-prosekuturi tal-Istat ma jkollhomx dipartimenti speċjalizzati fil-qasam.

4.11 Huwa dubjuż ukoll jekk dawk li jirranġaw jew imexxu t-tranżazzjonijiet tal-istrumenti finanzjarji humiex fil-fatt il-partijiet li għandhom jiġu indirizzati mit-tali sistemi għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' abbuż tas-suq.

4.12 Fi kwalunkwe każ, l-awtoritajiet superviżorji tal-borża għandu jkollhom idea komprensiva tan-negozju nazzjonali. Billi l-abbuż tas-suq jista' jkun transkonfinali, il-KESE jilqa' l-possibilità li dawn l-awtoritajiet jingħataw is-setgħa li jiżviluppaw il-kooperazzjoni internazzjonali tagħhom.

4.13 B'mod partikolari, huwa dubjuż ukoll kemm l-istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar u ta' daqs medju għandhom ikunu obbligati jistabbilixxu mekkaniżmi sistematiċi ta' prevenzjoni u identifikazzjoni tal-abbuż tas-suq. Jekk ikollhom joħlqu mekkaniżmi separati bħal dawn, dawn l-istituzzjonijiet wisq probabbli jispiċċaw taħt piż kbir wisq. Ħafna drabi dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar u ta' daqs medju jnsabu f'żoni rurali u jaqdu rwol ċentrali fil-forniment ta' servizzi lir-residenti lokali u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju. B'hekk, huma jaqdu rwol ukoll biex tinholqu l-istabbiltà fl-ekonomiji lokali u fil-promozzjoni tal-impjeg lokali. Eżempji tajbin ta' istituzzjonijiet bħal dawn huma l-unjonijiet ta' kreditu bħall-*Cajas Rurales* ta' Spanja u l-*Volksbank* jew r-*Raiffeisenbank* tal-Ġermanja. L-istituzzjonijiet ta' kreditu ma jistgħux ikunu mistennija jieħdu kompiti regolatorji. L-identifikazzjoni u fuq kollox l-evalwazzjoni ta' każijiet ta' abbuż tas-suq huma kompiti tar-regolaturi.

4.14 Barra minn hekk, piż żejjed fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar u ta' daqs medju jmur kontra l-intenzjoni ta' dawn il-proposti li jnaqqsu l-burokrazija għall-emittenti ż-żgħar u ta' daqs medju. Il-Kummissjoni stabbilixxiet dan l-għan, fost għanijiet oħra, mhux biss fil-proposta leġislattiva dwar l-abbuż tas-suq iżda anki fir-reviżjoni tagħha tad-direttiva dwar it-trasparenza 2004/109/KE. Każijiet spettakolari ta' manipulazzjoni tas-suq li saru maġhrufa b'rabta ma' banek individwali kienu kkawżati oriġinarjament minn negozjaturi individwali fil-qasam tal-banek tal-investment bħall-każ tal-Franċiż Jérôme Kerviel fl-2008. Każijiet prominenti ta' abbuż minn informazzjoni privileġġata juru li l-istituzzjonijiet ta' kreditu ftit li xejn għandhom rwol marbut ma' din l-offiża. L-istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar u ta' daqs medju għalhekk mhuwiex il-partijiet adatti għal sistemi ta' prevenzjoni u identifikazzjoni ta' abbuż mis-suq. Għalhekk, billi ma jagħmel l-ebda distinzjoni, l-approċċ tal-Artikolu 11 tal-abbozz MAR ma jqisx biżżejjed differenzi bħal dawn.

4.15 Fid-dawl ta' dan jeħtieġ li b'relazzjoni mal-abbuż tas-suq, jitqies it-twaqqif ta' struttura ta' superviżjoni skont l-awto-regolamentazzjoni taħt is-superviżjoni statutorja mill-Istat li teżisti fil-professionijiet ħielsa għal dawk li b'mod professjonali jirranġaw jew imexxu tranżazzjonijiet permezz ta' strumenti finanzjarji. Struttura ta' superviżjoni bħal din tiġbor flimkien l-esperjenza u l-għarfien tas-settur li hemm b'żonn għal superviżjoni professjonali effiċjenti li tiżgura l-kwalità u l-fiducia. Jekk l-atturi tas-swieq finanzjarji jingħataw il-kompitu tal-awto-regolamentazzjoni taħt is-superviżjoni statutorja tal-Istat, dan jibbenefika lill-konsumatur u mhux l-interessi tal-operaturi tas-suq li l-ħin kollu attenti għal xulxin. L-awtonomija tkisser il-privileġġi miksuba u toħloq it-trasparenza.

4.16 Il-klawżola ta' eżenzjoni mill-abbozz MAD għar-Renju Unit, l-Irlanda, id-Danimarka (premessi 20-22) ma tikkonformax mal-għan tal-armonizzazzjoni tar-regoli. Żieda jew emenda tal-partijiet rilevanti tal-abbozz tkun konformi mal-għanijiet stabbiliti. Ir-Renju Unit diġà ddkkara li ser jagħmel użu mid-dritt tal-vot tiegħu u li tal-inqas għal issa mhux

ser jipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva. Bażikament l-argument prinċipali huwa li l-abbozz tal-MAD jiddependi mill-proposti li qed jiġu diskussi attwalment dwar ir-regolament MAR u d-direttiva dwar is-suq tal-istrumenti finanzjarji u li l-konsegwenzi ta' dan għadhom mhumiex ċari. Fil-fehma tal-Kumitat, din il-pożizzjoni minn naħa tikkonferma t-tħassib li

diġà esprimejna fir-rigward tan-nuqqas ta' ċertezza legali li jista' jirriżulta mill-użu ta' termini legali mhux preċiżi u s-setgħa li tittieħed azzjoni dettaljata ulterjuri. Min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-armonizzazzjoni mixtieqa tal-liġi, dan l-approċċ huwa preokkupanti iktar u iktar billi Londra, l-ikbar suq finanzjarju fl-UE tinsab fir-Renju Unit.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jggradaw il-kreditu [l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu]”**

COM(2011) 747 finali — 2011/0361 (COD)

(2012/C 181/13)

Relatur: **is-Sur PÁLENÍK**

Nhar it-13 ta' Diċembru 2011 u nhar it-30 ta' Novembru 2011, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jggradaw il-kreditu [l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu]*

COM(2011) 747 final – 2011/269 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar is-7 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tad-29 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'118-il vot favur, 32 vot kontra u 15-il astensjoni.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Din l-opinjoni ġiet abbozzata b'relazzjoni mal-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni li hija mmirata lejn l-eliminazzjoni ta' nuqqasijiet kbar fit-trasparenza, l-indipendenza, il-kunflitt ta' interessi u l-kwalità tal-metodi użati fit-tfassil u l-proċeduri tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu. Il-KESE jilqa' l-fatt li r-Regolament propost qed jipprova jelimina dawn il-problemi, iżda jaħseb li l-Kummissjoni qed tirreaġixxi tard wisq u b'mod li mhux b'saħħtu biżżejjed għal din is-sitwazzjoni.

1.2 L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jaqdu rwol importanti fis-swieq finanzjarji globali għax ħafna parteċipanti fis-suq jużaw il-klassifikazzjonijiet tagħhom. Għalhekk, jinfluwenzaw b'mod sostanzjali t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati fil-qasam tal-investment u l-finanzi. Għal din ir-raġuni, huwa essenzjali li l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jitwettqu b'konformità mal-prinċipji ta' integrità, trasparenza, responsabbiltà u governanza tajba, prinċipji li r-Regolament attwali dwar l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu diġà jikkontribwixxi għalihom b'mod sinifikanti.

1.3 Fil-fehma tal-KESE, is-swieq mhumiex kapaċi jirregolaw lilhom innifishom; għalhekk, huwa essenzjali li jiġu introdotti l-aktar regoli severi/stretti possibbli u li dawn ikunu akkumpanjati minn livell adatt ta' implimentazzjoni u kontroll. Madankollu, il-proposta ma tagħti l-ebda indikazzjoni ċara dwar kif dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat Barra minn hekk, il-KESE jesprimi dubji kbar li huwa biss permezz ta' żieda fir-regolamentazzjoni li jistgħu jintlaħqu r-riżultati mixtieqa. Anzi, dan jista' jwassal biex titnaqqar dejjem iżjed ir-responsabbiltà tad-diversi entitajiet ta' sorveljanza, li, għall-kuntrarju, irdu jkunu iżjed involuti fil-valutazzjoni tal-ġudizzji li jagħmlu l-aġenziji.

1.4 Il-KESE huwa tal-fehma li d-dimensjoni Ewropea kif stabilita fil-Proposta għal Regolament għandha tiġi appoġġjata kemm jista' jkun minn negozjati fil-livell tal-pajjiżi tal-G20,

bil-għan li dawn il-pajjiżi jimplimentaw regoli simili sabiex jiżguraw konsistenza fil-livell dinji.

1.5 Sabiex tiġi żgurata firxa usa' ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu, il-proposta tistabbilixxi rotazzjoni obbligatorja tal-aġenziji li jipprovduhom. Madankollu, il-KESE jistaqsi jekk l-introduzzjoni ta' din ir-regola hijiex ser tiġġenera verament ir-riżultat mixtieq.

1.6 Fil-fehma tal-Kumitat, waħda mill-problemi fundamentali hija l-kredibbiltà tal-klassifikazzjonijiet ipprovduti mill-aġenziji, li fil-biċċa l-kbira huma bbażati fl-Istati Uniti tal-Amerika u suġġetti għal bosta kunflitti ta' interess. Huwa għalhekk li l-KESE jitlob lill-Kummissjoni qed isiru ħafna appelli diversi biex titwaqqaf aġenzija ta' klassifikazzjoni Ewropea indipendenti, li tkun tista' tikklassifika d-dejn sovrani filwaqt li tqis l-interess komuni. Fl-imgħoddi, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ma rnexxilhomx jipprevedu ċerti żviluppi u dan, ukoll, dgħajef sew il-kredibbiltà tagħhom. Minkejja sinjali ċari mis-suq u mit-tendenzi ekonomiċi, ma kellhomx il-kapaċità jew ir-rieda li jidentifikaw ċerti riskji ta' investment fil-ħin u, f'bosta okkażjonijiet, naqsu milli jaqdu l-funzjoni essenzjali tagħhom.

1.7 Proprju minħabba li mhumiex kapaċi jbassru l-iżviluppi futuri b'mod adatt u, fuq kollox, minħabba li fil-każ tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu t-tbassir jaf jikkondizzjona dak li jiġri verament, għandha ssir analiżi aktar mill-qrib tat-trasparenza mhux adegwata tal-metodi li jużaw l-aġenziji huma u jwettqu l-klassifikazzjonijiet tagħhom.

1.8 Il-KESE għandu dubbi serji dwar l-indipendenza tal-klassifikazzjonijiet ipprovduti, speċjalment minħabba l-użu tal-mekkaniżmu fejn l-emittent iħallas. Fil-fatt, huwa konvint li huma biss parzjalment indipendenti. Huwa ċar li l-emittent għandu kull interess li jfittex l-ogħla klassifikazzjoni possibbli, u dan jixħet dubju dwar l-indipendenza tal-klassifikazzjoni pprovduta, li spiss warajha tinħeba operazzjoni spekulattiva minħabba l-effett ta' aħbar.



1.9 Huwa assolutament kruċjali li l-punti kollha indirizzati fil-proposta jiġu segwiti verament u li tittieħed azzjoni fuqhom. Għandu jiġi żgurat li qed jiġu tassew irrispettati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazżjonali. Fil-fehma tal-Kumitat, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) għandha tingħata l-mezzi meħtieġa biex tiżgura din il-konformità.

1.10 F'dan ir-rigward, il-KESE jfaħħar l-emendi relatati mar-responsabbiltà ċivili tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni u jappella lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-protezzjoni effettiva tal-konsumaturi tal-prodotti finanzjarji billi toħloq mezzi effikaċi ta' rikors li jippermettulhom jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jagħtuhom aċċess għal kumpens, mingħajr ħsara għas-sanzjonijiet li l-korp ta' superviżjoni jimponi fuq l-aġenzija.

1.11 Il-kunflitt ta' interessi għadu problema fundamentali u l-proposta tinkludi għadd ta' miżuri li jindirizzaw din il-problema. Madankollu, il-KESE mill-ġdid jenfasizza li dawn mhumiex biżżejjed biex jiżguraw l-għan ippanat. Ir-raġuni għal dan huwa l-mudell fejn l-emittent iħallas, speċjalment fil-każ tal-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet mitlubin u klassifikazzjonijiet tal-pajjiżi. Il-klassifikazzjonijiet u l-prospetti negattivi tad-dejn sovrani huma ta' benefiċċju għal dawk li jixtru l-bonds maħruġa, permezz ta' rati tal-imgħax ogħla u primjums tar-risjku ogħla. F'xi każijiet, dawk li jixtru jistgħu jkunu l-istess entitajiet bħall-emittenti li jħallsu lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għall-klassifikazzjoni tal-istrumenti finanzjarji tagħhom, u dan jista' jgħid kunflitt ta' interessi.

1.12 Il-KESE jilqa' mhux biss l-isforz li sar biex jiġu indirizzati għadd ta' problemi (it-trasparenza, il-kunflitt ta' interessi, l-indipendenza u l-kompetizzjoni) u biex isir kontroll aktar sever tal-mod kif joperaw l-aġenziji ta' klassifikazzjoni (li huma atturi ewlenin fis-swieq finanzjarji), iżda jilqa' wkoll il-fatt li r-Regolament tal-2011 jindirizza wkoll xi kwistjonijiet importanti oħra, speċjalment il-ħolqien ta' qafas Ewropew għall-monitoraġġ tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni (1).

1.13 Il-KESE jaħseb li l-kwistjoni marbuta mal-aġenziji ta' klassifikazzjoni mhijiex biss kwistjoni leġislattiva, iżda iktar u iktar waħda politika. Għalhekk, l-aħjar mod kif jiġi protett id-dejn sovrani mill-konsegwenzi, ta' sikwit dannużi, tal-ġudizzji tal-aġenziji, barra minn regoli aħjar u limitati, huwa li:

- ma jkollhomx il-permess joħorġu ġudizzji dwar id-dejn sovrani;
- jittwessa' l-mandat tal-BĊE, biex ikollu statut ugwali għal dak tal-banek ċentrali kollha l-oħra fid-dinja, u b'hekk ma jibqax bl-iżvantaġġ attwali;
- tittejjeb il-ġestjoni attwali tad-dejn sovrani fiż-żona tal-euro (Opinjoni ECO/307 – CESE 474/2012).

## 2. Raġunijiet

2.1 Il-kriżi attwali tal-kreditu, li kulma jmur qed issir aktar profonda, hija marbuta mal-kriżi bankarja li ġiet qabilha, liema kriżi ġiet ikkawżata minn nuqqasijiet serji fir-regolazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u li għaliha l-Komunità Ewropea rreaġixxiet malajr u b'mod adatt billi adottat ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Din il-kriżi l-ġdida tenfasizza

l-ħtieġa li tkompli tittejjeb l-effikaċja ta' għadd ta' attivitajiet fil-qasam tar-regolazzjoni u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji. Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jstabbilixxi regoli stretti dwar l-imġiba ta' dawn l-aġenziji, bil-għan ewleni li jitnaqqsu l-kunflitti possibbli ta' interessi u li jiġu żgurati kwalità għolja u trasparenza fil-klassifikazzjonijiet u l-proċeduri ta' klassifikazzjoni.

2.2 Ta' min ifakkar li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu mhumiex kapaċi jbassru l-iżviluppi futuri reali, u dan ifisser li għandhom impatt dannuż għall-aħħar fuq l-ekonomija tal-pajjiżi. Il-katalogu tal-aġenzji dubjużi huwa twil; b'hekk hawn ser jissemmew biss xi wħud minnhom:

- fl-1975, il-belt ta' New York irċeviet klassifikazzjoni favorevoli ħafna lejliet it-tħabbira tal-falliment tagħha (waqfen tal-pagamenti);
- fit aktar tard, Standard and Poor's żgurat lill-investituri li l-ekonomija tal-kontea ta' Orange (fil-Kalifornja) kienet b'saħ-ħitha u ġestita tajjeb, avolja kienu ntilfu USD 2 biljun minħabba l-ispekulazzjoni fuq id-derivattivi. Sussegwentement, l-aġenzija kellha tiffaċċja għadd ta' kawżi l-qorti (2);
- kien hemm każijiet simili li kienu jinvolvu l-hedge fund "Long Term Capital Management", il-Bank of Credit and Commerce International (BCCI), il-falliment tal-banek tat-tfaddil tal-Istati Uniti u l-fallimenti qarrieqa ta' Enron, Worldcom, Tyco, eċċ. u Lehman Brothers (3);
- qabel il-kriżi finanzjarja, l-aġenziji kienu qed jagħtu l-klassifikazzjoni AAA saħansitra lill-aktar derivattivi ipotekarji suspettużi (is-subprimes), u dan ikkonvinċa lill-investituri – inklużi l-fondi tal-pensjonijiet – biex jixtruhom bi kwantità (4);
- qabel ma faqqgħet il-kriżi finanzjarja fl-2008, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni taw unanimament l-aħjar klassifikazzjoni lill-banek u l-fondi li kellhom l-aktar titoli perikolużi maħluqa mill-ispekulaturi, bħalma ġara fil-każ tal-kumpanija Amerikana tal-assigurazzjoni AIG (5);
- f'Diċembru 2009, pereżempju, Standard and Poor's tat il-klassifikazzjoni A lid-dejn Grieg – l-istess bħalma għamlet lill-Estonja, li dak iż-żmien kienet qed tipprepara biex tidħol fiż-żona tal-euro (6).

Issa li l-Ewropa kollha hija mifnija bi kriżi tad-dejn u xi pajjiżi jinsabu qrib tal-falliment, ser ikun tassew importanti li l-Kummissjoni tagħmel hilita biex tistimola l-irkupru tal-ekonomija. Il-proposta li qed tiġi diskussa hawnhekk hija strument adatt biex dan l-isforz jiġi appoġġjat, imma hemm bżonn li tkun aktar ambizzjuża.

Il-proposta għadha dgħajfa fl-approċċ tagħha lejn il-klassifikazzjonijiet tad-dejn sovrani – biex ma nsemmux li l-għan innifsu ta' dawn il-klassifikazzjonijiet huwa wieħed dubjuż, peress li l-pajjiżi xorta waħda jispiċċaw iħallsu rati ta' imgħax differenti. Dan iwassal ukoll għall-kwistjoni tal-valur politiku ta' dawn l-aġenziji ta' klassifikazzjoni, li s'issa għadha ma ġietx indirizzata.

(1) Opinjoni tal-KESE dwar "Aġenziji li jiggadaw il-kreditu", ĠU C 54. 19.2.2011, p. 37.

(2) Ibrahim Warde, "Ces puissantes officines qui notent les Etats", Le Monde diplomatique, Frar 1997.

(3) Marc Roche, "Le capitalisme hors la loi", Éditions Albin Michel 2011, p. 70.

(4) Joseph E. Stiglitz, "Le triomphe de la cupidité", Les liens qui libèrent 2010, p. 166.

(5) Hervé Kempf, "L'oligarchie ça suffit, vive la démocratie", Éditions du Seuil, Pariġi 2011, p. 72.

(6) Idem.

2.3 Fid-dokument ta' konsultazzjoni tagħha <sup>(7)</sup>, li kien ir-riżultat ta' eżerċizzju ta' konsultazzjoni pubblika li sar matul l-2010, il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet għażliet differenti sabiex tinsab soluzzjoni għal problemi relatati ma' dipendenza kbira żżejjed mill-klassifikazzjonijiet min-naħa tal-parteċipanti fis-suq u għidiet l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-kumpaniji ta' investiment jibdeu iwettqu valutazzjoni indipendenti tar-riskji ta' kreditu, l-appoġġ għal kompetizzjoni akbar fis-suq tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, l-introduzzjoni ta' responsabbiltà ċivili għall-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u l-għażliet sabiex tinstab soluzzjoni għall-kunflitti potenzjali ta' interessi kkaġunati mill-użu tal-mudell fejn l-emittent iħallas.

2.4 Għadd ta' parteċipanti fil-konsultazzjoni pubblika organizzata mill-Kummissjoni Ewropea bejn il-5 ta' Novembru 2010 u s-7 ta' Jannar 2011 esprimew it-tħassib tagħhom dwar dipendenza kbira żżejjed jew saħansitra mekkanika mill-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u appoġġjaw ukoll it-tnaqqis gradwali tar-referenzi li jsiru għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu fil-leġislazzjoni. Fl-istess ħin, saħqu fuq il-fatt li element importanti tat-tfittxija ta' soluzzjoni adegwata hija s-sejba ta' strumenti adatti li jistgħu jieħdu post il-klassifikazzjonijiet.

2.5 Il-Parlament Ewropew, li ħareġ riżoluzzjoni mhux leġislattiva dwar l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fit-8 ta' Ġunju 2011 <sup>(8)</sup>, approva wkoll il-bżonn li jittejjeb il-qafas regolatorju għall-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u li jiġu adottati miżuri adatti sabiex titnaqqas id-dipendenza kbira żżejjed mill-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.

2.6 Il-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2011 <sup>(9)</sup> ikkonkluda li t-tisħiħ tar-regolazzjoni finanzjarja għadha prijorità ewlenija għall-UE u laqa' l-fatt li mill-2008 'l hawn sar ħafna progress permezz tar-riforma tal-qafas regolatorju u superviżorju, iżda appella sabiex jibqgħu jsiru aktar sforzi biex jiġu identifikati u indirizzati d-dgħufijiet tas-sistema finanzjarja u b'hekk jiġu evitati kriżijiet oħra fil-futur.

2.7 Fil-livell internazzjonali, f'Ottubru 2010 l-Bord għall-Istabilità Finanzjarja (FSB) ħareġ prinċipji għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet finanzjarji mill-klassifikazzjonijiet tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu <sup>(10)</sup>. Approvati mis-Summit tal-G20 f'Seoul f'Novembru 2010, dawn il-prinċipji jappellaw sabiex ir-referenzi għal dawn il-klassifikazzjonijiet fil-leġislazzjoni jitneħħew jew jiġu sostitwiti, meta jeżistu standards alternattivi adatti għall-affidabbiltà kreditizja, u sabiex l-investituri jintalbu jagħmlu huma stess il-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja tagħhom.

2.8 Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kellu bżonn jiġi emendat, b'mod partikolari sabiex jitnaqqsu r-riskji potenzjali assoċjati mad-dipendenza kbira żżejjed tal-parteċipanti fis-suq mill-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, il-livell għoli

ta' konċentrazzjoni tas-suq tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, il-ħolqien ta' responsabbiltà ċivili tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni vis-à-vis l-investituri, il-kunflitti ta' interessi relatati mal-mudell fejn l-emittent iħallas u l-istruttura tad-detenturi ta' ishma tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu.

### 3. Sommarju tal-emendi għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009

#### 3.1 Estensjoni fl-ambitu tal-applikazzjoni tar-Regolament biex ikopri l-prospetti tal-klassifikazzjonijiet

3.1.1 Il-proposta tal-Kummissjoni twessa' l-ambitu tar-regoli dwar il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu biex, jekk ikun adatt, ikopru l-"prospetti tal-klassifikazzjonijiet". L-importanza tal-prospetti tal-klassifikazzjonijiet għall-investituri u l-emittenti, u l-impatt tagħhom fuq is-suq, jistgħu jitqabblu mal-importanza u l-effetti tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u għalhekk l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu huma partikolarment mitluba jikxfu l-medda taż-żmien li matulha hija mistennija bidla fil-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.

#### 3.2 Emendi relatati mal-użu tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu

Il-Proposta għal Regolament dwar l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu żżid ukoll dispożizzjoni li tobbliga lil ċerti istituzzjonijiet finanzjarji jwettqu huma stess il-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu, bil-għan li titnaqqas id-dipendenza kbira żżejjed jew saħansitra mekkanika mill-klassifikazzjonijiet esterni tal-kreditu għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-assi.

#### 3.3 Emendi relatati mal-indipendenza tas-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu

3.3.1 L-indipendenza tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu skont il-mudell fejn l-emittent iħallas għandha tissaħħaħ b'mod li jiżied il-livell ta' kredibbiltà tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.

3.3.2 Mod kif tissaħħaħ l-indipendenza, filwaqt li jiġu eliminati l-kunflitti ta' interessi, huwa r-regola li kwalunkwe detentur ta' ishma jew membru ta' aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li jkun detentur ta' mill-anqas 5 % tal-ishma ta' dik l-aġenzija ma jistax ikun detentur ta' 5 % jew aktar tal-ishma fi kwalunkwe aġenzija oħra ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, sakemm l-aġenziji kkonċernati ma jkunux membri tal-istess grupp.

3.3.3 Qed tiġi introdotta regola ta' rotazzjoni għall-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu mqabba mill-emittent biex jew jikklassifikaw l-emittent innifsu jew l-istrumenti tad-dejn tiegħu. L-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li ttejjem il-mandat tagħha hija mitluba wkoll tipprovdi l-informazzjoni rilevanti lill-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li tiġi warajha.

<sup>(7)</sup> [http://ec.europa.eu/internal\\_market/securities/docs/agencies/summary-responses-cra-consultation-20110704\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/internal_market/securities/docs/agencies/summary-responses-cra-consultation-20110704_en.pdf)

<sup>(8)</sup> <http://www.europarl.europa.eu/oel/FindByProcnum.do?lang=en&procnum=INI/2010/2302>

<sup>(9)</sup> [http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms\\_data/docs/pressdta/en/ec/111877.pdf](http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdta/en/ec/111877.pdf)

<sup>(10)</sup> [http://www.financialstabilityboard.org/publications/r\\_101027.pdf](http://www.financialstabilityboard.org/publications/r_101027.pdf)

3.3.4 Fl-istess ħin, ir-regola dwar ir-rotazzjoni interna tal-persunal hija aġġustata sabiex jiġi evitat li l-analisti jmorru għand aġenzija oħra ta' klassifikazzjoni tal-kreditu b'fajl ta' klijent.

3.3.5 Aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu m'għandhiex toħroġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu meta jkun hemm kunflitti ta' interessi kkawżati minħabba l-parteċipazzjoni ta' individwi li jkunu detenturi ta' aktar minn 10 % tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fl-aġenzija jew li jkollhom xi pożizzjoni importanti oħra.

3.3.6 L-individwi li jkunu detenturi ta' aktar minn 5 % tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fl-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u l-individwi li jkollhom pożizzjonijiet importanti oħrajn m'għandhomx jitħallew jipprovdu konsultazzjoni jew servizzi ta' konsulenzalill-entità kklassifikata.

3.4 *Emendi relatati mal-kxif ta' informazzjoni fuq il-metodoloġiji tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti tal-klassifikazzjonijiet*

3.4.1 Qed jiġu proposti proċeduri għall-preparazzjoni ta' metodoloġiji ġodda ta' klassifikazzjoni jew il-modifika ta' oħrajn li diġà jeżistu, u l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati għandha wkoll tiġi integrata f'dan il-proċess. Bħala l-awtorità kompetenti, l-AETS ser tivvaluta l-konformità tal-metodoloġiji ġodda proposti mar-reqwiziti eżistenti, u dawn il-metodoloġiji jkunu jistgħu jintużaw biss ladarba jkunu ġew approvati mill-AETS.

3.4.2 Jekk jinsabu żbalji fil-metodoloġiji, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandu jkollhom l-obbligu li jikkoreġuhom u li jgħarrfu lill-AETS, lill-entitajiet ikklassifikati u lill-pubbliku ġenerali dwar dawn l-iżbalji.

3.4.3 L-emittent għandu jiġi infurmat bir-raġunijiet prinċipali dwar il-valutazzjoni tal-anqas ġurnata waħda ta' ħidma qabel il-pubblikazzjoni tal-klassifikazzjoni jew tal-prospett tal-klassifikazzjoni, sabiex jingħata l-opportunità li jaqbad żbalji possibbli fil-valutazzjoni tal-klassifikazzjoni.

3.4.4 L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jikkonfermu l-informazzjoni dwar l-entitajiet jew l-istrumenti tad-dejn kollha mressqa lilhom għall-ewwel reviżjoni tagħhom jew għall-klassifikazzjoni preliminarja.

3.5 *Emendi relatati ma' klassifikazzjonijiet sovrani*

3.5.1 Bi sforz biex tittejjeb il-kwalità tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu sovrani, ir-regoli dwar dawn il-klassifikazzjonijiet ser jissaħħu u l-frekwenza tal-valutazzjoni tagħhom ser tiżdied għal tal-anqas darba kull sitt xhur.

3.5.2 Sabiex tiżdied it-trasparenza u jogħla l-livell ta' fehim fost l-utenti, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandu jkollhom l-obbligu li jipubblikaw rapport sħiħ ta' riċerka huma u joħorġu u jemendaw il-klassifikazzjonijiet sovrani.

3.5.3 L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ser jipprovdu wkoll data disaggregata fuq id-dħul tagħhom, inkluża data dwar it-tariffi ġġenerati skont il-kategoriji differenti tal-assi. Din l-informazzjoni għandha tagħmilha possibbli li jiġi vvalutat sa liema punt l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jużaw ir-riżorsi tagħhom biex joħorġu klassifikazzjonijiet sovrani.

3.6 *Emendi relatati mal-komparabbiltà tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u t-tariffi għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu*

3.6.1 L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kollha ser ikollhom l-obbligu li jikkomunikaw il-klassifikazzjonijiet

tagħhom lill-AETS, li ser tippubblika l-klassifikazzjonijiet disponibbli għall-istrumenti tad-dejn fl-għamla ta' Indiċi ta' Klassifikazzjonijiet Ewropej (EURIX).

3.6.2 L-AETS ser tkun tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi għall-Kummissjoni fuq skala ta' klassifikazzjoni armonizzata. Il-klassifikazzjonijiet kollha jkollhom bżonn jimxu fuq l-istess skala ta' standards, u jiżguraw li l-klassifikazzjonijiet ikunu jistgħu jitqabblu iktar faċilment.

3.6.3 It-tariffi għall-provvista ta' klassifikazzjonijiet m'għandhomx ikunu diskriminatorji u m'għandhomx ikunu bbażati fuq kwalunkwe forma ta' kontinġenza, jiġifieri għandhom jikkunsidraw l-ispejjeż reali u jirriżultaw minn ipprezzar trasparenti, u ma jiddependux mir-riżultat tal-klassifikazzjoni. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jipprovdu lista annwali ta' tariffi imposti fuq il-klijenti għal servizzi individwali.

3.6.4 L-AETS għandha wkoll ttwettaq attivitajiet ta' monitoraġġ rigward il-konċentrazzjoni tas-suq, ir-riskji kkawżati mill-konċentrazzjoni u l-impatt fuq l-istabbiltà globali tas-settur finanzjarju.

3.7 *Emendi relatati mar-responsabbiltà ċivili tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu vis-à-vis l-investituri*

3.7.1 Fid-dispożizzjonijiet il-ġodda, il-Kummissjoni tippoponi li tiġi introdotta kawża għad-danni kkawżati mill-ksur, li jkun sar b'mod intenzjonali jew minħabba negliġenza serja, tal-obbligi stabbiliti fir-Regolament dwar l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, meta l-ksur ikkonċernat ikun affettwa klassifikazzjoni tal-kreditu li l-investitur ikun iddependa minnu.

3.8 *Emendi oħrajn*

3.8.1 Rigward ċerti punti relatati mal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, ir-Regolament ġie estiż b'mod adatt biex ikopri aġenziji ta' klassifikazzjoni "ċċertifikati" li jkunu stabbiliti f'pajjiżi terzi.

#### 4. **Kummenti ġenerali**

4.1 Il-proposta tal-Kummissjoni tressaq emendi adegwati għar-Regolament attwali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1060/2009, b'mod partikolari rigward id-dipendenza kbira żżejjed tal-parteċipanti fis-suq mill-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, il-livell għoli ta' konċentrazzjoni fis-suq tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, ir-responsabbiltà ċivili tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni vis-à-vis l-investituri, il-kunflitti ta' interessi relatati mal-mudell fejn l-emittent iħallas u l-istruttura tad-detenturi ta' ishma tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. Madankollu, il-Kumitat jinnota li r-Regolament kultant mhuwiewx dettaljat biżżejjed u li xi partijiet huma vagi. Jittama li, fejn huwa possibbli u mixtieq, il-verżjoni finali tar-Regolament tkun aktar speċifika, aktar ċara u anqas ambigwa.

4.2 Il-KESE għandu d-dubbi tiegħu dwar l-affidabbiltà reali fil-futur tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu li wieħed jagħmel huwa stess u dwar kemm imbagħad wieħed jista' jiddependi minn-hom. Dan għaliex, fiċ-ċirkostanzi attwali, l-aktar klassifikazzjonijiet fdati huma daww stabbiliti minn aġenziji bbażati lil hinn mill-frontieri tal-UE. Jekk l-istituzzjonijiet finanzjarji jkomplu jiddependu mill-klassifikazzjonijiet tagħhom, ir-Regolament propost ma jistax ikun wieħed ta' suċċess. Fl-istess ħin, il-kwis-tjoni ta' kif il-Kummissjoni beħsiebha timponi dawn il-klassifi-kazzjonijiet ma ġietx indirizzata.



4.3 L-istess jgħodd għar-regola proposta ta' rotazzjoni: anke kieku din ir-regola kellha twassal għal aġenzija ġdida biex ikun hemm firxa usa' ta' fehmiet, wieħed jista' jistenna li din l-aġenzija l-ġdida stess tkun influwenzata mill-fehmiet tal-aġenziji stabbiliti u b'hekk id-diversità mistennija ta' fehmiet ma tkunx possibbli fil-verità.

4.4 Il-KESE għandu dubji serji dwar l-indipendenza tal-klassifikazzjonijiet ipprovduti, speċjalment minħabba l-mekkaniżmu fejn l-emittent iħallas, inkluż fil-każ tal-klassifikazzjonijiet tal-pajjiżi, li jinfluwenzaw ir-rati tal-imgħax li l-pajjiżi sovrani jħallsu lill-istituzzjonijiet finanzjarji u lil xerrejja oħra tad-dejn tagħhom. Għalhekk, il-KESE jipproponi li l-Kummissjoni tibda tanalizza l-ħidma tas-swieq finanzjarji kollha kemm huma u r-regolazzjoni msaħħa tagħhom.

4.5 Il-KESE jappoġġja l-kontroll ta' kif analisti individwali qed jiġu remunerati u s-separazzjoni ta' din ir-rimunerazzjoni u r-risultati tal-klassifikazzjoni. Madankollu, hawnhekk mhuwiex ċar liema passi tanġibbli l-AETS tixtieq tieħu biex twettaq il-monitoraġġ tal-konformità ma' din il-proposta. Għaldaqstant, il-Kumitat jipproponi li din il-kwistjoni tiġi esplorata aktar fid-dettall.

## 5. Kummenti speċifiċi

5.1 Il-KESE jtenni l-osservazzjoni li għandha tiġi żgurata l-konformità mal-qafas legali stabbilit, b'mod partikolari billi jinħolqu sanzjonijiet għad-diretturi u l-maniġers tal-awtoritajiet Ewropej u internazzjonali għas-supervizzjoni tas-swieq, meta dawn ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom, minħabba l-ħsara li n-nuqqasijiet tagħhom jikkawgunaw lill-banek u lill-funzjonament tajeb tas-sistema finanzjarja, kif ukoll lill-ekonomija, lill-intrapriżi u lill-individwi.

5.2 Il-KESE jilqa' ż-żieda fl-isforzi sabiex iċ-ċittadin jiġi protett mill-prodotti finanzjarji permezz tal-introduzzjoni tar-responsabbiltà ċivili tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu; f'dan ir-rigward, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikkunsidraw opinjoni preċedenti tal-KESE <sup>(1)</sup>. Madankollu, huwa tal-fehma li din il-parti għandha tkun aktar dettaljata u ferm aktar ċara. Għandha wkoll tkun marbuta mas-sanzjonijiet li tista' timponi l-AETS.

5.3 Il-KESE għandu xi dubji dwar l-isforz tar-Regolament li jiġġenera aktar kompetizzjoni fuq is-suq tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu billi jintroduċi skala armonizzata ta' klassifikazzjoni. Madankollu, jappoġġja dan il-pass peress li jagħmilha aktar faċli biex il-klassifikazzjonijiet ikunu jistgħu jitqabblu bejniethom.

5.4 Il-KESE jaħseb li, fl-isforz tagħha biex ittejjeb il-kwalità, it-trasparenza, l-indipendenza, il-pluralità tal-fehmiet u l-kompetizzjoni fil-provvista tal-klassifikazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha bżonn twaqqaf aġenzija ta' klassifikazzjoni Ewropea indipendenti li toħroġ klassifikazzjonijiet indipendenti interessidwar id-dejn sovrani, biex b'hekk tiproteġi l-interess komuni.

5.5 Il-KESE jaqbel li hemm bżonn li s-sjieda tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tiġi ristretta sabiex jiġi żgurat li jkun meqjusa

bħala indipendenti, imma jippreferi li jkun hemm xi garanzija tal-indipendenza assoluta tagħhom. Fl-istess ħin, għandu jiġi żgurat li l-ebda investitur ma huwa s-sid – imqar b'mod indirett – ta' aktar minn ċertu persentaġġ tal-kapital tal-aġenzija.

5.6 Il-KESE jibża' li d-dispożizzjoni li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jikkompilaw il-klassifikazzjonijiet tagħhom u li jkun hemm anqas dipendenza mill-klassifikazzjonijiet esterni mhix ser tiggarrantixxi l-oġġettività tad-deċizzjonijiet meħuda mill-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jew firxa usa' ta' fehmiet. Fl-istess ħin, il-Kumitat jiddubita kemm istituzzjonijiet finanzjarji iżgħar għandhom il-possibbiltà li joħolqu dipartimenti ta' analiżi biex iwettqu dawn il-klassifikazzjonijiet.

5.7 Il-KESE għandu kemxejn biża' dwar l-applikazzjoni tar-responsabbiltà ċivili għall-aġenziji ta' klassifikazzjoni, peress li dawn l-aġenziji f'ħafna okkazzjonijiet ħarġu klassifikazzjonijiet żbaljati mingħajr ma kellhom jassumu r-responsabbiltà għall-iżbalji tagħhom s'issa, bl-eċċezzjoni ta' għadd żgħir ħafna ta' każijiet. Għalhekk, il-KESE mhuwiex konvint li r-Regolament propost ser ikun kapaċi jibdel dan. Fl-istess ħin, il-KESE jaħseb li jkun adatt li tissaħħaħ, bl-aktar mod koerenti u effettiv possibbli, ir-responsabbiltà ċivili tal-istituzzjonijiet li jużaw il-klassifikazzjonijiet huma u jipprovdu ċerti servizzi, bħar-responsabbiltà tal-banek huma u jipprovdu pariri dwar l-investment.

5.8 Fil-fehma tal-Kumitat, għandha ssir enfasi fuq ir-reviżjoni tal-monitoraġġ tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni, li bħalissa mhuwiex mifruż biżżejjed u li għandu jsir aktar sistematiku, koerenti u mifruż kemm jista' jkun.

5.9 Il-KESE jemmen li r-regoli proposti dwar il-kunflitti ta' interessi huma essenzjali imma jqis li l-proposta hija vaga wisq rigward il-punti rilevanti. Dawn għandhom jitlaħħmu b'aktar dettall, speċjalment rigward id-definizzjoni tal-obbligi tal-istituzzjonijiet varji li jimmonitorjaw il-konformità.

5.10 Il-KESE jasal għall-istess konklużjoni dwar l-aspetti tekniċi u l-mod kif l-Indiċi ta' Klassifikazzjonijiet Ewropej (EURIX) qed jiġi definit bħalissa u jistaqsi wkoll hawnhekk jekk indiċi ta' dan it-tip jistax jipprovdi informazzjoni addizzjonali.

5.11 Il-proposta tirreferi għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-pajjiżi imma ma tagħti l-ebda definizzjoni preċiża ta' xi tfisser il-kelma "pajjiż". Dan huwa importanti għax is-sitwazzjoni finanzjarja ta' pajjiż hija influwenzata wkoll mill-fondi soċjali u l-fondi ta' assigurazzjoni tas-saħħa tiegħu, li direttament jew indirettament huma marbutin mal-baġit nazzjonali. Il-pubbliku għandu dritt ikun jaf jekk il-kopertura tal-bżonnijiet tas-saħħa u l-bżonnijiet soċjali tiegħu hijiex qed tiġi pperikolata.

5.12 Il-klassifikazzjonijiet tal-pajjiżi għandhom jiġu definiti b'reqqa kbira, billi jinfluwenzaw ħafna aspetti ta' kif pajjiż jopera fis-swieq finanzjarji. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha bżonn tagħti aktar attenzjoni lill-klassifikazzjoni tad-dejn sovrani u tippreżenta tweġiba aktar dettaljata.

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Aġenziji li jiggradaw il-kreditu", ĠU C 54, 19.1.2011, p. 37.

5.13 Waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li għadhom ma ġewx solvuti hija n-nuqqas tal-indipendenza tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, ikkawżat b'mod partikolari mill-użu tal-mudell fejn l-emittent iħallas, li jagħmel il-klassifikazzjonijiet jidhru li jibbenefikaw lill-emittent minflok li jaqdu l-ħtiġijiet tal-investitur. Il-KESE jaħseb li l-introduzzjoni ta' regola ta' rotazzjoni mhix ser tkun miżura regolatorja biżżejjed biex jinkiseb progress fil-prinċipju fejn "l-emittent iħallas". Għalhekk, jipproponi li jiġu kkunsidrati mezzi oħrajn biex jiġu ristretti l-opportunitajiet għall-emittenti li jagħżlu aġenzija ta' klassifikazzjoni għall-finijiet tagħhom.

5.14 Fil-fehma tal-KESE, ir-regola ta' rotazzjoni kif proposta mhijiex biżżejjed biex jiġu sodisfati l-istennijiet promossi bl-introduzzjoni tagħha, speċjalment fir-rigward tal-ħolqien ta' biżżejjed opportunitajiet ġodda tas-suq. Għal din ir-raġuni, il-Kumitat jaħseb li r-Regolament għandu jstipula perjodi iqsar li matulhom l-emittent jista' juża s-servizzi tal-istess aġenzija tal-klassifikazzjoni jew perjodi itwal li matulhom l-emittent ma jistax jagħmel dan. Soluzzjoni possibbli oħra hija li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni jingħażlu b'lotterija. Il-KESE jipproponi wkoll li titneħħa l-kelma "konsekuttiv" mis-sentenza "għaxar strumenti ta' dejn konsekuttivi tal-emittent" fl-Artikolu rilevanti.

Brussell, 29 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

---



## APPENDIĊI

**għall-OPINJONI tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

L-emenda li ġejja nċaħdet waqt id-diskussjoni iżda rċeviet aktar minn kwart tal-voti:

**Punt 5.4**

*"5.4 Il-KESE jaħseb li, fl-isforz tagħha biex ittejjeb il-kwalità, it-trasparenza, l-indipendenza, il-pluralità tal-fehmiet u l-kompetizzjoni fil-provvista tal-klassifikazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha bżonn twaqqaf aġenzija ta' klassifikazzjoni Ewropea indipendenti li toħroġ klassifikazzjonijiet indipendenti (li l-emittent ikollu jħallas għalihom), iżda li ma toħroġx klassifikazzjonijiet sovrani, u b'hekk tevita kull akkuża ta' kunflitt ta' interessi."*

It-test ta' din l-Opinjoni tas-sezzjoni speċjalizzata nċaħad b'78 vot kontra, 55 vot favur u 13-il astensjoni.

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ”**

COM(2011) 635 finali – 2011/0284 (COD)

**u “L-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ biex jiġu ffaċilitati t-tranżazzjonijiet transkonfinali fis-suq uniku”**

COM(2011) 636 finali

(2012/C 181/14)

Relatur: **is-Sinjura BONTEA**

Nhar il-11 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ biex jiġu ffaċilitati t-tranżazzjonijiet transkonfinali fis-suq uniku*

COM(2011) 636 final.

Nhar is-16 ta' Novembru 2011 u nhar il-25 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ*

COM(2011) 635 final – 2011/0284 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-8 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tad-29 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'87 vot favur, 54 vot kontra u 7 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni sabiex tiffaċilita l-espanzjoni tal-kummerċ transkonfinali għan-negozji (speċjalment l-SMEs), thegħġeg ix-xiri transkonfinali mill-konsumaturi u tikkonsolida l-vantaġġi tas-suq intern.

1.2 Fir-rigward tal-**forma** tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ (Regolament) u l-**għażla magħżula** (“it-tieni sistema” fakultattiva), il-Kumitat jinsab sodisfatt li tqiesu l-proposti preċedenti tiegħu. Madankollu, kif stqarr fl-opinjoni preċedenti tiegħu, iqis li “dawn l-għanijiet iridu jintlaħqu ftit ftit, l-ewwelnett bil-kuntratti ta' bejgħ transnazzjonali kummerċjali tal-merkanzija (B2B) bħala proġetti pilota, li jservu biex jittestjaw il-koeżistenza bejn ir-reġimi u l-applikazzjoni konkreta tagħhom”<sup>(1)</sup>.

1.3 Il-Kumitat jenfasizza li l-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ għandha tikkonforma bi sħiħ mal-**prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporsjonalità**.

1.4 Fir-rigward tal-**kontenut**, il-Kumitat iqis li l-proposta għal Regolament għandha bżonn xi titjib sabiex:

— tiffaċilita t-tranżazzjonijiet fl-UE kollha, b'tali mod li tagħti kontribut b'saħħtu sabiex tappoġġja l-attivitàjiet ekonomiċi fis-suq uniku u sabiex jiġi sfruttat aktar il-potenzjal tiegħu;

— tagħti valur miżjud Ewropew ġenwin, b'rabta mal-ispejjeż u l-vantaġġi għall-operaturi ekonomiċi u l-konsumaturi;

— toffri vantaġġi sostanzjali fir-rigward ta' leġislazzjoni mfassla aħjar u ambjent regolatorju simplifikat, li jinftehem u li hu faċli biex jintuża;

— jonqsu l-ispejjeż involuti fit-tranżazzjonijiet transkonfinali;

— jiġu assigurati s-sigurtà legali u aktar konsistenza bejn ir-regoli orizzontali u dawk vertikali;

— jiġi garantit li l-SMEs u l-konsumaturi jibbenefikaw b'mod konkret u ċert mir-regoli l-ġodda.

<sup>(1)</sup> ĠU C 84, 17.3.2011, p. 1

1.5 Id-diviżjoni tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ u s-separazzjoni tar-regoli dwar il-kuntratti bejn in-negozji (B2B) u tar-regoli dwar il-kuntratti mal-konsumaturi F'żewġ dokumenti separati (bi skeda ċara għall-implimentazzjoni ta' kull kuntratt) ser jagħmluha faċli għan-negozji u l-konsumaturi li jsiru jafu bir-regoli l-ġodda u japplikawhom.

1.6 Il-Kumitat iqis partikolarment importanti li r-regoli ġodda jkunu ta' natura fakultattiva u jggarantixxu r-rispett sħiħ tal-libertà ta' negozjar fir-rigward tal-aċċettazzjoni tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ.

1.7 Il-Kumitat jenfasizza l-aspetti essenzjali li ġejjin:

— hemm diffikultajiet prinċipali fl-implimentazzjoni tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ;

— hemm bżonn li jitqiesu aktar il-karatteristiċi speċifiċi tal-SMEs;

— hemm bżonn li jtfasslu, b'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, inklużi dawk tal-SMEs u l-konsumaturi, mudelli Ewropej ta' klawżoli kuntrattwali speċifiċi għal ċerti setturi kummerċjali jew ta' attività, li jinkludu klawżoli u kondizzjonijiet standard u jkunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea. Dawn jistgħu jsiru għodod utli ħafna ta' applikazzjoni fir-relazzjonijiet tat-tip B2B u B2C u għandhom ikunu disponibbli simultanjament mal-pubblikazzjoni tar-regolament;

— hemm bżonn li tiġi garantita ċertezza legali aktar b'saħħitha u jitjieb il-kontenut tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ;

— b'konformità mal-Artikoli 12 u 169 tat-Trattat, waqt it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki kollha tal-UE kif ukoll tal-miżuri adottati jridu jitqiesu r-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-SMEs.

1.8 Il-KESE jenfasizza li l-adozzjoni tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ mhiex biżżejjed sabiex tigarantixxi l-iżvilupp tal-kummerċ transkonfinali għan-negozji u tax-xiri transkonfinali għall-konsumaturi. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien tal-impjiegi.

1.9 Il-KESE jenfasizza l-importanza li jitħejjew miżuri komplementari sabiex ikun garantit li l-partijiet li jistgħu japplikaw il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ, jekk fl-aħħar tiġi adottata, ikunu jafu kif japplikaw il-liġi b'mod effikaċi u jinterpretawha b'mod uniformi.

1.10 L-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi jenfasizzaw li l-proposta attwali m'għandhiex tintuża għat-tranżazzjonijiet tal-konsumaturi.

L-organizzazzjonijiet tal-SMEs u ta' min iħaddem jenfasizzaw li jekk isiru għadd ta' emendi u miżuri ta' akkumpanjament, il-proposta tkun tista' tintuża fi tranżazzjonijiet tal-konsumaturi.

Il-proposti mressqa mill-SMEs u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi għandhom mhux qed jaqblu fuq diversi punti. Is-sejba tal-aħjar soluzzjoni li tkun universalment aċċettabbli huwa proċess kumpless u diffiċli.

1.11 Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew iqisu dawn l-aspetti meta jfasslu l-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ, jew kwalunkwe inizjattiva oħra intiża biex tirregola d-drittijiet tal-konsumatur fl-UE, u sabiex ikompli d-djalogu mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-konsumaturi, sabiex il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ tkun ispirata aktar mill-bżonnijiet tal-benefiċjarji bil-għan li tikkontribwixxi vigorożament għall-iffaċilitar tat-tranżazzjonijiet fi ħdan l-UE.

## 2. Sfond

### 2.1 Il-qafas legali attwali

2.1.1 Il-qafas legali attwalment fis-seħħ fl-UE huwa kkaratterizzat minn differenzi fis-sistemi legali nazzjonali u fil-liġijiet kuntrattwali tas-27 Stat Membru.

2.1.2 Il-leġislażzjoni tal-UE fiha numru ta' regoli komuni, speċjalment fil-qasam tal-kuntratti tat-tip B2C, li jarmonizzaw il-liġi kuntrattwali sostantiva dwar il-konsumatur. Id-Direttiva 2011/83/UE dwar id-drittijiet tal-konsumatur<sup>(2)</sup>, li ġiet adottata reċentement, armonizzat għal kollox elementi ewlenin tal-kuntratti li jsiru mill-bogħod bħall-informazzjoni prekuntrattwali, ir-rekwiżiti formali, id-dritt ta' rtirar, it-tqassim tar-riskju u t-tweqqif, filwaqt li tħalli livell minimu ta' armonizzazzjoni għall-garanziji legali u termini kuntrattwali mhux ġusti biss.

2.1.3 L-Artikoli 12, 38, 164, 168 u 169(4) tat-Trattat jiggarantixxu l-prevalenza tar-regoli nazzjonali, fejn dawn ikunu aktar vantaġġu għall-konsumaturi.

### 2.2 Diffikultajiet għall-kummerċjanti u l-konsumaturi

2.2.1 Attwalment, huwa biss wieħed minn kull għaxar kummerċjanti fl-UE li jesperta fi ħdan is-suq uniku u l-maġġoranza tagħhom jespertaw biss f'numru żgħir ta' Stati Membri. Huma biss 8 % tal-konsumaturi li xtraw oġġetti u servizzi mill-internet minn Stat Membru ieħor. Il-potenzjal tas-suq intern u l-kummerċ transkonfinali elettroniku għadu ma ġiex sfruttat biżżejjed.

2.2.2 L-ostakli attwali jinħolqu, fost affarijiet oħra, minħabba d-differenzi fir-regolamenti fiskali, ir-rekwiżiti amministrattivi, id-diffikultajiet fil-provvista, id-differenzi fis-sistemi lingwistiċi u kulturali, livelli baxxi ta' firxa tal-broadband, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data, id-dizinj, il-limitazzjonijiet territorjali tal-proprjetà intelletwali, il-faċilitajiet għall-pagament u d-differenzi fil-qafas legali. L-informazzjoni li l-Kummissjoni ġabret minn riċerka ta' oħrajn turi li, fit-tranżazzjonijiet bejn in-negozju u l-konsumatur, wieħed mill-ostakli prinċipali li jżommu lill-konsumaturi milli jixtru barra l-pajjiż huwa n-nuqqas ta' mezzi effettivi ta' rimedju. 62 % tal-konsumaturi ma xtrawx onlajn minn pajjiż ieħor għax beżgħu mill-frodi, 59 % ma kinux jafu x'għandhom jagħmlu jekk jinqalgħu l-problemi, 49 % kienu mħassba dwar il-kunsinna u 44 % ma kienux ċerti dwar id-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi<sup>(3)</sup>.

Il-kummerċjanti, partikolarment l-SMEs, qegħdin jiffaċċjaw problemi bħal:

— l-għarfien tad-dispożizzjonijiet tal-liġi kuntrattwali barranija applikabbli;

<sup>(2)</sup> ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.

<sup>(3)</sup> It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Swieq tal-Konsumatur, il-Ħames Edizzjoni, Marzu 2011.

— aktar kumplessità legali fil-kummerċ transkonfinali, meta mqabbel mal-kummerċ intern;

— l-ispejjeż ta' tranżazzjoni addizzjonali għoljin.

2.2.3 L-ostakli għall-kummerċ transkonfinali għandhom effetti negattivi konsiderevoli fuq in-negozji u l-konsumaturi.

### 3. Proposta tal-Kummissjoni

3.1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni<sup>(4)</sup> tinkludi d-deċiżjoni li tressaq Proposta għal Regolament<sup>(5)</sup> li tistabbilixxi Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ, bil-għan iddikjarat li jitejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi tiffaċilita l-iżvilupp tal-kummerċ transkonfinali.

3.2 Il-proposta tal-Kummissjoni tirrappreżenta:

#### a) fir-rigward tal-**istrument magħżul**:

— ġabra ta' regoli **alternattivi** għal-liġi kuntrattwali, identika fl-Istati Membri kollha u applikabbli fl-UE kollha, li ser teżisti b'mod konġunt mal-leġislażzjonijiet nazzjonali eżistenti fil-qasam tal-liġi kuntrattwali;

— hija qafas **fakultattiv**, magħżul mill-partijiet kontraenti. Il-konsumatur irid jimla dikjarazzjoni espliċita fejn fiha jaqbel li japplika l-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ; din id-dikjarazzjoni hija distinta minn dik li fiha il-konsumatur jesprimi l-qbil tiegħu li jikkonkludi l-kuntratt.

b) fir-rigward tal-**forma**: bħala Regolament, il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ ser tkun applikabbli b'mod ġenerali u dirett;

#### c) fir-rigward tal-**kontenut**:

din hija ġabra ta' regoli dwar il-liġi kuntrattwali li hija komprensiva (183 artikolu) iżda mhux eżawrjenti, li tkopri:

— il-prinċipji ġenerali tal-liġi kuntrattwali;

— id-dritt tal-partijiet li jirċievu informazzjoni essenzjali prekuntrattwali, regoli dwar kif jiġu konklużi l-ftehimiet, id-dritt li l-konsumaturi jirtiraw mill-kuntratt u kif jannullaw kuntratt;

— kif għandhom jiġu interpretati l-kundizzjonijiet kuntrattwali, ir-regoli dwar il-kontenut u l-effetti tal-kuntratti kif ukoll kundizzjonijiet kuntrattwali li jistgħu jkunu iġusti;

— l-obbligi u r-rimedji tal-partijiet;

— regoli supplementari komuni dwar kumpens għal danni u dwar l-imgħax li għandu jitħallas għal ħlas tard;

— dispożizzjonijiet relatati mar-risoluzzjoni u l-preskrizzjoni.

Ċerti aspetti jibqgħu regolati mil-leġislażzjoni nazzjonali applikabbli, abbażi tar-Regolament 593/2008<sup>(6)</sup> (Ruma I).

3.3 Il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ tiffoka fuq kuntratti li huma l-aktar sinifikanti għall-kummerċ transkonfinali (il-kuntratti ta' bejgħ bejn in-negozji u l-konsumaturi jew bejn in-negozji meta tal-inqas waħda mill-partijiet tkun SME, inklużi kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali jew servizzi relatati).

3.4 Il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ hija limitata għall-kuntratti transkonfinali (bil-possibbiltà li l-Istati Membri jisten-duha).

### 4. Komentari ġenerali

4.1 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiffaċilita l-iżvilupp tal-kummerċ transkonfinali għannegozji, speċjalment għall-SMEs, tħeġġeġ ix-xiri transkonfinali mill-konsumaturi u tikkonsolida l-vantaġġi tas-suq intern.

4.2 Il-Kumitat jenfasizza li l-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ għandha tikkonforma għal kollox mal-**prinċipji tassussidjarjetà u l-proporsjonalità**.

4.3 Fir-rigward tal-**forma** (Regolament) u l-**għażla magħżula** ("it-tieni sistema" f'kull Stat Membru, li hija fakultattiva u tista' tiġi applikata abbażi ta' ftehim espliċitu mill-partijiet), kif diġà ntqal fl-opinjoni msemmija qabel tal-Kumitat, "dawn l-għanijiet iridu jintlaħqu f'it f'it, l-ewwelnett bil-kuntratti ta' bejgħ transnazzjonali kummerċjali tal-merkanzija (B2B) bħala proġetti pilota".

4.4 Fir-rigward tal-**kontenut**, il-Kumitat iqis li l-proposta għal Regolament għandha bżonn għadd ta' titjib sabieħ:

— tiffaċilita t-tranżazzjonijiet fl-UE kollha, b'tali mod li tagħti kontribut b'saħħtu sabieħ tappoġġja l-attivitàjiet ekonomiċi fis-suq uniku u sabieħ jiġi sfruttat aktar il-potenzjal tiegħu;

— tagħti valur miżjud Ewropew ġenwin, b'rabta mal-ispejjeż u l-vantaġġi għall-operaturi ekonomiċi u l-konsumaturi;

— toffri vantaġġi sostanzjali fir-rigward ta' leġislażzjoni aħjar u ambjent regolatorju semplifikat, li jinftehem u li hu faċli biex jintuża;

— jonqsu l-ispejjeż involuti fit-tranżazzjonijiet transkonfinali;

— jiġu assigurati ċertezza legali u konsistenza miżjuda bejn ir-regoli orizzontali u dawk vertikali, b'enfasi partikolari fuq it-trasparenza, iċ-ċarezza u s-semplikità. Dan ikun ta' benefiċċju mhux biss għall-ispeċjalisti legali, iżda wkoll u speċjalment għall-intrapriżi ż-żgħar u l-konsumaturi;

— jiġi garantit li l-SMEs u l-konsumaturi jibbenefikaw b'mod konkret u ċert mir-regoli l-ġodda.

<sup>(4)</sup> COM(2011) 636 final.

<sup>(5)</sup> COM(2011) 635 final.

<sup>(6)</sup> ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.

4.5 Preċedentement, il-Kumitat enfażizza li “dawn l-għanijiet iridu jintlaħqu f’it f’it, l-ewwelnett bil-kuntratti ta’ bejgħ transnazzjonali kummerċjali tal-merkanzija (B2B) bħala proġetti pilota, li jservu biex jittestjaw il-koeżistenza bejn ir-reġimi u l-applikazzjoni konkreta tagħhom” (7).

Id-diviżjoni tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ u s-separazzjoni tar-regoli dwar il-kuntratti tat-tip B2B u tar-regoli dwar il-kuntratti tat-tip B2C f’żewġ dokumenti separati (bi skeda ċara għall-implimentazzjoni ta’ kull kategorija) ser jagħmluha faċli għal-leġislaturi jiddeċiedu liema teknika leġislattiva għandha tapplika għal kull sett ta’ regoli waqt li jitqies il-poter ta’ negożjar tal-partijiet.

4.6 Il-kontenut attwali tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ wassal għal nuqqas ta’ sodisfazzjon u kritika konsiderevoli min-naħa tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u tal-SMEs li xeħtu dubju dwar il-bżonn fattwali għal strument fakultattiv sabiex jitħeġġeġ il-kummerċ elettroniku u t-teknika leġislattiva (reġim fakultattiv) użat fil-qasam tal-kuntratti tat-tip B2C.

4.7 Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament sabiex iqisu dawn l-aspetti meta jfasslu l-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ u sabiex ikomplu d-djalogu mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-SMEs u l-konsumaturi, sabiex il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ tkun ispirata aktar mill-bżonnijiet tal-benefiċjarji.

4.8 Il-KESE jqis partikolarment importanti li r-regoli l-ġodda jkunu ta’ natura fakultattiva u jggarantixxu r-rispett sħiħ tal-libertà ta’ negożjar fir-rigward tal-aċċettazzjoni tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ.

4.9 Fir-rigward tal-intrapriżi l-kbar jew intrapriżi b’pożizzjoni dominanti fis-suq, il-Kumitat jirrakkomanda li jiġu identifikati l-aktar miżuri komplementari adegwati li jagħmluha aktar faċli għall-SMEs li jeżerċitaw id-dritt li jagħżlu b’mod ħieles bejn iż-żewġ reġimi, skont in-natura fakultattiva tal-Liġi Komunit Ewropea dwar il-Bejgħ.

4.10 B’konformità mal-Artikoli 12 u 169 tat-Trattat, waqt it-fassil u l-applikazzjoni tal-politiki kollha tal-UE kif ukoll tal-miżuri adottati jridu jitqiesu r-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-SMEs.

4.11 Il-Kumitat jenfasizza d-diffikultajiet ewlenin għall-applikazzjoni tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ, hemm bżonn li:

— jiġu ċċarati r-relazzjonijiet reċiproċi bejn l-istrument fakultattiv u l-Liġi Internazzjonali Privata Ewropea, fosthom id-dispożizzjonijiet nazzjonali obbligatorji komuni u r-regoli marbuta mal-ordni pubblika – Artikoli 9 u 21 rispettivamente tar-Regolament 593/2008;

— jiġi ċċarat b’mod espliċitu r-rwol tar-Regolament Ruma I fil-każ tal-kuntratti tat-tip B2C filwaqt li jiġu kkunsidrati s-sentenzi reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li huma ta’ gwida f’dan ir-rigward;

— tiġi ggarantita aktar iċ-ċertezza legali u jitħejjew numru komplet ta’ regoli tal-liġi kuntrattwali, li ma jirreferux għal-liġijiet nazzjonali differenti ta’ kull Stat Membru u li ma jitfgħux dubji fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni.

4.12 Il-KESE jenfasizza l-fatt li l-adozzjoni tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ mhix biżżejjed la biex tiggarrantixxi l-iżvilupp tal-kummerċ transkonfinali u lanqas biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien tal-impjiegi.

4.13 Fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, jeħtieġ li jsir kull sforz sabiex jiġi stabbilit kuntest li jippromovi l-esportazzjonijiet u jelimina l-ispejjeż amministrattivi. Fil-każ tal-konsumaturi, huwa importanti li tissaħħaħ il-fiduċja tagħhom fis-suq uniku u li jitħeġġu jwettqu xiri transkonfinali billi jiġu pprovduti mezzi effettivi ta’ rimedju individwali.

4.14 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jeliminaw l-ostakli li fadal għall-kummerċ transkonfinali, jippromovu u jappoġġjaw l-attivajiet ta’ esportazzjoni tal-SMEs u jaqdu rwol attiv fl-identifikazzjoni u l-applikazzjoni tal-aktar miżuri adegwati sabiex in-negożji u l-konsumaturi jkunu jistgħu jaħtqu l-opportunitajiet offruti mis-suq uniku. Jenfasizza l-importanza tal-koooperazzjoni u d-djalogu ta’ kwalità bejn l-awtoritajiet u l-imsieħba soċjali, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-SMEs u l-konsumaturi.

4.15 Il-KESE jenfasizza l-importanza li jittieħdu ta’ **akkumpanjament** neċessarji sabiex ikun garantit li l-partijiet soġġetti għall-applikazzjoni eventwali tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ, jekk fl-aħħar tiġi adottata, isiru jafu kif għandhom japplikaw il-liġi b’mod effikaċi u jinterpretawha b’mod uniformi. Permezz tas-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern u kanali oħra ta’ informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinformat lill-partijiet interessati kollha bil-kontenut wiesa’ tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ, kif ukoll bid-differenzi bejn il-leġislazzjoni nazzjonali u dik tal-UE, inklużi l-aspetti tal-ġurisprudenza u l-aħjar Prattika.

## 5. Kummenti partikolari

### 5.1 Il-bżonn li jitqiesu aktar il-karatteristiċi speċifiċi tal-SMEs

5.1.1 Il-KESE jqis li l-proposta għal Regolament tista’ titjieb, sabiex il-karatteristiċi speċifiċi tal-SMEs jitqiesu aktar:

— 99,8 % tan-negożji huma SMEs, 92 % minnhom huma mikrointrapriżi li jimpjegaw madwar żewġ impjegati (8);

(7) ĠU C 84, 17.3.2011, p. 1.

(8) EUROSTAT.



- il-mikrointrapriżi jesportaw lejn numru mnaqqas ta' pajjiżi, wara li jkunu analizzaw is-suq fil-fond;
- il-mudell imprenditorjali standard tal-mikrointrapriżi m'għandux l-għan li jikkonkludi kuntratti transkonfinali f'27 Stat Membru;
- jeżistu ostakli konsiderevoli għat-transazzjonijiet transkonfinali mill-SMEs, elenkati fil-punt 2.2.2.

5.1.2 Il-proposta mhix faċli biżżejjed għall-SMEs. L-istrument propost fil-qasam tal-liġi kuntrattwali, kumpless, astratt u li jirreferi għal diversi aspetti tal-liġi nazzjonali differenti ta' kull Stat Membru, ma jippermettix lill-SMEs li japplikawh mingħajr servizzi ta' appoġġ jew pariri legali. L-għodod huma estremament neċessarji u jistgħu jinkoraġġixxu lill-SMEs japplikaw il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ.

5.1.3 L-organizzazzjonijiet tal-SMEs <sup>(9)</sup> jappoġġjaw il-bżonn għal bilanċ aktar stabbli bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kontraenti fil-kuntratti tat-tip B2C. Jenfasizzaw li hemm bżonn li jiġu ċċarati u ssemplifikati l-punti li ġejjin:

- l-Artikolu 23 (l-ewwel paragrafu dwar id-dmir li tiġi żvelata l-informazzjoni dwar il-merkanzija u s-servizzi relatati huwa vag wisq);
- l-Artikolu 29 (is-sanzjonijiet huma wisq twal u impreċiżi);
- l-Artikolu 39 (il-klawżoli tal-offerent għandhom jiġu aċċettati);
- l-Artikolu 42(1)(a) (il-perjodu ta' rtirar) (għandhom jiddaħħlu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur);
- l-Artikolu 51 ("ħtiġijiet urġenti" jew il-fatt li tkun "imprudenti, nieqsa mill-għarfien jew bla esperjenza" m'għandhomx jintużaw bħala ġustifikazzjoni – il-prinċipju ta' "il-bona fidi u n-negozjar ġust" ikopri s-sitwazzjonijiet ikkunsidrati f'dan l-Artikolu);
- l-Artikolu 72 (fil-proċessi twal ta' negozjar, il-partijiet għandu jkollhom il-possibbiltà li jinkludu l-ftehimiet kollha f'kuntratt wieħed, sabiex ma jinħolqux piżijiet amministrattivi żejda għall-SMEs mil-lat ta' spejjeż u ħin);
- l-Artikolu 78 (fil-paragrafu 1 hemm bżonn li jiġi ċċarat il-fatt li għandu jintalab il-kunsens tal-parti l-oħra wkoll, jekk ser jiġu kkonferiti xi drittijiet fuq il-parti terza);
- fir-rigward tal-Artikolu 78(4) dwar ir-rifjut ta' dritt ikkonferit lil u minn parti terza, l-espressjoni "impliċitament aċċettat" għandha titħassar peress li s-sitwazzjoni ssir insigura;
- l-Artikolu 97 (għandhom jiġu bbilanċjati l-obbligi tal-partijiet);

<sup>(9)</sup> Dokumenti ta' pożizzjoni tal-UEAPME (Union européenne de l'artisanat et des petites et moyennes entreprises – Unjoni Ewropea tal-Artiġjanat u tal-Intrapriżi Żgħira u ta' Daqs Medju): [http://www.ueapme.com/IMG/pdf/120119\\_pp\\_General\\_Remarks\\_CESL.pdf](http://www.ueapme.com/IMG/pdf/120119_pp_General_Remarks_CESL.pdf)  
[http://www.ueapme.com/IMG/pdf/120119\\_pp\\_Specific\\_Remarks\\_CESL.pdf](http://www.ueapme.com/IMG/pdf/120119_pp_Specific_Remarks_CESL.pdf)

- l-Artikolu 130(3) u (5) (il-kunċett ta' kustodja responsabbli mix-xerrej huwa nieqes);

- l-Artikolu 142(4) (għandha tiżdied il-kelma "l-ewwel" trasportatur);

- l-Artikolu 159(1) (hemm bżonn ta' aktar kjarifiki).

5.1.4 Il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ għandha tassigura li l-prinċipju "l-ewwel aħseb fiż-żgħir" u dak tal-proporzjonalità jiġu applikati bi sħiħ fi kwalunkwe stadju, waqt li jitnaqqsu l-burokrazija u l-ispejjeż żejda għall-SMEs. Il-KESE jenfasizza li huwa essenzjali li l-ispejjeż regolatorju jinżammu għal minimu għall-SMEs, u jappella lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament sabiex iqisu dan l-aspett meta jkunu qegħdin jiffinalizzaw il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ.

## 5.2 Il-protezzjoni tal-konsumatur

5.2.1 Il-Kumitat, għal darb'oħra, jenfasizza l-importanza li tiġi assigurata ċ-ċertezza legali "bbażata fuq l-aktar forom ta' protezzjoni avvanzati għaċ-ċittadini u l-intrapriżi", mingħajr ma "żżomm lill-ebda Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri ta' protezzjoni aktar stretti għall-konsumaturi" <sup>(10)</sup> u jappella għal "suq uniku li jkun strument għall-benefiċċju taċ-ċittadin-konsumatur" <sup>(11)</sup>.

5.2.2 Il-kontenut tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ wassal għal nuqqas ta' sodisfazzjon u kritika min-naħa ta' ħafna assoċjazzjonijiet tal-konsumatur (fir-rigward tal-livell baxx ta' protezzjoni tal-konsumatur meta mqabbel mal-Artikolu 169(4) tat-Trattat, il-fatt li l-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ ser tiġi applikata mingħajr ma verament ikunu nstemgħu l-fehmiet tal-konsumaturi, eċċ.), li jippreferu kieku l-kuntratti bejn in-negozji u l-konsumaturi jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ.

5.2.3 Jeżistu ħafna eżempji li juru li l-proposta ma tipp-rovdi għall-ogħla livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi:

- Artikolu 5 (objettività ta' raġonevolezza);
- Artikolu 13(1) (it-tifsira eżatta ta' "b'mod ċar u li jinftiehem");
- Artikolu 13(3)(c) (in-nuqqas ta' definizzjoni ta' "mezz (ieħor) li jservi fit-tul");
- Artikolu 19(5) (in-nuqqas ta' definizzjoni ta' "żmien raġonevoli");
- Artikolu 20(2) (it-tifsira eżatta ta' "tranżazzjoni minn jum għal jum");
- Artikolu 28(1) (it-tifsira eżatta ta' "toqgħod raġonevolment attenta");

<sup>(10)</sup> ĠU C 84, 17.3.2011, p. 1.

<sup>(11)</sup> ĠU C 132, 3.5.2011, p. 3.

- Artikolu 30(1)(c) (in-nuqqas ta' definizzjoni ta' "kontenut u ċertezza suffiċjenti");
- Artikolu 42(2) (f'każ ta' nuqqa ta' informazzjoni, il-kuntratt għandu jitqies invalidu);
- Artikolu 45 (il-konsumatur m'għandu qatt iħallas l-ispejjeż sabiex jirritorna l-merkanzija);
- Artikolu 52(2) (il-perjodi għandhom minn tal-inqas ikunu sena fil-każ ta' (a) u sentejn fil-każ ta' (b));
- Artikolu 53 (il-konferma m'għandha qatt tkun impliċita);
- Artikolu 71 (il-kliem użat għandu jkun aktar ċar);
- Artikolu 74 (it-tifsira ta' "ferm irraġonevoli");
- Artikolu 79(1) (m'hemm l-ebda definizzjoni tat-tip ta' abbuż li jwassal għall-effett li "ma j(t)orbotx");
- Artikolu 79(2) (id-Direttiva ma tqisx id-differenza bejn l-elementi essenzjali u mhux essenzjali ta' kuntratt);
- Artikolu 82 (id-Direttiva tħalli barra r-regoli dwar il-komunikazzjoni tal-klawżoli, l-obbligi dwar l-informazzjoni kif ukoll ir-regoli li għandhom jiġu awtomatikament esklużi mill-kuntratti, irrispettivament mill-kontenut inġust tagħhom, għax imorru kontra l-bona fide);
- Artikolu 84 (il-lista tal-klawżoli meqjusa bħala li dejjem huma inġusti hija qasira wisq u mhux skont l-aktar liġijiet nazzjonali progressivi);
- Artikolu 85 (l-istess japplika għall-klawżoli li huwa preżunt li huma inġusti);
- Artikolu 99(3) (id-dispożizzjoni hija totalment inaċċettabbli);
- Artikolu 105(2) (il-perjodu għandu jkun minn tal-inqas sentejn);
- Artikolu 142 (it-tifsira ġuridika u n-natura tal-espressjoni "il-pussess fiżiku tal-merkanzija" mhumiex ekwivalenti fit-traduzzjonijiet differenti fil-lingwi differenti, skont is-sistemi nazzjonali ġuridiċi differenti);
- Artikolu 142(2) (it-tifsira ta' "il-kontroll tal-kontenut diġitali");
- Artikolu 167(2) (għandha tiġi eskluża l-possibbiltà li n-notifika tingħata qabel);
- Artikoli 179 u 180 (il-kliem użat għandu jkun aktar ċar).

5.2.4 Hemm bżonn ta' miżuri speċjali sabiex tiġi garantita r-responsabilità u l-indaġni transkonfinali fil-każ ta' frodi u ingann bil-għan li tissaħħaħ il-fiducia tal-konsumatur. Fil-fatt,

59 % tal-konsumaturi jindikaw dan bħala deterrent għal transazzjonijiet transkonfinali.

### 5.3 Il-bżonn li jitħejjew mudelli Ewropej ta' klawżoli kuntrattwali

5.3.1 Il-Kumitat jenfasizza l-bżonn li jitħejjew kuntratti Ewropej ta' mudell li:

- ikunu disponibbli flimkien mal-pubblikazzjoni tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ u mid-dħul fis-seħħ tagħha;

- ikunu speċjalizzati f'setturi kummerċjali jew ta' attività speċifiċi;

- jinkludu klawżoli u kondizzjonijiet standard komprensivi, li jżidu mal-*acquis*, jiggarrantixxu livell għoli ħafna ta' protezzjoni tal-konsumaturi fil-kuntratti tat-tip B2C u l-libertà kuntrattwali fil-kuntratti tat-tip B2B u japplikaw bi sħiħ l-iSmall Business Act;

- ikunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;

- jiġu mmonitorjati u riveduti b'mod perjodiku, sabiex jitjieb il-kontenut abbażi tal-aħjar Prattika, id-duttrina u l-ġurisprudenza Prattika.

L-għodod huma utli ħafna għall-SMEs li jixtiequ jikkonkludu kuntratti transkonfinali mal-konsumaturi.

5.3.2 Huwa essenzjali li jkun hemm il-parteċipazzjoni tal-intrapriżi, l-SMEs u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur kif ukoll il-kooperazzjoni magħhom fit-tfassil tal-mudelli Ewropej ta' klawżoli kuntrattwali.

### 5.4 Il-bżonn li tiġi garantita ċertezza legali aktar b'saħħitha

5.4.1 Il-proposta għal Regolament tqajjem problemi rigward l-istabbiliment tal-bażi legali adegwata, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni.

5.4.2 F'ħafna aspetti, issir referenza għal-liġi interna (pereżempju, il-personalità ġuridika, l-invalidità ta' kuntratt minħabba nuqqas ta' kapaċità, l-illegalità jew l-immoralità, id-determinazzjoni tal-lingwa tal-kuntratt, il-kwistjonijiet tan-nondiskriminazzjoni, ir-rappreżentanza, il-pluralità tad-debituri u l-kredituri, it-tibdil fil-partijiet inkluża assenjażjoni, tpaċija u għaqda, il-liġi tal-proprietà inkluż it-trasferiment tal-proprietà, il-liġi tal-proprietà intelletwali u l-liġi tad-delitti) li teħtieġ lill-kummerċjanti jistudjaw il-qafas leġislattiv u jħallsu għall-pariri legali, kif ukoll tiżdied l-inċertezza legali.

5.4.3 M'hemm l-ebda mekkaniżmu li jassigura li r-Regolament huwa applikat b'mod uniformi fl-UE kollha. Bażi ta' data tad-deċiżjonijiet tal-Qorti mhux ser tikkostitwixxi preċedent legali validu għall-qrati nazzjonali li huma kompetenti fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-Regolament; minħabba li hemm lok għal interpretazzjonijiet differenti, ser tiżdied l-inċertezza legali.

5.4.4 Huwa rakkomandat li d-deċiżjonijiet tal-Qorti jiġu mmonitorjati, l-aħjar Prattika tiġi promossa u jitfasslu rapporti annwali, għall-inqas għall-ewwel ħames snin wara l-introduzzjoni tar-Regolament, sabiex ikun hemm valutazzjoni kontinwa tar-riżultati miksuba, tal-promozzjoni tal-aħjar Prattika u tal-adozzjoni ta' miżuri sabiex tiġi ffaċilitata l-interpretazzjoni uniformi tar-Regolament fl-UE kollha.

#### 5.5 *Kummenti addizzjonali*

Fi żmien ta' kriżi, huwa improbabbli li fil-livell nazzjonali ser jiġu allokati somom kbar għall-miżuri li jipprovdu informazzjoni u promozzjoni ta-regoli l-ġodda. Il-Punt 4 (Implikazzjoni baġitarja) tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni għandu jinkludi miżuri ta' appoġġ li jinkludu sessjonijiet ta' taħriġ organizzati mill-Kummissjoni għar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tad-dinja imprenditorjali, tal-SMEs u tal-konsumaturi li jgħaddu l-informazzjoni dwar il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ lill-membri tagħhom. Għandu jinkludi wkoll miżuri ta' appoġġ li jgħinu lill-organizzazzjonijiet jiprovdu pariri b'xejn dwar l-applikazzjoni tar-Regolament.

Brussell, 29 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

## APPENDIĊI

**għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

I Dawn il-punti tal-opinjoni tas-Sezzjoni Speċjalizzata ġew immodifikati biex jirriflettu l-emendi adottati mill-Assemblea, iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 54(4) tar-Regoli ta' Proċedura):

a) **Punt 1.2**

1.2 Fir-rigward tal-**forma** tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ (Regolament) u l-**għażla magħżula** ("it-tieni sistema" fakultattiva), il-Kumitat jinsab sodisfatt li tqiesu l-proposti preċedenti tiegħu. Madankollu, kif stqarr fl-opinjoni preċedenti tiegħu <sup>(1)</sup>, iqis li l-inizjattiva tal-Kummissjoni għandha tibda billi tistabbilixxi "ġabra ta' għodod" li sservi ta' qafas ta' referenza komuni disponibbli għall-partijiet li jfasslu kuntratti transkonfinali u t-tieni, tista' tippreżenta strument fakultattiv għall-kuntratti kummerċjali transkonfinali ta' bejgħ ta' prodotti (B2B), li jopera fuq bażi pilota, bħala mezz utli biex tiġi ttestjata l-koeżistenza tar-reġimi u jiġi mmonitorjat kif jiġu applikati fil-prattika.

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur:	93
Kontra:	41
Astensjonijiet:	6

b) **Punt 1.7**

1.7 Il-Kumitat jenfasisza l-aspetti essenzjali li ġejjin:

- hemm diffikultajiet prinċipali fl-implimentazzjoni tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ;
- hemm bżonn li jitqiesu aktar il-karatteristiċi speċifiċi tal-SMEs;
- hemm bżonn li jifasslu, b'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, inklużi dawk tal-SMEs u l-konsumaturi, mudelli Ewropej ta' klawżoli kuntrattwali speċifiċi għal ċerti setturi kummerċjali jew ta' attivitajiet, li jinkludu klawżoli u kondizzjonijiet standard u jkunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea. Dawn jistgħu jsiru għodod utli ħafna ta' applikazzjoni fir-relazzjonijiet tat-tip B2B u B2C u jistgħu jiġu promossi irrispettivament mill-fatt jekk il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ tkunx disponibbli jew le;
- hemm bżonn li tiġi garantita ċertezza legali aktar b'saħħitha u jitjeb il-kontenut tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ;
- b'konformità mal-Artikoli 12 u 153 tat-Trattat, waqt it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki kollha tal-UE kif ukoll tal-miżuri adottati jridu jitqiesu r-rekwiżiti tal-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-SMEs.

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur:	75
Kontra:	68
Astensjonijiet:	7

c) **Punt 1.9**

1.9 Il-KESE jenfasisza l-importanza li jitħejjew miżuri komplementari sabiex ikun garantit li l-partijiet li jistgħu japplikaw il-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ, jekk fl-aħħar tiġi adottata, ikunu jafu kif japplikaw il-liġi b'mod effikaċi u jinterpretawha b'mod uniformi. Madankollu, il-Kumitat jenfasisza li l-proposta attwali m'għandhiex tintuża għat-tranżizzjonijiet tal-konsumaturi.

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur:	85
Kontra:	53
Astensjonijiet:	5

d) **Punt 4.3**

4.3 Fir-rigward tal-forma (Regolament) u l-**għażla magħżula** ("it-tieni sistema" f'kull Stat Membru, li hija fakultattiva u tista' tiġi applikata abbażi ta' ftehim espliċitu mill-partijiet), kif diġà ntqal fl-opinjoni msemmija qabel tal-Kumitat, l-istrument jista' jkun limitat għall-kuntratti kummerċjali biss, u b'hekk għalissa jitħallew fil-ġenb il-kuntratti tal-konsumaturi.

<sup>(1)</sup> ĠU C 84, 17.3.2011, p.1 (punti 1.2 u 1.3).

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur:	93
Kontra:	41
Astensjonijiet:	6

**e) Punt 4.13**

4.13 *Fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, jeħtieġ li jsir kull sforz sabiex jiġi stabbilit kuntest li jippromovi l-esportazzjonijiet u jelimina l-ispejjeż amministrattivi. Fil-każ tal-konsumaturi, huwa importanti li tissaħħaħ il-fiduċja tagħhom fis-suq uniku u li jiġi jgħu jwettqu xiri transkonfinali billi jiġu pprovduti mezzi effettivi ta' rimedju individwali u kollettivi.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur:	71
Kontra:	66
Astensjonijiet:	8

**f) Punt 5.3.1**

5.3.1 *Il-Kumitat jenfasizza l-bżonn li jiġi jgħu kuntratti Ewropej ta' mudell li:*

- *ikunu disponibbli irrispettivament mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ;*
- *ikunu speċjalizzati f'setturi kummerċjali jew ta' attività speċifiċi;*
- *jinkludu klawżoli u kondizzjonijiet standard komprensivi, li jżidu mal-acquis, jggarantixxu livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi fil-kuntratti tat-tip B2C u l-libertà kuntrattwali fil-kuntratti tat-tip B2B u japplikaw bi sħiħ l-iSmall Business Act;*
- *ikunu disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;*
- *jiġu mmonitorjati u riveduti b'mod perjodiku, sabiex jitjieb il-kontenut abbażi tal-aħjar Prattika, id-duttrina u l-ġurisprudenza Prattika.*

*L-għodod huma utli ta' għall-SMEs li jixtiequ jikkonkludu kuntratti transkonfinali mal-konsumaturi.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur:	75
Kontra:	68
Astensjonijiet:	7

II. Dan il-punt tal-opinjoni tas-Sezzjoni Speċjalizzata tħassar biex jirrifletti l-emenda adottata mill-Assemblea, iżda rċieva aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 59(4) tar-Regoli ta' Proċedura):

**a) Punt 5.4.1**

5.4.1 *Il-Kumitat jenfasizza li wieħed mill-oqsma ewlenin ta' tħassib mill-perspettiva tal-konsumaturi fir-rigward tat-tranżazzjonijiet transkonfinali huwa n-nuqqas ta' mezzi effettivi ta' rimedju. Il-proposti reċenti tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar soluzzjoni alternattiva tat-tilwim u għal Regolament dwar is-soluzzjoni onlajn għat-tilwim jirrappreżentaw pass importanti 'l quddiem; madankollu għad hemm nuqqas ta' mekkaniżmu Ewropew ta' rimedju ġudizzjarju kollettiv.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur:	71
Kontra:	71
Astensjonijiet:	7

L-Artikolu 56(6) tar-Regoli ta' Proċedura jiddikjara li jekk in-numru ta' voti favur ikun daqs in-numru ta' voti kontra, il-vot tal-president tas-seduta jkun deċiżiv. B'konformità ma' din ir-regola, il-president iddeċieda li jappoġġja l-emenda.



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapporti finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ impriżi”**

COM(2011) 684 finali — 2011/0308 (COD)

(2012/C 181/15)

Relatur: **is-Sur BARROS VALE**

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, nhar il-15 u d-29 ta’ Novembru 2011, rispettivament, iddeċidew, b’konformità mal-Artikolu 50(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapporti finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ impriżi*

COM(2011) 684 final – 2011/0308 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-8 ta’ Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta’ Marzu 2012 (seduta tad-29 ta’ Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’125 vot favur, 2 voti kontra u 8 astensjonijiet.

## 1. Sommarju u konklużjonijiet

1.1 L-impriżi ta’ daqs mikro, żgħir u medju huma proporzjon konsiderevoli mill-istruttura kummerċjali tal-UE, u għaldaqstant il-KESE jilqa’ kwalunkwe inizjattiva li tista’ ttejjeb il-ħidmiet tas-Suq Uniku u li tiffaċilita u tippromovi l-investiment u l-kummerċ transkonfinali. Huma l-intrapriżi ż-Żgħar u ta’ Daqs Medju (SMEs) li jikkontribwixxu l-iktar għat-*tkabbir* ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-innovazzjoni. Huma wkoll l-iktar suxxettibbli għall-bidliet u l-iżviluppi.

1.2 Is-semplifikazzjonijiet imressqa fir-reviżjoni attwali għaldaqstant jirriflettu l-objettiv stabbilit fl-Istrateġija Ewropa 2020 għat-*tkabbir* sostenibbli u inklużiv, il-prinċipju tas-semplifikazzjoni promoss fil-Komunikazzjoni dwar l-Att dwar is-Suq Uniku u r-rikonoxximent tar-rwol kruċjali tal-SMEs fl-iżvilupp ekonomiku espress fil-komunikazzjoni tal-Kommissjoni ntitolata *Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir – Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa*.

1.3 L-armonizzazzjoni sħiħa tal-kriterji dwar id-daqs fl-Unjoni Ewropea (UE) kollha hija inizjattiva ta’ benefiċċju u, fl-opinjoni tal-KESE, għandha tiġi estiża sabiex tkopri l-hekk magħrufa “mikroimpriżi”. Għaldaqstant kull ma trid tiġi promossa hija l-leġislażjoni li ttiprovdi qafas li jkopri d-dinja kummerċjali kollha. Bil-promozzjoni tal-*ġustizzja* fl-UE kollha, din l-istandardizzazzjoni transkonfinali għandha titqies bħala wieħed mill-modi sabiex tissaħħaħ il-kompetizzjoni.

1.4 Ta’ min jenfasizza wkoll il-fatt li l-Istati Membri ma jistgħux jitolbu lin-negozji ż-żgħar biex jippreżentaw informazzjoni li hi inqas jew iktar minn kif mitlub fid-direttiva l-*għdida*. Dan hu l-unika mezz sabiex jintlaħaq l-objettiv ta’ semplifikazzjoni propost f’din ir-reviżjoni u li jiġi implimentat b’mod li

huwa ta’ benefiċċju għal kulħadd, li jħares l-interessi tal-utenti tal-informazzjoni finanzjarja, kemm għall-investituri, il-kredituri, l-Istat jew il-membri tal-pubbliku.

1.5 Il-KESE jqis li, minħabba li l-interessi msemmija hawn fuq huma żgurati, il-proposti għas-semplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni għandhom japplikaw ukoll għall-iskopijiet tat-taxxa; l-Istati Membri ma jkollhomx għalfejn jitolbu informazzjoni addizzjonali għall-iskopijiet tal-*għbir* tat-taxxa. Barra minn hekk, il-banek għandhom isiru konxji bil-bidliet u l-possibbiltà li jadottaw il-metodi ta’ analiżi tagħhom fir-regoli l-*għodda* għar-rapporti finanzjarji u b’hekk jevitaw li jkollhom jipprovdu informazzjoni addizzjonali.

1.6 Is-semplifikazzjoni tar-rapporti finanzjarji waħidha ma tistax titqies li ħa twassal għall-ħolqien ta’ negozji *għodda* u għal titjib fl-ambjent kummerċjali. Dan l-objettiv jista’ jintlaħaq biss jekk fl-istess waqt jiġu adottati miżuri oħra sabiex jissaħħaħ it-*tkabbir* ekonomiku. Madankollu, din l-inizjattiva jew kwalunkwe oħra li tgħin sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi u dawk għall-opportunitajiet jew miżuri oħra sabiex titnaqqas il-burokrazija (bħall-obbligu ta’ divulgazzjoni, il-ksib tal-liċenzji u l-konċessjonijiet, eċċ.) għandhom jintlaqgħu.

1.7 Fir-rigward tat-tnaqqis tal-ispejjeż, kemm finanzjarji u kemm tal-persunal, is-semplifikazzjonijiet li qed jiġu proposti se jilliberaw riżorsi li l-kumpaniji jistgħu jużaw f’oqsma oħra tan-negozju tagħhom.

1.8 L-importanza li l-impriżi ż-żgħar ikunu eżentati mill-awditjar statutorju obligatorju, irrispettivament humiex kumpaniji b’responsabilità limitata jew le, ġiet nnutata u milqugħa, iżda

l-KESE jqis li din il-proċedura għandha tibqa' obligatorja għan-negozji b'iktar 25 impjegat. Il-ħarsien ta' din il-proċedura, li xi impriżi żgħar huma obligati jsejgħu, huwa ta' piż kbir u għandu jiġi żgurat li kumpaniji żgħar mhux kwotati jkunu eżentati minnha, irrispettivament mill-forma legali tagħhom. Din il-proċedura għandha tkun fakultattiva u soġġetta għal deċiżjoni mill-imsieħba jew mill-partijiet interessati.

1.9 Min-naħa l-oħra, jekk il-proċeduri ta' kontabilità jitwettqu b'mod elettroniku u r-rapporti finanzjarji jifasslu permezz ta' software tal-kontabilità ġa lest, għall-bidu s-semplifikazzjoni tista' toħloq spejjeż għoljin li ma jistgħux ma jtkisux minħabba li n-negozji jkollhom jaġġornaw dan is-software.

1.10 Għandu jitqies ukoll l-impatt relatat mal-ispiża li l-bidla fil-metodu tal-ġbir tal-informazzjoni disponibbli se jkollha kemm fuq l-awtoritajiet fiskali kif ukoll dawk tal-istatistika.

1.11 Bosta impriżi żgħar għadhom iqisu r-rapporti finanzjarji bħala xejn iktar milli obbligu legali għall-benefiċċju tal-awtoritajiet fiskali. Filwaqt li d-daqs żgħir ta' kumpanija jista' jkollu parti essenzjali fil-formazzjoni ta' din il-fehma, minħabba li mhux fattibbli li jinkrew accountants interni, il-fattur ewlieni jibqa' n-nuqqas ta' manijers u diretturi fl-SMEs. Għaldaqstant, nissuġġerixxu u nappoġġaw il-kontinwazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' skemi tat-taħriġ u tas-sensibilizzazzjoni li jgħinu lill-intraprenituri jinterpretaw l-informazzjoni disponibbli u b'hekk potenzjalment jiġu evitati xi żbalji li jistgħu jseħħu minħabba l-approċċ ta' ġestjoni bi "tmexxija fuq l-għajn". Fl-istess waqt, ta' min iqis l-importanza li jiġi aġġornat it-taħriġ tal-persunal tekniku fl-uffiċċji tal-kontabilità fejn il-maġġoranza tal-preparazzjoni tar-rapporti finanzjarji tal-kumpaniji ż-żgħar hija kkonċentrata. Għandu jitħeġġeġ u jiġi appoġġat it-taħriġ għall-persunal tekniku dwar aġġornamenti leġiżlattivi.

1.12 Fir-rigward tar-rekwiżiti li l-kumpaniji involuti fl-industrija estrattiva u l-qtugħ tal-foresti primarji jiddivulgaw il-pagamenti lill-gvernijiet, il-KESE jilqa' din il-miżura iżda jitlob li tiġi estiża biex tkopri oqsma relatati oħra. Għal raġunijiet ta' trasparenza, dawn id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu kwalunkwe konċessjoni ta' interessi pubbliċi li jaqgħu fidejn il-privat, bħat-tranżazzjonijiet fl-oqsma tan-netwerk tat-trasport, l-ilma, l-enerġija u l-komunikazzjonijiet, kif ukoll il-logħob tal-azzard li fih huma involuti somom konsiderevoli u li, apparti l-logħob tal-azzard, jirrappreżentaw is-servizzi pubbliċi l-iktar fundamentali.

1.13 Uħud mid-dispożizzjonijiet fid-direttiva li qiegħda tiġi analizzata huma kuntrarji għall-prattiki stabbiliti fl-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS), b'mod partikolari l-inklużjoni ta' ishma tal-kapital sottoskritti mhux imħallsa fil-karta tal-bilanċ u tal-perjodi tal-amortizzament massimi għall-avvjament. Il-KESE bi pjaċir jinnota li l-proposta għal direttiva ma tippredix l-adozzjoni obligatorja tal-IFRS għall-SMEs, sakemm jilhq u jinsiltu t-tagħlimiet kollha mill-applikazzjoni tagħhom reċenti fil-livell internazzjonali.

1.14 Attwalment għaddejnin diskussjonijiet dwar l-applikazzjoni tar-regoli għall-mikroentitajiet li jaffrontaw lil dawn il-kumpaniji b'mod indipendenti. Huwa importanti li l-qafas regolatorju għall-mikroentitajiet huwa kompatibbli ma' dak li attwalment qiegħed jiġi analizzat sabiex jiġi evitat it-tixrid tal-informazzjoni f'bosta dokumenti.

## 2. Sfond tal-Proposta

2.1 Din il-proposta għal direttiva tipproponi r-revoka tar-Raba' Direttiva 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji u s-Seba' Direttiva 83/349/KEE dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi.

2.2 Din ir-reviżjoni tagħmel parti minn sett estensiv ta' inizjattivi tal-Kummissjoni sabiex jiġu ssemplifikati l-proċeduri għall-SMEs, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq dawn it-tipi ta' kumpaniji u tiġi kkomplementata l-proposta tal-2009 għal direttiva dwar ir-rapporti finanzjarji tal-mikroentitajiet. It-tnejja tar-rapporti finanzjarji hi meqjusa bħala waħda mill-iktar obbligi regolatorji tal-aktar piż għall-kumpaniji, speċjalment dawk żgħar.

2.3 Saret referenza għar-reviżjoni tad-Direttivi dwar il-Kontabilità fil-Komunikazzjoni dwar *l-Att dwar is-Suq Uniku – Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja – "Flimkien għal tkabbir ġdid"* bħala wieħed mill-ixpruni sabiex jiġi stimulat it-tkabbir, b'enfasi fuq l-importanza li jitbaxxew ir-rekwiżiti regolatorji għall-SMEs kemm fil-livell Ewropew kif ukoll dak nazzjonali.

2.4 L-oġġettivi tar-reviżjoni huma li jitnaqqas u jiġi ssemplifikat il-piż amministrattiv involut fit-tfassil tar-rapporti finanzjarji, speċjalment għall-impriżi ż-żgħar, tiżdied iċ-ċarezza u l-komparabbiltà tar-rapporti finanzjarji, li għandhom importanza partikolari għall-impriżi involuti f'attività transkonfinali, li jipproteġu l-utenti tal-informazzjoni finanzjarja u li jżidu t-trasparenza fir-rigward tal-pagamenti lill-gvernijiet mill-kumpaniji involuti fl-industrija estrattiva u fil-qtugħ tal-foresti primarji.

2.5 Il-konsultazzjonijiet saru mal-partijiet interessati, inklużi dawk responsabbli għat-tfassil tar-rapporti finanzjarji, l-utenti, il-korpi tal-istandardizzazzjoni u l-awtoritajiet pubbliċi. Saret ukoll valutazzjoni tal-impatt u ntlaħqu l-konklużjonijiet li ġejjin:

2.5.1 Fir-rigward tat-tfassil tar-rapporti finanzjarji u peress li l-kumpaniji jqisu dan bħala l-iktar impenn li għandu piż, speċjalment b'impatt notevoli fuq l-iżgħar impriżi, ġew emendati r-rekwiżiti tad-direttiva u b'hekk inħoloq "mini-reġim" li hu partikolari għall-kumpaniji ż-żgħar. Dan baxxa r-rekwiżiti għall-informazzjoni li għandha tiġi mehmuża mal-kontijiet, għamel l-awditjar statutorju iktar flessibbli u eżenta lill-gruppi ż-żgħar mill-obbligu li jfasslu rapporti finanzjarji konsolidati.

2.5.2 Il-livelli limiti tad-daqs tal-impriżi huma armonizzati sabiex jiżguraw it-trattament ugwali għall-kumpaniji tal-istess daqs fl-Ewropa kollha.

2.5.3 In-numru ta' għażliet disponibbli għall-Istati Membri għat-tressiq ta' informazzjoni addizzjonali huma limitati sabiex jiġu armonizzati l-prattiki fl-UE u tizzied il-komparabbiltà tar-rapporti finanzjarji.

2.5.4 Wara l-ikkomplementar tal-appoġġ tal-Kummissjoni għall-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI), u l-impenn meħud fid-dikjarazzjoni finanzjarja tas-Summit tal-G8 f'Deauville, issa hemm rekwiżit għad-divulgazzjoni tal-pagamenti mill-kumpaniji lill-gvernijiet, kemm fil-livell individwali kif ukoll dak konsolidat.

2.6 Sabiex jiġu protetti l-partijiet interessati minn kwalunkwe tnaqqis fl-informazzjoni disponibbli, issa huwa obligatorju li tiġi divulgata informazzjoni dwar il-garanziji u l-impjenji u dwar tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati. F'xi pajjiżi din hi diġà rekwiżit.

2.7 Hemm it-tama li s-semplifikazzjoni tar-regoli tal-kontabilità għall-SMEs tgħin fit-titjib tal-ambjent kummerċjali u tinkoraggi l-ħolqien ta' kumpaniji, bil-benefiċċji konkromittenti għall-ħolqien tal-impjegji. Fl-istess waqt u ladarba l-iffrankar marbut ma' din is-semplifikazzjoni jiġi mit-tnaqqis fil-miżati mħallsa lill-accountants esterni u lill-kumpaniji tal-kontabilità, hu mistenni impatt żgħir negattiv fuq l-impjegġ iżda skont il-Kummissjoni l-miżura mhu se jkollha l-ebda impatt fuq il-livelli globali tal-impjegġ.

2.8 Is-semplifikazzjoni tad-dokumenti tal-kontabilità għall-iżgħar kumpaniji mhix mistennija li jkollha effett ħażin fuq it-tkabbir. L-ispejjeż ogħla li t-tibdil jista' jfisser għall-kumpanija mhumiex ikkunsidrati bħala fattur kruċjali fid-deċiżjoni tal-kumpanija li tespondi.

### 3. Miżuri kruċjali

3.1 Bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv rigward it-fassil tar-rapporti finanzjarji, ġiet introdotta skema speċifika għall-kumpaniji ż-żgħar li jllimitaw l-obbligu ta' divulgazzjoni ta' ċerta informazzjoni permezz ta' noti għall-kontijiet. Ir-referenzi obligatorji issa se jkunu dawn li ġejjin biss: il-politiki dwar il-kontabilità; il-garanziji, l-impjenji, il-kontigenzi u l-arranġamenti li mhumiex rikonoxxuti fil-karta tal-bilanċ; avvenimenti wara l-karta tal-bilanċ mhux rikonoxxuti fil-karta tal-bilanċ; dejn fit-tul u żgurati u tranżazzjonijiet mal-partijiet relatati. Għalkemm dan huwa obligatorju f'xi Stati Membri, il-maġġoranza pprovdew eżenzjonijiet mid-divulgazzjonijiet għal avvenimenti wara l-karta tal-bilanċ u tranżazzjonijiet mal-partijiet relatati. Dawn jistgħu jwasslu għal obbligi ġodda għall-kumpaniji ż-żgħar. Madankollu, l-inklużjoni ta' dan ir-rekwiżit hi meqjusa neċessarja sabiex jiġi kumpensat it-tnaqqis fl-informazzjoni disponibbli u jiġu protetti l-utenti ta' tali informazzjoni.

3.2 Il-livelli limiti tad-daqs tal-kumpanija huma armonizzati f'żgħar, daqs medju u kbar (ikkalkulati abbażi tat-total tal-karta tal-bilanċ, il-qliegħ nett u n-numru ta' impjegati) sabiex jiżguraw li l-klassifikazzjoni hija standardizzata fl-UE kollha. Għaldaqstant, il-kumpaniji tal-istess daqt f'Stati Membri differenti jiġu trattati b'mod ugwali. It-tnaqqis fil-piż amministrattiv, li hu l-iskop tal-proposta, għaldaqstant jipprovdi l-istess kundizzjonijiet għall-kumpaniji tal-istess daqs fl-Istati Membri kollha.

3.3 L-awditjar statutorju mhux se jkun iktar obligatorju għall-kumpaniji ż-żgħar. Madankollu, meta jitqies id-daqs tal-kumpaniji rilevanti, ma jidher li hemm l-ebda riskju involut fir-rigward tat-trasparenza meħtieġa fit-tfassil tal-kontijiet ġeneralment. Iċ-ċertifikazzjoni indipendenti tal-kontabilità, saħansitra semplifikata, it-trasparenza fil-preżentazzjoni tagħha u fl-informazzjoni mogħtija lill-partijiet interessati, anke fir-rigward tad-djalogo soċjali, il-koll jibqgħu importanti għan-negozji ż-żgħar.

3.4 Il-gruppi ż-żgħar huma eżentati milli jippreparaw rapporti finanzjarji konsolidati (meta l-kumpanija *holding* u s-sussidjarji, fuq bażi konsolidata, ma jaqbżux tnejn mill-kriterji stabbiliti).

3.5 Il-prinċipji ġenerali ta' "materjalità" u l-prevalenza ta' "sustanza aktar milli forma" japplikaw. B'rabta ma' inqas għażliet disponibbli lill-Istati Membri fir-rigward tal-forniment ta' informazzjoni addizzjonali, dan jgħin għall-armonizzazzjoni tal-prattiki fl-UE kollha u b'hekk ikun eħfef li r-rapporti finanzjarji jitqabblu.

3.6 Ġiet stabbilita proċedura ġdida li tapplika għall-kumpaniji l-kbar u l-entitajiet pubbliċi involuti fl-industrija estrattiva u fil-qtugħ tal-foresti primarji għad-divulgazzjoni tal-pagamenti lill-gvernijiet.

### 4. Kummenti

4.1 L-impatt tal-piż attwali fit-thejġja tar-rapporti finanzjarji huwa konsiderevoli u għaldaqstant il-KESE jappoġġa l-objettiv ta' semplifikazzjoni tal-Kummissjoni abbażi tal-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir". L-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju huma l-iktar li ntlaqtu mill-piż amministrattiv u mill-ispejjeż għall-opportunitajiet involuti fit-thejġja tar-rapporti finanzjarji: għaldaqstant l-impatt ta' dawn is-semplifikazzjonijiet se jinħass mill-maġġoranza vasta tal-impriżi Ewropej.

4.2 Kważi 20 sena wara l-ħolqien tas-suq uniku, il-Kummissjoni issa qed turi rieda li tissemplifika l-proċeduri li kienu qed ikunu ta' piż għan-negozji. L-importanza tal-isforzi għas-semplifikazzjoni m'għandhiex titpoġġa fid-dubju u l-objettivi li huma s-sisien tagħhom għandhom jintlaqgħu u jiġu appoġġati. Madankollu, għandha tingħata attenzjoni sabiex l-ispinta għas-semplifikazzjoni ma tkunx eċċessiva, li l-kunfidenza tal-partijiet interessati u tal-utenti tal-informazzjoni finanzjarja ma tkunx imdgħajfa u li l-forniment tal-informazzjoni lil dawn il-partijiet

ma jiġix kompromess kif jidher li hu l-każ f'din il-proposta. Is-simplifikazzjoni m'għandhiex twassal li jkun hemm bżonn li tinħareġ l-informazzjoni fir-rapporti finanzjarji b'elementi addizzjonali sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' rappurtar fiskali jew ir-rekwiżiti tal-banek. Jekk dan iseħħ ikollu effett pervers, kontra għal kolloxx għall-oġġettivi tal-proposta u jqiegħed piżijiet ulterjuri f'forma ta' spejjeż fuq in-negozji, li jkunu obligati jżommu tliet tipi differenti ta' informazzjoni għal finijiet legali, fiskali u ta' finanzjar.

4.3 L-istess bħal kwalunkwe approċċ ġdid, il-proposti attwali jkunu jeħtieġu bidliet li, għall-bidu jistgħu ma jkollhomx l-appoġġ universali jew ikollhom impatt ekonomiku kbir, inevitabbilment iwasslu għal spejjeż iktar baxxi u l-istandardizzazzjoni tal-kriterji u t-tip ta' informazzjoni meħtieġa fl-UE kollha. Il-prinċipju jista' jkollu wkoll impatt negattiv f'termini ta' spejjeż għall-elementi essenzjali prinċipalment bħall-aġġornament tas-software, it-taħriġ u bidla fil-ġbir tat-taxxa u d-data tal-istatistika. Dan ovvjament malajr jiġi kkompensat mill-benefiċċji li jirriżultaw mill-bidliet. Sforzi sabiex tinkiseb is-simplifikazzjoni għandhom għaldaqstant jiġu appoġġati u dawn jiġu mgħejjuna b'mod konsiderevoli jekk dawn il-miżuri jiġu akkumpanjati b'oħrajn bħall-promozzjoni tat-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni għall-intraprendituri, l-accountants u l-utenti tal-informazzjoni mogħtija mir-rapporti finanzjarji.

4.4 Ta' rilevanza partikolari għal din l-emenda proposta hi l-introduzzjoni ta' eżenzjoni mill-awditjar statutorju għan-negozji żgħar, irrispettivament jekk humiex kumpaniji b'responsabilità limitata jew le. Il-KESE mhuwiex favur din id-deroga għal negozji b'iktar minn 25 impjegat għax iċ-ċertifikazzjoni minn korp indipendenti awtorizzat iġġib magħha għajna prezzjuża u garanzija għall-SMEs. L-awditjar statutorju jaqdi funzjoni soċjali, li hija dik li jstabbilixxi l-ġenwinità tal-kontabilità, li hija kundizzjoni sine qua non f'soċjetà li tiddependi ħafna fuq il-prestazzjonijiet tan-negozji f'ekonomija tas-suq. Din il-miżura se jkollha impatt finanzjarju konsiderevoli ħafna fuq il-kumpaniji ż-żgħar mhux kwotati, li ġew obligati jħarsu din il-proċedura minħabba l-forma legali tagħhom biss iktar milli minħabba d-daqs. Ma jagħmilx sens li kumpanija żgħira li mhix kwotata, u għaldaqstant mhix obligata tħares ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni u trasparenza li jirriżultaw mill-ikkwotar fil-borża, u li l-konformità magħha hi essenzjali, tiġi soġġetta għal proċedura li tiswa' ħafna minħabba li għażlet li tkun entità b'personalità legali li hi obligata tkun konformi mal-proċedura minħabba li l-liġi titlob dan. Iċ-ċertifikazzjoni legali tal-kontijiet għandha tkun għall-benefiċċju ta' min jirċievi r-rapporti finanzjarji u mhux sempliċement proċedura legali li għandha tiġi segwita fl-għama minħabba li negozju għandu forma legali partikolari. Huwa fidejn l-imsieħba u l-partijiet interessati, il-manigġers u l-amministraturi tan-negozji ż-żgħar li jiddeċiedu jekk il-kontijiet għandhom jiġu verifikati jew le; l-Istati Membri għandhom jiġu mċaħħda milli jimponu dan ir-rekwiżit u sabiex iseħħ dan mhemmx bżonn li tiġi emendata l-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-qafas legali tat-tipi ta' kumpaniji.

Jista' jkun meħtieġ li ssir iċ-ċertifikazzjoni legali tal-kontabilità fin-negozji b'iktar minn 25 impjegat.

4.5 Kif stabbilit fl-opinjoni dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Direttiva 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji, fejn il-mikrointrapriżi huma kkonċernati, il-KESE jilqa' l-proposta għas-simplifikazzjoni bħala spinta għall-intraprenditorija u l-kompetittività, li jgħinu fit-tkomplija tas-suq uniku. Huwa jinstab ukoll kuntent bl-isforzi sabiex tinkiseb l-istandardizzazzjoni billi tiġi imposta s-simplifikazzjoni fl-Istati Membri kollha, kif kien rakkomandat f'dak id-dokument.

4.6 Innovazzjoni oħra ta' min jenfasiszaha, u li żgur ħa jkollha rilevanza kbira għall-promozzjoni tas-suq uniku, hi d-definizzjoni tal-kriterji tad-daqs u l-applikazzjoni tagħhom fl-Istati Membri kollha. Dan hu l-unika mezz sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs fl-UE kollha għall-kumpaniji tal-istess daqs. Madankollu, il-kategoriji msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva ma jinkludix il-mikrointrapriżi, li mhix konsistenti mad-definizzjonijiet użati ftali kwistjonijiet bħall-għajnuna mill-Istat, il-parteċipazzjoni tal-fondi strutturali u l-programmi Komunitarji. Huwa minnu li minħabba li dawn l-entitajiet huma meqjusa bħala sors ta' dinamiżmu intraprenditorjali u ta' ħolqien ta' impjiegi, ġew inklużi fir-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE. Għaldaqstant id-direttiva attwali trid tinkludi definizzjoni ta' mikrointrapriżi li tista' tiġi applikata fl-istess dokument għall-kategoriji kollha tal-impriżi użati b'mod komuni fl-UE.

4.7 L-abbozz ta' direttiva tal-2009 relatat mal-mikrointrapriżi għadu qed jiġi nnegozjat. Is-sitwazzjoni ta' żewġ dokumenti għall-istess suġġett ma tagħmel l-ebda sens. Tali tixrid ta' informazzjoni huwa sors ta' konfużjoni u spejjeż għall-utenti li għandhom jiġu evitati u f'dan il-każ dan jistgħu jagħmluh. Għaldaqstant, huwa importanti li l-qafas regolatorju għall-mikroentitajiet jiġi armonizzat mal-proposta preżenti għal direttiva, sakemm tiġi inkorporata fih sabiex jiġi evitat dan it-tixrid u l-ħtieġa ta' negozji u persunal tekniku sabiex jiġu kkonsultati bosta dokumenti differenti.

4.8 Fir-rigward tal-kwistjoni tad-divulgazzjoni tal-pagamenti lill-gvernijiet, jista' jkun hemm xi reżistenza għall-applikazzjoni ta' din il-miżura għal setturi oħra ta' interess pubbliku jew li jinvolvu konċessjonijiet pubbliċi kif ukoll l-industrija estrattiva u dik tal-forestrija. Madankollu l-KESE jargumenta li din l-ambizzjoni għandha tiġi segwita b'informazzjoni disponibbli dwar ir-rabtiet bejn il-kumpaniji u s-setturi pubbliċi fit-tranżazzjonijiet li jikkonċernaw in-netwerk tat-trasport, l-ilma, l-enerġija u l-komunikazzjoni kif ukoll il-logħob tal-azzard. L-introduzzjoni ta' din il-miżura hija innovattiva iżda tista' - u għandha - titkompla.

4.9 Xi dispożizzjonijiet jidhru li huma kontradittorji għall-prattiki tal-IFRS fi żmien meta bosta pajjiżi tal-UE ġa adottaw l-istandards internazzjonali għalkemm m'hemm l-ebda obbligu fl-Ewropa li jiġu adottati dawn ir-regoli għall-SMEs. L-IFRS diġà huma obbligatorji għat-tħejjija tar-rapporti finanzjarji ta' negozji kkwotati fil-borża, u hemm tendenza lejn l-istandardizzazzjoni

tal-prattiki ta' kontabilità permezz ta' dawn l-istandards u għalhekk id-direttiva attwali trid tirrispetta din it-tendenza. F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat li hemm inkonsistenzi dwar żewġ kwistjonijiet: l-inklużjoni ta' ishma tal-kapital sottoskritti mhux imħallsa taħt l-intestatura ta' ishma tal-kapital fil-karta tal-bilanċ u t-tħassir tal-avvjament f'perjodu massimu ta' ħames snin. Meta

l-informazzjoni kollha dwar l-applikazzjoni fil-livell internazzjonali tar-regoli reċenti tal-IFRS relatati mal-SMEs tkun inġabret, u meta l-korrezzjoni ta' dawn iż-żewġ inkonsistenzi ma tibqax inkompatibbli mas-semplifikazzjoni tal-proċeduri, ikun importanti li r-regoli applikati fl-UE bi standards aċċettati internazzjonalment jiġu allinjati.

Brussell, 29 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm tal-konsumaturi 2014-2020”**

COM(2011) 707 finali – 2011/0340 (COD)

(2012/C 181/16)

Relatur: **is-Sinjura MADER**

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, nhar it-30 ta' Novembru u t-13 ta' Diċembru 2011 rispettivament, iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 169 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm tal-konsumaturi 2014-2020*

COM(2011) 707 finali – 2011/0340 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-8 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'109 voti favur, 11-il vot kontra u 8 astensjonijiet.

**1. Sinteżi**

1.1 Il-Kummissjoni ressqet il-Proposta għal Regolament tagħha dwar programm tal-konsumaturi għall-perjodu 2014-2020 li jorbot mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv” bil-ħsieb li tpoġġi “l-konsumatur mogħti s-setgħa fiċ-ċentru tas-Suq Uniku”.

1.2 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-programmi dwar il-konsumaturi u s-saħħa huma indirizzati f'żewġ proposti separati: dan għandu jagħmilha possibbli li t-tnejn li huma jiġu trattati b'mod adegwat.

1.3 Josserva r-rieda tal-Kummissjoni li tpoġġi l-konsum fil-qalba tal-politiki tal-UE, illi, fil-kuntest attwali, huwa importanti ħafna. Jieħu nota wkoll tal-livell baxx ta' riżorsi relatati ma' din l-ambizzjoni u għandu d-dubbi dwar kemm tista' tiġi implimentata b'mod effettiv.

1.4 Il-KESE jieħu nota tal-impenn biex tiġi żviluppata statistika bil-għan li tirrikonoxxi r-realtà tas-suq u ssegwi l-evoluzzjoni tiegħu f'kuntest ta' tensjoni, kemm mil-lat ta' kwistjonijiet ekonomiċi kif ukoll dawk soċjali u ambjentali.

1.5 Il-Kumitat josserva r-rieda li jiġu żviluppati indikaturi ta' segwitu, li huma iżjed b'żonjuzi meta wieħed iqis li l-programm ikopri perjodu twil fil-konfront tas-sitwazzjoni attwali.

1.6 Il-KESE jisħaq fuq il-bżonn li jissaħħu l-istandards tas-sigurtà tal-prodotti kummerċjalizzati fit-territorju tal-UE, li jfisser li jridu jiżiedu l-kontrolli u li tiġi żgurata kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti.

1.7 Il-Kumitat jappoġġja l-miżuri bil-għan li jittejjbu l-programmi ta' informazzjoni u edukazzjoni tal-konsumaturi u jiġu promossi l-prattiki tajbin sabiex tiġi provduta l-informazzjoni rilevanti minn sorsi indipendenti. Jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li jkun hemm informazzjoni li tista' tiġi vverifikata, li tkun ta' kwalità tajba u aċċessibbli għal kulħadd biex tippermetti konsum sostenibbli.

1.8 Ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi indipendenti huwa kruċjali f'dan il-kuntest u għalhekk il-KESE jirrakkomanda li l-mezzi finanzjarji tagħhom jiżiedu b'mod sostanzjali, b'mod partikolari biex ikunu jistgħu jiksbu l-mezzi ta' għarfien speċjalizzat meħtieġa fid-dawl tal-ambitu wiesa' tal-attivitajiet tagħhom. Fil-fatt, iż-żamma tal-bilanċ ekonomiku jitlob li jkun f'pożizzjoni li jaqdu bis-sħiħ ir-rwol tagħhom ta' kontra-piż.

1.9 Il-KESE jitlob lill-Istati Membri jirrikonoxxu, jappoġġjaw u jiffinanzjaw l-għaqdiet tal-konsumaturi nazzjonali li jieħdu sehem b'mod sħiħ fit-tweqqif tas-Suq Intern.

1.10 Il-KESE jappoġġja l-inizjattivi differenti proposti biex jiġu estenzi l-mekkaniżmi ekstraġudizzjarji biex jittrattaw l-ilmenti. Iżda, jinnota li ma hemm l-ebda referenza għar-rimedju kollettiv, li huwa mezz indispensabbli biex tiġi żgurata konformità mal-leġislazzjoni, kif diġà enfażizza l-opinjoni differnti.

**2. Il-Proposta għal Regolament tal-Kummissjoni fil-qosor**

2.1 Il-proposta għandha l-għan li tistabilixxi programm tal-konsumaturi għall-perjodu 2014-2020, bħala suċċessur għall-programm ta' azzjoni Komunitarja għall-perjodu 2007-2013 fil-qasam tal-politika tal-konsumatur. Huwa jintroduċi qafas ta' finanzjament għall-azzjonijiet tal-UE.

2.2 Ir-regolament jagħmel parti mis-segwitu tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv", li jitlob li ċ-ċittadini jiksibu l-mezzi neċessarji biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq uniku.

2.3 Dan ir-regolament ġie stabbilit wara li sar studju tal-impatt fost il-partijiet interessati differenti f'nofs it-term tal-programm ta' azzjoni Komunitarja għall-perjodu 2007-2013 fil-qasam tal-politika tal-konsumatur.

2.4 Din il-valutazzjoni enfasizzat il-valur miżjud tal-programm, minkejja l-inadegwatezza tal-fondi mogħtija u l-fatt li l-isfidi soċjali u ambjentali għodda ġew ikkunsidrati biss parzjalment.

2.5 Il-programm għall-perjodu 2014-2020 iqis l-osservazzjonijiet differenti li saru. Sabiex jiġu ffinanzjati, l-azzjonijiet proposti għandhom jitrattaw kwistjonijiet marbuta mal-ambjent ekonomiku, soċjali u tekniku, b'mod partikolari l-problemi relatati mal-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, il-bżonn li nimxu lejn modi ta' konsum iżjed sostenibbli, it-tixjijiet tal-popolazzjoni, l-esklużjoni soċjali u l-problemi tal-konsumaturi vulnerabbli.

2.6 Il-programm il-ġdid għandu l-għan li jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan tal-politika futura tal-konsumatur, billi "jpoġġi lill-konsumatur mogħti s-setgħa fil-qalba tas-suq uniku".

2.7 Skont il-Kummissjoni, dan l-għan jinvolvi l-protezzjoni aħjar tas-saħħa, is-sigurtà u l-interessi ekonomiċi tal-konsumatur, il-promozzjoni tad-dritt tagħhom għall-edukazzjoni u aċċess faċli għal mezzi ta' rimedju effikaċi.

2.8 Il-Kummissjoni tippromponi li tilħaq dan l-għan ġenerali permezz ta' erba' għanijiet speċifiċi:

- il-konsolidazzjoni u t-tisħiħ tas-sigurtà tal-prodotti permezz ta' sorveljanza effettiva tas-swieq fl-Unjoni Ewropea kollha;
- it-titjib tal-edukazzjoni u l-informazzjoni tal-konsumaturi u li jsiru jafu iktar id-drittijiet tagħhom, l-iżvilupp tal-bażi ta' informazzjoni li fuqha hija bbażata l-politika tal-konsumaturi u l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi;
- il-konsolidazzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur, b'mod partikolari permezz tar-regolamentazzjoni u t-titjib tal-aċċess għar-rikorsi;
- l-appoġġ lil miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw li jiġu rispettati d-drittijiet tal-konsumatur, billi tissaħħa il-kooperazzjoni bejn il-korpi nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-leġislazzjoni u billi jittejjeb is-servizz ta' konsultanza lill-konsumatur.

### 3. Valutazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni

3.1 Il-KESE jaqbel mal-għan tal-programm li "jpoġġi lill-konsumatur mogħti s-setgħa fil-qalba tas-suq uniku". Huwa tal-fehma li, kif tagħmel tajjeb tenfasizza l-Kummissjoni, għandha tingħata prijorità għolja lill-kunċett li l-interessi

tal-konsumaturi jitqiesu fil-politiki kollha tal-UE, peress li l-infiq tagħhom jgħodd għall-56 % tal-PDG u huwa essenzjali biex tingħata spinta lit-tkabbir.

3.2 L-istituzzjonijiet tal-UE u l-gvernijiet nazzjonali għandhom jadottaw politika tal-konsumatur għas-seklu 21 u jaċċettaw il-fatt li l-konsumaturi huma l-ixpruni u l-partijiet interessati li jippermettu lis-suq jaħdem b'mod tajjeb. Fil-fatt, suq ġenwinament kompetittiv jeħtieġ konsumaturi infurmati tajjeb u fiduċjużi. It-tisħiħ tal-pożizzjoni jew l-emanċipazzjoni tal-konsumatur huwa fattur li jikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-prodotti u s-servizzi u jiżgura li l-ekonomija tas-suq taħdem b'mod iżjed effikaċi.

3.3 Il-kamp ta' applikazzjoni tal-politika tal-konsumatur għandu jiġi estiż u l-UE għandha taspira li tftitex livell ogħla ta' kompetittività u innovazzjoni għaċ-ċittadini tagħha. Il-politika tal-konsumatur għandha tiġi kkunsidrata bħala prijorità fl-aġenda politika u tiġi integrata fil-politiki u l-programmi ta' ħidma rilevanti kollha.

3.4 F'dan ir-rigward, il-Kumitat jiddispaċi li l-pakkett baġitarju allokata lill-Istrateġija Ewropa 2020 huwa 'l bogħod b'mod ċar mill-intenzjoni ddikjarata. B'rabta mal-500 miljun konsumatur fl-UE-27, l-ammont allokata fis-sena għal kull konsumatur huwa ta' 5 ċenteżmi euro; dan l-ammont huwa ferm inqas miċ-ċifra għall-programm 2007-2013, li l-Kumitat fl-opinjoni tiegħu <sup>(1)</sup> stima bħala 7 ċenteżmi euro.

3.5 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjoni il-punti prinċipali tal-programm permezz ta' erba' għanijiet speċifiċi. Dan il-programm huwa tkomplija diretta tal-programmi preċedenti u ma fih xejn innovattiv għalkemm it-teknoloġiji l-ġodda jinfluwenzaw il-kundizzjonijiet tas-suq. Huwa tal-fehma li l-modi deskritti għall-ksib tal-għanijiet stabbiliti għandhom ikunu iżjed speċifiċi u kompletati.

3.6 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi lista tal-programmi kollha tal-Unjoni li jitrattaw u jikkontribwixxu għall-promozzjoni u l-ħarsien tal-interessi tal-konsumatur, sabiex il-politika tal-konsumatur tiġi integrata fil-programmi kollha tal-UE.

3.7 Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li hemm bżonn li fil-proposta tal-Kummissjoni jiddaħħal il-ħames għan dwar ir-rappreżentazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi. Naturalment, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjoni il-fatt li t-tisħiħ tal-kapaċitajiet rappreżentattivi huwa inkluż fil-programm tal-Kummissjoni, u jilqa' b'sodisfazzjoni ukoll ir-rikonoxximent tal-appoġġ lejn l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-konsumaturi u l-għar-fien tagħhom. Fil-fatt, li tkun possibbli rappreżentazzjoni aħjar tal-konsumaturi u li jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom għandhom ikunu għan separat. Sabiex jiġi żgurat li sseħħ il-wegħda tal-Kummissjoni li l-konsumatur jitpoġġa fil-qalba tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-UE, il-Programm għandu jiġi emendat biex jinkludi l-ħames għan.

(1) ĠU C 88, 11.4.2006, p. 1.

3.8 Parti mill-baġit tal-Programm tal-Konsumaturi (spejjeż tal-ivvjaġġar, ħidma ta' thejjiġa u parteċipazzjoni fil-gruppi tal-esperti) għandha tiġi allokata għal dan il-għan sabiex il-konsumaturi jkunu rappreżentati aħjar min-naħa ta' għaqdiet indipendenti tal-konsumatur, fi ħdan il-gruppi differenti tal-esperti, f'każijiet fejn il-kontribut tal-konsumaturi huwa meħtieġ. Bl-istess mod, jekk meħtieġ, programmi oħra tal-UE għandhom jallokaw baġit speċifiku li jiffavorixxi l-kontribut tal-għaqdiet li jirrappreżentaw il-konsumatur.

3.9 Il-KESE jfakkar lill-Kummissjoni fil-ħtieġa li tressaq Aġenda tal-konsumatur Ewropew ambizzjuża (imħabbra fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni 2012 għat-tieni trimestru tal-2012) u li tibbaża ruħha fuq il-prinċipju tal-awtonomija tal-konsumaturi ("empowerment"), b'konformità mal-prinċipji li fuqhom tissejjes l-ekonomija soċjali tas-suq u kif ħareġ fidieher mir-rapporti adottati mill-Parlament Ewropew.

3.10 Il-proposta għal "Aġenda tal-Konsumatur Ewropew" għandha ġenwinament tfittex li "tawtonomizza" lill-konsumatur fuq il-bażi tas-sigurtà, l-informazzjoni rilevanti u l-edukazzjoni, id-drittijiet u l-mezzi ta' rikors u aċċess għall-ġustizzja, kif ukoll il-miżuri ta' implimentazzjoni.

3.11 Madankollu, ir-"responsabilizzazzjoni" tal-konsumatur Ewropew m'għandhiex twassal għal trasferiment tar-responsabbiltà lejn il-konsumatur. Il-Programm tal-Konsumatur għandu l-ewwel u qabel kollox joħloq il-kundizzjonijiet għal suq ġust u ekwu li fiha il-konsumaturi jħossu fiduċjużi jikkunsmaw b'mod liberu, ikunu fliema post ikunu. Din il-fiduċja tinvolvi l-bżonn li jkunu infurmati u jingħataw pariri b'mod suffiċjenti u imparzjali dwar id-drittijiet tagħhom sabiex jagħmlu għażiet ġusti fil-konfront tal-konsum.

3.12 Il-KESE jenfasizza l-bżonn li l-Aġenda tal-Konsumatur Ewropew u l-Proposta għal Regolament dwar Programm tal-Konsumaturi joħorġu fl-istess żmien biex jiġu żgurati l-koerenza u l-kwalità bejn il-Programm u l-għanijiet strateġiċi.

3.13 Il-Kumitat jixtieq jenfasizza wkoll, fir-rigward tat-tfassil ta' inizjattivi leġiżlattivi u regolatorji min-naħa tal-Kummissjoni, il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur (Artikolu 169 tat-Trattat). F'dan ir-rigward, ifakkar li l-livell maġżul ta' armonizzazzjoni għandu jkun adatt u li, fl-ebda każ, ma għandu jwassal għal jew jippermetti tnaqqis fid-drittijiet tal-konsumatur Ewropew, huwa liema hu l-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha. F'dan ir-rigward, il-KESE jopponi kwalunkwe inizjattiva, b'has-sistema ta' għażla, li tippermetti li tiġi kkunsidrata mill-ġdid il-protezzjoni eżistenti, bil-għan li jiġu protetti l-konsumaturi li huma l-partijiet l-iżjed dgħajfa fil-kuntratt u li mhux dejjem ikollhom il-mezzi jiftxu għajnuma.

3.14 Barra minn hekk, il-KESE huwa tal-fehma li l-konsumaturi u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jirċievu garanziji li jiġu kkonsultati meta jkunu qed jifasslu dokumenti u miżuri li jolqtuhom, u huwa tal-fehma wkoll li għandu jkollhom iżjed riżorsi għad-dispożizzjoni tagħhom.

3.15 Il-KESE jagħti attenzjoni partikolari lill-miżuri għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-prodotti fis-suq kollu. Jappoġġja l-introduzzjoni ta' miżuri ta' kooperazzjoni speċifiċi b'konformità mad-Direttiva 2001/95/KE<sup>(2)</sup> u r-riċerka li saret bil-għan li jiġu stabbiliti standards ġodda jew kriterji ġodda ta' sigurtà. Rigward il-problemi li għandhom jiġu indirizzati, il-Kumitat jistaqsi x'livell ta' riżorsi se jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-korpi differenti responsabbli għall-monitoraġġ. Fil-fehma tiegħu, jinħtieġ li jiġu organizzati kampanji ta' sensibilizzazzjoni koordinati mill-Kummissjoni.

3.16 Il-KESE japprova l-miżuri proposti bil-għan li jiġi infurmat u mgħallim il-konsumatur. It-titjib ta' dawn iż-żewġ aspetti tal-protezzjoni tal-konsumaturi għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-għarfien tagħhom dwar drittijietom u b'hekk tiżdied il-fiduċja tagħhom. F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza li d-dokumenti leġiżlattivi tal-Unjoni għandhom ikunu iktar trasparenti u jinftiehem aħjar miċ-ċittadini.

3.17 Il-Kumitat jappoġġja l-ħolqien ta' bażijiet tad-data permezz tat-tweġiq ta' studji, analiżijiet u statistika li għandhom iwasslu biex ikun hemm għarfien aħjar tas-suq għall-finijiet tat-tfassil ta' politiki f'oqsma li jolqtu lill-konsumatur.

3.18 Rigward il-proġett DOLCETA, li jagħmel parti mill-Programm tal-Konsumaturi iżda li mhux ser ikompli bl-istess għamla u fuq l-istess skala, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni ssib mod kif iżżomm l-informazzjoni u l-għarfien miksuba permezz ta' dan il-proġett bil-għan li tiżgura li ma jinħelix l-investiment sostanzjali involut.

3.19 Huwa tal-fehma li l-inizjattivi kollha li jwasslu għat-titjib tat-trasparenza tas-swieq huma primordjali, hu x'inhu l-qasam involut (pereżempju, l-oqsma tal-prodotti finanzjarji, tal-protezzjoni tad-data personali, l-enerġija, it-teknoloġiji diġitali u tat-telekomunikazzjoni u t-trasport).

3.20 Mill-perspettiva tal-politika tal-konsumatur, filwaqt li l-edukazzjoni hija fundamentali biex tiżgura li l-konsumaturi jsiru konxji tar-rwol, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fi ħdan is-suq u s-soċjetà biex jadattaw l-imġiba tagħhom fid-dawl ta' dan, madankollu għandu jiġi enfazzat li n-nuqqas ta' edukazzjoni tal-konsumatur hija minn daqqiet skuża użata mill-politiċi u l-intrapriżi b'intenzjonijiet ħżiena biex ifarfir mir-responsabbiltà u biex jillimitaw l-isforzi tagħhom biex joħolqu ambjent li jaġevola lill-konsumatur.

3.21 Il-Kumitat huwa tal-fehma li tingħata prijorità lill-infurzar u t-titjib tad-drittijiet tal-konsumatur.

Barra minn hekk, jappoġġja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni meta tisħaq fuq l-importanza li jintlaħaq l-għan tal-edukazzjoni u l-informazzjoni adattata għall-konsumaturi kollha.

<sup>(2)</sup> ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

3.22 Taħt kull ċirkustanza, l-għanijiet tat-titjib tat-taħriġ u l-informazzjoni ma jistgħux jintlaħqu mingħajr ma jiġu involuti l-atturi soċjoekonomiċi differenti. Il-Kumitat jappoġġja l-proposta li titkompla l-ħidma fuq dak li diġà sar, sabiex jiġu identifikati l-aħjar Prattiki, jittejjbu jekk meħtieġ u jiġu użati sabiex il-miżuri u l-għodod disponibbli jista' jkollhom impatt ġenwin fuq il-konsumaturi: dan jitlob li jinghatawllhom riżorsi sostanzjali.

3.23 Għandna niffukaw ukoll fuq it-taħriġ tal-intrapriżi li, b'xorti ħażina, mhumieħ infurmati biżżejjed dwar id-drittijiet tal-konsumatur. Programmi oħra tal-UE għandhom jipprovdu taħriġ ta' dan it-tip lill-intrapriżi dwar id-dritt tal-protezzjoni tal-konsumatur.

3.24 L-għaqdiet tal-konsumatur għandhom l-għan li jidentifikaw u jagħtu tweġiba koerenti għall-problemi li jiffaċċjaw il-konsumaturi, u li jirrappreżentaw l-interessi tagħhom. Bis-saħħa tal-miżuri li jieħdu biex jiġu infurzati d-drittijiet tal-konsumatur, jikkontribwixxu biex jiżviluppaw ir-regoli legali.

3.25 Minħabba li dan ir-rwol ċentrali jaqa' fuq l-għaqdiet tal-konsumatur fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew, li jeħtieġu għarfien iżjed u iżjed wiesa', il-KESE huwa tal-fehma li għandhom jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom b'mod konsiderevoli billi jizjeddu l-fondi ddedikati għalihom. Huwa jagħti importanza kbira lill-għajnuna li tingħata lill-għaqdiet f'dawn il-livelli differenti, u b'mod partikolari fil-pajjiżi fejn il-moviment tal-konsumatur mhuwiex żviluppata biżżejjed.

3.26 Il-KESE josserva li kwart tal-baġit tal-Programm ser jiġi allokati liċ-ċentri Ewropej tal-konsumatur. Dan l-investiment huwa partikolarment b'żonjuż u ġeneralment huwa appoġġat mill-KESE li fl-istess ħin jitlob lill-Kummissjoni tkompli tressaq rapporti annwali iktar dettaljati dwar il-funzjonament ta' dawn iċ-ċentri. Il-KESE jenfasizza l-importanza li dawn ir-rapporti jkunu bbażati fuq kriterji preċiżi u rilevanti sabiex jiġi enfasizzat il-fatt li dan in-netwerk jikseb riżultati konkreti għall-konsumatur Ewropew anke jekk għadu mhux magħruf kemm jista' jkun fost in-nies.

3.27 Element importanti ħafna huwa l-introduzzjoni fil-programm li jmiss dwar il-politika tal-konsumatur ta'

mekkaniżmu proattiv u prominenti ta' finanzjament bil-għan li jittkompla l-iżvilupp tal-moviment tal-konsumatur.

3.28 Fir-rigward tal-aċċess għar-rimedju, il-KESE josserva li l-Kummissjoni turi r-rieda tagħha li tagħti prijorità lis-soluzzjonijiet ibbażati fuq il-koregolazzjoni jew l-awtoregolazzjoni. Huwa jilqa' b'sodisfazzjoni l-inizjattivi meħudin mill-professionisti għat-titjib tal-prattiki. Madankollu, jafferma li l-prattiki tal-hekk imsejħa "soft law" ma jistgħux jissostitwixxu ambjent leġislativ jew regulatorju.

3.29 Il-KESE jappoġġja l-inizjattivi meħudin mill-Kummissjoni biex tiffaċilita l-aċċess tal-konsumaturi għall-metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR – alternative dispute resolution) u jappoġġja l-proposta li jsir monitoraġġ tal-funzjonament u l-effikaċja tagħhom. Huwa tal-fehma li dawn il-mekkaniżmi jkunu effikaċi biss jekk jiġi żgurati li s-sistemi proposti lill-konsumaturi jkunu indipendenti.

3.30 Iżda, il-Kumitat huwa tal-fehma li l-proposta għandha tkun ikkompletata, peress li l-konsolidazzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur tassumi wkoll li l-konsumaturi għandu jkollhom il-mezzi legali adatti biex jiddefendu drittijietihom. Kif qal fl-opinjoni tiegħu dwar il-programm 2007-2013 u fl-opinjonijiet tiegħu dwar is-sistema tal-azzjonijiet kollettivi fil-qasam tal-liġi Komunitarja dwar il-konsum (3) u dwar il-White Paper dwar azzjonijiet għad-danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust (4), jipproponi li ssir referenza għall-bżonn li jiġi previst aċċess ikbar għall-ġustizzja u, b'mod partikolari, għar-rimedju kollettiv.

3.31 Il-KESE jappoġġja l-miżuri proposti bil-għan li jiżguraw konformità mal-leġislazzjoni, b'mod partikolari l-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-infurzar tal-leġislazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-koordinazzjoni tas-superviżjoni, li jirrendu l-miżuri iżjed effettivi.

3.32 Il-KESE huwa tal-fehma li s-soluzzjoni għat-tilwim, inkluż dak onlajn, għandha tkun sorveljata b'mod kontinwu. Josserva li ġew stabbiliti għanijiet ġodda, b'mod partikolari għaċ-ċentri Ewropej tal-konsumatur, li l-għan tagħhom huwa li jgħinu biex il-konsumaturi jkunu infurmati u biex isolvu tilwim transkonfinali. Huwa tal-fehma li huwa importanti li ssir valutazzjoni waqt li jkun għadu għaddej il-programm sabiex jiġu aġġustati l-fondi li huma previsti li jiġu allokati.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

(3) ĠU C 162, 25.6.2008, p. 1.

(4) ĠU C 228, 22.9.2009, p. 40.



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)”**

COM(2011) 793 finali – 2011/0373 (COD)

(2012/C 181/17)

Relatur: **is-Sur PEGADO LIZ**

Nhar it-13 u l-14 ta' Diċembru 2011, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iddeċidew rispettivament, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi*

COM(2011) 793 finali – 2011/0373 (COD)

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-9 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'121 vot favur, 11-il vot kontra u 8 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE bi pjaċir jinnota li, wara appelli bla għadd mill-għaqdiet Ewropej tal-konsumaturi u mill-KESE f'bosta mill-opinjoni tiegħu, il-Kummissjoni fl-aħħar fasslet ir-Rakkomandazzjonijiet 98/257 u 2001/310 fi strument legali koerenti.

1.2 Madankollu, il-KESE jemmen li l-iktar bażi legali adatta tkun l-Artikolu 169(2)(b) u (4) tat-Trattat u mhux biss l-Artikolu 114, kif ukoll l-Artikoli 38 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

1.3 Il-KESE jirrakkomanda li tinholq “marka ta' konformità Ewropea”, ibbażata fuq prinċipji strutturali komuni, li tiġi attribwita lill-mekkaniżmi tas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR) li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-proposta, iżda li fl-istess ħin tidentifika wkoll lin-negozjanti li jirrispettaw dawn il-mekkaniżmi, b'mod armonizzat u mingħajr spiża għan-negozjant.

1.4 Il-KESE jinnota l-għażla li tippermetti lill-proċeduri tal-ADR ikopru t-tilwim kollettiv bħala l-ewwel pass biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rimedju legali, iżda jirrakkomanda li din il-possibbiltà tiġi dikjarata b'mod ċar fid-direttiva u li l-iskema tiġi definita b'mod korrett.

1.5 Iżda, il-KESE jixtieq itenni l-fehma tiegħu li hemm bżonn urġenti li l-UE jkollha strument ġudizzjarju armonizzat għall-azzjoni ta' grupp fil-livell Komunitarju, li bl-ebda mod ma jiġi sostitwit billi dawn l-iskemi tal-ADR jiġu estiżi għat-tilwim kollettiv.

1.6 Il-KESE jaqbel mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 7, 8 u 9 tal-proposta, iżda jirrakkomanda li, għall-finijiet ta' ċertezza u ċarezza, id-definizzjonijiet li jidhru fir-rakkomandazzjonijiet

tal-prinċipji tas-sistema avversarjali (adversarial system) u tar-rappreżentanza jinżammu, u jiżguraw espliċitament il-possibbiltà li l-partijiet konċernati jiġu rappreżentati minn avukat jew minn parti terza, speċifikament mill-għaqdiet tal-konsumatur.

1.7 Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-prinċipju tal-indipendenza ma jiġix sostitwit bil-kunċett vag tal-“prinċipju tal-imparzjalità”, li għandu kontenut inqas speċifiku u huwa ta' natura differenti.

1.8 Il-KESE jsibha bi tqilha biex jaqbel li dawn il-mekkaniżmi għandhom ikopru wkoll l-ilmenti min-negozjanti kontra l-konsumaturi. Madankollu, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tas-“Small Business Act” għall-Ewropa, l-SMEs għandu jkollhom il-possibbiltà li jsolvu t-tilwimiet mal-konsumaturi bl-applikazzjoni tal-iskemi tal-ADR f'każijiet speċifiċi u skont kundizzjonijiet li għad iridu jiġu definiti.

1.9 Il-KESE jenfasizza li din il-proposta fl-ebda każ m'għandha tfixkel lis-sistemi li l-Istati Membri diġà jkollhom stabbiliti jew li jgħolqu b'mod vinkolanti, b'konformità mat-tradizzjonijiet legali tagħhom stess.

Il-KESE jaċċetta biss l-idea li d-deċizzjonijiet tal-ADR jistgħu ma jkunux vinkolanti għall-partijiet jekk ikun hemm garanzija ċara li l-partijiet mhux ser jinżammu milli jagħmlu appell fil-qrati kompetenti ordinarji.

1.10 Il-KESE jirrakkomanda li din il-proposta tinkludi test identiku għal dak fil-proposta għal regolament dwar is-soluzzjoni onlajn għat-tilwim (Online Dispute Resolution – ODR) dwar il-prijorità ċara tad-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja, li skont dan id-dritt l-ADR mhuwiex sostitut jew alternattiva “reali” għar-rwol tal-qrati, iżda iktar mezz prezzjuż komplementari biex tiġi risolta tilwima.



1.11 Il-KESE jirrakkomanda li l-kwistjoni tal-finanzjament ta' dawn is-sistemi tiġi indirizzata b'mod speċifiku u dirett, billi l-għaqdiet tal-konsumaturi u xi Stati Membri ma jaffordjawx spejjeż ogħla għat-twaqqif tagħhom, u din il-kwistjoni hija kruċjali biex jiġu żgurati l-imparzjalità u l-indipendenza tas-sistema.

1.12 Il-KESE jemmen li l-kliem ta' ċerti rekwiżiti għandu jiġi rivedut u jista' jittejjeb b'tali mod li jsir iktar ċar u inqas ambigwu u d-dispożizzjonijiet isiru iktar effettivi, u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tqis il-kummenti speċifiċi tiegħu.

## 2. Il-kontenut essenzjali tal-proposta

2.1 Filwaqt li proporzjoni sostanzjali tal-konsumaturi Ewropej jiltaqgħu ma' problemi huma u jixru l-oġġetti u s-servizzi fis-suq intern, ħafna drabi dawn il-problemi jitħallew mingħajr soluzzjoni;

Billi l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet 98/257/KE <sup>(1)</sup> u 2001/310/KE <sup>(2)</sup> ma kinitx effettiva: għad hemm lakuni fil-kopertura, nuqqas ta' sensibilizzazzjoni min-naħa tal-konsumaturi u n-negozji u kwalità żbilanċjata fil-proċeduri;

Wara li kkunsidrat il-kontenut u l-konklużjonijiet ta' għadd ta' studji kummissjonati tul is-snin dwar din il-kwistjoni;

Wara li kkunsidrat ir-riżultati tal-aħħar konsultazzjoni pubblika, li tnediet f'Jannar 2011, u l-valutazzjoni tal-impatt SEC(2011) 1408 finali tad-29 ta' Novembru 2011;

Il-Kummissjoni, bil-proposta attwali tagħha għal direttiva, beħsiebha:

- a) tiżgura li kull tilwim bejn konsumatur u negozjant li jinħoloq mill-bejgħ ta' oġġetti jew mill-provvista ta' servizzi fi kwalunkwe settur ekonomiku jista' jitressaq quddiem entità ta' Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR), kemm jekk irrikorrent ikun il-konsumatur jew in-negozjant;
- b) tiżgura li l-konsumaturi jistgħu jiksbu assistenza meta jkun involuti f'tilwim transkonfinali tal-konsumatur;
- c) tiżgura li l-entitajiet tal-ADR jirrispettaw "il-prinċipji ta' kwalità tal-imparzjalità, it-trasparenza, l-effikaċja u sens ta' ġustizzja", kif ukoll it-tendenza tagħhom li joperaw "bla hłas";
- d) tafda awtorità waħda f'kull Stat Membru bir-responsabbiltà għall-monitoraġġ tal-funzjonament tal-entitajiet kollha tal-ADR;
- e) tiżgura li l-Istati Membri jistabbilixxu pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tad-dispożizzjonijiet relatati mal-informazzjoni tal-konsumaturi u mal-informazzjoni li għandha tiġi notifikata lill-awtoritajiet kompetenti;
- f) tiżgura li l-Istati Membri ma jinżammux milli jadottaw jew iżommu fis-seħħ il-proċeduri għat-tilwim bejn in-negozjanti;

g) tiżgura li l-Istati Membri ma jinżammux milli jżommu jew jintroduċu proċeduri tal-ADR li jittrattaw b'mod konġunt it-tilwim bejn negozjant u bosta konsumaturi (interessi kollettivi);

h) thegġegħ lill-Istati Membri jiżviluppaw entitajiet tal-ADR li jkopru wkoll negozjanti fi Stati Membri oħra.

2.2 Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tipproponi li jiġu konvertiti r-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq, u b'hekk id-dispożizzjonijiet tagħhom isiru vinkolanti u jintuża l-Artikolu 114 tat-TFUE (it-tweġiq tas-suq intern) bħala l-unika bażi legali.

2.3 Madankollu, id-direttiva ma tistabbilixxi li l-parteċipazzjoni tan-negozjanti fil-proċeduri tal-ADR huma obligatorji jew li r-riżultat ta' tali proċeduri huma vinkolanti għan-negozjanti.

2.4 Id-direttiva proposta ser ikollha preċedenza fuq kull liġi tal-UE li jkollha dispożizzjonijiet intiżi biex iħeġġu l-ħolqien ta' entitajiet tal-ADR, sakemm it-tali leġislazzjoni tiżgura mill-inqas livell ekwivalenti ta' protezzjoni tal-konsumatur.

2.5 Din id-direttiva għandha tkopri kull entità li hija stabbilita fuq bażi sostenibbli u toffri r-riżoluzzjoni ta' tilwim permezz ta' proċedura tal-ADR, inklużi l-proċeduri ta' arbitraġġ uffiċjali li ma nħolqux fuq bażi ad hoc.

## 3. Kummenti ġenerali

3.1 F'għadd ta' opinjonijiet tul perjodu ta' snin, il-KESE tenna l-appell tiegħu biex ir-rakkomandazzjonijiet 98/257/KE u 2001/310/KE jiġu konvertiti f'leġislazzjoni koerenti u għalhekk jista' biss jilqa' din l-inizjattiva tal-Kummissjoni, li fid-dawl tal-kummenti hawn taħt, inħossu li waslet tard. Barra minn hekk, tista' titqajjem il-mistoqsija jekk - sabiex tinkiseb iktar ċertezza u sigurtà - l-istrument magħżul jistax/għandux ikun regolament minflok direttiva.

3.2 Mill-ġdid fir-rigward tal-baży legali, il-KESE jqis li lil hinn mis-sempliċi tweġiq tas-suq intern, il-kwistjoni hawn hija wkoll strument għall-protezzjoni tal-konsumaturi, u l-iktar baży legali adatta, jekk ma jiġix adottat l-Artikolu 81, għalhekk ikun l-Artikolu 169(2)(b) u (4) tat-Trattat u mhux biss l-Artikolu 114, kif ukoll l-Artikoli 38 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

3.3 Il-Kumitat jilqa' l-esklużjoni ta' proċeduri li b'mod qarrieq jiġu preżentati bħala proċeduri ta' riżoluzzjoni amikevoli tat-tilwim tal-konsumatur meta fil-fatt m'huma xejn iktar minn manuvra tal-marketing, billi l-entitajiet responsabbli jkun impjegati u mħallsa min-negozjant u b'hekk l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom ma jistgħux jiġu garantiti. Il-KESE jirrakkomanda li, sabiex jitneħħa kull dubju tinħoloq "marka ta' konformità Ewropea" li mhux biss tiġi attribwita lill-mekkaniżmi tal-ADR li jilhqgħu l-istandards meħtieġa mill-proposta (simili għall-"marka ta' fiduċja" li teżisti fi Spanja), iżda li tidentifika wkoll lin-negozjanti li jirrispettaw dawn il-mekkaniżmi, b'mod armonizzat u mingħajr spiża għan-negozjant, u b'hekk tiġi żgurata l-fiduċja fihom min-naħa tal-konsumatur.

<sup>(1)</sup> ĠU L 115, 17.4.1998, p. 31. (Mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(2)</sup> ĠU L 109, 19.4.2001, p. 56. (Mhux disponibbli bil-Malti).

3.4 Huwa jilqa' l-estensjoni tal-kunċett tal-konsumatur, b'konformità mad-Direttiva l-ġdida dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur<sup>(3)</sup>, biex jiġu koperti l-kuntratti bi skop doppju, fejn l-għan tan-negozju ma jkunx predominanti fil-kuntest globali tal-kuntratt, iżda jixtieq jara li dan il-kunċett jidher b'mod ċar fit-test tad-direttiva.

3.5 Il-KESE bi pjaċir jinnota t-tħassib dwar l-estensjoni tat-tħaddim tal-iskema għat-tilwim transkonfinali u jittama li l-Kummissjoni ser tagħmel ħilitha biex tiżgura li jinħolqu l-kundizzjonijiet biex il-proċeduri tal-ADR jittrattaw il-każijiet b'mod effettiv, speċifikament permezz ta' soluzzjoni onlajn għat-tilwim (ODR) u billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri<sup>(4)</sup>. Il-Kumitat jissuġġerixxi wkoll li l-Kummissjoni, bħalma hemm stabbilit taħt l-Artikolu 6(4) tal-proposta għal regolament tal-ADR, torganizza laqgħa, talinqas darba fis-sena, tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti msemmija fl-Artikolu 15 tal-proposta għal direttiva, sabiex isir skambju tal-aħjar prattiki u jsir dibattitu dwar kwalunkwe problema li tinholq mit-tħaddim tal-iskemi tal-ADR.

3.6 Huwa japprova l-għażla li tippermetti lill-proċeduri tal-ADR ikopru t-tilwim kollettiv bħala l-ewwel pass biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rimedju legali tal-UE, iżda xtaq jara li din il-possibbiltà tiġi dikjarata b'mod ċar fid-direttiva u li l-iskema tiġi definita, minflok ma titħalla għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-KESE jixtieq itenni l-appell li ilu jagħmel għal bosta snin f'opinjonijiet differenti, rigward il-bżonn urġenti li l-UE jkollha strument ġudizzjarju armonizzat għall-azzjoni ta' grupp fil-livell Komunitarju, li bl-ebda mod ma jiġi sostitwit billi dawn l-iskemi tal-ADR jiġu estenzi għat-tilwim kollettiv.

3.7 Il-KESE jagħraf il-bżonn li jiġi żgurati li l-persuni responsabbli għall-ġestjoni u t-tħaddim tal-ADR, inkluż il-persunal kif ukoll il-medjaturi u l-arbitri, ikollhom l-għarfien, il-ħiliet, l-esperjenza u l-kwalitajiet personali u professjonali meħtieġa biex jaqdu l-kompiti tagħhom b'mod kompetenti u imparzjali u li jiġu żgurati l-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jaħdmu b'mod indipendenti u imparzjali. Għalhekk, il-KESE xtaq jara li dawn il-kundizzjonijiet jiġu stipulati fid-dettall fit-test tal-proposta sabiex jiġu żgurati standards armonizzati fl-UE kollha.

3.8 Huwa jaqbel mal-prinċipji operattivi għall-ADR stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 9 tal-proposta, li jtenu xi wħud mill-prinċipji li diġà ddaħħlu fir-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq. Madankollu, hemm mistoqsijiet dwar ir-raġuni biex jitħallew barra l-prinċipji fundamentali li jidheru f'dawn ir-rakkomandazzjonijiet, bħal-legalità u l-libertà.

<sup>(3)</sup> Direttiva 2011/83/UE (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64); opinjoni tal-KESE: ĠU C 317, 23.12.2009, p. 54.

<sup>(4)</sup> Speċifikament fir-rigward tar-Regolament 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, ara l-opinjoni tal-KESE, ĠU C 218, 23.07.2011, p. 69.

Huwa jirrakkomanda, għall-finijiet ta' ċertezza u ċarezza, id-definizzjoni indipendenti tal-prinċipji tas-sistema avversarjali u tar-rappreżentanza tinżamm, u ssir referenza ċara għall-possibbiltà li l-partijiet konċernati jiġu rappreżentati minn avukati jew partijiet terzi, speċifikament minn assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi (minflok ma tiġi indirizzata b'mod iktar mistur fl-Artikoli 8(a) u 9(1)(a)).

Fl-aħħar nett, il-KESE ma jaqbilx li l-prinċipju tal-indipendenza jiġi sostitwit bil-kunċett vag tal-"prinċipju tal-imparzjalità", li għandu kontenut ieħor, inqas speċifiku u huwa ta' natura differenti.

3.9 Il-KESE jsibha bi tqila li jaqbel li dawn il-mekkaniżmi jkopru wkoll l-ilmenti min-negozjanti kontra l-konsumaturi, mhux biss għax dan imur kontra t-tradizzjoni tas-sistemi li jeżistu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u l-approċċ sħiħ fil-pożizzjonijiet adottati mil-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew dwar din il-kwistjoni tul is-snin. Ir-raġuni ewlenija għalfejn il-KESE ma jaqbilx hija li dan ifisser li l-mekkaniżmi tal-ADR jinbidlu f'korpi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim relatati ma' ħlasijiet li ma sarux, u tiġi evitata s-sistema mwaqqfa mill-UE għat-talbiet żgħar u dan iwassal biex is-sistema tal-ADR tegħreq f'bizbilju ta' każijiet, fejn is-sistemi li ma jkollhomx il-kapaċità adegwata għar-rispons jiġu paralizzati.

Madankollu, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tas-Small Business Act, l-SMEs, taħt kundizzjonijiet li għad iridu jiġu definiti u speċifikati, għandu jkollhom il-possibbiltà li jużaw l-iskemi tal-ADR fir-rigward tat-tilwim tagħhom ma' konsumaturi meta dawn ma jiġbrux l-ordnijiet, ma jiġbrux il-prodott wara li tkun saret it-tiswija jew ma jmorrux wara li jkunu għamlu riżervazzjoni.

3.10 Il-Kumitat jemmen li din il-proposta fl-ebda każ m'għandha tfixx lis-sistemi li l-Istati Membri diġà jkollhom stabbilti jew li joħolqu b'mod vinkolanti, b'konformità mat-tradizzjonijiet legali tagħhom stess.

3.11 Il-KESE jaċċetta biss l-idea li d-deċizzjonijiet tal-ADR m'għandhomx ikunu vinkolanti għall-partijiet jekk il-prinċipju fundamentali jkun garantit b'mod ċar li l-konsumaturi jew innegozjanti għandhom ikunu jistgħu jagħmlu appell mal-qrati kompetenti ordinarji. Jekk dan mhux il-każ, minbarra li l-ADR tiżżarma mill-valur miżjud kollu tagħha f'termini tal-kredibbiltà u l-effikaċja tagħha, diffiċli li wieħed jifhem il-proposta li s-sistema li twaqqfet ser tkopri wkoll deċizzjonijiet mogħtija f'arbitraġġ uffiċjali jew mekkaniżmi simili, li fil-fatt ikunu deċizzjonijiet ġudizzjarji ġenwini.

3.12 Il-KESE jiddispaċiħ li f'din il-proposta l-Kummissjoni ma adottatx test identiku għal dak fil-proposta għal regolament dwar l-ODR dwar il-prijorità ċara tad-dritt tal-aċċess

għall-ġustizzja, li skont dan id-dritt l-ADR mhuwijiex sostitut jew “alternattiva” reali għar-rwol tal-qrati, iżda iktar mezz ta' valur, komplementari biex tiġi riżolta tilwima <sup>(5)</sup>.

3.13 Il-Kumitat jinsab sorpriż li l-kwistjoni tal-finanzjament ta' dawn is-sistemi ma ġietx indirizzata b'mod espliċitu u dirett, fil-memorandum ta' spjegazzjoni jew fil-Programm għall-2014-2020, billi fil-konsultazzjonijiet li saru, l-għaqdiet li jirrappreżentaw lill-konsumaturi żgur dehrilhom li dan kien kruċjali. Xi Stati Membri ma jaffordjawx iż-żieda fl-ispejjeż għat-twaqqif ta' korpi ġodda, it-taħriġ tal-medjaturi u persunal ieħor ta' appoġġ, il-provvista tal-informazzjoni u l-assistenza għall-konsumaturi, it-tfassil ta' rapporti esperti u postijiet amministrattivi ġodda. Din il-kwistjoni ġiet ikkunsidrata minn kulħadd bħala waħda kruċjali biex jiġu żgurati l-imparzjalità u l-indipendenza tas-sistema <sup>(6)</sup>.

3.14 Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex, jekk għadha m'għamlithiex, twettaq valutazzjoni tal-approċċi regolatorji ewlenin tal-Istati Membri biex jimplimentaw id-Direttiva 2008/52/KE <sup>(7)</sup> dwar il-medjazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Artikolu 12), kif issuġġerixxa l-Parlament Ewropew <sup>(8)</sup>.

#### 4. Komentari speċifiċi

##### 4.1 Artikolu 2.2, punt (a)

Il-frażi “impjegati esklussivament min-negozjant” hija vaga u t-tifsira tagħha hija ambigwa. Din għandha tiġi sostitwita kif ġej: “ikollhom, jew tul l-aħħar tliet snin kellhom relazzjoni professjonali, ekonomikament dipendenti jew xorta oħra ta' relazzjoni li tista' taffettwa l-indipendenza tagħhom”.

##### 4.2 Artikolu 4, punt (e)

Id-definizzjoni hija vaga wisq u mhijiex speċifika biżżejjed. Hija għandha tkun akkumpanjata minn referenza ċara għar-rispett għall-prinċipji li għandhom jiggwidaw it-tħaddim tagħha, u b'ċertifikazzjoni li turi li tagħmel parti min-netwerk ta' entitajiet rikonossuti.

##### 4.3 Artikolu 5 (3)

Il-KESE ma jstax jifhem l-ambitu eżatt ta' din ir-regola, iżda jibża' li jista' ma jkunx effettiv daqskemm mixtieq. Minflok ma tippromovi l-armonizzazzjoni meħtieġa billi tintegra l-operazzjonijiet tal-mekkaniżmi kollha tal-ADR fil-livell Ewropew u nazzjonali, u tadotta l-istess approċċ ta' sistemi komuni u identiċi, din fil-fatt tippermetti lill-Istati Membri

<sup>(5)</sup> Il-proposta għal regolament dwar l-ODR (mhux disponibbli bil-Malti) tistabbilixxi li d-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal imparzjali, huma drittijiet garantiti mill-Karta Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (Artikolu 47). Il-proċeduri għar-riżoluzzjoni tat-tilwim onlajn ma jstgħux jifasslu b'tali mod li jissostitwixxu l-proċeduri tal-qorti u m'għandhomx iċaħħdu lill-konsumaturi jew lin-negozjanti mid-drittijiet tagħhom biex ifittxu rimedju quddiem il-qorti. Għalhekk, m'hemm xejn f'dan ir-Regolament li għandu jżomm lill-partijiet milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-aċċess għas-sistema ġudizzjarja.

<sup>(6)</sup> Ara l-opinjoni tal-KESE li qed titfassa bħalissa (INT/608).

<sup>(7)</sup> ĠU L 136, 24.5.2008, p. 3; Opinjoni tal-KESE: ĠU C 286, 17.11.2005, p. 1. (Mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(8)</sup> Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-medjazzjoni fil-Istati Membri, A7-0275/2011, relatur: A. McCarthy

jżommu l-istrutturi attwali tagħhom, u bħala formalità, jistabbilixxu biss mekkaniżmu awtomatiku. Fil-prattika, din ma ssolvix il-problemi ġeografiċi u settorjali tal-lum.

##### 4.4 Artikolu 6

Il-KESE jixtieq li meta jifasslu u jiġu kontrollati r-reqwiżiti għall-ħiliet u l-imparzjalità, jara garanziji għall-parteċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet tan-negozji u l-konsumaturi, speċjalment fil-proċeduri għall-għażla u l-ħatra tal-individwi responsabbli għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. Dan il-kompitu m'għandux jitħalla f'idejn il-burokrati u l-impjegati taċ-ċivil mill-korpi uffiċjali tal-Istati Membri.

##### 4.5 Artikolu 7

Minbarra r-reqwiżiti stabbiliti fir-rigward il-mezzi, il-proposta għandha tistabbilixxi wkoll ir-reqwiżiti rigward ir-riżultati, sabiex jiġi żgurat li l-azzjoni ta' dawn il-mekkaniżmi tipproduċi riżultati kwantifikabbli kemm fis-setturi fejn isiru l-iktar ilmenti kif ukoll fir-rigward tal-kwalità tas-servizzi provduti lin-negozjanti, billi jiġi adottat approċċ attiv biex tiġi promossa l-fiduċja fil-użu tagħhom.

Huwa kruċjali wkoll li l-Istati Membri jiżguraw li l-entitajiet tal-ADR jagħtu l-informazzjoni dwar is-servizzi li jipprovdu (li b'mod speċifiku jinkludu informazzjoni, medjazzjoni, konċiljazzjoni u arbitraġġ), prestazzjoni finanzjarja (li b'hekk tiġi żgurata t-trasparenza meħtieġa ta' dawn il-mekkaniżmi u ssaħħa il-fiduċja tal-konsumatur) u l-livell ta' sodisfazzjon tal-konsumatur b'dawn il-korpi.

Il-KESE jqis ukoll li safejn huwa kkonċernat il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, minbarra r-rapporti annwali tal-attività, dawn il-korpi għandhom jipubblikaw ukoll, bil-mezzi ta' komunikazzjoni normali, il-baġit annwali tagħhom u sommarju tad-deċiżjonijiet li jkun ħarġu dwar l-arbitraġġ. Dan ma jkunx ta' detriment għar-regoli dwar l-ipproċessar tad-data personali inkluż fil-leġislazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 95/46/KE.

##### 4.6 Artikolu 9

Filwaqt li l-KESE jagħraf ir-rilevanza tal-prinċipju tas-sens ta' ġustizzja, għandu d-dubji għalfejn tħalla barra l-prinċipju tal-legalità, kif ġie stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 1998 <sup>(9)</sup>. In-nuqqas ta' din id-dispożizzjoni mid-dispożizzjonijiet tad-direttiva jista' jkun ta' ħsara għall-konsumatur fir-relazzjonijiet kummerċjali transkonfinali, speċjalment meta l-liġi fil-pajjiż tal-konsumaturi toffri protezzjoni iktar mil-liġi tal-Istat Membru fejn il-mekkaniżmu tal-ADR ikun stabbilit. Il-KESE jtenni l-bżonn li jiddaħħal il-prinċipju tal-legalità fl-ambitu ta' din id-direttiva, ħaġa li tiżgura li d-deċiżjonijiet mogħtija mill-korpi tal-ADR ma jcahhdwx lill-konsumaturi mil-livell ta' protezzjoni garantiti mill-leġislazzjoni rilevanti.

<sup>(9)</sup> Li b'mod ċar tistqarr li, fir-rigward tat-tilwim transkonfinali, id-deċiżjoni li tittieħed mill-korp ma tistax twassal biex il-konsumatur jiċċaħħad mill-protezzjoni mogħtija mid-dispożizzjonijiet obligatorji li japplikaw taħt il-liġi tal-Istat Membru fejn ikun residenti normalment fil-każijiet previsti taħt l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ta' Ruma.

#### 4.7 Artikolu 10

Il-Kumitat jinsab imħasseb li l-ambigwià f'dan l-artikolu tista' tipperswadi lill-konsumaturi li tilwima tista' tiġi riżolta permezz ta' entità tal-ADR, meta fil-fatt in-negozjanti huma biss obbligati jipprovdu informazzjoni dwar l-eżistenza ta' dawn il-mekkaniżmi, u jista' jkun li fil-fatt ma jkunux firmatarji magħhom.

Għalhekk, il-KESE jappella lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposta tiżgura li l-Istati Membri ser jeħtieġu lin-negozjanti jagħtu din l-informazzjoni eżatt qabel ma jiffirmaw kuntratt, u b'hekk il-konsumatur ikun jista' jieħu deċiżjoni konxja u infurmata, billi jkun jaf minn qabel jekk in-negozjant ikunx firmatarju ma' korp tal-ADR jew le.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li n-nuqqas ta' konformità jew ta' konformità sħiħa mal-obbligu msemmi fil-paragrafu 2 għandu jitqies b'halta prattika ta' kummerċ inġust u inkluż fil-lista meħmuża mad-Direttiva 2005/29/KE, irrispettivament mis-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 18 tal-proposta.

#### 4.8 Artikoli 15 sa 17

Il-KESE jibża' li dawn ir-regoli jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw li l-korpi konċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti għalkollox, billi dawn għadhom ibbażati fuq il-kriterji li jirriżultaw mill-awtovalutazzjoni. Għalhekk, huwa kruċjali li l-Kummissjoni tħeġġeġ il-parteċipazzjoni diretta tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ ta' dawn il-mekkaniżmi, permezz tal-għaqdiet rappreżentanti rispettivi tas-setturi konċernati <sup>(10)</sup>.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

---

<sup>(10)</sup> Fuq l-istess prinċipju b'has-settur tal-enerġija fl-Italja: għalkemm il-pajjiż għandu korp pubbliku tal-ADR, dan jitmexxa minn rappreżentanti tal-konsumaturi u l-kumpaniji tal-enerġija, fejn tal-ewwel jaqdi rwol attiv fit-taħriġ tal-ispeċjalisti impjegati ma' dan il-korp.

## APPENDIĊI

**għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

Il-punti li ġejjin tal-opinjoni tas-sezzjoni speċjalizzata ġew modifikati biex jirriflettu l-emendi adottati mill-Assemblea għalkemm iktar minn kwart tal-voti mixħuta kienu favur li jinżammu fil-format oriġinali (Artikolu 54(4) tar-Regoli ta' Proċedura):

**a) Punt 1.8:**

*Il-KESE ma jaqbilx li dawn il-mekkaniżmi għandhom ikopru wkoll l-ilmenti min-negozjanti kontra l-konsumaturi.*

**b) Point 3.9:**

*Il-KESE ma jaqbilx li dawn il-mekkaniżmi jkopru wkoll l-ilmenti min-negozjanti kontra l-konsumaturi, mhux biss għax dan imur kontra t-tradizzjoni tas-sistemi li jeżistu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u l-approċċ sħiħ fil-pożizzjonijiet adottati mil-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew dwar din il-kwistjoni tul is-snin. Ir-raġuni ewlenija għalfejn il-KESE ma jaqbilx hija li dan ifisser li l-mekkaniżmi tal-ADR jinbidlu f'korpi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim relatati ma' ħlasijiet li ma sarux, u tiġi evitata s-sistema mwaqqfa mill-UE għat-talbiet żgħar u dan iwassal biex is-sistema tal-ADR tegħreq f'biżibbilju ta' każijiet, fejn is-sistemi li ma jkollhomx il-kapaċità adegwata għar-rispons jiġu paralizzati.*

B'konformità mal-Artikolu 51(4) tar-Regoli ta' Proċedura, l-emendi ġew eżaminati flimkien.

**Riżultat tal-votazzjoni dwar l-emendi:**

Voti favur:	80
Voti kontra:	52
Astensjonijiet:	19



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjoni onlajn għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi)”**

COM(2011) 794 finali – 2011/0374 (COD)

(2012/C 181/18)

Rapporteur: **is-Sur PEGADO LIZ**

Nhar it-13 u l-14 ta' Diċembru 2011, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjoni onlajn għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi)*

COM(2011) 794 final – 2011/0374 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-9 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'117-il vot favur, l-ebda (0) vot kontra u 6 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE, li ilu jitlob għal inizzjattiva ta' din ix-xorta għal żmien twil, jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni u jappoġġja l-għażla tagħha ta' regolament bħala l-istrument legali.

1.2 Madankollu, il-KESE jemmen li l-iżjed bażi legali adatta tkun l-Artikolu 169(2)(b) u (4) tat-TFUE u mhux sempliċement l-Artikolu 114, kif ukoll l-Artikoli 38 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

1.3 Il-KESE jilqa' d-dikjarazzjoni ċara tal-Kummissjoni li l-ħolqien ta' tali sistema m'għandux iċaħħad lill-konsumaturi jew lin-negozjanti mid-drittijiet tagħhom li jfittxu rimedju quddiem il-qrati, jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan, jew jieħu post l-operazzjoni normali tal-proċessi ġudizzjarji.

1.4 Madankollu, il-KESE jqis li l-proposta mhix ambizzjuża, għandha titolu qarrieq u għadha lura ħafna minn dak li hu ttamat u dak li hu mixtieq u fattibbli, b'mod speċjali fir-rigward tal-użu ta' serje sħiħa ta' mezzi teknoloġiċi eżistenti u sistemi elettroniċi ta' informazzjoni li wrew li huma ta' suċċess, taħt dak li hu magħruf bħala l-ODR tat-tieni ġenerazzjoni.

1.5 Il-KESE għalhekk jirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha tara din il-proposta bħala l-ewwel pass lejn soluzzjoni effettiva onlajn għat-tilwim u għandha tiżviluppa l-potenzjal tas-sistema mill-iktar fis possibbli sabiex tinkorpora l-innovazzjoni teknoloġika kompatibbli kollha, b'sigurtà u ċertezza legali, u li għandha tinholq sistema speċifika u separata *ex novo* għall-ODR tal-UE fit-tranżazzjonijiet transkonfinali.

1.6 Il-KESE jemmen li m'hemmx ġustifikazzjoni għall-esklużjoni mis-sistema ta' kunflitti li mhumiex biss transkonfinali fin-natura tagħhom u ta' kunflitti li ma jirriżultawx esklużivament minn tranżazzjonijiet konklużi permezz ta' mezzi elettroniċi (kunflitti offlajn).

1.7 Il-KESE ma jaqbilx li mekkaniżmi bħal dawn jistgħu jkopru wkoll ilmenti minn negozjanti kontra l-konsumaturi.

1.8 Il-KESE jirrakkomanda li tiġi pprovduta b'mod espliċitu l-possibbiltà li, fit-tilwim onlajn tagħhom, il-partijiet ikkonċernati jkunu rappreżentati minn avukati jew partijiet terzi, speċifikament għaqdiet tal-konsumatur.

1.9 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiċċara kif il-kwis-tjonijiet iżjed kumplessi li jistgħu jirriżultaw f'ċerti tilwim onlajn, bħad-diskussjoni ta' termini iġusti f'kuntratt u l-liġi applikabbli għall-kuntratti, jistgħu jiġu solvuti permezz tal-pjattaforma.

1.10 Il-KESE għandu riżervi serji dwar jekk id-dati ta' skadenza stabbiliti humiex realistiki u jibża' li jekk dawn isiru obbligatori, flimkien mad-diffikultajiet prattiki prevedibbli biex jintlaħqu, jistgħu jiskreditaw sistema li għandha bħala waħda mill-objettivi tagħha l-ħeffa u l-effikaċja.

1.11 Il-KESE jipproponi li din il-pjattaforma onlajn tiġi konnessa ma' "ktieb tal-ilmenti onlajn", li l-websajts tan-negozjanti onlajn għandu jkollhom b'obbligu.

1.12 Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tadotta skema ta' assigurazzjoni ta' kwalità għas-sistema li għandha tiġi stabbilita, jipproponi li jiġu stabbiliti marki ta' fiduċja minn entitajiet akkreditati u awtorizzati, għal operaturi ekonomiċi li jirreklamaw (fuq il-websajts tagħhom) u jippromovu s-soluzzjoni għat-tilwim permezz ta' din il-pjattaforma, u jirrakkomanda li tiġi inkluża referenza għas-soluzzjoni għat-tilwim permezz ta' din il-pjattaforma onlajn fil-kodiċijiet ta' kondotta.

1.13 Il-KESE jirrakkomanda li l-kwistjoni tal-finanzjament ta' din is-sistema għandha tiġi indirizzata b'mod espliċitu u dirett, peress li l-għaqdiet tal-konsumatur u xi Stati Membri ma jistgħux ilaħħqu maż-żieda fl-ispejjeż marbuta mat-twaqqif tagħha, u li din il-kwistjoni hi kruċjali biex tiżgura l-imparzjalità u l-indipendenza tas-sistema.

1.14 Il-KESE jemmen li għadd kbir wisq ta' aspetti kruċjali tal-istrument leġislattiv u tal-funzjonament tas-sistema jitħallew għal implimentazzjoni fil-futur jew atti delegati, li jmorru sew lil hinn mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 290 tat-Trattat, b'konsegwenzi f'termini tas-sigurtà u ċ-ċertezza legali tal-istrument.

1.15 Il-KESE jemmen li l-kliem ta' wħud mir-reqwiżiti għandu jiġi rivedut u jista' jittejjeb biex isir iżjed ċar u inqas ambigwu u d-dispożizzjonijiet tagħhom iżjed effettivi, u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra l-kummenti speċifiċi ta' dan il-Kumitat.

## 2. Elementi essenzjali tal-proposta

2.1 Billi verament f'it mill-entitajiet għar-regolazzjoni dwar soluzzjoni alternattiva għat-tilwim tal-konsumaturi (ADR – alternattiva dispute resolution) barra mill-qorti joffru lill-konsumaturi Ewropej il-possibiltà li jwettqu l-proċedura sħiħa onlajn;

Billi n-nuqqas ta' rimedju effettiv għal ilmenti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet onlajn transkonfinali għandu konsegwenzi negattivi kemm għall-konsumaturi u kif ukoll għan-negozji;

Billi l-kontenut u l-konklużjonijiet ta' diversi studji kkummissjonati dwar il-kwistjoni jissuġġerixxu li hemm appoġġ wiesa' għall-iżvilupp ta' għodod tas-soluzzjoni għat-tilwim tal-konsumaturi onlajn (ODR – online dispute resolution) permezz ta' azzjoni fil-livell tal-UE;

Billi r-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt SEC(2011) 1408 final tad-29 ta' Novembru 2011 jiddikjaraw li hija biss taħlita taż-żewġ strumenti dwar l-ADR u l-ODR li tista' tiżgura aċċess għal mezzi imparzjali, trasparenti u effettivi li jsoġu t-tilwim tal-konsumaturi konness ma' tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku transkonfinali barra mill-qorti;

B'din il-Proposta għal Regolament, il-Kummissjoni għandha l-għan li tistabbilixxi sistema tal-ODR fl-UE kollha li ser tiffaċilita

s-soluzzjoni onlajn ta' tilwim marbuta mal-bejgħ transkonfinali onlajn ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi bejn in-negozjanti u l-konsumaturi.

2.2 Biex jintlaħaq dan l-għan, il-Kummissjoni tuża bħala l-bażi legali unika tagħha l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonċerna l-ikkompletar tas-suq intern, sabiex:

- a) tiġi stabbilita pjattaforma ta' soluzzjoni ta' tilwim onlajn fl-livell Ewropew, fil-forma ta' websajt interattiva li tista' tiġi aċċessata elettronicament u mingħajr ħlas bil-lingwi uffiċjali tal-UE kollha. Il-pjattaforma tal-ODR ser toffri punt ta' dħul wieħed għall-konsumaturi u n-negozjanti li jfittxu li jsoġu barra mill-qorti kwalunkwe tilwim li jirriżulta minn tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku transkonfinali fejn il-partijiet kollha huma stabbiliti jew residenti fi Stati Membri tal-UE differenti; u
- b) jiġi stabbilit netwerk ta' faċilitaturi għas-soluzzjoni ta' tilwim onlajn, li jikkonsistu f'punt ta' kuntatt wieħed tal-ODR għal kull Stat Membru – l-awtorità kompetenti maħtura skont it-termini tad-direttiva tal-ADR bħala dik responsabbli li tipprovdi appoġġ għas-soluzzjoni ta' tilwim marbuta ma' lmenti mressqa permezz tal-pjattaforma.

2.3 Ir-regolament propost japplika biss għal tilwim bejn konsumaturi u negozjanti li jirriżulta mill-bejgħ onlajn ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizzi fl-livell transkonfinali.

2.4 Is-sistema li għandha tiddaħħal għandha tibni fuq entitajiet eżistenti tal-ADR u tirrispetta t-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri fir-rigward tar-regoli proċedurali nazzjonali tagħhom, speċifikament dawk li jikkonċernaw l-ispejjeż, filwaqt li jirrispettaw sett ta' standards operattivi komuni, sabiex jissalvagwardjaw l-effikaċja u l-veloċità tagħhom. Dan ma jfjixkil l-operazzjoni ta' kwalunkwe entità tal-ADR eżistenti onlajn li topera fi ħdan l-Unjoni, u lanqas m'għandha timpedixxi lill-entitajiet tal-ADR milli jitrattaw tilwim transkonfinali mressqa quddiemhom bi kwalunkwe mezz ieħor li mhuwiex il-pjattaforma tal-ODR.

2.5 Il-proċeduri tal-ODR mhumiex maħsuba biex jieħdu post proċeduri quddiem qrati jew li jċaħħdu l-konsumaturi jew in-negozjanti mid-drittijiet tagħhom li jfittxu rimedji quddiem il-qrati. Ir-regolament propost ser ikopri kwalunkwe entità li hi stabbilita fuq bażi permanenti u li toffri soluzzjoni għat-tilwim permezz tal-proċeduri tal-ADR, inklużi proċeduri tal-arbitraġġ uffiċjali mhux maħluqa fuq bażi ad hoc.

## 3. Kummenti ġenerali

3.1 Fuhud mill-opinjoni jiet l-iżjed reċenti tiegħu, b'mod partikolari wara l-adozzjoni tal-Aġenda Diġitali <sup>(1)</sup>, il-50 miżura proposta <sup>(2)</sup> u t-12-il xprun għas-suq intern <sup>(3)</sup>, il-KESE sejjaħ għat-twaqqif ta' sistema ta' soluzzjoni onlajn għat-tilwim u għaldaqstant ma jistax h'ief jilqa' din l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Il-Kumitat jappoġġja wkoll l-istrument legali li għażlet il-Kummissjoni: regolament.

<sup>(1)</sup> COM(2010) 245 final.

<sup>(2)</sup> COM(2010) 608 final.

<sup>(3)</sup> COM(2011) 206 final.

3.2 Fir-rigward tal-bażi legali, il-KESE jikkunsidra li lil hinn mis-sempliċi kkompletar tas-suq intern, hawnhekk hawn involut ukoll strument għall-protezzjoni tal-konsumatur, u l-iżjed bażi legali adatta, jekk l-Artikolu 81 tat-TFUE ma jiġix adottat, għaldaqstant ikunu l-Artikoli 169(2)(b) u (4) tat-Trattat u mhux biss l-Artikolu 114, kif ukoll l-Artikoli 38 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

3.3 Il-KESE jilqa' d-dikjarazzjoni ċara tal-Kummissjoni li l-ħolqien ta' tali sistema m'għandux iċaħħad lill-konsumaturi jew lin-negozjanti mid-drittijiet tagħhom li jfittxu rimedju quddiem il-qrati, jekk ikunu jixtiequ li jagħmlu dan, u li s-sistema ma tiħux post l-operazzjoni normali tal-proċessi ġudizzjarji.

3.4 Bi pjaċir jinnota li l-kunċett ta' konsumatur twessa', b'konformità mal-Proposta għal Direttiva dwar l-ADR u li ssegwi mid-Direttiva l-ġdida dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur<sup>(4)</sup>, sabiex tkopri kuntratti b'għan doppju, fejn l-għan tal-kummerċ mhux predominanti fil-kuntest globali tal-kuntratt. Madankollu, jixtieq li jara li dan il-kunċett jidher b'mod espliċitu fit-test tad-Direttiva.

3.5 Il-KESE jinnota t-tħassib tal-Kummissjoni fil-konfront tar-rispett tat-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri u li mhux qed tipprova tissostitwixxi jew tnaqqas ir-rwol tal-proċeduri eżistenti tal-ADR skont din is-sistema, iżda jiddubita kemm dan jirrappreżenta pass sinifikanti 'l quddiem fid-dematerializzazzjoni tat-tilwim, b'mod li tippermettilhom li jiġu proċessati onlajn.

3.6 Il-KESE jirrikonoxxi li, fil-prattika, din il-proposta tillimita ruħha li tistabbilixxi tip ta' "timbru tal-posta elettroniku" jew "kaxxa tal-ittri onlajn" li fihom jintbagħtu l-ilmenti u, wara proċess ta' għażla purament formali, jintbagħtu lill-entitajiet differenti tal-ADR, biex b'hekk jikkostitwixxu sistema ta' kunsinna burokratika u amministrattiva oneruża.

3.7 Il-KESE jqis li l-proposta m'għandhiex ambizzjoni u għadha ferm lura minn dak li hu tmat u dak li hu mixtieq u fattibbli, b'mod speċjali fir-rigward ta':

- a) Il-Pjan ta' Azzjoni pluriennali 2009-2013 dwar l-e-Justice Ewropea<sup>(5)</sup>;
- b) Id-dokument innovattiv tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Kummerċjali Internazzjonali<sup>(6)</sup> (UNCITRAL), A/CN.9/706, bl-isem "Possible future work on online dispute resolution in cross-border electronic commerce transactions" (Ħidma possibbli fil-futur dwar soluzzjoni onlajn għat-tilwim fi tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku transkonfinali);
- c) L-esklużjoni ta' tilwim li mhux biss ta' natura transkonfinali, li tobbliga lill-Istati Membri li jixtiequ hekk li jintroduċu sistemi purament nazzjonali għal tilwim transkonfinali,

anke jekk il-partijiet ikkonċernati huma ta' nazzjonalitajiet differenti, iżda inżertaw li jgħixu, b'mod permanenti jew temporanju, fl-istess Stat Membru;

- d) L-esklużjoni ta' tilwim li ma jirriżultax esklużivament minn tranżazzjonijiet konklużi permezz ta' mezzi elettroniċi (fi kliem ieħor, offlajn), li ma jkunux adottaw id-definizzjoni usa' ta' kummerċ elettroniku stabbilita fid-Direttiva 2000/31/KE, inklużi kunflitti li jirriżultaw minn komunikazzjonijiet kummerċjali onlajn li ma jirriżultawx fi tranżazzjoni. Hemm ukoll il-possibbiltà, issa rikonoxxuta minn uħud mill-ADR, li tilwim li jirriżulta minn tranżazzjonijiet konklużi mill-bogħod permezz ta' mezzi mhux elettroniċi (bħal bejgħ minn katalogu jew bejgħ magħmul fid-dar) jiġi ttrattat b'mezzi elettroniċi. Barra minn hekk, setgħu ġew ikkunsidrati wkoll it-tranżazzjonijiet okkażjonali li jseħħu fi żjarat lejn Stati Membri oħra, f'każijiet fejn it-tilwim iquom xi żmien wara li t-tranżazzjonijiet ikunu ġew konklużi;
- e) In-nuqqas li jiġi adottat dak li llum hu b'mod komuni magħruf bħala sistema tal-ODR<sup>(7)</sup> tat-tieni ġenerazzjoni li fih it-teknoloġija (inerenti għal din il-pjattaforma) taqdi rwol attiv u tiffunzjona bħala *r-raba' parti* ġenwina<sup>(8)</sup> (flimkien maż-żewġ partijiet u l-medjatur/arbitru) fil-proċess tas-soluzzjoni onlajn għat-tilwim tal-konsumaturi; dan jagħmilha possibbli li l-partijiet jikkomunikaw mill-bogħod, f'ħin reali jew b'dewmien fiż-żmien, permezz tat-teknoloġija l-ġodda tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, minflok ma l-partijiet kollha jkollhom ikunu fiżikament preżenti.
- f) In-nuqqas ta' kwalunkwe referenza għal sistema tal-assigurazzjoni tal-kwalità għat-twaqqif tas-sistema, bħal dik ipprovduta fl-istandard ISO 10003 – "Linji gwida dwar soluzzjoni għat-tilwim estern għall-organizzazzjonijiet", li tista' tintuża wkoll biex jiġi standardizzat prospectus li jipprovdi informazzjoni dwar it-tħaddim tal-mekkaniżmu, jew tal-eżistenza ta' "lista ta' sorveljanza", li fuqha jistgħu jiġu rreġistrati l-ilmenti kontra professionisti.

3.8 Minkejja li r-Regolament jgħid li l-pjattaforma tal-ODR ser ikollha l-funzjoni li "tippermetti lill-partijiet u lill-entità tal-ADR imexxu l-proċedura ta' soluzzjoni għat-tilwim onlajn" (Artikolu 5(3)(d)), il-KESE kien ittama li jiġu stabbiliti s-sisien għal sistema tal-ODR li tkun tikkontribwixxi għal-leġittimità ta' ġustizzja onlajn jew elektronika; kien jittama li s-sistema tkun iffurmata b'mod li tuża mill-ġdid u tikkopja riżorsi ta' infrastruttura u teknoloġiċi eżistenti, sinkronużi jew asinkronużi, bħal chat, forums elettroniċi, listi tal-indirizzi, posta elettronika, telekonferenzi, konferenzi bl-awdjo u bil-vidjo, kmamar tal-laqgħat virtwali eċċ.; li ttejjeb l-applikazzjonijiet tal-ġustizzja u thegġegħ għodod tal-ODR tal-ewwel u tat-tieni ġenerazzjoni għall-proċess (negozjati, medjazzjoni u arbitraġġ onlajn), li jippromovu l-medjazzjoni elettronika bejn il-partijiet, proċess ta' produzzjoni iżjed robust u proċeduri li huma faċilment iżjed osservabbli u prevedibbli.

<sup>(4)</sup> Direttiva 2011/83/UE f'ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.

<sup>(5)</sup> ĠU C 75, 31.3.2009, p. 1.

<sup>(6)</sup> Jista' jiġi kkonsultat: [http://www.uncitral.org/uncitral/publications/online\\_resources\\_ODR.html](http://www.uncitral.org/uncitral/publications/online_resources_ODR.html) (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(7)</sup> Ara G. Peruginelli u G. Chiti "Artificial Intelligence Dispute Resolution" fil-Proċedimenti tal-Workshop dwar il-Liġi ta' aġenti elettroniċi- LEA 2002.

<sup>(8)</sup> Ara, fost oħrajn, il-proċeduri CYBERSETTLE (<http://www.cybersettle.com>) SMARTSETTLE (<http://www.smartsettle.com>) u SQUARETRADE (<http://www.squaretrade.com>). Permezz tal-aħħar proċedura msemmija, issolvew iżjed minn 200 000 tilwima f'120 pajjiż mill-1999 'l hawn, ECODIR (disponibbli hawn: <http://www.ecodir.org/>).

3.9 Anke mingħajr ma navvanzaw lejn il-mudelli tat-tieni ġenerazzjoni msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni kellha minkejja dan, sabiex tilħaq l-aspettattivi għal din l-inizjattiva u tiżgura l-benefiċċji mħabbra, almenu tikkunsidra l-possibbiltà li tinkludi sistemi ta' għajjnuna għat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-funzjonijiet tal-pjattaforma għall-partijiet f'sistema tal-ODR. F'dawn il-mudelli tat-tieni ġenerazzjoni, l-użu ta' għodod telematiċi u l-għajjnuna minn intelliġenza artifiċjali abbażi ta' mudelli matematiċi jiffaċilitaw id-deċiżjonijiet dwar tilwim permezz tal-valutazzjoni sistematika tal-proposti tal-partijiet, li min-naħa tagħhom huma appoġġjati minn speċjalisti tal-IT b'kapaċità ugwali ("interfaces intelliġenti") fi proċess interattiv ibbażat fuq tendenzi standard tan-negozjati bħal BATNA (Best Alternative to a Negotiated Agreement – L-Aħjar Soluzzjoni Alternattiva għal Ftehim Negożjat), WATNA (Worst Alternative to a Negotiated Agreement – L-Agħar Soluzzjoni Alternattiva għal Ftehim Negożjat) u finalment ZOPA (Zone of Possible Agreement – Qasam ta' Ftehim Possibbli). Eżempji ta' sistemi ta' għajjnuna għat-teħid ta' deċiżjonijiet jinkludu sistemi ta' esperti, sistemi ta' informazzjoni abbażi ta' każijiet preċedenti, sistemi ta' aċċess għal bażijiet tad-data informatiċi (raġunament abbażi tal-każ jew "CBR"(case-based reasoning) fil-lingwaġġ informatiku internazzjonali) u soluzzjoni onlajn għat-tilwim skont l-approċċi differenti tal-partijiet għas-soluzzjoni għat-tilwim.

3.10 Il-KESE jistaqsi wkoll kif il-Kummissjoni pprevediet soluzzjoni onlajn għal każijiet li jikkonċernaw mhux biss nuqqas ta' qbil tradizzjonali fis-suq, li hu marbut ma' problemi bħal prodotti li huma "difettużi", "ma jaħdmux sew" jew ma' "dewmien fil-kunsinna jew nuqqas ta' kunsinna", iżda wkoll id-dibattitu dwar termini iġusti f'kuntratt u l-liġi applikabbli għall-kuntratti.

3.11 Il-KESE jixtieq li jara referenza speċifika għall-possibbiltà li l-partijiet ikkonċernati jkunu rappreżentati minn avukati jew minn partijiet terzi, speċifikament assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumaturi fl-ilmenti onlajn tagħhom.

3.12 Il-Kumitat hu sorpriż li l-kwistjoni tal-finanzjament għall-implimentazzjoni ta' dan l-istrument ġdid mhuwiex indirizzat b'mod espliċitu u dirett, meta wieħed iqis li fil-konsultazzjonijiet li saru, l-għaqdiet rappreżentattivi tal-konsumatur qiesu b'mod definittiv li dan hu essenzjali. Xi Stati Membri ma jifilhx għaż-żieda fl-ispejjeż marbuta mat-twaqqif ta' korpi ġodda, it-taħriġ ta' "faċilitaturi" u persunal ieħor li jipprovdi appoġġ, il-provvista ta' informazzjoni u għajjnuna lil konsumaturi u t-twettiq ta' kompiti amministrattivi ġodda. Din il-kwistjoni għet meqjusa minn kulħadd bħala kruċjali biex tiżgura l-imparzjalità u l-indipendenza tas-sistema.

## 4. Kummmenti speċifiċi

### 4.1 Artikolu 1 – Suġġett

Is-suġġett ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi wkoll il-prinċipju tal-aċċess għal-liġi u għall-ġustizzja għall-partijiet ikkonċernati. Flimkien mas-soluzzjoni għat-tilwim, il-pjattaforma tista' tintuża biex timpedixxi kwalunkwe tilwim li jista' jkum, billi tipprovdi informazzjoni rilevanti mmirata għar-rimedjar tal-problemi.

### 4.2 Artikolu 2 – Kamp ta' Applikazzjoni

Għal raġunijiet ekonomiċi wkoll, il-KESE jixtieq jara r-Regolament jiġi applikat ukoll għal tilwim li jkum offlajn, kif diġà hi Prattika komuni fost il-fornituri tal-ADR li jaħdmu b'teknoloġiji tal-informatika biex jagħmlu medjazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati.

Bħala kwistjoni purament formali, hu suġġerit li esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni jkunu koperti mill-Artikolu 2 u mhux l-Artikolu 4, li jkopri d-definizzjonijiet.

### 4.3 Artikolu 3 – Rabta ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni

Il-KESE jipproponi li jiġi inklużi d-Direttivi dwar il-Kummerċ Elettroniku, il-Bejgħ ta' Prodotti għall-Konsumatur u Kuntratti mill-Bogħod<sup>(9)</sup>.

### 4.4 Kapitolu II – Pjattaforma Ewropea ta' soluzzjoni onlajn għat-tilwim

Għall-finijiet ta' ċarezza ikbar, il-KESE jippreferixxi li l-materjal dwar it-twaqqif tal-pjattaforma u l-proċeduri jkunu koperti minn kapitoli differenti.

### 4.5 Artikolu 5(3)(b)

Il-KESE għandu dubji dwar il-prattiċità li l-partijiet jagħżlu entità għall-ADR, fid-dawl tan-nuqqas ta' kriterji biex jagħmlu dan. Jagħmel sens ukoll għall-partijiet innifishom li jkunu jistgħu jaħtru entità li magħha jkunu ħadmu diġà.

### 4.6 Artikolu 5(3)(i)

Il-KESE jibża' li din l-informazzjoni tista' ma tkunx biżżejjed. Il-Kumitat jipproponi li, flimkien mal-istatistika dwar ir-riżultati tat-tilwim, il-pjattaforma għandha tindika liema huma l-iżjed metodoloġiji użati u tipprovdi statistika maqsuma skont is-suġġetti differenti trattati. Il-pjattaforma għandha tinkludi wkoll sistema għall-ġestjoni tal-proċessi, b'indikaturi ta' ġestjoni, inklużi każijiet li nfetħu jew tlestew jew li għadhom pendenti, u d-dewmien u l-ispejjeż tal-każ. Il-KESE jemmen, barra minn hekk, li l-fatt li sempliċement tiġi indikata jew suġġerita entità waħda tal-ADR jew iżjed minn waħda għall-partijiet ma jiggarrantixxix l-għan li ċ-ċertifikat suppost jiżgura: aċċess għall-ġustizzja għall-partijiet. Il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li jekk biss waħda mill-partijiet ma taqbilx mal-entità tal-ADR suġġerita, il-proċedura tista' tispiċċa titwaqqa' (ara l-Artikoli 7(3), 8(2)(b) u (4)), li fil-fatt tispiċċa twassal biex is-sistema tfalli.

<sup>(9)</sup> Id-Direttiva Nru 2000/31/KE, ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1, id-Direttiva Nru 1999/44/KE, ĠU L 171, 7.7.1999, p. 12 u d-Direttiva Nru 97/7/KE, ĠU L 144, 4.6.1997, p. 19.



#### 4.7 Artikolu 6 – *Netwerk ta' faċilitaturi tas-soluzzjoni onlajn għat-tilwim*

Il-KESE jikkunsidra li t-terminu “faċilitaturi tas-soluzzjoni onlajn għat-tilwim” huwa qarrieq; għandu jiġi evitat għax fil-fatt, il-proċess ta' soluzzjoni għat-tilwim ma jistax jitwettaq onlajn, iżda biss permezz ta' metodi tradizzjonali tal-ADR. Hu biss l-ilment li jitressaq elettronikament.

Il-KESE għandu tħassib serju li din is-sistema tista' taffettwa jew tipperikola l-veloċità u l-effikaċja enfasiszati fl-għanijiet tar-Regolament propost, li jista' jwassal għal burokrazija eċċessiva, minħabba s-sistema ta' riorjentazzjoni fi tliet fażijiet li qed tiġi rakkomandata, u li b'mod ċar tqajjem il-kwistjoni tal-possibbiltà tal-konformità effettiva mal-limitu ta' 30 jum stabbilit fl-Artikolu 9(b). Għandu jiġi osservat li, sakemm il-partijiet jimpenjaw ruħhom li jsibu soluzzjoni adatta għat-tilwim flimkien mal-fornitur tal-ADR, l-ilment għandu jitressaq quddiem il-pjattaforma elettronikament, imbagħad jiġi eżaminat u propost lill-entitajiet kompetenti tal-ADR u mbagħad jitressaq mill-ġdid mill-faċilitaturi tal-ODR lill-entità tal-ADR magħżula, liema proċess iwassal għal dewmien żejjed evitabbli għall-partijiet, u għalhekk ikun hemm spejjeż minħabba dewmien kif ukoll spejjeż ta' ċansijiet mitlufa.

#### 4.8 Artikolu 7 – *Tressiq ta' ilment*

Il-KESE jirrakkomanda li għandha tingħata l-attenzjoni dovuta għall-ħtieġa li l-ilment u d-dokumenti mehmuża jiġu tradotti b'mod affidabbli u raġonevoli għall-partijiet. Din il-kwistjoni hi kruċjali għas-suċċess tas-sistema iżda mhix indirizzata fil-proposta, li lanqas biss tirreferi għat-teknoloġija ta' traduzzjoni awtomatizzata li teżisti diġà u li għandha tintuża f'din l-iskema.

#### 4.9 Artikolu 7(2) u (6)

Il-KESE jenafisizza li d-dokument fl-Anness, intitolat “Informazzjoni li għandha tiġi provduta meta timtela l-formola tal-ilmenti elettronika”, tant mhuwiex adattat f'termini tal-kontenut tiegħu u l-mod ta' kif suppost jimtela li jirrikjedi xi kummenti.

Fil-fehma tal-KESE, din il-websajt, minbarra li tipprovdi formola, għandha toffri wkoll manwal ta' struzzjoni onlajn li jkopri kif timtela l-formola. Dan il-manwal għandu jinkludi linji gwida speċifiċi għal dan il-għan (struzzjonijiet bil-quddiem li jippermettu lill-utenti li jiffamiljarizzaw ruħhom mas-softwer, flimkien ma' websajt ta' appoġġ bi struzzjonijiet, għajnuna u tweġibiet għal domandi magħmula spiss). Barra minn hekk, għandha tkun disponibbli taqsimha interattiva għall-partijiet, li permezz tagħha jkun jistgħu jressqu l-problemi tagħhom u jirċievu risposti onlajn immedjati. Il-websajt għandha tagħmilha possibbli li l-fatti jiġu ddikjarati bil-fomm bil-lingwi differenti bi traduzzjoni immedjata, billi tagħmel użu mit-teknoloġiji ta' komunikazzjoni ġodda li diġà jeżistu. Għandha tipprovdi wkoll sistema li tirri-konoxxi b'mod awtomatiku formoli li ma jkunux tajbin jew kompluti, tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex dawn jiġu korretti u b'hekk tiġi eliminata l-ħtieġa li jitressaq ilment ġdid.

Il-KESE jikkunsidra li ċerti kunċetti legali vagi bħal i) “biżżejjed” (paragrafu 2) u ii) “dejta li hija ... rilevanti u mhux eċċessiva

meta titqabbel mal-iskopijiet li għalihom tinġabar” (paragrafu 6) għandhom jiġu ċċarati sabiex jiżguraw informazzjoni konkreta.

Il-Kumitat jissuġġerixxi li jiġi pprovdut mhux biss obbligu dwar il-mezzi użati (li tkun disponibbli formola onlajn) iżda wkoll li jiġi żgurat li l-mili tal-formola jkun proċess intuittiv, faċli għall-konsumatur, sempliċi u mingħajr intoppi <sup>(10)</sup>.

Il-KESE barra minn hekk jipproponi li din il-pjattaforma onlajn tiġi konnessa ma' “ktieb tal-ilmenti onlajn”, li l-websajts tan-negożjanti onlajn għandu jkollhom. Ladarba din il-formola timtela, tista' tintbagħat direttament, awtomatikament u elettronikament permezz ta' interface lill-pjattaforma ċentrali tal-ODR, sabiex jiġi żgurat li s-soluzzjoni għat-tilwim fil-fatt isseħħ.

#### 4.10 Artikolu 8(1)

Il-KESE jindika li l-konsumatur medju hu ġeneralment xi ftit jew wisq illitterat, (u jsofri wkoll minn esklużjoni diġitali) u jibża' li l-effett tas-sanzjoni prevista fil-paragrafu 1 tmur kontra l-għanijiet tal-inizjattiva u twassal għal tattika formali maħsuba apposta biex ma jissolvix it-tilwim.

#### 4.11 Artikolu 12 – *Kunfidenzjalità u sigurtà tad-dejta*

Il-KESE jixtieq jindika li r-regoli li jikkonċernaw is-segretezza professjonali u l-kunfidenzjalità huma suġġetti għal leġiżlazzjoni nazzjonali u li l-ebda dispożizzjoni ma hi meħtieġa għall-piż tal-provi jew għas-soluzzjonijiet jekk dawn ir-rekwiżiti ma jiġux issodisfati.

#### 4.12 Artikolu 13 – *Informazzjoni għall-konsumatur*

Il-KESE jipproponi li entitajiet akkreditati u awtorizzati jistabbilixxu marki ta' fiduċja (trustmarks) għal operaturi ekonomiċi li jirreklamaw (fuq il-websajts tagħhom) u jippromovu s-soluzzjoni għat-tilwim permezz ta' din il-pjattaforma, bħal “TRUSTe”, l-Euro-Label jew il-Global Trustmark Alliance.

Il-KESE jirrakkomanda li tiġi inkluża referenza għas-soluzzjoni għat-tilwim permezz ta' din il-pjattaforma onlajn f'kodiċijiet ta' kondotta li jtfasslu minn operaturi ekonomiċi, għaqdiet tal-konsumatur u tal-fornituri, kif ukoll korpi governattivi.

<sup>(10)</sup> Komunikazzjonijiet importanti jistgħu indubbjament jiġu rvinati minħabba żbalji ortografiċi jew grammatiki jew żbalji ta' ttajpar. L-iżbalji ortografiċi jistgħu jwasslu għal konklużjonijiet mgħaġġla dwar il-parti l-oħra jew iqanqlu dubji li jikkonċernaw il-kwalità tal-proċess tas-soluzzjoni għat-tilwim. Għal dan il-għan, l-għodod għall-verifika tal-ortografija ikunu utli, kif użati pereżempju hawn: <http://www.juripax.com/>.



4.13 Artikoli 15 u 16 – Atti ta' implimentazzjoni u atti delegati

Fuħud mid-dispożizzjonijiet tal-proposta (l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 7(4) u (5)), aspetti kruċjali tal-istrument legiſlattiv u tal-funzjonament tas-sistema jitħallew għal atti ta' implimentazzjoni jew atti delegati futuri, li l-KESE jemmen li jmorru ferm lil hinn mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 290 tat-Trattat u stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Implimentazzjoni tal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament dwar it-Trattat tal-Unjoni Ewropea" (COM(2009) 673 final tad-9.12.2009), b'konsegwenzi f'termini tas-sigurtà u ċ-ċertezza legali tal-istrument.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Pakkett tal-Allinjament tal-Qafas Leġislativ Ġdid (QLĠ) (L-Implimentazzjoni tal-Pakkett tal-Prodotti)”**

COM(2011) 764 finali – 2011/0358 (COD)

COM(2011) 765 finali – 2011/0351 (COD)

COM(2011) 766 finali – 2011/0352 (COD)

COM(2011) 768 finali – 2011/0350 (COD)

COM(2011) 769 finali – 2011/0353 (COD)

COM(2011) 770 finali – 2011/0354 (COD)

COM(2011) 771 finali – 2011/0349 (COD)

COM(2011) 772 finali – 2011/0356 (COD)

COM(2011) 773 finali – 2011/0357 (COD)

(2012/C 181/19)

Relatur uniku: **is-Sur HERNÁNDEZ BATALER**

Nhar l-20 ta' Diċembru 2011 u nhar it-30 ta' Novembru 2011, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Pakkett tal-Allinjament tal-Qafas Leġislativ Ġdid (QLĠ) (L-Implimentazzjoni tal-Pakkett tal-Prodotti)*

COM(2011) 764 final – 2011/0358 (COD)

COM(2011) 765 final – 2011/0351 (COD)

COM(2011) 766 final – 2011/0352 (COD)

COM(2011) 768 final – 2011/0350 (COD)

COM(2011) 769 final – 2011/0353 (COD)

COM(2011) 770 final – 2011/0354 (COD)

COM(2011) 771 final – 2011/0349 (COD)

COM(2011) 772 final – 2011/0356 (COD)

COM(2011) 773 final – 2011/0357 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-9 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'115-il vot favur, 4 voti kontra u 10 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea adottat proposti biex jiġu mmodifikati għaxar direttivi dwar l-armonizzazzjoni teknika relatati mal-“Pakkett leġislativ dwar il-prodotti”, permezz ta' sempliċi allinjament ta' dawn id-direttivi mad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KEE<sup>(1)</sup> (qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti).

1.2 Fil-ġejjieni, ikun utli li tiġi ppreċizzata n-natura u l-limitu minimu tas-sanzjonijiet li għandhom jiġu previsti

fil-leġislazzjoni tal-Istati Membri, għaladarba l-uniku obbligu li għandhom l-awtoritajiet nazzjonali minn dawn id-dispożizzjonijiet huwa li jistabbilixxu regoli fil-qasam tas-sanzjonijiet għal din ix-xorta ta' mgħiba, u mhux li jikklassifikawhom f'kategorija, jew li jindirizzaw aspetti punitivi oħra, li huma definiti fil-livell sopranazzjonali.

1.3 Il-Kummissjoni għandha tqis l-osservazzjonijiet imfassla mill-KESE fl-Opinjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar qafas legali komuni<sup>(2)</sup> rigward il-bżonn li jiżiedu l-koordinazzjoni u t-tishiġ tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq.

<sup>(1)</sup> ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82; Opinjonijiet tal-KESE: ĠU C 120, 16.5.2008, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 120, 16.5.2008, p. 1.

1.4 Rigward il-protezzjoni legali tas-suq tal-UE, għandha tiġi żviluppata sistema ġdida li tiddetermina l-orijini u t-traċċabbiltà tal-prodotti, sabiex il-konsumaturi jkunu infurmati aħjar.

## 2. Introduzzjoni

2.1 Il-moviment liberu tal-merkanzija huwa waħda mill-erba' libertajiet fundamentali li fuqhom jissejjes is-suq intern, u jiġi rikonoxxut b'mod espliċitu fit-Trattati (Artikolu 28 u l-artikoli sussegwenti tat-TFUE); dan jagħti lok għal għadd kbir ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ġie inkorporat fl-acquis tal-UE.

2.1.1 L-adozzjoni fl-1985 tat-teknika leġislattiva msejja "approċċ ġdid", li tillimita l-esiġenzi leġislattivi għall-aspetti essenzjali u tindirizza fid-dettall l-aspetti tekniċi fl-istandards Ewropej armonizzati, ikkontribwixxiet biex jitħaffef il-proċess ta' armonizzazzjoni, u għamlitha possibbli wkoll li setturi industrijali sħaħ jibbenefikaw mill-moviment liberu.

2.1.2 Fil-leġislazzjoni sekondarja, id-Deċiżjoni 90/683/KEE <sup>(3)</sup> tal-Kunsill tintroduċi l-imsemmi "approċċ globali" li mbagħad kienet sostitwita mid-Deċiżjoni 93/465/KEE <sup>(4)</sup> li tistabbilixxi linji gwida u proċeduri dettaljati fil-qasam tal-valutazzjoni tal-konformità, li għandhom jintużaw fid-direttivi relatati mal-"approċċ ġdid".

2.2 FLulju 2008, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw qafas leġislattiv ġdid bil-għan li jittejjeb il-funzjonament tal-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija fi ħdan is-suq intern, permezz tal-approvazzjoni tar-Regolament (KE) 765/2008 <sup>(5)</sup> dwar l-akkreditazzjoni u s-sorveljanza u d-Deċiżjoni 768/2008/KE li tistabbilixxi qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti.

2.2.1 L-għan tal-pakkett leġislattiv tal-2008 kien li tingħata spinta lill-moviment liberu ta' merkanzija sigura, permezz tat-tisħiħ tal-effikaċja tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà tal-prodotti u l-protezzjoni tal-konsumatur, minn naħa, u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ġusti ta' kompetizzjoni għall-atturi ekonomiċi, min-naħa l-oħra. Rigward il-moviment liberu tal-merkanzija, dan il-qafas legali komuni ġdid tal-2008 għandu jitlestha permezz tal-leġislazzjoni dwar l-istandardizzazzjoni tal-prodotti.

2.2.2 Dawn l-istrumenti legali jmorru ferm iżjed lil hinn minn sempliċi reviżjoni tal-"approċċ ġdid" u fil-fatt jistabbilixxu ambjent leġislattiv ġdid għall-ispazju armonizzat, fid-dawl tal-fatt li huma dokumenti komplementari, strettament marbutin flimkien u mal-leġislazzjoni settorjali, li jappoġġjaw u jikkompletaw.

2.3 Ir-Regolament (KE) 765/2008 jistabbilixxi l-konsolidazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq b'mod li l-prodotti li mhumiex konformi jkunu jistgħu jiġu identifikati faċilment u jitneħħew mis-suq. L-għan prinċipali huwa li jiġi garantit il-moviment liberu tal-merkanzija f'settur armonizzat permezz ta':

- it-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea sabiex l-akkreditazzjoni tkun tista' taqdi r-rwol tagħha b'mod iżjed effikaċi bħala l-aħħar livell ta' kontroll f'dak li jirrigwarda l-funzjonament tajjeb tal-leġislazzjoni Komunitarja.

- il-ħolqien ta' qafas għar-rikonoxximent ta' organizzazzjoni li teżisti diġà, l-EA (Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni), bil-għan li tiġi żgurata valutazzjoni rigoruża *inter pares* mill-korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni.

- qafas Komunitarju għas-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, li jggarantixxi kooperazzjoni iżjed stretta bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-awtoritajiet doganali, skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali fil-każ ta' prodotti preżenti fis-suq ta' Stati Membri oħra.

- l-applikazzjoni ta' regoli uniformi u ċari fis-setturi kollha, l-istabbiltà legali u l-koerenza tal-miżuri, iż-żieda fil-flessibilità tal-esiġenzi li jridu jiġu ssodisfati qabel il-kummerċjalizzazzjoni u t-tnaqqis tal-ispejjeż relatati mal-valutazzjoni tal-konformità.

2.4 Id-Deċiżjoni 768/2008/KE hija att *sui generis* u tirrifletti l-kompromess li l-leġislatur Ewropew adotta b'mod li l-kontenut tagħha jkun jista' jiġi applikat bl-iżjed mod sistematiku possibbli fit-testi leġislattivi kollha relatati mal-prodotti (preċedenti, attwali u futuri), kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tagħha mill-partijiet ikkonċernati kollha.

2.4.1 Id-Deċiżjoni tistabbilixxi qafas orizzontali ġenerali ta' koerenza tal-leġislazzjoni dwar il-moviment liberu tal-prodotti li tipprevedi:

- definizzjonijiet armonizzati, obbligi komuni għall-atturi ekonomiċi, kriterji għall-għażla tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, kriterji għall-awtoritajiet ta' notifika fil-livell nazzjonali u regoli għall-proċedura ta' notifika.

- regoli għall-għażla tal-metodi ta' valutazzjoni tal-konformità u sensiela ta' proċeduri armonizzati bil-għan li jiġu evitati duplikazzjonijiet li jiswew il-flus.

- definizzjoni unika tal-marka CE (bir-responsabbiltajiet u s-salvagwardji korrispondenti)

<sup>(3)</sup> ĠU L 380, 31.12.1990, p. 13.

<sup>(4)</sup> ĠU L 220, 30.8.1993, p. 23.

<sup>(5)</sup> ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30; Opinjoni tal-KESE: ĠU C 120, 16.5.2008, p. 1.

— proċedura ta' informazzjoni u ta' sorveljanza tas-suq biex tittawwal is-sistema maħluqa għad-direttiva dwar is-sigurtà tal-prodotti.

— dispożizzjonijiet armonizzati għall-mekkaniżmi futuri ta' salvagwardja bħala żieda mad-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq.

2.5 Fl-opinjoni tiegħu dwar dawn iż-żewġ proposti, il-KESE enfasizza:

— l-importanza li tiġi garantita l-operabbiltà sħiħa tal-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija bil-għan li l-prodotti kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru kwalunkwe jistgħu jagħmlu dan ukoll fit-territorju kollu tal-UE mingħajr l-ebda diffikultà.

— li l-moviment liberu tal-merkanzija huwa xprun importanti tal-kompetittività u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tas-suq uniku Ewropew, minn naħa, u li t-tisħiħ u l-immodernizzar tal-esiġenzi fil-qasam tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti siguri u ta' kwalità tajba huma elementi fundamentali għall-konsumaturi, l-intrapriżi u ċ-ċittadini Ewropej, minnaħa l-oħra.

Fil-qosor, il-KESE jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni, iżda għandu sensiela ta' osservazzjonijiet u suġġerimenti dwar dawn iż-żewġ strumenti.

2.6 Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 765/2008, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010, japplikaw b'mod dirett minn din id-data u attwalment qed jiġu applikati mill-awtoritajiet nazzjonali bil-koordinazzjoni tal-Kummissjoni.

2.7 Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KEE, maħsuba għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, hija att legali li ma jorbotx legalment lill-intrapriżi, il-persuni fiżiċi u l-Istati Membri. Hija għandha l-għan li tiffunzjona bħala qafas orizzontali li jlaqqa' flimkien id-dispożizzjonijiet li huma elementi komuni tal-leġislażzjoni dwar l-armonizzazzjoni teknika. Dawn id-dispożizzjonijiet standardizzati għandhom jiġu integrati f'kull leġislażzjoni ġdida jew riveduta.

### 3. L-ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija

3.1 L-għan taż-żewġ strumenti huwa li jindirizzaw problemi differenti li ġew osservati f'setturi industrijali diversi regolati mil-leġislażzjoni Ewropea dwar l-armonizzazzjoni teknika, jiġifieri l-leġislażzjoni li tistabbilixxi l-esiġenzi komuni fil-qasam tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti.

3.2 Il-preokkupazzjoni prinċipali hija li tiġi assicurata s-sigurtà taċ-ċittadini u li jitnaqqas in-numru ta' prodotti preżenti fis-suq li ma jissodisfawx l-esiġenzi tal-leġislażzjoni tal-UE. L-għan l-ieħor huwa t-titjib tal-kwalità tax-xogħol li jagħmlu l-korpi li joħorġu l-prova tal-konformità u mbagħad jiċċertifikaw

il-prodotti. Barra minn hekk, dan il-qafas orizzontali l-ġdid għandu jagħti iżjed koerenza lill-qafas regolatorju kollu dwar il-prodotti u jissempjifika l-applikazzjoni tiegħu.

#### 3.3 Problemi meta ma jiġux rispettati l-esiġenzi fis-seħħ

3.3.1 Għadd sostanzjali ta' prodotti fis-suq ma jikkonformawx mal-esiġenzi deskritti fid-direttivi. Ċerti intrapriżi sempliċement iżidu l-marka ta' konformità CE mal-prodotti tagħhom minkejja li ma jkunux jikkonformawx mal-kriterji stabbiliti għal din il-marka.

3.3.2 L-importaturi u d-distributuri ma jagħmlux il-verifika meħtieġa kollha biex jaċċertaw ruħhom li jikkummerċjalizzaw biss prodotti konformi mal-leġislażzjoni. Ġeneralment, huwa diffiċli għall-awtoritajiet ta' sorveljanza jkunu jafu fejn jinsabu l-operaturi ekonomiċi li jfornu dawn il-prodotti, b'mod partikolari meta jkunu lokalizzati f'pajjiżi terzi.

3.4 L-Istati Membri jimponu obbligi differenti fil-konfront tal-importaturi u d-distributuri biex jiżguraw li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli. Barra minn hekk, l-azzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-prodotti mhux konformi xi kultant ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

#### 3.5 Problemi relatati mal-azzjoni ta' ċerti korpi akkreditati

3.5.1 Ċerti direttivi jesigū ċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti minnaħa ta' "korpi akkreditati" (entitajiet li jittestjaw, jispezzjonaw u jiċċertifikaw il-prodotti). Għalkemm il-biċċa l-kbira tal-korpi akkreditati jagħmlu xogħolhom b'mod kuxjenzjuż u responsabbli, kien hemm ċerti każijiet li xerrdu d-dubju rigward il-kwalifikazzjoni u l-kredibbiltà taċ-ċertifikazzjonijiet li joħorġu.

3.5.2 Jeżistu wkoll differenzi fil-metodu u l-livell ta' rigorożità li jużaw l-Istati Membri biex jivvalutaw u jikkontrollaw il-kwalifikazzjoni tal-korpi akkreditati. Punt li huwa partikolarment ta' tħassib huwa l-kwalifikazzjoni tal-fergħat jew is-sotto-kuntratturi li jinsabu barra l-UE.

#### 3.6 Inkoerenza konkreti tal-leġislażzjoni fis-seħħ

3.6.1 Id-direttivi dwar il-moviment liberu tal-prodotti ta' spiss jadottaw approċċ imsejjes fuq ir-riskju u xi minn daqqiet, jistgħu jiġu applikati direttivi varji għall-istess prodott. Għall-produtturi, dan ifisser li jridu japplikaw il-kriterji kollha għall-prodott.

3.6.2 Il-fatt li direttivi varji jistgħu japplikaw għall-istess prodott jista' joħloq diffikultajiet fil-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, b'mod partikolari meta d-direttivi jużaw l-istess "modulu" imma t-test ta' dan il-modulu jvarja minn direttiva għal oħra.

#### 4. Il-proposta tal-Kummissjoni

4.1 Meta oriġinarjament ġie adottat il-qafas ġdid f'Lulju 2008, is-servizzi tal-Kummissjoni fittxew, fil-leġislażżjoni dwar il-prodotti, strumenti li kellhom jiġu riveduti fis-snin ta' wara, għal raġunijiet settorjali; fil-biċċa l-kbira tagħhom, dawn ir-reviżjonijiet kienu marbutin ma' każijiet individwali msemmijin fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni.

4.2 Permezz ta' din il-proposta, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan timplimenta l-leġislażżjoni tal-"approċċ ġdid" applikata f'ċerti setturi kkonċernati, abbażi tal-istandards ġodda stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sabiex dan iseħħ, huwa previst li l-għaxar direttivi li ġejjin ikunu allinjati ma' din id-Deċiżjoni:

- Direttiva 2006/95/KE, dwar l-armonizzazzjoni tal-leġislażżjoni tal-Istati Membri dwar **tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ**;
- Direttiva 2009/105/KE dwar **reċipjenti sempliċi taħt pressjoni**;
- Direttiva 2009/23/KE dwar **strumenti tal-użin mhux awtomatiċi**;
- Direttiva 93/15/KEE dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-superviżjoni ta' **splużivi għall-użu ċivili**;
- Direttiva 94/9/KE l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw it-**tagħmir** u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu **fatmosferi potenzjalment espussivi**;
- Direttiva 95/16/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-**lifts**;
- Direttiva 97/23/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' **apparat ta' pressjoni**;
- Direttiva 2004/22/KE dwar **l-istrumenti tal-kejl**;
- Direttiva 2004/108/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-**kompabilità elettromanjetika** u li tħassar id-Direttiva 89/336/KEE;
- Direttiva 2007/23/KE dwar it-tqegħid fis-suq ta' **oġġetti pirotekniki**.

4.2.1 L-iżjed aspekk komuni bejn dawn id-direttivi kollha huwa l-istruttura simili tagħhom: definizzjonijiet, esiġenzi importanti ħafna fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà, referenzi għal regoli Ewropej armonizzati, esiġenzi li jridu jiġu ssodisfati mill-produtturi, kriterji ta' traċċabbiltà u ta' valutazzjoni tal-konformità, kif ukoll mekkaniżmi ta' salvagwardja.

4.2.2 Is-setturi regolati minn dawn id-direttivi huma setturi industrijali importanti ħafna li jiffaċċjaw kompetizzjoni internazzjonali ħarxa u li, għalhekk, jistgħu jgawdu mis-semplifikazzjoni u l-garanzija ta' kundizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni fis-suq tal-UE.

4.2.3 Madankollu, f'din il-proposta l-Kummissjoni tipproponi li jiġi allinjat mad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE pakkett ta' direttivi tekniċi li ma kenux previsti li jiġu riveduti bħalissa, iżda li jkun utli li għalihom jiġu adottati dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq u kwistjonijiet transsettorjali oħra, mingħajr madankollu ma jiġu ttrattati konsiderazzjonijiet purament settorjali.

4.2.4 L-għan ta' dan il-pakkett leġislattiv huwa li jiġu mmodifikati dawn id-direttivi sempliċement biex jiġu integrati d-dispożizzjonijiet orizzontali tad-deċiżjoni, f'darba waħda, fil-kuntest ta' proċess issemplifikat u mingħar ma jiġu eżaminati mill-ġdid l-aspetti settorjali, bil-għan li l-ikbar numru possibbli ta' setturi jgawdu immedjatement mill-qafas leġislattiv ġdid. Il-kontenut tagħhom huwa limitat strettament għal allinjament mad-deċiżjoni dwar id-definizzjonijiet, l-esiġenzi ta' traċċabbiltà, l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi, il-kriterji u l-proċeduri għall-għażla tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u l-esiġenzi fil-qasam tal-valutazzjoni tal-konformità.

4.2.5 Bil-għan li tikseb l-aqwa kwalità legali possibbli, il-Kummissjoni għażlet it-teknika leġislattiva tar-riformulazzjoni li tikkonsisti "fl-adozzjoni ta' att legali ġdid li jinkorpora f'test wieħed kemm l-emendi sostantivi li dan jagħmel għall-att ta' qabel kif ukoll id-dispożizzjonijiet mhux mibdula ta' dak l-att. L-att legali l-ġdid jissostitwixxi u jħassar l-att ta' qabel". Barra minn hekk, għandhom jiġu adattati wkoll għat-terminoloġija u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona.

4.3 *Skont il-Kummissjoni, l-adattament tal-għaxar direttivi jista' jinġabar fil-qosor kif ġej:*

- 4.3.1 Miżuri biex tiġi indirizzata l-problema tan-nonkonformità:
  - obbligi għall-importaturi u d-distributuri;
  - obbligi għall-produtturi;
  - esiġenzi fil-qasam tat-traċċabbiltà;
  - riorganizzazzjoni tal-proċedura tal-klawżola ta' salvagwardja (sorveljanza fis-suq).



4.3.2 Il-miżuri bil-għan li tiġi garantita l-kwalità tal-ħidma mwettqa mill-korpi notifikati:

— tisħiħ tal-esiġenzi ta' notifika għall-korpi notifikati;

— revizzjoni tal-proċedura ta' notifika;

— esiġenzi li jridu jissodisfaw l-awtoritajiet ta' notifika;

— obbligi fil-qasam tal-informazzjoni;

4.3.3 Miżuri biex tiġi garantita koerenza ikbar bejn id-direttivi:

— adattament tad-definizzjonijiet u t-terminoloġija użati komplement;

— adattament tad-dokumenti u l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità;

4.3.4 Madankollu, il-proposta ma tittrattax l-aspetti dwar l-applikazzjoni tal-politika ta' standardizzazzjoni tal-UE, li jista' jkollha riperkussjonijiet fuq l-applikazzjoni tad-direttivi li tkopri, u li ser jiġu indirizzati fil-kuntest ta' inizjattiva leġislattiva oħra.

## 5. Kummenti ġenerali

5.1 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea adottat proposti biex jiġu mmodifikati għaxar direttivi dwar l-armonizzazzjoni teknika relatati mal-applikazzjoni tal-hekk imsejjaħ "Pakkett leġislativ dwar il-prodotti", permezz ta' sempliċi allinjament ta' dawn id-direttivi mad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE (qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija).

5.2 Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE ġiet adottata flimkien mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 (dwar l-akkreditazzjoni u l-kontroll tas-suq). Iż-żewġ strumenti jistabbilixxu kriterji għat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern billi jistabbilixxu approċċ iżjed koerenti tal-politika ta' armonizzazzjoni teknika fil-qasam tas-sigurtà tal-prodotti, kif ukoll sistema ta' sorveljanza iżjed effikaċi għall-merkanzija kollha introdotta fis-suq mill-UE jew minn pajjiżi terzi, u billi jsaħħu l-protezzjoni tal-konsumatur fi ħdan is-suq uniku.

5.2.1 Fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni msemmija fiha nnifisha m'għandhiex effetti legali vinkolanti vis-à-vis partijiet terzi (liema fatt ma jfissirx li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ma tistax tissorvelja l-legalità tagħha), u li hija att *sui generis* li jirrifletti compromess istituzzjonali, l-allinjament ta' parti tad-dispożizzjonijiet għad-direttivi msemmija ser tagħmel iżjed effikaċi l-mekkaniżmu ta' sorveljanza tas-suq mingħajr ma jkun hemm bżonn li tiġi modifikata kull waħda mid-direttivi.

5.2.2 B'hekk, jiġu ċċarati l-effetti legali tar-regoli inkwistjoni b'mod flessibbli u sempliċi, skont it-teknika tar-riformulazzjoni leġislattiva; fl-istess ħin il-pakkett tad-direttivi jiġi adattat għat-terminoloġija u għal ċerti dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona.

5.3 Il-Kumitat jenfasizza wkoll il-kontribut tal-modifiki leġislativi msemmija biex jintlaħqu għanijiet politiċi oħra tal-UE, pereżempju l-konsolidazzjoni tal-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej, it-tisħiħ tal-istrategji tal-atturi ekonomiċi fis-setturi milqutin u garanziji iżjed sodi biex jintlaħaq livell oġhla ta' protezzjoni tal-konsumatur, fost affarijiet oħra.

## 6. Kummenti speċifiċi

6.1 Fid-dawl tat-teknika leġislattiva speċifika użata mill-Kummissjoni, u tal-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jkopri kompetenzi komuni (il-funzjonament tas-suq intern – Artikoli 4(2)(a) u 114 tat-TFUE), huwa tajjeb li jkun hemm għadd ta' riflessjonijiet dwar it-terminoloġija użata f'ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, l-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u r-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata fl-implimentazzjoni futura tal-pakkett leġislativ magħmul mill-għaxar direttivi.

6.2 Hemm ċertu nuqqas ta' preċiżjoni fit-test peress li ma ssirx distinzjoni bejn it-termini "prinċipji ġenerali" (Artikolu 1 tad-Deċiżjoni u Artikolu R11 tal-Anness I tagħha) u "prinċipji komuni" (premessi 5 u 6 tad-Deċiżjoni), peress li la fit-test tad-Deċiżjoni u lanqas fid-direttivi mmodifikati mid-dispożizzjonijiet tagħha ma jiġi ppreċiżat b'mod konkret it-tifsira ta' dawn iż-żewġ kunċetti, u lanqas id-differenza li hemm bejniethom (jekk fil-fatt hemm). Bl-istess mod, it-terminu "interess pubbliku" jintuża (premissa 8 tad-Deċiżjoni u l-Artikoli 3 u R31 u R33 tal-Anness I tagħha) mingħajr ma jiġi ppreċiżat il-kontenut tiegħu fl-ambitu tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsem-mija.

Ċertament ir-rapidità, li hi ta' min ifaħħarha, li timplika din it-teknika ta' modifikazzjoni tad-direttivi ma twaqqafx milli jkun hemm definizzjoni preċiża u dettaljata ta' termini rilevanti għall-implimentazzjoni tagħha.

6.3 Wieħed mill-vantaġġi tad-dħul fis-seħħ tad-direttivi ser ikun it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' sorveljanza u l-fatt li l-atturi tas-suq ikunu jistgħu huma stess jiġbdu l-attenzjoni għall-prattiki irregolari jew illegali. Iżda, ikun utli li tiġi ppreċiżata n-natura u l-limitu minimu tas-sanzjonijiet li għandhom jiġu previsti fil-leġislażzjoni tal-Istati Membri. L-applikazzjoni tagħhom għandha tiġi garantita mil-leġislażzjoni tal-Istati Membri fid-dawl tal-fatt li l-uniku obbligu li jridu jirrispettaw l-awtoritajiet nazzjonali vis-à-vis dawn id-dispożizzjonijiet huwa li jiffissaw regoli fil-qasam tas-sanzjonijiet għal dan it-tip ta' ksur (premissa 24 tad-dokument COM(2011) 773 final).

6.3.1 F'ambjent legali frammentat fil-livell leġislativ u amministrattiv, kif inhu l-każ fl-Istati Membri tal-UE f'dan il-qasam, jeżisti riskju serju ta' ineffiċjenza fit-tilħiq tal-għanijiet rilevanti jekk dawn l-obbligi ma jkunux definiti b'mod iżjed konkret fil-livell sopranazzjonali.

6.3.2 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni ssolvi din il-problema li attwalment qed taffettwa l-funzjonament tas-suq intern, u tressaq proposti dwar dan is-suġġett, bħalma tagħmel għal politiki Komunitarji oħra.

6.4 Il-modifiki leġislattivi la jsaħħu u lanqas jippromovu r-rwol tal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur fil-qasam tas-sorveljanza u tal-informazzjoni, u l-Kumitat jikkundanna l-fatt li, paradossalment, fil-biċċa l-kbira tagħhom jitħallew f'idejn l-atturi tas-suq.

6.5 Jista' jkun diffiċli li jitwettaq il-mandat tat-TUE u tat-TFUE dwar it-tisħiħ tas-sussidjarjetà orizzontali u, għaldaqstant, tal-prinċipju tad-demokrazija parteċipattiva u tar-rwol tas-soċjeta

ċivili organizzata fl-UE, fid-dawl ta' dak li hu previst fl-unika dispożizzjoni tad-Deċiżjoni (premissa 35) li tagħti lill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur rwol passiv f'dan ir-rigward (jirċievu informazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar il-marka CE) u li għandu jkun l-istess bħal dak tal-produtturi.

6.6 Is-sistema attwali tal-marka ma tiżgurax li l-prodott ikun għadda minn proċess għall-garanzija tal-kwalità u tas-sigurtà, u dan jiddiżappunta l-istennijiet tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni, il-produtturi u l-konsumaturi għandhom jikkunsidraw il-possibilità li fil-ġejjieni tinħoloq sistema ġdida għall-immarkar li tidde-termina l-oriġini tal-prodotti u tiggarrantixxi t-traċċabbiltà tagħhom, sabiex il-konsumaturi jkunu infurmati aħjar.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Orizzont 2020 — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)”**

COM(2011) 809 finali — 2011/0401 (COD),

**“Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Orizzont 2020 — ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)”**

COM(2011) 810 finali — 2011/0399 (COD),

**“Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li Jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)”**

COM(2011) 811 finali — 2011/0402 (CNS),

**“Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-Programm ta’ Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa ‘Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni — Orizzont 2020”**

COM(2011) 812 finali — 2011/0400 (NLE)

(2012/C 181/20)

Relatur: **is-Sur WOLF**

Nhar il-15 ta’ Diċembru u nhar it-13 ta’ Diċembru 2011, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikoli 173(3) u 182(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi “Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – Orizzont 2020 (2014-2020)”*

COM(2011) 809 final – 2011/0401 (COD).

Nhar id-19 ta’ Diċembru u nhar it-13 ta’ Diċembru 2011, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikoli 173, 183 u 188(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f’“Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – Orizzont 2020 (2014-2020)”*

COM(2011) 810 final – 2011/0399 (COD).

Nhar il-15 ta’ Diċembru 2011, il-Kunsill iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 182(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li Jimplimenta Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)*

COM(2011) 811 final – 2011/0402 (CNS).

Nhar il-21 ta’ Diċembru 2011, il-Kunsill iddeċieda, b’konformità mal-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-Programm ta’ Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa “Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni – Orizzont 2020”*

COM(2011) 812 final – 2011/0400 (NLE).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-8 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'122 vot favur, 3 voti kontra u 7 astensjonijiet.

## 1. Sinteżi u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jilqa' u jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni u l-approċċ integrat assoċjat magħhom, u jemmen li huma elementi essenzjali tal-Istrateġija Ewropa 2020. Jilqa' x-xewqa tal-Kummissjoni li tagħti lir-riċerka u l-innovazzjoni aktar importanza milli ngħataw s'issa. Jemmen li dan jirrappreżenta progress konsiderevoli, anke b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu. Madankollu, jinnota li f'ċerti punti għad hemm bżonn ta' xi żidiet, kjarifiki u korrezzjonijiet.

1.2 Il-Kumitat jilqa' b'mod partikolari l-proposti dwar is-semplifikazzjoni u l-flessibilità. Dawn għandhom jifasslu b'tali mod li tiġi żgurata l-akbar kontinwità possibbli u li ma tiżdiedx il-komplessità.

1.3 L-intenzjonijiet espressi rigward il-governanza għandhom jiġu sostanzjati b'mod dettaljat malajr kemm jista' jkun, u dan jirrikjedi qbil bejn dawk kollha kkonċernati.

1.4 Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport interim dwar l-esperjenzi tal-"Orizzont 2020", l-implimentazzjoni u l-organizzazzjoni tiegħu wara perjodu ta' sentejn biss.

1.5 L-immaġni professjonali tar-riċerkaturi Ewropej għandha ssir aktar attraenti b'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Kompetittività" tat-2 ta' Marzu 2010<sup>(1)</sup> bil-għan li jitneħħew jew jiġu kumpensati l-iżvantaġġi soċjali attwali.

1.6 Id-dokumenti tal-Kummissjoni (Programm Qafas, regoli għall-parteċipazzjoni, Programm Euratom), fejn issa qed jiġi propost li l-forma legali tkun "regolament", għandhom iżommu l-forma legali li ntużat s'issa, jiġifieri "deċiżjoni", sakemm il-Kummissjoni ma tippovdix raġuni konvinċenti għal din il-bidla.

1.7 Il-Kumitat jilqa' u jappoġġja l-partijiet kollha u r-regoli tal-programm, b'mod partikolari dawk li huma ta' benefiċċju għall-innovazzjoni soċjali, ir-riċerka fil-fruntiera tal-għarfien, l-SMEs u l-universitajiet.

1.8 L-istrument prinċipali tal-"Orizzont 2020" għandu jibqa' l-proġetti ta' kollaborazzjoni li jkunu jistgħu jiġu mmaniġġjati, b'għadd Prattiku ta' parteċipanti.

1.9 L-infrastrutturi huma x-xempju tal-valur miżjud Ewropew b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Dan għandu jiġi rifless b'mod ċar fl-allokazzjoni indikattiva tal-baġit.

1.10 Fir-rigward tal-"isfidi tas-soċjetà", għandha tingħata aktar importanza lill-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li jipprovmu sistema tal-enerġija sostenibbli b'livell baxx ta' CO<sub>2</sub>.

1.11 Barra minn hekk, il-lista ta' "sfidi tas-soċjetà" għandha tinkludi wkoll il-kwistjoni importanti tal-"kapaċità innovattiva tas-soċjetà u l-intrapriżi".

1.12 It-teknoloġiji ewlenin jgħinu kemm il-kompetittività industrijali kif ukoll biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali. Il-Kumitat jappoġġja b'mod espliċitu t-tisħiħ tagħhom.

1.13 Meta jkunu qed jifasslu l-kriterji ta' evalwazzjoni b'raba mal-promozzjoni tar-riċerka, l-eċċellenza għandha tkompli tingħata prijorità għaliex tat prova li hi tajba. Fil-promozzjoni tar-riċerka, l-evalwazzjoni tas-suq ukoll taqdi rwol importanti, għalkemm dejjem tkun kriterju diffiċli ħafna.

1.14 Il-kontradizzjonijiet li jista' jkun hemm bejn l-għanijiet ta' politika tar-riċerka ffokata fuq ix-xjenza u dawk ta' politika tal-industrija u l-kompetizzjoni li tippromovi l-innovazzjoni għandhom jiġu identifikati sabiex tinsab soluzzjoni adatta għal kull waħda minnhom.

1.15 Sabiex l-integrazzjoni tal-politika tar-riċerka u tal-innovazzjoni tirnexxi, hemm bżonn li bosta direttorati ġenerali u servizzi tal-Kummissjoni jaħdmu id fid. Il-Kumitat jappoġġja dawn l-isforzi. Barra minn hekk, jinħtieġu uffiċjali esperti li jkunu ilhom u jibqgħu midħla tal-qasam ta' riċerka. Il-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb u żżomm l-għarfien expert xjentifiku u tekniku tagħha kif ukoll il-kapaċità tagħha li tagħti ġudizzju.

1.16 L-għanijiet ewlenin tal-Programm Euratom għandhom ikunu, kif inhu propost, is-sikurezza nukleari, ir-rimi permanenti tal-iskart radjuattiv ħafna u l-iżvilupp tal-fużjoni nukleari, bil-proġett internazzjonali ITER bħala l-inizjattiva ewlenija. L-istruttura tal-Programm għandha tara li jinżammu l-appoġġ u l-impenn tal-Istati Membri.

1.17 L-istrumenti u t-termini speċjalizzati fl-"Orizzont 2020" għandhom jiġu spjegati b'mod li jifhimhom kulħadd sabiex il-Programm jintuża b'mod aktar faċli. Għandha tingħata attenzjoni partikolari li l-SMEs jingħataw pariri adegwati u kompetenti.

<sup>(1)</sup> Konklużjonijiet dwar il-mobbiltà u l-karrieri tar-riċerkaturi, l-2 999 laqgħa tal-Kunsill – Kompetittività, Brussell, 1-2 ta' Marzu 2010.

## 2. Deskrizzjoni qasira tal-proposti ppreżentati mill-Kummissjoni

Din l-opinjoni tittratta dwar il-pakkett ta' proposti t'hawn taħt li l-Kummissjoni ppreżentat f'dokumenti separati:

- 1) proposta għall-Programm Qafas "Orizzont 2020" għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020;
- 2) proposta għal sett uniku ta' regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni;
- 3) proposta għal Programm Speċifiku uniku li jimplementa l-"Orizzont 2020"; kif ukoll
- 4) proposta għall-partijiet tal-"Orizzont 2020" li jikkorrispondu għat-Trattat Euratom.

Ilkoll flimkien dawn id-dokumenti fihom mat-380 paġna. Il-punti ewlenin tagħhom ser jiġu ppreżentati fil-qosor fil-paragrafi 2.1 sa 2.4, u dawn għandhom iservu ta' referenza għall-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet li l-Kumitat imbagħad iressaq fil-kapitoli minn 3 sa 7.

### 2.1 Programm Qafas Orizzont 2020

2.1.1 B'differenza mid-drawwa li segwiet s'issa, il-Kummissjoni ma pproponietx it-Tmien Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku kif kien mistenni. Minflok, fil-Green Paper <sup>(2)</sup> jingħad li l-Programm Qafas "Orizzont 2020" għandu jiġbor flimkien l-attivitajiet li bħalissa huma appoġġjati fl-ambitu tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, il-partijiet tal-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) li huma rilevanti għall-innovazzjoni kif ukoll dawk appoġġjati mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). Barra minn hekk, il-Kummissjoni hawnhekk qed tipproponi "regolament" minflok "deċiżjoni" tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif sar s'issa.

2.1.2 Jingħad li l-għanijiet u l-punti ewlenin tal-politika ta' finanzjament tal-"Orizzont 2020" huma:

- a) xjenza eċċellenti, b'baġit propost ta' EUR 27 818 miljun;
- b) tmexxija industrijali, b'baġit propost ta' EUR 20 280 miljun;
- c) sfidi tas-soċjetà, b'baġit propost ta' EUR 35 888 miljun.

2.1.3 Għan ieħor hu li jiġi ssemplifikat l-aċċess għall-Programm Qafas u l-parteċipazzjoni fih.

2.1.4 Il-baġit totali propost għall-Orizzont 2020 huwa ta' madwar EUR 88 biljun, u dan għandu jiġi kkomplementat permezz ta' finanzjament mill-Fondi Strutturali u l-programm tal-edukazzjoni.

### 2.2 Regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni

2.2.1 Dawn jikkonċernaw il-metodi tal-parteċipazzjoni fil-Programm Qafas. Huma għandhom jiggwarantixxu qafas legali uniku u flessibbli li jissemplifika l-proċeduri u jkun japplikaw għall-komponenti kollha tal-Orizzont 2020. Barra minn hekk, titħalla l-possibbiltà li jsiru aġġustamenti u eċċezzjonijiet.

2.2.2 Tiġi stabbilita rata ta' finanzjament unika mingħajr ma tagħmel differenza fost il-parteċipanti. Barra minn dan, ser jintużaw aktar is-somom f'daqqa (lump sums), ir-rati fissi u l-ispejjeż tal-iskala ta' unità, filwaqt li jiġu aċċettati b'mod wiesa' l-prattiċi ta' kontabbiltà normali tal-benefiċjarji tal-għotja.

2.2.3 Għall-għajnuna finanzjarja fil-każ ta' spejjeż diretti eliġibbli ġew previsti r-rati ta' finanzjament li ġejjin:

- a) L-għotja tal-Orizzont 2020 tista' tilħaq massimu ta' 100 % tat-total tal-**ispejjeż diretti eliġibbli**, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament.
- b) L-għotja tal-Orizzont 2020 għandha tkun limitata għal massimu ta' 70 % tat-total tal-**ispejjeż diretti eliġibbli** għall-azzjonijiet li ġejjin:

— azzjonijiet li primarjament jikkonsistu minn attivitajiet bħal ħolqien ta' prototipi, ittestjar, dimostrazzjoni, żvilupp sperimentali, pilotaġġ, replikazzjoni tas-suq;

— azzjonijiet kofinanzjati minn programmi.

2.2.4 L-**ispejjeż indiretti eliġibbli** jiġu determinati bl-applikazzjoni ta' rata fissa ta' 20 % tat-total tal-ispejjeż diretti eliġibbli, jew inkella l-programm ta' ħidma jista' jippermetti l-finanzjament permezz ta' somom f'daqqa jew il-finanzjament tal-ispejjeż tal-iskala ta' unità.

2.2.5 Għall-parteċipazzjoni f'dan japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

2.2.5.1 Tal-inqas tliet entitajiet legali għandhom jipparteċipaw f'azzjoni.

— Kull waħda mit-tlieta għandha tkun stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż assoċjat.

— It-tliet entitajiet legali jridu jkun stabbiliti fi Stati Membri jew pajjiżi assoċjati differenti;

— It-tliet entitajiet legali kollha għandhom ikunu indipendenti minn xulxin fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 7.

2.2.5.2 B'deroga għal dan, fil-każijiet li ġejjin il-kundizzjoni minima għandha tkun il-parteċipazzjoni ta' entità legali waħda stabbilita fi Stat Membru jew pajjiż assoċjat:

- a) azzjonijiet għal riċerka fil-fruntieri tal-għarfien tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERC),

(2) COM(2011) 48 final u ĠU C 318, 29.10.2011, p. 121.



- b) meta jintuża l-istrument ta' SME,
- c) azzjonijiet kofinanzjati minn programmi,
- d) f'każijiet ġustifikati previsti fil-programm ta' ħidma jew fil-pjan ta' ħidma, kif ukoll
- e) fil-każ ta' azzjonijiet ta' koordinazzjoni u ta' appoġġ u azzjonijiet ta' taħriġ u ta' mobbiltà.

### 2.2.6 Proċeduri ta' evalwazzjoni

2.2.6.1 Il-proposti sottomessi għandhom jiġu evalwati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

- a) eċċellenza;
- b) impatt;
- c) kwalità u effiċjenza tal-implimentazzjoni.

2.2.6.2 Il-proposti għal riċerka fil-fruntieri tal-għarfien (ERC) jiġu evalwati biss abbażi tal-kriterju tal-eċċellenza.

### 2.3 Programm Speċifiku

2.3.1 Filwaqt li s-Seba' Programm Kwadru juża diversi "programmi speċifiċi" (pereżempju "Kooperazzjoni" jew "Kapaċità-jiet"), issa l-Kummissjoni qed tipproponi "programm speċifiku" wieħed li jinkludi d-diversi għanijiet u strutturi ta' finanzjament fil-qafas ta' sottoprogrammi.

2.3.2 L-erba' sottoprogrammi huma:

#### I. Xjenza eċċellenti, li jinkludi

- i. riċerka fil-fruntieri tal-għarfien (ERC),
- ii. riċerka dwar teknoloġiji futuri u emerġenti (FET),
- iii. "azzjonijiet Marie Curie", u
- iv. infrastrutturi ta' riċerka Ewropej.

#### II. Tmexxija industrijali, li jinkludi

- i. teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,
- ii. nanoteknoloġiji,
- iii. materjali,
- iv. bijoteknoloġija,
- v. manifattura u proċessar, u
- vi. spazju.

Ma' dawn jiżiedu t-titjib tal-aċċess għal finanzjament ta' riskju u ż-żieda fl-innovazzjoni fl-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.

#### III. Sfdi tas-soċjetà, li jinkludi

- i. saħħa, bidla demografika u benesseri,
- ii. sikurezza tal-ikel, agrikoltura sostenibbli, riċerka tal-baħar u marittima, u l-bijoekonomija,
- iii. enerġija sigura, nadifa u effiċjenti,
- iv. trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat,
- v. azzjoni klimatika, użu effiċjenti tar-riżorsi u materja prima,
- vi. soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u siguri.

**IV. L-għan tal-azzjonijiet mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC)** hu li tissaħħaħ il-bażi ta' evidenza xjentifika għat-tfassil tal-politika, jiġu spjegati b'mod ċar il-proċessi naturali sottostanti għall-isfidi tas-soċjetà, u li jiġu eżaminati l-oqsma emerġenti tax-xjenza u teknoloġija.

(L-azzjonijiet nukleari tal-JRC jinsabu fil-parti dwar il-Euratom.)

#### 2.4 Programm Euratom 2014-2018

2.4.1 Il-Programm Euratom ikopri l-attivajiet ta' riċerka b'rabta mal-enerġija nukleari (fużjoni nukleari u fissjoni nukleari) u mal-protezzjoni mir-radjazzjoni. B'differenza mid-drawwa li kien hemm s'issa, il-Programm ma ġiex proposit bħala deċiżjoni iżda bħala regolament. Hu għandu jikkontribwixxi biex jinkisbu l-għanijiet strateġiċi tal-Orizzont 2020 (punt 2.1.2). Skont it-Trattat Euratom, il-Programm huwa limitat għal perjodu ta' ħames snin, u għalhekk jintemm fl-2018.

2.4.2 L-azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom jikkonċernaw:

- a) l-operat sikur tas-sistemi nukleari,
- b) is-soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-iskart nukleari aħħari,
- c) l-iżvilupp u s-sostenibbiltà tal-kompetenzi nukleari (fissjoni nukleari),
- d) il-promozzjoni tal-protezzjoni mir-radjazzjoni,
- e) l-attivajiet ta' żvilupp fil-qasam tal-fużjoni nukleari permezz tal-faċilitajiet sperimentali eżistenti u futuri,
- f) l-iżvilupp ta' materjali, teknoloġiji u disinni kunċettwali,
- g) il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-kompetittività industrijali,
- h) l-iżgurar tad-disponibbiltà u l-użu tal-infrastrutturi tar-riċerka.

2.4.3 Fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet indiretti l-Kummissjoni hija meġhuna minn kumitati konsultattivi.

2.4.4 L-azzjonijiet diretti jirrigwardaw il-Programm għar-Riċerka u l-Iżvilupp taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka.

2.4.5 Għall-ITER ġiet ippreżentata deċiżjoni separata, billi l-finanzjament ta' dan il-proġett ser ikun barra mill-qafas finanzjarju multiannwali.

### 3. Kummenti ġenerali tal-Kumitat

Minħabba t-tul tal-erba' dokumenti ppreżentati mill-Kummissjoni, il-Kumitat jista' jikkummenta biss fuq għadd żgħir ta' punti li jikkunsidrahom ta' importanza fundamentali.

#### 3.1 Approvazzjoni ġenerali

Il-Kumitat jilqa' u jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni bħala element essenzjali tal-Istrateġija Ewropa 2020. Jemmen li dawn jirrappreżentaw approċċ integrat effettiv. Huwa jinnota li ħafna mir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu (pereżempju dwar is-semplifikazzjoni<sup>(3)</sup>, dwar il-Green Paper<sup>(4)</sup> u dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni<sup>(5)</sup>) ġew ikkunsidrati, u għalhekk jagħmel referenza għal dawn l-opinjoni jiet u r-rakkomandazzjonijiet li jittressqu fihom. Madankollu, jinnota li f'ċerti punti għad hemm bżonn ta' xi żidiet, kjarifiki u korrezzjonijiet.

#### 3.2 Prijoritajiet, baġit, għan ta' 3 % u l-effett ta' lieva

3.2.1 Ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni ser jiddeterminaw il-pożizzjoni futura tal-Ewropa fid-dinja. Minħabba din l-importanza deċiżiva tagħhom, huma għandhom jingħataw prijorità konsiderevole minn ogħla mhux biss fil-Kummissjoni iżda wkoll, u b'mod partikolari, fl-Istati Membri. Il-Kumitat jinnota b'sodisfazzjon li l-baġit propost għall-Orizzont 2020 juri verament l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tpoġġi enfasi akbar minn qatt qabel fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll fuq l-investimenti meħtieġa għalihom. Dan hu konformi mar-rakkomandazzjonijiet ripetuti tal-Kumitat u għalhekk għandu l-appoġġ sħiħ tiegħu. Madankollu, jidher b'mod oġġettiv li l-baġit propost bħalissa għadu insuffiċjenti minħabba l-għan ta' 3 % diskuss hawn taħt u l-għanijiet tematiċi ambizzjużi fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. Però l-Kumitat jirrikonoxxi li dan hu kompromess fattibbli fil-kuntest tar-restrizzjonijiet prattiċi l-oħra.

3.2.2 Fl-2002, il-Kunsill ta' Barcellona adotta l-għan ta' 3 % għall-Istrateġija ta' Lisbona, li ntemmet fl-2010, liema għan kien maħsub fuq kolloxx għall-politika ta' finanzjament tal-Istati Membri u l-industrija tagħhom. L-għan kien jgħid li sa l-2010 l-Istati Membri kellhom jużaw 3 % tal-Prodott Domestiku Gross għar-riċerka u l-iżvilupp, b'terz minn dan l-ammont ikun ġej mill-finanzjament pubbliku u żewġ terzi mill-industrija. S'issa dan l-għan ma ntlaħaqx, la bħala medja Ewropea u lanqas f'bosta Stati Membri. Għalhekk reġa' ġie inkluż fl-Istrateġija Ewropa 2020.

<sup>(3)</sup> Ara b'mod partikolari C 48, 15.2.2011, p. 129.

<sup>(4)</sup> COM(2011) 48 final u ĠU C 318, 29.10.2011, p. 121.

<sup>(5)</sup> ĠU C 132, 3.5.2011, p. 39.

3.2.3 Il-politika ta' finanzjament stabbilita fil-Programm Orizzont 2020 għandha tipprovdi effett ta' lieva deċiżiv, sabiex għall-inqas din id-darba l-għan ta' 3 % jintlaħaq. B'xorti hazzina, minkejja li l-baġit żdied, xorta għad hemm id-dubji dwar kemm dan ser jipprovdi l-effett ta' lieva li hemm bżonn biex jintlaħaq l-għan. Il-baġit Komunitarju totali jikkontribwixxi għal madwar 1 % tal-Prodott Domestiku Gross tal-Istati Membri. Persentaġġ ta' f'tit inqas minn 9 % minnu huwa allokat għall-Orizzont 2020. B'hekk, l-effett ta' lieva kwantitattiv għadu inqas minn 1:30. Dan ifisser li l-baġit propost jista' jitqies biss bħala l-ewwel pass meħtieġ lejn l-ammont ta' finanzjament li verament hemm bżonn, u għalhekk fl-ebda każ m'għandu jitnaqqas.

#### 3.3 Semplifikazzjoni u kontinwità

Il-KESE jappoġġja b'mod partikolari l-miżuri maħsuba għas-semplifikazzjoni tal-proċeduri, li ilha tintalab żmien twil<sup>(6)</sup>. Hawnhekk teżisti linja fina diffiċli bejn is-semplifikazzjoni, l-ispeċifiċità tal-każijiet u l-kontinwità li hija mitluba wkoll – din hija linja li għad trid tiġi rfinata. Madankollu, dan fl-ebda każ m'għandu jeħodna lura għall-proċeduri kumplessi żżejjed li jieħdu żmien twil.

#### 3.4 Libertà u flessibilità

Għaldaqstant, il-Kumitat jilqa' l-fatt li, flimkien mal-ftit regoli sempliċi, l-istruttura tal-programm u l-allokazzjoni tal-baġit iħallu ammont suffiċjenti ta' flessibilità u libertà (Programm Speċifiku, Titolu I, Artikolu 6 "Baġit"). Għalhekk, huwa partikolarment importanti li jiġu ċċarati l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet futuri, speċjalment ir-rwol tal-kumitati tal-programm.

#### 3.5 Governanza

Il-Kumitat jappoġġja l-premessi u l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni (ara l-punt 21 tal-COM(2011) 809 final), b'mod partikolari l-enfasi fuq il-proċessi minn isfel għal fuq (bottom-up). Jappoġġja wkoll l-intenzjoni li jkun hemm interazzjoni regolari mal-utenti aħharja, iċ-ċittadini, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili meta jkun ser jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-Programm Speċifiku.

3.5.1 Fl-opinjoni tal-Kumitat, madankollu, dawn l-istqarrijiet ġenerali ħafna tal-Kummissjoni jridu jiġu kkomplementati b'**indikazzjonijiet dettaljati u preċiżi** dwar kif ser jipproċedi l-Programm kif ukoll dwar id-deċiżjonijiet rilevanti, l-allokazzjonijiet (anke baġitarji) u l-informazzjoni tematika speċifika. Il-governanza meħtieġa għandha tiċċara b'mod suffiċjenti sa liema punt, b'liema strutturi u fuq liema livelli tat-teħid ta' deċiżjonijiet (pereżempju l-kumitati tal-programm) il-partijiet interessati kkonċernati u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ser ikunu involuti b'mod bilanċjat f'dawn il-proċessi u l-programmi ta' ħidma. Il-Kummissjoni wara kolloxx tixtieq li fil-programmi ta' ħidma ma jiġux trasferiti t-temi biss, iżda wkoll ir-regoli dettaljati dwar il-baġits, l-istrumenti ta' finanzjament, l-ammonti tal-finanzjament u, jekk jagħti l-każ, l-outsourcing għall-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija, l-"inizjattivi Artikolu 185", eċċ.

<sup>(6)</sup> Ara nota 3 f'qiegħ il-paġna.

3.5.2 Billi fil-proposta l-Kummissjoni tindika wkoll li beħsiebha tuża aġenziji eżekuttivi jew strutturi esterni oħra, b'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Finanzjarju, hemm bżonn ta' kjarifika usa' rigward ir-rwol, is-setgħat u l-kontroll tagħhom.

3.5.3 Il-Kumitat jirrakkomanda li dawn il-kwistjonijiet jiġu ċċarati f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati, li jiġu ppreżentati f'dokument ta' akkumpanjament, u li mbagħad tinstema' l-opinjoni tal-Kumitati dwarhom. Fl-istess ħin, iwissi li dan il-proċess ta' organizzazzjoni m'għandux jerġa' jwassal, kważi bil-moħbi, għar-regolamentazzjoni (żejda) u l-kumplessità li kien hemm s'issa, speċjalment fil-programmi ta' ħidma (ara wkoll il-punt 3.3). **Il-kontinwità mal-proċessi preċedenti għandha tinkiser biss jekk ma jkunx hemm mod ieħor kif jiġu ssemplifikati l-proċeduri.**

### 3.6 Duplikazzjoni tal-isforzi

Xi sottotemi u kwistjonijiet fis-sottoprogrammi tal-"Programm Speċifiku" jaf jkunu ddupplikati. Filwaqt li jżid il-flessibilità, dan iwassal biex jiġu ttrasferiti l-prijoritajiet u jagħmel is-superviżjoni u l-organizzazzjoni tagħhom diffiċli. Pereżempju, is-sottoprogrammi "Xjenza Eċċellenti" jew "Tmexxija Industrijali" jistgħu jikkontribwixxu għarfien u impulsi deċiżivi għas-sottoprogramm "Sfidi tas-Soċjeta'".

### 3.7 Rapport interim

Għalhekk, il-Kumitat jirrakkomanda wkoll li, minbarra r-"rapport interim" li għandu jsir wara erba' snin (bħall-evalwazzjoni prevista fil-COM(2011) 52 final), wara sentejn biss li jibda l-Programm il-Kummissjoni tista' tippreżenta "rapport interim" li jitkellem dwar l-attivitajiet u l-esperjenzi miksuba sa dak iż-żmien min-naħa tal-Kummissjoni u tal-partijiet interessati, speċjalment fir-rigward tal-governanza mitluba hawnhekk.

### 3.8 Allokazzjoni indikattiva tal-baġit

Minkejja l-limiti ppreżentati, il-Kumitat jilqa' wkoll l-allokazzjoni indikattiva proposta tal-baġit u t-qassim tal-baġit fost is-sottoprogrammi individwali u s-sottotemi tagħhom. Dan japplika wkoll b'mod partikolari għall-appoġġ għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju kif ukoll għall-problemi u l-kwistjonijiet soċjali. It-tliet eċċezzjonijiet għal dan ser jiġu indirizzati aktar 'l isfel (punti 4.3, 4.2.1 u 4.2.2). Barra minn hekk, għandu jiġi spjegat b'mod trasparenti xi rwol ser ikollha l-koordinazzjoni tal-programmi nazzjonali u reġionali (pereżempju tal-programm il-ġdid ERA Net) meta mqabbel mal-finanzjament dirett għar-riċerka.

### 3.9 Il-professjoni tar-riċerka

Fil-premessa (22) tal-proposta dwar l-istabbiliment tal-Programm Qafas, il-Kummissjoni tenfasizza li "Orizzont 2020 għandu jikkontribwixxi għall-attrattività tal-professjoni tar-riċerka fl-Unjoni." F'dan ir-rigward, madankollu, il-Kumitat stenna dettalji speċifiċi dwar il-miżuri li sadanittant ittiedu

bħala risposta għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill "Kompetittività" (7) tat-2 ta' Marzu 2010 u biex tittejjeb tassew il-qagħda soċjali tax-xjentisti żgħażaġh (ara l-Kapitolu 6 għal aktar dettalji).

### 3.10 Regolament jew deċiżjoni

Għall-Kumitat mhux ċar, u ma sab l-ebda ġustifikazzjoni tal-Kummissjoni abbażi tal-esperjenza preċedenti, għaliex il-prinċipju tas-sussidjarjetà jirrikjedi jew jippermetti li nitbiegħdu mill-prattika attwali u li flok deċiżjoni jiġi propost regolament fi tnejn oħra mid-dokumenti ppreżentati. Il-Kumitat jirrakkomanda li tinżamm il-prattika attwali, sakemm il-Kummissjoni ma tippreżentax raġuni legali ċara għall-bidla.

### 3.11 Approċċ koordinat tal-Kummissjoni

Bosta aspetti tal-politika Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni jirrikjedu approċċ koordinat, kooperattiv u effiċjenti mhux biss bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, iżda wkoll bejn id-diversi Kummissarji, Direttorati Ġenerali u servizzi fi ħdan il-Kummissjoni. Dan jinkludi l-politika tal-edukazzjoni, il-qagħda soċjali tar-riċerkaturi, il-Fondi Strutturali, il-politika ta' koeżjoni, il-politika industrijali u tal-kompetizzjoni, il-politika tal-enerġija, il-politika tas-saħħa, il-politika ambjentali, eċċ. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward u tiżviluppa l-proċeduri u l-istrumenti neċessarji.

### 3.12 Persunal espert

Il-Kumitat itenni r-rakkomandazzjoni urġenti tiegħu (8) li l-korpi ta' finanzjament, b'mod speċjali l-Kummissjoni (jew l-aġenziji eżekuttivi ppjanati), għandhom jinvolvu persunal espert li jkun ta prova ta' għarfien xjentifiku eċċellenti u li jkun ilu u jibqa' midħla sew tal-qasam ikkonċernat kif ukoll tal-karatteristiċi speċifiċi u l-"komunità" tiegħu. Ir-rotazzjoni regolari tal-impjegji hija kontraproduktiva ħafna fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp.

#### 3.12.1 Iż-żamma tal-għarfien espert u tal-impenn

Barra minn hekk, il-Kumitat huwa preokkupat li t-tendenza msemija li l-kompiti u l-attivitajiet tal-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu ttrasferiti mill-Kummissjoni għall-aġenziji twassal biex il-Kummissjoni mhux biss titlef l-għarfien espert u l-kapaċità tagħha li tagħti ġudizzju, iżda wkoll ma tkunx tista' tidentifika lilha nnifisha biżżejjed mal-kontenut fattwali. Issa, din l-identifikazzjoni hija essenzjali sabiex il-Kummissjoni tirrappreżenta t-tema importanti tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fuq livell politiku b'kompetenza, suċċess u entusjażmu. B'dan l-approċċ jintilef piż importanti fis-sistema fraġli taċ-"checks and balances".

(7) Konklużjonijiet dwar il-mobbiltà u l-karrieri tar-riċerkaturi, l-2 999 laqgħa tal-Kunsill – Kompetittività, Brussell, 1-2 ta' Marzu 2010.

(8) ĠU C 44, 16.2.2008, p. 1.

### 3.13 Azzjonijiet oħrajn – Strateġija Ewropa 2020

Il-Kumitat jemmen li l-Programm Orizzont 2020 huwa komponent meħtieġ u deċiżiv fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020. Però jrid jiġi kkomplementat permezz ta' azzjonijiet importanti oħrajn kemm min-naħa tal-Kummissjoni kif ukoll, u fuq kollox, min-naħa tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jagħmel referenza għall-inizjattivi tiegħu b'rabta mal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-kwistjoni ewlenija hija li l-Istati Membri joħlqu jew jiżviluppaw sistemi ekonomiċi<sup>(9)</sup>, soċjali u edukattivi li jkunu effiċjenti u jiffavorixxu l-innovazzjoni.

## 4. Kummenti speċifiċi tal-Kumitat

### 4.1 Xjenzi soċjali u umanistiċi, il-politika tal-edukazzjoni u l-innovazzjoni

Il-Kumitat jilqa' l-fatt li r-riċerka u l-innovazzjoni fix-xjenzi soċjali u umanistiċi għandhom jiġu inklużi f'kull għan ġenerali tal-Orizzont 2020. Hu jemmen li t-temi msemmijin huma rilevanti u importanti, u jilqa' l-importanza li jingħataw fil-Programm. Il-Kumitat jirrakkomanda wkoll li jsiru sforzi akbar biex tinholq sistema edukattiva aktar effettiva fuq il-livelli kollha tat-tagħlim. Dan hu komputu ewlieni essenzjali biex fl-UE t-talenti jiġu promossi u sfruttati bl-aħjar mod possibbli u titpoġġa enfasi fuq il-ħiliet. Rigward l-għanijiet tal-Orizzont 2020 b'mod speċifiku, għandhom jitħarrġu għadd suffiċjenti ta' speċjalisti kkwalifikati fl-universitajiet. Is-sisien ta' dan, però, iridu jitpoġġew fl-iskejjel.

### 4.2 Sfidi tas-Soċjetà

Il-Kumitat jappoġġja l-lista ta' "sfidi tas-soċjetà". Madankollu jirrakkomanda li jiġu enfasizzati aktar l-oqsma li ġejjin:

#### 4.2.1 Il-problema tal-enerġija u l-klima

Rigward l-istabbiliment tal-prijoritajiet fis-sottoprogramm "Sfidi tas-Soċjetà", il-Kumitat jirrakkomanda li fid-dawl tal-għan estremament ambizzjuż li sal-2050 il-provvista tal-enerġija attwali tagħna tiġi rivoluzzjonata għalkollox u tkun ġejja kompletament minn tekniki b'livell baxx ta' CO<sub>2</sub><sup>(10)</sup>, din it-tema għandha tingħata wkoll b'mod ċar aktar importanza fl-allokazzjoni tal-baġit<sup>(11)</sup>. B'mod partikolari, għadha ma nstabixx soluzzjoni adegwata għall-problema tal-iżvilupp ta' teknoloġiji suffiċjenti u affordabbli fejn tinħażen u tistenna (buffer technologies) l-enerġija b'livell baxx ta' CO<sub>2</sub> biex jiġu ġestiti l-fluttwazzjonijiet fil-provvista tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx. L-istess jista' jingħad għall-provvista fit-tul tal-karburanti għat-trakkijiet il-kbar kif ukoll għat-trasport bl-ajru u bil-baħar. Għandu jiġi eżaminat fattur dettall ukoll l-impatt fuq l-ekonomija u s-soċjetà.

#### 4.2.2 Kapaċità innovattiva tas-soċjetà u l-intrapriżi

Il-Kumitat jirrakkomanda li l-lista tal-isfidi tas-soċjetà għandha tinkludi wkoll il-kwistjoni importanti tal-"kapaċità innovattiva tas-soċjetà u l-intrapriżi". **(Għaliex Google u Facebook ma nħolqux fl-Ewropa? Għaliex mhux l-Istati Membri kollha**

**għandhom struttura amministrattiva, ekonomika u soċjali li hi effiċjenti bl-istess mod?)** Huwa minnu li l-proposta tal-Kummissjoni (ara punt 2.3.2 – III – vi) tinkludi din it-tema fl-għan "Soċjetajiet inklużivi, innovattivi u siguri", però l-Kumitat jemmen li b'dan il-mod l-importanza soċjali u ekonomika ta' din it-tema mhix żviluppata biżżejjed. Fl-aħħar mill-aħħar, din hija t-tema ewlenija tal-inizjattiva "Unjoni tal-Innovazzjoni"<sup>(12)</sup> (l-isem tal-punt 2.3.2 – III – vi għandu għalhekk jitqassar għal "soċjetajiet inklużi u siguri").

### 4.3 SMEs u mikrointrapriżi bħala atturi tal-innovazzjoni

Il-Kumitat jilqa' t-titjib propost għall-promozzjoni tal-SMEs. Jemmen li dan hu element importanti fl-approċċ integrat tal-Istrateġija Ewropa 2020 u jagħmel referenza għall-opinjoni tiegħu dwar l-Unjoni tal-Innovazzjoni<sup>(13)</sup>. Hawnekk jenfasizza li "d-definizzjoni [...] tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju [għandha terġa' tiġi kkunsidrata] peress li opportunitiet ġodda ta' netwerking permezz tal-ICTs ifissru li l-mikrointrapriżi u anki l-intrapriżi magħmulin minn persuna waħda qed jiksbu iktar importanza. [Kunsiderazzjoni għandha] tingħata wkoll lil-linja ta' bejn dawn u l-professjonijiet liberali." Il-Kumitat jilqa' l-informazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni li diġà bdiet il-ħidma f'dan ir-rigward. B'referenza għall-Kapitolu 7, il-Kumitat jinnota wkoll li għall-SMEs huwa partikolarment importanti li jiġu informati tajjeb u b'mod li jinfehem dwar id-diversi strumenti ta' appoġġ tal-Orizzont 2020 u l-aċċess għalihom. Huwa mixtieq ukoll li jkun hemm servizz ta' konsulenza fejn jistgħu jintalbu pariri bil-fomm.

### 4.4 Universitajiet

Il-Kumitat jilqa' l-possibbiltà prevista fir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni li jingħata finanzjament ta' 100 % għat-total tal-ispejjeż eliġibbli diretti. Hawnekk il-Kumitat jara vantaġġi għar-riċerkaturi u l-gruppi ta' riċerkaturi fl-universitajiet li jaħdmu fix-xjenzi naturali, fl-ingerinija u fl-istudji umanistiċi. Dan huwa ta' benefiċċju għall-għan li l-Kumitat talab kemm-il darba, jiġifieri li fl-UE jinħolqu u jinżammu universitajiet ta' livell dinji. Però, kif jgħid ir-rapport Matias (Parlament Ewropew, A7-0302/2011), dawn l-azzjonijiet għandhom bżonn appoġġ addizzjonali mir-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni sabiex jinbnew il-kapaċitajiet neċessarji f'dawk l-Istati Membri li s'issa ma kinux involuti biżżejjed fil-Programm Qafas. Mingħajr preġudizzju għal dan, dan l-għan għandu bżonn aktar azzjonijiet importanti, iżda dawn imorru lil hinn mill-qafas ta' din l-opinjoni.

### 4.5 Infrastrutturi ta' riċerka

Kif ġie enfasizzat diversi drabi, il-Kumitat jemmen li l-infrastrutturi l-kbar joffru riżorsi u strumenti kruċjali għall-istudji teknoloġiċi u xjentifiċi u għall-eċċellenza li mingħajrhom dawn żgur ma jkunux possibbli. Minn hawn joħorġu l-attrattività u r-reputazzjoni tagħhom kemm għall-kooperazzjoni fi ħdan l-UE kif ukoll għall-aħjar inġiniera u xjentisti madwar id-dinja<sup>(14)</sup>. Barra minn hekk, l-użu potenzjali tal-infrastrutturi l-kbar imur lil hinn mill-possibbiltajiet u l-bżonnijiet ta' Stat Membru wieħed, u dan iwassal biex ħafna drabi dawn l-infrastrutturi jiġu stabbiliti u operati minn Stati Membri individwali fi sħubija.

<sup>(9)</sup> Ara, pereżempju, <http://www.worldbank.org/>.

<sup>(10)</sup> COM(2011) 885 final.

<sup>(11)</sup> ĠU C 21, 21.1.2011, p. 49.

<sup>(12)</sup> ĠU C 132, 3.5.2011, p. 39.

<sup>(13)</sup> ĠU C 132, 3.5.2011, p. 39.

<sup>(14)</sup> ĠU C 182, 4.8.2009, p. 40.



#### 4.5.1 Prinċipju tas-sussidjarjetà

Għalhekk, dawn l-infrastrutturi huma eżempju perfett tal-finanzjament tal-UE b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Għal din ir-raġuni, il-Kumitat jiddispijaċih li din l-importanza formali u sostanzjali mhix riflessa fl-allokazzjoni indikattiva proposta tal-baġit. Għaldaqstant, huwa jirrakkomanda li l-istimi tal-baġits indikattivi l-oħra (minbarra dak tal-SMEs) jitnaqqsu b'bejn 2 % u 2,5 % u li l-ammont li jiġi ffrankat b'dan il-mod jiżdied mal-intestatura tal-infrastrutturi. Dan huwa aktar u aktar neċessarju fid-dawl tal-fatt li taħt din l-intestatura nsibu wkoll l-infrastrutturi elettroniċi, li diġà huma u qed isiru dejjem iżjed importanti.

#### 4.5.2 Spejjeż tal-operat

Barra minn hekk, il-Kumitat jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkontribwixxi wkoll għall-ispejjeż tal-operat fil-qafas tal-finanzjament ta' proġett, u jitlob lill-Kummissjoni tiċċara li fil-fatt beħsiebha tagħmel dan.

#### 4.6 Teknoloġiji ewlenin

Kif diġà enfasizza l-Kumitat kemm-il darba<sup>(15)</sup>, l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni tat-teknoloġiji ewlenin u l-profiċjenza fihom huma kompitu multidixiplinari kruċjali sabiex, minn naħa, tissaħħa il-qagħda kompetittiva tal-UE u, min-naħa l-oħra, jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà bħall-provvista sostenibbli tal-enerġija jew is-saħħa. Għalhekk, il-Kumitat jilqa' l-fatt li din it-tema tingħata importanza adegwata, aktar u aktar billi t-teknoloġiji ewlenin huma xprun effettiv għall-kooperazzjoni bejn il-korpi tar-riċerka u l-industriji, u għalhekk għas-sħubijiet pubbliċi u privati. Il-parti FET-Open tal-programm hija partikolarment importanti f'dan il-kuntest.

#### 4.7 Sistema tal-pagamenti I

Il-Kumitat jilqa' l-proposta li s-sistemi tal-pagamenti tal-korpi tar-riċerka u l-kumpaniji użati fl-Istati Membri (pereżempju, ir-rati għal kull siegħa fl-industriji) għandhom jiġu rikonossuti. Dan għandu jinkludi wkoll l-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

#### 4.8 Sistema tal-pagamenti II

Barra minn hekk, il-Kumitat jilqa' s-semplifikazzjoni konsiderevoli li tirriżulta mill-metodu tal-100%/20% jew 70%/20% (dawn il-kunċetti huma ċċarati f'punti 2.2.3 u 2.2.4) fir-regoli għall-parteċipazzjoni. Għalkemm dan joħloq vantaġġ amministrattiv kbir, dan jista' jkollu wkoll kemm vantaġġi kif ukoll żvantaġġi finanzjarji għal diversi gruppi ta' parteċipanti meta mqabbel mal-kwoti attwali. Għalhekk, il-Kumitat jirrakkomanda li l-ewwel jinkisbu l-esperjenzi b'dan il-metodu u mbagħad, jekk ikun hemm b'żonn, jiżdiedu r-rati ta' finanzjament għall-ispejjeż indiretti.

#### 4.9 Akkwist pubbliku – aspekt importanti

Meta jkun qed jinbnew l-infrastrutturi tar-riċerka u t-tagħmir kbir, l-industrija ta' spiss tintalab tiegħu ħsieb l-iżvilupp u l-bini

ta' komponenti individwali ġodda, kumplessi ħafna u esiġenti. Dan jimplika d-dħul foqhma ġodda tat-teknoloġija li jista' joħloq xi problemi tipiċi, kif il-Kumitat iddeskriva fl-opinjoni tiegħu dwar it-trasferiment tal-għarfien<sup>(16)</sup>. Għalhekk, f'din l-opinjoni l-Kumitat kien irrakkomanda "reviżjoni bir-reqqa tal-esperjenzi li nkisbu s'sissa fir-rigward tal-applikazzjoni tal-liġijiet attwali tal-UE u l-Istati Membri dwar l-għajnuna mill-Istat, il-baġit, l-għoti tal-kuntratti u l-kompetizzjoni, biex wieħed jiddetermina jekk dawn hux qed iwasslu għall-iskop li l-ħiliet u l-għarfien speċjalizzat miksuba mill-industrija permezz ta' dawn il-kuntratti jinżammu u jintużaw b'mod li jivvantaġġja l-kompetittività Ewropea kif ukoll il-kuntratti ta' segwitu sussegwenti."

#### 4.10 Approċċi ġodda tal-politika industrijali u tal-politika tal-kompetizzjoni

Għalhekk, għandhom jiġu kkunsidrati approċċi ġodda għall-politika industrijali u dik tal-kompetizzjoni. Hawnhekk jeżistu d-dubji dwar jekk l-idea ta' "akkwist prekommerċjali" li ppreżentat il-Kummissjoni hix l-istrument adatt. F'dan ir-rigward, il-Kumitat, min-naħa, jara r-riskju li jiġu rinunzjati għalkollox it-tmexxija u l-prestazzjoni industrijali minħabba l-biża' mill-possibbiltà ta' monopolji tal-għarfien. Dan ikun żball kbir. Min-naħa l-oħra, il-Kumitat jara wkoll ir-riskju li ma jinkisibx l-aħjar prodott minħabba l-miżuri protezzjonisti żżejjed li huma ta' detriment għar-riċerka, u li l-aħjar prodott jinħoloq barra mill-Ewropa. Għaldaqstant, il-Kumitat jirrakkomanda li l-għanijiet differenti, li kultant jikkontradixxu lil xulxin, u r-rekwiżiti tal-politika tar-riċerka, il-politika tal-innovazzjoni u l-politika industrijali jiġu identifikati kif ukoll diskussi u ċċarati mad-diversi partijiet interessati. F'ċerti każijiet jista' jkun hemm b'żonn saħansitra ta' miżuri derogatorji (ara punt 4.9).

#### 4.11 Daqs effiċjenti tal-proġetti

It-tendenza lejn proġetti dejjem akbar, bħal pereżempju l-inizjattivi konġunti tat-teknoloġija, il-KICs u issa l-inizjattivi ewlenin tal-FET, għandha tiġi ssorveljata mill-qrib. Dan għaliex dawn il-proġetti jitolbu dejjem aktar riżorsi u xogħol mill-awtoritajiet lokali u jżidu l-proċessi ta' konsultazzjoni. Dawn il-proġetti m'għandhom fl-ebda każ isiru "Torri ta' Babel".

##### 4.11.1 Proġetti ta' kollaborazzjoni bħala strument prinċipali

Huwa minnu li l-integrazzjoni tar-riżorsi tista' tkun pożittiva, però f'ċertu punt din tista' wkoll timbotta lill-atturi ż-żgħar 'il barra mill-Programm Qafas billi dawn m'għandhomx l-appoġġ amministrattiv u legali għali li huwa meħtieġ. Dan jikkonċerna b'mod partikolari lill-SMEs u l-gruppi ta' riċerka tal-universitajiet. **Għalhekk, l-istrument prinċipali tal-"Orizzont 2020" għandu jibqa' l-proġetti ta' kollaborazzjoni li jkun jistgħu jiġu mmanijġġjati, b'għadd Prattiku ta' parteċipanti.**

##### 4.12 L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)

Billi l-EIT huwa ffinanzjat mill-baġit tal-Orizzont 2020, il-Kumitat jemmen li l-attivitajiet tiegħu huma wkoll parti mill-istrateġija tal-Orizzont 2020, u għalhekk ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu jgħoddu wkoll għal dan il-qasam. Dwar l-EIT qed titħejja opinjoni separata<sup>(17)</sup>.

<sup>(15)</sup> ĠU C 48, 15.2.2011, p. 112.

<sup>(16)</sup> ĠU C 218, 11.9.2009, p. 8, punt 1.8 u kapitolu 5.

<sup>(17)</sup> COM(2011) 822 final u l-Opinjoni tal-KESE "EIT – Programm Strateġiku" (Ara paġna 122 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).



#### 4.13 Kriterji tal-valutazzjoni

Il-kriterji tal-evalwazzjoni u tal-għażla<sup>(18)</sup> proposti mill-Kummissjoni – eċċellenza, impatt, kif ukoll kwalità u effiċjenza – jinsabu f'punt 2.2.6. Il-Kumitat japprova dawn il-kriterji bil-kundizzjoni li tinżamm il-preminenza tal-eċċellenza, li bla dubju ta' xejn tirrappreżenta l-aktar kriterju importanti għall-prestazzjoni. Rigward ir-riċerka fil-fruntiera tal-għarfien, il-Kumitat iwissi li m'għandhiex titpoġġa wisq enfasi fuq l-aktar pubblikazzjonijiet ikkwotati għaliex dan johlq żbilanċ favur temi ta' riċerka li diġà huma stabbiliti sew. Huwa jtenni t-twissija ġenerali tiegħu rigward il-proċeduri ta' evalwazzjoni formalizzati.

4.13.1 Għall-promozzjoni tal-innovazzjoni b'mod partikolari, fl-evalwazzjoni għandha naturalment tingħata importanza partikolari lill-**aspetti marbutin mas-suq**<sup>(19)</sup>. Madankollu, l-istimi inizjali ħżiena, pereżempju fl-iżvilupp tal-kompjuters personali (PC), juru li dan il-kompitu xejn mhu faċli f'xenarju ipotetiku, speċjalment fejn ikun hemm approċċi ġodda, u li mhux bilfors iwassal għal evalwazzjonijiet korretti.

#### 4.14 Ċentru Konġunt għar-Riċerka

Il-Kumitat jilqa' l-proposti dwar il-finanzjament dirett taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka. Jinnota wkoll li l-attivitatiet ta' dan iċ-Ċentru għandhom ikunu soġġetti għall-istess proċessi ta' evalwazzjoni bħal dawk ta' korpi oħrajn. Jekk iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka japplika wkoll għall-finanzjament indirett mill-Programm Speċifiku, huwa għandu jagħmel dan bl-istess kundizzjonijiet bħall-applikanti u l-partijiet interessati l-oħrajn li mhumiex parti mill-Kummissjoni.

### 5. Euratom

5.1 Il-Kumitat jemmen li l-Programm Euratom propost hu, b'mod essenzjali u adegwat, kontinwazzjoni loġika tal-Programm Euratom 2012-2013<sup>(20)</sup> li ppreżentat il-Kummissjoni dan l-aħħar u li ġie analizzat fid-dettall mill-Kumitat. Il-Kumitat itenni u jikkonferma dak li diġà qal f'dan ir-rigward, jiġifieri "li l-livell ta' għarfien dwar it-teknoloġiji nukleari, l-użu u l-konsegwenzi tagħhom għandu jinżamm u jiġi żviluppat. Fid-dawl tal-fatt li jaqdi rwol ta' koordinazzjoni fil-qsim tar-riżorsi u l-integrazzjoni tal-isforzi komuni, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-iżvilupp tal-Euratom joffri valur miżjud Ewropew sinifikanti f'dan ir-rigward." Il-Kumitat jikkonferma wkoll l-istqarrijiet u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati li għamel dak iż-żmien. F'dan il-kuntest, hawnhekk il-Kumitat jikkonċentra fuq ċerti punti speċifiċi biss. Il-kompitu ewlieni huwa li jiġi żviluppati sistemi ta' reatturi b'sigurtà massima u bl-inqas ammont possibbli ta' skart radjuattiv ħafna.

5.2 Il-Kumitat jinnota b'sodisfazzjon li r-rakkomandazzjonijiet li kien ressaq huma riflessi fil-Programm propost mill-Kummissjoni:

<sup>(18)</sup> Ara b'mod partikolari wkoll punt 4.2 fil-ĠU C 132, 3.5.2011, p. 39.

<sup>(19)</sup> Ara b'mod partikolari wkoll punt 3.7.2 fil-ĠU C 132, 3.5.2011, p. 39.

<sup>(20)</sup> COM(2011) 71 final, COM(2011) 72 final, COM(2011) 73 final, COM(2011) 74 final u ĠU C 318, 29.10.2011, p. 127.

— it-titjib tas-sigurtà tar-reatturi, ir-rimi tal-iskart radjuattiv ħafna, it-transmutazzjoni biex tonqos ir-radjuattività fit-tul, il-monitoraġġ tal-materjal fissili u l-protezzjoni mir-radjazzjoni;

— il-konsegwenzi tat-testijiet tal-istress;

— il-ħidma biex tiġi żviluppata l-produzzjoni tal-enerġija mill-fużjoni nukleari, bl-ITER bħala proġett internazzjonali kbir;

— it-taħriġ tal-ispeċjalisti u t-tagħlim ta' għarfien bażiku fl-iskejjel.

5.2.1 Il-Kumitat itenni l-ħtieġa<sup>(21)</sup> li, irrispettivament mid-deċiżjoni tal-Istati Membri individwali favur jew kontra l-użu tal-enerġija nukleari, "li fl-UE jinżamm u jiġi żviluppat bis-sħiħ l-għarfien tagħna dwar il-kwistjonijiet ta' sigurtà u dwar it-teknoloġiji relatati. [...] In-nuqqas ta' għarfien komplet iwassal għal politika perikoluża." Il-Kumitat huwa mħasseb li fl-Istati Membri li qed jabbandunaw l-enerġija nukleari bħalissa, jew li beħsiebhom jagħmlu dan fil-futur, l-istudju u l-iżvilupp ta' dawn il-kompetenzi ser jintilfu. Dan għandu assolutament jiġi evitat.

#### 5.3 Forum Ewropew dwar l-Enerġija Nukleari (ENEF)

Fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mat-teknoloġija tal-fissjoni nukleari, il-Kumitat jappoġġja b'mod partikolari l-proċeduri u r-rakkomandazzjonijiet tal-Forum Ewropew dwar l-Enerġija Nukleari (ENEF), li fil-ħidma tiegħu jipparteċipa wkoll il-Kumitat b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

#### 5.4 Ittestjar tal-istress

Id-deċiżjoni li jsiru testijiet tal-istress fuq l-impjanti tal-enerġija nukleari kollha kienet konsegwenza loġika tal-inċident tar-reattur li kkawża t-tsunami f'Fukushima. Hekk kif jinħarġu r-riżultati kollha ta' dawn it-testijiet tal-istress, huwa neċessarju li mhux biss jinsiltu l-konklużjonijiet għall-impjanti eżistenti, iżda għandhom jiġu stabbiliti wkoll il-prijoritajiet tar-riċerka, l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni fi ħdan il-Programm Euratom.

5.4.1 Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-kunsiderazzjoni tad-difetti possibbli li ma jkunux previsti fid-disinn.

#### 5.5 Fużjoni

F'ċerti oqsma nfetħa dibattitu pubbliku dwar il-programm tal-fużjoni nukleari, minn banda għaliex sal-2050 (limitu ta' żmien tal-pjan direzzjonali) ma jistgħux isiru kontributi sinifikanti għall-produzzjoni tal-enerġija b'livell baxx ta' CO<sub>2</sub>, u mill-banda l-oħra għaliex l-ispejjeż tal-kostruzzjoni għall-proġett internazzjonali ITER (li skont il-proposta tal-Kummissjoni għandhom jitħallsu minn sorsi barra mill-Programm Qafas) żdiedu b'mod konsiderevoli meta mqabbla mal-istimi oriġinali.

<sup>(21)</sup> ĠU C 318, 29.10.2011, p. 127, punt 3.4.

### 5.5.1 Pjan direzzjonali għall-enerġija 2050

Il-Kumitat se jfassal opinjoni speċifika dwar il-Pjan direzzjonali 2050 <sup>(22)</sup>. Hawnhekk il-Kumitat jenfasizza biss li, fid-dawl tal-iżvilupp demografiku globali u l-ġuħ dejjem ikbar għall-enerġija madwar id-dinja, il-problema globali tal-enerġija bl-ebda mod mhi ser tissolva bil-miżuri li l-UE ser timplimenta sal-2050. F'dan is-sens, il-fużjoni tal-enerġija hija l-unika alternattiva, disponibbli jew magħrufa, li għadha ma ġietx applikata fis-sens ta' teknoloġiji possibbli sabiex jiġi indirizzat dan il-kompitu enormi.

### 5.5.2 ITER I

Għalkemm il-ħidma preparatorja xjentifika u teknika (Ewropea) għall-ITER biss hija parti mill-Programm Euratom (billi l-ispejjeż tal-kostruzzjoni għandhom jitħallsu minn atturi oħrajn) <sup>(23)</sup>, huwa korrett li l-proġett ITER jitqies bħala inizjattiva ewlenija tar-riċerka dwar il-fużjoni madwar id-dinja kif ukoll tal-programm Ewropew dwar il-fużjoni. Independentement mill-possibbiltà u l-ħtieġa ta' titjib kunċettwali u alternattivi oħra, l-ITER huwa żvilupp uniku kruċjali u internazzjonali lejn l-użu futur tal-enerġija mill-fużjoni. L-ITER għandu jipproduċi għall-ewwel darba fid-dinja enerġija termika mill-fużjoni ta' 500 megawatts, b'bilanċ pozzittiv ta' enerġija <sup>(24)</sup>.

### 5.5.3 ITER II

Barra minn hekk, l-ITER huwa l-post fejn tiġi ttestjata l-kooperazzjoni internazzjonali bejn il-pajjiżi industrijalizzati fuq skala li qatt ma kien hemm bħalha. **L-imsieħba huma ċ-Ċina, l-Unjoni Ewropea, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea, ir-Russja u l-Istati Uniti tal-Amerika.** L-interess tagħhom li jipparteċipaw fl-iżvilupp ta' teknoloġiji kruċjali ġodda juri l-istennijiet kbar li jqajjem dan is-sors ġdid ta' enerġija vantaġġuża b'livell baxx ta' CO<sub>2</sub>. Madankollu, minħabba li din il-kooperazzjoni hija ġdida u kumplessa kellha tiġi riveduta l-idea oriġinali li l-ispejjeż totali għal kull imsieħeb jonqsu hekk kif in-numru ta' msieħba jiżdied. Il-valur kbir ta' din is-sħubija mhux daqstant li jiġu ffrankati l-flus, iżda li jiżdiedu l-għarfien espert, l-ideat u l-ispeċjalisti eċċellenti. Barra minn hekk, din is-sħubija, bħall-istazzjoni spazjali internazzjonali, tagħti kontribut siewi ħafna għall-paċi u l-fehim internazzjonali (oriġinarjament l-ITER ġie propost u mniedi minn Gorbatschow, Mitterand u Reagan). Fl-opinjoni tal-Kumitat, l-approċċ tal-Kummissjoni li l-kontribut tal-UE għall-kostruzzjoni tal-ITER jitħallas minn sorsi barra mill-baġit tal-UE m'għandu bl-ebda mod ixekkel l-iżvilupp ta' dan il-proġett.

### 5.5.4 Impenn tal-Istati Membri – kuntratti ta' assoċjazzjoni

Fl-opinjoni reċenti tiegħu dwar il-Programm Euratom <sup>(25)</sup>, il-Kumitat enfasisza l-importanza kruċjali tal-hekk imsejja "assoċjazzjonijiet" bħala bażi u think tanks tal-programm tal-fużjoni u bħala lieva għall-impenn tal-Istati Membri. Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għall-kummenti li kien għamel dak iż-żmien u jerġa'

jiwissi li dan l-appoġġ importanti m'għandux jiġi pperikolat jew jiddgħajef. Barra minn hekk, l-assoċjazzjonijiet taw prova li huma l-istrument biex jiggarantixxu l-"programmazzjoni konġunta tar-riċerka" <sup>(26)</sup> mixtieqa mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, anke jekk eventwalment tinbidel l-istruttura organizzattiva tal-programm Ewropew tal-fużjoni, xorta waħda għandhom jinżammu l-istrumenti effettivi għall-programmazzjoni konġunta biex jiġi żgurat li l-programmi tal-laboratorji tal-Istati Membri jiġu kkoordinati u involuti b'mod loġiku fil-livell Komunitarju, bil-għan li jinżammu r-rwol ta' tmexxija attwali tal-UE f'dan il-qasam ta' riċerka kif ukoll l-appoġġ meħtieġ mill-Istati Membri.

## 6. Żona Ewropea tar-Riċerka – suq uniku għar-riċerkaturi

6.1 Il-Kummissjoni tassumi li sal-2014 ż-Żona Ewropea tar-Riċerka ser tkun lesta. Il-Kumitat jittama li dan iseħħ. Però għandu d-dubji tiegħu kemm dan jista' jinkiseb, għaliex dan jirrikjedi li jiġu sodisfatti l-kriterji tas-suq uniku, bħal pereżempju l-privattiva tal-UE jew is-suq uniku għar-riċerkaturi <sup>(27)</sup>.

6.2 b'referenza għad-deċiżjoni tal-Kunsill <sup>(28)</sup> tat-2 ta' Marzu 2010, il-Kumitat jara li hemm bżonn urġenti li tittieħed azzjoni sabiex titjeb is-sitwazzjoni soċjali mhux sodisfaċenti tax-xjentisti żgħażaġh li jaħdmu fl-universitajiet u l-korpi tar-riċerka pubbliċi. Din is-sitwazzjoni tmur totalment kontra l-għan li l-professjoni ta' xjentist issir partikolarment attraenti, jew għall-inqas ma tkunx aġar mill-professjonijiet komparabbli.

6.3 Il-Kumitat jirrikonoxxi li l-organizzazzjonijiet xjentifiċi ta' ċerti Stati Membri diġà għamli xi progress f'dan ir-rigward u qed ikomplu jagħmlu l-isforzi tagħhom. Jagħraf ukoll li l-Kummissjoni qed tipprova ttejjeb is-sitwazzjoni, pereżempju permezz tal-programmi Marie Curie u Erasmus.

6.4 Il-qalba tal-problema hija s-sistema tal-pagi u tas-sigurtà soċjali tas-settur pubbliku fl-Istati Membri li ġeneralment jintużaw biex jiġu remunerati x-xjentisti li jaħdmu fl-universitajiet u l-korpi tar-riċerka pubbliċi. Normalment dawn is-sistemi jassumu li r-riċerkaturi jkollhom karriera kontinwa u jibqgħu jaħdmu mal-istess entità li mbagħad tħallashom. Iżda huwa fil-fatt għal din ir-raġuni li dawn is-sistemi mhumiex adegwati għall-ħtiġijiet speċjali tar-riċerka u l-iżvilupp.

6.5 Dan għaliex dawn is-sistemi la jikkunsidraw u lanqas jikkompensaw il-proċess twil u esiġenti ħafna tal-għażla, li jinkludi l-istudju postuniversitarju (dottorat) li x-xjentisti żgħażaġh iridu jkun diġà kisbu b'suċċess minn qabel. Dawn is-sistemi lanqas ma jqisu l-fatt li, għall-inqas fil-bidu, il-karriera tagħhom ma tkunx kontinwa iżda tkun magħmula minn għadd ta' kuntratti temporanji, sikwit mingħajr prospetti li jiġu estenzi jew li jingħataw impjeg permanenti aktar tard. It-tħassib kostanti u ġustifikat ħafna tagħhom dwar il-futur professjonali u l-investment personali relatat miegħu mhux ta' ħsara biss għall-ħaddiema fil-qasam tax-xjenza u r-riċerka iżda wkoll għar-relazzjonijiet familjari tagħhom u għall-prospetti tagħhom li jibnu familja.

<sup>(22)</sup> Ara nota 10 f'qiegħ il-paġna.

<sup>(23)</sup> Ara wkoll COM(2011) 931 final. Il-Kumitat ser iħejji opinjoni separata dwar dan.

<sup>(24)</sup> Ara <http://www.iter.org/>.

<sup>(25)</sup> ĠU C 318, 29.10.2011, p. 127, punt 4.5.1.

<sup>(26)</sup> COM(2008) 468 final u ĠU C 228, 22.9.2009, p. 56

<sup>(27)</sup> Ara ĠU C 44, 16.2.2008, p. 1, punt 1.3.

<sup>(28)</sup> Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

6.6 Dan ir-riskju soċjali, li ċarament hu kbir, la jiġi kkompensat permezz ta' dħul ogħla u lanqas permezz ta' protezzjoni soċjali mtejba. Barra minn hekk, ftit li xejn jitqies il-fatt li hemm bżonn ta' ammont minimu ta' mobbiltà sabiex wieħed ikollu karriera ta' suċċess fix-xjenza. Għall-kuntrarju ta' dan, hemm tendenza li l-mobbiltà tiġi penalizzata f'dawn is-sistemi.

6.7 Is-sistemi tal-pagi tal-Istati Membri ftit li xejn huma kompatibbli ma' xulxin, u l-"kapital soċjali" miksub permezz ta' xogħol barra mill-pajjiż bil-kemm jista' jiġi ttrasferit, u għalhekk il-mobbiltà bejn l-Istati Membri ssir aktar u aktar żvantaġġuża.

6.8 Għaldaqstant, hemm bżonn urġenti li s-sistemi tal-pagi u tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri jiġu adattati għall-kundizzjonijiet speċjali tax-xjentisti. Peress li dan l-għan jista' jintlaħaq biss permezz ta' proċess twil ħafna, il-Kumitat jenfasizza d-deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq u jirrakkomanda, min-naħa tiegħu, li l-Kummissjoni għandha tissokta bl-isforzi tagħha sabiex flimkien mal-Istati Membri tistabbilixxi fond speċjali (li jiġi ffinanzjat mill-Fond Soċjali) li jikkompensa l-iżvantaġġi msemmijin hawn fuq għax-xjentisti żgħażaġh bis-saħħa ta' benefiċċji komplementari adegwati. Dawn għandhom jikkunsidraw kemm ir-riskju soċjali ogħla marbut ma' sensiela ta' kuntratti temporanji kif ukoll il-"kapital soċjali" mnaqqas jew mitluf minħabba l-mobbiltà (speċjalment bejn l-Istati Membri).

## 7. Użu faċli u informazzjoni – Gwida qasira – Servizz ta' konsulenza

7.1 Il-Kumitat itenni l-appell urġenti tiegħu biex il-Kummissjoni, minħabba l-ħafna strumenti ta' finanzjament, proċessi, netwerks u termini tekniċi (pereżempju proġetti, KICs, pjattiformi tat-teknoloġija, sħubijiet tal-innovazzjoni, inizjattivi ewlenin, ERA-Nets, programmar konġunt, Erasmus, Marie Curie, COST, Eureka, eċċ.), tħejji ħarsa ġenerali li tinfehem u deskrizzjoni qasira, disponibbli fuq l-internet, li jippreżentaw b'mod ċar il-karatteristiċi essenzjali, ir-rekwiżiti u l-għanijiet ta' kull strument. Dan ikun kontribut importanti għas-semplifikazzjoni u t-trasparenza, li jista' jikkomplementa bl-aħjar mod il-portal CORDIS li, mill-bqija, jaqdi funzjoni tajba ħafna.

7.2 Il-Kumitat jirrakkomanda li dawn ikunu limitati għall-essenzjal u l-kummenti promozzjonali u r-raġunijiet għandhom jitħallew barra. Anke fil-każ tad-dokumenti diskussi f'din l-opinjoni, il-Kumitat jemmen li kien ikun ħafna aktar faċli li kieku l-kontenut essenzjali ġie ppreżentat fil-qosor u b'inqas teorija.

7.3 Il-Kumitat jirrakkomanda li tiġi ppubblikata verżjoni speċjali ta' dan ix-xogħol li tkun maħsuba b'mod partikolari għall-SMEs u l-bżonnijiet speċjali tagħhom. Barra minn hekk, għandhom jitwaqqfu servizzi ta' konsulenza kompetenti, pereżempju bis-saħħa ta' seminars ta' taħriġ adatti għall-organizzazzjonijiet reġjonali (bħall-kmamar tal-kummerċ u l-industrija) sabiex ikunu jistgħu jservu bħala ċentri ta' informazzjoni.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jstabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija”**

COM(2011) 817 finali – 2011/0384 (COD)

**u “L-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT): il-kontribuzzjoni tal-EIT għal Ewropa iktar innovattiva”**

COM(2011) 822 finali – 2011/0387 (COD)

(2012/C 181/21)

Relatur: **is-Sur LEMERCIER**

Nhar it-13 ta' Diċembru 2011 u nhar is-16 ta' Jannar 2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 173(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jstabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija*

COM(2011) 817 final – 2011/0384 (COD)

u

*l-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT): il-kontribuzzjoni tal-EIT għal Ewropa iktar innovattiva*

COM(2011) 822 final – 2011/0387 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-8 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'123 vot favur, 5 voti kontra u 4 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE japprova b'mod ġenerali l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (akronomu bl-Ingliż: EIT).

1.2 Jaqbel mal-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, li ħarġu mill-konsultazzjoni tal-atturi differenti kkonċernati, il-valutazzjonijiet tal-impatt u l-informazzjoni provduta mill-esperimenti li saru.

1.3 Peress li l-Unjoni Ewropea damet ma ħadet azzjoni fir-rigward tal-kooperazzjoni, tal-qsim tal-għarfien u tat-tqarrib bejn l-Istituti ta' Riċerka u Taħriġ ta' livell għoli, il-KESE jilqa' b'mod favorevoli l-approċċ li nediet il-Kummissjoni.

1.4 Fil-konfront tal-globalizzazzjoni tar-riċerka u l-importanza tal-innovazzjoni fil-produzzjoni, il-KESE jqis li l-eċċellenza għandha titħeġġeġ.

## 2. Sfond

2.1 L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT, European Institute of Innovation and Technology) twaqqaf fl-2008.

2.2 L-EIT tnieda fuq proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill li ġiet adottata fit-22 ta' Frar 2006 u li ġiet implimentata fil-qafas tal-Istrateġija ta' Lisbona bil-għan li tingħata spinta lit-tkabbir u jinħolqu impjegji fl-Unjoni.

2.3 L-għan prijorarju tiegħu huwa li jnaqqas id-distakk tal-Ewropa fir-rigward tal-politika industrijali bbażata fuq l-innovazzjoni teknoloġika u b'hekk jippromovi s-sinerġiji bejn ir-riċerka fundamentali, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-applikazzjonijiet industrijali innovattivi fl-Ewropa, b'mod partikolari għall-SMEs u l-SMIs.

2.4 Bħala ċentru ta' eċċellenza, l-EIT jixtieq li jsir l-ixprun tal-innovazzjoni, ir-riċerka u t-tkabbir fl-Unjoni. Huwa għal dan il-għan li jjarreb b'mod funzjonali u ġeografiku l-istrutturi ta' edukazzjoni għolja, ta' riċerka u ta' innovazzjoni.

2.5 Dan il-kunċett huwa simili ħafna għal dak adottat mill-Massachusetts Institute of Technology (MIT) li jaħdem biex dawn it-tliet setturi jiġu integrati b'mod orizzontali.

2.6 F'Ġunju 2008, intaġħzlet il-belt ta' Budapest biex fiha jitwaqqaf is-sede tal-EIT.



2.7 L-istitut ma jiffinanzjax direttament proġetti individwali. Fil-fatt, jikkontribwixxi għal 25 % tal-finanzjament tal-komunitajiet ta' għarfien u ta' innovazzjoni (KIC <sup>(1)</sup>) deċentralizzati.

2.8 Dawn il-KICs, magħmula minn universitajiet, intrapriżi u istituti ta' riċerka, jaħdmu flimkien fuq proġetti innovattivi u flimkien mal-intraprendituri u l-innovaturi lokali msieħba, ta' kull xorta, jikkontribwixxu għall-75 % tal-finanzjament tal-proġetti lokali.

2.9 L-ewwel tliet KICs intaġhżlu f'Diċembru 2009 flimkien maċ-Ċentri ta' Kolokazzjoni fi Franza, il-Ġermanja, ir-Renju Unit, l-Isvizzera, l-Italja, Spanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvetja, il-Finlandja, l-Ungerija, il-Belġju u l-Polonja.

### 3. Proposti tal-Kummissjoni

3.1 F'dan il-kuntest, l-EIT għandu jsir ċentru ta' referenza u ta' attrazzjoni għall-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, l-intrapriżi involuti fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u b'mod partikolari fl-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) innovattivi li huma wkoll daww li prinċipalment joħlqu l-impjiegi kwalifikati u impjiegi ġodda.

3.2 Bil-għan li jsaħħaħ l-impatt tiegħu u jstimola l-innovazzjoni foqasma ġodda relatati mal-isfidi tas-soċjetà, l-EIT ser iwessa' b'mod gradwali l-firxa tiegħu ta' KICs matul il-programm qafas ta' finanzjament għar-riċerka 2014-2020.

3.2.1 Fir-rigward tal-baġit allokat, dan ser jiġi kkontrollat u r-risultati konkreti fl-aħħar mill-aħħar ser jiddeterminaw il-vijabbiltà ta' KIC jew oħra.

3.2.2 Billi jistabbilixxi KICs ġodda b'mod gradwali, l-EIT ser jiżgura li jiġu kkunsidrati kif xieraq it-tagħlimiet li jinsiltu mill-esperjenza u li jinħolqu KICs ġodda biss foqasma li juru potenzjal ċar fil-qasam tal-innovazzjoni kif ukoll l-aħjar eċċellenza li fuqha jista' jibbaża biex jiġbed lejha il-kompetenzi u l-finanzjament meħtieġ.

3.3 Għalhekk, fil-perjodu 2014-2020, ser jitwaqqfu żewġ ġenerazzjonijiet ġodda ta' KICs: tliet KICs ser jitwaqqfu fl-2014 u tlieta oħra fl-2018, li, flimkien mat-tliet KICs li diġà jeżistu, jammontaw għal disa' KICs (li jfisser it-twaqqif ta' madwar 40-50 ċentru ta' kolokazzjoni fl-Unjoni).

3.4 Billi jibbażaw fuq bażi xjentifika soda u ta' riċerka, dawn il-KICs jistgħu jiġbru atturi mid-dinja tat-taħriġ, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-KICs kollha jistgħu jimmobilizzaw l-investiment u jħeġġu impenn fit-tul min-naħa tal-intrapriżi, jippromovu żviluppi teknoloġiċi ġodda u jstimolaw l-innovazzjoni soċjali:

— KIC għall-industrija tal-manifattura b'valur miżjud;

— KIC għall-katina tal-provvista tal-ikel;

— KIC għall-innovazzjoni għal għajxien f'kundizzjoni ta' saħħa tajba u tixjiħ attiv;

— KIC favur soċjetajiet siguri fir-rigward ta' diġitalizzazzjoni aċċellerata tal-ekonomija;

— KIC li twassal għat-tneissil ta' metodi ġodda ta' prospettar, estrazzjoni, trasformazzjoni, riċiklaġġ u ta' sostituzzjoni sostenibbli;

— KIC għall-mobbiltà urbana.

3.5 Il-ħolqien ta' KICs deċentralizzati, li jiġbru flimkien fil-livell lokali, u ċertament fil-livell reġjonali, l-imsieħba potenzjali kollha jidher li hija risposta adatta għall-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni. Fid-dawl tal-impossibbiltà li jiġu armonizzati fi żmien raġonevoli (jiġifieri qasir), is-sistemi ta' riċerka, ta' taħriġ u ta' produzzjoni tal-Istati Membri differenti – kwistjonijiet li jikkonċernaw is-sussidjarjetà – il-ħolqien ta' dawn il-KICs jirrappreżenta soluzzjoni konkreta għal din id-diffikultà u joffri mudell ġdid ta' politika ta' żvilupp tal-industrija u tas-servizzi.

3.6 L-awtonomija fil-qasam tar-reklutaġġ, l-organizzazzjoni u l-finanzjament mogħtija lill-KICs ser tiffaċilita s-sejba tal-aktar riċerkaturi kompetenti u l-aktar motivati u għandha tippromovi tagħlimiet li jinsiltu mill-esperjenza u l-kooperazzjoni internazzjonali prevista mill-Kummissjoni.

### 4. Kummmenti ġenerali u speċifiċi

4.1 L-**istruttura ġenerali** proposta mill-Kummissjoni hija innovattiva u promettenti. Il-Kumitat jixtieq ifakkar fl-opinjoni preċedenti tiegħu <sup>(2)</sup> dwar il-ħolqien ta' Istitut Ewropew għat-Teknoloġija peress li jqis li l-kummmenti ġenerali tiegħu għadhom kompletament validi llum il-ġurnata.

4.2 Fir-rigward tal-**baġit**, il-Kumitat iqis li, fid-dawl tan-numru ta' KICs li għandhom jiġu implimentati u tat-tul tal-programm, il-baġit allokat mill-abbozz tal-Kummissjoni fil-prattika jirrappreżenta waqfien, u saħansitra tnaqqis relattiv tal-mezzi finanzjarji sal-2020; madankollu, l-EIT jirrappreżenta triq sostenibbli għat-tkabbir fil-perjodu medju u dak twil għall-SMEs u l-SMIs Ewropej – tkabbir li ser ikun rikk fl-innovazzjonijiet u l-impjiegi u li għandu jitħeġġeġ fl-aktar oqsma promettenti.

4.3 Huwa ċar li l-**istruttura tal-finanzjament** tal-KICs hija element importanti peress li l-EIT jiffinanzja 25 % biss filwaqt li l-75 % li jibqa' jiġu ffinanzjati mill-intrapriżi msieħba, l-SMEs, iċ-ċentri ta' riċerka, l-atturi pubbliċi jew privati involuti f'dan il-proġett. Din l-istruttura, peress li hija flessibbli, tippermetti li jithaffeff il-proċess ta' akkwist u l-evoluzzjoni minn stadju ta' riċerka fundamentali u applikata, għal innovazzjoni u l-ħruġ ta' privativi, il-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi li jqiegħdu l-innovazzjoni fis-suq.

<sup>(1)</sup> Bl-Ingliż: Knowledge and Innovation Communities (KIC).

<sup>(2)</sup> ĠU C 161, 13.7.2007, p. 28.



4.4 Barra minn hekk, l-inizjattivi lokali jista' jkollhom marġni ta' flessibilità konsiderevoli fl-Istati Membri.

4.5 B'hekk, l-**istruttura tal-governanza** tal-KICs kif ukoll it-tiġdid perijodiku tal-membri tagħhom bla dubju ta' xejn jikkostitwixxu vantaġġ importanti. Il-Kumitat jaqbel mal-kunċett li jirregola l-iżvilupp tal-EIT u jqis li jeħtieġ li jinżammu l-indipendenza u l-awtonomija tal-KICs, biex ikunu aktar effikaċi, u li l-ħidma tagħhom tiġi valutata abbażi tar-riżultati miksuba.

4.6 Wieħed mill-punti interessanti ta' dan l-iżvilupp f'żewġ stadji ser ikun l-iffaċilitar tat-tqegħid fis-suq tal-privattivi u ta' prodotti żviluppati minn dawn il-KICs.

Fil-konfront tal-globalizzazzjoni b'rata dejjem aktar mgħaġġla u li qed iddghajef l-industriji tradizzjonali, il-KESE jappoġġja l-idea li l-kunċett ta' "eċċellenza" fil-qasam tat-taħriġ u l-produzzjoni huwa wieħed mill-valuri tal-ġejjieni u strument effikaċi għall-kompetittività.

4.7 Huwa issa aktar minn qatt qabel fl-Unjoni li l-valur miżjud tal-prodotti jew servizzi innovattivi, f'perspettiva ddikjarata ta' żvilupp sostenibbli, ser joħloq impjegi kkwalifikati u jevita ċ-ċaqliq lejn pajjiżi b'forza tax-xogħol b'pagi baxxi.

4.8 Il-KESE jinnota li hemm konċentrazzjoni relattiva ta' KICs. Il-Kumitat jixtieq li jsiru sforzi speċifiċi biex, fl-akbar numru possibbli ta' Stati Membri, jiġu stabbiliti rabtiet ma' laboratorji, intrapriżi u istituzzjonijiet ta' riċerka bil-għan li

jiżdiedu l-potenzjal kreattiv u r-riżorsi umani u teknoloġiċi tal-KICs u biex ma jiżdidux l-iżbilanċi fir-rigward tar-riċerka u t-taħriġ ta' livell għoli bejn l-Istati Membri. Jinnota wkoll li hemm involuti aktar minn 200 insieħeb mill-Istati Membri kollha.

4.9 Il-KESE b'mod partikolari japprova l-introduzzjoni ta' diplomi b'tikketta mill-EIT li jiffaċilitaw il-mobbiltà tar-riċerkaturi u l-iżvilupp tal-intrapriżi u l-SMEs lil hinn minn pajjiżhom.

4.10 Il-KESE jixtieq li tingħata kemm jista' jkun informazzjoni lill-istituti, l-intrapriżi u l-insieħba potenzjali bil-għan li dawn jappoġġjaw u jipparteċipaw fil-ħolqien ta' KICs fl-oqsma prinċipali msemmija fl-Istrateġija 2020.

Biex jinkiseb dan il-għan, l-EIT għandu, mill-aktar fis, iniedi kampanja ta' pubbliċità dwar dawn is-suġġetti sabiex l-intrapriżi u l-insieħba potenzjali jkunu jistgħu jstabbilixxu l-proġetti ta' sħubija tagħhom.

4.11 Il-KESE, konxju min-nuqqas ta' ħajra u saħansitra r-restrizzjonijiet li jistgħu jeżistu fi ħdan istituzzjonijiet nazzjonali eżistenti, jistieden lill-Kummissjoni tippromovi djalogu fil-fond bejn l-EIT u dawn l-istituzzjonijiet bil-għan li jinħolqu sinerġiji, li fl-opinjoni tiegħu huma indispensabbli.

B'mod partikolari jinnota t-tħassib ta' dawk responsabbli għall-Istituti ta' Riċerka u ta' Taħriġ dwar il-fatt li l-baġits tagħhom jistgħu jonqsu għall-benefiċċju tal-KICs.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (2014-2020)”**

COM(2011) 834 finali – 2011/0394 (COD)

(2012/C 181/22)

Relatur: **is-Sur LANNOO**

Korelatur: **is-Sur BURNS**

Nhar it-13 ta’ Diċembru 2011 u l-24 ta’ Jannar 2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill u rispettivament iddeċiedew, b’konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (2014-2020)*

COM(2011) 834 finali – 2011/0394 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-8 ta’ Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta’ Marzu 2012 (seduta tad-29 ta’ Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’ 142 voti favur, l-ebda vot kontra u 6 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-KESE jaqbel mal-għanijiet prinċipali tal-programm COSME iżda jinnota li dan ma laqax it-talbiet li kien għamel il-Kumitat fl-opinjoni tiegħu dwar l-SBA <sup>(1)</sup>, partikolarment it-tisħiħ tal-akkumpanjament u l-konsultazzjoni għall-SMEs, it-trasferiment tal-intrapriżi, il-konsultazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-SMEs u s-sħubija magħhom.

1.2 Huwa jitlob viżibbiltà aktar qawwija għall-azzjonijiet konkreti li jridu jittieħdu. Jispikkaw żewġ problemi:

— l-għan: ir-regolament għandu l-għan li l-intrapriżi jkunu kompetittivi. Fil-fatt dawn iridu jsiru kapaċi jikkompetu mal-konkorrenti tagħhom fis-swieq dinjija. Il-KESE jaqbel mal-għan, iżda jqis li huwa importanti wkoll li ssir azzjoni li tippromovi s-sostenibbiltà tal-SMEs fis-swieq Ewropej, is-swieq fil-viċinat u s-swieq lokali;

— il-mezzi: il-KESE jitlob lill-Kummissjoni li mal-proposta legiſlattiva joħroġ programm ta’ ħidma li fih ikun hemm imniżżla l-miżuri konkreti li ser jiġu implimentati biex jirrispondu għall-eżiġenzi tal-kategoriji kollha ta’ SMEs, kif ukoll għall-aspettattivi tagħhom fid-dawl tal-kriżi attwali.

1.3 Kull deċiżjoni dwar dan il-programm operattiv tiddependi mill-Parlament u mill-Kunsill skont il-proċedura ta’ kodeċiżjoni. Il-proċedura tal-atti delegati għandha tkun limitata

għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi annwali, stabbiliti b’konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-SMEs.

1.4 Il-KESE jitlob li l-programm:

— jindirizza l-intrapriżi kollha <sup>(2)</sup>;

— jiffoka l-mezzi tiegħu fuq il-prijoritajiet essenzjali: informazzjoni, akkumpanjament u konsulenza, aċċess għas-swieq u għall-finanzjament, adattament tar-rekwiżiti u r-regoli tal-UE, kooperazzjoni, konsiderazzjoni tal-prijoritajiet tal-Istrateġija UE 2020, (innovazzjoni, ekonomija ekoloġika u impjeg taż-żgħażaġh);

— jistabbilixxi, f’dan ir-rigward, il-ħames għan speċifiku: l-akkumpanjament u l-aċċess għal konsulenza tal-SMEs, b’attenzjoni speċifika fuq l-intrapriżi ż-żgħar u dawk żgħar ħafna (mikro).

1.5 Il-KESE jissuġġerixxi r-raba’ azzjoni li twassal għal titjib tal-liġijiet, l-aktar permezz tal-implimentazzjoni ta’ “office of advocacy” <sup>(3)</sup> li għandu l-għan li jaġhti każ tar-realtajiet tal-intrapriżi ż-żgħar fil-legiſlazzjoni. Madankollu, ser ikollu jiġi definit ir-rwol u l-koerenza tiegħu ma’ korpi operattivi oħra, pereżempju n-netwerk ta’ rappreżentanti tal-SMEs. Huwa jfakkar li kien kontra l-ġeneralizzazzjoni tal-eżenzjonijiet u jirrakkomanda l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-SMEs fil-proċess legiſlattiv u tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

<sup>(1)</sup> ĠU C 376, 22.12.2011, p. 51-57.

<sup>(2)</sup> Ara n-nota 1 f’qiegħ il-paġna.

<sup>(3)</sup> Ara n-nota 1 f’qiegħ il-paġna.

1.6 Il-KESE jenfasizza l-insuffiċjenza tas-sħubija fil-governanza fil-proposta għal regolament. Ma jaċċettax li din tkun limitata għal sempliċi konsultazzjoni u jwissi lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-ħtieġa li tiġi stabbilita din il-governanza u li tissaħħaħ is-sħubija mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-SMEs kif inhu l-każ fi programmi oħra tal-UE <sup>(4)</sup>. Il-KESE jitlob li jinholq grupp ta' ħidma li jippermetti li l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-SMEs jiġu kkonsultati dwar il-fażijiet kollha ta' żvilupp, ta' tfassil, ta' implimentazzjoni u ta' segwitu tal-programm COSME.

1.7 Fir-rigward tal-Artikolu 9 dwar it-titjib tal-aċċess għas-swieq, il-KESE jitlob:

- li ssir distinzjoni bejn l-aċċess għas-swieq fuq naħa u fuq in-naħa l-oħra l-informazzjoni, il-konsulenza u t-twaqqif ta' SMEs;
- li jiġu appoġġjati l-azzjonijiet li l-organizzazzjonijiet tal-SMEs u l-korpi pubbliċi diġà nedew fl-Istati Membri;
- li l-ħidma u l-organizzazzjoni tal-Europe Enterprise Network (EEN) jiġu adattati b'mod li jikkompletaw l-azzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-SMEs u li jiġu involuti fl-attivitajiet tiegħu. In-netwerk irid isir aktar viżibbli u l-potenzjal tiegħu għandu jintuża bis-sħiħ.

1.8 Il-KESE jinnota xi ambigwitatijiet bejn l-istrumenti finanzjarji proposti, il-programm Orizzont 2020 u s-sorsi l-oħra ta' ffinanzjar bħal dawk proposti fil-proposti għal regolamenti dwar il-koeżjoni territorjali. Din is-sitwazzjoni hija sors ta' diffikultà għall-SMEs. Għaldaqstant huwa jitlob li tiġi ċċarata r-rabta bejn dawn il-fondi differenti. Għalkemm jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li 56 % tal-baġit huwa ddedikat lill-istrumenti finanzjarji, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni u lill-Parlament jistabbilixxu is-sehem taż-żewġ strumenti, li jiftħuhom għall-intrapriżi kollha u għat-tipi kollha ta' investiment u li jiġu kkoordinati ma' tipi simili oħra ta' finanzjament Komunitarju biex ikun possibbli li l-SMEs jagħżlu l-aktar strument adatt. Barra minn hekk, jitlob li jibiddlu r-regoli u l-kundizzjonijiet ta' garanzija ta' self (LGF).

1.9 Huwa jitlob li jiġi rivedut it-test tal-anness I dwar l-indikaturi, biex jiġu definiti mal-organizzazzjonijiet tal-SMEs. Għandu jiġi rivedut ukoll it-test tal-anness II u l-iskeda finanzjarja leġiżlattiva minħabba l-inkonsistenzi mat-testi tal-proposta.

1.10 Il-KESE jirrakkomanda lill-Parlament u lill-Kunsill li jappoġġjaw u jsaħħu l-programm iżda li jżidu l-viżibbiltà tal-kontenut, il-miżuri operattivi kif ukoll l-iffinanzjar tal-prijoritajiet tiegħu filwaqt li tiġi garantita s-sħubija mal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-SMEs. Madankollu, il-baġit tiegħu ta' EUR 2,5

biljun jidher insinifikanti meta mqabbel mal-iskopijiet tiegħu. Il-KESE huwa kontra l-isforzi li jonqos il-baġit tal-programm u jitlob lill-Parlament li għall-kuntrarju jagħtih importanza akbar. Il-KESE huwa tal-fehma li ser ikunu l-SMEs li joħorġu l-Unjoni mill-kriżi u joħolqu impjegji ġodda.

1.11 Il-KESE jqis madankollu li l-programm mhuwiex ambizzjuż. Jemmen li l-baġit propost, li jammonta għal EUR 2,5 biljuni, mhux ser jippermetti li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet neċessarji li għandhom l-għan li jappoġġjaw l-attività u l-iżvilupp sostenibbli tal-SMEs. Madankollu huma l-SMEs li ser joħorġu lill-Unjoni mill-kriżi u li ser joħolqu impjegji ġodda. Għalhekk, il-KESE huwa kontra t-tentattivi li jnaqqsu dan il-baġit. Jistieden lill-Parlament Ewropew sabiex iżidu sal-ammont tal-baġit tal-Programm attwali tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni bil-għan li primarjament jiżiedu l-mezzi baġitarji dedikati għall-istrumenti finanzjarji.

1.12 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tiċċara t-tqassim baġitarju tal-programm (apparti l-istrumenti finanzjarji) u li tinkludi stampa ċara tat-tqassim tar-riżorsi finanzjarji allokat għal kull attività tal-programm

## 2. Kummenti ġenerali

2.1 Fl-opinjoni tiegħu dwar "ir-reviżjoni tal-SBA" <sup>(5)</sup> il-KESE kien ippropona, għadd ta' prijoritajiet għall-programm għall-kompetittività/SME 2014-2020. Sfortunatament, il-proposta COSME ma tagħtix biżżejjed kashom u l-miżuri prattiċi li jridu jiġu implimentati m'humiex viżibbli biżżejjed. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi, u lill-Parlament u l-Kunsill, programm ta' azzjonijiet għall-perjodu tal-programm.

2.2 Il-KESE huwa sorpriż bin-nuqqas ta' referenza għall-SBA meta din għandha tkun il-bażi tal-programm. M'hemm referenza għall-prinċipju "Only once". Il-prinċipju "l-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir" f'it jissemma u l-partikolarità tal-kategoriji differenti ta' SMEs ma titqiesx biżżejjed.

2.3 Il-kompetittività tiżviluppa skont ir-regoli tas-suq u tiddependi minn fatturi oħra bħad-differenzi fil-livelli tal-ispiża tax-xogħol, il-poter tal-akkwist, it-taxxa, l-aċċess għall-finanzi u l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh. Il-KESE jqis li l-prijorità tal-COSME trid tkun l-iżvilupp sostenibbli tal-intrapriżi u mhux biss il-kompetittività tagħhom.

2.4 Fl-aħħar il-programm COSME jrid jipprevedi miżuri speċifiċi mmirati lejn l-intrapriżi ż-żgħar u dawk żgħar ħafna.

<sup>(4)</sup> Artikolu 5 tar-Regolament ġenerali tal-fondi strutturali.

<sup>(5)</sup> Ara n-nota fqiegħ p. 1.

2.5 Waqt li tkun qed tiġi analizzata l-implimentazzjoni tad-definizzjoni Ewropea tal-SMEs fl-2012, il-KESE jitlob li titqies id-diversità kbira tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tinfirmah bil-konklużjonijiet ta' din l-analiżi u tinvolvi fil-ħidma ta' segwitu.

### 3. Kummenti dwar il-Proposta għal Regolament

#### 3.1 Fil-livell tal-premessi

3.1.1 Il-KESE jaqbel mad-direzzjoni li tiegħu l-premessa 10. Il-programm COSME għandu wkoll:

- jissemplifika l-attivitàjiet tal-SMEs u jnaqqsilhom il-piżijiet amministrattivi;
- jippromovi l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 bħall-innovazzjoni, l-ekonomija ekoloġika, l-impjegji għaż-żgħażaġh. Il-KESE huwa sodisfatt li l-premessa 11 daħlet fil-proposta u b'hekk ġibdet l-attenzjoni għall-intrapriżi żgħar ħafna, l-intrapriżi artiġjanali u l-intrapriżi soċjali;
- japplika l-prinċipji tas-SBA fil-politiki u l-programmi tal-UE, nazzjonali u territorjali;
- iqis il-ħtiġijiet tal-SMEs fil-programmi l-oħra tal-UE u jiżgura l-koordinazzjoni u s-semplifikazzjoni tar-regoli amministrattivi tagħhom.

3.1.2 Barra mill-ħolqien u l-iżvilupp tal-intrapriżi, il-Kumitat iqis li jridu jiżdiedu fil-premessa 11 it-tieni opportunità, it-trasferiment u l-akkwist tal-intrapriżi, l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh, it-taħriġ tal-intraprendituri u l-impjegati tagħhom, kif ukoll referenza għar-rwol tal-persuni li jaħdmu għal rashom u l-professjonijiet liberali.

3.1.3 Il-premessa 12 għandha ssemmi li għall-parti l-kbira tal-SMEs waħda mill-problemi essenzjali hija l-aċċess għall-konsulenti adatti. Il-KESE jappoġġja l-prinċipju tan-netwerk Enterprise Europe iżda jqis li għandu jiġi sfruttat għal kollox il-potenzjal tiegħu. Għad hemm ħafna SMEs Ewropej li għadhom ma jafux li jeżisti tali netwerk. Is-servizzi offruti min-Netwerk Ewropew għall-Intrapriżi għandhom ikunu bbażati kemm jista' jkun fuq it-talbiet u l-ħtiġijiet reali tal-SMEs. Il-KESE jappoġġja l-proposta li tiġi ristrutturata l-governanza tan-Netwerk Ewropew għall-Intrapriżi u li jiġu involuti l-organizzazzjonijiet kummerċjali rilevanti kollha fil-governanza tan-Netwerk Ewropew għall-Intrapriżi.

3.1.4 Is-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati msemmija fil-premessa 28 trid tiġi limitata għall-atti marbutin mal-eżekuzzjoni tal-programm, speċjalment il-programmi annwali u għar-regoli tal-esternalizzazzjoni, wara li jiġu kkonsultati l-partijiet interessati. Il-programm operattiv tal-miżuri prattiċi u r-regoli speċifiċi tal-parteċipazzjoni jridu jiġu adottati mill-Parlament u l-Kunsill.

3.1.5 Il-KESE jinsisti li r-regolament COSME għandu jistabbilixxi sistema ġenwina ta' governanza mal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-SMEs. Huwa għandu jsegwi l-idea ta' sħubija proposta fl-Artikolu 5 tar-regolament dwar id-dispożizzjonijiet komuni tal-Fondi Strutturali<sup>(6)</sup>. L-organizzazzjonijiet tal-SMEs għandhom ikunu preżenti waqt il-ħidma kollha ta' thejjiya tal-programm u waqt l-implimentazzjoni annwali tiegħu, b'konformità mal-SBA.

3.1.6 It-turiżmu jipprovdi valur miżjud ċar lill-ekonomija tal-UE u l-miżuri ta' appoġġ fil-qafas tal-COSME għandhom jinkludu l-industrija tat-turiżmu. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tressaqlu, u lill-Parlament u lill-Kunsill, programm operattiv għas-settur imfassal flimkien mal-SMEs. Madankollu, ħafna setturi oħra jipprovdu wkoll valur miżjud ċar.

#### 3.2 Kapitolu 1: suġġett

3.2.1 Fl-ewwel artikolu, il-KESE jitlob li jiddaħħlu t-termini li ġejjin: intrapriżi żgħar ħafna, intrapriżi artiġjanali, persuni li jaħdmu għal rashom u professjonijiet liberali.

3.2.2 Il-KESE jaqbel mal-għanijiet ġenerali fl-Artikolu 2. Huwa jqis li huwa importanti li jiżdiedu l-iżvilupp sostenibbli tal-SMEs u l-promozzjoni tat-trasferiment tal-intrapriżi.

3.2.3 Għandu jiżdied ir-raba' għan ġenerali fl-Artikolu 2: l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-SBA u l-applikazzjoni tal-prijoritajiet tiegħu fil-politiki u l-programmi tal-UE.

#### 3.3 Kapitolu 2: għanijiet speċifiċi u l-oqsma ta' azzjoni

3.3.1 L-erba' għanijiet speċifiċi fl-Artikolu 3 huma essenzjali. Madankollu, il-KESE jitlob li jiżdiedu:

- fpunt 1(d): it-titjib tal-aċċess għas-swieq viċini, partikolarment bil-promozzjoni tal-adattar tar-rekwiżiti u r-regoli Ewropej għall-bżonnijiet u r-realtajiet tal-intrapriżi ż-żgħar u dawk żgħar ħafna,

- il-ħames għan speċifiku: il-promozzjoni tal-akkumpanjament tal-SMEs u l-aċċess li jingħataw għall-konsulenza.

3.3.2 Il-KESE jitlob lill-Parlament u lill-Kunsill biex iżidu artikolu ġdid dwar il-governanza bil-ħolqien ta' grupp ta' ħidma konsultattiv li jiġbor fih l-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw il-kategoriji differenti ta' SMEs għat-tfassil, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-programm kif ukoll għat-tqasim annwali tiegħu.

<sup>(6)</sup> Ara n-nota fqiegħ p. 1.

3.3.3 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li fl-Artikolu 6 jiżdiedu proposti speċifiċi li:

- jippromovu l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-impatt u t-twaqqif ta' sistema ta' "office of advocacy" wara li r-rwol u l-kompetenzi tiegħu jiġu definiti b'mod ċar,
- japplikaw il-prinċipji "Think Small First"/l-Ewwel Aħseb fiż-żgħir u "Only once" tal-SBA fil-proċess leġislattiv u fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020,
- jiżguraw li l-leġislazzjonijiet jifasslu mal-organizzazzjonijiet tal-SMEs.

3.3.4 Il-KESE jfakkar l-oppożizzjoni tiegħu għall-ġeneralizzazzjoni tal-eżenzjonijiet għall-intrapriżi żgħar ħafna<sup>(7)</sup> Huwa jirrakkomanda l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-SMEs bil-għan li l-leġislazzjonijiet ikunu adattati għar-realtajiet ta' dawn l-intrapriżi żgħar ħafna.

3.3.5 Il-KESE jitlob li fl-Artikolu 7 jiġu introdotti xi azzjonijiet li jiffavorixxu t-trasferiment u l-akkwist tal-intrapriżi. B'mod partikolari dan jirreferi għat-taħriġ tas-sidien futuri, informazzjoni u taħriġ għal studenti żgħażaġh biex isiru jafu d-dinja tal-SMEs u l-opportunitajiet li toffri.

3.3.6 Rigward l-Artikolu 9, hemm bżonn li tinħoloq distinzjoni bejn, min naħa, l-azzjonijiet li jtejbu l-aċċess għas-swieq u, min-naħa l-oħra, l-informazzjoni, il-konsulenza u l-akkumpanjament tal-intrapriżi; Il-KESE jitlob li l-Artikolu 9 jinqasam f'żewġ artikoli distinti kif ġej:

3.3.6.1 Artikolu 9: azzjonijiet li jtejbu l-aċċess għas-swieq

Il-punti 2, 3 u 4 għandhom jinżammu filwaqt li l-punt 2 jiġi komplut billi jiġi speċifikat li l-programm COSME ser jappoġġja b'mod partikolari miżuri intiżi li jwasslu għall-parteċipazzjoni tal-SMEs u l-intrapriżi żgħar ħafna fil-proċess ta' t'fessil u l-adattar tar-regoli u l-eżiġenzi Ewropej, kif ukoll l-implimentazzjoni tagħhom fl-intrapriżi.

3.3.6.2 Artikolu 9a: azzjonijiet għall-informazzjoni, il-konsulenza u l-appoġġ tal-intrapriżi

- Il-KESE jenfasizza li waħda mill-prijoritajiet għandha tkun li jiġi garantit l-aċċess tal-SMEs kollha għall-informazzjoni, il-parir u l-appoġġ. Għalhekk, ir-regolament COSME għandu jippermetti:
- li l-programmi tal-UE jkunu aktar aċċessibbli għall-organizzazzjonijiet tal-SMEs u li jiġu previsti azzjonijiet ta' assistenza teknika mmirati li joffru informazzjoni u konsulenza lill-SMEs. L-organizzazzjonijiet tal-SMEs irid ikollhom sehem akbar hawnhekk,

— li jsaħħu r-rwol ta' punt uniku tal-organizzazzjonijiet tal-SMEs fil-livell nazzjonali u territorjali.

- Il-KESE jiddispjaċih li għadd ikbar ta' SMEs, b'mod partikolari l-intrapriżi ż-żgħar u dawk żgħar ħafna, la huma destinatari u lanqas jibbenefikaw mill-azzjoni tan-netwerk Enterprise Europe (EEN) u li mhux l-organizzazzjonijiet kollha tal-SMEs huma involuti. Fil-fehma tiegħu, sabiex jiġi żgurat l-aċċess għall-informazzjoni tal-SMEs kollha, in-netwerk EEN għandu jkun stabbilit fi ħdan kull waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet. L-attivitajiet tagħhom għandhom jiġu appoġġjati, filwaqt li madankollu ma jinħolqux strutturi ġodda intermedji. Jekk il-mudell tal-konsorzji reġjonali juru li huma effikaċi f'ħafna Stati Membri u reġjuni, dawn għandhom jiġu adattati b'tali mod li l-organizzazzjonijiet tal-SMEs ikunu jistgħu jsiru membri.

Il-KESE huwa tal-fehma li n-netwerk EEN għandu jkun immirat l-ewwel nett lejn l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs li jkunu wrew il-kapaċità tagħhom li jistrutturaw u jipprovdu lil dawn l-intrapriżi bis-servizzi ta' informazzjoni, konsultazzjoni u appoġġ. Huwa jirrakkomanda li l-attività tan-netwerk tiġi definita b'mod konġunt mal-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw l-SMEs u li jistgħu jiġu konsultati matul it-thejġja tal-ispeċifikazzjonijiet li jiddefinixxu l-attivitajiet tan-netwerk futur.

### 3.4 Kapitolu 3: implimentazzjoni tal-programm

3.4.1 L-Artikolu 10 jipprevedi li l-programm annwali jiġi adottat bi qbil mal-Kumitat magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri. Il-KESE jqis li l-organizzazzjonijiet Ewropej li jirrappreżentaw l-SMEs għandhom jiġu kkonsultati minn qabel fil-kuntast ta' grupp ta' ħidma li l-KESE jitlob li jitwaqqaf (punt 3.3.2). Is-sorveljanza tal-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-programm, prevista mill-Artikolu 12, għandha ssir bil-parteċipazzjoni ta' dan il-grupp.

3.4.2 L-Artikolu 11 jipprevedi xi "miżuri ta' appoġġ" li fil-parti l-kbira tagħhom huma studji u analiżijiet. Għal darb'oħra, l-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta programm ta' studju u analiżi ċari, imfassla flimkien mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-SMEs, biex jirrispondu għall-aspettattivi tal-intrapriżi.

### 3.5 Kapitolu 5: kumitat u dispożizzjonijiet finali

3.5.1 Fl-Artikolu 16, ir-regolament għandu jispeċifika li l-Kummissjoni tkun assistita, mhux biss minn kumitat magħmul mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, iżda wkoll mill-grupp ta' msieħba proposti mill-KESE (punt 3.3.2).

3.5.2 Filwaqt li l-KESE jaċċetta l-prinċipju tal-atti delegati għall-miżuri ta' eżekuzzjoni, huwa jqis li l-proposti fl-Artikolu 17(2) jiġbdu l-attenzjoni għall-kompetenza tal-Parlament u tal-Kunsill fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-każ ta' modifika ta' għan speċifiku ta' programm. Huwa jitlob lill-Parlament u lill-Kunsill biex jirrifutaw l-Artikolu 17(2).

<sup>(7)</sup> Ara n-nota fqiegħ p.1.



3.5.3 Fir-rigward tal-Artikolu 18, l-atti delegati għandhom jiġu stabbiliti mal-grupp ta' ħidma speċifiku tal-imsieħba proposti f'punt 3.3.2. L-istess jgħodd għall-Artikolu 19 dwar il-proċedura ta' urġenza.

### 3.6 Anness I: Indikaturi għal għanijiet ġenerali u speċifiċi

3.6.1 Il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni li tiddefinixxi dawn l-indikaturi mal-organizzazzjonijiet tal-SMEs, filwaqt li tqis dawk li diġà jeżistu fil-livell tal-Istati Membri.

3.6.2 Il-KESE jipproponi li jiġu kkunsidrati l-benchmarks applikati fil-valutazzjonijiet tal-kompetittività. It-tnejja ta' negozju ġdid, kif imsemmi fl-Appendiċi I tal-abbozz ta' Regolament huwa biss wieħed mill-indikaturi biex titkejjel il-kompetittività tal-ekonomija. Anke l-COSME jistabbilixxi bħala mira għall-perjodu medju li sal-2017 jiġu adottati "madwar 7 miżuri ta' semplifikazzjoni fis-sena". Għaldaqstant, il-KESE jissuġġerixxi li jiġu speċifikati setturi ta' prijorità għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv li huma ta' importanza partikolari għall-kompetittività tal-SMEs bħall-permessi għall-bini, il-kreditu; it-taxxi, l-infurzar ta' kuntratti, eċċ.

### 3.7 Anness II: Azzjonijiet għat-titjib fl-aċċess tal-SMEs għall-finanzi

3.7.1 Il-KESE jappoġġja l-istrumenti finanzjarji u jitlob lill-Parlament u lill-Kunsill biex isahhahom. Għall-parti l-kbira tal-SMEs, il-garanzija ta' self hija waħda mill-aktar strumenti effikaċi.

3.7.2 Fit-tielet punt, il-KESE jinnota li r-rabta bejn il-programm Orizzont 2020, li jappoġġja biss l-investimenti ta' riċerka u innovazzjoni, u l-istrumenti finanzjarji tal-istess tip li jistgħu jimplimentaw ir-reġjuni fil-qafas tal-fondi strutturali mhijjix ċara. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tindika b'mod ċar din ir-rabta bejn l-istrumenti li jidhru simili u li jiġu previsti proċeduri ta' aċċess identiċi.

3.7.3 Il-KESE jitlob li jiddaħħal punt ġdid 2(a), li jindika li "l-faċilità LGF tapplika għall-fażijiet kollha tal-ħajja tal-intrapriża: ħolqien, żvilupp u trasferiment, mingħajr distinzjoni ta' attività jew ta' daqs tas-suq. Din il-faċilità hija għat-tipi kollha ta' investiment inklużi dawk mhux materjali"

3.7.4 Il-proposta tindika li l-faċilità LGF tkopri self sa EUR 150 000.

3.7.4.1 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tispeċifika fuq liema kriterji ġie stabbilit dan il-livell peress li l-programm CIP ma stabilixxa l-ebda limitu. Il-KESE jinnota li l-ammont propost huwa dak tas-self. Madankollu, l-ammont tas-self huwa spiss aktar għoli kemm għall-ħolqien, l-investimenti kif ukoll għat-trasferiment ta' intrapriża. Għaldaqstant, is-self ta' ammont

superjuri ser ikun iggarantit mill-programm Orizzont 2020, minkejja li dan m'għandux l-għan li jiffinanzja proġetti li mhumiex marbuta mal-innovazzjoni

3.7.4.2 Għaldaqstant, il-KESE jitlob li jsir ritorn għas-sistema preċedenti tas-CIP li ma timponix limiti. Inkella, huwa jitlob li l-limitu ta' EUR 150 000 japplika għall-ammont tal-kontrogaranzija u mhux għal dak tas-self. Rigward it-trasferiment u l-akkwist tal-intrapriżi, li l-ispejjeż tagħhom huma spiss ogħla minn f'każ ta' sempliċi ħolqien, il-KESE jitlob li l-ammont ta' kontrogaranzija ma jkun limitat.

3.7.5 L-istess punt isemmi t-tfassil ta' rapporti dwar "l-SMEs innovattivi" appoġġjati. Il-faċilità LGF trid tkun tista' tibbenefika lill-intrapriżi kollha innovattivi jew mhumiex. Il-KESE jtenni d-dubbi tiegħu dwar l-utilità ta' dawn ir-rapporti li għandhom ikunu limitati għal informazzjoni li tista' tintuża direttament u ma għandhomx jifgħu piż fuq finanzi li huma intiżi għall-iffinanzjar tal-intrapriżi.

3.7.6 Il-KESE jitlob b'insistenza li l-miżuri kollha marbutin mad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji jiġu adottati bi qbil sħiħ mal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-SMEs u l-imsieħba finanzjarji tagħhom.

### 3.8 Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva

3.8.1 Fil-punt 1.4.1 dwar l-għanijiet strateġiċi multiannwali, jintalab li l-programm jiffavorixxi t-trasferiment - l-akkwist tal-intrapriżi u mhux biss il-ħolqien u t-tkabbir.

3.8.2 It-tielet paragrafu tal-punt 1.5.4 jenfasizza li "l-Programm il-ġdid se jkollu fil-mira tiegħu l-SMEs li huma fil-fażijiet ta' tkabbir u ta' internazzjonalizzazzjoni". Din ir-restrizzjoni hija kuntrarja għall-bqija tat-test u għall-prinċipji tal-SBA: il-programm il-ġdid għandu jimmira l-attivitajiet kollha tal-SMEs, ikun x'ikun it-tip ta' suq tagħhom.

3.8.3 Il-KESE jinnota li l-aħħar frażi tat-tielet paragrafu tikkontradixxi t-test tar-regolament u jitlob li titħassar.

3.8.4 L-aħħar frażi tal-ħames paragrafu tal-punt 1.5.4 ssemmi l-implimentazzjoni ta' punt uniku (one-stop-shop). Il-KESE jitlob li jitqiesu l-punti uniċi u s-servizzi li diġà jeżistu, li jiġu rispettati l-prattiki u l-metodi ta' organizzazzjoni ta' kull Stat Membru u li l-azzjoni tittieħed flimkien mal-organizzazzjonijiet tal-SMEs.

3.8.5 Fil-punt 2.1, rigward id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw is-segwitu u r-rendikontijiet, il-KESE jitlob analiżi ta' nofs it-term biex il-programm COSME jiġi adattat fit-tieni fażi. Dawn il-valutazzjonijiet iridu jsiru fi żmien utli minn korp estern indipendenti u jitressqu quddiem il-Parlament u l-Kunsill.

Brussell, 29 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni ta’ Persuni bin-Nazzjonalità ta’ Pajjiżi Terzi”**

COM(2011) 455 finali

(2012/C 181/23)

Relatur: **is-Sur PÎRVULESCU**

Nhar l-20 ta’ Lulju 2011, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni – Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni ta’ Persuni bin-Nazzjonalità ta’ Pajjiżi Terzi*

COM(2011) 455 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta’ Frar 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta’ Lulju 2012 (seduta tat-28 ta’ Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’170 voti favur, 14-il vot kontra u 11 astensjoni.

## 1. Konklużjonijiet

1.1 Il-Kumitat jilqa’ b’sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u jikkunsidraha bħala pass sinifikanti ‘l quddiem fil-fehim u l-ittrattar tal-isfidi relatati mal-integrazzjoni tal-persuni bin-nazzjonalità ta’ pajjiżi terzi fl-Istati Membri tal-UE.

1.2 Il-Komunikazzjoni tkopri l-oqsma prinċipali ta’ intervent u tikkjarifika r-rwoli u r-responsabbiltajiet fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-aġenda għall-integrazzjoni. L-enfasi fuq ir-rwol li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jaqdu huwa ġustifikat tajjeb iżda mhux iktar aktar involuti fil-proċess. L-approċċ “modulari” fit-tfassil tal-politiki nazzjonali għandu potenzjal sinifikanti iżda wkoll riskji.

1.3 L-approċċ tal-Komunikazzjoni huwa komprensiv u strutturat iżda ma jqisx b’mod adatt l-isfidi politiċi u soċjoekonomiċi kumplikati li jridu jiffaċċjaw s-soċjetajiet Ewropej. Il-kriżi ekonomika, u l-effetti tagħha, attwalment hija l-ixprun prinċipali fl-aġenda għall-integrazzjoni. Din tolqot il-fehma tal-pubbliku Ewropew u tpoġġi lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali taħt pressjoni finanzjarja. Il-Kumitat jissuġġerixxi li l-proposta terġa’ tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-kuntest soċjoekonomiku attwali u jiġu identifikati strumenti istituzzjonali u finanzjarji speċifiċi sabiex jiġu appoġġjati l-għanijiet tal-integrazzjoni. B’mod partikolari, il-Kumitat jiġbed ukoll l-attenzjoni għad-dimensjoni tal-komunikazzjoni. Diġà jidher ċar li l-kriżi ekonomika għandha tendenza li tiffavorixxi l-attitudnijiet kontra l-immigrazzjoni. Huwa assolutament prijoritarju li l-Kummissjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jikkordinaw l-isforzi tagħhom sabiex iniedu kampanji sostnuti, vasti u awdaċi bil-għan li jitrażżnu d-diskors u l-attitudni kontra l-immigrazzjoni li fxi pajjiżi Ewropej

qegħdin jersqu b’mod perikoluż li jsiru parti mill-ħajja politika normali. Dan qed jolqot direttament l-identità prinċipali tal-UE bħala entità demokratika integrata.

1.4 Il-Kumitat jinnota d-diversità tal-istatus tal-persuni bin-nazzjonalità ta’ pajjiżi terzi u jissuġġerixxi li din id-diversità tiġi integrata fir-riflessjoni u t-tħejjija tal-politika. Il-kategorija tinkludi ċittadini ta’ stati li għandhom perspettiva ta’ adeżjoni mal-UE, ċittadini ta’ pajjiżi mhux Ewropej li jgħixu u jaħdmu fl-UE u ċittadini li mhumiex ċittadini tal-UE li jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali fit-territorju tal-UE. Ir-rikonoxximent ta’ din id-diversità madankollu m’għandux iwassal għal distakki fil-politika jew fazzjonijiet diskriminatorji u b’mod aktar importanti, m’għandux iwassal għal standards jew miżuri ta’ integrazzjoni minimi. Il-Kumitat iqis ukoll li l-aġenda għall-integrazzjoni usa’ għandha tinkludi persuni bin-nazzjonalità tal-UE li jgħixu u jaħdmu fi Stati Membri oħra. Is-sitwazzjoni tar-Roma hija partikolarment problematika. Attwalment, qed jiġu diskussi, fi ħdan il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza tal-ħaddiema migranti staġjonali minn pajjiżi terzi; il-KESE ħareġ opinjoni dwar din il-kwistjoni fl-2011. <sup>(1)</sup> Il-politika tal-UE trid tindirizza l-kwistjoni diffiċli tal-migranti irregolari, li huma partikolarment vulnerabbli.

1.5 Il-Komunikazzjoni gústament tpoġġi enfasi fuq il-parteċipazzjoni tal-persuni bin-nazzjonalità ta’ pajjiżi terzi iżda tonqos milli twassal messaġġ aktar determinat dwar in-neċessità, l-appoġġ u l-istrumenti speċifiċi biex din tiġi promossa. Il-parteċipazzjoni fil-ħajja ċivika u politika tal-komunitajiet lokali u nazzjonali hija partikolarment problematika. Fil-fehma tal-Kumitat, l-artikolazzjoni tal-interessi u l-kapaċità li jitfasslu proposti kollettivi bi sħab mal-korpi pubbliċi u privati hija prerekwiżit għal politika ta’ integrazzjoni kwalitattiva, parteċipattiva u effiċjenti.

<sup>(1)</sup> ĠU C 218, 23.7.2011, p. 97–100.

1.6 Il-Kumitat ihegġegħ lill-Kummissjoni tal-UE sabiex tiffoka fuq l-integrazzjoni, jew permezz ta' sena Ewropea dedikata jew bħala element ewlieni tas-snin l-oħra li ġejjin, u jittama li l-Kummissjoni flimkien mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jkomplu jorbtu l-aġenda għall-integrazzjoni mal-prijoritajiet prinċipali ta' politika l-oħra, bħall-Istrateġija Ewropa 2020 iżda wkoll l-aġenda dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li attwalement qiegħda tiġi riveduta.

1.7 Il-Kumitat iżomm l-impenn profond tiegħu li jikkoopera mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE sabiex jiġu żviluppati politiki u programmi prinċipali għall-integrazzjoni tal-persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, huwa determinat li jaħdem sabiex jorbot is-soċjetà ċivili Ewropea mal-aġenda għall-integrazzjoni u jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi fi djalogo strutturat fil-livell Ewropew.

## 2. Introduzzjoni

2.1 Il-kooperazzjoni tal-UE għall-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi żviluppata aktar mill-Programm ta' Tampere (1999) l hawn. Fl-2004, il-prinċipji bażiċi komuni għall-politika tal-integrazzjoni tal-immigranti ġew adottati fil-livell tal-UE. L-għan tagħhom kien li jgħinu lill-Istati Membri tal-UE fit-tfassil tal-politiki tal-integrazzjoni u fid-definizzjoni ta' qafas istituzzjonali usa' magħmul minn diversi atturi lokali, reġjonali, nazzjonali u mill-UE. L-Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni tal-2005 tal-Kummissjoni, bil-għan li timplimenta l-prinċipji bażiċi komuni, irrappreżentat pass 'il quddiem iżda ma indirizzatx l-isfidi prinċipali tal-integrazzjoni, li jibqgħu sinifikanti. L-għanijiet ta' integrazzjoni tal-UE kienu inklużi wkoll fil-Program ta' Stokkolma tal-2009 u fl-Istrateġija Ewropa 2020, iżda l-iżvilupp tagħhom f'dawn l-aġendi ta' politika importanti ma wassalx għal progress fil-politiki ta' integrazzjoni b'mod deċiżiv.

2.2 FLulju 2011, il-Kummissjoni pproponiet aġenda Ewropea rinnovata għall-integrazzjoni tal-migranti li mhumix parti mill-UE, li tiffoka fuq il-parteċipazzjoni aħjar u aktar vasta tal-migranti u fuq l-azzjoni msaħħa fil-livell lokali. Din l-aġenda tippermetti wkoll li l-pajjiżi tal-oriġini jaqdu rwol akbar fl-ippjanar tal-politika. Il-prinċipju prinċipali tat-tfassil tal-politika huwa l-flessibbiltà u l-Kummissjoni Ewropea tieħu r-responsabbiltà li tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri pakkett ta' għodda li jistgħu jużawh skont il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tagħhom. Ġew identifikati wkoll indikaturi komuni b'appoġġ għall-aġenda tal-integrazzjoni (2).

2.3 Sabiex tmexxi 'l quddiem l-aġenda għall-integrazzjoni, l-UE iżżomm infrastruttura istituzzjonali u ta' komunikazzjoni, jiġifieri *Netwerk ta' punti nazzjonali ta' kuntatt dwar l-integrazzjoni, il-Forum Ewropew dwar l-Integrazzjoni*, pjattaforma għal djalogo li tinvolvi lill-partijiet kollha interessati attivi fil-qasam tal-integrazzjoni; il-*Websajt Ewropew dwar l-Integrazzjoni*, il-punt ta' aċċess prinċipali għall-iskambji diretti tal-informazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-għbir ta' data onlajn; *Manwal dwar l-Integrazzjoni* għal dawk responsabbli mill-politika u dawk li joperaw fis-settur, il-*Fond Ewropew għall-Integrazzjoni*, li jappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri tal-UE sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jintegraw fis-soċjetà Ewropea. Fit-18 ta' Novembru 2011 tnedia l-Portal *dwar l-Immigrazzjoni*.

(2) Eurostat, Indikaturi ta' Integrazzjoni tal-Immigranti – Studju Pilota, Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011.

2.4 L-introduzzjoni ta' dispożizzjoni legali ġdida fit-Trattat dwar l-appoġġ mill-UE għall-promozzjoni tal-integrazzjoni ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi li joqogħdu fl-Istati Membri legalment (Artikolu 79(4) tat-TFUE) toħloq bażi aktar solida sabiex tiġi kkoordinata l-azzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u hija impenn kontinwu mill-Kummissjoni Ewropea u mill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE.

2.5 Fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea li jakkumpanja l-Komunikazzjoni ġew indikati xi sfidi prinċipali għall-integrazzjoni ta' persuni bin-nazzjonalità ta' pajjiżi terzi: il-livelli baxxi attwali tal-impjieg tal-migranti, speċjalment tan-nisa migranti; il-livell dejjem jogħla ta' qgħad u livelli għoljin ta' kwalifiki żejda; ir-riskji miżjuda tal-esklużjoni soċjali, id-distakki fil-kisbiet edukattivi; it-tħassib pubbliku rigward in-nuqqas ta' integrazzjoni tal-migranti (3).

## 3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-viżjoni li l-integrazzjoni hija responsabbiltà konġunta u jhegġegħ lill-Istati Membri tal-UE sabiex jagħmlu l-integrazzjoni prijorità. Dan huwa mod kif jiġi salvagwardjat ambjent demokratiku miftuħ, inklużiv u stabbli fil-livell nazzjonali (4). Madankollu, fil-livell tal-UE għad iridu jsiru sforzi serji. L-istituzzjonijiet tal-UE diġà jipprovdu qafas għall-monitoraġġ, l-analiżi komparattiva u l-iskambju ta' Prattika tajba. Iżda, għad hemm diversi direzzjonijiet fejn hemm bżonn ta' aktar attenzjoni. L-istrumenti finanzjarji Ewropej għandhom ikunu orjentati aħjar lejn il-ksib tal-għanijiet tal-integrazzjoni. Trid titwettaq analiżi serja tal-legalizzazzjoni eżistenti, speċjalment dwar il-proċeduri ta' xogħol li jikkonċernaw liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

3.2 Fil-kuntest tad-disponibbiltà tad-data, il-KESE jqis li l-aġenda għall-integrazzjoni tal-UE għandu jkollha għanijiet u miri aktar ċari. Il-KESE jipprevedi sistema fejn l-Istati Membri tal-UE jstabbilixxu miri speċifiċi dwar l-integrazzjoni u jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom u pajjiżi oħra informazzjoni kontinwa dwar ir-riżultati miksuba. L-għan globali ta' Ewropa kompetittiva u inklużiva ma jistax jinkiseb jekk l-4 % tal-popolazzjoni (5) rappreżentata minn ċittadini ta' pajjiżi terzi jitħallew lura.

3.3 L-aġenda għall-integrazzjoni hija kumplessa ħafna u teħtieġ impenn fil-livelli kollha. Il-KESE huwa miftuħ għal kooperazzjoni avanzata mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Kumitat tar-Reġjuni u mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE sabiex jikkonkretizza din l-aġenda rinnovata għall-integrazzjoni. L-enfasi fuq il-livell lokali huwa apprezzat ħafna. Huwa wkoll importanti li s-soċjetà ċivili u n-negozji attivi fil-livell lokali jingħataw il-mezzi neċessarji. Il-migranti stess għandhom jitħeġġew joħlqu n-netwerks u l-assoċjazzjonijiet proprji tagħhom li jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni, il-fondi u t-teħid ta' deċiżjonijiet.

(3) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, L-Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni (mhux disponibbli bil-Malti).

(4) Għal preżentazzjoni sintetika tat-tħassib relatat mal-migrazzjoni taċ-ċittadini kemm tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi terzi, ara r-riżultati tal-ewwel Ewrobarometru dwar l-Integrazzjoni tal-Migranti, MEMO/11/529, Brussell 20 ta' Lulju 2011 (mhux disponibbli bil-Malti).

(5) Għal ċifri kompluti ara r-Rapport Annwali dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil (2010), COM(2011) 291 final.

3.4 L-iżvilupp ta' sett ta' għodod Ewropej relatat mal-prattiki ta' integrazzjoni huwa neċessarju u jenfasizza l-importanza istituzzjonali tal-manwal dwar il-prattiki ta' integrazzjoni. Il-kontenut ta' dan s-sett ta' għodda għandu jiġi kkomunikat tajjeb, flimkien mal-opportunitajiet ta' finanzjament għall-proġetti b'impatt sinifikanti. Il-KESE jesprimi t-tama li s-sett ta' għodda jintuża sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-integrazzjoni l-aktar rilevanti fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

3.5 Barra minn hekk, is-sett ta' għodod Ewropew m'għandux idgħajf il-koerenza tal-politika ta' integrazzjoni kollha kemm hi. Il-KESE jhegġegħ lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jipproċedu abbażi tal-istrategġiji ta' integrazzjoni abbozzati b'mod parteċipattiv. Il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea sabiex jaqta aktar mezzi lill-punti nazzjonali ta' kuntatt għall-integrazzjoni, sabiex jaqdu r-rwol ta' katalisti għall-istrutturar strateġiku tal-azzjonijiet ta' integrazzjoni.

3.6 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-abbozzar reċenti tal-istudju tal-Eurostat dwar l-Indikaturi tal-Integrazzjoni<sup>(6)</sup>. Dan huwa strument prezzjuż ħafna li jippermetti monitoraġġ mill-qrib tal-impatt tal-politiki u tal-programmi, l-evalwazzjoni komparattiva tal-prattiki tal-Istati Membri u, b'mod ġenerali, it-tfassil ta' politika b'bażi aktar soda. Kif indikat qabel, l-indikaturi mhumiex biss rilevanti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Dawn jippermettu wkoll li jiġu stabbiliti miri konkreti għall-politika u l-programmi tal-integrazzjoni.

#### 4. Kummenti speċifiċi

##### 4.1 Integrazzjoni permezz tal-parteeipazzjoni

##### 4.1.1 Il-kontribut soċjoekonomiku tal-migranti

4.1.1.1 Il-kontribut soċjoekonomiku tal-migranti huwa dimensjoni prinċipali tal-aġenda għall-integrazzjoni. Il-KESE jirrakkomanda bidla fil-perspettiva dwar il-migranti, fejn f'ħafna każijiet jitqiesu bħala piż potenzjali fuq is-sistemi tas-sigurtà soċjali jew ħaddiema bl-irħis meta mqabbla maċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE. Il-KESE jqis il-migranti l-ewwel u qabel kollox bħala persuni li għandhom drittijiet fundamentali, iżda wkoll bħala kontributuri għas-soċjetà, l-ekonomija u l-kultura tal-pajjiżi ospitanti. Il-KESE jqis ukoll l-integrazzjoni bħala proċess bilaterali fuq żewġ livelli u jhegġegħ lill-migranti sabiex jieħdu interess fl-iskambji soċjali u kulturali mal-komunitajiet u s-soċjetajiet ospitanti. Primarjament dan ifisser li jiksbu ħiliet lingwistiċi u jipparteċipaw fis-sistema edukattiva. Is-soċjetajiet u ċ-ċittadini Ewropej iridu jkunu konxji mill-fatt li hemm sfidi demografiċi serji fuq il-perjodu medju u dak fit-tul li jistgħu jiġu parzjalment indirizzati permezz ta' migrazzjoni regolata.

4.1.1.2 Il-ksib tal-għarfien lingwistiku huwa fattur importanti sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni. Madankollu mhuxwix ċar liema huma l-istrumenti speċifiċi li l-Kummissjoni Ewropea hija lesta li tuża sabiex tilħaq dan l-oġettiv.

<sup>(6)</sup> Eurostat, 2011, Indikaturi tal-Integrazzjoni tal-Immigranti – Studju Pilota (mhux disponibbli bil-Malti).

4.1.1.3 Il-parteeipazzjoni fis-suq tax-xogħol hija kwistjoni prinċipali sabiex jiġi determinat is-suċċess tal-integrazzjoni. Il-Komunikazzjoni ġustament tindika li l-livelli tal-impjeg tal-migranti għandu jkun eqreb b'mod sinifikanti għal dak taċ-ċittadini, speċjalment tan-nisa, li jidhru li jintlaqta b'mod partikolari. Madankollu, din il-miżura purament kwantitattiva ma tirriflettix il-kuntest kollu tal-impjeg. Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, il-paga u l-benefiċċji preċedenti, inkluż it-trasferiment tagħhom, l-aċċess għat-taħriġ u s-sigurtà tal-impjeg huma dimensjonijiet oħra relatati li jridu jiġu inkorporati bis-sħiħ fl-aġenda għall-integrazzjoni. Hemm b'żonn ta' aktar enfasi fuq l-impjegar tan-nisa.

4.1.1.4 Il-KESE jirrikonoxxi bi tħassib kbir l-effetti diretti u indiretti tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-istatus tal-ħaddiema migranti<sup>(7)</sup>. Għalkemm sar progress permezz tal-Karta Blu tal-UE, id-direttiva dwar il-permess uniku u d-direttiva dwar il-ħaddiema staġunali, hemm tħassib leġittimu li d-direttivi fir-rigward tax-xogħol jiddiskrimnaw abbażi tal-orijini u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema jew migranti u jinforzaw mill-ġdid l-inugwaljanzi<sup>(8)</sup>. Ir-regolamenti tal-UE dwar ix-xogħol jagħmlu distinzjoni bejn ħaddiema b'ħafna ħiliet u dawk b'ħiliet baxxi, u jagħtuhom livelli differenti ta' drittijiet.

4.1.1.5 Il-KESE jwissi li t-tħeġġiġ tal-migrazzjoni ċirkolari b'mezzi inadegwati jista' jwassal għal aktar migrazzjoni irregolari u livell baxx ħafna ta' protezzjoni għall-ħaddiema. Din il-politika partikolari titfa' wkoll dubji ta' etika jekk tibqa' bil-għan li l-ħaddiema jintbagħtu lura fil-pajjiżi ta' orijini tagħhom mingħajr ma jkunu jistgħu jitransferixxu l-benefiċċji jew jaħdmu għal perjodu raġonevoli ta' żmien fil-pajjiż ospitanti.

4.1.1.6 Hemm b'żonn ta' aktar sforz fis-sistema edukattiva sabiex tiżdied il-parteeipazzjoni taż-żgħażaġ minn sfond ta' migrazzjoni. L-isforzi għandhom jiġu mmirati lejn l-edukazzjoni tal-infanzja bikrija bħala mod kif tiżdied il-parteeipazzjoni fi stadju suċċessiv. Il-Komunikazzjoni tindika eżempji possibbli ta' azzjonijiet, inklużi l-programmi ta' mentoring, it-taħriġ għall-ġenituri u l-impjegar ta' għalliema migranti. Il-KESE jqis dan kollu bħala utli iżda jitlob tixrid aktar determinat ta' dawn il-prattiki u finanzjament aħjar għall-programmi organizzati fi ħdan l-istituzzjonijiet edukattivi jew madwarhom.

4.1.1.7 Il-garanzija ta' kundizzjonijiet aħjar tal-għajxien tibqa' prijorità għall-aġenda għall-integrazzjoni. Il-Komunikazzjoni tindividwa l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali bħala d-destinatarij tal-isforzi lokali u nazzjonali f'dan is-sens. Filwaqt li l-KESE jirrikonoxxi bis-sħiħ il-b'żonnijiet ta' dan il-grupp partikolari, jiġbed ukoll l-attenzjoni għal gruppi vulnerabbli oħra. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha togħqod attenta u

<sup>(7)</sup> ĠU C 218, 23.7.2011, p. 97–100 u ĠU C 354, 28.12.2010, p. 16–22.

<sup>(8)</sup> Assoċjazzjoni Ewropea għad-Difiża tad-Drittijiet tal-Bniedem, *Foreign workers in the EU: moving towards multiple standards, founded on unequal treatment?* ("Ħaddiema barrani fl-UE: lejn standards multipli, ibbażati fuq trattament inugwali?"), mhux disponibbli bil-Malti) 17 ta' Ottubru 2011.



tagħti prijorità lis-sitwazzjonijiet fejn ikunu magħquda bosta fatturi vulnerabbli pereżempju bħall-każ tan-nisa Roma. Barra minn hekk, issa l-UE, permezz tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, issa għandha għodda viżjonarja li tista' tiggwida l-leġislażzjoni dwar l-integrazzjoni.

4.1.1.8 Il-KESE jiddispjaċih li t-trattament tal-Kummissjoni tal-popolazzjoni tar-Roma huwa daqshekk dgħajef. Ħafna Roma mill-pajjiżi terzi għixu f'kundizzjonijiet diffiċli ħafna fil-pajjiżi ospitanti, u huma nieqsa mill-aċċess għall-infrastruttura u s-servizzi bażiċi. Il-KESE jqis li għalkemm hemm differenzi legali kbar bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u iċ-ċittadini tal-Istati Membri, il-problema tal-gruppi vulnerabbli hi l-istess. Barra minn hekk, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem għandhom jiġu protetti irrispettivament mill-istatus legali tal-persuna.

4.1.1.9 Huwa neċessarju li jkun hemm użu aħjar tal-finanzjamenti tal-UE sabiex jinkisbu l-oġġettivi tal-aġenda għall-integrazzjoni. Il-KESE jinnota li l-kriżi finanzjarja titfa' taħt pressjoni l-infiq pubbliku għall-programmi soċjali u jqis li l-finanzjament tal-UE jista' jkun kruċjali fil-appoġġ tal-proġetti prinċipali li minn tal-inqas jibnu bażi solida ta' prattika tajba. L-informazzjoni dwar il-finanzjament għandha tkun disponibbli b'mod faċli u l-finanzjamenti għandhom jipprovdu biżżejjed incettivi sabiex jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-istituzzjonijiet pubbliċi u privati. Ir-riżorsi disponibbli għandhom jintużaw sabiex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jitħeġġu jikkomunikaw u jaġixxu fil-livell taċ-ċittadini, waqt li jenfasizzaw il-parteċipazzjoni tal-komunitajiet tal-migranti.

4.1.1.10 L-UE għandha tkun miftuħa fir-rigward tan-netwerks u l-organizzazzjonijiet tal-migranti fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Il-ħolqien ta' netwerks u ta' kapital soċjali jikkontribwixxi għall-integrazzjoni mill-iktar livell baxx u joħloq ambjent fejn il-migranti jħossuhom aktar b'saħħithom u kapaċi jiddefendu d-drittijiet u l-potenzjal tagħhom. In-netwerks u l-organizzazzjonijiet madankollu għandhom jappoġġjaw l-integrazzjoni u mhux isiru mezzi għal aktar segregazzjoni. Il-KESE jissuġġerixxi li dawn l-organizzazzjonijiet u n-netwerks jistabbilixxu sħubijiet mal-organizzazzjonijiet fil-pajjiżi ospitanti. L-UE għandha tkun miftuħa għal forum ġodda ta' parteċipazzjoni u kooperazzjoni, iffaċilitati mit-teknoloġija tal-informazzjoni u ż-żieda fil-mobilità.

Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tieħu azzjoni sabiex terġa' tikkunsidra l-leġislażzjoni dwar ix-xogħol tal-migranti, li fil-formulazzjoni attwali tagħha hija mezz għal diskriminazzjoni u inugwaljanza, u tkompli bil-ħidma tagħha sabiex tiffaċilita l-isforzi tal-Istati Membri lejn aktar integrazzjoni u integrazzjoni aħjar.

4.1.2 **Drittijiet u obbligi – biex naslu għal trattament ugwali u għal sens ta' appartenenza**

4.1.2.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-attenzjoni speċjali li tingħata lill-parteċipazzjoni politika tal-migranti, bħala uffiċjali

eletti, votanti jew bħala parti minn korpi konsultattivi. Dan huwa każ ta' prova prinċipali għad-demokrazija Ewropea. Huwa biss jekk il-migranti jkollhom vuċi politika li tista' tiġi garantita l-integrazzjoni tagħhom fuq il-perjodu medju jew fit-tul u jiġi evitat li jsofru minn diskriminazzjoni. Vuċi politika u forum istituzzjonalizzati ta' azzjoni kollettiva jistgħu jdaħħlu lill-migranti fil-proċess politiku u b'hekk jiġu evitati l-aljenazzjoni u r-radikaliżmu. Il-parteċipazzjoni politika tista' tiġi appoġġjata billi jerġġu jiġu diskussi r-regoli attwali dwar iċ-ċittadinanza f'kull pajjiż. Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-fatt li iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jingħataw drittijiet tal-vot fl-elezzjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej u dritt korrispondenti sabiex joħorġu għall-elezzjoni. B'rabta ma' dan, għażla possibbli tista' tkun li l-migranti legali jingħataw iċ-ċittadinanza tal-UE. Għal darb'oħra l-UE tista' tkun fuq quddiem tal-innovazzjoni demokratika u tittestja forum ġodda ta' parteċipazzjoni u kooperazzjoni.

## 4.2 Aktar azzjoni fil-livell lokali

4.2.1 L-enfasi fuq il-livell lokali huwa totalment iġġustifikat. Apparti li hu punt fokali tal-provvista tas-servizzi, il-livell lokali joħloq l-ambjent immedjat għall-integrazzjoni. Skont id-daqs tal-komunità lokali, il-proġetti għall-integrazzjoni b'suċċess jista' jkollhom impatt fuq il-ħajja tal-komunitajiet u l-migranti. Huwa kruċjali li l-awtoritajiet lokali u l-entitajiet privati interessati jkollhom informazzjoni tajba u aċċess għall-fondi tal-UE u nazzjonali.

4.2.2 Il-KESE jirrikonoxxi li ż-żoni urbani, speċjalment daww kbar ħafna, huma problematiċi. Jiġbdu numru kbir ta' migranti li f'ħafna każijiet jibnu kwartieri periferali u pjuttost iżolati. L-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-impjiegi huwa biss parti waħda mill-problema. Sfida aktar vasta hija l-ippjanar urban, li għandu jkun kemm sostenibbli kif ukoll inklużiv. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tappoġġja b'mod attiv proġetti li javvanzaw l-aġenda għall-integrazzjoni sabiex jiġu inklużi l-kwistjonijiet fundamentali tal-akkomodazzjoni u l-ippjanar urban.

4.2.3 L-approċċ mill-aktar livell baxx huwa wieħed promettenti ħafna, iżda biss jekk ikun promoss u finanzjat b'mod adegwat. Huwa importanti ħafna li għall-perspettiva finanzjarja li jmiss, il-Kummissjoni Ewropea żżomm l-impenn tagħha biex tissemplifika l-proċeduri tal-finanzjament u tiddestina riżorsi adegwati għall-proġetti lokali<sup>(9)</sup>. Aktar koordinazzjoni bejn il-fondi differenti ta' finanzjament, bħall-Fond propost għall-Migrazzjoni u l-Asil, li jieħu ħsieb l-asil, l-integrazzjoni u r-ritorn, il-Fond propost għas-Sigurtà Interna, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, jistgħu jkun kruċjali sabiex jissaħħu l-atturi fil-livell lokali.

<sup>(9)</sup> Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2011) 749 final, "Il-bini ta' Ewropa miftuħa u sigura: il-baġit tal-affarijiet interni għal bejn l-2014 u l-2020" u l-proposti relatati għal Regolament 750-751-752-753.

### 4.3 Involvement tal-pajjiżi tal-orìġini

4.3.1 Li l-pajjiżi tal-orìġini jiġu inklużi fil-proċess huwa pass neċessarju ħafna sabiex titfassal aġenda komprensiva għall-integrazzjoni<sup>(10)</sup>. Hemm pajjiżi tal-UE li qed jużaw prattiki tajba sabiex jikkomunikaw mal-pajjiżi tal-orìġini. Madankollu, il-KESE jrid jinnota li ħafna minn dawn il-pajjiżi, għal diversi raġunijiet, għandhom f'it incertivi sabiex jikkooperaw mal-UE dwar il-kwistjonijiet tal-migrazzjoni. Fil-każ tal-benefiċjarji potenzjali tal-protezzjoni internazzjonali, il-limitazzjonijiet huma aktar evidenti<sup>(11)</sup>. L-approċċ globali tal-UE għall-migrazzjoni jipprova qafas istituzzjonali tajjeb sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi u jsolvu kwistjonijiet urġenti marbutin mal-mobilità. Madankollu, il-kunsiderazzjoni tal-migrazzjoni prinċipalment fid-dawl tal-impatt tagħhom fuq is-suq tax-xogħol tal-UE tista' twassal għal livell aktar baxx ta' protezzjoni għall-migranti u saħansitra għal diskriminazzjoni.

4.3.2 L-UE għandha tkompli taħdem mal-pajjiżi tal-orìġini sabiex jitħaffu l-proċeduri ta' qabel it-tluq. Għandu jiġi nnotat li f'ħafna pajjiżi, it-tluq lejn l-UE huwa opportunità mfittxija u dan jista' jgħid lok għall-korruzzjoni. L-UE trid tkun

determinata li twaqqaf dan il-potenzjal, peress li dan iżid l-ispejjeż għall-migranti futuri u jaffettwa l-motivazzjoni tagħhom li jirritornaw lura fil-pajjiż tal-orìġini.

4.3.3 Il-KESE jqis li l-aħjar mod sabiex ikun hemm kontribut fit-tul għall-iżvilupp tal-pajjiżi tal-orìġini huwa li jitfasslu regolamenti sensibbli dwar ix-xogħol iżda wkoll li l-migranti jingħataw il-mezzi neċessarji sabiex jibdeu negozji transnazzjonali jew jirritornaw lura għall-pajjiżi tal-orìġini u jittrasferixxu l-ħiliet u l-motivazzjoni. Il-KESE jirrakkomanda l-iżvilupp ta' skemi ta' appoġġ għan-negozji li għadhom jibdeu u għall-inizjattivi intraprenditorjali fuq bażi bilaterali għall-migranti li jirritornaw fil-pajjiż tal-orìġini tagħhom. Kemm il-pajjiżi tal-orìġini kif ukoll il-pajjiżi ospitanti jistgħu jaħdmu bi sħab sabiex jgħid lok opportunitàjiet għaċ-ċittadini, il-kumpaniji u l-komunitajiet tagħhom. Hemm eżempji ta' kooperazzjoni fejn il-bżonnijiet ta' dawk li jħaddmu jitqabblu mal-kapaċitajiet tal-migranti.

4.3.4 It-tkekk għal tal-migrazzjoni ċirkolari hija leġittima sakemm l-istrument ma jkunx leġiżlazzjoni li jolqot, direttament jew indirettament, id-drittijiet taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi<sup>(12)</sup>.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

<sup>(10)</sup> ĠU C 44, 16.2.2008, p. 91–102. It-tema dwar l-Immigrazzjoni fl-UE u l-politika ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' orìġini għall-promozzjoni tal-iżvilupp ġiet indirizzata wkoll fis-6 laqgħa tal-Forum Ewropew dwar l-Integrazzjoni (ara: <http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.events-and-activities-european-integration-forum-6>).

<sup>(11)</sup> ĠU C 18, 19.1.2011, p. 80–84.

<sup>(12)</sup> Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 5.

## APPENDIĊI

**għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

Dan il-kompromess irċieva minn tal-inqas kwart tal-voti iżda ġie rriffjutat matul id-dibattitu (Regoli 51(6) u 54(3) tar-Regoli ta' Proċedura):

**Emenda wara kompromess****Punt 4.1.2.1**

Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-attenzjoni speċjali li tingħata lill-parteċipazzjoni politika tal-migranti, bħala uffiċjali eletti, votanti jew bħala parti minn korpi konsultattivi. Dan huwa każ ta' prova prinċipali għad-demokrazija Ewropea. Huwa biss jekk il-migranti jkollhom vuċi politika li tista' tiġi garantita l-integrazzjoni tagħhom fuq il-perjodu medju jew fit-tul u jiġi evitat li jsofru minn diskriminazzjoni. Vuċi politika u forom istituzzjonalizzati ta' azzjoni kollettiva jistgħu jdaħħlu lill-migranti fil-proċess politiku u b'hekk jiġu evitati l-aljenazzjoni u r-radikaliżmu. Il-parteċipazzjoni politika tista' tiġi appoġġjata billi jerġgħu jiġu diskussi r-regoli attwali dwar il-parteċipazzjoni politika ta' ċittadini f'kull pajjiż. Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-fatt jiġu jissuġġerixxi li ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jingħataw drittijiet tal-vot fl-elezzjonijiet lokali, u reġjonali, nazzjonali u Ewropej u dritt korrispondenti sabiex jidheru għall-elezzjoni. B'rabta ma' dan, għażla possibbli tista' tkun li l-migranti legali jingħataw ta' ċittadinanza tal-UE. Għandha tiġi mħeġġa wkoll parteċipazzjoni aħjar fil-livell tal-UE. Għal darb'oħra l-UE tista' tkun fuq quddiem tal-innovazzjoni demokratika u tittestja forom ġodda ta' parteċipazzjoni u kooperazzjoni.

**Votazzjoni**

Favur: 70

Kontra: 77

Astensjonijiet: 28

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013)”**

COM(2011) 489 finali – 2011/0217 (COD)

(2012/C 181/24)

Relatur: **is-Sur GOBIŅŠ**

Nhar il-21 ta' Settembru 2011, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 21(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar *il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013)*

COM(2011) 489 final – 2011/0217 COD.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta' Frar 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'137 vot favur, 3 voti kontra u 11-il astensjoni.

“Is-soċjetà ċivili hija wieħed mill-mezzi kif nistgħu nesprimu n-natura umana tagħna b'mod sħiħ”

Václav Havel

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kummissjoni Ewropea pprevediet li ssejjaħ l-2013 is-“Sena Ewropea taċ-Ċittadini”<sup>(1)</sup>. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jenfasizza li ċ-ċittadini jaqdu rwol ċentrali fl-iżgurar tal-ġejjieni tal-Ewropa u l-integrazzjoni tagħha u jappoġġja għadd ta' ideat preżentati fil-proposta kkonċernata. Flimkien mal-imsieħba tiegħu, diġà wettaq ħidmiet preparatorji konsiderevoli bil-għan li jiffaċilita s-suċċess tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini u ser ikompli din il-ħidma b'mod immirat.

Jiddispaċih li l-proposta attwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sena Ewropea 2013 fiha xi nuqqasijiet.

1.2 Fil-proposta attwali, il-Kummissjoni Ewropea ma aċċettatx it-talba tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex tidde-dika din is-sena għaċ-ċittadinanza attiva u lanqas ma aċċettat l-istedina tal-Parlament Ewropew biex tenfasizza b'mod partikolari d-drittijiet il-ġodda taċ-ċittadini b'riżultat tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Il-KESE jirakkomanda sensiela ta' żidiet u ta' emendi speċifiċi u b'hekk iħeġġeġ li din is-sena tersaq iktar qrib il-bżonnijiet taċ-ċittadini u verament tirnexxi.

1.3 L-isfidi l-kbar tal-Ewropa u taċ-ċittadini tagħha jirrikjedu li jiġu stabbiliti prijoritajiet għas-sena tematika Ewropea. Il-livell baxx ta' fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea, ix-xettiċiżmu tagħhom fir-rigward tas-setgħa tagħhom li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tal-UE, l-apatija u n-nuqqas ta' parteċipazzjoni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet idagħjfu b'mod fundamen-

tali l-ispirtu tal-UE, u jinfluwenzaw b'mod negattiv il-kwalità tad-deċiżjonijiet u l-iżvilupp fil-perjodu fit-tul tal-Unjoni.

L-oġettiv prinċipali tas-sena tematika għandu jkun iċ-ċittadinanza attiva u parteċipattiva. Din is-sena għandha tippromovi l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini – parteċipazzjoni infurmata, attiva u li tinkludi l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u fil-ħajja politika u soċjali.

1.4 Il-KESE jirakkomanda li tiġi speċifikata l-bażi legali tas-Sena Ewropea u li t-titolu tagħha jkun kif ġej: “is-Sena Ewropea taċ-Ċittadinanza Attiva u Parteċipattiva”.

1.5 Il-Kumitat ifakkar li l-kunċett ta' ċittadinanza attiva u parteċipattiva jinkludi l-konsolidazzjoni tal-valuri fundamentali tad-demokrazija u tal-UE, id-dibattitu dwar ir-rispett tad-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali taċ-ċittadini u dwar l-obbligju tagħhom u t-tisħiħ tas-sens ta' appartenenza fl-UE. Din is-sena Ewropea għandha tenfasizza d-diversità tal-bżonnijiet tas-soċjetà u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi, billi tagħti attenzjoni partikolari lin-nisa u lill-persuni b'diżabbiltà.

1.6 Il-korpi amministrattivi tal-istituzzjonijiet, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, għandhom jimpenjaw ruħhom mill-aktar fis biex jinkisbu l-oġettivi msemmija. Dan il-proċess għandu jseħħ fil-qafas ta' djalogu mill-qrib mas-soċjetà ċivili fl-istadji kollha tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-livelli kollha (lokali, nazzjonali, Ewropew).

1.7 F'dan il-kuntest, il-mobbiltà hija oġettiv li jistħoqqlu jiġi appoġġjat anke b'mod indirett.

1.8 Jeħtieġ li jiġi analizzat mill-ġdid il-pakkett finanzjarju allokati għas-Sena Ewropea u għall-parteċipazzjoni fiha. L-ammont allokati għandu jkun adatt, stabbli u proporzjonat

<sup>(1)</sup> COM(2011) 489 final – 2011/0217 COD.

għall-importanza tal-oġġettiv immirat, fid-dawl tal-fatt li defiċit demokratiku jista' jiswa aktar. Il-finanzjament imnaqqas (minn EUR 17-il miljun fl-2010 għal EUR 1 miljun fl-2013) ma jippermettix li jiġu indirizzati kwistjonijiet importanti.

1.9 Bil-għan li jingħata segwitu lill-prattiki tajba u jiġi garantit li l-azzjonijiet ikunu miftuħin u kkoordinati kemm jista' jkun, il-membri tal-Grupp tal-Kuntatt li jirrappreżentaw lill-organizzazzjonijiet u n-netwerks Ewropej, kif ukoll imsieħba oħra, bl-appoġġ tal-KESE, stabbilixxew alleanza għall-implimentazzjoni tas-sena tematika, li hija lesta tassumi rwol importanti fit-twettiq tas-sena kif ukoll fit-fassil ta' rakkomandazzjonijiet addizzjonali. Il-Kumitat jimpenja ruħu biex jiżviluppa u jimplementa programm wiesa' ta' parteċipazzjoni, trasparenza u innovazzjoni li jista' juri lis-soċjetà u lill-istituzzjonijiet tal-UE l-vantaġġi li jagħti l-impenn tal-kollektività, filwaqt li f'xi aspetti jservi ta' proġett pilota għal inizjattivi oħra.

## 2. Kuntest tal-opinjoni

2.1 L-2013 ser tirrappreżenta l-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tal-kunċett ta' "ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea" fit-Trattat ta' Maastricht. It-Trattat ta' Lisbona (Artikolu 10(3) u Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) ta bosta drittijiet ġodda lis-soċjetà ċivili: nenfasizzaw b'mod partikolari l-obbligu li l-istituzzjonijiet kollha tal-UE jippromovu l-parteeipazzjoni demokratika fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet kemm flivell individwali kif ukoll fil-livell tas-soċjetà ċivili organizzata<sup>(2)</sup>. Sfortunatament, sal-lum il-ġurnata dawn id-drittijiet ma jinħassux ħafna fis-soċjetà.

2.2 Hija u tindirizza parzjalment it-talba tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li tiddedika l-2013 għas-"Sena Ewropea ta' Ċittadini". Madankollu, fil-proposti tagħha l-Kummissjoni tiffoka fuq aspetti legali speċifiċi li jkopru biss parti żgħira tal-kunċett ta' ċittadinanza. Iċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea hija wieħed mill-aktar strumenti effikaċi għat-trawwim ta' identità komuni. Id-demokrazija, il-libertà, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem, skont l-Artikolu 2 tat-TUE, huma l-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea<sup>(3)</sup>. Huma ta' importanza partikolari għat-tisħiħ tal-proċess demokratiku, il-kuxjenza ta' ċittadini u s-sens ta' appartenenza fl-UE, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi u ta' tibdil potenzjali. Sfortunatament, dawn ma jirċevux biżżejjed attenzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni.

2.3 Minn stħarriġ' reċenti tal-Ewrobarometru, ħareġ li 43 % biss ta' dawk li wiegħbu qalu li jafu xi jfisser li wieħed ikun

<sup>(2)</sup> L-Artikolu 10(3) tat-TUE jistipula li: "Kull ċittadin għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-ċittadin." Barra minn hekk, l-Artikolu 11 tat-TUE jistipula li:

1. L-istituzzjonijiet għandhom, permezz ta' mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jgħarrfu u jiskambjaw pubblikament l-opinjoni tagħhom fl-oqsma ta' azzjoni kollha tal-Unjoni.
2. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u mas-soċjetà ċivili.
3. Sabiex tassigura li l-azzjonijiet tal-Unjoni jkunu koerenti u trasparenti, il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħmel konsultazzjonijiet wiesgħa mal-partijiet konċernati."

<sup>(3)</sup> TUE, ĠU C, 30.3.2010.

ċittadin Ewropew u 32 % qalu li huma infurmati tajjeb jew tajjeb ħafna dwar id-drittijiet tagħhom ta' ċittadin tal-UE<sup>(4)</sup>. Fl-2009, il-persentaġġ ta' ċittadini tal-età li fiha jistgħu jivvutaw li vvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew kien biss 43 %<sup>(5)</sup>, jiġifieri rata ta' parteċipazzjoni ħafna iktar baxxa mir-rata ta' parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet nazzjonali li kienet ta' madwar 67 %<sup>(6)</sup>. Inqas minn 30 % ta' ċittadini jaħsbu li jistgħu jinfluwenzaw personalment il-proċessi tal-UE u din iċ-ċifra qed tonqos<sup>(7)</sup>. Mill-istħarriġ' tal-Ewrobarometru tal-2009, ħareġ li dawk li wiegħbu jaħsbu li l-priorità prinċipali biex jiġi garantiti aħjar id-drittijiet ta' ċittadini hija t-titjib tad-djalogu tagħhom mal-istituzzjonijiet tal-UE (37 %)<sup>(8)</sup>. F'opinjonijiet tal-1992 u tal-1993, li baġġu sorprendentement validi għal-lum il-ġurnata, il-KESE diġà kien enfasisza l-ħtieġa tal-parteeipazzjoni ta' ċittadini, il-problemi tal-leġittimità, l-educazzjoni ċivika, l-informazzjoni għaċ-ċittadini u l-fiduċja li għandhom fis-setgħat tagħhom stess, it-tnaqqis tad-defiċit demokratiku, eċċ<sup>(9)</sup>.

2.4 In-nuqqasijiet tar-regolamentazzjoni Ewropea, il-fatt li din ma tiġix rispettata u n-nuqqas ta' rieda tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jidħlu fdjalogu ġenwin (li huwa s-suġġett ta' ħafna kritika) huma wkoll sfidi konsiderevoli għall-Unjoni Ewropea. Pereżempju, studju speċifiku li twettaq mill-Ewrobarometru fl-2011 wera li bilkemm hemm terz, saħansitra ħafna inqas, miċ-ċittadini tal-UE li huma sodisfatti bis-sħiħ jew parzjalment fir-rigward tal-effiċjenza tal-amministrazzjoni tal-UE, tad-disponibbiltà tagħha li tipprovdni servizzi u tat-trasparenza tagħha; il-bqija jesprimu nuqqas ta' sodisfazzjon speċjalment fir-rigward ta' nuqqas ta' trasparenza jew m'għandhomx opinjoni dwar il-kwistjoni<sup>(10)</sup>.

2.5 Din l-informazzjoni tagħti xhieda tal-pont li jifred liċ-ċittadini mill-korpi amministrattivi tal-UE, tal-livell baxx ta' parteċipazzjoni fit-tħaddim tagħhom<sup>(11)</sup> u saħansitra tnissel dubju fost xi wħud dwar il-leġittimità tad-deċiżjonijiet ġenerali tagħhom jew dwar l-influwenza qawwija tal-Kummissjoni Ewropea fuq l-Istati milquta mill-kriżi. Il-konsegwenzi fi kwalunkwe każ huma Unjoni Ewropea anqas effikaċi, anqas magħquda u anqas b'saħħtiha. Jeħtieġ ukoll li s-Sena Ewropea 2013 tkun l-opportunità fejn dawn il-kwistjonijiet jitqiegħdu fuq l-aġenda u, bl-ghajjnuna tas-soċjetà, jitwettaq titjib sensibbli u tiġi diskussa l-evoluzzjoni futura ta' ċittadinanza.

<sup>(4)</sup> Ewrobarometru Flash 294, ippubblikat f'Ottubru 2010.

<sup>(5)</sup> COM(2010) 605 final.

<sup>(6)</sup> Eurostat, Parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet parlamentari nazzjonali u tal-UE.

<sup>(7)</sup> Ewrobarometru standard 75, ippubblikat f'Awwissu 2011.

<sup>(8)</sup> Ara Ewrobarometru standard 72, Ħarifa 2009, it-tieni volum. Fl-2011, il-prioritajiet li l-persuni li ġew intervistati indikaw bħala l-aktar importanti (minn lista stabbilita minn qabel) kienu: id-dritt li persuna tiċċaqlaq u tivvjaġġa b'mod ħieles madwar l-UE (48 %), amministrazzjoni tajba mill-istituzzjonijiet tal-UE (33 %), id-dritt li jitressqu lmenti quddiem l-Ombudsman Ewropew (32 %), l-aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-UE (21 %), il-parteeipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej meta wieħed jgħix fi Stat Membru ieħor (21 %), id-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew (20 %) u l-possibbiltà li jiġu proposti miżuri legiſlattivi permezz tal-inizjattiva ta' ċittadini (19 %). Ara: Ewrobarometru speċjali/ 75.1, ippubblikat f'April 2011.

<sup>(9)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Aktor demokrazija għall-Ewropa u l-istituzzjonijiet tagħha; it-titjib tal-informazzjoni għaċ-ċittadini u għall-atturi soċjali. Ir-Rwol tal-Ombudsman fir-rigward tal-Parlament Ewropew", ĠU C 352/63, 30.12.1993 (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(10)</sup> Ara: Ewrobarometru speċjali/ wave 75.1, ippubblikat f'April 2011.

<sup>(11)</sup> ĠU C 318, 23.12.2006, p. 163 (mhux disponibbli bil-Malti).



### 3. Kummenti ġenerali

Idea ewlenija u l-isem tas-Sena Ewropea

3.1 Il-KESE jappoġġja l-idea li s-Sena Ewropea 2013 tiġi assoċjata mat-tema taċ-Ċittadinanza. Iqis li din is-sena għandha tkun iffokata fuq il-konformità tal-politiki tal-UE mal-valuri, l-interessi u l-ħtiġijiet taċ-ċittadini. Għaldaqstant, l-għanijiet ta' din is-sena għandhom ikunu l-**parteċipazzjoni** infurmata taċ-ċittadini kollha tal-UE fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fil-livelli kollha u fl-istadji kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet; **iċ-ċittadinanza attiva** b'mod ġenerali kif ukoll il-**fiduċja u l-appartenenza Ewropea**, il-paċi, il-libertà, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza, is-solidarjetà u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.

3.2 Il-KESE jipproponi li t-titolu tas-sena tematika jkun kif ġej: **"is-Sena Ewropea taċ-Ċittadinanza Attiva u Partecipativa"** <sup>(12)</sup>.

3.3 Din il-proposta għal deċiżjoni <sup>(13)</sup> tagħti wisq importanza lill-moviment ħieles tal-persuni u lid-drittijiet li jgawdu f'kuntest transkonfinali. **Il-proporzjon taċ-ċittadini mobbli għadu baxx** u f'ċerti pajjiżi, b'mod partikolari r-Rumanija u l-Bulgarija, il-mobbiltà hija aktar diffiċli minkejja l-fatt li dawn il-pajjiżi jissodisfaw il-kriterji tax-Schengen. Barra minn hekk, is-sena 2006 diġà kienet iddedikata għas-Sena Ewropea tal-Mobbiltà tal-Ħaddiema.

3.4 Il-proposta attwali tal-Kummissjoni Ewropea tillimita ċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea għal għadd ta' elementi legali, mentri fil-verità din tkopri firxa ħa'fna usa' ta' aspetti. **Iċ-ċittadinanza tinkludi wkoll dimensjonijiet oħra, b'mod partikolari politiċi, ċiviċi, ekonomiċi, soċjali** <sup>(14)</sup> **kif ukoll kulturali.**

Aspetti legali tas-Sena Ewropea

3.5 Il-KESE jappoġġja l-proposta, anke fid-dokument ikkonċernat, li jittejbu **d-djalogu u l-iskambju ta' informazzjoni** bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini tal-UE iżda jemmen li jeħtieġ li jingħata rwol ċentrali lid-**demokrazija partecipativa** u liċ-ċittadinanza attiva. Jeħtieġ li jiġu implimentati bis-sħiħ id-drittijiet u l-obbligi l-ġodda f'dan ir-rigward li jinsabu fit-Trattat ta' Lisbona <sup>(15)</sup> u li fuqhom il-Parlament Ewropew jistieden li ssir enfasi matul l-2013 <sup>(16)</sup>. Jeħtieġ li jiġi garantit mingħajr dewmien djalogu miftuħ u trasparenti bejn iċ-ċittadini u l-korpi amministrattivi fil-livelli kollha.

3.6 Il-KESE jitlob li fil-proposta għal deċiżjoni jiġu introdotti wkoll referenzi ċari u speċifiċi għad-dispożizzjonijiet kollha li jikkonċernaw id-demokrazija u l-parteċipazzjoni previsti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-**Artikolu 11 tat-TUE** u l-**Artikolu 15 tat-TFUE** iżda wkoll il-preambolu u l-Artikoli 1, 3(2), 6 u 10 tat-TUE <sup>(17)</sup>.

<sup>(12)</sup> L-Istati li b'ċittadinanza tradizzjonalment ifissru ċittadinanza attiva jistgħu jużaw l-espressjoni qasira.

<sup>(13)</sup> COM(2011) 489 final – 2011/0217 COD.

<sup>(14)</sup> ĠU C 376, 22.12.2011, p. 74.

<sup>(15)</sup> ĠU C 354, 28.12.2010, p. 59.

<sup>(16)</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2010 (2009/2161 (IN)).

<sup>(17)</sup> ĠU C 83, 30.3.2010.

*It-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tat-TUE jistipula li: "Dan it-Trattat huwa pass għdid lejn il-ħolqien ta' għaqda dejjem iżjed ravviċinata fost il-popli tal-Ewropa, li fiha d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadin." <sup>(18)</sup>*

3.7 Jeħtieġ li **titwessa' l-bażi legali** tas-sena tematika b'mod li l-oġettivi msemmija hawn fuq ikunu jistgħu jinkisbu u jiġu riflessi l-aspetti kollha taċ-ċittadinanza u jiġu garantiti l-funzjonament u t-tnedija tagħha fl-oqsma kollha tal-azzjoni politika.

3.8 Il-KESE jenfasizza li **kull Stat Membru** għandu wkoll sehem mir-responsabbiltà fir-rigward tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE kif tindika pereżempju deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali tal-Ġermanja u l-espressjoni "responsabbiltà fir-rigward tal-integrazzjoni" li tuża <sup>(19)</sup>.

3.9 Il-KESE jixtieq jenfasizza l-prinċipju tal-**ugwaljanza taċ-ċittadini**, imniżżel fl-Artikolu 9 tat-TUE <sup>(20)</sup>. Għaldaqstant jitlob biex, fil-qafas tas-Sena Ewropea 2013, tingħata attenzjoni lill-gruppi ta' ċittadini li jesperjenzaw diskriminazzjoni. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri speċifiċi li jiggwarantixxu liċ-ċittadini kollha possibiltajiet indaqs biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' parteċipazzjoni u dawk ekonomiċi u soċjali kif ukoll id-drittijiet l-oħra tagħhom, irrispettivament mill-oriġni, iċ-ċittadinanza, l-età, il-bżonnijiet partikolari, is-saħħa, il-ġid, it-tweemmin reliġjuż, is-sitwazzjoni familjali jew karatteristiċi oħra tagħhom ta' dan it-tip. Għandha tiġi żgurata ugwaljanza totali bejn in-nisa u l-irġiel <sup>(21)</sup>. Jeħtieġ li tiġi żgurata attenzjoni partikolari għall-**għieda kontra** l-ideoloġiji u l-attivitatijiet **radikali** jew **antidemokratiċi**.

3.10 Il-KESE jinsisti wkoll fuq id-**dimensjoni esterna** taċ-ċittadinanza attiva. Matul l-implimentazzjoni tas-sena, jeħtieġ li jkun hemm kollaborazzjoni mal-pajjiżi ġirien tal-UE. Il-Kumitat jitlob lill-UE biex, permezz ta' approċċ koerenti, tirrispetta l-prinċipji u l-valuri fundamentali tagħha fir-relazzjonijiet esterni <sup>(22)</sup>, issaħħa il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika esterna tagħha u tibda ttipprepara għall-2015 li l-KESE ppropona li tiġi ddedikata għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Il-moviment liberu tal-persuni

3.11 Il-KESE jappoġġja l-moviment ħieles tal-persuni bħala waħda mill-prijoritajiet indiretti <sup>(23)</sup>, hekk kif tagħmel il-Kummissjoni li, fil-proposta kkonċernata, tesprimi d-determinazzjoni tagħha li **telimina d-diffikultajiet li għad hemm u**

<sup>(18)</sup> ĠU C 83, 30.3.2010.

<sup>(19)</sup> BVerfG, 2 BvE 2/08, 30 ta' Ġunju 2009.

<sup>(20)</sup> ĠU C 83, 30.3.2010.

<sup>(21)</sup> Ara b'mod partikolari d-dossier REX/307, relatur: is-Sinjura Sharma u Ewrobarometru flash 294, ippubblikat f'Ottubru 2010. Il-gruppi li l-anqas li jifhmu tajjeb it-tifsira taċ-ċittadinanza Ewropea huma b'mod partikolari n-nisa u l-ħaddiema li jagħmlu xogħol manwali.

<sup>(22)</sup> ĠU C 376, 22.12.2011, p. 74.

<sup>(23)</sup> ĠU C 228, 22.9.2009 p. 14.

**li ġew elenkati** <sup>(24)</sup> bil-għan li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod ħieles u mingħajr l-ebda diskriminazzjoni d-drittijiet tagħhom. Fl-istess waqt, jitlob li l-attenzjoni tiġi ffukata fuq **azzjonijiet konkreti u prattiċi** li jħallu effetti pożittivi fil-perjodu fit-tul. Dawn l-inizjattivi jistgħu jinvolvu b'mod partikolari l-ħolqien jew l-estensjoni ta' programmi u strumenti ta' promozzjoni, it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' atti regolamentorji ġodda, jew saħansitra l-kontroll aktar strett u l-prosekuzzjoni tal-ksur fil-leġislazzjoni tal-UE.

3.12 Fil-qafas tas-Sena Ewropea 2013, jeħtieġ ukoll li tingħata attenzjoni partikolari lid-dritt li għandhom iċ-ċittadini li jibbenefikaw minn **għajnuna mingħand ir-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari** ta' Stati Membri oħra meta jkunu fpajjizi terzi.

3.13 Il-KESE jinnota li jeħtieġ li tiġi analizzata wkoll il-mobbiltà tal-persuni fil-kuntast tal-evoluzzjoni **demografika**, kif ukoll li jiġu indikati l-effetti pożittivi tagħha **fuq l-impjegabbiltà u l-kompetittività**. Il-KESE jħeġġeġ ukoll l-iżvilupp kif ukoll l-użu u r-rispett tal-leġislazzjoni Ewropea f'għadd ta' oqsma oħra, pereżempju d-drittijiet tal-konsumaturi, il-moviment tal-merkanzija, is-servizzi u l-kapital, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, id-dritt tal-vot u li wieħed jippreżenta lilu nnifsu b'mod ħieles fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew jekk jinsab fi Stat Membru ieħor tal-UE, il-ksib ta' għarfien lingwistiku u ta' kompetenzi interkulturali u soċjali kif ukoll drittijiet oħra u garanziji soċjali u ekonomiċi. Il-mobbiltà tal-persuni b'hekk tfisser ukoll li ċ-ċittadini jkunu jistgħu japprofittaw mill-vantaġġi tas-suq uniku u jikkontribwixxu għall-ksib tal-oġġettivi ta' tkabbir tal-Istrateġija Ewropa 2020.

#### *Aspetti organizzattivi tas-Sena Ewropea*

3.14 Il-parti organizzattiva tas-Sena Ewropea 2013 għandha tkun konformi mal-oġġettivi u l-valuri li tippromovi. Il-KESE jaqbel li dan il-**proċess** ta' pjanar u ta' implimentazzjoni jkun **miftuħ** kemm jista' jkun, u li fih jipparteċipaw l-atturi kollha kkonċernati fil-livelli u l-istadji kollha, b'mod partikolari l-Kumitat tar-Reġjuni, huwa nnifsu, ir-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fosthom l-imsieħba soċjali kif ukoll il-korpi amministrattivi nazzjonali u lokali.

3.15 Il-KESE jinsisti li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-kollaborazzjoni **mal-iskejjel u l-istabbilimenti tat-tagħlim superjuri** u l-attivitàjiet tagħhom. Kull Stat Membru għandu jkun jaf ir-rwol tiegħu u jstabbilixxi l-pjani tiegħu fir-rigward tal-programmi pedagoġiċi relatati li jistgħu jiġu appoġġjati mill-Kummissjoni Ewropea.

3.16 Biex tiġi kkonsultata s-soċjetà ċivili, jeħtieġ li titfassal **metodoloġija konkreta** u ġabra jew manwal ta' prattiki tajba.

3.17 Għandhom jintużaw kemm jista' jkun il-possibiltajiet offruti mit-**teknoloġiji moderni**, b'mod partikolari n-netwerks soċjali u mezzi oħra li l-kontenut tagħhom huwa definit mill-kontributi tal-utenti, b'mod partikolari billi tiġi introdotta taqsima ta' konsultazzjoni fis-siti elettroniċi tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE.

3.18 Barra minn hekk, il-Kumitat jitlob li tiġi żgurata **koordinazzjoni** trasparenti u **effikaċi** tas-Sena Ewropea 2013 fil-livelli kollha u bejn l-atturi kollha li jiedu sehem, b'mod partikolari billi jintuża kemm jista' jkun il-potenzjal tal-kumitati ta' tmexxija, permezz tal-ħolqien ta' mekkaniżmi effikaċi ta' skambji ta' esperjenzi fil-livell nazzjonali.

3.19 Abbażi tal-esperjenza preċedenti pożittiva matul is-Snin Ewropej preċedenti, il-Kumitat esprima l-appoġġ tiegħu għall-ħolqien, mill-membri tal-Grupp ta' Kuntatt li jirrappreżenta lill-organizzazzjonijiet u n-netwerks tas-soċjetà ċivili Ewropea, kif ukoll imsieħba oħra, ta' **koalizzjoni** estiża u miftuħa ta' **organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili bil-għan li tiġi organizzata din is-sena tematika**. Esprima wkoll li huwa lest jikkooopera ma' dik il-koalizzjoni. Min-naħa tiegħu, il-KESE għandu l-intenzjoni jwaqqaf grupp ta' koordinazzjoni li jsegwi l-progress tas-Sena u jikkontribwixxi sabiex tkun suċċess. Għal dan il-għan, għandha tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn il-koalizzjoni tas-soċjetà ċivili u l-grupp tal-koordinazzjoni tal-KESE. Il-Kumitat jemmen li flimkien mal-imsieħba tiegħu fil-livell tal-UE u l-Istati Membri jista' jagħti kontribut sostanzjali f'dan ir-rigward, permezz tal-ħidma ta' rċerka, ta' kollaborazzjoni u ta' motivazzjoni li saret mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, li għandhom ikunu koresponsabbli għall-implimentazzjoni ta' din is-sena tematika. B'hekk ingħatat l-oportunità li jiġi skambjat l-għarfien prattiku uniku tal-KESE fir-rigward tal-istabbiliment ta' konsensus taċ-ċittadini u ta' kooperazzjoni.

3.20 Il-KESE jistieden li jitfasslu u jiġu implimentati miżuri speċifiċi bil-għan li tiġi garantita **rabta bejn is-snin tematiki differenti u s-sostenibbiltà tar-riżultati tat-tweqqig tagħha**. Il-KESE jirrakkomanda li fir-rigward tal-kontenut jiġu assoċjati flimkien is-snin Ewropej 2010 sa l-2013 <sup>(25)</sup> u s-snin ta' wara, b'mod partikolari l-2014 li huwa ppropona li tiġi ddedikata għall-familja.

3.21 Jeħtieġ li jitniedu kampanji ta' informazzjoni kif ukoll azzjonijiet u approċċi konkreti u prattiċi, imfassla minn dawk li jiedu d-deċiżjonijiet u b'kollaborazzjoni mas-soċjetà. Hemm bżonn li jiġu bbilanċjati mill-ġdid u emendati l-azzjonijiet rakkomandati stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' din il-proposta b'konformità mar-rakkomandazzjoni ta' din l-opinjoni, bil-għan ewlieni li jiġu implimentati bis-sħiħ l-Artikoli 10 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

#### **4. Kummenti speċifiċi**

##### *Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà u l-leġittimità tad-deċiżjonijiet*

4.1 Il-Kumitat iqis li fil-forma attwali tagħha, il-proposta ma tippromovix sens ta' appartenenza fl-UE. Il-proposta ma tistabbilixx il-bażi meħtieġa biex jinkisbu riżultati tanġibbli fil-qafas tas-Sena Ewropea 2013 bil-għan li jiġi eliminat il-vojt bejn is-soċjetà u dawk li jiedu d-deċiżjonijiet, fir-rigward tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, jew biex tiżdied b'mod sostanzjali l-leġittimità tal-istituzzjonijiet tal-UE. Il-Kumitat jirrakkomanda li, fil-kuntast tas-sena tematika, tiġi prevista **l-introduzzjoni ta' programm ġdid ta' promozzjoni u ta' stabbiliment ta' mekkaniżmi, kif ukoll jitfasslu u jiġu adottati atti legali** f'dan ir-rigward.

<sup>(24)</sup> COM(2010) 603 final.

<sup>(25)</sup> ĠU C 224, 30.8.2008, p. 106, ĠU C 128, 18.5.2010, p. 149, ĠU C 51, 17.2.2011, p. 55.

4.2 Il-Kumitat jenfasizza b'mod partikolari li l-Kummissjoni Ewropea għandha tintervjeni bi proposti konkreti, b'mod partikolari white papers dwar l-**implimentazzjoni bis-sħiħ tal-Artikoli 10 u 11 tat-TUE**. L-introduzzjoni tal-inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini (Artikolu 11(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) u l-mekkaniżmi l-oħra stabbiliti s'issa mhumiex biżżejjed biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa tas-soċjetà. Jeħtieġ li jitnieda dibattitu minn issa dwar il-modi differenti possibbli li jikkomplementaw dawn il-miżuri <sup>(26)</sup>.

4.3 Jeħtieġ ukoll li jkun hemm impenn biex jiġu **kompletati l-mekkaniżmi** eżistenti ta' djalogu u ta' parteċipazzjoni, **jinġabru l-prattiki tajba** <sup>(27)</sup>, u tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll bejn il-livell Ewropew u l-korpi nazzjonali kkonċernati minn kwistjonijiet relatati mal-Unjoni, bħall-gvernijiet, il-parlamenti nazzjonali u s-soċjetà ċivili, biex nagħtu xi eżempji, bil-għan li t-teħid tad-deċiżjonijiet ikun aktar miftuħ u trasparenti kemm jista' jkun.

4.4 B'mod indipendenti minn din l-azzjoni, il-Kumitat jistieden lill-Istati Membri tal-UE jtejjbu wkoll il-mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni tas-soċjetà **fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali** billi jinvolvu lill-pubbliku inġenerali fid-djalogu li jsir u billi jiffokaw fuq indikaturi konkreti ta' prestazzjoni għall-oġġettivi mixtieqa.

4.5 Id-dibattitu tal-ideat għandu jitħeġġeġ ukoll fil-livell tal-Ewropa. Jeħtieġ b'mod partikolari li jiġi żgurat li kull ċittadin ikun jista' jifhem is-suġġetti diskussi u jifhem meta u b'liema mod jista' jipparteċipa fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-istess bħalma jeħtieġ li tissaħħaħ u titħeġġeġ <sup>(28)</sup> iż-**żona Ewropea tal-mezzi tax-xandir**, mil-lat tal-implimentazzjoni, it-tagħlim <sup>(29)</sup> u l-kultura.

4.6 Il-KESE jisħaq fuq ir-rwol ta' pont li jaqdi bejn l-istituzzjonijiet u s-soċjetà ċivili <sup>(30)</sup>. Huwa u jħejji ruħu għat-tnedija tas-Sena Ewropea 2013, **il-Kumitat jinsab determinat biex jiżviluppa u jimplementa programm wiesha ta' parteċipazzjoni, trasparenza u innovazzjoni** li jista' juri lis-soċjetà u lill-istituzzjonijiet tal-UE l-vantaġġi li jagħti l-impenn tal-kollektività, filwaqt li f'xi aspetti jservi ta' proġett pilota għal inizjattivi oħra.

#### Opinjonijiet oħra u valutazzjoni tas-sena tematika

4.7 Fl-**opinjonijiet preċedenti** tiegħu, il-KESE diġà ddefenda bis-saħħa u b'mod kontinwu l-valuri u l-oġġettivi msemmija hawnhekk, b'mod partikolari l-parteċipazzjoni infurmata taċ-ċittadini, l-edukazzjoni ċivika, u l-protezzjoni u l-iżvilupp tad-drittijiet taċ-ċittadini kollha <sup>(31)</sup>.

4.8 Il-Kumitat jirrakkomanda li fil-pjan ta' azzjoni jiġu inklużi u appoġġati b'mezzi oħra l-azzjonijiet relatati mal-mobbiltà li ressaq **l-opinjonijiet preċedenti**, b'mod partikolari

<sup>(26)</sup> ĠU C 376, 22.12.2011, p. 74.

<sup>(27)</sup> Ara wkoll il-Konferenza tal-INGOs, CONF/PLE(2009) CODE1, 2009.

<sup>(28)</sup> ĠU C 318, 23.12.2006 (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(29)</sup> ĠU C 28, 3.2.2006, p. 35 (mhux disponibbli bil-Malti).

<sup>(30)</sup> ĠU C 354, 28.12.2010, p. 59.

<sup>(31)</sup> F'dan ir-rigward nirreferu pereżempju għall-opinjonijiet tal-KESE msemmija f'dan id-dokument.

dawk li jikkonċernaw il-mobbiltà taż-żgħażaġh, it-tisħiħ tal-aċċessibbiltà għall-mobbiltà jew il-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ speċjalizzat, it-titjib tal-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, it-tnedija ta' **azzjonijiet għall-eliminazzjoni ta' nuqqasijiet** li jinħolqu minħabba s-sistemi tal-edukazzjoni, in-nuqqasijiet fir-rigward tal-għarfien lingwistiku, il-kwistjonijiet tal-kura tas-saħħa, is-sigurtà soċjali, l-aċċess għall-akkomodazzjoni u problemi oħra <sup>(32)</sup>. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li jiġu analizzati aspetti anqas pożittivi li jistgħu jkunu relatati mal-mobbiltà bħall-firda tal-familji, ir-riskju li tintilef il-kultura jew inkella l-effetti soċjoekonomiċi fir-reġjun tal-orijini tal-persuni kkonċernati.

4.9 Jeħtieġ li jiġi appoġġat is-suġġeriment li kull Stat Membru jfassal gwida dwar id-drittijiet rikonoxxuti liċ-ċittadini ta' pajjiżi oħra tal-Unjoni u li jgħixu fit-territorju tagħhom, u li jkollu l-obbligu jipprovdihom ukoll sorsi oħra ta' informazzjoni li huma aċċessibbli faċilment <sup>(33)</sup>. Il-punti kollha tal-opinjoni tal-Kumitat dwar iċ-ċittadinanza attiva għandhom jiġu appoġġati wkoll <sup>(34)</sup>.

4.10 Il-Kumitat jaqbel mal-idea ta' **rapport ta' segwitu dwar iċ-ċittadinanza tal-UE**, kif ukoll mal-proposta li jtfassal pjan ta' azzjoni dwar il-mezzi għall-eliminazzjoni tal-ostakli li għadhom qed ixekklu liċ-ċittadini milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. F'dan ir-rigward jipproponi li l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tkun l-ewwel prijorità. Huwa tal-fehma li tali inizjattiva tippromovi wkoll is-sensibilizzazzjoni u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li ser isiru fir-Rebbiegħa tal-2014 u lil hinn.

4.11 Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għan-**nuqqas ta' koerenza tal-politiki** żviluppanti mill-Kummissjoni Ewropea: minn naħa, hemm rieda li ssir enfasi fuq il-mobbiltà filwaqt li, min-naħa l-oħra, ġew previsti bidliet konsiderevoli fil-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni matul il-perjodu baġitarju ġdid – bidliet li jista' jkollhom effett kompletament oppost u jdgħajfu s-sens ta' appartenenza fl-UE fost iż-żgħażaġh u s-sentiment tagħhom li huma ċittadini u Ewropej.

4.12 Il-Kumitat jaqbel li r-riżultati tas-Sena Ewropea 2013 ikunu s-suġġett ta' **valutazzjoni dettaljata** u li jinġabru u jiġu studjati l-fehmiet li jesprimu iċ-ċittadini matul din is-sena. Jeħtieġ li dawn il-konklużjonijiet imbagħad jiġu kkunsidrati fl-iżvilupp ulterjuri ta' politiki tal-UE li jikkonċernaw il-kwistjoni taċ-ċittadinanza. F'dak li jikkonċerna lill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew beħsiebu jfassal **opinjoni** li tinkludi indikaturi konkreti u linji gwida għall-kumpliment ta' din il-ħidma.

#### Il-qafas istituzzjonali

4.13 Il-Kumitat jirrakkomanda li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jinholq **intergrupp** speċifiku fil-**Parlament Ewropew** li jħeġġeġ il-kollaborazzjoni interistituzzjonali, inkluż mal-KESE, fir-rigward tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tas-sena.

<sup>(32)</sup> ĠU C 228, 22.9.2009, p. 14.

<sup>(33)</sup> "Ċittadinanza Ewropea – Mobiltà transkonfinali", Rapport komplet, studju kwalitattiv, imwettaq minn: TNS Qual+, Awwissu 2010.

<sup>(34)</sup> ĠU C 28, 3.02.2006, p. 29 (mhux disponibbli bil-Malti).



4.14 Fil-kuntest tat-tħejjijiet għas-Sena Ewropea 2013, il-KESE jirrakkomanda li jiġu garantiti **riżorsi adatti** għas-servizzi tal-Kummissjoni inkarigati minn kwistjonijiet relatati mal-parteċipazzjoni tas-soċjeta' ċivili u t-tisħiħ ta' din il-parteċipazzjoni kif ukoll li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u tissaħħaħ l-importanza u l-koordinazzjoni tagħhom. Jitlob li tiġi kkunsidrata l-possibilita' li tingħata attenzjoni partikolari wkoll lill-promozzjoni u l-koordinazzjoni tal-volontarjat.

4.15 Fir-rigward tal-viżibilita' dgħajfa u l-livell baxx tal-effikaċja tagħhom, jidher li hemm dubji dwar il-fatt li ssir enfasi partikolari fuq sorsi ta' informazzjoni bħall-Europe Direct, il-portal "L-Ewropa Tiegħek" jew Solvit. Europeana u EURES jistgħu jagħmlu parti mil-lista wkoll. Madankollu, il-korpi tal-UE jista' biss ikollhom rwol indirett peress li l-enfasi qiegħda prinċipalment fuq is-soċjeta' ċivili organizzata. Fi kwalunkwe każ, **l-informazzjoni għandha tkun immirata lejn il-pubbliku** kkonċernat, billi tipprovi mezzi ta' distribuzzjoni moderni u innovattivi, anke permezz tal-mezzi tax-xandir soċjali u mezzi oħra.

#### *L-aspetti finanzjarji*

4.16 Il-Kumitat jirrakkomanda li jiġi allokati **baġit suffiċjenti u adegwat** għas-Sena Ewropea 2013. Il-pakkett ta' miljun euro li huwa previst bħalissa mhuwiex biżżejjed biex jinkisbu objettivi tant importanti. Għas-Sena Ewropea 2011 ġie allokati baġit ta' 11-il miljun euro<sup>(35)</sup>, jekk ninkludu t-tħejjijiet li saru diġà fl-2010, filwaqt li l-baġit għas-Sena Ewropea 2010 kien ta' 17-il miljun euro<sup>(36)</sup>. Barra minn hekk, ġie previst li għas-Sena Ewropea 2013 jiġu allokati riżorsi minn linji baġitarji u mill-programm tad-Direttorat Ġenerali tal-Komunikazzjoni; dan mhuwiex finanzjament addizzjonali<sup>(37)</sup>. Barra minn hekk, sfortunatament, f'dan l-ammont, ma ġewx provduti riżorsi għall-kofinanzjament ta' inizjattivi taċ-ċittadini jew tal-organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili<sup>(38)</sup>. Il-Kumitat huwa tal-opinjoni li medja ta' 0,2 ċenteżmi tal-euro previsti għal kull ċittadin tal-UE mhuwiex ammont biżżejjed biex jiġu konkretizzati l-miżuri mitluba mill-opinjoni attwali, anke jekk l-azzjonijiet u l-inizjattivi kollha ma jirrikjedux riżorsi importanti. Fi kwalunkwe każ,

jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-attivitajiet li ma jibbenefikawx minn mezzi finanzjarji indispensabbli.

4.17 Il-Kumitat jirrakkomanda li titneħħa d-dispożizzjoni li tistipula li l-finanzjament "se jieħu l-forma ta' **akkwist dirett** tal-prodotti u **s-servizzi** skont il-kuntratti oqfsa attwali"<sup>(39)</sup>, essenzjalment għax din twassal għal infiq qawwi għal kampanji, imfassla minn kumpaniji fil-qasam tar-relazzjonijiet pubbliċi, li ma jkunux ta' natura sostenibbli u jista' wkoll ikollhom effetti negattivi jew bilkemm jirnexxu f'ħafna Stati Membri peress li jkun msejsa fuq mudell uniformi. Jeħtieġ li l-finanzjament jingħata bl-aktar mod wiesa' lill-organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili fil-livell nazzjonali u lokali, li għandhom ikunu l-atturi prinċipali tas-Sena Ewropea. Mod biex dan jirnexxi huwa li l-fondi jiġu allokati permezz tar-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea fl-Istati Membri.

4.18 Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati r-riżultati tas-Sena Ewropea 2013 u t-tagħlimiet li jinsiltu minnha billi **jiġu previsti strumenti finanzjarji** bħall-programm futur ta' finanzjament "L-Ewropa għaċ-ċittadini" jew programmi oħra. Fl-istess waqt, jeħtieġ li tingħata informazzjoni aktar dettaljata dwar il-possibilitajiet ta' għoti ta' assistenza finanzjarja bil-għan li tiġi promossa ċ-ċittadinanza tal-UE<sup>(40)</sup>, li jiġi żgurat livell ta' finanzjament adegwat għal dawn l-objettivi, u jeħtieġ li jiġi riformat il-programm ta' sussidji għall-parteċipazzjoni u d-djalogu strutturat fir-rigward ta' kwistjonijiet Ewropej, fil-livell tal-Istati Membri jew tal-Unjoni Ewropea. Din l-azzjoni tirrikjedi wkoll it-titwil tal-aktar programmi antiki li l-għan tagħhom kien li jħeġġu l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini tal-UE u s-sens ta' appartenenza tagħhom fl-UE<sup>(41)</sup>. Jeħtieġ li nirrikorru għall-volontarjat biex inkunu nistgħu nkopru t-taqsimha tal-kofinanzjament tal-proġetti.

4.19 Barra minn hekk, il-Kumitat jirrakkomanda li jiġi adottat **approċċ innovattiv fl-ippjanar**, il-ġestjoni u l-użu tar-**riżorsi finanzjarji** fil-livell tal-UE kif ukoll fl-ivell oħra, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-baġit riservat għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-qafas tas-Sena Ewropea.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

<sup>(35)</sup> Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011.

<sup>(36)</sup> ĠU C 51, 17.2.2011, p. 55.

<sup>(37)</sup> COM/2011/0489 final – 2011/0217 (COD).

<sup>(38)</sup> Grupp ta' Kuntatt tal-KESE "Iċ-ċittadinanza ma tnaqqasx id-drittijiet!". Ittra miftuħa lill-membri Ewropej – Proposta tal-Kummissjoni biex l-2013 tkun is-Sena Ewropea taċ-ċittadini".

<sup>(39)</sup> COM/2011/0489 final – 2011/0217 (COD).

<sup>(40)</sup> COM(2010) 603 final.

<sup>(41)</sup> Rapport dwar il-progress effettiv lejn Ċittadinanza tal-UE 2007-2010, COM(2010) 602 final, Brussell, 27 ta' Ottubru 2010.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi — aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa”**

COM(2011) 567 finali

(2012/C 181/25)

Relatur: **is-Sur VAN IERSEL**

Korelatur: **is-Sur STERN**

Nhar l-20 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi – aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa*

COM(2011) 567 final

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta' Frar 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'100 vot favur, vot iweħed (1) kontra u 8 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet

1.1 Edukazzjoni għolja mfasla tajjeb hija kruċjali għall-futur ekonomiku u intellettuali tal-Ewropa, billi ssaħħa il-bażi tal-prestazzjoni soċjali u ekonomika, ittejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-ġenerazzjoni(jiet) tal-futur, u hija indispensabbli għat-tfassil tal-valuri futuri fis-soċjetà Ewropea.

1.2 B'mod ġenerali, il-KESE jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni kif ukoll mal-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-Kunsill<sup>(1)</sup> li għandhom jiġu implimentati fis-snin li ġejjin, li ħafna minnhom huma relatati mal-opinjoni tal-KESE dwar “l-Universitajiet għall-Ewropa” tal-2009<sup>(2)</sup>. Il-KESE jenfasizza li l-Aġenda tal-UE trid tiġi kompletata u jistenna passi aktar ambizzjużi mill-Kunsill.

1.3 Minkejja sensibilizzazzjoni u konverġenza ta' fehmiet dejjem ikbar għad hemm ħafna xi jsir. Ħafna drabi, it-titjib fuq il-karta jiġi implimentat b'mod riluttanti. L-interessi individwali, il-protezzjoniżmu (dgħajjef) u d-diversità u l-frammentazzjoni tax-xena tal-edukazzjoni għolja, li għadhom mifruxin – minkejja l-proċess ta' Bologna – iservu bħala ostaklu għall-aġġustamenti rapidi. Din mhijiex sempliċement ħaġa teknika peress li l-aġġustamenti ħafna drabi jfissru bidla sħiħa tal-istrutturi eżistenti kif ukoll definizzjonijiet ġodda tar-responsabbiltajiet, il-metodi, il-programmi u l-enfasi. Dawn l-elementi jirrikjedu attenzjoni kontinwa fil-proċess ta' mmodernizzar b'mod aktar preċiż u dettaljat.

1.4 Naturalment hija mixtieqa diversità effettiva fl-edukazzjoni għolja fejn l-universitajiet klassiċi jgħaqqdu t-tagħlim u

r-riċerka, u tipi oħra ta' edukazzjoni għolja bħall-istituzzjonijiet għolja tal-vokazzjonijiet, l-edukazzjoni b'enfasi primarjment reġjonali – anke transkonfinali – u istituzzjonijiet b'għadd limitat ta' korsijiet. B'mod aktar ġenerali, hemm bżonn ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u profili distinti. Il-KESE jisħaq fuq sinerġiji effettivi bejn id-diversi tipi ta' tagħlim u fuq opportunitajiet flessibbli ta' tagħlim fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.

1.5 L-Ewropa 2020 għandha tiġi applikata bis-sħiħ, kemm fis-sustanza kif ukoll fl-organizzazzjoni. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, l-Istati Membri u l-edukazzjoni għolja għandhom jaqsmu r-responsabbiltajiet u jikkoordinaw b'mod effettiv. L-Ewropa 2020 timplika interkonnessionijiet bejn l-edukazzjoni għolja u l-inizjattivi ewlenin, bħall-Unjoni tal-Innovazzjoni, il-Politika Industrijali, l-Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi u Żgħażaġħ Attivi. Is-sistemi u l-politiki tal-edukazzjoni għolja għandhom jagħmlu parti mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fis-Semestru.

1.6 L-awtonomija<sup>(3)</sup>, ir-responsabbiltà u t-trasparenza tal-istituzzjonijiet huma kruċjali biex tintlaħaq il-missjoni tagħhom u biex jinkiseb valur aħjar għall-flus. Dawn huma kruċjali wkoll biex l-edukazzjoni għolja titqiegħed fil-qalba tal-ħolqien tal-impjiegi, il-kapaċità għall-impjieg u l-innovazzjoni. L-aġendi (nazzjonali) għandhom jiżguraw il-professionalizzazzjoni tal-ġestjoni, il-kurrikuli aġġornati, it-taħriġ, l-iżgurar tal-kwalità tat-tagħlim u r-riċerka, l-ispeċjalizzazzjoni, kif ukoll l-attrattiva internazzjonali. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-università intraprenditorjali.

<sup>(1)</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28-29 ta' Novembru 2011 dwar “L-Aġenda għall-Immodernizzar”.

<sup>(2)</sup> ĠU C 128, 18.5.2010, p. 48-55.

<sup>(3)</sup> Għall-aħhar analiżi ara “University Autonomy in Europe II - the Scoreboard”, European University Association, 2011, There is still a world to win.



1.7 Il-finanzjament huwa vitali. Li l-edukazzjoni għolja ma tirċeviex biżżejjed finanzjament u li r-restrizzjonijiet baġitarji jifgħu aktar pressjoni fuq il-finanzi pubbliċi huwa ta' tħassib u kontraproduktiv għall-Ewropa 2020 u l-pożizzjoni tal-Ewropa fid-dinja. Għandu jiġi żgurat finanzjament sodisfaċenti għall-edukazzjoni għolja, irrispettivament mis-sors tal-finanzjament. Il-prattiki tajba għandhom jinfirxu.

1.8 L-għadd ta' studenti għadu qed jiżdied b'pass imgħaġġel. Għandhom jiġu garantiti opportunitajiet għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-oqsma kollha u fil-livelli kollha. Id-dinamika tal-ekonomija u tas-soċjetà iġenerali teħtieġ kemm aċċess mingħajr xkiel kif ukoll kwalità sodisfaċenti. Fil-każ ta' introduzzjoni (jew żieda) ta' miżati nazzjonali tat-tagħlim, dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn politiki ta' appoġġ għall-boroż ta' studju u s-self, u l-garanziji tal-aċċess.

1.9 Hemm bżonn aktar studenti, ħaddiema b'għarfien u riċerkaturi fil-qasam tekniku, filwaqt li l-edukazzjoni teknika għandha tiġi ppreżentata b'mod aktar attraenti. Il-kontribut tal-imsieħba soċjali u l-esperti tas-suq tax-xogħol għandu jkun strutturat tajjeb. Il-kumpaniji individwali – irrispettivament mid-daqs tagħhom – għandhom ikunu jistgħu jagħmlu kontributi sinifikanti għall-kurrikuli, għat-taħriġ u għal spirtu intraprenditorjali.

1.10 L-universitajiet u l-kumpaniji, filwaqt li jżommu l-indipendenza u r-responsabbiltajiet tagħhom, b'mod konġunt għandhom jiżviluppaw aġendi ta' innovazzjoni strateġiċi. Tali interazzjoni bejn l-edukazzjoni għolja u l-kumpaniji s-soltu jagħtu ħafna valur lir-riċerka, it-trasferiment tal-għarfien, l-iżvilupp tal-ħiliet trasferibbli kif ukoll l-iżvilupp tal-ideat. Il-prattiki tajba għandhom jinfirxu.

1.11 Il-bżonn ta' sistema ta' klassifikazzjoni u ta' valutazzjoni tal-kwalità ma jistax jiġi stmat iżżejjed biex jinholq il-valur għall-flus u għal mobbiltà internazzjonali ta' suċċess. Il-KESE jilqa' t-tneġġja ta' U-Multirank imfassal bir-reqqa. Minbarra dan l-elekar ("mapping"), iridu jittejjbu kundizzjonijiet oħra għall-mobbiltà tal-istudenti u r-riċerkaturi u l-internazzjonalizzazzjoni.

1.12 Il-konverġenza ta' sistemi tal-edukazzjoni għolja tinfluwenzja b'mod pożittiv il-kundizzjonijiet għall-mobbiltà transkonfinali tal-istudenti u r-riċerkaturi – dan huwa ta' benefiċċju għall-prestazzjonijiet individwali kif ukoll għas-suq tax-xogħol Ewropew u l-integrazzjoni Ewropea. Il-programm Erasmus għandu jinkludi pilota għal "semestru tal-mobbiltà".

1.13 Il-KESE jappoġġja bis-saħħa rabta bejn l-Aġenda għall-Immodernizzar u l-Orizzont 2020, l-Erasmus għal kulħadd u l-Fondi Strutturali.

## 2. Daħla

2.1 L-edukazzjoni fil-livelli kollha hija tal-ikbar interess. Minħabba s-"sussidjarjetà", l-edukazzjoni għolja fl-Ewropa żviluppata b'mod nazzjonali. It-Trattat ta' Lisbona jsemmi biss it-taħriġ vokazzjonali u t-taħriġ mill-ġdid bħala oqsma għal miżuri tal-UE<sup>(4)</sup>.

<sup>(4)</sup> Titolu XII, Edukazzjoni, formazzjoni vokazzjonali, zghażaġh u sport, Artikoli 165 u 166.

2.2 Il-Konferenza ta' Bologna tal-1999 għamlet pass 'il quddiem deċiżiv, li wassal għal sistema ta' lawrji fil-livelli ta' Baċceller, Masters u Dottorat madwar l-Ewropa kollha. Il-Ftehim ta' Bologna kkontribwixxa għall-konverġenza tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa.

2.3 Sadattant, l-UE nediet programmi internazzjonali ta' suċċess għall-istudenti u r-riċerkaturi bħall-Erasmus, l-Erasmus Mundus, l-Azzjonijiet Marie Curie u oħrajn. Dan ħeġġeġ lill-proġetti ta' riċerka transkonfinali b'mod sistematiku permezz ta' Programmi Qafas suċċessivi.

2.4 Għaddej proċess kontinwu ta' riformi u inizjattivi minn isfel għal fuq fl-universitajiet u bejniethom. Dawn l-inizjattivi jinkludu l-istabbiliment ta' gruppi ta' universitajiet b'miri simili bħall-League of European Research Universities (Lega ta' Universitajiet ta' Riċerka Ewropej), il-Grupp Coimbra u oħrajn, li jippromovu l-ispeċjalizzazzjoni fbosta direzzjonijiet, pereżempju fir-riċerka jew fix-xjenzi soċjali.

2.5 Fl-2009, il-KESE kkonkluda li "[f]is-sistema attwali, li mhix tal-aħjar livell, il-potenzjal kbir tal-universitajiet mhux żviluppata biżżejjed"<sup>(5)</sup>. Il-Kummissjoni qablet ma' din il-fehma fl-Aġenda għall-Immodernizzar<sup>(6)</sup>. Il-Kunsill jikkonkludi li "l-kwalità tal-edukazzjoni u r-riċerka hija l-mutur ewlieni tal-immodernizzar" u "t-tisħiħ tat-triangolu tal-għarfien bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni huwa kundizzjoni ewlenija [...] għall-impjiegi u t-tkabbir"<sup>(7)</sup>.

2.6 L-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja jrid isir f'xena ferm diversifikata fi ħdan kuntesti soċjoekonomiċi nazzjonali u reġjonali li huma differenti minn xulxin. L-universitajiet klassiċi u tipi oħra ta' istituzzjonijiet għandhom missjonijiet speċifiċi. Il-kunċett ta' università klassika jimplika kemm edukazzjoni u taħriġ kif ukoll riċerka.

2.7 Fid-dawl ta' rkurpru soċjali u ekonomiku sostenibbli, il-passi kuraġġużi biex tittejjeb il-kwalità fl-edukazzjoni għolja huma kruċjali.

2.8 Apparti ħafna analiżijiet dwar ir-riformi mixtieqa, id-Dokument ta' Ħidma meħmuż mal-Komunikazzjoni<sup>(8)</sup> jiġbor fil-qosor l-iżviluppi fl-Istati Membri fir-rigward tal-immodernizzar. Madankollu għad iridu jiġu indirizzati diverġenzi konsiderevoli foqsma ewlenin:

— il-produttività ekonomika ta' kull pajjiż – il-livell ta' kisba fl-edukazzjoni għolja u l-produzzjoni ekonomika *per capita*,

— il-kwalifiki fid-dawl tal-kapaċità għall-impjiegi,

<sup>(5)</sup> ĠU C 128, 18.5.2010, p. 48-55, punt 1.1.

<sup>(6)</sup> COM(2011) 567 final, p.2.

<sup>(7)</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja, 28 u 29 ta' Novembru 2011.

<sup>(8)</sup> SEC(2011) 1063 final, p. 48.

- id-disparitajiet fir-rigward tal-livell ta' kisba ta' 40 % tal-UE miftiehem għall-edukazzjoni għolja, għalkemm il-parteċi-pazzjoni fl-edukazzjoni għolja qed tiżdied b'mod konsiderevoli fl-Ewropa kollha,
- il-livelli differenti ta' investment fl-edukazzjoni għolja, id-differenzi fil-finanzjament, id-disparitajiet fl-iżvilupp tal-edukazzjoni għolja finanzjata mis-settur pubbliku u mis-settur privat,
- minkejja riforma mifruxa u estensiva tal-governanza tal-edukazzjoni għolja, għad hemm disparitajiet fl-awtonomija u r-responsabbiltà finanzjarja u istituzzjonali.

2.9 Fl-analiżi ġenerali tagħha l-Kummissjoni tindika wkoll bidliet, l-aktar fl-iżvilupp tat-trijangolu tal-għarfien fl-Ewropa kollha, relazzjonijiet aktar mill-qrib bejn l-universitajiet u n-netwerks tal-intrapriżi, enfasi fuq attivitajiet li jużaw ħafna għarfien tal-ogħla livell ("high-end"), bħar-riċerka u l-iżvilupp, it-tqegħid fis-suq u l-bejgħ, il-ġestjoni tal-katina tal-valur u s-servizzi finanzjarji, is-servizzi b'mod ġenerali, l-ICT, il-gruppi soċjetali sottorappreżentati, it-tibdil fil-bilanċ bejn in-nisa u l-irġiel – fejn in-nisa jirrappreżentaw aktar minn nofs l-istudenti fil-livell predottorali fl-Ewropa kollha, għalkemm fil-livell dottorali hemm tendenza opposta – u mobbiltà transkonfinali Ewropea u internazzjonali ta' livell impressjonanti fil-qasam tat-tagħlim.

2.10 Il-KESE jaqbel li jissaħħu r-rapporti, analiżijiet u rakkomandazzjonijiet eżistenti tal-pajjiżi permezz ta' metodu sistematiku speċifiku għal kull pajjiż, kif applikat fir-rapporti ta' progress tal-Proċess ta' Bologna u l-istudji rfinati tal-OECD dwar l-edukazzjoni għolja u l-kejl tal-kwalità. Approċċi speċifiċi għall-pajjiżi ser jipprovdu "prattiki tajba".

2.11 Il-KESE jinnota li ċerti kwistjonijiet importanti tħallew barra mill-analiżi pjuttost ġenerali, bħall-interferenza politika nazzjonali u reġjonali fl-edukazzjoni għolja, il-mod kif il-bżonn li jiġteġġu l-parteċi-pazzjoni u l-kwalità qed jiżviluppa fl-Istati Membri, l-approċċ tal-awtoritajiet għall-ħtiġijiet speċifiċi għall-professuri, l-għalliema, ir-riċerkaturi u l-istudenti, ir-relazzjoni reċiproka bejn id-diversi livelli tal-edukazzjoni għolja fl-Istati Membri, l-iżvilupp ta' bażi komuni għall-edukazzjoni u r-riċerka fi ħdan l-universitajiet, u tal-aħħar iżda mhux tal-inqas, evidenza statistika affidabbli.

2.12 Il-Kummissjoni u l-Kunsill jenfasizzaw ħafna r-relazzjoni bejn l-edukazzjoni għolja u l-ekonomija. Huma ma jindirizzawx b'mod speċifiku l-fakultajiet tas-saħħa, tax-xjenzi soċjali jew l-umanitajiet. Din hija ħaġa raġonevoli minħabba li hemm bżonn fokus, b'mod partikolari fi żmien ta' kriżi. Min-naħa l-oħra, billi l-għan ta' kwalunkwe sistema ta' edukazzjoni hija relazzjoni ottima bejn l-edukazzjoni u x-xogħol, ikun ferm rakkomandabbli wkoll li jiġi diskuss kif il-fakultajiet jew iċ-ċrieki akkademiċi li mhumiex relatati mill-qrib mal-ekonomija, importanti kemm huma importanti, għandhom jindirizzaw l-immodernizzar.

2.13 Hemm bżonn kooperazzjoni bejn l-industrija u l-fakultajiet tas-saħħa, billi t-teknoloġiji kosteffettivi l-ġodda tad-dijan-josi u t-terapija jeħtieġu taħriġ Prattiku li jirrekjedi ħafna flus u kapital, edukazzjoni ta' kwalità għolja u tagħlim tul il-ħajja. Dan ser jgħin biex jitnaqqsu r-rati ta' mewt u diżabbiltà.

### 3. L-Ewropa 2020 u l-edukazzjoni għolja

3.1 Fl-2009, il-KESE ddeskriva l-Istrateġija ta' Lisbona u l-edukazzjoni għolja Ewropea bħala katalisti potenzjali ewlenin għall-proċess tal-immodernizzar. Il-Kummissjoni għandha raġun toħloq rabta bejn l-għanijiet u l-miri tal-Ewropa 2020 u l-universitajiet.

3.2 Waħda mill-innovazzjonijiet deċiżivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 tirrigwarda l-governanza: koordinazzjoni aktar mill-qrib fi ħdan il-Kummissjoni u bejn l-Istati Membri u l-UE anke fi kwistjonijiet li mhumiex koperti jew li huma parzjalment koperti mit-Trattat.

3.3 Fost l-affarijiet ta' importanza kbira għall-edukazzjoni għolja nsibu l-inizjattivi ewlenin, b'mod partikolari l-Politika Industrijali, l-Unjoni ta' Innovazzjoni, l-Aġenda għall-ħiliet u impjiegi ġodda u Żgħażaġħ Attivi.

3.4 It-tisħiħ tar-rwol ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni, li jinkludi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fis-Semestru, għandu jappoġġja r-riformi meħtieġa tal-universitajiet.

3.5 L-aġenda għall-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja għandha tiġi koperta bis-sħiħ mill-Ewropa 2020. Il-KESE jilqa' r-rwol ċentrali tal-edukazzjoni fil-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020 u r-referenza li saret għal din l-Istrateġija fl-aġenda strateġika tal-Kummissjoni.

3.6 Il-KESE jemmen li r-rabta bejn l-Istrateġija Ewropa 2020 u l-edukazzjoni għolja fl-aħħar mill-aħħar tfisser li:

- l-Ewropa 2020 torbot l-edukazzjoni għolja mal-innovazzjoni, il-politiki industrijali u l-mobbiltà;
- toħloq bażi addizzjonali għal fehmiel komuni u għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u fost l-istituzzjonijiet edukattivi;
- ser tiġġenera xpruni ġodda fil-livell nazzjonali għall-immodernizzar;
- l-iżviluppi fl-edukazzjoni għolja għandhom isiru parti mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fis-Semestru annwali;
- l-Ewropa 2020 ser toħloq forums ġodda ta' kooperazzjoni u żżid in-netwerks transkonfinali produttivi;
- ir-rabta mal-politika industrijali u l-innovazzjoni teħtieġ konsultazzjonijiet intensifikati mas-settur privat. Il-konsultazzjonijiet mal-SMEs u l-mikrointrapriżi mhumiex valutati biżżejjeġ. Il-KESE jisħaq fuq l-impenn ġenwin tal-edukazzjoni għolja, il-gvernijiet u l-Kummissjoni biex jużaw l-esperjenza Prattika ta' dawn l-intrapriżi fit-tfassil ta' programmi u kurrikuli.

3.7 Il-Kummissjoni tiddistingwi bejn, minn naħa, il-kwistjonijiet ewlenin riżervati biex jiġu indirizzati mill-Istati Membri (u l-istituzzjonijiet edukattivi) u, min-naħa l-oħra, il-kwistjonijiet speċifiċi tal-UE. Il-KESE jippreferi jirreferi għar-"responsabbiltajiet konġunti" tal-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-Ewropa 2020.

#### 4. Kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati mill-Istati Membri, il-Kunsill u l-edukazzjoni għolja

4.1 L-identifikazzjoni tal-kwistjonijiet ewlenin fl-Istati Membri għandha twassal għal azzjoni ffokata. Jeħtieġ li tingħata aktar spinta 'l quddiem. Il-Kunsill għandu jstabbilixxi l-prijoritàjiet fuq proposta tal-Kummissjoni li sussegwentement timmonitorja l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali.

4.2 Għandha ssir enfasi speċjali fuq "tmexxija u sistemi ta' finanzjament aktar flessibbli li jibbilanċjaw l-awtonomija akbar għall-istituzzjonijiet edukattivi mar-responsabbiltà lejn il-partijiet kollha interessati", li jwasslu għall-ispeċjalizzazzjoni, il-prestazzjoni fl-edukazzjoni u r-riċerka u d-diversifikazzjoni <sup>(9)</sup>.

4.3 Kif kien saħaq il-KESE fl-2009, qafas adatt u awtonomija huma kruċjali <sup>(10)</sup>. Għad li l-organizzazzjoni, inklużi l-awtonomija u l-finanzjament, hija responsabbiltà ewlenija tal-Istati Membri, il-Kumitat iqis li dibattitu dwar dawn l-aspetti fost l-Istati Membri u fil-Kunsill huwa indispensabbli għax jaffettwaw ħafna r-riżultat għall-għalliema u l-istudenti.

4.4 Il-KESE jaqbel mal-oġettivi ta' politika stabbiliti fil-kaxxa ta' kwistjonijiet politiċi ewlenin fil-punt 2.5 tal-Aġenda għall-Immodernizzar. Dawn l-oġettivi huma ħafna aktar minn aġġustamenti tekniċi. Huma relatati mill-qrib mal-ambjent politiku nazzjonali. L-ewwel u qabel kollox, huma l-gvernijiet li għandhom jiġu indirizzati pjuttost milli l-edukazzjoni għolja. Il-persistenza politika, il-leġislazzjoni u r-regolazzjoni, li kollha għandhom jiġu diskussi mal-partijiet kollha interessati, huma essenzjali.

4.5 Il-gvernijiet u l-istituzzjonijiet għandhom jitħeġġu jagħmlu paragoni internazzjonali dwar il-benefiċċji ta' awtonomija ikbar.

4.6 Għall-kuntrarju tal-prattika komuni, li inkludiet "massifikazzjoni" ta' suċċess tal-edukazzjoni għolja <sup>(11)</sup>, b'konformità mad-dibattitu attwali dwar l-edukazzjoni għolja, l-enfasi għandha tinbidel għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, diversità ta' għażliet strateġiċi u l-iżvilupp ta' ċentri ta' eċċellenza. L-eżempji ta' suċċess fl-Istati Membri jistgħu jwittu t-triq.

4.7 Il-KESE jagħraf li tali oġettivi jistgħu jfissru bidliet kbar fil-filosofiji dwar l-edukazzjoni fl-Istati Membri. Din hija kwistjoni li għandha tiġi diskussa fil-Kunsill, inklużi l-pjani direzzjonali u l-iskedi.

4.8 Fil-kriżi attwali hemm rabta ċara bejn l-immodernizzar tal-edukazzjoni u l-ekonomija. Imma l-proċess għandu jkun usa'. Il-KESE jindika wkoll li hemm bżonn standards aġġornati f'termini ta' professjonalizzazzjoni, kurrikuli, lawrji u mobbiltà

fix-xjenzi soċjali u l-umanitajiet, li huma importanti għall-ħajja intellettuali, il-valuri u l-identità tal-Ewropa. Barra minn hekk, il-fakultajiet tas-saħħa, ix-xjenzi soċjali u l-umanitajiet li jitmexxew sew jikkontribwixxu wkoll għall-ekonomija.

4.9 Il-KESE jappoġġja relazzjonijiet aktar mill-qrib bejn l-edukazzjoni għolja u l-intrapriżi. Huwa jaqbel mal-fehma li rabtiet mill-qrib u effettivi bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-intrapriża, abbinati mal-bidla lejn "innovazzjoni miftuħa", ser ikunu kruċjali għat-triangolu tal-għarfien.

4.10 Għalhekk, għall-istituzzjonijiet relatati b'mod dirett jew indirett mal-ekonomija, il-KESE japprova s-sħubijiet ma' tipi differenti ta' intrapriżi bħala "*attività prinċipali tal-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja*" <sup>(12)</sup>. Għandu jkun hemm enfasi fuq il-ħiliet intraprenditorjali, kreattivi u innovattivi tal-istudenti kif ukoll fuq l-ambjenti ta' taġħlim interattiv u l-infrastrutturi tat-trasferiment tal-għarfien. Hemm bżonn ukoll moħħ miftuħ għall-"università interaprenditorjali".

4.11 Għandhom jinħolqu kundizzjonijiet biex l-istudenti jkunu jistgħu jaqilbu faċilment minn tip ta' istituzzjoni edukattiva għal oħra, inkluż minn edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali postsekondarju għall-edukazzjoni għolja, biex itejbu l-kwalifiki tagħhom <sup>(13)</sup>. Dawn il-kundizzjonijiet huma mill-aktar utli wkoll fit-taġħlim tul il-ħajja.

4.12 L-iżvilupp reġjonali jistħoqqlu attenzjoni speċjali. F'ħafna reġjuni, b'mod partikolari fiż-żoni metropolitani, ir-rabta bejn l-edukazzjoni għolja, is-suq tax-xogħol, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intrapriża hija tal-ikbar importanza. Kulma jmur, dawn ir-reġjuni dejjem qed jiżviluppaw aktar speċjalitajiet transnazzjonali u anke globali. L-involvement sistematiku tal-edukazzjoni għolja normalment huwa katalist fl-iżvilupp lokali u reġjonali u jippromovi r-reżistenza ekonomika. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jitħeġġu jstimulaw tali proċessi reġjonali <sup>(14)</sup>.

4.13 Il-KESE jenfasizza l-kooperazzjoni reġjonali transkonfinali fl-edukazzjoni għolja. Ir-REKT jistgħu jipprovdu appoġġ għar-reġjuni fil-viċinat kif ukoll għar-reġjuni b'tendenzi ekonomiċi komparabbli <sup>(15)</sup>.

4.14 Il-finanzjament huwa kwistjoni vitali. Il-kriżi qed taffettwa wkoll il-finanzjament pubbliku tal-edukazzjoni għolja. Fuq il-medja, hemm riskju li l-edukazzjoni għolja ma tirċevix biżżejjed finanzjament. In-nefqa totali hija 1,2 % tal-PDG meta mqabbel ma' 2,9 % tal-PDG fl-Istati Uniti u 1,5 % tal-PDG fil-Ġappun. Barra minn hekk, l-infiq privat huwa baxx ħafna meta mqabbel mal-Istati Uniti u l-Ġappun. Sadattant, il-pajjiżi BRIC

<sup>(9)</sup> COM(2011) 567 final, p. 9, ĠU C 128, 18.5.2010, p. 48-55, punt 1.4.

<sup>(10)</sup> ĠU C 128, 18.5.2010, p. 48-55, punti 1.4, 3.5.1 u 3.5.2.

<sup>(11)</sup> Bejn l-2000 u l-2009 l-għadd ta' studenti fl-edukazzjoni għolja fl-UE żdied minn 22,3 % għal aktar minn 19,4 miljun – Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Iżviluppi fis-sistemi Ewropej tal-edukazzjoni għolja, SEC(2011) 1063 final, p. 16. (mhux disponibbli bil-Malti). Madankollu, din mhija l-ebda indikazzjoni tal-kwalità tal-kwalifiki.

<sup>(12)</sup> COM(2011) 567 final, p.8. Ara wkoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-28-29 ta' Novembru 2011 li jenfasizzaw is-sħubijiet u l-kooperazzjoni mal-intrapriżi, u atturi pubbliċi u privati oħra.

<sup>(13)</sup> ĠU C 68, 6.3.2012, p. 1, li tħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex tgħaqqad lill-proċessi ta' Bologna u ta' Kopenhagem flimkien f'approċċ integrat, u ĠU C 68, 6.3.2012, p. 11.

<sup>(14)</sup> ĠU C 376, 22.12.2011, p. 7.

<sup>(15)</sup> Ibid., punti 5.7 u 5.8.



ukoll għamlu progress sostanzjali. Il-KESE jinnota li l-objettiv bikri tal-UE ta' 2 % tal-PDG għall-edukazzjoni għolja ma għex inkluż fl-Istrateġija Ewropa 2020.

4.15 Il-finanzjament meħtieġ u miri bħall-provvista ta' gradwati ta' kwalità għolja, il-professjonalizzazzjoni tal-ġestjoni u l-valur għall-flus għandhom jappoġġjaw l-Istrateġija Ewropa 2020.

4.16 Hemm varjetà kbira ta' finanzjament fost l-Istati Membri. Xi pajjiżi għandhom aktar flus mill-oħrajn. Il-korrelazzjoni bejn ir-riżultat mill-edukazzjoni għolja u l-impjeg tfisser li huwa kruċjali li jinżamm finanzjament adegwat billi titħeġġeġ varjetà ikbar ta' sorsi ta' finanzjament, pereżempju l-użu ta' fondi pubbliċi bħala lieva għall-investiment privat u pubbliku (match-funding).

4.17 Relazzjoni strutturata sew bejn l-istituzzjonijiet edukattivi kwalifikati u l-komunità tal-kummerċ żgur li jistgħu jrażżnu żvilupp negattiv. L-edukazzjoni għolja għandha tibbenefika mill-proċessi innovattivi fil-kummerċ. Madankollu, il-finanzjament kummerċjali jew privat qatt m'għandu jiġġenera influwenza mhux ġustifikata fuq il-kurrikuli jew fuq ir-riċerka fundamentali.

4.18 L-universitajiet u l-intrapriżi, filwaqt li jżommu l-indipendenza u r-responsabbiltajiet tagħhom, b'mod konġunt għandhom jiżviluppaw aġendi ta' innovazzjoni strateġiċi. L-interazzjoni bejn l-universitajiet u l-intrapriżi tista' tissaħħaħ bl-alleanzi ta' għarfien. Il-Pjattaforma Ewropea tal-Innovazzjoni, billi tqis ukoll it-teknoloġiji ewlenin ta' appoġġ identifikati mill-UE, tista' tkun ta' appoġġ kbir.

4.19 L-interazzjoni u l-iskambji bejn l-edukazzjoni għolja u l-kumpaniji s-soltu jikkontribwixxu bil-kbir għar-riċerka, it-trasferiment tal-għarfien, l-iżvilupp tal-ħiliet trasferibbli kif ukoll l-iżvilupp tal-ideat. Il-prattiki tajba għandhom jinfixxu.

4.20 L-Aġenda għall-Immodernizzar ma ssemmix l-miżati tat-tagħlim, billi din il-kwistjoni hija responsabbiltà esklużivament nazzjonali. Jeżistu diversi sistemi fl-Ewropa u ż-żieda gradwali fil-miżati annwali hija tendenza ġenerali. Il-miżati tat-tagħlim huma kontroversjali.

4.21 Il-KESE josserva żieda dejjem ikbar fid-dilemmi: l-għadd ta' studenti qed jiżdied, il-kwalità trid tittejjeb, u l-kapaċità għall-impjeg teħtieġ standards tat-tagħlim ogħla, iżda l-finanzjament pubbliku fl-Istati Membri għadu l-istess jew saħansitra għandu tendenza jonqos. Din hija sfida kbira. F'każ ta' introduzzjoni (jew żieda) fil-miżati nazzjonali tat-tagħlim, il-KESE jenfasizza li dawn għandhom dejjem ikunu akkumpanjati minn politiki ta' sostenn għall-boroż tal-istudju u s-self, u garanziji ċari tal-aċċess.

4.22 Il-persentaġġ ta' studenti li jtilqu qabel il-waqt mill-edukazzjoni għolja huwa għoli wisq, filwaqt li għad irid jinġibed saff tas-soċjetà aktar varjat lejn l-edukazzjoni għolja. B'mod partikolari, is-sitwazzjoni soċjali u kulturali fil-pajjiżi li għandhom lura għad trid tittejjeb.

4.23 Madankollu, għadd ikbar ta' studenti waħdu mhuwiex kriterju sodisfaċenti. Il-kwalità mkejla b'mod oġġettiv għandha tirbaħ fuq l-għadd ta' kwalifiki.

4.24 Fir-rigward tal-kwalifiki, ċerti prinċipji huma kruċjali:

— il-konsultazzjonijiet mal-imsieħba soċjali u l-esperti tas-suq tax-xogħol, fil-kuntest tal-kapaċità għall-impjeg,

— il-konsultazzjonijiet mal-intrapriżi huma vitali: apparti l-konsultazzjonijiet mal-kumpaniji l-kbar, għandhom jinkludu wkoll impenn kontinwu fir-rigward tal-SMEs – mikro u żgħar – li huma aktar u aktar importanti peress li l-proċessi industrijali għandhom tendenza dejjem ikbar li jiġu frammentati jew esternalizzati,

— il-kwalifiki li huma relatati mad-dinamika tal-ħolqien tal-impjeg għandhom jiġu żviluppatti permezz ta' skemi tat-taħriġ u t-tagħlim li jitolbu wkoll l-impenn tal-kumpaniji u sħubijiet magħhom,

— għandhom jiġu żviluppatti kompetenzi interdixiplinarji u transversali,

— il-kwalifiki għandhom ikunu utli għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti li ttejjeb l-attrattiva (internazzjonali) jew l-ispeċjalitajiet reġjonali,

— minkejja d-diversità fl-edukazzjoni għolja, il-mod kif jiġu definiti l-kwalifiki għandu jiffaċilita l-iskambji u l-karrieri Ewropej (u internazzjonali).

4.25 Il-KESE bi pjaċir kbir jilqa' l-proposti fil-Komunikazzjoni rigward il-kwalifiki, l-iżgurar tal-kwalità u r-rabta bejn l-edukazzjoni għolja u r-riċerkaturi ta' kwalità ogħla. Huwa jaqbel ukoll mal-fehma li l-immodernizzar tal-edukazzjoni jiddependi mill-kompetenza u l-kreattività tal-għalliema u r-riċerkaturi<sup>(16)</sup>, fatt li ħafna drabi jintesa. F'dan il-kuntest, kull ostaklu amministrattiv projbittiv għall-karrieri fis-settur akkademiku – bħal-livelli akkademiċi addizzjonali li jeżistu f'ċerti pajjiżi (fosthom il-Polonja) – għandu jiġi eliminat.

4.26 Fid-dawl taż-żieda qawwija fl-għadd ta' studenti, hemm nuqqas preokkupanti ta' għalliema kompetenti. Il-kwalità fit-tagħlim u r-riċerka tfisser li jinħtieġ kundizzjonijiet tax-xogħol sodisfaċenti, karrieri attraenti fl-edukazzjoni, u l-iżvilupp professjonali kif ukoll faċilitajiet għat-taħriġ u l-premji għall-eċċellenza. Dan jidher li huwa ovvju, iżda fil-maġġoranza tal-Istati Membri s-sitwazzjoni attwali hija bil-maqlub. Għalhekk, il-Kunsill għandu jiddefinixxi l-linji ta' politika.

4.27 Il-Kummissjoni għandha raġun tenfasizza l-bżonn ta' varjetà ta' modi ta' studju. L-edukazzjoni teknika trid issir aktar attraenti. L-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol ferm pożittiv biex jappoġġjaw ir-reputazzjoni tal-istudji tekniċi. Il-kumpaniji individwali jistgħu jagħmlu kontribut konsiderevoli. Il-KESE jenfasizza l-impenn tal-SMEs – b'mod partikolari daww mikro u żgħar – b'mod speċjali fil-livell reġjonali.

<sup>(16)</sup> COM(2011) 567 final, p.5.

4.28 Id-dibattitu Ewropew għandu jiffoka fuq it-tqegħid tal-edukazzjoni għolja fil-qalba tal-innovazzjoni, il-ħolqien tal-impjegji u l-kapaċità għall-impjeg (17). Dan għandu jkun għan ċentrali għall-partijiet kollha interessati u responsabbiltà konġunta tal-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri, u b'mod partikolari, l-edukazzjoni għolja nnifisha.

4.29 Fid-dawl tal-isfidi kbar, l-aġenda tal-edukazzjoni għolja tal-Kummissjoni u l-Kunsill għadha 'l bogħod milli tkun lesta u ma tantx hija b'saħħitha. Il-KESE jenfasizza li l-kriżi attwali teħtieġ aktar passi ffokati u konvinċenti mill-Kunsill, mill-Istati Membri u mill-edukazzjoni għolja. Jista' jagħti l-każ li qed iseħħu bidliet, imma dawn iridu jitħaffu.

4.30 L-atturi kollha għandhom jieħdu responsabbiltà indaqgħall-professjonalizzazzjoni, il-kurrikuli, l-iżgurar tal-kwalità, l-ispeċjalizzazzjoni eċċ. Hemm bżonn ta' pjan direzzjonali u skedi mill-Kunsill dwar ir-rabta bejn l-edukazzjoni għolja, l-innovazzjoni u l-kapaċità għall-impjeg. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom jappoġġjaw dan il-proċess billi jfasslu huma stess ir-rwol tagħhom fil-promozzjoni tal-kwalità u l-innovazzjonijiet soċjali u tal-prodotti.

4.31 Il-fehmiet tal-ERAC dwar l-għanijiet ferm rilevanti relatati mal-governanza u r-riforma istituzzjonali tal-universitajiet, u r-rabta bejn l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni, għandhom isiru parti integrali mill-aġenda. B'hekk, għandha titwitta t-triq għall-bidliet f'bosta universitajiet Ewropej (18).

## 5. Kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati mill-Kummissjoni

5.1 Il-KESE jilqa' l-għanijiet li l-Kummissjoni stabbilixxiet għaliha nnifisha fil-proċess tal-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja, fejn għaqdet approċċi reċenti kif ġie enfasizzat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru li għadha.

5.2 Il-KESE japprova r-rwol li tista' u għandha taqdi l-Kummissjoni fl-enfasi fuq il-bażi ta' provi għat-tfassil ta' politika, fost oħrajn fir-rigward tal-prestazzjoni u t-trasparenza. F'dinja ta' analizzjiet u għanijiet nazzjonali, li ħafna drabi jkunu ispirati mill-politika, rwol proattiv għall-Kummissjoni, b'valutazzjonijiet oġġettivi, huwa essenzjali, inklużi t-termini ta' referenza li qed jiġu diskussi fil-Kunsill.

5.3 Tali valutazzjonijiet Ewropej aktarx jipprovdu sforzi korrispondenti fl-Istati Membri, l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka, filwaqt li jsaħħu l-qafas komuni, u huwa ttamat li jwasslu għal għanijiet komuni.

5.4 F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' t-tnejja tal-U-Multirank – għodda ta' informazzjoni u klassifikazzjoni multidimensjonali bbażata fuq il-prestazzjoni. Dan għandu jtejjeb it-trasparenza tal-missjonijiet tad-diversi tipi ta' istituzzjonijiet u jikkontribwixxi għal tqabbil ġust tal-prestazzjoni tal-edukazzjoni għolja

fl-Ewropa. Barra minn hekk, huwa utli biex tiġi żviluppata klassifikazzjoni Ewropea, minbarra l-klassifika monodimensjonali ta' Shanghai u klassifikazzjonijiet oħrajn.

5.5 Kif kien saħaq il-KESE fl-2009 (19), il-bżonn ta' sistema kritika għall-klassifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-kwalità li tkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' varjetà kbira ta' istituzzjonijiet ma tistax tiġi valutata biżżejjed. It-trasparenza, provduta minn korp terz indipendenti mhux partiġjan li jista' jiġi verifikat ser tappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-edukazzjoni għolja biex jenfasizzaw il-kwalità, id-divrenzar u l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti. Kif tinnota l-Kummissjoni, "*din l-għodda mmexxija b'mod indipendenti se tiċċara l-għażliet u t-teħid ta' deċiżjonijiet mill-partijiet interessati kollha fil-qasam tal-edukazzjoni għolja*" (20).

5.6 Barra minn hekk, l-ejenkar ("mapping") fil-fatt jista' jrawwem il-mobbiltà transkonfinali fost l-istudenti, il-lekċerers, ir-riċerkaturi u l-professuri u, b'mod iżjed partikolari, jgħin biex tittejjeb ir-riċerka permezz tal-ħolqien ta' netwerks ġodda kif ukoll sħubijiet u kompetizzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa kollha.

5.7 Il-Kunsill jenfasizza l-mobbiltà tal-istudenti u r-riċerkaturi – il-moviment liberu tal-għarfien – bħala l-ħames libertà. Il-programmi tal-UE li jrawwu l-mobbiltà transkonfinali għall-istudenti u r-riċerkaturi diġà kellhom suċċess. Madankollu, in-nuqqasijiet sistemiċi eżistenti għad iridu jiġu rettifikati. Huwa rakkomandat li jkun hemm "tabella tal-mobbiltà" biex jiġu miġġielda l-ostakli għall-mobbiltà tat-tagħlim.

5.8 Il-programm Erasmus għandu jirrikjedi impenn ikbar mill-istudenti. Il-KESE jirakkomanda pilota għal "semestru tal-mobbiltà" – il-ħames semestru fil-Bachelorat. Il-programm għandu jkun jista' jintlaħaq mill-but ta' kull applikant. Il-KESE jappoġġja l-analiżi tal-flussi potenzjali ta' mobbiltà tal-istudenti u l-proposti tal-Kummissjoni dwar is-Sistema Ewropea tat-Trasferiment u l-Akkumulazzjoni ta' Krediti kif ukoll il-proposti dwar Skema ta' Mobilità tal-Erasmus fil-Livell ta' Masters.

5.9 L-Artikolu 179(1) tat-TFUE huwa ċar ħafna fir-rigward tar-riċerka fl-UE (21). Il-mobbiltà internazzjonali tar-riċerkaturi hija kruċjali. Qed jiġri ta' spiss wisq li l-protezzjoniżmu moħbi joħloq ostakli persistenti għar-riċerkaturi. Dan huwa ta' ħsara għax-xjenza u l-kompetittività Ewropea. Dan iżomm ukoll lill-istituzzjonijiet nazzjonali milli jaħsdu l-benefiċċju sħiħ tad-diversità intellettuali tal-Ewropa. Il-KESE jappoġġja bil-qawwa l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Ewropew għall-Karrieri fir-Riċerka biex titrawwem il-mobbiltà tar-riċerkaturi.

5.10 Il-KESE jilqa' wkoll il-qafas Ewropew għal erba' profili ta' karriera għar-riċerkaturi, żviluppata mill-Kummissjoni u minn esperti fl-edukazzjoni u l-intrapriża. Dan għandu jiġi żviluppata bħala sistema miftuħa sabiex jinħolqu kemm jista' jkun oppor-tunitajiet.

(17) COM(2011) 567 final, p.12, punt 3.3.

(18) Ara l-Konklużjonijiet tal-Kumitat taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, 24 ta' Ġunju 2011.

(19) ĠU C 128, 18.5.2010, p. 48-55, punti 1.5 u 5.2.4, 5.2.5 u 5.2.6.

(20) COM(2011) 567 final, Kaxxa dwar il-kwistjonijiet ewlenin, p.11.

(21) Ara l-proposta konvinċenti "Lejn qafas Ewropew għall-karrieri fir-riċerka", Kummissjoni Ewropea, 21 ta' Lulju 2011.



5.11 Il-KESE jenfasizza l-bżonn li l-kundizzjonijiet finanzjarji u soċjali nazzjonali għar-riċerkaturi jiġu inkorporati f'qafas komuni Ewropew sabiex jitneħħew l-ostakli li fadal għall-moviment liberu. Għandhom jiġu żviluppati profili professjonali pan-Ewropej u l-istituzzjonijiet għandhom jitħeġġu jipprofessjonalizzaw il-ġestjoni tagħhom tar-riżorsi umani.

5.12 Estensjoni tal-attivitajiet tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija hija mixtieqa, mhux tal-inqas biex jinħolqu inċentivi biex jiżdedu l-alleanzi ta' għarfien bejn l-intrapriżi u l-universitajiet konċernati. L-istess japplika għat-tiġib fl-inizjattivi Marie Curie u qafas ta' kwalità għall-apprendistati.

5.13 Fuq skala globali, l-UE trid tiżviluppa bħala kompetitur u msieħba kwalifikata sew. F'dan il-proċess, l-edukazzjoni għolja għandha rwol importanti. Għalhekk, il-KESE jappoġġja għalkollox id-deċiżjoni tal-Kunsill li jstieden lill-Kummissjoni "biex titfassal strateġija speċifika għall-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja" <sup>(22)</sup>.

5.14 Il-KESE jappoġġja l-kundizzjonijiet qafas previsti għal estensjoni tar-relazzjonijiet mal-imsieħba lil hinn mill-UE, is-sħubijiet ta' mobbiltà u t-titjib tal-faċilitajiet għall-istudenti u r-riċerkaturi minn barra l-Ewropa permezz tad-direttivi tal-UE u tabella tal-prestazzjoni <sup>(23)</sup>. Ir-restrizzjonijiet fuq l-istudenti u r-riċerkaturi mhux Ewropej iridu jsiru inqas stretti biex jinġibdu t-talent u l-kreattività minn bnadi oħra.

5.15 Il-KESE jirrakkomanda li ssir diskussjoni fil-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-edukazzjoni għolja Ewropea f'kuntest globali, li tiddefinixxi wkoll il-kwalitajiet meħtieġa għal kompetitur u msieħeb ta' suċċess. Dan jista' jgħin lill-istituzzjonijiet edukattivi jholqu l-kundizzjonijiet it-tajba.

5.16 F'għadd ta' opinjonijiet, il-KESE esprima l-qbil tiegħu li ssir enfasi fuq l-innovazzjoni u kull aspekt ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fit-tfassil tal-Perspettivi Finanzjarji 2014-2020. Il-KESE jshaq li hemm bżonn ta' żieda fil-valur miżjud mill-fondi Ewropej.

5.17 F'dan il-kuntest, il-KESE jilqa' l-proposta speċifika tal-Kummissjoni dwar żieda ta' 73 % fil-fondi għall-programm Erasmus fil-baġit 2014-2020 kif ukoll referenzi diretti għall-edukazzjoni (għolja) fil-Fondi Strutturali.

5.18 Mingħajr ma jidħol fid-dettalji taċ-ċifri finanzjarji eżatti, il-KESE jaqbel mal-fehma ġenerali li n-nefqa fl-edukazzjoni, fir-riċerka u l-innovazzjoni u fil-politika ta' koeżjoni sservi kollha kemm hi biex toħloq ambjent Ewropew li jħares 'il quddiem. Kulfejn huwa adatt, il-fondi taħt "ir-ristrutturar tas-siti industrijali" jistgħu jintużaw ukoll għal dan il-għan.

5.19 Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-intenzjoni tal-Kummissjoni li fl-2012 tistabbilixxi grupp ta' livell għoli b'mandat kontinwu li janalizza s-suġġetti ewlenin għall-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja. Dan il-grupp b'mod ġenerali għandu jkun magħmul minn rappreżentanti minn istituti edukattivi, persuni mid-dinja akkademika, persuni mill-intrapriża u l-imsieħba soċjali.

## 6. Suġġerimenti addizzjonali

6.1 Inċentivi ffokati għall-iżvilupp professjonali fl-edukazzjoni għolja bħal korsijiet madwar l-Ewropa kollha għall-ġestjoni u t-tmexxija tal-università huma mixtieqa.

6.2 Ir-rabtiet speċjali bejn l-universitajiet individwali – il-ġemellaġġi fl-Ewropa – huma rakkomandabbli sabiex jitgħallmu mill-esperjenzi prattiċi professjonali u maniġerjali ta' xulxin. L-iskambji ta' esperjenzi fi ħdan gruppi ta' universitajiet transkonfinali u konferenzi u seminars speċjalizzati ser ikunu utli wkoll.

6.3 F'perjodi regolari, il-prestazzjoni xjentifika u edukattiva tal-fakultajiet jew l-istabbilimenti universitarji tiġi valutata minn kummissjonijiet esterni. Il-KESE jirrakkomanda li l-prattika eżistenti ta' kompożizzjoni internazzjonali kwalifikata sew tiġi estiża għal dawn il-kummissjonijiet.

6.4 Fid-dawl tar-relazzjoni bejn in-nefqa u r-riżultat tal-edukazzjoni għolja, il-KESE jirrakkomanda li ssir analiżi Ewropea tas-sistemi eżistenti tal-piżijiet amministrattivi. Il-proposti għat-titjib għandhom jitfasslu fuq il-bażi tal-prattiki tajbin.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

<sup>(22)</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja, 11 ta' Mejju 2010.

<sup>(23)</sup> COM(2011) 567 final, kaxxa ta' kwistjonijiet ewlenin, p. 14.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Komunikazzjoni dwar il-Politiki tal-UE u l-Volontarjat: Ir-Rikonoxximent u l-Promozzjoni fl-UE tal-Ħidmiet Volontarji Transkonfinali”**

COM(2011) 568 finali

(2012/C 181/26)

Relatur: **is-Sur TRANTINA**

Nhar l-20 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Komunikazzjoni dwar il-Politiki tal-UE u l-Volontarjat: Ir-Rikonoxximent u l-Promozzjoni fl-UE tal-Ħidmiet Volontarji Transkonfinali*

COM(2011) 568 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta' Frar 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu 2012), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'134 vot favur, 3 voti kontra u 11-il astensjoni.

## Kelmtejn qabel

*Il-volontarjat huwa espressjoni importanti taċ-ċittadinanza attiva; jibni l-kapital soċjali, jikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà, jipprovdi benefiċċji ekonomiċi prezzjużi u jagħti lill-individwi l-mezzi sabiex jilhqgħu l-potenzjal tagħhom. Il-volontarjat “jirreferi għal kull xorta ta' attività volontarja li persuna twettaq minn rajha, b'għażla jew motivazzjoni tagħha stess u mingħajr ħsieb ta' gwadann finanzjarju” (1). Fid-dawl tal-kriżi attwali fl-Ewropa, it-tibdil demografiku u l-isfidi relatati, huwa importanti li jiġi rikonoxxut ir-rwol prinċipali li l-volontarjat jaqdi għall-individwi bħala faċilitatur għall-inklużjoni, l-għoti ta' setgħat, l-iżvilupp ta' kompetenzi u n-netwerking. Madankollu, il-volontarjat għandu jiġi distint b'mod ċar mill-impjeg imħallas u fl-ebda każ m'għandu jissostitwixxih.*

*Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) kien l-ewwel istituzzjoni tal-UE li pproponiet, fl-2006, Sena Ewropa tal-Volontarjat, filwaqt li appoġġja l-isforzi tal-membri tal-EYV 2011 Alliance (Allianza “Sena Ewropa tal-Volontarjat 2011”) u ġie segwit minn oħrajn. Il-ksib ta' dan l-oġettiv fl-2011 ipprova l-opportunità sabiex il-pubbliku jsir jaf aktar bil-valur miżjud tas-settur volontarju u għen sabiex l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat isiru atturi aktar effettivi fil-livelli lokali, nazzjonali u Ewropew. Is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet Volontarji għall-Promozzjoni taċ-Ċittadinanza Attiva tal-2011 ikkontribwixxiet ukoll b'mod dirett sabiex jiġi rikonoxxut ir-rwol li jaqdi l-volontarjat sabiex isolvi l-problemi tas-soċjetà u jsawwar il-fiduċja.*

## 1. Rakkomandazzjonijiet

1.1 Sabiex jiġi pprovdut ambjent effettiv u sostenibbli għall-volontarjat, il-KESE jirrakkomanda lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jieħdu passi sabiex jassiguraw li l-leġislażzjoni nazzjonali u tal-UE tippermetti u tħeġġeġ il-volontarjat, tippoteġi lill-voluntiera u tneħħi l-ostakli legali għall-attivitajiet tagħhom.

(1) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol ta' attivitajiet volontarji fil-politika soċjali tat-3 ta' Ottubru 2011.

1.2 Madankollu, għandha tiġi evitata regolazzjoni li tirrestrinġi jew tipprevjeni l-volontarjat għax tkun wisq deskrittiva jew għax turi li ma tantx tifhem it-tradizzjonijiet lokali tal-volontarjat, u l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat għandhom jiġu direttament involuti fit-tfassil ta' leġislażzjoni bħal din. Filwaqt li f'xi pajjiżi n-nuqqas ta' qafas legali mhuwiex ta' ostaklu, f'xi oħrajn tfixxkel ħajjet il-voluntiera u ta' dawk li jipprovdu s-servizzi ta' volontarjat, u f'pajjiżi oħra l-voluntiera jiffaċċjaw aċċess limitat għall-opportunitajiet ta' volontarjat minħabba oqfsa legali restrittivi.

1.3 Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħeġġeġ it-twaqqif ta' infrastruttura effiċjenti u organizzata tajjeb għall-volontarjat fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri (bħall-faċilitajiet għall-organizzazzjonijiet tal-volontarjat, ir-reklutaġġ, it-taħriġ, l-appoġġ fl-applikazzjoni għall-fondi) kif ukoll għandha ttejjeb il-faċilitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u ċ-ċentri tal-voluntiera li jipprovdu l-informazzjoni u t-taħriġ u jikkoordinaw l-attivitajiet bejn il-voluntiera u l-organizzazzjonijiet.

1.4 L-UE u l-Istati Membri għandhom jassiguraw kundizzjonijiet aċċessibbli, affidabbli u sostenibbli għall-finanzjament tas-settur volontarju u għandhom jgħinu l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat jadattaw għall-kuntest ġdid ta' finanzjament. Il-KESE jitlob ukoll li l-Kummissjoni Ewropea żżid l-appoġġ finanzjarju għall-volontarjat fil-programmi ffinanzjati mill-UE u fil-Fondi Strutturali.

1.5 L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jippermettu u jappoġġjaw il-volontarjat bħala kontribut mhux finanzjarju għall-kofinanzjament. Il-KESE jappella wkoll lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri sabiex jassiguraw li l-leġislażzjoni dwar il-VAT ma toħloqx piżijiet amministrattivi addizzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-volontarjat.

1.6 Sabiex tinżamm dinamika fil-futur, il-KESE jissuġġerixxi li jittieħdu xi passi prattiċi sabiex jinżamm il-legat tas-Sena Ewropea għall-Volontarjat wara l-2011 u sabiex il-volontarjat jinżamm fuq l-aġendi pubbliċi nazzjonali u Ewropej. Il-KESE jitlob li l-Kummissjoni Ewropea tibda bi proċess konsultattiv (pereżempju permezz ta' White Paper jew kwalunkwe mezz effettiv ieħor). Dan il-proċess jista' jitqies bħala l-legat tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat, peress li jassigura li l-aġenda dwar il-volontarjat iżżomm profil għoli fil-livell tal-UE. Is-snin tematiċi Ewropej 2012 u 2013 għandhom ukoll jintużaw tajjeb f'dan ir-rigward.

1.7 Hemm bżonn ta' approċċ aktar ikkoordinat lejn il-politika tal-volontarjat min-naħa tal-istituzzjonijiet tal-UE. Il-volontarjat għandu jiġi rikonossut bħala tema ta' politika transversali u kkoordinat minn unità speċjali fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, imsaħħa mill-istrutturi politiċi meħtieġa f'istituzzjonijiet oħra tal-UE<sup>(2)</sup>. Dan għandu jiggwarantixxi li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-korpi nazzjonali ta' koordinazzjoni, unità responsabbli fil-Kummissjoni, intergrupp jew kumitat fil-Parlament Ewropew, formazzjoni tal-Kunsill b'responsabbiltà ċara u l-organizzazzjonijiet tal-volontarjat fil-livelli kollha.

1.8 Barra minn hekk, il-partijiet interessati kollha għandhom jagħmlu sforz biex ikompli jiffokaw fuq il-promozzjoni attiva tal-volontarjat fost iż-żgħażaġh u, skont is-sitwazzjoni nazzjonali, b'enfasi speċifika fuq iż-żgħażaġh u l-anzjani. Fil-futur, għandu jiżdied l-appoġġ għall-volontarjat appoġġjat minn dawk li jħadmu, waqt li l-Istati Membri għandhom jintroduċu miżuri għal dan il-għan (pereżempju għandha tiġi studjata l-possibbiltà li jkun hemm helsen mit-taxxa) u jħeġġu s-sħubijiet mas-settur tal-volontarjat.

## 2. Kummenti ġenerali dwar il-volontarjat

2.1 Għandu jiġi implimentat approċċ bbażat/iffukat fuq il-voluntiera sabiex jiġu assigurati l-kwalità, ir-rikonossiment, il-protezzjoni u l-aċċess, mingħajr kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni. Id-drittijiet, id-dinjità u r-responsabbiltajiet tal-voluntiera għandhom jiġu rikonossuti u rispettati u l-voluntiera u l-organizzazzjonijiet tagħhom għandu jkunu jafu bihom<sup>(3)</sup>.

2.2 Il-volontarjat għandu jingħata attenzjoni speċifika u jiġi rikonossut bħala għodda li biha jinkisbu l-miri tal-UE 2020.

<sup>(2)</sup> Kif esprimew il-korpi nazzjonali ta' koordinazzjoni għas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 fid-Dikjarazzjoni ta' Varsavja għas-Sostenibbiltà tal-Azzjoni dwar l-Attivitajiet Volontarji u ċ-Ċittadinanza Attiva fl-1 ta' Diċembru 2011, "il-Kummissjoni Ewropea hija mistiedna tiżviluppa – waqt li tirrispetta l-kompetenzi u l-bżonnijiet nazzjonali, reġjonali u lokali – strutturi adegwati għall-iskambju u l-kooperazzjoni tal-partijiet interessati u s-soċjetà ċivili kollha fil-qasam tal-volontarjat lil hinn mis-Sena Ewropea tal-Attivitajiet Volontarji għall-Promozzjoni taċ-Ċittadinanza Attiva 2011. Hemm bżonn ta' enfasi fuq il-volontarjat fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea."

<sup>(3)</sup> Sa mill-2006, il-KESE jappoġġja d-diskussjonijiet dwar il-ħolqien ta' Karta Ewropea għall-Volontarjat, li tistabbilixxi l-prinċipji bażiċi komuni għad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-voluntiera u l-organizzazzjonijiet tagħhom. Karta bħal din għandha tgħin ukoll tiġġwida t-titjib għall-ambjent leġislattiv għall-attivitajiet v olontarji.

Għalhekk, huwa importanti li l-volontarjat jiġi inkluż ukoll fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma sabiex jiġi assigurat l-appoġġ tiegħu.

2.3 Il-koordinazzjoni tas-settur volontarju, sabiex ikun jista' jsir progress fl-aġenda tiegħu stess, fl-iskambju tal-prattika tajba u fil-ħolqien/il-konsolidazzjoni ta' pjattaformi tal-volontarjat bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti kollha (dawk li jħaddmu, it-trejdjunjins, il-korpi settorjali l-oħrajn, l-awtoritajiet nazzjonali u l-UE), għandha tinżamm wara l-2011. Il-KESE japprezza l-ħidma tal-EYV 2011 Alliance<sup>(4)</sup>, li wasslet għall-adozzjoni tal-Aġenda Politika tagħha għall-Volontarjat fl-Ewropa (PAVE)<sup>(5)</sup>, li toffri numru ta' proposti interessanti għall-iżvilupp ulterjuri tal-volontarjat fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, kif ukoll għall-imsieħba soċjali u l-NGOs.

2.4 Sabiex il-valur soċjoekonomiku u l-kontribut li jsir mis-settur volontarju jkunu magħrufin aktar, il-KESE jemmen li huwa importanti li tinġabar u titqassam fuq livell wiesa' informazzjoni dwar l-impatt soċjali u ekonomiku tal-volontarjat. Bħala l-ewwel pass, huwa neċessarju li jkun hemm qbil u li jiġi implimentat l-użu tal-gwida tal-ILO dwar il-kejl tal-ħidma volontarja sabiex il-metodoloġija għall-ġbir tad-data dwar il-volontarjat tiġi armonizzata fl-Istati Membri. Madankollu, il-KESE jenfasizza wkoll il-bżonn li fil-livell nazzjonali tinġabar data li tmur lil hinn mill-PDG, bħal data dwar l-"indikaturi soċjali" bħala kejl tal-ġid soċjali.

2.5 Huwa importanti li jiġu indirizzati l-bżonnijiet tal-voluntiera kollha li huma attivi fl-istrutturi formali jew li jieħdu sehem f'attivitajiet volontarji minn rajhom. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri m'għandhomx u ma jstgħux jinjoraw lil dawk li jkunu personalment disponibbli li jwettqu xogħol volontarju sabiex jgħinu lis-soċjetà. Ix-xogħol dirett u indirett tagħhom mal-organizzazzjonijiet volontarji għandu jiġi enfasizzat. Barra minn hekk, għandhom jiġu indirizzati f'aktar dettall ħafna oqsma tal-volontarjat (apparti ż-żgħażaġh, l-isport jew is-settur soċjali).

## 3. Kummenti ġenerali tal-KESE dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

3.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Politiki tal-UE u l-Volontarjat. Il-KESE jappoġġja d-definizzjonijiet u l-isfidi suġġeriti.

3.2 Madankollu, il-KESE huwa mħasseb dwar il-mod pjuttost mgħaġġel kif ġiet ippubblikata u dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni pubblika u ta' valutazzjoni tal-impatt. Ma ġewx inklużi numru ta' proposti mis-soċjetà ċivili, partikolarment dawk proposti aktar tard fil-PAVE.

<sup>(4)</sup> [www.eyv2011.eu](http://www.eyv2011.eu).

<sup>(5)</sup> [http://www.eyv2011.eu/images/stories/pdf/EYV2011Alliance\\_PAVE\\_copyfriendly.pdf](http://www.eyv2011.eu/images/stories/pdf/EYV2011Alliance_PAVE_copyfriendly.pdf).

3.3 B'mod ġust, il-Kummissjoni telenka numru ta' ostakli għall-attivitajiet tal-volontarjat u tiddikjara li "l-Istati Membri għamlu kemxejn progress fuq dawn il-kwistjonijiet fl-2006 meta kkommettew rwieħhom li jikkooperaw biex jegħlbu t-tfixkil (...). Iżda għad fadal ħafna xi jsir." Il-Komunikazzjoni tista' tkun aktar ambizzjuża u tippreżenta proposti speċifiċi sabiex ikun hemm żviluppi f'dan il-qasam.

3.4 Huwa importanti li jiġi rikonossut li r-responsabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea hija li taġixxi bħala katalista għall-iżvilupp ta' politika dwar il-volontarjat, minkejja li jkollha tagħmel enfasi partikolari fuq il-kwistjonijiet tal-volontarjat transkonfinali u l-mobbiltà tal-voluntiera fi ħdan l-UE. Filwaqt li r-responsabbiltà għall-iżvilupp ta' oqfsa regolatorji, linji gwida dwar il-prattika tajba u strateġiji tinsab f'idejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha taqdi rwol fil-għbir tad-data, fl-estensjoni tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni sabiex jiġi assigurat li l-volontarjat ikun inkluż fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma kif ukoll li l-iskemi ta' finanzjament tal-UE jinkludu l-volontarjat.

3.5 Il-KESE jilqa' l-fatt li "l-Kummissjoni qiegħda taħseb li tintroduċi proposti li jindirizzaw il-volontarjat fl-istrateġija tal-UE dwar l-impjiegi, fil-ġlieda tagħha kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u fil-kuntest tal-inizjattiva tal-Kummissjoni 'Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda". Madankollu, għandhom jiġu rikonossuti l-perikli involuti jekk il-volontarjat jinbidel fi strument għall-oġġettivi politiki u għandhom jiġu rispettati u protetti l-valuri ewlenin tal-volontarjat.

#### 4. Kummmenti speċifiċi dwar il-proposti tal-Kummissjoni

4.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni li tqajjem l-għarfien fost iċ-ċittadini u l-partijiet interessati tal-UE dwar il-programmi differenti ta' finanzjament li jistgħu jintużaw mill-voluntiera u għall-attivitajiet tal-volontarjat. Apparti l-finanzjament ibbażat fuq il-proġetti, għandhom jitwessgħu l-possibbiltajiet ta' finanzjament tal-volontarjat, pereżempju billi jiġu introdotti finanzjament ċentrali, sussidji iżgħar u sistema ta' kuntratti. Għandu jiġi permess ukoll il-volontarjat bħala kontribut mhux finanzjarju għall-kofinanzjament, u preferibbilment ikun obbligatorju.

4.2 Fid-dawl tal-proposta attwali li l-programm "Tagħlim tul il-Ħajja" u l-programm "Żgħażaġħ f'Azzjoni" jingħaqdu fi programm uniku "Erasmus għal Kulħadd", il-KESE jibża' li jista' jiġi pperikolat it-tagħlim mhux formali permezz tal-parteċipazzjoni fl-attivitajiet volontarji – kemm fil-livell tal-kontenut kif ukoll billi jiġu limitati r-riżorsi. Għalhekk, il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tigarantixxi l-indipendenza tal-programm attwali Żgħażaġħ f'Azzjoni u l-fondi adegwati tiegħu, u tkompli bl-azzjoni-jiet benefiċi kollha tagħha, inkluż is-Servizz Volontarju Ewropew, flimkien mal-inizjattivi għaż-żgħażaġh u l-appoġġ għall-istrutturi Ewropej attivi fil-qasam taż-żgħażaġh.

4.3 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li hemm bżonn ta' segwitu adewgat tal-inizjattivi "li jippromwovu l-volontarjat

transkonfinali fil-kuntest tas-Sena Ewropea għaċ-Ċittadini tal-2013". Madankollu mhux biżżejjed li jissemma' biss il-volontarjat transkonfinali: għandu jiġi inkluż il-volontarjat kollu. Għal dan il-għan u sabiex tingħibed l-attenzjoni taċ-ċittadini Ewropej, l-ambitu tas-sena tematika Ewropea 2013 għandu jiġi estiż għas-Sena taċ-Ċittadinanza Attiva.

4.4 Il-KESE josserva mill-qrib il-ħidma tal-Kummissjoni dwar proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali li jinkludi d-dimensjoni tal-volontarjat u l-Passaport Ewropew tal-Ħiliet. Sabiex it-tagħlim li jinkiseb permezz tal-volontarjat jiġi rikonossut b'mod adegwat, il-passaport m'għandux ikun għadd ta' ċertifikati ġodda separati iżda pjuttost dokument komprensiv li jelenka l-esperjenza Prattika, it-taħriġ, u l-ħiliet mhux tekniċi u dawk professjonali kollha li nkisbu permezz tat-tagħlim tul il-ħajja, inklużi dawk li nkisbu permezz tal-volontarjat, jekk il-voluntier ikun jixtieq dan.

4.5 Fl-2012, il-Kummissjoni ser tressaq proposti sabiex tiġi żviluppata aktar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Mobbiltà ta' Volontiera Żgħażaġħ fl-UE. Il-KESE jemmen li l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni jista' jiġi estiż b'mod utli għall-qasam kollu tal-volontarjat fl-Ewropa. Dan għandu jippermetti li l-volontarjat jinżamm fost il-prijoritajiet tal-aġenda tal-UE b'mod strutturat.

4.6 Fil-każ tal-isport, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta għall-finanzjament ġdid tal-UE f'dan il-qasam u jenfasizza l-bżonn li jiġu appoġġjati l-attivitajiet volontarji, speċjalment fil-livell lokali.

4.7 Il-KESE jemmen li għandu jkun hemm aktar għarfien dwar id-diversi modi kif dawk li jħaddmu jistgħu jappoġġjaw l-attivitajiet individwali volontarji tal-impjegati, bħala espressioni tal-iskemi tagħhom dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva. L-imsieħba soċjali għandhom isemmgħu lehinom dwar l-iskemi differenti tal-volontarjat tal-impjegati, li għandhom dejjem ikunu bbażati fuq il-prinċipju tan-natura volontarja tal-involvement tal-impjegat.

4.8 Il-KESE huwa konxju ta' diversi inizjattivi li jfittxu li jippromovu l-volontarjat fost il-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-impjegati tal-Gvern fl-Istati Membri. Abbażi tal-esperjenzi pożittivi tal-persunal tal-KESE, il-KESE jirakkomanda li tingħata attenzjoni speċjali lill-Proposta "Solidaritè" <sup>(6)</sup>.

4.9 Il-KESE kien qiegħed jistenna li l-Kummissjoni tirrispondi b'mod aktar sod għat-talba tas-soċjetà ċivili li jiġu ssemplifikati l-proċeduri tal-visa għall-voluntiera li jiġu minn pajjiżi terzi. Għandhom jitressqu emendi għad-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE, sabiex tinħoloq kategorija speċjali ta' visa għall-voluntiera, simili għal dik li teżisti għall-istudenti.

<sup>(6)</sup> <http://www.solidariteproposal.eu/>.



4.10 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-idea li jitwaqqaf il-Korp Ewropew ta' Volontarjat għall-Għajnuna Umanitarja (European Voluntary Humanitarian Aid Corps, EVHAC) (?) iżda jixħet dubju dwar kemm dan il-Korp huwa verament orjentat lejn il-volontarjat. Qabel ma tiġi introdotta l-proposta finali tal-EVHAC, għandha ssir evalwazzjoni sew tal-proġetti pilota li għaddejjin bħalissa. Peress li l-Kummissjoni tapprezza l-ħidma tal-organizzazzjonijiet nongovernattivi fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-KESE għalhekk jissuġġerixxi li jissaħħa l-appoġġ tal-UE għal dawn l-inizjattivi essenzjalment volontarji sabiex jitjieb l-impatt tagħhom.

4.11 Rigward ir-rabti bejn il-volontarjat u s-saħħa/il-beneseri, il-KESE jixtiq jenfasisza li l-volontarji m'għandhomx jissostitwixxu l-persunal imħallas fil-qasam tal-kura soċjali fl-impjiegi ordinarji, prinċipali, ta' kuljum tagħhom. Madankollu, jistgħu jikkontribwixxu valur miżjud għas-servizzi pprovduti mill-professionisti.

### 5. Sommarju tal-attivitajiet tal-KESE matul is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011

5.1 Sabiex jipprepara għas-Sena Ewropea tal-Volontarjat u jiġġestixxi l-attivitajiet tiegħu, il-KESE waqqaf il-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011, ippresedut mis-Sur Pavel Trantina (Grupp III). Permezz ta' numru ta' seduti pubbliċi, il-KESE pprova wkoll jiftaħ diskussjoni bejn min iħaddem, it-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi dwar kif għandu jiġi ffaċilitat il-volontarjat fil-livell tal-UE. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni ħadem mill-qrib mat-Taskforce tal-Kummissjoni għas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011, l-Alleanza EYV 2011, il-Grupp ta' Interess tal-Parlament Ewropew dwar il-Volontarjat u numru ta' partijiet interessati oħra, li ħadu sehem fl-avvenimenti tal-KESE.

5.2 Matul l-2011, il-Grupp ta' Koordinazzjoni għas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 żamm ħames laqgħat, **erbgħa** minnhom **saru flimkien ma' seduti pubbliċi**, kull waħda ddedikata għal suġġett speċjali dwar il-volontarjat, sabiex jitħeġġeġ id-djalogu bejn id-diversi partijiet interessati fil-qasam. L-imsieħeb prinċipali għas-seduti kien l-Alleanza EYV 2011, li pprovdiet il-kelliema mill-gruppi ta' ħidma tagħha għal suġġetti partikolari, u t-Taskforce tal-Kummissjoni għas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011.

1. Il-valur u r-rikonoxximent tal-volontarjat (23 ta' Marzu)
2. Il-kwalità u l-infrastruttura tal-voontarjat (23 ta' Mejju)
3. Il-qafas legali għall-volontarjat (27 ta' Settembru)

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

4. Il-volontarjat tal-impjegati (9 ta' Novembru).

5.3 Il-KESE ospita b'mod konġunt diversi avvenimenti, b'mod partikolari:

— it-tieni Konferenza Tematika fil-livell tal-UE (23 u 24 ta' Mejju), organizzata mill-Kummissjoni Ewropea – il-KESE ospita d-diskussjonijiet relatati prinċipalment mal-volontarjat tal-impjegati;

— it-tieni Konvenzjoni dwar il-Volontarjat u l-Konferenza tal-Partijiet Interessati (7 u 8 ta' Settembru) – organizzata mill-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ fil-bini tal-KESE u tal-Parlament Ewropew;

— il-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-Alleanza EYV 2011 saru fil-bini tal-KESE fis-17 ta' Marzu, id-19 ta' Mejju u d-29 ta' Settembru 2011;

— il-laqgħa tal-ġurija għall-għoti tal-Premju Ewropew tal-Volontarjat tal-impjegati fi Frar 2011.

5.4 Il-Grupp III tal-KESE organizza konferenza prinċipali dwar il-volontarjat sabiex jiċċelebra l-ewwel Presidenza Pollakka tal-Kunsill Ewropew u s-Sena Ewropea tal-Volontarjat fl-2011 f'Varsavja fit-30 ta' Settembru fil-Palazz Presidenzjali, fil-preżenza tal-President tal-Polonja, il-Kummissarju tal-UE għall-impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Ministru Pollakk għall-Politika Soċjali u x-Xogħol, fost kelliema prinċipali oħra. It-tema globali tal-konferenza kienet *Ewropa għaċ-ċittadini attivi: il-volontarjat*.

5.5 Il-President tal-KESE u l-President u l-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni għas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 inidirzzaw ħafna laqgħat speċjalizzati, fosthom:

— il-konferenza inawgurata tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 f'Budapest;

— it-tieni Konferenza Tematika fil-livell tal-UE dwar il-Volontarjat fi Brussell;

— il-konferenza ta' għeluq tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 f'Varsavja.

5.6 Il-KESE qiegħed iħejji ktieb dwar iċ-Ċittadinanza Attiva, li ser juri l-firxa wiesgħa ta' attivitajiet li saru mill-membri tal-KESE fl-oqsma professjonali, politiċi u volontarji.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

(?) Skont l-Artikolu 214 tat-TFUE.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi ‘ERASMUS GĦAL KULĦADD’ — Il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażaġħ u l-Ispport”**

COM(2011) 788 finali – 2011/0371 (COD)

(2012/C 181/27)

Relatur: **is-Sinjura VAREIKYTĒ**

Nhar it-12 ta' Diċembru 2011 u nhar it-13 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi “ERASMUS GĦAL KULĦADD” – Il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażaġħ u l-Ispport*

COM(2011) 788 final – 2011/0371 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta' Frar 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'74 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 4 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Fi żmien meta l-kriżi ekonomika ħolqot sitwazzjoni fejn huwa obligatorju li jiġu eżaminati mill-ġdid il-prijoritajiet baġitarji, il-KESE jenfasizza l-importanza li, fejn ikun possibbli, jinżamm u jiżdied l-użu effikaċi ta' riżorsi allokatil fil-livell nazzjonali u tal-UE għall-edukazzjoni u t-taħriġ bil-għan li titjeb is-sitwazzjoni tal-impjiegi – partikolarment fost iż-żgħażaġh u l-impjegati avvanzati fl-età.

1.2 Il-KESE jemmen li l-Programm Erasmus għal kulħadd għandu jkun strument ewleni għaż-żieda fl-appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jitjiebu l-ħiliet taċ-ċittadini, jgħin biex tiġi indirizzata r-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh f'hafta Stati Membri, tiġi sodisfatta l-ħtieġa għal ħaddiema kwalifikati u jiġu riżolti d-diskrepanzi tal-ħiliet. Huwa partikolarment importanti li strument bħal dan jiħaddem fi żmien ta' kriżi ekonomika u riperkussjonijiet negattivi fis-swieq tax-xogħol. Id-diskrepanzi tal-ħiliet, fejn jeżistu, għandhom jitnaqqsu sabiex jonqos il-qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh.

1.3 Il-KESE jirrikonoxxi l-proposta għal żieda baġitarja sinifikanti sa EUR 19-il biljun għal programm futur u għalhekk jappoġġja l-proposta baġitarja ġenerali mill-Kummissjoni Ewropea u jitlob lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jappoġġjaw din iż-żieda.

1.4 Minħabba s-sitwazzjoni ekonomika attwali, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-miżuri proposti fil-Programm: enfasi ċara fuq azzjonijiet ewlenin; frammentazzjoni mnaqqsa tal-azzjonijiet, l-għanijiet u l-programmi attwali; użu estiż ta' għotjiet ta' somma f'daqqa, ta' spiża għal kull unità jew b'rata fissa; kif ukoll tnaqqis ta' rekwiżiti formali għal benefiċjarji u Stati Membri; tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-Aġenziji Nazzjonali; u l-proposta li Aġenzija Nazzjonali waħda għal kull pajjiż, fejn

ikun adatt, tkun inkarigata miż-żieda tal-massa kritika u mit-tnaqqis tal-ispejjeż ta' ġestjoni.

1.5 Madankollu, il-Kumitat jinnota li, waqt li jiġu applikati miżuri ta' awsterità, huwa neċessarju li jiġu kkunsidrati l-prospetti fit-tul tas-setturi individwali u li jiġu applikati l-prinċipji ta' awsterità raġonevoli u ta' baġitjar “intelliġenti”.

1.6 Wara li kkunsidra l-miżuri ta' awsterità kollha proposti, il-KESE jipproponi bis-sħiħ li jinżammu, u jekk ikun hemm b'żonn jiġu żviluppatti aktar, is-sottoprogrammi separati u indipendenti b'allokazzjoni baġitarja minima individwali għas-setturi ewlenin fil-Programm (jiġifieri, l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni u tagħlim tal-adulti, l-edukazzjoni skolastika, inizjattivi għaż-żgħażaġh u l-isport). Dan japplika b'mod partikolari għall-mobbiltà tal-istudenti kif ukoll taż-żgħażaġh fi klassijiet jew fi gruppi, il-mobbiltà tar-riċerkaturi u tal-għalliema fl-universitajiet, l-integrazzjoni ta' żgħażaġh żvantaġġati, żjarat preparatorji, proġetti u sħubijiet edukattivi bilaterali u multilaterali, u mobbiltà u sħubijiet ta' tagħlim fil-qasam tal-edukazzjoni tal-adulti. Għandha tingħata attenzjoni lill-interessi speċifiċi ta' tagħlim ta' nisa u rġiel li ma jaħdmux.

Ħafna mir-riformi amministrattivi proposti għandhom jiżguraw li l-ispejjeż tal-ġestjoni ġenerali essenzjalment ma jinbidlux u li s-sottoprogrammi separati jiggwarantixxu l-impatt maħsub u jipper-reservaw l-inizjattivi tal-Programm minn instabbiltà u tnaqqis possibbli.

1.7 Il-Kumitat jisħaq li l-edukazzjoni għandha rwol ferm importanti fl-indirizzar tas-sitwazzjoni attwali, u bi pjaċir jinnota li dan hu rifless fil-Programm. Madankollu, sabiex jiġu implimentati l-għanijiet strateġiċi ewlenin tal-UE, jeħtieġ li tiġi segwita l-koerenza tal-edukazzjoni formali u t-tagħlim mhux

formali u informali, li jfisser li t-tagħlim mhux formali u informali għandu jkollu l-istess importanza bħall-edukazzjoni formali fil-proposta tal-Programm attwali.

1.8 Il-KESE jinsab imħasseb li ma ġewx inklużi wħud mill-azzjonijiet li bħalissa qed jaħdmu tajjeb u huma apprezzati fil-Programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni u li n-nuqqas tagħhom jista' jwassal għal tnaqqis sinifikanti fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh.

1.9 Il-KESE jemmen li l-ksib u t-titjib ta' ħiliet u għarfien jinvolvu aktar mill-għan prinċipali attwali ta' tneħħija ta' ostakli għax-xogħol, u jinkludu **l-iżvilupp ta' ċittadinanza attiva u koeżjoni soċjali**, iżda dawn l-għanijiet ma ngħatawx attenzjoni fil-Proposta. B'mod partikolari, ir-rwol tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jissaħħu fil-Programm Erasmus il-ġdid.

1.10 Il-KESE jilqa' l-għan ta' iżjed mobiltà għat-tagħlim, peress li huwa wieħed mill-fatturi li jippermetti l-iżvilupp ta' ħiliet ewlenin, b'mod partikolari dawk rilevanti għas-suq tax-xogħol u għas-soċjetà, kif ukoll iż-żieda fil-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa. Madankollu, il-mobiltà nnifisha mhux ser issolvi l-kwistjonijiet imsemija hawn fuq. Għaldaqstant, għandha tingħata aktar attenzjoni għal opportunitajiet sabiex il-ħiliet miksuba permezz ta' azzjonijiet ta' mobiltà jiġu applikati, u għall-importanza tal-mobiltà fil-proċess ta' tagħlim tul il-ħajja.

1.11 Il-Kumitat jemmen li t-tagħlim għandu jkun aċċessibbli għal kulħadd fl-istadji kollha tal-ħajja, u għalhekk jappoġġja bis-siħ l-approċċ propost għal tul il-ħajja għat-tagħlim immirat biex jipprovi modi varji ta' aċċess għal tagħlim formali, mhux formali jew informali li jkun aċċessibbli b'mod ugwali għal kulħadd. Il-KESE jenfasizza t-talba li diġà għamel għal "Tagħlim tul il-ħajja". Madankollu, ir-Regolament propost ma jidherx li jadotta tali approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja f'termini ta' ftuħ tal-Programm għal kull tip ta' persuna li qed titgħallim, minn tfal iżgħar sa anzjani. Il-Programm għandu jkun aktar inklużiv u mfassal għal kull grupp ta' dawk li qed jitgħallmu, għaldaqstant, il-KESE jitlob definizzjoni operazzjonali u ċara ta' tagħlim tul il-ħajja u aktar politiki mmirati għat-titjib tal-aċċessibilità għal kull grupp ta' dawk li qed jitgħallmu.

1.12 Il-parteċipanti f'azzjonijiet li jagħmlu parti mill-Programm għandhom jiġu kkunsidrati bħala ambaxxaturi tal-valuri Ewropej, li għandhom jiġu riflessi b'mod prominenti fil-Programm.

1.13 Il-KESE jirrikonoxxi li l-Programm Erasmus attwali kellu suċċess konsiderevoli (bħal pereżempju s-Servizz Volontarju Ewropej). Fl-istess waqt, il-KESE jesprimi tħassib li l-marka Erasmus hija prinċipalment rikonoxxuta fost il-pubbliku usa' bħala sinonimu għal attivitajiet fl-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni formali b'mod ġenerali. Il-kwistjoni ta' tixrid aħjar ta' informazzjoni dwar l-Erasmus bħala kunċett uniku għas-setturi kollha tal-edukazzjoni għadha ma ġietx indirizzata u tista' toħloq ostakli addizzjonali, bħal żieda fl-ispejjeż tar-relazzjonijiet pubbliċi u spejjeż mhux previsti oħrajn. Il-KESE jinsab imħasseb li t-tixrid ta' din il-marka ma jkunx possibbli jew ma

jiksibx suċċess peress li baqa' sena waħda biss għall-bidu uffiċjali tal-Programm. Ġie rrakkomandat ukoll li jinżammu l-ismijiet attwali tas-sottoprogrammi.

1.14 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon iż-żamma tal-attivitajiet kollha tal-programm Jean Monnet li għandhom l-għan li jipromovu l-edukazzjoni universitarja u r-riċerka dwar l-integrazzjoni Ewropea iżda jqis li huwa neċessarju li dan l-appoġġ speċifiku ma jikkonċentrax biss fuq iż-żewġ istituzzjonijiet imsemija fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kumitat jixtieq li jiġu inklużi s-sitt istituzzjonijiet Ewropej appoġġjati mill-programm Jean Monnet 2007-2013 bil-għan li jittieħed benefiċċju mill-valur miżjud, il-kontributi akkademiċi u d-diversità kulturali ikbar li joffru l-erba' istituzzjonijiet l-oħra ta' interess Ewropej.

Il-Kumitat jipproponi għalhekk li Artikolu 10 jiġi modifikat kif ġej:

(c) jappoġġaw l-istituzzjonijiet akkademiċi Ewropej li ġejjin, li jsegwu l-mira ta' interess Ewropej;

(i) l-Istitut Universitarju Ewropej ta' Firenze;

(ii) il-Kulleġġ tal-Ewropa (il-kampus ta' Bruges u dak ta' Natolin);

(iii) l-Akkademja tal-Liġi Ewropea ta' Trier;

(iv) iċ-Ċentru Internazzjonali tat-Taħriġ Ewropej ta' Nizza;

(v) l-Istitut Ewropej tal-Amministrazzjoni Pubblika ta' Maastricht;

(vi) l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp fl-Edukazzjoni għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali f'Odense;

## 2. Il-proposta tal-Kummissjoni

2.1 Bl-Erasmus għal kulħadd, il-Kummissjoni beħsiebha tgħaqqad l-iskemi attwali kollha tal-UE u dawk internazzjonali għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u tissostitwixxi s-seba' programmi eżistenti – il-Programm tat-Tagħlim Tul il-Ħajja, Żgħażaġħ fl-Azzjoni, Erasmus Mundus, Tempus, Alfa, Edulink u l-programm ta' kooperazzjoni bilaterali mal-pajjiżi industrijalizzati – bi programm wieħed. L-għan iddikjarat huwa li tiżdied l-effiċjenza, li jkun aktar faċli li wieħed japplika għall-għotjiet u jonqsu d-dupplikazzjoni u l-frammentazzjoni.

2.2 Il-Kummissjoni ttipponi żieda ta' madwar 70 % meta mqabbel mal-baġit attwali ta' seba' snin, li jfisser li jiġu allokati EUR 19-il biljun lill-programm il-ġdid għall-perjodu 2014-2020. Żewġ terzi tal-finanzjament għandhom jintefqu fuq għotjiet individwali għall-mobiltà biex jitjiebu l-ħiliet u l-għarfien.

2.3 Il-Programm il-ġdid huwa mistenni jiffoka fuq il-valur miżjud tal-UE u l-impatt sistemiku, b'appoġġ għal tliet tipi ta' azzjonijiet: opportunitajiet għat-tagħlim għal individwi, kemm fi ħdan l-UE u lil hinn; kooperazzjoni istituzzjonali bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, l-intrapriżi, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-NGOs; u appoġġ għar-riformi fl-Istati Membri għall-modernizzazzjoni tas-sistemi edukattivi u ta' taħriġ u l-promozzjoni tal-innovazzjoni, l-intraprenditorija u l-kapaċità għall-impjiegi.

2.4 Il-Kummissjoni targumenta li l-istruttura armonizzata tal-Programm il-ġdid – flimkien maż-żieda sinifikanti tiegħu fl-investment – tfisser li l-UE tkun tista' toħloq ħafna aktar opportunitajiet għall-istudenti, it-trainees, iż-żgħażaġh, l-għalliema, il-ħaddiema li jaħdmu maż-żgħażaġh u oħrajn biex itejbu l-ħiliet, l-iżvilupp personali u l-prospetti ta' impjiegi tagħhom. L-Erasmus għal kulħadd huwa intiż biex jippromovi r-riċerka u t-tagħlim dwar l-integrazzjoni Ewropea u jappoġġja l-isport fil-livell lokali.

2.5 Il-Programm propost għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-*Istrateġija Ewropa 2020, il-qafas strateġiku tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020 (ET2020), il-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018)*, u għall-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin tal-Ewropa 2020, bħal *Żgħażaġħ Attivi u l-Aġenda għall-Ħiliet Ġodda*, kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżi terzi fil-qasam tal-edukazzjoni għolja u għall-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1 Id-dokumenti strateġiċi ewlenin tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh jagħtu prijorità indaqs lill-inizjattivi fl-oqsma msemmija hawn fuq. Il-KESE jenfasizza li meta jkunu qed jittfasslu l-għanijiet tal-Programm m'għandhiex tingħata l-impresjoni li l-edukazzjoni formali għandha prijorità ogħla mit-tagħlim mhux formali u informali, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjoni u tal-adulti, l-edukazzjoni skolastika, l-attivitajiet taż-żgħażaġh u l-isport. Huwa vitali li jiġu evitati inugwaljanzi bejn is-setturi differenti peress li jistgħu jagħmluha diffiċli li jiġi implimentat l-approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja inkluż fil-Programm.

3.2 Il-Kumitat jilqa' l-possibbiltà ta' appoġġ għar-riformi tal-politiki, bħall-implimentazzjoni tal-proċessi ta' Bologna u ta' Kopenhagen u d-dialogu strutturat maż-żgħażaġh, kif ukoll l-appoġġ għall-implimentazzjoni ta' għodod ta' trasparenza tal-UE.

3.3 Il-Programm jiżgura li l-“għotjiet għall-mobilità tat-tagħlim mogħtija lil individwi għandhom jiġu eżentati minn kwalunkwe taxxi u imposti soċjali. L-istess eżenzjoni għandha tapplika għal korpi intermedjarji li jagħtu dan l-appoġġ finanzjarju lill-individwi kkonċernati”. Il-Kumitat huwa favur dawn l-eżenzjonijiet u jitlob lill-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, sabiex tinvestiga u ssolvi każijiet (meta, pereżempju, għotjiet għall-mobilità huma kkreditati mad-dħul tal-familja, li jwassal għal telf ta' appoġġ soċjali) li jidhru fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' mobilità attwali.

3.4 L-inklużjoni ta' azzjonijiet sportivi fil-Programm bħala kapitolu separat b'baġit iddedikat hija appoġġjata bis-sħiħ,

minħabba li, permezz ta' proġetti transnazzjonali, il-bini tal-kapaċità għal organizzazzjonijiet sportivi u aktar opportunitajiet ta' sħubija, ser tiżgura involviment akbar u aktar effettiv ta' partijiet interessati fit-fassil tal-politika sportiva u governanza aħjar tal-korpi sportivi, u ser tipprovdi wkoll motivazzjoni għaċ-ċittadini Ewropej, speċjalment iż-żgħażaġh, sabiex ikunu aktar attivi.

3.5 Il-Kumitat jirrikonoxxi li Aġenzija Nazzjonali waħda fi ħdan l-Istati Membri, fejn adatt, b'responsabbiltà għall-ġestjoni tal-azzjonijiet tal-Programm x'aktarx tkun soluzzjoni aktar effettiva f'termini ta' "faċilità tal-użu", il-piż tax-xogħol u l-kosteffikazzja. Madankollu, l-aċċess reġjonali għandu jiġi żgurat għal dawk li japplikaw għal għotjiet u għandu jiġi nnutat li l-istabiliment ta' aġenzija nazzjonali unika jista' ma jkunx konformi mad-diversi kuntesti nazzjonali fl-Istati Membri. Fl-istess waqt, ir-rekwiżiti amministrattivi ġenerali għal dawk li japplikaw, speċjalment għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-qasam tat-tagħlim mhux formali, m'għandhomx jiżdedu. Għall-kuntrarju, il-piż amministrattiv għandu jiġi valutat u jonqos b'mod kostanti. Barra minn hekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvolvu b'mod aktar attiv lis-soċjetà ċivili u lill-imsieħba soċjali fil-governanza tal-Programm fil-livell nazzjonali.

3.6 Il-KESE jilqa' l-għan li jitnaqqsu l-kumplessità u l-frammentazzjoni attwali tal-għanijiet u l-azzjonijiet separati, bil-għan li titjieb il-kosteffikazzja u jitwaqqfu l-azzjonijiet li huma neqsin mill-massa kritika meħtieġa għal impatt li jħalli effett fit-tul. Madankollu, kif jingħad fil-punt 1.6 ta' din l-opinjoni, il-Kumitat iħeġġeġ bis-sħiħ li jinżammu sottoprogrammi separati u indipendenti b'allokazzjoni baġitarja minima individwali għas-setturi ewlenin fil-Programm.

3.7 Filwaqt li jappoġġja miżuri aktar estensivi ta' effiċjenza u ta' tnaqqis tal-ispejjeż, il-Kumitat jinnota li l-bżonn għal proġetti ikbar u aktar effiċjenti għandu jkun ibbilanċjat mal-bżonn tal-inklużività. Il-kontribut għall-forom kollha tal-edukazzjoni min-naħa tal-organizzazzjonijiet iż-żgħar ma jistax jiġi sottovalutat u l-aċċess tagħhom għall-Programm għandu jinżamm.

3.8 Il-Kumitat jinnota li m'hemm l-ebda referenza għall-programm ta' mobiltà tal-istudenti fil-Programm. Għaldaqstant jiġbed l-attenzjoni li għandhom jiġu offruti faċilitajiet ta' mobiltà kmieni kemm jista' jkun u m'għandhomx jiġu offruti għall-ewwel darba fil-fażi ta' taħriġ professjonali jew akkademiku. Il-kontinwazzjoni tas-sħubijiet tal-iskejjel Comenius, li huma ta' suċċess, li jinkludu l-possibbiltà ta' perjodi qosra ta' mobiltà għall-istudenti, għalhekk hija importanti ħafna.

3.9 Il-Kumitat jinnota li l-miżuri li ttieħdu fil-Programm biex jitjieb l-aċċess tal-gruppi żvantaġġati għal azzjonijiet tal-mobiltà mhumiex biżżejjed. It-twessigħ tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-tagħlim għal gruppi li mhumiex rappreżentati biżżejjed għandu jsir prijorità ċara, peress li huwa essenzjali sabiex ikollna soċjetajiet iktar ġusti, kif ukoll biex niksbu tkabbir ekonomiku. Bħalissa, l-edukazzjoni tal-ġenituri u l-isfond soċjoekonomiku għad għandhom rwol sproporzjonat fl-opportunitajiet ta' individwi biex jaċċessaw u jirnexxu fil-qasam tal-edukazzjoni, u gruppi speċifiċi mhumiex rappreżentati biżżejjed f'ċerti kuntesti nazzjonali.



3.10 Il-kwalità u l-ekwiżità għandhom jiġu bbalanċjati mal-kwantità fl-iskemi ta' mobilità b'mod li jippermetti lil dawk minn ambjent żvantaġġat jieħdu sehem – pereżempju, billi tiġi kkunsidrata reviżjoni tad-daqs tal-għotjiet tal-mobilità, li bħalissa huma meqjusa bħala inadegwati u inflessibbli għall-ambjenti ekonomiċi differenti tal-pajjiżi parteċipanti <sup>(1)</sup>.

3.11 Tista' tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jintużaw il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fondi Strutturali biex tiġi ffinanzjata l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh minn reġjuni anqas żviluppata fl-azzjonijiet individwali ta' mobilità għal finijiet ta' taġhlim, kif ukoll f'internships u apprendistati f'intrapriżi fi Stati Membri oħra.

3.12 Il-Kumitat iħeġġeġ sforzi akbar għall-ġbir u l-analiżi mtejbja tad-data, partikolarment dwar l-impjegabbiltà, id-dimensjoni soċjali, it-taġhlim tul il-ħajja, it-trasferibbiltà ta' għotjiet u s-self u l-kwalità u l-impatt ġenerali tal-mobilità u jipproponi li ssir valutazzjoni ex-post tal-esperjenza tal-mobilità. Din id-data ser tgħin fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Programm u tippermetti reazzjoni attiva għal bidliet possibbli.

3.13 Il-Kumitat itenni l-appoġġ tiegħu għad-dispożizzjoni li żżid l-effiċjenza tar-riżorsi tal-Programm u tnaqqas id-dupplikazzjoni u l-frammentazzjoni tal-azzjonijiet attwali, u għalhekk jistieden kunsiderazzjoni usa' ta' din il-kwistjoni fil-prinċipju u reviżjoni tal-programmi kollha eżistenti taħt l-awtorità tal-Kummissjoni Ewropea, li l-għanijiet taġhha huma kompletament jew parzjalment konformi mal-Programm propost. Pereżempju, l-*Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ*, li huwa parzjalment ifffinanzjat mill-Kummissjoni, huwa amministrat separament, minkejja li jista' jikkontribwixxi għall-għanijiet stabbliti f'*Erasmus għal kulħadd*.

3.14 Hemm nuqqas ta' ċarezza dwar il-proporzjonijiet attwali tal-allokazzjonijiet imsemmija fpunt 3 tal-Artikolu 13 (Baġit). Il-Kumitat jissuġġerixxi żieda fil-persentaġġ allokati għall-kooperazzjoni għall-innovazzjoni u l-prattiki tajbin, peress li l-biċċa l-kbira tal-analiżijiet li twettqu fl-istadij preċedenti tal-programmi ta' taġhlim tul il-ħajja wrew li l-kooperazzjoni istituzzjonali hija kosteffettiva ħafna.

#### 4. Azzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ

4.1 Il-KESE jirrikonoxxi l-allokazzjoni baġitarja oġhla għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Madankollu, ġie rakkomandat li tiġi stabbilita mira ċara fil-Programm biex tikkontrobwixxi għall-ksib tal-punt ta' riferiment tal-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali (ETV): "Sal-2020, medja tal-UE ta' mill-inqas 6 % ta' persuni bejn it-18 u l-34 sena bi kwalifika ta' livell ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjoni inizjali għandhom ikunu għamlu perijodu ta' studju jew taħriġ inizjali relatat mal-ETV (inkluż taħriġ f'ambitu professjonali) barra l-pajjiż b'tul ta' mill-inqas ġimgħatejn (għaxart ijiem ta' xogħol) jew inqas jekk iddokumentat bl-Europass" <sup>(2)</sup>. Barra minn hekk, parti mill-baġit għandu jiġi allokati sabiex jitħeġġu programmi tal-apprendistat.

<sup>(1)</sup> SEC(2011) 1402 final, COM(2011) 788 final.

<sup>(2)</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar punt ta' riferiment għall-mobbiltà għat-taġhlim, it-3 128 laqgħa tal-Kunsill dwar l-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, il-Kultura u l-Isport, 28-29.11.2011.

4.2 Minħabba dan il-punt ta' riferiment, jinħtieġu sforzi speċifiċi għat-tneħħija tal-ostakli Prattiki, tekniċi u legali għall-mobilità tat-taġhlim, għall-appoġġ biex jintbagħtu u jiġu ospitati intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u ż-żieda tal-valur tal-impenn taġħhom fil-mobilità għall-apprendisti u l-interns. Fid-dawl tal-fatt li l-ammont u l-ambitu tal-attivitajiet f'dan is-settur u s-sejbiet fil-Valutazzjoni tal-Impatt fuq Azzjonijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ <sup>(3)</sup>, il-Kumitat jissuġġerixxi li jiġi kkunsidrat jekk l-allokazzjoni minima attwali proposta ta' 17 % għall-ETV hijiex biżżejjed.

4.3 Il-KESE jipproponi wkoll l-identifikazzjoni tal-apprendisti u l-interns bħala grupp destinatarju separat fil-Programm. Dan jgħin l-implimentazzjoni ta' impenji politiċi ġodda fuq il-promozzjoni ta' apprendistati u taġhlim ibbażat fuq ix-xogħol sabiex tiġi indirizzata r-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh.

4.4 Il-KESE jixtieq jenfasizza r-rata baxxa ta' parteċipazzjoni ta' adulti fit-taġhlim tul il-ħajja u l-livell baxx ta' ħiliet u kwalifiki ta' numru kbir ta' adulti fl-Ewropa <sup>(4)</sup>. Sabiex tintlaħaq il-mira tal-ET2020 ta' "medja ta' mill-inqas 15 % ta' adulti għandhom jipparteċipaw f'taġhlim tul il-ħajja" <sup>(5)</sup>, jinħtieġu sistemi edukattivi għall-adulti b'saħħithom, fornituri, metodoloġija, persunal u parteċipazzjoni mifruxa mal-Ewropa kollha. L-edukazzjoni tal-adulti għandha tkun il-post għaċ-ċittadinanza Ewropea attiva, li tista' tiġi żviluppata aktar u promossa permezz ta' programmi ta' edukazzjoni għall-adulti b'saħħtu.

4.5 Huwa importanti li jkun hemm rabtiet mill-qrib mal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, iżda kors distint għall-edukazzjoni tal-adulti huwa neċessarju sabiex jiġu indirizzati l-isfidi msemmija fil-punt 4.4. Għaldaqstant, il-Kumitat jipproponi li tiġi kkunsidrata ż-żamma tal-edukazzjoni u t-taġhlim tal-adulti bħala settur għalih innifsu fil-proposta tal-Programm.

4.6 Filwaqt li jilqa' ż-żieda proposta fil-baġit għall-edukazzjoni tal-adulti, l-allokazzjoni minima ta' 2 % għall-edukazzjoni tal-adulti tidher inadegwata meta wieħed jikkunsidra t-tixjij demografiku tal-Ewropa u l-ħtieġa li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-taġhlim tul il-ħajja. Fid-dawl tal-fatt li s-settur tal-edukazzjoni tal-adulti huwa wiesa' ħafna u jakkomoda numru kbir ta' intrapriżi soċjali, għandha tiġi kkunsidrata żieda ħafna aktar importanti.

4.7 Fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taġhlim tal-adulti, il-Programm għandu jikkontribwixxi b'mod aktar ċar għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea mġedda għat-Taġhlim għall-Adulti <sup>(6)</sup>. Fl-appoġġ ta' din l-aġenda, il-Programm għandu joffri opportunità reali li jagħti spinta lill-progress u l-bidla pożittiva fit-taġhlim tal-adulti, li jkun ifisser titjib fil-fiduċja fihom innifishom, il-parteċipazzjoni, l-attività, il-kreattività, l-iżvilupp personali u impjegabbiltà għal numru kbir ta' ċittadini Ewropej.

<sup>(3)</sup> L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) taħt is-sottoprogramm Leonardo da Vinci jappoġġjaw l-iżvilupp tal-proċess ta' Kopenhagen u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kwalità għall-ETV, u jipprovdu opportunità uniki għall-internazzjonalizzazzjoni, il-mobilità u l-innovazzjoni fl-ETV.

<sup>(4)</sup> COM(2007) 558 final.

<sup>(5)</sup> [http://ec.europa.eu/education/lifelong-learning-policy/doc34\\_en.htm](http://ec.europa.eu/education/lifelong-learning-policy/doc34_en.htm)

<sup>(6)</sup> Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea mġedda għat-taġhlim għall-adulti (16743/11), 17.11.2011.

4.8 Kemm il-workshops ta' Grundtvig kif ukoll il-Volontarjat mal-Anzjani taw opportunità għall-parteċipazzjoni Ewropea lil bosta persuni li kieku ma kienu ikollhom l-opportunità. Huwa u jikkunsidra l-benefiċċji provduti minn dawn l-azzjonijiet, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu ppreservati l-opportunitajiet indaqs għall-adulti li jitgħallmu sabiex jipparteċipaw fi skemi ta' mobilità u volontarjat.

4.9 Il-Kumitat iqis li l-Programm huwa ta' siwi għall-ksib tal-mira għall-mobbiltà tal-istudenti tal-proċess ta' Bologna (7), stabbilita wkoll mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (8): "mill-inqas 20 % ta' dawk li jiġgradwaw fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja għandhom ikollhom studju jew perjodu ta' taħriġ barra l-pajjiż sal-2020". Madankollu, il-KESE jinnota li d-daqs tal-għotjiet individwali tal-mobbiltà għandu jiġi rivedut bil-għan li individwi żvantaġġati jkollhom opportunitajiet indaqs biex jipparteċipaw fl-iskemi ta' mobilità.

4.10 Żvilupp ulterjuri tal-programmi konġunti u l-lawrji konġunti fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA) huwa inkoraġġit, peress li l-programmi konġunti u l-lawrji konġunti għandhom il-potenzjal li jiġbdu l-attenzjoni għar-regoli u l-leġislazzjoni nazzjonali li jostakolaw il-mobbiltà, kif ukoll li jtejbu l-kwalità ġenerali tal-edukazzjoni u jrawmu kooperazzjoni istituzzjonali internazzjonali.

4.11 Is-sinkronizzazzjoni tar-Rikonossiment tas-sistemi ta' tagħlim preċedenti (RPL – Recognition of prior learning) mal-ECTS u l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) abbażi ta' approċċ tar-riżultati tat-tagħlim huma kruċjali sabiex tintlaħaq b'suċċess il-mira tal-mobbiltà tal-istudenti ta' Bologna u tiġi żgurata l-kwalità tal-iskemi tal-mobbiltà u l-edukazzjoni għolja ġenerali. Il-KESE jinnota li għadd ta' pajjiżi ma rabtux l-ECTS u l-ECVET mar-riżultati tat-tagħlim u l-għan ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd ma nkisibx. Għaldaqstant, għandhom jiġu kkunsidrati azzjonijiet urġenti sabiex l-ECTS u l-ECVET jiġu inkorporati bħala għodod komuni fl-UE bħala mod kif tiġi żgurata t-trasparenza tal-kwalifiki kemm għall-istudenti kif ukoll għal min iħaddem.

4.12 Il-Kumitat jixtieq jisħaq ukoll li koordinazzjoni kontinwa fil-livell Ewropew hija meħtieġa sabiex tgħin lill-Istati Membri jadottaw miżuri, sabiex id-dokumenti ġodda kollha ta' kwalifika jkunu jinkludu referenza ċara, permezz ta' sistemi ta' kwalifiki nazzjonali, għal-livell xieraq tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki. Peress li huwa evidenti li din il-mira (9) mhux ser tintlaħaq sad-data tal-ghelug uffiċjali tal-2012, jinħtieġu aktar azzjonijiet u koordinazzjoni sabiex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki.

4.13 Il-KESE jipproponi li tingħata prijorità oġhla lill-mobbiltà tal-persunal, li tikkontribwixxi ferm għall-programmi edukattivi ta' kwalità għolja u għal iktar istituzzjonijiet orjentati

internazzjonalment. Il-Kumitat jitlob kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Istati Membri sabiex jitneħħew l-ostakli għall-mobbiltà tal-persunal konnessi ma' sistemi tas-sigurtà soċjali, l-arranġamenti tal-pensjoni u r-rikonoxximent professjonali.

4.14 B'segwitu għall-istqarrija tal-KESE fl-opinjoni dwar l-inizjattiva Żgħażaġħ mobbli (10), il-Kumitat jitlob deskrizzjoni aktar dettaljata tal-iskema ta' self proposta għall-istudenti li jistudjaw għall-Masters f'pajjiż ieħor tal-UE, sabiex jiġi żgurat li l-proċedura għall-għoti tas-self titfassal bir-reqqa u iż-żgħażaġh jiġu infurmati dwarha peress li huwa importanti li kemm jista' jkun jiġi evitat li iż-żgħażaġh jinqabdu f'nassa ta' dejn. B'kunsiderazzjoni tal-isforzi sabiex tiġi stabbilita l-iskema ta' self proposta, għandu jiġi żgurat li dan is-self huwa attraenti u affordabbli (speċjalment għall-istudenti żvantaġġati) bil-għan li jllhaq it-total smat ta' 331 100 student.

4.15 Barra minn hekk, il-Kumitat jitlob sabiex jiġu evalwati l-konsegwenzi kollha possibbli tal-iskema ta' self proposta, inkluż l-impatt fuq is-sistemi ta' appoġġ finanzjarju nazzjonali u reġjonali u għad-daqs tat-tariffi tat-tagħlim fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Ir-riżultat ta' tali valutazzjoni għandu jinxtered b'mod wiesa' kemm jista' jkun.

4.16 Minbarra l-iskema ta' self proposta, il-KESE jitlob lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea sabiex ikomplu jsostnu l-isforzi nazzjonali mill-Istati Membri permezz tal-politiki tagħhom sabiex jiżguraw it-trasferibbiltà sħiħa tal-għotjiet u s-self nazzjonali fl-UE kollha fil-promozzjoni tal-mobbiltà u li iżguraw tal-aċċess ugwali għall-mobbiltà u l-edukazzjoni.

## 5. Azzjonijiet taż-żgħażaġh

5.1 Il-KESE jenfasizza l-effiċjenza tal-programm attwali Żgħażaġħ fl-Azzjoni (11). Huwa smat li l-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni ser ikun provda 1 000 000 żgħażuġh/a Ewropej b'esperjenza ta' edukazzjoni mhux formali u opportunitajiet għall-mobbiltà u huwa ċar li l-programm attwali ħalla impatt dejjiemi fuq iż-żgħażaġh Ewropej billi jappoġġja l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. Għalhekk, l-impatt taż-Żgħażaġħ fl-Azzjoni fuq iż-żgħażaġh jista' jitqies bħala ikbar minn dak ta' kwalunkwe programm ieħor tal-UE, li mhuwiex rifless b'mod adegwat fil-Proposta.

5.2 Il-Kumitat jinsab imħasseb li l-Proposta attwali għandha tendenza tittratta lill-benefiċjarji tagħha b'mod inugwali u tagħmilha aktar diffiċli li jintlaħqu dawk iż-żgħażaġh żvantaġġati li attwalment jistgħu jaċċessaw il-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni permezz ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh żgħar u lokali.

5.3 Il-KESE jemmen li għandha tingħata prijorità politika u finanzjarja iktar b'saħħitha fil-Programm liż-żgħażaġh u l-politika taż-żgħażaġh, li tqis in-numru ta' miri assoċjati maż-żgħażaġh fl-Istrateġija Ewropa 2020 u l-ET2020 u fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-Żgħażaġħ (2010-2018) kif ukoll fl-inizjattivi ewlenin bħal Żgħażaġħ Attivi u l-Aġenda għall-Ħiliet u Impjiegi Ġodda

(7) Komunikazzjoni tal-Konferenza tal-Ministri Ewropej Responsabbli għall-Edukazzjoni Għolja, Leuven u Louvain-la-Neuve, 28-29.4.2009.

(8) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immodernizzar tal-edukazzjoni għolja, it-3 128 laqgħa tal-Kunsill dwar l-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, il-Kultura u l-Isport, 28-29.11.2011.

(9) Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-Tagħlim tul il-Ħajja (2008/C 111/01), 23.4.2008.

(10) ĠU C 132/55, 3.5.2011.

(11) SEC(2011) 1402 final, COM(2011) 788 final.

5.4 Meta jiġi kkunsidrat l-ambitu u l-ammont ta' attivitajiet u n-numru ta' parteċipanti fil-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni attwali, kif ukoll l-abbiltà li jkunu involuti dawk minn gruppi żvantaġġati, il-Kumitat jitlob li jiġi kkunsidrat mill-ġdid jekk l-allokazzjoni minima proposta għaż-żgħażaġh ta' 7 % biss tiżgurax li l-għanijiet assoċjati mas-settur taż-żgħażaġh humiex ser jintlaħqu u li jitfassal sottoprogramm separat għal azzjoni taż-żgħażaġh bħala parti mill-Programm b'baġit adegwat allokat. Approċċ bħal dan kien diġà ġie ddikjarat fl-Opinjoni tal-Kumitat dwar l-inizjattiva *Żgħażaġħ Attivi* <sup>(1)</sup>. Is-sottoazzjonijiet kollha attwali tal-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni għandhom jinżammu.

5.5 Il-Kumitat jenfasizza li bħalissa l-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni jgħin sabiex jiġu appoġġjati attivitajiet li kieku ma jiġux appoġġjati permezz ta' sorsi ta' finanzjament alternattivi, u dak huwa wieħed mis-sorsi prinċipali tal-finanzjament għall-proġetti taż-żgħażaġh. Dan japplika b'mod partikolari għal organizzazzjonijiet żgħar u lokali/reġjonali. In-nuqqas ta' appoġġ bħal dan jista' jikkawża konsegwenzi negattivi serji għas-settur taż-żgħażaġh Ewropew. F'każ ta' sitwazzjoni bħal din, bosta organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh jistgħu jsiru inqas iċċentri fuq l-Ewropa, minħabba li huma n-netwerks Ewropej li jappoġġjaw l-organizzazzjonijiet iżgħar u lokali sabiex jieħdu sehem fi

programmi Ewropej. Dan iħalli spazju għal organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet kbar biss, li jiżvantaġġaw b'mod dirett lill-organizzazzjonijiet lokali, reġjonali u żgħar.

5.6 Il-Kumitat jinnota li l-Programm għandu jikkontribwixxi b'mod aktar ċar għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 165(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: "l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' skambji fost iż-żgħażaġh u skambji ta' edukaturi soċjoedukattivi u l-inkoraġġiment tal-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika tal-Ewropa".

## 6. Miżuri fid-dawl tal-bidliet demografiċi

Il-KESE jipproponi li fil-perjodu ta' finanzjament 2014-2020 tal-UE jiġi stabbilit programm ta' finanzjament separat għal-Ġenerazzjonijiet fl-Azzjoni. Jinħtieġ djalogu bejn il-ġenerazzjonijiet f'ħafna programmi u proposti bħal fl-oqsma tat-tixjijh attiv u b'saħħtu, il-kwistjonijiet ta' sostenibbiltà (stil ta' ħajja sostenibbli), l-użu effiċjenti tal-enerġija, eċċ.

Il-KESE huwa konvint li mobbiltà għal individwi ta' kull età ssaħħaħ ir-rispett reċiproku, tippromovi l-koeżjoni soċjali u tikkontribwixxi għal responsabbiltà kondiviża tal-valuri Ewropej.

Brussell, 29 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

<sup>(1)</sup> ĠU C 132/55, 3.5.2011.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid serju transkonfinali għas-saħħa”**

COM(2011) 866 finali – 2011/0421 (COD)

(2012/C 181/28)

Relatur uniku: **is-Sinjura OUI**

Nhar id-19 ta' Janjar 2012 u s-17 ta' Janjar 2012, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, rispettivament, iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid serju transkonfinali għas-saħħa*

COM(2011) 866 final – 2011/0421 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar id-29 ta' Frar 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu 2012), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'149 vot favur, 2 voti kontra u 4 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jappoġġja l-proposta għal Deċiżjoni dwar theddid serju transkonfinali għas-saħħa.

1.2 Huwa japprova l-approċċ li jibbaża fuq dak li diġà jaħdem għall-mard li jittieħed<sup>(1)</sup> u fuq l-analiżi tal-kriżijiet l-aktar riċenti sabiex jimtela ċertu vojts li jinsab fl-istrument attwali, hekk kif jippermetti t-Trattat ta' Lisbona.

1.3 Tinħtieġ koordinazzjoni fil-livell tal-kontinent li tħassar il-fruntieri settorjali sabiex ikun hemm aktar effettività kontra r-riskji, li ma jiqfux mal-fruntieri.

1.4 Madankollu, il-Kumitat jinsisti biex l-elementi kollha tas-soċjetà ċivili jkunu involuti fl-ippjanar tat-tħejjija, u fil-komunikazzjoni fil-każ ta' kriżi. Li l-koordinazzjoni tiġi limitata għall-professionisti tas-saħħa u għall-ispeċjalisti tal-protezzjoni ċivili m'għadux jikkorrispondu għall-mod kif tiffunzjona attwalment is-soċjetà, fejn il-mezzi tax-xandir assumew rwol sinifikanti fit-tixrid tal-informazzjoni lill-pubbliku.

## 2. Il-kuntest

2.1 L-epidemiji l-kbar tal-pesta, il-kolera jew l-influenza tas-sekli li għadew baqgħu fil-memorja kollettiva bħala pjagi li ftemp ta' fitt ġimgħat setgħu jeqirdu r-razza umana.

2.2 L-Ewropej tas-seklu għoxrin ħasbu li permezz tal-mediċina moderna dawn ir-riskji saru xi ħaġa tal-passat. L-Istati stabbilixxew sistemi ta' saħħa pubblika (tilqim obbligatorju,

monitoraġġ tas-saħħa) għall-protezzjoni tal-popli, u l-Ewropa żviluppat leġislazzjoni u netwerk effikaċi għall-ġlieda kontra l-mard li jittieħed. Din is-sistema taħdem sakemm il-virus huwa wieħed magħruf, u li ilu li ġie identifikat. Ħadmet ħafna inqas meta kellha tiffaċċja mard ġdid bħalma huma l-AIDS jew is-SARS<sup>(2)</sup>.

2.3 Tfaċċa theddid ieħor li wkoll seta' jkun ta' periklu għall-popolazzjoni ta' reġjuni sħaħ. Il-mobbiltà mifruxa b'mod wiesa' tal-persuni, l-ikel, il-prodotti, eċċ., qed toħloq dgħufijiet ġodda. Virusijiet li s'issa kienu magħrufa bħala lokali issa jistgħu jivv-jagġjaw malajr ħafna u jkunu ta' periklu f'reġjuni fejn mhumiex magħrufa.

2.4 L-iskoperta u l-produzzjoni kbira ta' prodotti kimiċi ġodda – li ħadmu kontra l-mard, tejbju l-prestazzjoni agrikola, iffaċilitaw il-bini u ċ-ċaqliq, żiedu l-kwantità tal-prodotti disponibbli u ħaffew u xerrdu l-komunikazzjoni fil-forom kollha – għandhom l-effetti negattivi tagħhom. Il-bnedmin qed jgħixu f"soffa kimika" minħabba s-sustanzi niġġiesa ta' kull tip li qed jinxterdu fl-arja, fl-ilma u fl-ikel.

2.5 Ix-xmajjar, ix-xita, ir-riħ u l-virusijiet ma jagħrfux fruntieri. Jekk hemm qasam li jidher li huwa essenzjali li jiġi organizzat fil-livell Ewropew, dan huwa l-protezzjoni tas-saħħa tal-popolazzjoni.

2.6 Waħda mill-konsegwenzi tal-produzzjoni industrijali bil-massa hija t-tisħin klimatiku bil-firxa ta' konsegwenzi tiegħu. Iżda hemm ukoll l-inċidenti industrijali, virusijiet ġodda, eċċ.; il-protezzjoni tas-saħħa ma tistax tkun strettament limitata għall-qasam tal-mard li jittieħed, u lanqas għas-sorveljanza medika tal-popolazzjoni.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 2119/1998/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 1998 illi tistabbilixxi xibka ta' sorveljanza epidemjoloġika u kontroll ta' mard li jittieħed fil-Komunità (ĠU L 268, tat-3.10.1998, p. 1).

<sup>(2)</sup> Sindromu Respiratorju Akut Gravi.



2.7 F'soċjetà interdependenti, ir-riskju għas-saħħa jista' jiġi minn kullimkien. Il-kriżijiet tas-saħħa jibdew minn tniġġis industrijali, epidemija veterinarja jew diżastri naturali. Barra minn hekk, irridu nwaqqgħu mhux biss il-fruntieri ġeografiċi iżda wkoll dawk settorjali.

2.8 Fir-rigward tal-mard li jittieħed, jeżisti strument dinji effikaċi mmexxi mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa<sup>(3)</sup>.

2.9 L-Ewropa mhix qiegħda tibda mill-bidu. Fir-rigward tal-mard li jittieħed, is-sistema miexja tajjeb u hija effikaċi; iżda fil-każ tal-pandemija tal-influenza H1N1 uriet li hemm il-lakuni, għax dan kien każ ta' xiri ta' tilqim li ma jstax jitlesta minn qabel ħlief meta jitfaċċa virus ġdid. Il-produzzjoni industrijali tat-tilqim u n-negozjar tal-prezz wassal biex l-Istati Ewropej adottaw attitudnijiet differenti fir-rigward tat-tilqim li setgħu kellhom konsegwenzi gravi fuq il-propagazzjoni tal-virus kieku dan kien iktar feroċi.

2.10 Wara l-attentati tal-11 ta' Settembru 2001, u wara li l-Istati Uniti rċevew ittri u pakketti li jinkludu l-ispori tal-anthrax, twaqqaf Kumitat tas-Sigurtà tas-Saħħa<sup>(4)</sup> fil-livell Ewropew, li għandu kompetenza fir-rigward tar-riskji apparti l-mard li jittieħed iżda li mhuwiex istituzzjonalizzat u għaldaqstant ma jstax jieħu deċiżjonijiet politiċi meta jkun hemm il-bżonn.

### 3. Intejbu dak li hemm

3.1 Il-proposta li qed tiġi eżaminata tippermetti wkoll li jimtela l-vojt eżistenti billi nibbażaw fuq it-Trattat ta' Lisbona<sup>(5)</sup>, li jagħti kompetenzi ġodda f'dan il-qasam, u fuq l-analiżi tad-diffikultajiet li ġew iffaċċjati waqt il-kriżijiet riċenti tas-saħħa.

3.2 Dawn kienu ħafna: il-kriżi tal-BSE, il-pandemija H1N1, il-batterju tal-E.coli/STEC O104, l-attentati tal-kloru fl-Iraq, il-kontaminazzjoni tal-melamina, it-tajn aħmar tossiku, it-tixrid taż-żejt fil-baħar u s-sħab ta' rmied. Kull kriżi tgħin biex nintebħu bid-dgħufijiet tas-sistema attwali u nipproponu titjib. Il-proposta għal deċiżjoni li qed tiġi eżaminata tixtieq toħloq qafas koerenti li jibbaża fuq dak li diġà jeżisti, u kooperazzjonijiet nazzjonali u settorjali aħjar.

3.3 Il-proposta ma tindirizzax il-kwistjoni tar-riskji radjoloġiċi u nukleari li diġà ġew trattati minn leġislazzjoni Ewropea oħra.

3.4 Il-leġislazzjoni attwali tal-UE tiffoka biss fuq it-theddud marbut mal-mard li jittieħed<sup>(6)</sup>. In-netwerk għas-sorveljanza epidemjoloġika u għall-kontroll ta' mard li jittieħed li jibgħat twissija u jikkoordina r-reazzjoni fil-livell Ewropew mhuwiex adatt għar-regoli u l-ħtiġijiet attwali. Għaldaqstant huwa propost li jiġi sostitwit mid-dispożizzjonijiet inklużi f'din il-proposta.

3.5 It-tisħiħ tas-sistema eżistenti billi titwessa' biex tinkludi riskji oħrajn ser jippermetti effikaċja akbar mingħajr ma jiġġenera spejjeż addizzjonali kbar.

<sup>(3)</sup> Regolamenti Internazzjonali dwar is-Sahha: <http://www.who.int/ihr/en/index.html>

<sup>(4)</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Prezidenza tal-15 ta' Novembru 2001 dwar il-bijoterroriżmu (13826/01) u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 2007 dwar il-prolongazzjoni u l-estensjoni tranżitorja tal-mandat tal-HSC (6226/07)

<sup>(5)</sup> Artikolu 6(a) u Artikolu 168(1) tat-TFUE.

<sup>(6)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 2119/1998/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Settembru 1998 illi tistabilixxi xibka ta' sorveljanza epidemjoloġika u kontroll ta' mard li jittieħed fil-Komunità (ĠU L 268, tat-3.10.1998, p. 1).

3.6 Il-Kumitat japprova l-oġġettivi tal-proposta:

— fil-qasam tal-ippjanar tat-tħejija, il-koordinazzjoni tal-isforzi tal-Istati Membri f'termini ta' tħejija mtejba u t-tisħiħ tal-kapaċità. "Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tiżgura koordinazzjoni bejn l-ippjanar nazzjonali u bejn setturi ewlenin bħat-trasport, l-enerġija u l-protezzjoni ċivili, u se tappoġġa l-Istati Membri fit-twaqqif ta' mekkaniżmu konġunt ta' prokurament għal kontromiżuri mediċi."

— sabiex jipprovdi l-informazzjoni u d-dejta rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju u l-monitoraġġ ta' theddid emerġenti, ser jitwaqqaf netwerk *ad hoc* f'sitwazzjonijiet fejn Stat Membru jagħti l-allarm fuq theddida serja li mhix marda li tittieħed. Il-mard li jittieħed ser jibqa' jiġi monitorjat kif inhu bħalissa.

— ser jitwessa' l-użu tas-Sistema ta' Twissija u Reazzjoni Bikrija sabiex din tkun tkopri kull theddida serja għas-saħħa, u mhux biss il-mard li jittieħed.

— żvilupp koordinat ta' valutazzjonijiet tar-riskju għas-saħħa pubblika Ewropea u nazzjonali għal theddid ta' oriġini bijoloġika, kimika, ambjentali jew mhux magħrufa f'sitwazzjoni ta' kriżi.

— fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni twaqqaf qafas koerenti għar-reazzjoni tal-UE għal kriżi tas-saħħa pubblika. F'termini konkreti, permezz tal-formalizzazzjoni tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa attwali, l-UE se tkun tinsab f'qagħda aħjar biex tikkoordina r-reazzjonijiet nazzjonali waqt emerġenza fis-saħħa pubblika.

3.7 L-għanijiet previsti għal din il-proposta huma: koordinazzjoni aħjar, effikaċja akbar, li jkun hemm possibbiltà ta' akkwist Ewropew sabiex jiġu nnegozjati l-prezzijiet mal-laboratorji farmaċewtiċi sabiex jiġi pprovdut il-ħarsien tal-Ewropej kollha, li jkun hemm sistema ta' twissija Ewropea u mhux biss fil-livell internazzjonali (WHO) u li jiġu estiżi l-istrumenti eżistenti għar-riskji kimiċi, batterjoloġiċi, ambjentali, eċċ. Naturalment, il-Kumitat huwa kompletament favorevoli.

3.8 Dawn il-miżuri ser jikkontribwixxu biex dak li jeżisti diġà, jaħdem aħjar mingħajr ma jintefa' aktar piż fuq l-istrumenti jew jinħolqu ġodda: il-valutazzjoni tar-riskji permezz ta' netwerk Ewropew ta' speċjalisti, qbil dwar il-grad ta' gravità sabiex tiġi prevista reazzjoni adatta u jiġu definiti messaġġi komuni, il-qsim ta' data sensittiva fir-rispett tar-regoli (b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-protezzjoni tad-data personali) kemm b'data komparabbli bejn l-Istati Membri kif ukoll mal-pajjiżi ġirien u t-tħejija ta' twissijiet komuni għall-vjaġġaturi.

#### 4. Jiġu kkunsidrati l-evoluzzjonijiet attwali

4.1 Madankollu l-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi kemm Ewropej kif ukoll dawg tal-Istati Membri dwar il-mod kif sehheg il-kriżijiet riċenti.

4.2 Kemm fil-każ tal-pandemija tal-influenza H1N1 kif ukoll dak tal-batterju E.coli/STEC O104, wieħed seta' jinnota li l-informazzjoni mxerrda mill-awtoritajiet pubbliċi ma kinitx l-unika waħda u li parti mill-popolazzjoni tagħti iktar widen għal informazzjoni mhux verifikata li tiċċirkola fuq l-Internet. Dan it-tixrid ta' informazzjoni jista' jikkomplicha l-ġestjoni ta' kriżi u jkollu effetti gravi fuq is-saħħa tal-popolazzjoni kif ukoll fuq is-setturi ekonomiċi kollha, pereżempju bħal meta ċerti tobba jikk-ritikaw it-tilqim, jew meta l-informazzjoni mxerrda dwar l-orijini tal-batterju tkun żbaljata.

4.3 Tista' tirriżulta kwantità kbira ta' ħela minn tixrid ħażin tal-informazzjoni u jsir ħsara lill-effikaċja tal-istrumenti. L-aspett pedagoġiku għandu jkun importanti daqs il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi.

4.4 Dan iwassal biex il-Kumitat jirrakkomanda li kull element tas-soċjetà ċivili għandu jkun involut fl-istrumenti tal-kriżi, bħalma huwa t-tixrid tal-informazzjoni, u li barra

mill-perjodi ta' kriżi jkun hemm sensibilizzazzjoni, fl-iskejjel u fuq il-postijiet tax-xogħol, sabiex iċ-ċittadini Ewropej ikollhom spjegazzjoni ta' kif inhuma protetti mir-riskji, kif jaħdmu s-sistemi ta' monitoraġġ u ta' twissija u, fil-każ ta' kriżi, lil min għandhom jemmnu li huwa kompetenti biex ixerred informazzjoni ta' min joqgħod fuqha.

4.5 Il-komunikazzjoni saret kwistjoni importanti fil-każ ta' kriżi tas-saħħa pubblika, u hija importanti daqs li jkun hemm tilqimiet disponibbli, peress li ma jservi għal xejn li jkun hemm tilqimiet tajbin jekk il-poplu mhux jkun konvint li għandu joħodhom.

4.6 Inutli nappellaw għar-responsabbiltà ta' iċ-ċittadini jekk dawn m'għandhomx il-mezzi biex jeżerċitawha realment. Għal dan jeħtieġ ukoll li jkunu informati u mħarrġa minn qabel dwar l-istrumenti eżistenti u dwar ir-rwol li għandu kull wieħed minnhom. Iċ-ċittadini jistgħu jipparteċipaw, jistgħu jkunu atturi tal-protezzjoni komuni, bħalma jistgħu jiggravaw l-affarijiet jekk dawn ma jiġux responsabbilizzati minn qabel u informati korrettament. Fl-interess ġenerali, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jinvolvu lill-organizzazzjonijiet kollha li għandhom interess fil-ħarsien tal-benessri komuni għall-protezzjoni ta' kulħadd, filwaqt li jħeġġu informazzjoni reċiproka adegwata.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan Direzzjonali għal Ewropa b’Użu Effiċjenti tar-Riżorsi”**

COM(2011) 571 finali

(2012/C 181/29)

Relatur: **is-Sinjura EGAN**

Nhar l-20 ta’ Settembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan Direzzjonali għal Ewropa b’Użu Effiċjenti tar-Riżorsi*

COM(2011) 571 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-14 ta’ Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta’ Marzu 2012 (seduta ta’ ...), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’146 vot favur, 5 voti kontra u 4 astensjonijiet.

### 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 L-għan tal-Istrateġija 2020 u l-inizjattiva ewlenija “Ewropa b’Użu Effiċjenti ta’ Riżorsi” tal-Kummissjoni huwa li l-ekonomija tal-Ewropa jsiru aktar b’saħħithom u sostenibbli permezz ta’ użu ħafna aktar effiċjenti tar-riżorsi naturali. Il-Kumitat preċedentement appoġġja l-inizjattiva ewlenija u issa jilqa’ l-Pjan Direzzjonali iktar iddetaljat għal Ewropa b’Użu Effiċjenti tar-Riżorsi tal-Kummissjoni li jstabbilixxi miri għat-trasformazzjoni u jipprovdi qafas għall-politiki meħtieġa biex jitmieda dan il-proċess.

1.2 Il-KESE jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha, lill-mexxejja Ewropej, lill-intrapriżi u l-imsieħba soċjali Ewropej u lis-soċjetà Ewropea b’mod ġenerali biex jingħaqdu f’moviment politiku u soċjetali wiesa’ li jappoġġja t-trasformazzjoni ewlenija meħtieġa, u biex jużaw il-qafas provdut mill-Pjan Direzzjonali biex jiggwidaw u jimmonitorjaw il-progress.

1.3 Il-KESE jħeġġeġ il-ħolqien ta’ mekkaniżmu b’saħħtu ta’ koordinazzjoni ta’ livell għoli fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri individwali biex jiġi mmonitorjat u stimolat il-progress fl-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet proposti fil-Pjan Direzzjonali.

1.4 Fil-livell tal-Istati Membri, il-KESE jħeġġeġ l-adozzjoni ta’ strateġiji komprensivi dwar l-effiċjenza tar-riżorsi inklużi r-riformi fiskali, l-eliminazzjoni ta’ sussidji perversi, regolamentazzjoni b’saħħitha tal-istandards tal-prodotti, programmi għall-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet, u impenn sħiħ tal-gvern reġjonali u lokali, l-intrapriżi, l-imsieħba soċjali, il-konsumaturi u organizzazzjonijiet u ċittadini oħra. L-istrateġiji għandhom jinkludu miżuri ta’ politika attivi li jiżguraw tranżizzjoni soċjalment ġusta, inklużi edukazzjoni u taħriġ għall-impjegati u l-involvement tagħhom fl-adattament tal-intrapriżi f’intrapriżi ġodda li jagħmlu użu effiċjenti mir-riżorsi.

1.5 Fil-livell Ewropew, il-KESE jappoġġja l-miżuri kollha proposti fil-Pjan Direzzjonali u jħeġġeġ li tingħata attenzjoni partikolari:

— lill-iżvilupp rapidu ta’ indikaturi adatti, inkluż indikatur ġenerali tal-livell ta’ effiċjenza fl-użu tar-riżorsi fl-ekonomija nazzjonali rakkomandati mill-Pjan Direzzjonali, miżura “lil hinn mill-PDG” tal-benesseri fl-ekonomija, u miżuri oħra li jkunu aktar speċifiċi għas-settur;

— mekkaniżmu effettiv biex l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tingħata profil għoli fir-rapporti annwali ta’ riforma nazzjonali u r-reviżjoni tagħhom mal-Kummissjoni u l-pari fil-proċess tas-Semestru li qed jiġi żvilupp għall-Istrateġija 2020;

— revizzjoni u aġġornament tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal Żvilupp Sostenibbli wara s-Summit Dinji ta’ Rio f’Ġunju 2012 b’enfasi fuq l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, u r-relazzjoni tagħha ma’ objettivi oħra tas-sostenibbiltà;

— analiżi dettaljata tal-interazzjoni bejn l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-miri ambjentali, bħal fis-7 Programm ta’ Azzjoni Ambjentali;

— mekkaniżmu ta’ koordinazzjoni biex jiġi żgurat li l-progress jinżamm b’mod ġenerali fl-20 inizjattiva separata identifikati mill-Kummissjoni bħala inizjattivi li jikkontribwixxu għall-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u oħrajn li jistgħu jiżjeddu ma’ din il-lista;

— l-inkorporazzjoni ta’ objettivi għall-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi fil-kriterji għall-programmi kollha tal-infiq Ewropej u fl-akkwist pubbliku;

— impenn sħiħ mas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ regolari u r-reviżjoni tal-progress.

1.6 Il-KESE beħsiebu jaqdi r-rwol sħiħ tiegħu biex jinvolvi lill-partijiet interessati u jimmonitorja l-progress dwar dan is-suġġett kruċjali u bi pjaċir ser jaħdem mal-istituzzjonijiet l-oħra biex jagħmel dan.

## 2. Sfond

2.1 F'Jannar 2011, il-Kummissjoni ppubblikat "Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi", waħda mis-seba' inizjattivi ewlenin il-ġodda li jiffurmaw parti mill-Istrateġija Ewropa 2020 <sup>(1)</sup>. Din kienet maħsuba biex tnedi trasformazzjoni kbira fil-mod kif jintużaw ir-riżorsi materjali fil-partijiet kollha tal-ekonomija Ewropea – billi l-benesseri ekonomiku jiġi separat mill-konsum tar-riżorsi.

2.2 F'opinjoni preċedenti tal-KESE dwar l-Inizjattiva Ewlenija għall-Effiċjenza fl-Użu tar-Riżorsi L-KESE laqa' l-oġettivi ġenerali tal-istrateġija dwar l-effiċjenza tar-riżorsi u talab biex din tiġi inkluża f'verżjoni riveduta u aġġornata tal-Istrateġija Ewropea komprensiva għall-Iżvilupp Sostenibbli <sup>(2)</sup>. Il-Kumitat ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippovdi aktar dettalji fis-segwitu ta' inizjattivi individwali f'oqsma partikolari u tal-Pjan Direzzjonali.

2.3 Matul l-2011, il-Kummissjoni nediet għadd ta' inizjattivi separati <sup>(3)</sup> intiżi biex jippromovu l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi f'setturi partikolari. Il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Ewropa li tagħmel użu effiċjenti mir-riżorsi issa jiġbor dawn l-attivitajiet kollha f'daqqa. Jippreżenta viżjoni tal-ekonomija trasformata li għandha tinkiseb sal-2050 b'miri ewlenin li għandhom jinkisbu sal-2020 u jindika oqsma fejn ser tkun meħtieġa aktar azzjoni mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jinkisbu dawn l-għanijiet.

## 3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni dwar l-importanza kruċjali għall-Ewropa u d-dinja li tinkiseb effiċjenza akbar fl-użu tar-riżorsi. L-effiċjenza miżjuda fl-użu tar-riżorsi għandha rwol ewleni x'taqdi fir-rikonċiljazzjoni tat-tfittxija kontinwa għat-tkabbir ekonomiku mal-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta n-natura finita ta' ħafna riżorsi naturali tad-dinja u l-limiti li dawn ir-restrizzjonijiet tal-pjaneta jgħolqu fuq l-espansjoni kontinwa tal-produzzjoni fiżika u l-konsum. Din hija kruċjali wkoll biex tiġi limitata ż-żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u sustanzi oħra li jniġġsu, u biex jiġarsu r-riżorsi bijotiċi u l-benefiċċji pubbliċi tal-ekosistemi. Il-progress fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi għandu jkun fil-qalba tal-ġestjoni tal-ekonomija tad-dinja u tan-negozji prinċipali tad-dinja.

3.2 In-negozji ta' kull tip minn dejjem kellhom l-inċentivi diretti tas-suq tagħhom biex jużaw ir-riżorsi kollha b'mod kemm jista' jkun effiċjenti fil-proċessi ta' produzzjoni tagħhom

bil-għan li jnaqqsu l-ispejjeż tagħhom. Iżda min-naħa tar-riżultati dejjem kellhom inċentiv oppost – li jħeġġu lill-konsumaturi tagħhom jikkonsmaw kemm jista' jkun biex jimmassimizzaw il-bejgħ tagħhom. Li t-trasformazzjoni lejn l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi ssir permezz tal-proċessi ta' kummerċ tas-soltu x'aktarx mhux ser ikun biżżejjed biex jiġu indirizzati l-pressjonijiet minħabba popolazzjoni globali li qed tikber b'mod rapidu, l-espansjoni rapida tal-aspirazzjonijiet konsumeriċi speċjalment fl-ekonomiji emerġenti u l-problemi dejjem akbar tat-tnaqqis tar-riżorsi u t-tniġġis. Għandna b'żonn forma oħra ta' tkabbir "sostenibbli" jew "ekoloġiku" fejn it-tkabbir tal-attività ekonomika u tal-benesseri jew tal-prosperità ma tkunx assoċjata mat-tkabbir tal-konsum tar-riżorsi u li jkun jista' jinkiseb permezz ta' livelli aktar baxxi ta' konsum tar-riżorsi.

3.3 Għaldaqstant, il-gvernijiet u s-soċjetà b'mod ġenerali ser ikollhom jaqdu rwol kbir biex it-trasformazzjoni tkun tal-iskala meħtieġa u li din issir bir-rata li hemm b'żonn matul il-ġenerazzjonijiet li jmiss. Hemm b'żonn ukoll ta' azzjoni governattiva bil-għan li:

— jiġi żgurat prezzar adatt tal-esternalitajiet permezz ta' miżuri fiskali;

— jiġu eliminati s-sussidji mhux adatti;

— jiġu stabbiliti standards minimi għall-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi għal setturi partikolari permezz ta' regolamentazzjoni adatta;

— jiġu appoġġjati r-riċerka u l-iżvilupp adatti;

— jitħeġġeġ l-investiment fil-proċessi li jagħmlu użu effiċjenti mir-riżorsi u jiġu skoraġġuti prattiki ineffiċjenti;

— jiġi promoss fehim tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi permezz tal-mezzi tax-xandir, l-educazzjoni u t-taħriġ.

3.4 It-trasformazzjoni tal-iskala u r-ritmu meħtieġ żgur ser ikollha impatt sinifikanti fuq is-suq tax-xogħol. In-negozji li ma jagħmlu użu effiċjenti mir-riżorsi jew li jipproduċu prodotti li jgħolqu ser jitlejgħu taħt pressjoni u jista' jkun li jkollhom ikeċċu xi impjegati. Iżda n-negozji li jagħmlu użu effiċjenti mir-riżorsi u jipproduċu prodotti u servizzi effiċjenti għandhom jiżviluppaw hekk kif tirkupra l-ekonomija u jgħolqu impjegati ġodda. Il-pajjiżi li jwittu t-triq f'din il-bidla ser jiksibu l-aktar suċċess u jkunu l-aktar kompetittivi fid-dinja l-ġdida ta' provvisti limitati ta' riżorsi naturali, u ser jiksibu l-aktar suċċess fil-ħolqien ta' impjegati ġodda f'din l-ekonomija ekoloġika ġdida.

3.5 Sabiex jiġi żgurat li din il-bidla tkun waħda ġusta u li tassew toħloq impjegati ġodda u tgħin fit-taħriġ mill-ġdid, jistgħu

<sup>(1)</sup> COM(2011) 571 final.

<sup>(2)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Ewropa li tuża r-riżorsi b'effiċjenza – Inizjattiva ewlenija taħt l-Istrateġija Ewropa 2020", ĠU C 376, 22.11.2011, p. 97-101.

<sup>(3)</sup> COM (2011) 21, Anness I.



jkunu meħtieġa programmi attivi ta' taħriġ u tqassim mill-ġdid assistit<sup>(4)</sup>. Dan u aspetti oħrajn tad-dimensjoni soċjali huma attwalment neqsin fil-Pjan Direzzjonali u jeħtieġ li jiġu żviluppati aktar.

3.6 Iż-żieda fl-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi fuq l-iskala meħtieġa hija sfida kbira u urġenti għall-partijiet kollha tal-Ewropa u s-setturi kollha tas-soċjetà. Dan ser jeħtieġ impenn politiku u soċjali qawwi fil-livelli kollha, u programm ambizzjuż u fuq skala kbira ta' inizzjattivi u azzjonijiet mill-UE u mill-Istati Membri individwali fil-livell nazzjonali u lokali.

3.7 Il-Pjan Direzzjonali għandu jipprovdi l-qafas għall-ħolqien ta' dan il-momentum politiku trans-Ewropew, u viżjoni ispiranti ta' dak li jista' jkiseb. Il-Kumitat jilqa' l-approċċ ġenerali tiegħu u l-viżjoni proposta għall-2050.

3.8 L-implimentazzjoni hija kruċjali. Il-passi prinċipali speċifiċi li l-Pjan Direzzjonali jipproponi għall-2020 huma għodda utli biex il-viżjoni fit-tul tinbidel f'objettivi aktar konkreti u immedjati li jridu jinkisbu mill-ewwel. Għad fadal ħafna xi jsir biex issir il-bidla kruċjali tal-politika ekonomika, l-istrategġija tal-industrija u l-flussi tal-investment li huma meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet tal-Pjan Direzzjonali. Il-Kummissjoni identifikat l-importanza kruċjali tat-trasformazzjoni tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi l-Kunsill Ambjent appoġġjaha (Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri għall-Ambjent tad-19 ta' Diċembru 2011). Iżda l-implimentazzjoni effettiva tat-trasformazzjoni ser tirrikjedi l-parteċipazzjoni u l-impenn sħiħ tal-partijiet kollha tal-Kummissjonij u l-gvernijiet tal-Istati Membri. Il-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi għandha tingħata aktar prijortità fuq l-aġendi tal-Kapjiet ta' Gvern u tal-Kunsill Ewropew u l-kompożizzjonijiet kollha tiegħu fejn il-viżjoni ġenerali kif ukoll il-passi meħtieġa biex dan jinkiseb jirrikjedu li s-setturi kollha jiġu appoġġjati b'mod attiv u determinazzjoni biex jinkisbu d-diversi passi ewlenin identifikati.

3.9 Jeħtieġ ukoll li l-pubbliku ġenerali u l-konsumaturi, kif ukoll in-negozji u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ta' kull tip jifhmu b'mod usa' l-ħtieġa assoluta ta' użu effiċjenti tar-riżorsi u din għandha tiġi appoġġjata b'kull mezz disponibbli flimkien mat-twaqqif ta' strutturi għad-djalogu biex jiffaċilitaw il-bidla<sup>(5)</sup>.

3.10 Il-Pjan Direzzjonali ser jirnexxi jew ifalli skont kemm ikun jista' jistimola aktar determinazzjoni politika u impenn biex jinkiseb użu aktar effiċjenti tar-riżorsi. Jeħtieġ li jiġi miegħu bidla reali fil-qalba tal-ġestjoni ekonomika. Mekkaniżmu ta' segwitu kkoordinat ċentralment għandu jgħin sabiex jipprovdi momentum għall-inizzjattivi separati kollha li diġà ġew identifikati fil-Pjan Direzzjonali, biex jingħeleb kwalunkwe

ostaklu li jista' jirriżulta għalihom, u biex jiġi spjegat għalfejn għandu jkun hemm aktar azzjoni kull meta l-progress lejn l-għanijiet ikun qiegħed lura.

#### 4. L-implimentazzjoni fil-livell tal-Istati Membri

4.1 F'diversi pajjiżi Ewropej sar bidu tajjeb fil-progress lil hinn minn dipendenza eċċessiva minn provvisti finiti ta' karburanti fossili, bl-iżvilupp ta' aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-tnaqqis tal-iskart, il-promozzjoni ta' bini u vetturi aktar effiċjenti eċċ. Iżda l-progress kien irregolari, u l-investment attwalment jinsab fil-periklu li jaqbad ritmu anqas mgħaġġel f'xi pajjiżi f'dan il-mument kruċjali minħabba l-irtirar bikri tal-inċentivi meħtieġa għall-bidla. Il-KESE jirrakkomanda li jinġabru u jitqassmu b'mod sistematiku esperjenzi tajba u eżempji ta' impenji li diġà ttieħdu bil-għan li jħallu impatt mill-aktar fis possibbli fil-pajjiżi u s-setturi li s'issa għadhom ma wrewx sinjal li kisbu l-progress mixtieq.

4.2 L-Istati Membri jeħtieġ li jintegraw l-isforz għall-użu effiċjenti tar-riżorsi fil-qalba tal-istrategġija u l-programmi ekonomiċi nazzjonali tagħhom, u jmxexxuh 'il quddiem fis-setturi kollha tal-ekonomija tagħhom. Fil-fehma tal-KESE, jeħtieġ li jiġu stabbiliti direzzjoni politika ta' livell għoli u mekkaniżmu ta' koordinazzjoni f'kull Stat Membru biex jiġi żgurat li tingħata spinta lill-progress b'mod aktar urġenti, kontinwu u konsistenti milli hu l-każ fil-preżent.

4.3 Il-kampanja għall-użu effiċjenti tar-riżorsi fl-aħħar mill-aħħar tiddependi minn din il-bidla tal-aspirazzjonijiet pubbliċi u d-domanda tal-konsumaturi daqs kemm tiddependi mill-bidla fil-metodi ta' produzzjoni.

4.4 L-Istati Membri għandhom iniedu djalogu intensiv ma' dawk li jsawru l-opinjoni, inklużi l-mezzi tax-xandir dwar kif l-aħjar li jiġi promoss il-messaġġ kruċjali tal-ħtieġa tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi biex il-preferenzi u l-għażliet tal-pubbliku jinbidlu maż-żmien favur prodotti u servizzi li jagħmlu użu aktar effiċjenti mir-riżorsi u kontra prodotti li jagħmlu użu intensiv għal xejn mir-riżorsi u li jaħlu ħafna.

4.5 L-użu effiċjenti tar-riżorsi għandu jkun għan importanti fil-livell lokali u reġjonali kif ukoll fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri jridu jikkunsidraw kif l-aħjar jippromovu dan l-objettiv mal-gvernijiet reġjonali u lokali tagħhom.

4.6 It-tranżizzjoni ser teħtieġ l-użu tal-istrumenti ta' politika kollha disponibbli għall-gvernijiet. Il-politiki fiskali jridu jingħataw sura ġdida biex jiġi ppenalizzat l-użu mhux effiċjenti tal-enerġija u ta' riżorsi oħrajn, u biex jiġi ppremjat użu aktar effiċjenti. Ir-riformi fiskali newtrali maħsuba biex iżidu l-ammont ta' taxxi fuq l-idrokarburi u riżorsi naturali oħra, filwaqt li jippromovu l-impjeg u sigurtà soċjali mtejba, jaqdu rwol essenzjali biex jiggwidaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija

<sup>(4)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Il-promozzjoni ta' impjegji hodur u sostenibbli għall-pakkett tal-UE dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima", ĠU C 44, 11.2.2011, p. 110-117.

<sup>(5)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Nibnu ekonomija sostenibbli billi nittrasformaw il-mudell tagħna ta' konsum", EUGU C 44, 11.2.2011, p. 57-61.

b'użu baxx tal-karbonju, li tagħmel użu effiċjenti mir-riżorsi <sup>(6)</sup> u lejn il-ħolqien tal-impjiegi <sup>(7)</sup>. Sussidji perversi li jinkoraġġixxu jew jissanzjonaw l-użu mhux effiċjenti tal-enerġija u l-ġestjoni ħażina ta' riżorsi oħra bil-mod il-mod iridu jiġu eliminati – għan li sikwit jiġi ddikjarat iżda li mhuwiex implimentat bis-sħiħ. Jinħtieġu rekwiżiti regolatorji b'saħħithom biex jinfurzwaw l-użu effiċjenti tar-riżorsi f'setturi ewlenin bħall-bini, it-trasport u l-agrikoltura. Jinħtieġu politiki b'saħħithom dwar il-ġestjoni tal-iskart biex jiġi promoss aktar tnaqqis tal-iskart u l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ ta' materjal mormi. L-edukazzjoni, il-programmi ta' informazzjoni pubblika, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-innovazzjoni huma kollha meħtieġa biex jitwassal il-messaġġ lill-partijiet kollha tas-soċjetà. Biex dan isir, ser tkun meħtieġa azzjoni konġunta bejn l-Istati Membri u l-UE f'ambitu wiesa'.

4.7 L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom pubblikament biex jirrapportaw b'mod miftuħ u regolament il-progress fir-rigward tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u kif il-politika u l-flussi tal-investiment pubbliku u privat qed jappoġġjaw it-tranżizzjoni. Il-Kummissjoni tista' tgħin billi tanalizza l-metodi differenti adottati fl-Istati Membri differenti biex jipromovu l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u billi tinkoraġġixxi użu aktar mifruq u konsistenti tal-aħjar metodi.

## 5. Implimentazzjoni fil-livell Ewropew

5.1 L-UE għandha rwol kruċjali x'taqdi kemm biex tħeġġeġ u tappoġġja l-azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, kif ukoll biex tippromovi inizjattivi fil-livell Ewropew li jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Il-KESE jappoġġja l-politiki u l-inizjattivi kollha msemmija b'mod ċar fil-Pjan Direzzjonali u jressaq il-kummenti tiegħu dwar il-punti li ġejjin:

- Kejl u indikaturi
- L-Integrazzjoni mal-Istrateġija 2020 u l-proċess tas-Semestru
- L-Istrateġija Ewropea għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali
- L-20 inizjattiva speċifika u t-tliet setturi ewlenin fil-Pjan Direzzjonali
- Programmi ta' nfiq Ewropej u l-Akkwist Pubbliku
- Impenn mas-soċjetà ċivili u l-pubbliku.

### 5.2 Kejl, indikaturi, miri u passi ewlenin

Il-proċess ser ikollu bżonn jidentifika indikaturi speċifiċi ta' progress dwar l-aspetti differenti tal-użu effiċjenti tar-riżorsi, u

<sup>(6)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju - Pjan Direzzjonali 2050", ara punt 3.15 f), ĠU C376, 22.12.2011, p. 102-110.

<sup>(7)</sup> Opinjoni tal-KESE dwar "Rio+20: lejn l-ekonomija ekoloġika u governanza aħjar", ara punt 4.15, ĠU C 376, 22.12.2011, p. 110-116.

jiżgura li tkun disponibbli informazzjoni affidabbli, konsistenti u f'waqtha dwar dawn l-indikaturi. Fil-fehma tal-KESE, il-monitoraġġ għandu jirreġistra progress fir-rigward:

- tal-elementi ewlenin tal-politika meħtieġa għall-promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi (miżuri fiskali, miżuri regolatorji, eċċ.);
- ta' kemm qed jiġu bbalancjati l-flussi ta' investiment pubbliku u privat biex jiġu appoġġjati l-produzzjoni u l-konsum li jagħmlu użu effiċjenti mir-riżorsi u biex jiġu skoraġġuti proċessi ineffiċjenti u li jaħlu;
- ta' kemm l-impjiegi qed jiġu riorjentati lejn xogħlijiet li jagħmlu użu effiċjenti mir-riżorsi u li joħlqu prodotti u servizzi li jagħmlu użu effiċjenti mir-riżorsi u l-iżvilupp ta' taħriġ u miżuri oħra biex tiġi appoġġjata din il-bidla.

5.3 Il-KESE jilqa' l-introduzzjoni proposta ta' indikatur ġdid ewleni tal-produttività tar-riżorsi bħala miżura globali ta' progress biex il-benesseri ekonomiku jiġi separat mill-konsum tar-riżorsi materjali. Iħeġġeġ li tingħata prijorità indaqs lill-iżvilupp ta' indikaturi robusti tal-kapital naturali u soċjali u d-disponibbiltà u l-kundizzjoni tar-riżorsi naturali.

5.4 Il-KESE jqis li l-passi prinċipali proposti dwar is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, dwar il-bijodiversità u dwar it-tliet setturi ewlenin tal-ikel, il-bini u l-mobilità għandhom mhumieħ ikkaratterizzati b'mod adegwat u jeħtieġ li jiġu żviluppati aktar. Il-programm għall-iżvilupp ta' indikaturi għandu jingħata prijorità akbar u riżorsi adegwati biex iħaffef l-iżvilupp.

5.5 Neħtieġu b'mod partikolari kejl aħjar tal-prestazzjoni tal-ekonomija nazzjonali li ser juri kif titjib fl-użu effiċjenti tar-riżorsi fl-ekonomija jirrappreżenta progress reali fil-benesseri ġenerali ta' dik is-soċjetà u s-sostenibbiltà tad-dinja. Fl-opinjoni tagħna l-istudji li ilhom għaddejnin dwar alternattivi aħjar għall-PDG iridu jiġu konklużi u implimentati sabiex inkunu nistgħu nikkalibraw kif suppost il-progress globali fl-avanz lejn użu aktar effiċjenti tal-enerġija u t-titjib assoċjat fil-benesseri u s-sostenibbiltà <sup>(8)</sup>.

### 5.6 L-Integrazzjoni mal-Istrateġija 2020 u l-proċess tas-Semestru

Minħabba n-natura trasversali tal-inizjattiva dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi u biex jiġi żgurat li l-użu effiċjenti tar-riżorsi jkompli jingħata profil politiku għoli, irid ikun appoġġjat fil-livell Ewropew minn struttura ta' governanza tal-implimentazzjoni effettiva, ikkoordinata ċentralment u li jkollha biżżejjed riżorsi, li topera b'mod miftuħ u trasparenti b'rata massima ta' parteċipazzjoni mill-partijiet interessati.

<sup>(8)</sup> Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE dwar "Lil hinn mill-PDG – Indikaturi għal żvilupp sostenibbli", ĠU C 100, 30.4.2009, p. 53 u l-opinjoni dwar il-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew – Il-PDG u lil hinn – Inkejl l-progress f'dinja li dejjem tinbidel", ĠU C 18, 19.1.2011, p. 64.

5.7 Il-KESE jilqa' l-oġġettiv li jintuża l-proċess ta' reviżjoni tas-Semestru biex jiġi żgurat li l-użu effiċjenti tar-riżorsi jseħħ fil-qalba tat-tfassil tal-politika ekonomika fil-Kunsill Ewropew u fid-djalogu tal-ogħla livell mal-Istati Membri. Aħna nemmnu li r-rappurtar għandu jkun ibbażat fuq rekwiżiti ta' monitoraġġ preċiżi u definiti b'mod rigoruż li jagħtu stampa preċiża u aġġornata tal-progress fir-rigward tal-użu effiċjenti tar-riżorsi. Fejn ma jkunx sar biżżejjed progress dwar kwistjonijiet partikolari, dan irid jiġi identifikat mill-ewwel u għandha tittieħed azzjoni korrettiva.

5.8 Maħniex kuntenti bil-fatt li l-pajjiżi tal-program huma eżentati mill-proċess ta' rappurtar tas-Semestru. Filwaqt li nagħrfu li bħalissa qed jesperjenzaw problemi speċjali ta' aġġustament ekonomiku, nemmnu li jistgħu jibbenefikaw mill-integrazzjoni tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi mal-programmi ta' rkupru tagħhom u li għandhom ikunu involuti bis-sħiħ f'dan l-aspett tal-proċess tas-Semestru sa mill-bidu nett.

5.9 Sabiex il-proċess ikollu aktar viżibbiltà pubblika u influwenza politika, il-KESE jhegġegħ li r-rapporti nazzjonali li jiffurmaw il-bażi tal-proċess ta' reviżjoni tas-Semestru għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika u dibattitu ma' partijiet interessati ta' kull tip f'kull pajjiż, u li d-djalogu tal-pari dwar kull rapport nazzjonali għandu jkun miftuħ ukoll għall-parteċipazzjoni u d-dibattitu. Il-KESE stess jista' jkun forum utli għal dibattitu regolari mal-partijiet interessati fil-livell Ewropew dwar il-progress tat-trasformazzjoni u kwalunkwe azzjoni meħtieġa f'dan ir-rigward.

5.10 Il-KESE jqis li huwa importanti li l-Kummissjoni ma tiddependix esklużivament mill-proċess tas-Semestru biex tippromovi l-implimentazzjoni effettiva tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Huwa essenzjali li programmi u strateġiji rilevanti oħra jaqdu sehemhom ukoll.

#### 5.11 *L-Istrateġija Ewropea għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali*

L-Istrateġija dwar l-Użu Effiċjenti tar-Riżorsi u l-Istrateġija 2020 huma meġjusa korrettament mill-Kummissjoni bħala kontributori importanti għall-għanijiet komprensivi ta' żvilupp sostenibbli. L-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi ma tinkludix l-aspetti kollha tas-sostenibbiltà u huwa importanti li l-enfasi fuqha ma twassalx biex jiġu injorati aspetti oħra tal-iżvilupp sostenibbli. Il-konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti ta' din is-sena dwar l-Iżvilupp Sostenibbli f'Rio għandha tintuża biex it-trasformazzjoni lejn l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi titqiegħed fil-qofol tal-ispinta globali lejn ekonomija aktar ekoloġika fi ħdan qafas ġenerali għall-iżvilupp sostenibbli. Fil-fehma tal-KESE, l-Istrateġija ġenerali tal-Ewropa dwar l-Iżvilupp Sostenibbli imbagħad għandha tiġi riveduta u tingħata ħajja ġdida bħala parti mis-segwitu għas-Summit ta' Rio, b'rappurtar nazzjonali integrat dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi biex jiġi mmonitorjat il-progress fil-qasam kollu.

5.12 Il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li din is-sena toħloq is-Seba Programm ta' Azzjoni Ambjentali għall-Ewropa, u l-Kunsill hegġegħ lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-programm il-ġdid jifassal b'tali mod li jkun hemm kompletarjetà bejn il-politiki u l-pjani ambjentali u l-miri għall-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tal-pjan direzzjonali. Dan huwa oġġettiv li ta' min jammirah – iżda ser ikun hemm bżonn aktar ħidma biex jingħata kontenut sinifikanti.

#### 5.13 *L-20 inizjattiva u t-tliet setturi ewlenin*

Il-KESE huwa impenjat b'mod attiv billi jipprovi kummenti dwar ħafna mill-20 inizjattiva separata identifikati fl-Istrateġija u jappoġġja bil-qawwi l-isforz propost fil-Pjan Direzzjonali biex kollha jibqgħu mexjin 'il quddiem simultanament sabiex ikollhom l-akbar impatt possibbli fuq l-isfida tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Dawn għandhom jiġu riveduti regolament b'mod individwali u flimkien biex jiġi żgurat li flimkien qed ikollhom l-impatt kumulattiv ippjanat.

5.14 Il-KESE jaqbel li t-tliet setturi ewlenin identifikati mill-Kummissjoni (l-ikel, il-bini u l-mobilità) huma oqsma partikolarment importanti għall-promozzjoni tal-użu effiċjenti tar-riżorsi. Il-Kumitat jemmen li l-użu tal-ilma u tal-art għandhom jiġu kkunsidrati bħala setturi kruċjali. Ser ikun importanti li l-unitajiet responsabbli għall-monitoraġġ tal-progress globali dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi jiffokaw regolament fuq dawn is-setturi kollha sabiex jiżguraw li tassew jagħmlu l-kontribut xieraq għal bidla lejn l-użu effiċjenti tar-riżorsi.

#### 5.15 *Programmi ta' nfiq Ewropej u l-Akkwist Pubbliku*

Fl-imgħoddi, il-Fondi Strutturali u l-programmi ta' nfiq l-oħra tal-UE mhux dejjem ikkunsidraw biżżejjed l-għan tal-promozzjoni tal-użu effiċjenti tar-riżorsi. Kull darba li dawn il-programmi jiġu riveduti huwa importanti li wieħed jieħu l-opportunità li l-użu effiċjenti tar-riżorsi jkun integrat b'mod aktar sod fil-prijoritajiet u l-kriterji tagħhom. Il-KESE bi pjaċir jinnota li l-proposti baġitarji reċenti tal-Kummissjoni taw prijorità akbar lill-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-oġġettivi l-oħra tal-2020. Ser ikun importanti li jiġi żgurat li din il-proposta titressaq fin-negożjati dettaljati dwar il-baġit.

5.16 B'mod partikolari, jinħtieġu aktar enfasi u azzjoni proattiva biex jiġu indirizzati inċentivi perversi, billi jiġu żgurati finanzjament u innovazzjoni fil-qasam tal-valorizzazzjoni tal-kapital naturali, u jiġu żviluppati miżuri fiskali biex jiġu internalizzati l-ispejjeż esterni u jiġu ddeterminati l-ispejjeż reali għas-soċjetà. Il-miżuri speċifiċi jikkonċernaw uħud mill-20 inizjattiva u huma rilevanti wkoll għall-politika ta' koeżjoni u oqsma ewlenin oħra tal-politika ta' żvilupp.

5.17 B'mod simili, il-programmi tal-akkwist pubbliku, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, jistgħu jkun strummenti b'saħħithom biex iwasslu għal avvanz fl-użu effiċjenti tar-riżorsi billi jinsistu fuq standards effiċjenti fil-prodotti u

s-servizzi kollha li jixtru u billi jippromovu din il-prijorità fil-katina kollha tal-provvista. Il-Kummissjoni għandha tagħti ħaġġa għda lill-inizjattivi ta' politika f'dan il-qasam biex ir-reqwiżiti dwar l-użu effiċjenti tar-riżorsi jkunu elementi kruċjali fl-ispeċifikazzjonijiet kollha tal-akkwist pubbliku.

5.18 *L-impenn ma' partijiet interessati, is-soċjetà ċivili u l-pubbliku*

It-trasformazzjoni tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi proposta fil-Pjan Direzzjonali hija kruċjali għad-dinja u għall-Ewropa. Ma tistax tinkiseb b'mezzi tekniċi biss. Jinħtieġu fehim fundamentali u aċċettazzjoni mill-partijiet kollha tas-soċjetà dwar il-bżonn tal-bidla u dan jirrikjedi impenn konġunt.

5.19 Il-Kumitat jinnota li hemm għadd ta' oqsma ewlenin neqsin, ħidma eżistenti li ma ġietx identifikata u li hemm livelli

diferenti ta' ambizzjoni assoċjati ma' għadd ta' inizjattivi. Inħeġġu li l-Kummissjoni tikkunsidra kif is-segwitu għal inizjattivi bħall-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli u l-Politika Industrijali Sostenibbli tal-2008 <sup>(9)</sup> jista' jiġi integrat mal-ħidma għda dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u b'mod partikolari kif il-ħidma dwar il-promozzjoni tas-sensibbiltà tal-konsumatur dwar kwistjonijiet ta' sostenibbiltà u ta' effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tista' titressaq fil-livell Ewropew b'mod aktar ambizzjuż.

5.20 Il-KESE beħsiebu jaqdi rwol sħiħ biex jinvolvi lill-partijiet interessati fil-promozzjoni ta' livell għola ta' effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Huwa ser jimmonitorja l-progress dwar dan is-suġġett kruċjali u bi pjaċir ser jaħdem mal-istituzzjonijiet l-oħra biex jagħmel dan.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

<sup>(9)</sup> COM (2008) 571 final.



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra u għar-rapportar ta’ informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni”**

COM(2011) 789 finali — 2011/0372 (COD)

(2012/C 181/30)

Relatur: **is-Sur ADAMS**

Nhar it-23 ta’ Novembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b’konformità mal-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra u għar-rapportar ta’ informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni*

COM(2011) 789 final – 2011/0372 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-14 ta’ Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta’ Marzu 2012 (seduta tat-28 ta’ Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’151 vot favur, 3 voti kontra u 16-il astensjoni.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jirrikonoxxi u jappoġġja l-ħtieġa għal data preċiża u komprensiva li tgħin lill-Unjoni u lill-Istati Membri jilhqnu l-impenji ta’ mitigazzjoni tagħhom u jimplimentaw il-pakkett tal-klima u l-enerġija. Dan ir-Regolament se jsaħħaħ dak il-proċess.

1.2 Barra mir-rakkomandazzjonijiet iddettaljati ppreżentati fit-taqsimha 4, il-KESE jixtieq jenfasizza l-ħtieġa għal proporzjonalità fil-proċess tal-ġbir tad-data u l-ħtieġa għal enfasi kontinwa fuq l-użu tar-riżultati sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-klima u titkompla l-ħidma tal-edukazzjoni pubblika fil-qasam tal-enerġija.

## 2. Introduzzjoni

2.1 Dan ir-Regolament ġdid huwa l-istrument li jipprovdi l-qafas legali sabiex jiġu implimentati l-impenji ta’ monitoraġġ domestiċi riveduti stabbiliti fil-pakkett tal-klima u l-enerġija tal-2009, kif ukoll sabiex jiġi żgurat monitoraġġ f’waqtu u preċiż tal-progress fl-implimentazzjoni ta’ dawn u tal-impenji internazzjonali. Għalkemm l-UE tirrappreżenta b’mod diretti madwar 11 % tal-emissjonijiet ta’ CO<sub>2</sub> tad-dinja, l-impenn u l-azzjoni strateġiċi fir-rigward tat-tnaqqis tal-gassijiet b’effett ta’ serra u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi jistgħu jitqiesu bħala kontribut pożittiv u essenzjali għall-mekkaniżmi internazzjonali ta’ implimentazzjoni. L-intenzjoni hija li ż-żieda fit-temperatura globali medja tibqa’ inqas minn 2 gradi Celsius meta mqabbla mal-livelli preindustrijali (Il-miri għall-2020 huma tnaqqis ta’ 20 % fis-CO<sub>2</sub>, żieda ta’ 20 % fl-enerġija rinovabbli u titjib ta’ 20 % fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fuq il-livelli tal-1990).

2.2 It-tibdil fil-klima dinjija qed jaċċellera dejjem iżjed minħabba bidliet fil-bilanċ globali tal-enerġija. Il-preżenza

tal-gassijiet b’effett ta’ serra fl-atmosfera tad-dinja, bil-kapaċità tagħhom biex jassorbu u jemettu radjazzjoni infrared, tħalli effett kbira fuq it-temperatura. Wara l-fwar tal-ilma, il-gass b’effett ta’ serra ewlieni huwa d-dijossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>), bil-metan u l-ożonu jagħtu kontribut sinifikanti.

2.3 Fl-aħħar 250 sena l-ħruq ta’ karburanti fossili kkontribwixxa għal żieda ta’ CO<sub>2</sub> fl-atmosfera minn 280ppm għal 390ppm. Għalkemm is-sorsi naturali ta’ CO<sub>2</sub> jeċċedu bil-kbir is-sorsi magħmulin mill-bniedem, dawn is-sorsi naturali qabel kienu bbilanċjati minn “sinks” tal-karbonju bħall-fotosintesi tas-CO<sub>2</sub> mill-pjanti u l-plankton. Iż-żieda fil-gassijiet b’effett ta’ serra antropoġeneċi flimkien mad-deforestazzjoni qerdu dan il-bilanċ.

2.4 Teżisti evidenza xjentifika qawwija ta’ tibdil fil-klima li diġà ħolqot impatti negattivi sinifikattivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali. It-tbassir imsejjes fuq xi mudelli jindika impatti futuri serji permezz ta’ żieda fil-livell tal-baħar, id-deżertifikazzjoni, it-telfien tal-bijodiversità u d-diżordni klimatiku. Fil-prinċipju hemm qbil li l-prevenzjoni hija aħjar (u irħas) mill-mitigazzjoni jew l-adattament. Madankollu, jappella għal tkabbir ekonomiku, inugwaljanzi fl-iżvilupp globali, id-dipendenza kontinwa fuq il-karburanti fossili bħala s-sors ta’ enerġija ewlieni tad-dinja u ż-żieda bla waqfien tal-populazzjoni dinjija kollha qdew rwol fil-falliment s’issa, biex jintlaħaq kunsens politiku dwar kif jiġi implimentat mekkaniżmu effettiv sabiex jonqsu l-emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra antropoġeneċi.

2.5 Fl-1992 is-Summit Dinji ta’ Rio pproduċa trattat internazzjonali, l-UNFCCC (Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet

Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima) imfassla biex tistabilizza l-konċentrazzjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera. Fl-1993 l-UE stabbilixxiet mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra bħala rispons għal dan it-trattat<sup>(1)</sup>. Fl-1997 il-Protokoll ta' Kjoto għall-UNFCCC kellu l-għan li jillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'modi li jirriflettu d-differenzi nazzjonali bażiċi, irrikkezza u l-kapaċità li jsir dak it-tnaqqis. Bħala rispons, fl-2004<sup>(2)</sup> l-UE aġġornat il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ għall-gassijiet b'effett ta' serra u żviluppat sensiela ta' strateġiji ta' livell baxx ta' karbonju<sup>(3)</sup>, l-iktar reċenti kienet dik tal-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050<sup>(4)</sup>. Il-progress fuq il-ftehimiet internazzjonali essenzjali għadu bil-mod iżda dan ir-Regolament se jipprovi l-qafas ta' monitoraġġ neċessarju għall-UE biex tappoġġja l-impenji nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali.

### 3. Sinteżi tal-proposta tal-Kummissjoni

3.1 L-oġġettivi tar-Regolament huma li l-Unjoni u l-Istati Membri jingħataw l-għajnuna biex jilhq u l-impenji ta' mitigazzjoni tagħhom u jimplementaw il-pakkett tal-klima u l-enerġija. Se jtejjeb ħafna aspetti tad-data rrapportata u jiżgura li l-obbligi internazzjonali ta' monitoraġġ u rrapportar jiġu rrispettati, inkluż ir-rappurtar dwar l-appoġġ finanzjarju u tekniku mogħti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Se jiffaċilita wkoll l-iżvilupp ta' strumenti ġodda tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima u jipprovi bażi legali għall-implimentazzjoni ta' rekwiżiti u linji gwida futuri tar-rappurtar.

3.2 Ir-Regolament jittratta r-rappurtar meħtieġ taħt l-UNFCCC u l-Protokoll ta' Kjoto, ikopri l-emissjonijiet ta' seba' gassijiet b'effett ta' serra mis-setturi kollha (l-enerġija, il-proċessi industrijali, l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF), l-iskart, l-agrikoltura, eċċ.). Il-konferenzi tal-UNFCCC tal-2009 u l-2010 qablu dwar rrapportar imsaħħaħ sabiex l-UE, fost oħrajn, tkun tista' tilħaq l-impenji tagħha dwar il-forniment ta' appoġġ finanzjarju, teknoloġiku u għall-bini tal-kapaċità lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

3.3 Ir-Regolament il-ġdid se jimplementa r-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rrapportar tad-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi u d-Direttiva tal-ETS tal-UE riveduta permezz tal-istabbiliment ta' ċiklu ta' reviżjoni u konformità taħt id-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, li tinkorpora r-rekwiżiti ta' rrapportar għall-użu tad-dħul mill-irkant ta' kwoti ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif stipulat fid-Direttiva tal-ETS riveduta. Se jsaħħaħ ukoll il-qafas attwali ta' monitoraġġ u rrapportar sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-leġislażzjoni futura tal-UE u internazzjonali bis-saħħa tat-twaqqif ta' bażi għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu, l-impatti klimatiċi mhux mis-CO<sub>2</sub> mill-avjazzjoni, il-LULUCF u l-adattament.

3.4 B'mod ġenerali, isaħħaħ ir-rappurtar tal-UE dwar l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku pprovdut lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, itejjeb il-konsistenza tar-rappurtar f'konformità mal-istrumenti legali l-oħra tal-UE li jindirizzaw is-sustanzi li jniġġsu l-arja, u billi jqis il-lezzjonijiet minn implimentazzjoni passata, isaħħaħ ir-rappurtar ta' emissjonijiet, prospettivi, politiki u miżuri reali.

3.5 Ir-regolament il-ġdid joħloq ukoll il-bażi għar-rappurtar tal-irkant tad-dħul mill-ETS tal-UE, u b'hekk jiġu żgurati t-trasparenza u l-monitoraġġ tal-intenzjoni biex jintuża mill-inqas nofs id-dħul annwali mill-irkant għal miżuri favur il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fl-UE u f'pajjiżi terzi.

3.6 Jikkontribwixxi għall-oġġettiv ta' tnaqqis ta' 20 % tal-emissjonijiet billi jħaffef il-proċess tar-reviżjoni annwali u jagħmlu iktar effiċjenti, u billi jippermetti d-determinazzjoni annwali ta' konformità mill-Istati Membri mal-miri tagħhom. Jesiġi rrapportar speċifiku dwar politiki u miżuri implimentati mill-Istati Membri kemm fis-settur tal-ETS kif ukoll dak li mhuwiex tal-ETS u jistabbilixxi l-bażi għar-rappurtar tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu u l-impatti mhux ta' CO<sub>2</sub> mill-avjazzjoni, biex b'hekk iwitti t-triq għall-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi f'dawn is-setturi.

3.7 Ir-reviżjoni, li tieħu post leġislażzjoni preċedenti, ma tirrikjedix il-ġbir ta' data addizzjonali mill-SMEs jew mill-industrija, u tapplika għar-rappurtar fil-livell tal-awtoritajiet nazzjonali. Ma timponix aktar obbligi fuq il-kumpaniji.

### 4. Kummenti ġenerali u speċifiċi

4.1 Il-Kumitat jaqsam mal-Kummissjoni l-fehma li monitoraġġ u rrapportar preċiżi u komprensivi tal-emissjonijiet u ta' data oħra dwar it-tibdil fil-klima huma assolutament essenzjali għal implimentazzjoni effettiva tal-obbligi internazzjonali taħt l-UNFCCC u sabiex tinbena l-fiducia u l-kunfidenza bejn pajjiżi madwar id-dinja li kollha qed jaqdu r-rwol tagħhom fl-indirizzar tal-problema tat-tibdil fil-klima.

4.2 Fl-Unjoni Ewropea l-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, ilha żmien b'responsabbiltajiet għall-ġbir ta' informazzjoni ta' monitoraġġ mill-Istati Membri biex tittrasmettiha lill-UNFCCC bħala parti minn reviżjoni globali tal-UE tal-emissjonijiet Ewropej, u għall-ġbir tal-informazzjoni neċessarja għall-monitoraġġ tal-konformità ma' ftehimiet fi ħdan l-UE dwar il-qsim tal-piż tar-rekwiżiti tat-tibdil fil-klima. Għaldaqstant, huwa essenzjali li l-Kummissjoni jkollha l-poteri biex tesiġi l-informazzjoni neċessarja mill-Istati Membri, sabiex tikkontrolla l-preċiżjoni tagħha, kif ukoll jekk hija f'waqtha u konsistenti, u biex tieħu l-azzjoni neċessarja biex tinforza l-konformità meta r-rappurtar mhuwiex sodisfaċenti.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 93/389/KEE tat-24 ta' Ġunju 1993

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004

<sup>(3)</sup> Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050, 8.3.2011, COM(2011) 112

<sup>(4)</sup> Pjan Direzzjonali għall-Enerġija 2050, 15.12.2011, COM(2011) 885/2

4.3 Ir-rekwiżiti varji ta' rappurtar ma żviluppawx b'mod konsistenti tul iż-żmien u fihom diversi ripetizzjonijiet, lakuni u inkonsistenzi. Reċentement żdiedu xi rekwiżiti ġodda fil-pakkett tal-klima u l-enerġija, u jista' jiġi previst li oħrajn bħar-rappurtar ta' emissjonijiet marittimi aktarx ser jiżdiedu wkoll fil-futur qarib. Hija ta' importanza partikulari li jkun hemm monitoraġġ u rappurtar preċiż u f'waqthom dwar il-progress lejn il-mira ta' tnaqqis ta' 20 % li sar qbil fuqha għas-sena 2020.

4.4 Il-Kumitat jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li għaldaqstant, issa huwa ż-żmien biex jiġu konsolidati r-rekwiżiti kollha f'Regolament wieħed ġdid. Dan se jwassal biex tiġi estiża l-kopertura f'xi oqsma importanti filwaqt li fl-istess ħin jiġi ssemplifikat ir-reġim globali ta' konformità billi jiġu kkonsolidati r-rekwiżiti kollha f'sistema waħda ta' monitoraġġ u rappurtar li tgħaqqad fiha nnifisha r-rekwiżiti kollha preżenti u li bħalissa qed jiġu antiċipati ta' monitoraġġ u rappurtar.

4.5 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-bini ta' sistemi ta' rappurtar (sakemm ikunu proporzjonali u ta' benefiċċju) madwar sistemi ta' inventarju nazzjonali u tal-UE (Artikoli 5 u 6) li jippermettu li l-progress jiġi valutat annwalment fid-dawl tal-mira globali tal-2020 u l-istrateġiji ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju previsti fl-Artikolu 4. Dan huwa l-aħjar tip ta' ġbir ta' informazzjoni proattiv, fejn id-data tinġabar sabiex tippermetti li l-progress jiġi monitorjat u jingħata spinta ġdida jekk ikun hemm bżonn, sabiex inkunu nistgħu niggarran-tixxu li nilħqu l-miri kruċjali ta' nofs it-term.

4.6 Ir-Regolament jagħti dispożizzjoni għal monitoraġġ u rappurtar komprensivi tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u "sinks" mis-setturi kollha fl-Unjoni Ewropea, li jidher b'mod ċar li huwa element essenzjali wieħed sabiex tinkiseb valutazzjoni preċiża tal-impatt globali li qed ikollha l-Ewropa fuq il-livelli globali tal-emissjonijiet. Il-Kumitat jappoġġja l-estensjoni proposta tal-kopertura sabiex tinkludi l-emissjonijiet tat-trasport marittimu (Artikolu 10) u kull tip ieħor ta' emissjoni li jista' jkun hemm u li għadu ma ġiex inklużi fir-rekwiżiti ta' monitoraġġ u ta' rappurtar. Kif ikkummenta l-Kumitat preċedentement<sup>(3)</sup>, ninsabu mħassba dwar is-suġġeriment fil-para. 10 tal-premessi li ċerti titjiriet għandhom ikunu esklużi mir-rappurtar tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni għaliex dan it-tip ta' lakuna xi kultant jista' jiġi sfruttat; naħsbu li dan irid jibqa' taħt revizzjoni attiva.

4.7 Barra mill-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, huwa importanti wkoll li jsir monitoraġġ u rappurtar dwar miżuri u investimenti biex jitnaqqsu jew jiġu limitati l-emissjonijiet u l-impatt tagħhom, u l-isforzi u l-investimenti li qed isiru sabiex jiġu adattati l-impatti tat-tibdil fil-klima li diġà qed iseħħ. Hija meħtieġa informazzjoni dwar l-isforzi u l-investimenti kemm pubbliċi kif ukoll tas-settur privat, u l-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ il-proposti fl-Artikoli 13-16 tar-Regolament dwar dan l-aspetti. Madankollu, l-Artikolu 16 huwa kemm xejn

mħux preċiż dwar l-informazzjoni provduta f'relazzjoni mal-miżuri ta' adattament u fil-fehma tal-Kumitat dan l-Artikolu jrid jiġi żviluppat aktar. Irid jitqies il-benefiċċju proporzjonali u jiġi evitat li jiġu dduplikati l-isforzi.

4.8 Il-Kumitat jemmen li għandhom isiru sforzi sabiex tiġi monitorjata u rappurtata l-marka tal-karbonju tal-Unjoni jew l-impatt fuq partijiet oħra tad-dinja permezz tal-attivitatiet ta' kummerċ u ta' investment li għandha magħhom. L-Artikolu 17 ikopri r-rappurtar dwar l-għajnuna għall-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija. Iżda dan ma jkoprix l-impatti fuq il-kummerċ jew il-flussi finanzjarji privati. Aħna konxji li jrid jittieħed kont tal-emissjonijiet minn pajjiżi oħrajn (kemm dawk żviluppati kif ukoll dawk li għadhom qed jiżviluppaw) taħt l-UNFCCC minn dawk il-pajjiżi stess, u bħala parti mill-ftehimiet tal-2010 u l-2011 pajjiżi żviluppati inkluża l-UE se jgħinu l-isforzi sabiex jitjiebu s-sistemi ta' inventarju u ta' monitoraġġ f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan huwa żvilupp utli iżda fih innifsu mhux ħa jidħol fil-qalba tal-kwistjonijiet dwar il-marka tal-karbonju tal-UE fil-bqija tad-dinja. Inħeġġu lill-Kummissjoni biex tqis iktar dawn l-aspetti.

4.9 Inħeġġu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu li jistgħu biex jiżguraw l-inklużjoni fir-rappurtar finanzjarju u tat-teknoloġija tal-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku li jingħata **barra minn dak provdut** mill-Għajnuna Uffiċjali għall-iżvilupp (ODA). B'dan il-mod, tinkiseb stampa aktar komprensiva tal-ambitu u d-daqs tal-għajnuna pprovduta lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw mill-UE kollha kemm hi, u b'hekk jitjeb it-fassil tal-politika u tingħata għajnuna sabiex jiġu prijoritizzati l-interventi ta' implimentazzjoni.

4.10 Il-preċiżjoni u l-konsistenza tar-rappurtar tal-informazzjoni huma ta' importanza partikulari f'dan il-qasam minħabba l-importanza kruċjali għad-dinja li tiġi indirizzata b'mod effettiv il-problema tat-tibdil fil-klima u li jiġi żgurat li kull pajjiż jaqdi r-rwol tiegħu b'mod ġust. Li dan isir f'waqtu huwa kruċjali wkoll sabiex kwalunkwe diverġenza mill-pjani u l-impenji tkun tista' tiġi identifikata immedjatament u ssir azzjoni korrettiva. Il-Kumitat jappoġġja d-dixxiplina u l-proċeduri ta' revizzjoni iktar stretti dwar dan l-aspetti riflessi fir-Regolament il-ġdid.

4.11 Ħafna mill-artikoli tar-Regolament jistabbilixxu dmirijiet għall-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni ta' tipi speċifiċi lill-Kummissjoni. Nifhmu li hemm relazzjonijiet ta' ħidma mill-qrib ħafna bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, u li ħafna mir-rekwiżiti tfasslu b'mod kooperattiv u bil-kunsens reċiproku bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent li hija responsabbli għal ħafna mill-ġbir tad-data ddettaljata u l-kontroll tal-kwalità. Nappoġġjaw bis-sħiħ l-approċċ kooperattiv li aħna nemmu huwa iktar ideali sabiex jiġi żgurat l-aħjar fluss ta' informazzjoni f'waqtha u preċiża u biex jiġu rranġati d-diffikultajiet.

<sup>(3)</sup> ĠU. C 175, 27.7.2007, p. 47.

4.12 Nirrimarkaw li jista' jkun għad hemm okkażjonijiet fejn xi data jew rapporti ma jingħatawx minn Stati Membri individwali fil-ħin adatt. Nappoġġjaw id-dispożizzjonijiet li jippermettu li jsiru estimi ta' informazzjoni nieqsa f'dawn il-każi (Artikolu 9), u l-possibilità għall-Kummissjoni biex tibda proċeduri ta' ksur fil-każ ta' nonkonformità persistenti jew intenzjonata.

4.13 Nilqgħu b'sodisfazzjon ir-rikonoxxment espliċitu tar-rwol tal-EEA fl-Artikolu 25, u l-assigurazzjoni li tatna l-Kummissjoni li għandha l-għan li tkompli tibni l-isforz ta' monitoraġġ regolari madwar in-netwerks professjonali u kooperattivi eċċellenti li l-EEA ħolqot madwar l-Ewropa. L-EEA għandha l-ħiliet u n-netwerks professjonali għal din il-ħidma, u r-rapporti indipendenti tagħhom dwar informazzjoni u xejriet ambjentali għandhom reputazzjoni u kredibilità b'saħ-ħithom fid-dinja. Il-Kumitat jemmen li l-EEA għandu jkollha rwol ta' tmexxija fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u li iktar ma l-EEA tkun tista' tintuża b'ħala l-aġent biex tiġi ppubblikata jew validata l-informazzjoni miġbura, iktar ma r-Regolament jitqies li għandu awtorità u kredibilità indipendenti.

4.14 L-EEA huma wkoll fl-aħjar pożizzjoni biex jestendu b'mod informali l-istess monitoraġġ jew monitoraġġ simili u metodi ta' rappurtar għal uħud mill-ġirien immedjati tal-Unjoni li diġà jikkooperaw b'mod regolari mal-EEA, b'vantaġġi ċari f'dan. Fl-aħħar nett, l-objettiv għandu jkun li jiġi stabbilit fl-Ewropa reġim ta' monitoraġġ li huwa kapaċi jiġi rikonoxxut b'mod ġenerali b'ħala mudell jew standard għal prattika madwar id-dinja.

4.15 Bini tal-kapaċità. Sistema ta' monitoraġġ u rappurtar fl-Ewropa li jkollha suċċess tiddependi fuq il-fatt li jkun hemm timijiet u netwerks b'ħiliet u professjonali f'kull Stat Membru li jiġbru d-data primarja b'mod preċiż, oġġettiv u f'waqtu. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni u l-EEA li jgħin jappoġġja u jżomm il-kapaċità ta' kull Stat Membru f'dan il-qasam permezz ta' netwerking kooperattiv, attivitajiet ta' gruppi ta' pari u appoġġ għal taħriġ adatt. Jista' jkun ta' għaj-nuna li xi fondi baġitarji speċifiċi jiġu allokati għal dawn il-ħidmiet.

4.16 Aħna kuntenti ninnotaw li l-Kummissjoni temmen li r-Regolament għandu jiżgura titjib konsiderevoli fl-ambitu u

l-kwalità tal-informazzjoni f'dan il-qasam bi spiża totali addizzjonali mhux kbira minħabba l-iffrankar li ħa jsir permezz tas-semplifikazzjoni tar-rekwiżiti. Meta wieħed iqis l-importanza kritika tal-kwistjoni tat-tibdil fil-klima għall-Ewropa u d-dinja, huwa essenzjali li l-monitoraġġ u r-rappurtar isiru b'mod sħiħ u affidabbli kif inhu mitlub fir-Regolament. Bl-istess mod, madankollu, huwa importanti fil-preżent li kull piż addizzjonali jibqa' minimu. Għaldaqstant, aħna kuntenti nirrimarkaw li r-Regolament m'għandux jimponi kwalunkwe piż żejjed fuq in-negożju.

4.17 Fil-livell ġenerali, inħeġġu li d-data speċifika għall-pajjiż (ara l-Artikolu 2) tkun skambjata fi ħdan id-DGs rilevanti tal-Kummissjoni u l-unitajiet fis-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna. Dan se jinkoraġġixxi użu usa' ta' informazzjoni ta' valur minn dawk li jstabbilixxu prijoritajiet settorjali u oħrajn f'DGs/unitajiet rilevanti tal-ippjanar.

4.18 Barra milli tiġi pprovduta aggregazzjoni tad-data għall-finijiet tal-monitoraġġ nazzjonali u internazzjonali tal-progress fuq impenji rigward il-klima, huwa importanti ħafna li tkompli tiġi żviluppata data mhux aggregata sabiex il-kontribut tal-individwi u l-organizzazzjonijiet ta' kull tip għall-isfida tat-tibdil fil-klima u s-soluzzjonijiet għalih ikun jista' jiġi valutat u monitorjat kemm mill-individwi kif ukoll mill-organizzazzjonijiet stess, u minn oħrajn. Ikun tajjeb ħafna wkoll li kull sistema lokali jew individwali ta' kejl u monitoraġġ li titwaqqaf tkun konsistenti mas-sistemi nazzjonali u internazzjonali ta' kejl u monitoraġġ sabiex id-data tkun tista' tiġi aggregata u diżaggregata malajr u l-kontribut tal-politiki differenti u tal-azzjonijiet tal-atturi differenti jkun jista' jiġi mqabbel u valutat. Għalkemm dan mhuwiex l-għan immedjat tar-Regolament attwali, huwa importanti ħafna li dan ir-rekwiżit jitqies bis-sħiħ fl-iżvilupp tas-sistemi nazzjonali u Ewropej ta' monitoraġġ sabiex tkun tista' tiġi żviluppata sistema ta' monitoraġġ kompletament koerenti fil-livelli kollha.

4.19 Nissuġġerixxu wkoll li dan l-eżerċizzju sinifikanti fil-ġbir u l-monitoraġġ tad-data joffri l-ambitu sabiex iċ-ċittadini jipparteċipaw b'mod attiv permezz ta' materjal ta' informazzjoni u edukattiv u programmi relatati ta' azzjoni prattika. Għandha tittieħed kull opportunità sabiex titqajjem sensibilizzazzjoni, jiġi spjegat u monitorjat l-impatt soċjali tal-politika tat-tibdil fil-klima għaċ-ċittadini Ewropej, u l-Kumitat se jkompli jaqdi rwol attiv f'dan il-qasam.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Pakkett dwar l-Ajruporti” li jinkludi l-erba’ dokumenti li ġejjin:**

**“il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-politika tal-ajruporti fl-Unjoni Ewropea — nindirizzaw il-kapaċità u l-kwalità biex nippromwovu t-tkabbir, il-konnettività u l-mobbiltà sostenibbli”**

COM(2011) 823 finali,

**“Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta’ groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE”**

COM(2011) 824 finali – 2011/0397 (COD),

**“Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta’ slots f’ajruporti tal-Unjoni Ewropea (Riformulazzjoni)”**

COM(2011) 827 finali – 2011/0391 (COD),

**“Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta’ restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f’ajruporti tal-Unjoni fi ħdan l-Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill”**

COM(2011) 828 finali – 2011/0398 (COD)

(2012/C 181/31)

Relatur: **is-Sur McDONOGH**

Nhar it-13 u l-15 ta’ Diċembru 2011, u nhar l-20 ta’ Jannar 2012, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikoli 100(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Pakkett dwar l-Ajruporti li jinkludi l-erba’ dokumenti li ġejjin:*

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-politika tal-ajruporti fl-Unjoni Ewropea – nindirizzaw il-kapaċità u l-kwalità biex nippromwovu t-tkabbir, il-konnettività u l-mobbiltà sostenibbli*

COM(2011) 823 final

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta’ groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE*

COM(2011) 824 final – 2011/0397 (COD)

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta’ slots f’ajruporti tal-Unjoni Ewropea (Riformulazzjoni)*

COM(2011) 827 final – 2011/0391 (COD)

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta’ restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f’ajruporti tal-Unjoni fi ħdan l-Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*

COM(2011) 828 final – 2011/0398 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infurmazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-13 ta’ Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-20 ta’ Marzu 2012 (seduta tat-28 ta’ Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b’169 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 4 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Is-sistema ta' sigurtà unika fl-ajruporti (*one stop Airport Security System*) proposta mill-Kummissjoni Ewropea għandha tiġi implimentata (ara l-opinjoni tal-KESE dwar is-Sigurtà fl-avjazzjoni għall-passiġġieri <sup>(1)</sup>).

1.2 Fir-rigward tal-islots, għandha tiġi kkunsidrata n-natura tal-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji tal-ajru jew bejn l-alleanzi ta' kumpaniji tal-ajru biex tiġi evitata kwalunke kompetizzjoni mhux ġusta.

1.3 L-ispejjeż għar-riżervazzjonijiet onlajn kif ukoll għas-sigurtà għandhom ikunu trasparenti, kif mitlub fl-opinjoni tal-KESE dwar "Id-drittijiet stabbiliti tal-passiġġieri tal-ajru" <sup>(2)</sup>. Meta passiġġier ma jivvjaġġax, it-tariffa għandha tkun minima u dawk il-partijiet tat-tariffa li l-kumpanija tal-ajru ma jkollhiex tħallas għandhom jiġu rimborżati lill-passiġġier.

1.4 L-awtoritajiet u r-regolaturi nazzjonali tal-avjazzjoni għandhom jagħtu lill-ajruporti l-flessibbiltà biex jiġġestixxu d-domanda billi jvarjaw l-ispejjeż tal-ajruport skont id-domanda, pereżempju prezzijiet oġhla f'perjodu b'livell għoli ta' traffiku tal-ajru milli f'perjodi b'inqas traffiku.

1.5 Id-drittijiet tal-passiġġieri għandhom jiġu definiti b'mod aktar ċar u r-regoli dwar il-bagalji li jinġarru bl-idejn għandhom jiġu infurzati b'mod aktar ġust, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-passiġġieri li jixtru xi affarijiet qabel ma jimbarkaw l-ajruplan.

1.6 Huwa importanti ħafna li s-Sistema Unika Ewropea għall-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru tiġi installata mill-aktar fis u għal raġunijiet ta' effiċjenza għandha tinkludi l-Ukraina u t-Turkija. Dan jgħin biex jonqsu l-ispejjeż u biex tiżdied l-effiċjenza madwar il-fruntieri nazzjonali. Dan ser iwassal għal frankar konsiderevoli fl-ispejjeż u għal tnaqqis fil-ħinijiet ta' titjiriet bejn l-ajruporti. B'hekk, issir aktar pressjoni indiretta fuq il-kapaċità tal-ajruporti.

1.7 Is-sigurtà tal-ajruporti qed issir dejjem aktar sofistikata u aktar għalja iżda mhux neċessarjament aktar effiċjenti. Għandha tiġi analizzata l-effikaċja tagħha peress li titħallas mill-pubbliku li jkun qed jivvjaġġa. Fl-2009, l-ispejjeż tas-sigurtà ammontaw għal 29 % tan-nefqa għat-tħaddim tal-ajruport u din hija l-aħħar sena li dwarha hemm informazzjoni disponibbli.

1.8 Id-dħul mill-ħwienet u r-ristoranti tal-ajruport jintuża b'mod mifrux biex jiġu sussidjati l-operazzjonijiet fl-ajruporti fejn joperaw il-kumpaniji tal-ajru (spejjeż għall-użu tar-runway, parking, eċċ.). L-ajruporti għandhom jibqgħu jingħataw inċentivi biex jimmassimizzaw dan id-dħul u jagħmlu offerti mfassla skont il-ħtijiet tal-passiġġieri partikolari tagħhom, peress li dan il-mudell jiżgura li l-ispejjeż għall-kumpaniji tal-ajru jibqgħu kompetittivi u b'hekk ikunu jistgħu jżommu u jespandu s-servizzi li fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw minnhom il-passiġġieri.

1.9 Il-kumpaniji tal-ajru għandhom ikunu obbligati jiġġestixxu l-bagalji kollha tal-passiġġieri li jkollhom itinerarju b'titjiriet ma' bosta kumpaniji tal-ajru (interlining) għal spiża raġonevoli, irrispettivament mit-trasportatur tal-ajru. Dan għandu jħaffef u jgħin lill-passiġġieri fi tranżitu.

1.10 Għandhom jiġu ppublikati rapporti dwar il-monitoraġġ tal-istorbju u t-tniġġis fl-ajruporti ewlenin kollha.

1.11 Ir-Regolament rivedut tal-UE dwar is-servizzi ta' groundhandling għandu jipprovdi għas-sikurezza, is-sigurtà u l-kwalità ta' dawn is-servizzi, fl-interess tal-utenti kollha tal-ajruporti, inklużi l-passaġġieri, b'mod partikolari l-passiġġieri bi bżonnijiet speċifiċi bħat-tfal, l-anzjani, il-passiġġieri b'mobbiltà mnaqqsa u l-passiġġieri b'diżabilitajiet.

1.12 Għandhom jiġu approvati aktar provveduturi ta' servizz biss jekk jiġi garantit li ma jkun hemm l-ebda tnaqqis fil-kwalità, jekk jidħlu fis-seħħ regoli vinkolanti li jipprevjenu dumping tal-pagi u jiżguraw it-trasferiment tal-persunal bl-istess kundizzjonijiet f'każ ta' bidla fil-provveditur ta' servizz, kif ukoll rekwiżiti adegwati għall-kwalifikazzjonijiet tal-ħaddiema, li jinkludu analiżi tas-sigurtà.

1.13 Fl-interess tal-kumpaniji tal-ajru, l-operaturi tal-ajruporti u l-kumpaniji tal-groundhandling, hemm bżonn li jiġi żgurat li l-prezzijiet għas-servizzi tal-groundhandling ikunu raġonevoli.

1.14 Għandha tissaħħa is-sigurtà kontra s-serq tal-kontenut tal-bagalji reġistrati.

1.15 Il-KESE jilqa' b'mod ġenerali l-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċità u l-kwalità tal-ajruporti.

## 2. Sfond – Il-Pakkett dwar l-Ajruporti

2.1 Dan il-pakkett huwa magħmul minn erba' dokumenti, li jinkludu:

- Komunikazzjoni dwar il-politika tal-ajruporti fl-Unjoni Ewropea – nindirizzaw il-kapaċità u l-kwalità biex nippromovvuw t-tkabbir, il-konnettività u l-mobbiltà sostenibbli;
- Tliet Proposti għal Regolamenti dwar
  - Regoli għall-allokazzjoni ta' slots fl-ajruporti tal-Unjoni Ewropea;
  - Regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju fajruporti tal-Unjoni;
  - Servizzi ta' groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni Ewropea.

Il-miżuri proposti kollha huma importanti ħafna, jekk irridu li l-ajruporti Ewropej ilaħħqu maż-żieda prevista fit-traffiku tal-ajru fl-UE fl-għaxar snin li ġejjin.

2.2 Saru ħafna avvanzi fil-qasam tal-avjazzjoni Ewropea li ser iħaffu l-ivvjaġġar bl-ajru kif ukoll inaqqsu l-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 100, 30.4.2009, p. 39-43.

<sup>(2)</sup> ĠU C 24, 28.1.2012, p. 125.

2.3 Ir-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Arju tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) (ara l-opinjoni rilevanti tal-KESE<sup>(3)</sup>) ser ikollha effett rivoluzzjonarju fuq l-effikaċja u ser twassal għal tnaqqis fil-ħin u d-dewmien fl-ajru, u b'hekk għal tnaqqis fl-istorbju u t-tniġġis fl-ajruport. Madankollu, dan għandu jkun akkumpanjat minn żieda fl-effikaċja fuq l-art biex jitjeb il-ħin li jieħu l-proċess ta' tagħbija u ħatt tal-ajruplani.

2.4 L-Ajru Uniku Ewropew ukoll ser iżid il-volum tat-traffiku fl-ajruporti, u għandha tittieħed azzjoni minn daww responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali u Ewropew biex l-ajruporti jkunu jistgħu jippjanaw tajjeb għal dan.

2.5 Bla dubju ta' xejn, ladarba Galileo jkun qed jaħdem bis-sih, ser itejjeb u jħaffef in-navigazzjoni fl-ajru.

2.6 Bħala inizjattiva biex jonqsu l-emissjonijiet, mill-1 ta' Jannar 2012 il-kumpaniji tal-ajru ser ikunu responsabbli għall-emissjonijiet kollha tal-vjaġġ jekk jitilqu jew jaslu f'pajjiż tal-UE minn kwalunkwe pajjiż ieħor tad-dinja u dan għandu jwassal għas-sostituzzjoni gradwali ta' ajruplani antiki.

### 3. Slots

3.1 Il-Pjan ta' Azzjoni tal-2007 identifika diskrepanza dejjem tikber bejn il-kapaċità u d-domanda f'għadd ta' ajruporti tal-UE b'volum kbir ta' traffiku. Il-konġestjoni f'dawn l-ajruporti ser tibqa' kwistjoni ta' tħassib. L-islots għandhom jingħataw lill-kumpaniji tal-ajru li jagħmlu użu tajjeb minnhom u li verament għandhom b'żonnhom, speċjalment fil-kuntest ta' traffiku dejjem jikber.

3.2 L-Ewropa mhux ser tkun f'pożizzjoni li tlaħħaq mal-parti l-kbira ta' din id-domanda minħabba nuqqas ta' kapaċità tal-ajruporti. Minkejja l-kriżi ekonomika dinjija u żieda prevista ta' 40 % fil-kapaċità tal-ajruporti bejn l-2007 u l-2030 (inklużi ajruporti ġodda, runways ġodda u infrastruttura ġdida tal-art u tal-ajru), madwar 2 miljun titjira – 10 % tad-domanda prevista – mhux ser ikunu jistgħu jiġu sodisfati minħabba nuqqas ta' kapaċità.

3.3 F'termini konkreti, sal-2030 xejn anqas minn 19-il ajruport Ewropew ser ikunu qed joperaw b'kapaċità operattiva sħiħa tmien sigħat kuljum, kull ġurnata tas-sena (meta mqabbel mal-2007 meta 5 ajruporti biss kienu qed joperaw b'kapaċità operattiva sħiħa jew kważi sħiħa 10 % tal-ħin). Dan ser ikollu impatt kbir fuq in-netwerk kollu tal-avjazzjoni, peress li sal-2030 il-konġestjoni f'dawn l-ajruporti ser tfixx li 50 % tat-titjiriet kollha ser ikunu milquta minn dewmien fil-ħin tat-tluq jew fil-ħin tal-wasla.

3.4 F'wieħed mill-akbar ċentri fl-Ewropa, Frankfurt, hemm runway ġdida, però sal-2025 id-domanda ser tkompli tisboq il-kapaċità matul il-ġurnata kollha – l-istess jgħodd għal London Heathrow, London Gatwick, Paris Orly, Milan Linate u Düsseldorf. Jekk il-kapaċità ma tistax tiżdied aktar mill-120 moviment ippjanati kull siegħa, id-domanda ser taqbeż il-kapaċità l-ġurnata kollha f'Paris Charles de Gaulle. Barra minn hekk, id-domanda ser tkompli taqbeż il-kapaċità matul parti mill-ġurnata f'Amsterdam, Madrid, Munich, Ruma Fiumicino u Vjenna.

3.5 Din l-isfida ta' kapaċità hija ffaċċjata fil-kuntest ta' kompetizzjoni akbar u ta' bidla fis-suq tal-avjazzjoni globali lejn il-pajjiżi tal-Lvant Imbiegħed.

3.6 Ser ikun importanti ħafna li jsir użu aħjar mill-kapaċità eżistenti fl-ajruporti b'konġestjoni qawwija billi tiġi żgurata sistema ta' allokkazzjoni ta' slots li tagħmel użu aktar effiċjenti tar-riżorsi. Il-mod kif il-Kummissjoni tindirizza d-drittijiet miksuba fir-rigward tal-islots għandu jiġi rivedut. Ħafna minn dawn id-drittijiet inkisbu sa 50 sena ilu u minn dak iż-żmien l'hawn saru ħafna tibdiliet fl-industrija tal-avjazzjoni peress li xi kumpaniji tal-ajru fallaw.

3.7 L-awtoritajiet u r-regolaturi nazzjonali tal-avjazzjoni għandhom jagħtu lill-ajruporti l-flessibilità biex jiġġestixxu d-domanda billi jvarjaw l-ispejjeż tal-ajruport skont id-domanda, pereżempju preżżijiet ogħla f'perjodi b'livell għoli ta' traffiku tal-ajru (filgħodu u filgħaxija) milli f'perjodi b'inqas traffiku (waranofsinar). Dan jippermetti li jiġu bbilanċjati l-livelli tat-traffiku u jhajar lill-passiġġieri biex jivvjaġġaw f'perjodi anqas traffiku.

3.8 Mill-analiżi ta' kif qed jaħdem ir-Regolament attwali dwar l-islots, ħareġ fid-dieher li s-sistema ta' allokkazzjoni fis-seħħ qed ixxekkel użu ottimu tal-kapaċità skarsa tal-ajruporti b'volum kbir ta' traffiku.

3.9 Għaldaqstant, il-Kummissjoni qed tipproponi bidliet fir-Regolament attwali biex ikunu jistgħu jiġu introdotti mekkaniżmi bbażati fuq is-suq madwar l-UE bil-kundizzjoni li jiġu stabbiliti salvagwardji li jiżguraw it-trasparenza jew kompetizzjoni bla distorsjonijiet, inkluż aktar indipendenza għall-koordinaturi tal-islots. Dan ser jiżgura li l-islots jingħataw lil daww l-operaturi li jistgħu jagħmlu l-aħjar użu minnhom.

3.10 Ġie stmat li, bir-reviżjoni tas-sistema attwali ta' allokkazzjoni, sa 24 miljun passiġġier addizzjonali jistgħu jkunu akkomodati kull sena fl-ajruporti Ewropej – dan ifisser iżjed minn EUR 5 biljun f'benefiċċji ekonomiċi u sa 62 000 impjieg sal-2025 bis-saħħa ta' sistema ta' allokkazzjoni b'użu aktar effiċjenti tar-riżorsi.

3.11 Il-KESE jinnota li din iż-żieda kbira fin-numru ta' passiġġieri fl-ajruporti li l-Kummissjoni qed tistenna bħala riżultat tal-bidliet proposti fir-regoli tal-allokkazzjoni tal-islots naturalment tikkonċerna primarjament il-volum u l-vijabbiltà ekonomika. Peress li l-għadd ta' slots mhux qed jiżdied, il-proposta li jiġi estiż il-kummerċ tal-islots b'mod partikolari ser tiffavorixxi primarjament ajruplani kbar b'kapaċità kbira u l-aktar rotot traffiku, li jifilħu jġarrbu l-ispejjeż addizzjonali. Il-KESE jqis li din it-tendenza mhux ser tkun ta' benefiċċju għall-kumpaniji tal-ajru reġjonali li jwasslu lill-passiġġieri fl-ajruporti ċentrali fl-Ewropa, li jaqdu rwol ewlieni fil-politika ta' koeżjoni fi ħdan l-UE u fl-impatt ġenerali tan-netwerk tal-avjazzjoni. Il-kumpaniji tal-ajru li huma l-aktar b'saħħithom finanzjarjament probabbilment l-aktar li ser jibbenefikaw minnha, u għadd tajjeb minnhom huma bbażati barra l-Ewropa. Għalhekk, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tanalizza aktar dawn l-effetti u l-ħtieġa possibbli ta' kontramiżuri qabel ma jsiru xi tibdiliet.

<sup>(3)</sup> ĠU C 309, 16.12.2006, p. 133-134.

3.12 L-akkwist ta' xi kumpaniji tal-ajru, li għandhom slots prezżjużi f'Heathrow u ajruporti oħra, kif ukoll in-natura tal-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji tal-ajru u l-alleanzi tal-kumpaniji tal-ajru għandhom jiġu eżaminati biex jiġi evitat tnaqqis fil-kompetizzjoni jew kompetizzjoni inġusta.

3.13 Il-kwistjoni tal-allokkazzjoni tal-islots u l-problemi relatati tad-distorsjonijiet, ir-riskju li jkun hemm kumpanija tal-ajru dominanti u li xi reġjuni ma jkunux moqdija biżżejjed huma, kif intqal hawn fuq, kollha konsegwenzi ta' kapaċità mhux adatta tal-ajruporti. Għalkemm dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati sa ċertu punt, l-unika soluzzjoni vijabbli fil-perjodu fit-tul hija li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-kapaċità inadegwata tal-ajruporti.

#### 4. It-tnaqqis/restrizzjonijiet tal-livell tal-istorbju

4.1 Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li jinbidlu r-regoli dwar l-istorbju relatati mar-restrizzjonijiet tal-operazzjonijiet fl-ajruporti, bil-għan li jiġi żgurat użu konsistenti u raġonevoli tal-Approċċ Ibbilanċjat tal-ICAO. L-Approċċ Ibbilanċjat jirrispetta l-bżonn li jiġi ġestit l-istorbju fl-ajruporti u madwarhom, iżda jibbilanċja dan il-bżonn mal-ħtiġijiet tal-pubbliku li jkun qed jivvjaġġa. L-oġettiv aħħari ta' dawn il-bidliet proposti huwa li tiġi massimizzata l-kapaċità effiċjenti u sostenibbli tar-runways tal-ajruporti Ewropej u dan għandu jiġi kkunsidrat minn dawk kollha responsabbli għat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-UE huma u janalizzaw dawn il-proposti.

4.2 Dan jista' jinkiseb b'diversi modi: fosthom billi jiġu eliminati ajruplani antiki li ma jagħmlux użu effiċjenti mill-karburant (ara l-opinjoni tal-KESE dwar "It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-ajruporti permezz ta' ġestjoni ġdida tal-ajruporti" <sup>(4)</sup>). Għandha tithegġeż żieda fl-użu tal-enerġija mix-xemx għat-kessih u t-tisħin tal-arja, bħal fl-ajruport ta' Madrid u Atena.

4.3 Mod ewlieni ieħor kif jista' jitnaqqas l-istorbju tat-traffiku filwaqt li jonqsu l-ispejjeż tal-karburant u l-emissjonijiet huwa permezz tal-implimentazzjoni tal-programm Ajru Uniku Ewropew, b'mod partikolari l-programm SESAR, bil-għan li tonqos l-istennija fir-rotta (holding) bla bżonn waqt li l-ajruplani jkunu qed jistennew għal slot għat-tluq jew għall-inżul.

4.4 Għaldaqstant, il-Kummissjoni qed tippromponi bidliet għar-regoli attwali dwar ir-restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju, u b'hekk l-awtoritajiet ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jeliminaw gradwalment l-aktar ajruplani storbużi mill-ajruporti – pass importanti biex jinkisbu l-oġettivi tal-Kummissjoni biex il-kapaċità tar-runways tintuża bl-aktar mod effiċjenti possibbli.

4.5 Fit-tnaqqis tal-istorbju, is-sigurtà tal-operazzjonijiet hija ta' importanza assoluta. L-istorbju madwar l-ajruporti jista' jirrikjedi miżuri ta' aġġustament lokali u djalogu attiv mar-residenti, filwaqt li l-impatt tal-bosta restrizzjonijiet fuq il-kapaċità tal-ajruport, pereżempju l-ħinijiet tal-ftuħ, jista' jkollhom implikazzjonijiet kbar fuq is-sistema kollha tal-avjazzjoni.

4.6 L-istorbju jillimita l-ħinijiet tal-ftuħ ta' ħafna ajruporti u naturalment dan jolqot ħażin il-kapaċità, u jwassal għal devjazzjonijiet f'kundizzjonijiet meteoroloġiċi ħżiena. Ir-runways disponibbli għat-tluq u l-inżul għandhom jintużaw b'mod effiċjenti. Għandhom jiġu kkunsidrati dawk li jgħixu viċin l-ajruporti.

4.7 Ir-rapporti dwar il-monitoraġġ tal-istorbju u t-tniġġis għandhom jiġu ppubblikati fl-ajruporti ewlenin kollha, peress li dan iserraħ moħħ dawk li jgħixu fil-viċinanza tal-ajruporti li mhumiex soġġetti għal livelli eċċessivi ta' storbju u tniġġis. Il-popolazzjonijiet li jgħixu qrib tal-ajruporti għandu jkollhom disponibbli għalihom sorsi adatti ta' informazzjoni (storbju, kwalità tal-arja ...) sabiex ikunu jistgħu jesprimu opinjoni dwar kull bidla prevista. Il-KESE jissuġġerixxi l-ħolqien ta' Kumitat Lokali ta' Informazzjoni kull fejn dawn ma jeżistux.

4.8 Ir-regoli l-ġodda għandhom jippermettu li jsir kontribut lokali għas-sejba ta' soluzzjonijiet għall-problemi tal-istorbju. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina jekk dawn ir-regoli humiex koerenti mal-oġettivi tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja <sup>(5)</sup>.

#### 5. Groundhandling

5.1 L-allinjament tal-kapaċità fuq l-art u fl-ajru huwa importanti.

5.2 Mill-2007 'l hawn, il-proċess ta' stabbiliment ta' qafas regolatorju għall-Ajru Uniku Ewropew issokta b'rata mgħaġġla. Fl-2009, ġie adottat it-tieni pakkett ta' leġiżlazzjoni bil-għan li jiġi żgurat li mill-2012 jiġi stabbilit Ajru Uniku. Illum, il-qafas huwa kważi lest. L-ajruporti, li flimkien mal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru jikkostitwixxu l-infrastruttura tal-avjazzjoni ċivili, huma wieħed mill-pilastri ta' din l-istruttura. Fil-fatt huma essenzjali għan-netwerk u jekk ikun hemm nuqqas ta' kapaċità fuq l-art, il-proġett tal-Ajru Uniku Ewropew kollu jintlaqat ħażin.

5.3 Mill-2012 sal-2014, huma biss is-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru *en route* li ser ikunu soġġetti għal miri ta' prestazzjoni, filwaqt li l-prestazzjoni tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fit-terminals ser tiġi monitorjata mill-2012 'l quddiem. Id-dewmien jinħoloq ukoll mill-kumpaniji tal-ajru jew il-groundhandlers tagħhom (tekniċi, imbark, eċċ.), l-ajruporti (tagħmir, eċċ.) jew persuni oħra involuti fil-proċess ta' tagħbija u ħatt tal-ajruplani.

5.4 Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni tqis li l-loġika tal-iskema tal-prestazzjoni għandha tiġi estiża għall-ajruporti b'mod ġenerali skont approċċ ġenwin gate-to-gate u bil-għan li jitjiebu u jiġu integrati l-fażijiet kollha ta' titjira, minn ajruport għal ieħor. Il-prestazzjoni m'għandhiex tkun limitata għat-torri tal-kontroll; għandha titjeb ukoll fuq l-art. Il-groundhandling huwa ta' importanza assoluta biex tiżdied il-kapaċità tal-ajruporti, mingħajr ma' jsir investiment kapitali maġġuri.

<sup>(4)</sup> ĠU C 204, 9.8.2008, p. 39-42.

<sup>(5)</sup> ĠU L 152, 11.6.2008, pp. 1-44



5.5 L-ajruporti jipparteċipaw ukoll fid-dimensjoni teknoloġika tal-Ajru Uniku Ewropew, il-programm SESAR. Is-SESAR għandu l-potenzjal li jespandi l-kapaċità tal-ajruporti u b'hekk jakkomoda domanda addizzjonali u jnaqqas in-numru ta' titjiriet ittardjati jew ikkanċellati.

## 6. Intejbu s-servizzi tal-groundhandling

6.1 Għalkemm is-servizzi tal-groundhandling mhumiex dejjem viżibbli, l-esperjenza tal-passiġġieri kemm fl-ajruporti kif ukoll fl-ajru tiddependi mill-kwalità ta' dawn is-servizzi. Kemm jekk nitkellmu dwar akkoljenza adatta tal-passiġġieri u l-ġestjoni tal-bagalji tagħhom fl-ajruport, il-ġestjoni tal-merkanzija u tal-posta, it-tlestija tajba tal-ajruplan (pereżempju t-tindif tal-kabina) jew il-funzjonijiet vitali għall-operazzjoni sigura ta' titjira (pereżempju t-tneħħija tas-silġ mill-ajruplan), it-titjiriet komdi, affidabbli, siguri u ta' valur għall-flus ma jstgħux jiġu operati mingħajr is-servizzi tal-groundhandling.

Id-Direttiva oriġinali tal-1996 dwar il-groundhandling iffokat primarjament fuq il-ftuħ tal-aċċess għas-suq tal-groundhandling u wasslet għal swieq tal-groundhandling dejjem aktar dinamiċi. Madankollu, ir-rata ta' kompetizzjoni f'servizzi limitati u s-sistema ta' aċċess għandhom ivarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor.

6.2 Ir-Regolament dwar is-servizzi ta' groundhandling għandu jipprovi għas-sigurtà u l-effikaċja ta' tali servizzi, fl-interess tal-utenti kollha tal-ajruporti. Dawn is-servizzi għandhom iqisu l-aspetti ambjentali.

6.3 Il-ġestjoni ta' tagħmir ta' mobbiltà, tagħmir mediku u tipi oħra ta' tagħmir essenzjali għal passiġġieri b'diżabilitajiet għandha ssir skont l-aqwa standards ta' kwalità possibbli. Il-ħsara li ssir lil tagħmir bħal dan tista' tkun ta' detriment għall-passiġġieri b'diżabilitajiet peress li tfisser riskji mediċi u limitazzjonijiet serji tal-mobbiltà. F'dan ir-rigward u apparti miżuri oħra, għandhom jiġu kkunsidrati taħriġ speċifiku għall-persunal tal-groundhandling, eżenzjonijiet mir-regoli ġenerali dwar il-ġestjoni tal-bagalji u kumpens finanzjarju biżżejjed f'każ ta' ħsara li ssir lil tagħmir bħal dan.

6.4 Fl-interess tal-kumpaniji tal-ajru, l-operaturi tal-ajruporti u l-kumpaniji tal-groundhandling, hemm bżonn li jiġi żgurat li l-prezzijiet għas-servizzi jkunu raġonevoli.

6.5 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li, kif tgħid fil-proposta tagħha għal Regolament, is-sitwazzjoni attwali fis-suq tal-groundhandling fl-ajruporti mhijiex sodisfaċenti u li l-qafas legali tal-1996 m'għadux adegwat. Is-servizzi tal-groundhandling mhumiex effiċjenti biżżejjed. Minħabba n-nuqqas ta' kriterji li jirregolaw id-dħul fis-suq b'riżultat tad-Direttiva 96/67/KE, għad hemm differenzi sostanzjali fil-kwalità bejn diversi ajruporti fl-UE. Il-KESE jappoġġja l-għan ta' kapaċità u kwalità aħjar f'dan is-suq abbażi ta' kompetizzjoni, teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi indipendenti u proċeduri armonizzati.

F'settur li jirrikjedi ħafna ħaddiema bħal dak tal-groundhandling, iridu jiġu kkunsidrati kwistjonijiet soċjali importanti. Is-sistema tal-offerti tolgot il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal u

tħeġġeġ it-tibdil tal-persunal. Il-kriterji applikati fil-proċeduri tal-approvazzjoni u tal-għoti għandhom jiżguraw li jinżamm u, jekk ikun hemm bżonn, li jiġi rekkutat persunal imħarreġ tajjeb u li l-kompetizzjoni ma tinkisibx għad-detriment ta' pagi dejjem aktar baxxi. Il-kwalità ta' servizz bi prezz raġonevoli għandha tkun il-kriterju ewlieni għall-għoti ta' kuntratti. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha titjeb fir-rigward tal-kriterji tal-għoti ta' kuntratti.

6.6 Għandhom jiġu approvati aktar provvedituri ta' servizz biss jekk jiġi garantit li ma jkun hemm l-ebda tnaqqis fil-kwalità, jekk jidhru fis-seħħ regoli vinkolanti li jipprevjenu dumping tal-pagi u jiżguraw it-trasferiment tal-persunal bl-istess kundizzjonijiet f'każ ta' bidla fil-provvedituri ta' servizz, kif ukoll rekwiżiti adegwati għall-kwalifikazzjonijiet tal-ħaddiema, li jinkludu analiżi tas-sigurtà.

6.7 Avvenimenti maġġuri li jwasslu għal taħwid kritiku fl-iskedi tat-titjiriet bħall-kriżi tas-sħaba ta' rmied volkaniku u ammont kbir ħafna ta' borra li jipparalizzaw ajruporti ċentrali ewlenin ħarġu fid-dieher il-bżonn ta' aktar koordinazzjoni tal-operazzjonijiet fuq l-art fl-ajruporti Ewropej u fin-netwerk b'mod ġenerali, u li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri.

6.8 Il-KESE jilqa' l-għan tal-istandardizzazzjoni tal-kwalità tal-groundhandling fl-ajruporti tal-UE. Din ir-riforma għandha tobbliga wkoll lill-kumpaniji tal-ajru jiġġestixxu l-bagalji kollha tal-passiġġieri li jkollhom itinerarju b'titjiriet ma' bosta kumpaniji tal-ajru (interlining) għal spiża raġonevoli, irrispettivament mit-trasportatur tal-ajru. Dan għandu jħaffef u jgħin lill-passiġġieri li tranżitu. Għandha tissaħħaħ is-sigurtà kontra s-serq tal-kontenut tal-bagalji reġistrati. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll dispożizzjonijiet għall-infurzar tal-istandards ta' kwalità jekk irridu li s-sistemi l-ġodda jiġu implimentati b'suċċess.

6.9 Aċċess ġust għal infrastruttura tal-ajruport bi prezz ġust jagħti kontribut importanti għal sistema tal-avjazzjoni li tkun effiċjenti. L-iżvilupp tal-kompetizzjoni bejn l-ajruporti kellu sehem importanti x'jaqdi f'dan ir-rigward u pass importanti ieħor li tteħid fl-Unjoni Ewropea fl-2009 kien l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Imposti tal-Ajruport dwar standards minimi komuni biex jiġu stabbiliti l-imposti fuq il-kumpaniji tal-ajru għall-użu tal-infrastruttura ajrunawtika meħtieġa għall-operazzjoni tat-titjiriet.

6.10 Wara li jkunu ġew introdotti u saru effettivi l-miżuri li l-KESE jipproponi f'din l-opinjoni b'rabta mas-sigurtà, il-kwalità u s-sitwazzjoni soċjali tal-impjegati, għandu jiġi permess li jkun hemm tliet provvedituri ta' servizzi ta' groundhandling f'ajruporti b'aktar minn 5 miljun passiġġier fis-sena. Il-kumpaniji tal-ajru għandu jkollhom id-dritt li jorganizzaw il-handling tagħhom stess, iżda b'kunsiderazzjoni għall-istandards ta' kwalità u ta' sigurtà.

## 7. Effiċjenza fl-ajruporti u fl-operazzjonijiet tar-runway

7.1 L-effiċjenza fl-ajruporti u fl-operazzjonijiet tar-runway ser tiddependi mhux f'tit mill-operazzjonijiet tal-groundhandling.

7.2 L-ajruporti huma interfaċċja ewlenija bejn il-passiġġieri u l-kumpaniji tal-ajru u l-kwalità tas-servizz provdut fl-ajruporti hija element deċiżiv għall-esperjenza tal-passiġġieri u tal-kumpaniji tal-ajru. Id-dħul mill-ħwienet u r-ristoranti tal-ajruport jintuża b'mod mifrux biex jiġu sussidjati l-operazzjonijiet fl-ajruporti fejn joperaw il-kumpaniji tal-ajru (spejjeż għall-użu tar-runway, parking, eċċ.). Fl-2009, l-ispejjeż relatati mal-kumpaniji tal-ajru koprew 29 % biss tal-ispejjeż operattivi tal-ajruport (biex ma nsemmux l-ispejjeż kapitali). Dan il-mudell jiżgura li l-ispejjeż għall-kumpaniji tal-ajru jibqgħu kompetittivi, u b'hekk ikunu jistgħu jżommu u jespandu s-servizzi li fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw minnhom il-passiġġieri. L-ajruporti għandhom jibqgħu jingħataw inċentivi biex jimmassimizzaw dan id-dħul u jipprovdu offerti mfassla skont il-ħtiġijiet tal-passiġġieri partikolari tagħhom.

7.3 Il-promozzjoni tal-aċċessibilità u l-effiċjenza tal-ajruporti permezz tar-rabti ferrovjarji hija rekwiżit ewlieni għal ajruport effiċjenti. Filwaqt li l-ajruporti ż-żgħar jistgħu jirrazzjonalizzaw l-aċċess permezz ta' netwerk organizzat tajjeb ta' servizzi ta' karozzi tal-linja, il-ferroviji huma għażla addizzjonali sostenibbli għal ajruporti ta' ċertu daqs jew fejn diġà hemm linji tal-ferroviji fil-viċinanza tat-terminal. Kull fejn possibbli, għandu jiġi provdut trasport bl-ilma lejn ajruporti bħal Schiphol u Nizza, u ħafna oħrajn.

## 8. Sigurtà

8.1 Is-sistema ta' kontroll tas-sigurtà unika li diġà qablet magħha l-Kummissjoni trid tiġi introdotta immedjatament fl-ajruporti Ewropej kollha (ara l-opinjoni tal-KESE dwar "Is-Sigurtà fl-avjazzjoni għall-passiġġieri" <sup>(6)</sup>).

8.2 It-tieni objettiv huwa relatat mal-ispejjeż tas-sigurtà. Mill-2002, il-liġi tal-UE imponiet rekwiżiti tas-sigurtà aktar stretti fuq l-Istati Membri u l-ajruporti. Bħalissa, l-irkupru tal-ispejjeż tas-sigurtà tal-avjazzjoni huwa regolat fil-livell nazzjonali.

8.3 L-ispejjeż għar-riżervazzjonijiet onlajn, bħall-ispejjeż tas-sigurtà, għandhom ikunu trasparenti, kif mitlub fl-opinjoni tal-KESE dwar "Id-drittijiet stabbiliti tal-passiġġieri tal-ajru" <sup>(7)</sup>. Meta

passiġġier ma jivvjaġġax, it-tariffa għandha tkun minima u dawk il-partijiet tat-tariffa li l-kumpanija tal-ajru ma jkollhiex tħallas, bħal pereżempju l-ispejjeż tal-ajruport u t-taxxi tal-gvern, għandhom jiġu rimborżati lill-passiġġier.

8.4 Il-kontrolli tas-sigurtà sikwit huma ta' piż f'għajnejn il-passiġġieri, l-industrija tal-avjazzjoni u l-ajruporti. Jeħtieġ li jinstab bilanċ bejn it-titjib tas-sigurtà u l-iffaċilitar tal-ivvjaġġar (ara l-opinjoni tal-KESE dwar "L-użu tal-iskanners ta' sigurtà fl-ajruporti tal-UE" <sup>(8)</sup>). Għandhom jiġu stabbiliti standards Ewropej komuni biex jiġi żgurat li l-kontrolli tas-sigurtà li japplikaw għall-passiġġieri tal-ajru li jużaw tagħmir tal-mobbiltà jew apparat mediku jkunu ċari u komprensivi, u li d-dinjità personali tal-passiġġieri inkwistjoni tkun rispettata.

8.5 Il-projbizzjoni attwali tal-likwidi u l-gels fil-bagalji li jingħarru bl-idejn għandha titneħħa sa April 2013: il-passiġġieri ser ikunu jistgħu jtellgħu likwidi fl-ajruplan bil-kundizzjoni li jkunu ġew iċċekkjati fl-ajruporti tal-UE. Id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru b'mod ġenerali għandhom jiġu definiti b'mod aktar ċar u r-regoli dwar il-bagalji li jingħarru bl-idejn għandhom jiġu infurzati b'mod aktar ġust, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet tal-passiġġieri li jixtru xi affarijiet qabel ma jimbarkaw l-ajruplan.

8.6 It-teknoloġija tal-iskanners qed tiżviluppa malajr u għandha l-potenzjal li tiffaċilita l-operazzjonijiet tas-sigurtà kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-ajruporti – pereżempju billi jonqsu t-tiftixijiet li jsiru bl-idejn. Dan m'għandux iwassal għal ksur tad-drittijiet bażiċi tad-dinjità tal-bniedem tal-passiġġieri <sup>(9)</sup>.

8.7 Din is-sena, il-gvern tal-Istati Uniti ser jestendi l-programm ta' iċċekkjar tiegħu, magħruf bħala "pre-check", għal 28 ajruport. Il-programm bħalissa huwa implimentat f'7 ajruporti. Jippermetti lill-passiġġieri li jivvjaġġaw sikwit u lill-individwi li jkunu membri ta' skema fdata tal-ivvjaġġar li jevitaw li jneħħu ż-żarbun, iċ-ċintorin u l-kowtijiet matul il-kontroll tas-sigurtà. Dan għandu jiġi kkunsidrat ukoll fl-ajruporti Ewropej.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Staffan NILSSON

<sup>(6)</sup> ĠU C 100, 30.4.2009, p. 39-43.

<sup>(7)</sup> ĠU C 24, 28.1.2012, p. 125.

<sup>(8)</sup> ĠU C 107, 6.4.2011, p. 49-52.

<sup>(9)</sup> Idem.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita”**

COM(2011) 814 finali – 2011/392 (COD)

(2012/C 181/32)

Relatur: **is-sur McDONOGH**

Fil-15 ta' Diċembru 2011 u fl-20 ta' Jannar 2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita*

COM(2011) 814 finali – 2011/392 (COD).

Is-Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni, inkarigata sabiex thajji l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-13 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'167 vot favur u 4 astensjonijiet.

## 1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita. Is-suċċess tal-programmi Ewropej tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) huwa ta' importanza vitali għall-prosperità u s-sigurtà futura tal-UE. Il-KESE jappoġġja l-Proposta tal-Kummissjoni li tissostwixxi r-Regolament (KE) Nru 683/2008 bir-Regolament il-ġdid sabiex tipprovdi l-mudell ta' finanzjament u ta' governanza għall-Programmi Galileo u EGNOS.

1.2 Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ l-għan tal-Programm Galileo li joħloq l-ewwel Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) taħt il-kontroll taċ-ċivil, b'mod għalkollox indipendenti minn sistemi oħra li jeżistu, sabiex din tkun tista' tipprovdi servizzi kontinwi ta' GNSS u vantaġġ strateġiku għall-Ewropa. In-navigazzjoni bis-satellita diġà hija utilità essenzjali għat-trasport, l-industrija u ċ-ċittadini Ewropej u mhuwiex aċċettabbli li bħalissa niddependu daqstant mill-GPS Amerikana u mill-GLONASS Russa għan-navigazzjoni, l-ippożizzjonar u l-ħin. Is-servizzi Ewropej ta' GNSS għandhom jiġu pprovduti fuq infrastruttura Ewropea, li l-affidabbiltà tagħha ma għandhiex tiddependi mill-prijoritajiet militari la tal-Istati Uniti, la tar-Russja u lanqas taċ-Ċina.

1.3 Peress li bejn 6 u 7 % tal-PDG tal-UE-27, jiġifieri EUR 800 biljun, diġà jiddependu mis-sistema tal-GPS Amerikana (Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt ta' Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita li jakkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar implimentazzjoni addizzjonali tas-sistemi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita (2014-2020) – SEC(2011) 1447, 30.11.2011), il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi li jagħmel ir-Regolament fuq l-interoperabbiltà bejn Galileo u l-GPS.

Madankollu, il-KESE jemmen li flimkien mal-interoperabbiltà, l-Ewropa jmissha ssegwi politika aggressiva biex tissostitwixxi l-GPS bit-teknoloġija Galileo u EGNOS bħala t-teknoloġiji ewlenin fil-qasam tal-GNSS fl-Ewropa.

1.4 Il-KESE jirakkomanda li l-potenzjal għall-innovazzjoni tal-GNSS Ewropea jiġi promoss bil-qawwi fil-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni Orizzont 2020 (Orizzont 2020 huwa l-programm ta' EUR 80 biljun tal-UE għall-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodu 2014-2020). Is-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita ser ikollhom valur konsiderevoli għall-innovazzjoni teknoloġika u jistgħu jiġġeneraw benefiċċji makroekonomiċi kbar għall-Unjoni.

1.5 Is-suċċess tal-provvista u tal-ġestjoni tal-programmi Ewropej ta' GNSS, kemm Galileo kif ukoll EGNOS, huwa ta' importanza kritika biex niksbu l-viżjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv li jinsabu fl-Istrateġija Ewropa 2020 (EWROPA 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv – COM(2010) 2020). Il-Kumitat jinnota li l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji mwettqa mill-Kummissjoni (Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar implimentazzjoni addizzjonali tas-sistemi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita (2014-2020) – SEC(2011) 1446 final) tistma li l-programmi ta' GNSS, kif proposti, ser jiġġeneraw EUR 68,63 biljun (EUR 116,88 biljun bi prezzijiet kostanti mrohhsa b'4 % fis-sena, b'konformità mal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Valutazzjonijiet tal-Impatt) ta' benefiċċji netti għall-Unjoni matul iċ-ċiklu ta' ħajja tas-sistema 2014-2034.

1.6 Filwaqt li l-KESE jappoġġja l-għanijiet ta' politika Ewropea dwar il-GNSS u r-Regolament propost dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi, jixtieq jisħaq fuq it-tħassib tiegħu dwar il-ġestjoni Ewropea tal-programmi sa llum, li wasslet għal dewmien konsiderevoli, żieda fl-ispejjeż u telfien

ta' benefiċċji. Il-KESE jittama li r-Regolament propost ser jipprovdni l-appoġġ politiku, l-istrutturi ta' ġestjoni u l-qafas li hemm bżonn sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti l-GNSS Ewropea kif ipplanata bħalissa kif ukoll il-benefiċċji li jirriżultaw minnha.

1.7 Il-Kumitat jinnota li 19,5 % tal-benefiċċji finanzjarji li ġejjin mill-programm Ewropew tal-GNSS ser jiġu ġġenerati mit-tkabbir fis-suq downstream tal-applikazzjonijiet Ewropej tal-GNSS (Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar implimentazzjoni addizzjonali tas-sistemi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita (2014-2020) – SEC(2011) 1446 final). F'dan ir-rigward, il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-opinjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Applikazzjonijiet tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) <sup>(1)</sup>, b'mod partikolari, l-appell tal-Kumitat għal pjan kummerċjali dettaljat mill-Aġenzija Ewropea GNSS sabiex dan is-suq kruċjali jikber.

1.8 Il-Kumitat jemmen li hemm bżonn urġenti ta' tmexxija soda fil-qasam tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-kummerċ għas-sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita, bl-appoġġ ta' investiment adegwat fil-programmi ta' tqegħid fis-suq. L-iżvilupp kummerċjali ta' EGNOS u Galileo huwa kritiku għal suċċess fit-tul u huwa essenzjali li l-valur tal-GNSS Ewropea tiġi komunikata lis-suq u li l-użu tagħha jiġi promoss. S'issa għadu sar f'it wisq xogħol dwar din l-isfida vitali u kumplessa.

1.9 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi li għamlet il-Kummissjoni fuq ir-rekwiżit ta' ġestjoni finanzjarja soda għall-programmi, li l-ispiża tagħha hija stmata fil-baġit għal EUR 7,89 biljun bil-prezzijiet attwali matul il-perjodu li jmiss għall-qafas finanzjarju, 2014-2020. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li r-Regolament jispeċifika li l-Kummissjoni għandha tiġġestixxi l-fondi allokati lill-programmi u ttwettaq superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-attivitàjiet kollha tal-programmi, inklużi dawk delegati kemm lill-Aġenzija Ewropea GNSS kif ukoll lill-Aġenzija Spazjali Ewropea. Il-KESE jilqa' wkoll il-pjani tal-Kummissjoni li tiżviluppa mekkaniżmu għall-ġestjoni tar-riskju u għodod ta' ġestjoni biex timminimizza l-probabbiltà ta' spejjeż żejda fil-programmi.

1.10 Madankollu, il-KESE jinnota wkoll it-twissija tal-Kummissjoni li l-investiment fit-teknoloġija tan-navigazzjoni bis-satellita huwa soġġett għal livell għoli ta' inċertezza u riskju li jagħmluha diffiċli li ssir previżjoni preċiża tal-ispejjeż tal-programmi. Għalhekk, minkejja l-ftehimiet kollha ta' delega (b'konformità mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u, b'mod partikolari, l-Artikolu 54 tiegħu), il-Kumitat jirrakkomanda li l-Kummissjoni torganizza laqgħat ta' tmexxija kull xahar kemm mal-GSA kif ukoll mal-ESA sabiex tissorvelja l-progress tal-programmi u tindirizza malajr kull problema li tista' tinqala'. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea għandha tirċievi rapporti ta' ġestjoni u kontinwament dettaljati kemm mill-GSA kif ukoll mill-ESA tal-anqas darba kull tliet xhur.

1.11 Il-Kumitat jirrifiri l-Kummissjoni għall-opinjoniġiet preċedenti tiegħu dwar Galileo, EGNOS u Ewropa 2020 <sup>(2)</sup>.

## 2. Sfond

2.1 It-teknoloġija GNSS, bis-saħħa tal-kapaċità tagħhom li jkejlu l-pożizzjoni, il-veloċità u l-ħin bi preċiżjoni u affidabbiltà kbira, huma essenzjali għat-titjib fl-effikaċja ta' ħafna setturi tal-ekonomija u ħafna oqsma tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

2.2 Sakemm Galileo jsir operattiv, l-Ewropa jkollha tuża s-servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita tal-GPS Amerikana jew il-GLONASS Russa għan-navigazzjoni, l-ippożizzjonar u l-ħin. Huwa stmat li d-dipendenza tal-Ewropa min-navigazzjoni bis-satellita GPS tirrappreżenta bejn 6 u 7 % tal-PDG tal-UE-27, jiġifieri EUR 800 biljun (SEC(2011) 1447 tat-30 ta' Novembru 2011). Sadattant, l-operaturi militari ta' dawn is-sistemi ma jistgħu jagħtu l-ebda garanzija li jipprovdni servizz bla waqfien.

2.3 Għalkemm l-indipendenza fin-navigazzjoni globali bis-satellita hija l-mutur ewlieni tal-Programm Galileo, l-interoperabbiltà ma' sistemi eżistenti jew futuri ta' navigazzjoni bis-satellita, b'mod partikolari l-GPS tal-Istati Uniti, għandha valur miżjud importanti.

2.4 Il-programm Galileo tnieda bil-għan li jstabbilixxi Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) Ewropea indipendenti.

2.5 EGNOS hija sistema reġjonali ta' tisħiħ imbażata fuq is-satelliti għall-Ewropa li ttejjeb is-sinjali li ġejjin minn sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita li jeżistu diġà, bħall-GPS.

2.6 Galileo, il-programm Ewropew tan-navigazzjoni bis-satellita, tnieda fl-2001. Għall-bidu, il-proġett kien imsejjes fuq sħubija pubblika-privata mal-Impriża Konġunta Galileo (GJU – Galileo Joint Undertaking) li kienet isservi ta' pjattaforma komuni għall-ġestjoni u l-finanzjament. Fl-2006, il-GJU ġiet sostitwita bl-Aġenzija Ewropea GNSS (GSA) (qabel din kienet magħrufa bħala l-Awtorità ta' Viġilanza tal-GNSS Ewropea – GSA), li ġiet inkarigata mill-ġestjoni tal-aspetti relatati mal-interess pubbliku involuti fil-programmi Ewropej ta' GNSS. L-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) kienet responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni teknika tal-programmi ta' GNSS.

2.7 Ir-Regolament dwar il-GNSS <sup>(3)</sup>, li ġie adottat fl-2008, għamel l-UE l-uniku korp politiku inkarigat mit-tmexxija u l-finanzjament sħiħ tal-politika Ewropea dwar il-GNSS. Ir-Regolament dwar il-GNSS stabbilixxa l-finanzjament tal-UE għall-programmi Galileo u EGNOS għall-perjodu 2007-2013. Il-baġit ta' EUR 3,4 biljun inqasam bejn il-bqija tal-faċi ta' żvilupp ta' Galileo, il-faċi ta' skjerament ta' Galileo u l-operat ta' EGNOS.

<sup>(1)</sup> ĠU C 107, 6.4.2011, p. 44-48.

<sup>(2)</sup> ĠU C 221, 8.9.2005, p. 28; ĠU C 317, 23.12.2009, p. 103-104 u ĠU C 107, 6.4.2011, p. 44-48.

<sup>(3)</sup> ĠU L 196, 24.8.2008, p. 1.



2.8 Il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss għall-baġit tal-UE 2014-2020 (COM(2011) 500, tad-29 ta' Ġunju 2011 – Baġit għall-Ewropa 2020) tipproponi li l-programmi tal-GNSS jiġu ffinanzjati kompletament mill-baġit tal-UE b'livell limitu massimu propost ta' EUR 7 biljun bi prezzijiet kostanti tal-2011.

2.9 Il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita jinsab imxekkel minn żewġ problemi ewlenin.

- 1) Minħabba spejjeż żejda u dewmien fil-provvista tas-sistema, il-GNSS li għandha tiġi stabbilita fil-qafas tal-Programm Galileo mhux ser tkun operattiva għalkollox fl-2013 bħalma kien ipplanat.
- 2) Billi r-Regolament tal-2008 dwar il-GNSS ma jistabbilixxi il-qafas ta' finanzjament u ta' governanza għall-programmi Galileo u EGNOS wara l-2013, hemm bżonn ta' bażi legali ġdida sabiex is-sistemi jkunu operattivi, mantnuti u ġestiti fuq perjodu twil.

2.10 Il-proposta tal-Kummissjoni ser tindirizza dawn il-problemi billi toħloq Regolament ġdid li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 683/2008 sabiex jipprovdi l-istruttura ta' finanzjament u ta' governanza biex il-Programmi Galileo u EGNOS jiġu pprovduti u joperaw b'suċċess.

2.11 Rigward l-infrastruttura, l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji mehmuża ma' din il-Proposta turi li l-aħjar soluzzjoni hi li tiġi skjerata l-kostellazzjoni ta' tletin satellita kif kien ipplanat fil-bidu, iżda li tiġi implimentata infrastruttura tal-art aktar sempliċi. Din is-soluzzjoni tippermetti lill-GNSS tipprovdi s-servizzi u l-benefiċċji pplanati kollha previsti oriġinarjament, ħlief li s-“Servizz għas-Sikurezza tal-Ħajja” (is-Servizz għas-Sikurezza tal-Ħajja ta' EGNOS jippermetti approċċi ta' preċiżjoni bl-inġenji tal-ajru, u b'hekk in-navigazzjoni bl-ajru tkun aktar sikura. Jgħin ukoll inaqqas il-każijiet ta' dewmien, diverżjoni jew kanċellazzjoni tat-titjiriet, kif ukoll jippermetti lill-ajruporti jżidu l-kapaċità tagħhom u jnaqqsu l-ispejjeż ta' operat. Fl-aħħar nett, jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> fis-settur) ikun disponibbli biss b'interoperabbiltà mal-GPS tal-Istati Uniti.

2.12 L-aħjar għażla għall-provvista ta' qafas ta' governanza hija li l-kompiti ta' ġestjoni tal-programmi involuti fil-fażi ta' esplotazzjoni jiżdiedu mar-responsabbiltajiet eżistenti ta' sigurtà u dawk relatati mas-suq tal-Aġenzija Ewropea GNSS. Il-Kummissjoni ser tibqa' responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi allokati lill-programmi u tibqa' twestaq is-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-attivitatijiet kollha tal-programmi, inklużi dawk delegati kemm lill-Aġenzija Ewropea GNSS (GSA) kif ukoll lill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA).

### 3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-programmi EGNOS u Galileo jeħtieġu tmexxija ċara u appoġġ sħiħ mingħajr ambigwiżà mill-UE biex titrangà l-ħsara li

saret lill-fiduċja fis-suq minħabba l-waqqgħa tas-sħubija pubblika-privata GJU. L-allokazzjoni baġitarja 2014-2020 u r-Regolament propost mill-Kummissjoni huma bidu tajjeb, iżda jeħtieġ li minn issa 'l quddiem tingħata xhieda ta' ġestjoni tajba u appoġġ politiku konsistenti għall-programmi sabiex tintrebaħ il-fiduċja fis-suq.

3.2 L-Ewropa għandha bżonn tħaffef il-pass tal-iskjerament tal-GNSS u l-iżvilupp tagħha fis-suq, speċjalment meta wieħed iqis l-ispiża relatata mad-dewmien ta' Galileo u l-kompetizzjoni dejjem tikber mill-Istati Uniti, mir-Russja u miċ-Ċina. Iċ-Ċina qed tespandi s-sistema militari tagħha ta' navigazzjoni bis-satellita Beidou fis-sistema globali COMPASS bil-għan li sal-2020 tipprovdi servizz ċivili kompetittiv fid-dinja kollha, inkluż fl-Ewropa. Galileo u EGNOS iridu jsiru l-istandard tal-GNSS fl-Ewropa malajr kemm jista' jkun.

3.3 Is-sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita għandhom jiffurmaw parti importanti mill-programm ta' riċerka u innovazzjoni Orizzont 2020. Il-ħolqien ta' prodotti u servizzi ġodda bbażati fuq il-GNSS Ewropea mhux biss ser jistimolaw it-tkabbir intelliġenti, iżda ser jappoġġjaw ukoll l-iżvilupp sostenibbli billi jgħinu sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u billi jnaqqsu l-impatt ambjentali tal-iżvilupp ekonomiku.

3.4 Filwaqt li jiġu rrispettati l-liġijiet dwar il-kompetizzjoni globali, forsi għandhom jiġu identifikati miżuri tal-UE li jiffavorixxu l-għażla tat-teknoloġiji Galileo pjuttost mill-għażla ta' teknoloġiji inferjuri, speċjalment għal applikazzjonijiet li jeħtieġu l-fiduċja fil-kontinwità tas-servizz jew livelli għoljin ta' preċiżjoni u integrità, jew għas-sigurtà.

3.5 Meta wieħed iqis l-importanza taċ-chipsets tar-riċevituri (chipset huwa grupp ta' ċirkuwiti jew chips integrati, li jkunu mfassla biex jaħdmu flimkien. Normalment jiġu kummerċjalizzati bħala prodott wieħed. Normalment chipset huwa ddisinjat biex jaħdem ma' familja speċifika ta' mikroproċessuri. Minħabba li jikkontrolla l-komunikazzjonijiet bejn il-proċessur u l-istrumenti esterni, iċ-chipset għandu rwol kruċjali biex jiddetermina l-prestazzjoni tas-sistema) għall-penetrazzjoni tas-suq u għall-istrateġija tal-iżvilupp tal-applikazzjonijiet, l-iżvilupp ta' chipsets tar-riċevituri doppji li jkunu rħas (GPS + Galileo) huwa importanti immens. In-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp għandha tiġi mmirata b'mod speċjali lejn dan il-għan.

3.6 Hemm bżonn ta' strateġija biex jintużaw l-effetti tal-kurva tat-tagħlim ikkawżati mill-produzzjoni f'volumi kbar għax dawn huma kruċjali għall-manifattura bl-irħis ta' chipsets tar-riċevituri, sabiex il-prezzijiet taċ-chipsets doppji GPS + Galileo jkunu jistgħu jikkompetu maċ-chipsets li jirċievu s-sinjali tal-GPS biss.

3.7 Sabiex jikber is-suq downstream tal-prodotti u applikazzjonijiet Ewropej ta' GNSS, il-GSA għandha bżonn ta' strateġija aggressiva għall-iżvilupp tas-suq, li tkun immexxija minn tim b'ħiliet żviluppanti ħafna.

3.8 Għandha tiġi żviluppata strateġija globali ta' identità għal EGNOS/Galileo biex jiġu allinjati l-għanijiet, jiġi enfasizzat il-valur tad-"ditta", jiġu ssemplifikati l-komunikazzjonijiet tas-suq u jiġu ċċarati l-prijoritajiet tas-suq.

3.9 Il-kwalità tat-teknoloġija u s-servizzi Galileo introdotti fis-suq dejjem għandha tkun tal-ogħla standard. Għandu jinżamm kontroll tal-kwalità strett fuq l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-implimentazzjoni fil-livell tal-utent finali.

3.10 B'xorti ħażina, uħud mill-prodotti EGNOS tal-bidu ma kinux teknikament tajbin biżżejjed biex jissodisfaw l-esiġenzi tal-konsumaturi. Bħala parti minn strateġija ta' identità, għandha tiġi żviluppata tikketta ta' kwalità għat-teknoloġiji kollha approvati ta' EGNOS/Galileo sabiex l-isem ikun jista' jitħares minn ħsara fir-reputazzjoni.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura”**

COM(2011) 416 finali,

**“Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd”**

COM(2011) 417 finali,

**“Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-Dimensjoni Esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd”**

COM(2011) 424 finali

**u “L-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd”**

COM(2011) 425 finali

(2012/C 181/33)

Relatur: **is-Sur SARRÓ**

Korelatur: **is-Sur CHIRIACO**

Nhar l-1 ta' Settembru 2011, it-13 ta' Settembru 2011 u l-5 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament għall-proposti COM(2011) 416 final u COM(2011) 425 final u b'konformità mal-Artikolu 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Kummissjoni għall-proposti COM(2011) 417 final u COM(424) final u b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iddeċidew li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura*

COM(2011) 416 final,

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd*

COM(2011) 417 final,

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-Dimensjoni Esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd*

COM(2011) 424 final, u

*l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd*

COM(2011) 425 final.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-14 ta' Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'152 vot favur, 5 voti kontra u 14-il astensjoni.

## 1. Konklużjonijiet

1.1 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni Ewropea dwar il-ħtieġa li tiġi proposta reviżjoni simultanja tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS), biex b'hekk jissaħħu l-integrazzjoni, il-koerenza u l-koordinazzjoni neċessarji tal-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tas-sajd, l-akkwakultura u s-sajd tal-frott tal-baħar.

1.2 B'mod globali, il-KESE jaqbel mal-għanijiet ġenerali u speċifiċi kif ukoll mal-prinċipji tal-governanza tajba tal-proposta. Il-PKS għandha tiggarrantixxi li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jgħallu kundizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-ikel, bl-applikazzjoni tal-kriterju ta' prekawzjoni u b'approċċ iffokat fuq l-ekosistema.

1.3 Madankollu, il-KESE jqis li l-proposta għal Regolament ma tistabbilixxi il-miżuri tal-ġestjoni tas-sajd li huma meħtieġa biex l-istokkijiet tal-ħut jiġu rkuprati kompletament u jinżammu 'l fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini jkollhom prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tajbin għas-saħħa u ta' kwalità tajba, biex jingħata kontribut għall-prospertà tal-komunitajiet tas-sajd u għall-profittabbiltà tal-intrapriżi tal-produzzjoni u tal-ipproċessar, u biex jiġu offruti postijiet tax-xogħol attraenti u aktar siguri.

1.4 Il-Kumitat japprova d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni, li diġà kienu fis-seħħ u li huma ta' benefiċċju akbar għall-komunitajiet lokali tas-sajd.

1.5 Il-Kumitat japprova wkoll it-tipi ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' miżuri tekniċi proposti, li għandhom jiġu adattati għat-tipi differenti ta' sajd.

1.6 Il-KESE jappoġġja l-proposta li jiġu stabbiliti pjani multiannwali bil-għan li, fejn possibbli, l-istokkijiet kollha tal-ħut jiġu rkuprati u jinżammu 'l fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli minn issa sal-2015. Minkejja li huwa ta' min ifaħħru, dan il-għan diffiċli jiġi applikat fil-każ tas-sajd imħallat, u għaldaqstant il-KESE jitlob lill-Kummissjoni ttipprovdi soluzzjonijiet prattiċi biex jissolvew il-problemi li jistgħu jinqalgħu f'dan it-tip ta' sajd.

1.7 Il-KESE jqis prijorarju li l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jipprovdu lill-istituti xjentifiċi r-riżorsi neċessarji biex jirrispondu b'mod adegwat għall-ħtiġijiet ta' riċerka applikata u biex ikunu jistgħu jkopru l-ispeċijiet kollha ta' ħut mistada kummerċjalment u l-ispeċijiet assoċjati u dipendenti u l-ambjent tagħhom.

1.8 Fir-rigward tal-politika ta' projbizzjoni tal-iskartar tal-ħut, il-KESE jilqa' dan l-oġettiv, iżda jemmen li għandu jkun hemm approċċ aktar gradwali u proporzjonat li jkun ibbażat fuq it-tnaqqis progressiv tal-iskartar u li jippromovi u jinkoraġġixxi l-użu ta' rkaptu aktar selettiv għas-sajd, miżuri mmirati għall-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd b'mod li jinħoloq valur miżjud u t-tiftix ta' opportunitajiet kummerċjali, filwaqt li jiġu adattati l-infrastrutturi tal-bastimenti u tal-portijiet tas-sajd.

1.9 Il-KESE jqis li l-proposta ma tapprofondixxi biżżejjed ir-reġjonalizzazzjoni u ma tinkludi l-ebda miżura ta' deċentralizzazzjoni.

1.10 Fir-rigward tal-istabbiltà relattiva u l-applikazzjoni tagħha fl-allokkazzjoni tal-possibbiltajiet tas-sajd lill-Istati Membri, il-Kumitat jinsisti fuq il-ħtieġa li dan il-kriterju jiġi aġġornat peress li huwa wieħed qadim u ma jirriflettix ir-realtà attwali tal-flotot tas-sajd u taż-żoni li jiddependu ħafna mis-sajd. Barra minn hekk, il-Kumitat jissuġġerixxi li l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet għas-sajd, għaladarba tiġi aġġornata l-istabbiltà relattiva, għandha tkun ibbażata l-iżjed fuq sensiela ta' kriterji ambjentali, ekonomiċi u soċjali trasparenti.

1.11 Il-Kumitat iqis li l-proposta marbuta mal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli hija konfuża u li l-Kummissjoni għandha tiċċara l-interpretazzjoni tal-artikoli rilevanti, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-"kriterji trasparenti u oġġettivi" għall-allokkazzjoni tal-konċessjonijiet. Barra minn hekk, il-Kumitat jappella li jitqies l-impatt ta' din il-miżura fuq l-impjeg, u li jiġu previsti miżuri speċifiċi għas-sajjieda impjegati.

1.12 Fir-rigward tal-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd, il-KESE jqis li l-Kummissjoni għandha twettaq, sa mhux aktar tard mill-2014, evalwazzjoni dettaljata tal-kapaċità tas-sajd fejn tinkludi l-qawwa u t-tunnellaġġ tagħha kif ukoll it-tip ta' rkaptu u karatteristiċi oħrajn tal-bastimenti, u li abbażi ta' din l-evalwazzjoni l-Istati Membri għandhom jiġu obbligati jadattaw il-kapaċità tas-sajd għar-riżorsi disponibbli.

1.13 Il-Kumitat jemmen li, għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-ekosistema, huwa fundamentali li fil-għbir tad-data jiġi inkluż l-ikbar ammont possibbli ta' data ambjentali b'konformità mad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u l-kriterji tal-"istatus ambjentali tajjeb".

1.14 B'mod ġenerali, il-KESE jaqbel mal-proposti tal-Kummissjoni dwar il-politika esterna. Minkejja dan, huwa mħasseb dwar ċerti kwistjonijiet imsemmijin fil-punt 3.7.8 ta' din l-opinjoni.

1.15 Il-KESE jfaħħar lill-Kummissjoni talli rrikonossiet id-dimensjoni komuni Ewropea tal-politika tal-akkwakultura. Il-KESE jappella li jissaħħa il-kontroll ambjentali u jitlob li jinħoloq qafas amministrattiv flessibbli u żona legali unika għall-iżvilupp ta' settur tal-akkwakultura sostenibbli li jista' jgħin biex jinżammu l-istokkijiet tal-ħut u biex jinħoloq il-ġid fiż-żoni periferiċi mhux urbani, filwaqt li jkun hemm rispett, kompatibbiltà u integrazzjoni ambjentali sħaħ.

1.16 Fir-rigward tal-istrument finanzjarju l-ġdid, il-KESE jemmen li r-rwol tas-sajjieda u tal-komunitajiet tas-sajd fl-iżvilupp sostenibbli taż-żoni kostali għandu jiġi vvalorizzat, anke permezz ta' miżuri soċjali, speċjalment dawk ta' appoġġ f'każijiet ta' telf tal-impjeg, u għajnuna għat-taħriġ u għar-rikonverżjoni tal-ħaddiema, b'enfasi fuq iż-żgħażaġh u n-nisa.



1.17 Il-KESE jilmenta dwar il-fatt li d-dimensjoni soċjali, ikkunsidrata fil-fażijiet kollha tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (produzzjoni, proċessar u kummerċjalizzazzjoni), mhijiex preżenti fil-proposta b'miżuri konkreti għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, u jemma li għandha tiġi inkoraġġuta l-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali fil-livell adegwat.

1.18 Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra d-diversi esiġenzi li esprimew l-atturi differenti tas-suq. Ir-riforma tal-PKS għandha tindirizza kemm il-ħtiġijiet ta' sidien il-bastimenti kif ukoll dawk tal-ekwipaġġi.

1.19 Il-KESE jemma li definizzjoni tas-sajd fuq skala żgħira bbażata fuq il-kriterju tat-tul tal-bastiment biss hija simplistika wisq u tassimila parti enormi mill-flotta fuq skala żgħira mas-sajd industrijali.

1.20 Il-KESE jappoġġja l-oġġettivi u l-prinċipji li ser jirregolaw ir-Regolament il-ġdid dwar l-OKS u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra l-kummenti tal-Kumitat imressqa f'din l-opinjoni.

1.21 Sabiex tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta fis-suq tal-UE, il-KESE jitlob li l-prodotti importati jkunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet iġjeniċi, tas-saħħa u tal-kontroll li huma applikati għall-prodotti Komunitarji, inkluża t-traċċabilità sħiħa "mill-ilma sal-mejda", u jitlob li l-kontrolli – kemm fil-fruntiera kif ukoll fl-oriġini – ikunu komprensivi b'tali mod li jiggarrantixxu r-rispett adegwat ta' dawn ir-regoli li jikkontribwixxu għas-sikurezza tal-ikel. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jaħseb li d-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jistabbilixxu approċċ koerenti.

1.22 Il-KESE jenfasizza li dawn il-proposti kollha japplikaw ukoll għas-sajd u l-akkwakultura fl-ilma ħelu u jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tqis b'mod ibbilanċjat il-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn l-attivitajiet.

## 2. Sfond

### 2.1 Kuntest tar-Regolament dwar il-PKS ("Regolament bażiku")

2.1.1 Il-PKS inħolqot fl-1983 u baqgħet fis-seħħ, b'modifiki żgħar, għal għoxrin sena, sakemm ġiet riformata fil-fond permezz tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Fl-2009, il-Kummissjoni analizzat il-mod kif kienet qed taħdem il-PKS riformata u kkonkludiet li, minkejja l-progress li kien sar, ma kinux intlaħqu l-għanijiet ta' sajd sostenibbli fid-dimensjonijiet (ambjentali, ekonomiċi u soċjali) kollha tiegħu u li ħafna stokkijiet tal-ħut kienu sfruttati żżejjed.

2.1.2 Din il-konklużjoni tressqet fil-Green Paper dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>(1)</sup>. L-opinjoni tal-Kumitat dwar dan, adottata b'maġġoranza kbira, irrakkomandat li "l-miżuri adottati jissalvagwardjaw l-impjeg u l-koeżjoni territorjali u li permezz tal-oġġettivi strateġiċi jinżamm bilanċ bejn il-pilastri ekonomiċi, soċjali u ambjentali billi tiġi garantita u

mħeġġa mgħiba responsabbli u sostenibbli fl-istadji kollha tal-katina tas-sajd". Ir-riforma futura għandha tindirizza aktar fil-fond il-kwistjonijiet li ġejjin:

— "it-twaqqif ta' reġim distint għall-flotot kostali fuq skala żgħira;

— l-introduzzjoni ta' sezzjoni dwar il-kwistjonijiet soċjali bil-għan li jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sajjeda;

— it-titjib tal-kundizzjonijiet tas-suq u tal-prattiki kummerċjali;

— tiġi żgurata komplementarjetà mal-politika ambjentali marittima li, fost affarijiet oħra, twassal għal riċerka aktar sinifikanti u aktar effikaċi li tapplika għall-politika tas-sajd;

— l-integrazzjoni totali tal-PKS fi ħdan korpi internazzjonali (l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, il-FAO)<sup>(2)</sup>."

2.1.3 L-opinjoni tal-Kumitat dwar "L-iżvilupp ta' żoni reġjonali għall-ġestjoni ta' stokkijiet tal-ħut u għall-kontroll tas-sajd"<sup>(3)</sup> tgħid li l-"Kumitat bi pjaċir jilqa' l-intenzjoni tar-riforma radikali tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u b'mod partikolari l-għan li tiġi stabbilita politika deċentralizzata, li tiddependi inqas mid-deċiżjonijiet dettaljati li jittieħdu Brussell u li tagħti opportunità ikbar għall-parteċipazzjoni lokali u reġjonali fil-ġestjoni tal-ħut. Madankollu, id-dettall, iċ-ċarezza u s-sistema ta' sanzjonijiet essenzjali meħtieġa biex politika bħal din taħdem b'mod effettiv għandhom nieqsa u għandhom jiġu inklużi" u li "mingħajr stokkijiet tal-ħut li jiffjorixxu ma jista' jkun hemm l-ebda industrija tal-ħut sostenibbli", filwaqt li tirrakkomanda li "sostenibbiltà ambjentali tingħata prijorità bħala bażi għas-sostenibbiltà ekonomika u soċjali."

2.1.4 L-opinjoni msemmija hawn fuq targumenta li "biex ikun effettiv it-tisħiħ tal-pjani ta' ġestjoni bbażati fuq il-kwoti li huma bbażati fuq ir-rendiment massimu possibbli, hemm bżonn li jiġu stabbiliti livelli ogħla li verament iwasslu biex jiffjorixxu l-ispeċi kollha regolati u dan għandu jsir sal-2015."

### 2.2 Kuntest tar-Regolament dwar l-OKS fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura

2.2.1 L-OKS fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ilha teżisti sa mill-1970. Il-qafas legali tagħha huwa pprovdut fir-Regolament (KE) Nru 104/2000. Sa mill-2008, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjonijiet u konsultazzjonijiet wisgħin bil-għan li tqis in-nuqqasijiet osservati fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li huma fis-seħħ bħalissa, l-iżviluppi reċenti fis-swieq Ewropej u dinjija u l-evoluzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura.

<sup>(1)</sup> COM(2009) 163 final.

<sup>(2)</sup> CESE, ĠU C 18, 19.1.2011, p. 53-58.

<sup>(3)</sup> CESE, ĠU C 24, 28.1.2012 p. 48.

2.2.2 Il-proposta l-ġdida għal Regolament tistabbilixxi OKS fis-settur tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li ser ikollha l-istrumenti li ġejjin:

- a) organizzazzjonijiet professjonali (organizzazzjonijiet tal-produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali),
- b) standards tal-kummerċjalizzazzjoni,
- c) informazzjoni għall-konsumatur,
- d) regoli dwar il-kompetizzjoni,
- e) tagħrif dwar is-swieq.

2.2.3 Il-KESE jqis li mal-punti ta' hawn fuq għandu jżied ieħor li jirregola r-relazzjonijiet kummerċjali mal-pajjiżi terzi b'mod li l-prodotti importati kollha jirrispettaw l-istandards tal-Unjoni Ewropea u jkunu soġġetti għal kontrolli effiċjenti.

### 3. Analiżi tal-proposta għal riforma tal-PKS u l-kummenti tal-Kumitat

#### 3.1 Kamp ta' applikazzjoni u objettivi

3.1.1 Il-PKS ser tkopri l-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-esplojazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi marittimi u tal-ilma ħelu u l-akkwakultura, kif ukoll l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, sakemm dawn l-attivitajiet jitwettqu fit-territorju tal-Istati Membri jew fl-ilmijiet tal-Unjoni, inkluż permezz ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi jew bastimenti tas-sajd tal-Unjoni 'l barra mill-ilmijiet tal-Unjoni, jew minn ċittadini tal-Istati Membri.

3.1.2 Il-PKS għandha tiggarrantixxi li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jgħallqu kundizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul, filwaqt li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-ikel u japplikaw il-kriterji ta' prekawzjoni u approċċ ekosistemiku għall-ġestjoni tas-sajd, bil-għan li minn issa sal-2015 ir-riżorsi bijoloġiċi marittimi ħajjin jintużaw b'mod li l-istokkijiet tal-ħut jiġu rkuprati u jinżammu 'l fuq mill-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, u fl-istess ħin jiġu integrati r-rekwiżiti tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE.

3.1.3 Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, il-PKS, b'mod partikolari, għandha telimina l-qbid mhux mixtieq ta' stokkijiet kummerċjali, u gradwalment tiżgura li l-qbid kollu ta' dawn l-istokkijiet jinħatt l-art. Barra minn hekk, għandha toħloq il-kundizzjonijiet għal attivitajiet tas-sajd effiċjenti, tippromovi l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-akkwakultura fl-Unjoni u tikkontribwixxi għal livell ta' għajxien adegwat għal dawk li jiddependu mill-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li tqis l-interessi tal-konsumaturi u tiggarrantixxi għbir u ġestjoni sistematika u armonizzata tad-data.

3.1.4 B'mod globali, il-KESE jappoġġja l-kamp ta' applikazzjoni u l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PKS, kif ukoll il-prinċipji ta' governanza tajba tagħha. Madankollu, jiddispaċiħ li ma

tagħtix attenzjoni biżżejjed lill-ħarsien, il-ġestjoni u l-użu tar-riżorsi bioloġiċi tal-ilma ħelu. Il-Kumitat jappella lill-Kummissjoni Ewropea sabiex fil-proposti li qed tippreżenta tintegra l-ispeċifiċitajiet tas-sajd u l-akkwakultura fl-ilma ħelu, fosthom l-allinjament tagħhom mal-PAK. Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni għal fatt li għad hemm il-ħtieġa li jinħolqu kontropartijiet adatti għall-gruppi ta' ħidma marini biex jinġabru l-esperjenzi miksuba fl-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd fl-ilma ħelu u biex isiru l-proposti ħalli din tiġi aġġornata.

3.1.5 Madankollu, il-KESE jqis li l-proposta għal Regolament ma tistabbilixxi il-miżuri tal-ġestjoni tas-sajd li huma meħtieġa biex is-sajd jiġi ġestit bil-għan li jiġu rkuprati u kkonservati l-istokkijiet tal-ħut u b'hekk ikunu jistgħu jintlaħqu dawn l-objettivi u jitpoġġew is-sisien għal sajd sostenibbli li jirrispetta l-ekosistema, li jiżgura li ċ-ċittadini jkollhom prodotti tas-sajd tajbin għas-saħħa u ta' kwalità għolja, li jikkontribwixxi għall-prospertà tal-komunitajiet tas-sajd u għall-profittabbiltà tal-industriji tal-produzzjoni u l-ipproċessar tal-ħut, u li joffri postijiet tax-xogħol attraenti u aktar siguri, filwaqt li tingħata l-akbar importanza lill-parteciċipazzjoni tal-imsieħba soċjali fil-livelli kollha <sup>(4)</sup>.

#### 3.2 Aċċess għall-ilmijiet

3.2.1 Mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2022, l-Istati Membri ser ikunu awtorizzati jirrestrinġu s-sajd filmijiet sa 12-il mil nawtiku mil-linji ta' bażi taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni tagħhom għall-bastimenti tas-sajd li tradizzjonalment kienu jistadu f'dawn l-ilmijiet minn portijiet tal-istess kosta u għall-bastimenti tas-sajd tal-UE ta' Stati Membri oħra li jistadu fil-qafas ta' relazzjonijiet ta' viċinat bejn dawn l-Istati Membri li jippermettu din l-attività.

3.2.2 Barra minn hekk, bejn dawn l-istess dati l-Istati Membri inkwistjoni ser ikunu awtorizzati jirrestrinġu s-sajd filmijiet sa 100 mil nawtiku mil-linji ta' bażi tal-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji għall-bastimenti reġistrati fil-portijiet ta' dawn il-gżejjer. Dawn ir-restrizzjonijiet mhux ser japplikaw għall-bastimenti tal-UE li tradizzjonalment kienu jistadu f'dawn l-ilmijiet, sakemm ma jaqbxu l-isforz tas-sajd li kienu jwettqu tradizzjonalment.

3.2.3 Il-Kumitat japprova dawn il-miżuri ta' aċċess għall-ilmijiet li diġà kienu fis-seħħ u li għandhom jiġu kkomplementati b'miżuri li jiggarrantixxu aċċess preferenzjali għal dawk li jistadu b'mod li huwa soċjalment u ambjentalment sostenibbli u li l-attività tagħhom hi ta' benefiċċju akbar għall-komunitajiet tas-sajd lokali.

#### 3.3 Miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi marittimi

3.3.1 Il-KESE jemmen li f'ċerti każijiet il-pjani multiannwali introdotti fil-PKS attwali kellhom impatt pożittiv sinifikanti, u għalhekk għandhom jibqgħu jiġu applikati kif previst fil-proposta l-ġdida, filwaqt li l-problemi tal-każijiet li ma ħadmux tajjeb jiġu analizzati abbażi tal-istudji xjentifiċi sodi li jsiru mill-korpi xjentifiċi Komunitarji. Barra minn dan, il-Kumitat jemmen li għandhom jiġu previsti mekkaniżmi adegwati ta' korrezzjoni li jkunu adattabbli u flessibbli.

<sup>(4)</sup> COM(2011) 417.

3.3.2 Fir-rigward tal-objettiv tal-pjani multiannwali li l-istokkijiet tal-ħut jiġu rkuprati u jinżammu 'l fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli minn issa sal-2015, il-KESE jqis li, filwaqt li dan hu objettiv ta' min ifaħħru, li huwa bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) li ilhom vinkolanti legalment għall-UE sa mill-1998, u dan ġie mtenni fir-rapport tas-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002, li fuq il-bażi tiegħu l-Kummissjoni qed tipproponi din il-miżura, li jgħid li biex jinkiseb sajd sostenibbli, għandhom jiġu adottati l-miżuri li ġejjin fil-livelli kollha: li l-istokkijiet tal-ħut jiġu rkuprati u jinżammu f'livelli li jkunu jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, u li l-objettivi marbutin mal-istokkijiet eżawriti jintlaħqu b'mod urġenti u, jekk ikun possibbli, mhux aktar tard mill-2015.

3.3.3 Il-Kumitat jemmen li l-objettiv tar-rendiment massimu sostenibbli jħalli ċertu marġni għal interpretazzjoni rigward il-metodi ta' implimentazzjoni, u li se jkun diffiċli jinkiseb f'ċertu sajd imħallat peress li l-ispeċijiet differenti ta' ħut jitħalltu flimkien u r-rati tal-qbid li jiddeterminaw il-livell tal-isforz tas-sajd ma jikkorrispondux mar-rendiment massimu sostenibbli ta' kull speċi individwali. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni ssib soluzzjonijiet prattiċi biex issolvi l-problemi li jistgħu jinqalgħu fis-sajd imħallat.

3.3.4 Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis il-fatt li l-miżuri għat-titjib fl-istat tal-istokkijiet fiż-żoni tas-sajd tal-UE m'għandux ikollhom impatt negattiv fuq is-sostenibbiltà tal-istokkijiet f'żoni oħra, b'riżultat taż-żieda fil-kummerċ internazzjonali tal-prodotti tas-sajd u l-ispostamenti tal-kapaċità tas-sajd fl-UE.

3.3.5 Sabiex jiġi żgurat li l-pjani multiannwali jkunu bbażati fuq l-aħjar evalwazzjoni xjentifika tal-istokkijiet tal-ħut, il-KESE jqis li huwa prijoritarju li l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni permezz tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS), jagħtu lill-istituti xjentifiċi r-riżorsi kollha meħtieġa biex ikunu jistgħu jirrispondu b'mod adegwat għall-ħtiġijiet ta' riċerka u biex ikunu jistgħu jkopru l-ispeċijiet mistada kollha. F'każ li ma tkunx teżisti evalwazzjoni xjentifika adegwata, għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' prekawżjoni definit fil-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istokkijiet tal-Ħut tal-1995. Mill-banda l-oħra, il-Kumitat jemmen li l-promozzjoni tad-djalogo bejn ix-xjenzjati u s-sajjieda huwa indispensabbli.

3.3.6 Barra minn hekk, il-Kumitat iqis li l-applikazzjoni tal-miżuri biex l-istokkijiet tal-ħut jiġu rkuprati u jinżammu 'l fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli sal-2015 ser taffettwa l-kapaċità tas-sajd tal-flotot tal-Istati Membri, u għandha tiżgura li tingħata prijorità lit-tneħħija talementi tal-flotta li l-iktar jagħmlu ħsara lill-ambjent u li huma żvantaġġużi mil-lat soċjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tipprevedi miżuri ta' aġġustament billi toffri alternattivi soċjoprofessionali għas-settur tas-sajd li jevitaw it-telf attwali tal-impjiegi minħabba l-istat ħażin tal-istokkijiet tal-ħut. F'dan ir-rigward, il-KESE jitlob li jiġi evalwat fid-dettall l-impatt soċjoekonomiku tal-pjani multiannwali fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil.

3.3.7 Il-kontenut tal-pjani multiannwali u l-qafas tal-miżuri tekniċi għandhom jindikaw il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, f'termini ta' stokkijiet, sajd u ekosistemi marittimi, u l-objettivi tagħhom għandhom ikunu koerenti mal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-PKS imsemmijin fil-punt 3.1.1. Il-qafas tal-miżuri tekniċi għal kull pjan multiannwali għandu jikkontribwixxi biex l-istokkijiet tal-ħut jiġu rkuprati u jinżammu 'l fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli, biex jonqos il-qbid ta' ħut ta' daqs iżgħar minn dak regolamentat jew ta' organiżmi marittimi mhux mixtieqa, u biex jittaffa l-impatt tal-irkaptu tas-sajd fuq l-ekosistema.

3.3.8 Il-KESE jemmen li kemm il-kontenut kif ukoll il-qafas tal-miżuri tekniċi previsti fl-Artikolu 14 huma adatti għall-objettivi tar-riforma tal-PKS, u għalhekk jaqbel magħhom. Dawn il-miżuri tekniċi għandhom jiġu applikati fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tat-tipi differenti ta' sajd.

3.3.9 Fir-rigward tal-obbligu propost mill-Kummissjoni li l-qabda kollha tinħatt l-art (projbizzjoni tal-iskartar), il-proposta għal riforma tal-PKS tistabbilixxi skeda bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-1 ta' Jannar 2016 li fiha sensiela ta' stokkijiet tal-ħut soġġetti għal limiti ta' qbid għandhom jinġabu u jinżammu abbord l-bastimenti tas-sajd mill-1 ta' Jannar ta' kull sena msemmija. Ser jiġu stabbiliti daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni ta' dawn l-istokkijiet tal-ħut kollha, li l-bejgħ tagħhom ser ikun ristrett għall-produzzjoni ta' ikel tal-ħut jew ikel tal-animali. L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-qabdi ta' ħut fi kwantitajiet akbar mill-possibbiltajiet tas-sajd ser jiġu stabbiliti b'konformità mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq.

3.3.10 Il-KESE jqis li l-proposta li jiġi pprojbit l-iskartar ta' ċerti speċijiet skont skeda ta' żmien stabbilita hija objettiv mixtieq, iżda li bħalissa diffiċli ħafna jintlaħaq f'ċertu sajd speċifiku, b'mod partikolari fis-sajd imħallat. Fil-fatt, il-konsegwenzi soċjoekonomiċi jkunu tant gravi li ħafna bastimenti jkollhom jiġu abbandunati. Għaldaqstant, il-KESE jqis li għandhom jiġu stabbiliti miżuri biex jittaffew dawn il-konsegwenzi. Il-KESE jħeġġeġ approċċ aktar gradwali u proporzjonat, ibbażat fuq l-użu ta' rkaptu aktar selettiv għas-sajd u t-tnaqqis progressiv tal-iskartar, u li jippromovi u jinkoraġġixxi miżuri mmirati għall-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd b'mod li jinħoloq valur miżjud, filwaqt li jiġu adattati l-infrastrutturi tal-bastimenti u tal-portijiet tas-sajd.

3.3.11 Il-Kumitat jemmen li jkun għaqli u siewi li jiġi analizzat l-oriġini tal-iskartar tal-ħut f'kull tip ta' sajd bil-għan li jintużaw l-iżjed għodod adegwati f'kull tip ta' sajd sabiex jitnaqqas dan l-iskartar.

3.3.12 Il-Kumitat jaħseb li l-projbizzjoni tal-iskartar ma tistax tiġi applikata b'mod effettiv jekk il-ħaddiema ma jingħatawx it-taħriġ adegwat. Il-FEMS għandu jipprovdi appoġġ għall-azzjonijiet rilevanti ta' taħriġ.

3.3.13 Rigward ir-reġjonalizzazzjoni, il-Kummissjoni ser tkun tista' tawtorizza lill-Istati Membri biex, fil-qafas ta' pjan multiannwali, jispeċifikaw il-miżuri ta' konservazzjoni u l-miżuri tekniċi applikabbli għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom b'rabta mal-istokkijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni li għalihom ikunu ġew allokat i possibbiltajiet ta' sajd, dejjem jekk dawn ikunu kompatibbli mal-oġġettivi tal-PKS u mal-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan multiannwali u ma jkunux inqas stretti minn dawk previsti fil-leġislażżjoni tal-UE. Dawn il-miżuri ser ikunu notifikati lill-Kummissjoni, li tista' tevalwahom f'kull ħin, u fejn ikun hemm bżonn, lil Stati Membri interessati oħra u lill-kunsilli konsultattivi rilevanti.

3.3.14 L-Istati Membri ser ikunu jistgħu jadottaw miżuri nazzjonali għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet tal-Unjoni bil-kundizzjoni li dawn japplikaw biss għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jew għall-attivitàjiet tas-sajd ta' persuni stabbiliti fit-territorju tal-Istat Membru, u sakemm ikunu kompatibbli mal-oġġettivi tal-PKS u ma jkunux inqas stretti minn dawk previsti fil-leġislażżjoni tal-UE.

3.3.15 Stat Membru jista' jadotta miżuri mhux diskriminatorji għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut u biex inaqas kemm jista' jkun l-effetti tas-sajd fit-12-il mil nawtiku mil-linja ta' bażi tiegħu, bil-kundizzjoni li l-Unjoni ma tkunx adottat miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni speċifiċi għal din iż-żona. Jekk dawn il-miżuri jistgħu jaffettwaw bastimenti tas-sajd ta' Stati Membri oħra, huma jistgħu jiġu adottati biss wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, l-Istati Membri affettwati u l-kunsilli konsultattivi interessati dwar l-abbozz tal-miżuri akkumpanjati minn spjegazzjoni tar-raġunijiet.

3.3.16 Il-KESE jemmen li, minkejja li l-miżuri jistgħu jkunu adegwati, il-proposta għal Regolament ma tinkludix mekkaniżmi ċari għad-deċentralizzazzjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u jemmen li għandhom jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet li ressaq fl-opinjoni reċenti tiegħu dwar "L-iżvilupp ta' żoni reġjonali għall-ġestjoni ta' stokkijiet tal-ħut u għall-kontroll tas-sajd".

#### 3.4 Access għar-riżorsi

3.4.1 Għal darb'oħra, il-possibbiltajiet tas-sajd allokat i lill-Istati Membri fil-proposta huma garantiti abbażi tas-sistema tal-qabdiet totali permissibbli (total allowable catches – TAC) u tas-sistema tal-kwoti, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-istabbiltà relattiva bejn l-Istati Membri.

3.4.2 Rigward l-istabbiltà relattiva, il-KESE jtenni dak li kien qal fl-opinjoni tiegħu dwar il-Green Paper u jinsisti fuq il-bżonn li dan il-kriterju jiġi aġġornat bil-għan li jqis it-tibdil li sar minn mindu nħoloq fl-1976. Il-bżonn li jiġi aġġornat huwa muri mill-fatt li l-Kummissjoni qed terġa' tipproponi li l-Istati Membri jkunu awtorizzati jiskambjaw uħud mill-possibbiltajiet jew il-possibbiltajiet kollha allokat i lilhom; dan hu sinjal ċar li l-istabbiltà relattiva stabbilita aktar minn 35 sena ilu m'għadhiex tgħodd u ma tirriflettix ir-realtà attwali tal-flotot tas-sajd u

taż-żoni li jiddependu ħafna mis-sajd. Il-KESE jqis ukoll li l-allokazzjoni ta' kwoti għadarba tiġi aġġornata l-istabbiltà relattiva m'għadhiex tkun ibbażata biss fuq il-qabdiet tal-passat iżda għandha tinkludi wkoll sensiela trasparenti ta' kriterji ambjentali, ekonomiċi u soċjali.

3.4.3 Il-proposta tipprevedi li qabel il-31 ta' Diċembru 2013, kull Stat Membru għandu jstabbilixxi sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għall-bastimenti tas-sajd kollha b'tul ta' 12-il metru jew aktar u għall-bastimenti tas-sajd kollha b'tul ta' inqas minn 12-il metru li jistadu b'irkaptu rmunkat. L-Istati Membri ser ikunu jistgħu jestendu s-sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli għall-bastimenti tas-sajd b'tul globali ta' inqas minn 12-il metru li jużaw irkaptu differenti mill-irkaptu rmunkat, u għandhom jinformat b'dan lill-Kummissjoni.

3.4.4 Il-Kumitat jemmen li t-test tal-proposta huwa konfuż u li l-Kummissjoni għandha tiċċara l-interpretazzjoni tiegħu, b'mod partikolari d-definizzjoni ta' "kriterji trasparenti u oġġettivi" għall-allokazzjoni tal-konċessjonijiet. Pereżempju, il-KESE jqis li dawk l-operaturi li ma jirrispettawx id-drittijiet tal-ħaddiema m'għandhomx ikunu eliġibbli. L-istabbiliment tal-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli jista' jirrappreżenta opportunità biex fis-settur tiġi ġeneralizzata konformità mal-istandards soċjali li jiggarantixxu xogħol ta' kwalità u sigur fil-qasam tas-sajd Ewropew u jiskoraġġixxu kwalunkwe kompetizzjoni mhux leali abbażi ta' spejjeż operattivi inferjuri.

3.4.5 Il-KESE huwa kontra l-privatizzazzjoni tar-riżorsi marittimi. Għal din ir-raġuni, iqis li mhux aċċettabbli li l-Kummissjoni tipproponi suq għat-trasferiment tad-drittijiet tas-sajd bejn l-intrapriżi privati għaliex, jekk jiġi ffaċilitat il-ħruġ ta' dawn l-intrapriżi mis-settur, tiżdied il-prekarjetà tal-ħaddiema. Id-drittijiet tas-sajd għandhom jiġu ġestiti biss mill-Istati Membri.

3.4.6 Il-konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli jistgħu jwasslu għal tnaqqis kwantitattiv tal-kapaċità iżda mhux għal tnaqqis kwalitattiv jew għat-tneħħija ta' dawk l-elementi tal-flotta li huma l-iktar ta' ħsara għall-ambjent, li huma l-inqas effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li huma żvantaġġużi mil-lat soċjali. Barra minn hekk, xi kultant id-drittijiet tas-sajd ġew ikkonċentrati f'idejn għadd żgħir ta' operaturi, xi wħud minn barra s-settur, li mbagħad jissottokuntrattaw is-sajd lil oħrajn, sikwit lill-istess nies li qabel kienu jistadu f'dawk l-ilmijiet.

3.4.7 Il-Kumitat jappoġġja l-proposta li jiġu stabbiliti sistemi ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli jekk is-sistemi ma jkunux obligatorji u jitħallew f'idejn l-Istati Membri biex japplikawhom fit-territorji individwali tagħhom, jekk ma jiġux applikati barra mill-ilmijiet tal-Unjoni u jekk l-għan ewlieni tagħhom ikun il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut abbażi ta' kriterji ambjentali, ekonomiċi u soċjali sostenibbli fit-tul.

3.4.8 Il-KESE għandu ċerti riżervi dwar l-applikazzjoni tas-sistema għall-flotta tas-sajd li topera fil-Mediterran, peress li fil-proposta tagħha l-Kummissjoni ma tispeċifikax kif se twettaqha.



3.4.9 Il-KESE jqis li għandu jiġi żgurat li t-trasferimenti tal-konċessjonijiet tas-sajd bejn l-Istati Membri jkollhom l-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti għaċ-ċittadini fl-istess Stat Membru. L-analiżi tal-effetti ta' din is-sistema fuq il-kompetittività u l-profittabbiltà tal-flotot tal-Istati Membri differenti għandha tagħti attenzjoni speċjali lil dawk li għandhom rata għolja ta' importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd.

### 3.5 *Ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd*

3.5.1 Fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta jintqal li waħda mill-problemi ewlenin tal-PKS hija l-kapaċità eċċessiva tal-flotot. Ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-obbligi tar-rappurtar skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2371/2002 jgħid li "l-Istati Membri kollha rrispettaw il-limiti legali tal-kapaċità tas-sajd" u li "ħafna Stati Membri għandhom flotot b'kapaċità taħt il-limiti massimi li huma intitolati għalihom. Il-medja ta' dan il-marġni huwa ta' 10 % ftunnellaġġ u 8 % f'qawwa."

3.5.2 Il-Kummissjoni żammet dawn il-limitazzjonijiet fil-proposta l-ġdida, li l-Artikolu 35 tagħha jistabbilixxi limiti massimi ta' kapaċità tas-sajd għall-flotot tal-Istati Membri mill-1 ta' Jannar 2013.

3.5.3 Il-Kumitat jemmen li, minkejja li l-Istati Membri jikkonformaw ma' dawn il-limiti massimi tal-kapaċità tas-sajd, il-Kummissjoni għandha tadattahom abbażi ta' kejl aktar preċiż tal-kapaċità tas-sajd li tinkludi l-qawwa u t-tunnellaġġ kif ukoll it-tip ta' rkaptu u karatteristiċi oħrajn tal-bastimenti, bil-għan li jiġu aġġustati għar-riżorsi disponibbli.

3.5.4 Barra minn hekk, il-KESE jqis li jkun interessanti ħafna li l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 36 dwar ir-"Reġistri tal-flotot tas-sajd" tinkludi s-sitwazzjoni tal-kapaċità tas-sajd meta mqabbla mar-riżorsi disponibbli.

### 3.6 *Bażi xjentifika għall-ġestjoni tas-sajd*

3.6.1 Il-bażi xjentifika għall-ġestjoni tas-sajd hija r-responsabbiltà sħiħa tal-Istati Membri, li jridu jiġbru d-data bijoloġika, teknika, ambjentali u soċjoekonomika għall-ġestjoni tas-sajd tagħhom abbażi tal-ekosistema.

3.6.2 Fir-rigward tal-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-ekosistema, il-Kumitat jemmen li hu fundamentali li l-ġbir tad-data jinkludi l-akbar ammont possibbli ta' data ambjentali u li l-provvista ta' data affidabbli f'waqtha għandha titqies fis-sistema tal-allokazzjoni tal-kwoti, u jekk dan ma jsirx, għandu jkun hemm is-sanzjonijiet.

3.6.3 Il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data ser isiru fil-qafas ta' programm multiannwali li jibda fl-2014. Sadanittant ser ikompli japplika r-Regolament (KE) Nru 199/2008 dwar il-programmi tal-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data.

3.6.4 L-Istati Membri ser jadottaw programmi nazzjonali ta' ġbir tad-data xjentifika, ta' riċerka u ta' innovazzjoni fil-qasam tas-sajd. Ser jinħatar korrispondent nazzjonali biex jikkoordina l-ġbir u l-ġestjoni tad-data xjentifika maħsuba għall-ġestjoni tas-sajd.

3.6.5 Il-KESE jappoġġja dan l-inkoraġġiment xjentifiku, u jemmen li l-programmi ta' riċerka għandhom jipprovaw isibu informazzjoni fuq dawk l-ispeċijiet li bħalissa għad m'hemmx data xjentifika dwarhom, u jaħseb li din l-attività għandha tinvolvi lill-kunsilli konsultattivi jew lil partijiet interessati oħra deċentralizzati.

### 3.7 *Politika esterna*

3.7.1 L-UE hi waħda mill-ftit potenzi kbar tas-sajd bi preżenza qawwija fl-ibħra u l-oċeani kollha tad-dinja minħabba l-attivitajiet tal-flotot tagħha, l-investimenti, il-ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi u l-parteċipazzjoni tagħha fl-organizzazzjonijiet reġjonali prinċipali tal-ġestjoni tas-sajd. Barra minn hekk, L-UE għandha settur tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni internazzjonalizzata ħafna.

3.7.2 L-UE hi wkoll wieħed mis-swieq il-kbar f'dak li hu konsum u importazzjoni ta' prodotti tas-sajd, u b'hekk għandha responsabbiltà kbira meta tiġi biex tidħol għall-impenn li tiggarantixxi l-ġestjoni sostenibbli tal-attivitajiet tas-sajd u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fid-dinja.

3.7.3 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li, fl-aġenda dinjija u multilaterali, L-UE għandha tippromovi s-sajd sostenibbli fid-dinja kollha filwaqt li żżomm il-prinċipju tas-sajd responsabbli, speċjalment f'termini ambjentali, iżda tinkludi wkoll l-aspetti soċjali u ekonomiċi. L-UE għandha tippromovi wkoll miżuri kummerċjali trasparenti u ġusti, għaliex il-politika kummerċjali tagħha għandha tkun koerenti mal-prinċipji tas-sajd responsabbli u sostenibbli.

3.7.4 Il-KESE jaqbel mal-prinċipji ġenerali mħabbra fil-proposta fir-rigward tal-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-sajd u l-ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli. F'dan ir-rigward għandhom jiġu inklużi wkoll l-intrapriżi Komunitarji tas-sajd li jinvestu fis-suq barrani li għandhom ikunu speċifikament koperti mil-liġi tal-UE. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jintalbu jinformaw lill-Kummissjoni b'kull arranġament bejn iċ-ċittadini tagħhom u pajjiżi terzi li jippermetti li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jistadu f'ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni jew is-sovranità ta' pajjiżi terzi. Billi r-riforma tad-dimensjoni esterna tal-PKS qed issir f'kuntast kumpless għas-settur tas-sajd kemm fl-UE kif ukoll f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, minħabba t-tnaqis fir-riżorsi tas-sajd, il-preżenza dejjem tikber ta' flotot oħra li joperaw fuq distanzi twal u minħabba l-impatt tat-tibdil fil-klima, L-UE għandha toħloq ambjent favorevoli għall-investment privat Ewropew f'attivitajiet tas-sajd sostenibbli fil-pajjiżi tal-AKP u b'hekk tiġġenera valur miżjud għoli u impjegji deċenti f'dawn il-pajjiżi billi tiżgura l-użu ta' standards esiġenti ta' ġestjoni.

3.7.5 Fil-fehma tal-KESE, il-preżenza tal-UE fil-korpi internazzjonali, speċjalment fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, għandha tipprova ttejjeb il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u tiggarrantixxi livell għoli ta' rispetttal-miżuri tal-ġestjoni tas-sajd mill-partijiet ikkonċernati kollha.

3.7.6 L-għan tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd attwalment fis-seħħ hu li l-bastimenti tal-UE jkunu jistgħu jistadu, f'ambjent regolat u legalment ċert, biex jaqdbu r-riżorsi żejda fiż-żoni ekonomiċi esklużivi ta' għadd ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni temmen li l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ għandhom isiru Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli (FSS) iffokati fuq il-konservazzjoni tar-riżorsi u s-sostenibbiltà ambjentali kif ukoll fuq it-titjib tal-governanza u l-effikaċja tal-appoġġ settorjali.

3.7.7 Il-KESE jqis li din l-orjentazzjoni ġdida hi neċessarja. Għalhekk, l-UE għandha tiżviluppa Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli maħsubin biex joħlqu ambjent adatt fit-tielet pajjiż fil-fażi tal-iżvilupp ikkonċernat għal attivitajiet sostenibbli mil-lat ambjentali, soċjali u ekonomiku, li jkunu bbażati fuq mekkaniżmu ta' djalogu parteċipattiv u trasparenti mal-partijiet interessati kollha biex iwettqu l-prijoritajiet ta' dan il-pajjiż għal żvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd tiegħu. Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli għandhom ikunu msejsa fuq pariri xjentifiċi validi u trasparenti, fuq evalwazzjonijiet tal-konsegwenzi soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' kull fehim, fuq kontribut akbar min-naħa ta' sidien il-bastimenti rigward l-ispiża tad-drittijiet tal-aċċess u fuq ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Il-KESE jemmen ukoll li r-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema għandu jidded mal-kriterji li jridu jiġu sodisfatti mill-intrapriżi li joperaw abbażi tal-FSS. Barra minn hekk, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jiġu appoġġjati sabiex itejbu l-kapaċità tagħhom li jwettqu riċerka u evalwazzjonijiet b'rabta mar-riżorsi marittimi li jinsabu fl-ilmijiet tagħhom. Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli ma' pajjiżi terzi, barra li jagħtu lill-flotta tal-UE aċċess għall-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp tas-sajd fil-pajjiżi terz stess billi joħlqu industriji ġodda fis-settur tas-sajd tiegħu li għandhom jippromovu s-sigurtà tal-provvista tal-ikel u aktar ekwità, billi jżidu l-attività fil-portijiet tal-istess pajjiż u, b'mod globali, billi jtejbu l-livell soċjali bis-saħħa tal-promozzjoni ta' impjiegi sostenibbli ġodda għaċ-ċittadini tiegħu. Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-governanza billi tapplika kriterji soċjali u ambjentali, u tistabbilixxi l-istrumenti meħtieġa kollha biex ikun hemm segwitu permanenti tal-applikazzjoni u r-rispett tal-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli. L-evalwazzjonijiet tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali fuq l-iżvilupp tas-sajd fil-pajjiżi terz ikkonċernat mill-ftehim dwar is-sajd għandhom jitwettqu u jsiru disponibbli pubblikament għall-partijiet interessati kollha sabiex il-partijiet interessati fl-UE u fil-pajjiżi tal-AKP affettwati jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod informat u fi djalogu.

3.7.8 Il-KESE jilqa' l-proposta li tiddaħħal klawżola ta' trasparenza fil-ftehimiet futuri dwar is-sajd sabiex jiġi żgurat li jkun magħruf l-isforz tas-sajd akkumulat (mill-flotot lokali u barranin kollha attivi fiż-żona ekonomika esklużiva rispettiva). It-tali klawżola, flimkien ma' għbir ta' data u riċerka mtejjba, ser tgħin fl-evalwazzjoni tal-livell ta' stokk żejded disponibbli. Il-KESE jqis

li hemm bżonn trasparenza ikbar fit-tħaddim tal-FSS fir-rigward tal-pubblikazzjoni tal-evalwazzjonijiet *ex ante* u *ex post*, li jinkludu data importanti, bħal pereżempju l-valur tal-qabdi tal-*jkunu saru* mill-flotot tal-UE fl-ilmijiet tal-AKP.

3.7.9 Madankollu, il-KESE hu inkwetat dwar uħud mill-proposti ppreżentati fil-Komunikazzjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS. B'mod partikolari, rigward il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli, il-Kumitat jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma ssemmix li dawn għandhom ikunu strumenti li jħarsu l-attività u l-impjeg tal-flotot tal-UE li joperaw fil-qafas ta' dawn il-ftehimiet, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi u r-rilevanza tagħhom fir-reġjuni li jiddependu ħafna mis-sajd. B'mod simili, ma jfihimx għaliex il-klawżola tal-esklużività ħraxet. Il-KESE jemmen li, għall-kuntrarju ta' dan, din il-klawżola għandha ssir aktar flessibbli bil-għan li f'każijiet eċċezzjonali tiffaċilita l-aċċess tal-flotta tal-UE għall-ilmijiet ta' pajjiżi terzi. Rigward il-ħlas marbut mal-aċċess għall-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, il-KESE jemmen li s-sidien tal-bastimenti tal-UE għandhom iħallsu ammont raġonevoli u proporzjonat li ma jkunx ta' ħsara għall-kompetittività tal-intrapriżi, u s-sitwazzjoni għandha tiġi analizzata fuq il-bażi ta' każ b'każ peress li l-kundizzjonijiet tas-sajd mhumiex l-istess fil-pajjiżi terzi kollha. Fl-aħħar, il-Kummissjoni ma ssemmix il-ħtieġa li jiġu negozjati kundizzjonijiet tekniċi adegwati li jippermettu użu massimu tal-possibbiltajiet tas-sajd.

3.7.10 Il-KESE jikkonferma li mingħajr dubju ta' xejn hemm bżonn li tiġi promossa l-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u li jingħaqdu l-isforzi li qed isiru fl-ivell dinji sabiex jieqaf għalkollox is-sajd illegali (is-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat) fl-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti kollha.

3.7.11 Il-Kumitat jemmen li l-flotot ta' pajjiżi terzi li jesportaw il-prodotti tagħhom lejn l-UE għandhom jintalbu jikkonformaw mal-istess kundizzjonijiet soċjali u ambjentali li jintalbu mill-flotta tal-UE.

3.7.12 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-proposta tinkludi paragrafu dwar il-konsistenza ma' politiki oħra tal-UE, u dan għandu jkopri l-qasam ambjentali, kummerċjali, iġjeniku u tas-saħħa, soċjali, tax-xogħol, tal-iżvilupp u tar-relazzjonijiet esterni.

### 3.8 L-akkwawultura

3.8.1 Il-KESE jfaħħar lill-Kummissjoni talli rrikonoxxiet id-dimensjoni komuni Ewropea tal-politika tal-akkwawultura u li ġew stabbiliti linji gwida strateġiċi mhux vinkolanti tal-UE dwar il-prijoritajiet u l-oġettivi komuni għall-iżvilupp tal-attivitajiet tal-akkwawultura. B'mod partikolari, ifaħħar il-proposta li l-Istati Membri jintalbu jħejju pjani strateġiċi nazzjonali multiannwali għat-territorju tagħhom minn issa sal-2014.

3.8.2 Il-KESE jqis li l-għan li jiġu definiti b'mod ċar l-indikaturi tas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali huwa importanti, speċjalment peress li l-akkwawultura għandha l-potenzjal li tikber fl-Unjoni Ewropea u qed tagħti kontribut kbir biex tiġi żgurata l-provvista.

3.8.3 Il-KESE jemmen li hu essenzjali li l-PKS riformata tintegra l-konklużjonijiet tal-Komunikazzjoni "Spinta Għida għall-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwawultura Ewropea" <sup>(5)</sup>, b'mod speċifiku rigward il-promozzjoni tal-kompetittività tal-intrapriżi, il-bini tas-sisien għat-*tkabbir sostenibbli* u *t-titjib tal-immagħni* u tal-governanza tas-settur.

3.8.4 F'dan ir-rigward, il-Kumitat jitlob li jinholq qafas amministrattiv flessibbli u żona legali unika għall-iżvilupp ta' settur tal-akkwawultura sostenibbli li jista' jgħin biex jinżammu l-istokkijiet tal-*ħut* u biex jinholq il-*għid fiż-żoni periferiċi mhux urbani*, u fl-istess waqt jinsisti fuq il-*bżonn li jiġi rispettata*, *ikkonservata* u *integrata l-ambjent lokali*.

3.8.5 Il-KESE jissuġġerixxi li r-Regolament futur jingħata t-titolu inklużiv ta' "Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd u tal-Akkwawultura".

### 3.9 Kontroll u infurzar

3.9.1 Il-konformità mar-regoli tal-*PKS* għandha tiġi żgurata permezz ta' sistema effikaċi għall-kontroll tas-sajd tal-Unjoni, li tinkludi l-*għieda kontra s-sajd illegali*, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

3.9.2 Il-KESE jaqbel mal-proposti tal-Kummissjoni rigward il-kontroll u l-*infurzar tar-regoli tal-*PKS**, għalkemm jemmen li għandha titwaqqaf bażi legali suffiċjenti sabiex min jiksirhom ma jkunx jista' jevita s-sanzjonijiet.

3.9.3 Fir-rigward tal-proposta li l-Istati Membri jistgħu jesigū li l-*bastimenti tas-sajd jagħtu kontribut proporzjonat għall-ispejjeż ta' applikazzjoni tas-sistema ta' kontroll*, il-Kumitat jemmen li *taxxa ta' dan it-tip tkun ta' ħsara kbira għall-bastimenti*, li diġà għandhom spejjeż kbar, f'termini materjali u umani, biex jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha relatati mal-kontroll stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

### 3.10 Strumenti finanzjarji

3.10.1 L-Unjoni tista' tagħti għajjnuna finanzjarja lill-Istati Membri u lill-operaturi biex jintlaħqu l-*għanijiet tal-*PKS**.

3.10.2 L-*għajjnuna finanzjarja* li tingħata lill-Istati Membri tista' titwaqqaf (*sospensjoni tal-*ħlasi**) jew titnaqqas permezz ta' *korrezzjoni finanzjarja*, jekk huma ma jirrispettawx l-*għanijiet tal-*PKS**. Dawn il-*miżuri għandhom ikunu proporzjonati man-natura*, il-*firxa*, id-*dewmien* u r-*ripetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità*.

3.10.3 L-*għajjnuna finanzjarja* li tingħata lill-operaturi tista' tiġi *projbita b'mod temporanju* jew *permanenti u/jew titnaqqas f'każ li jinkisru b'mod serju r-regoli tal-*PKS**. Dawn il-*miżuri*

għandhom ikunu proporzjonati man-natura, il-*firxa*, id-*dewmien* u r-*ripetizzjoni tal-ksur serju*. Il-Kumitat jilqa' din id-*dispożizzjoni* u jqis li għandha tiġi estiża għall-Istati Membri li ma japp-likawx ir-regoli tal-*PKS*.

3.10.4 Il-KESE jemmen li l-*istrument finanzjarju l-*għdid għandu jivvalorizza r-rwol tas-sajjeda fl-iżvilupp sostenibbli taż-żoni kostali**, anke permezz ta' *miżuri għall-protezzjoni kontra t-telf ta' impjiegi u għajjnuna għat-taħriġ u għar-rikonverżjoni lejn attivitajiet oħra bħall-akkwawultura*, l-*industrija tal-ipproċessar*, l-*attivitajiet ta' konservazzjoni jew it-trasport marittimu*.

3.10.5 Il-KESE, billi nnota li l-Kummissjoni ma inkludietx il-proposti finanzjarji tagħha fil-pakkett tar-riforma, jistedinha tagħmel dan mill-aktar fis sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni globali tal-*PKS* futura. Għalkemm fil-proposta dwar il-qafas finanzjarju multiannwali l-*allokazzjoni ta' EUR 6 700 miljun tibqa' sostanzjalment l-istess* <sup>(6)</sup>, mhux ċar kif dawn il-fondi ser jitqassmu bejn il-kapitolu tas-sajd u dak tal-*affarijiet marittimi*.

### 3.11 Kunsilli konsultattivi

3.11.1 Il-Komunikazzjoni tipproponi li jinħolqu kunsilli konsultattivi għal kull żona ta' kompetenza tas-sajd stabbilita fir-Regolament u wieħed għall-*akkwawultura*, bil-*għan li tiġi promossa r-rappreżentanza bilanċjata tal-partijiet interessati kollha u bħala kontribut biex jintlaħqu l-*għanijiet tal-*PKS***.

3.11.2 Dawn il-kunsilli jieħdu post il-kunsilli konsultattivi reġjonali tar-riforma tal-2003, u l-*funzjonijiet tagħhom huma li jippreżentaw rakkomandazzjonijiet*, *suġġerimenti u problemi lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat* dwar kwistjonijiet relatati mal-*għestjoni tas-sajd u l-akkwawultura*, li jikkontribwixxu, b'*kooperazzjoni mill-qrib max-xjenzjati* (li fil-fehma tal-KESE għandhom jipparteċipaw fil-*formazzjoni u l-operat tal-kunsilli*) għall-*għbir*, il-*provvista u l-analiżi tad-data meħtieġa* biex jifasslu *miżuri ta' konservazzjoni*, u li jippubblikaw rapporti u opinjonijiet dwar il-proposti għal *miżuri ta' għestjoni jew ta' organizzazzjoni li għalihom il-konsultazzjoni tagħhom tkun obligatorja*.

3.11.3 Il-Kumitat jemmen li l-proposta għal Regolament għandha tgħid b'mod aktar konkret x'inhi r-*"rappreżentanza bilanċjata tal-partijiet interessati kollha"* u tindika l-*parteċipazzjoni tal-atturi soċjali fil-livelli adegwati u skont id-drawwiet ta' kull Stat Membru*.

3.11.4 L-*għajjnuna finanzjarja tal-Unjoni u l-azzjoni tal-Istati Membri għandhom jappoġġjaw aktar lill-partijiet interessati tal-kunsilli konsultattivi*, b'mod partikolari s-sajd fuq skala żgħira.

<sup>(5)</sup> COM(2009) 162, opinjoni CESE 646/2010 tat-28 ta' April 2010 (ĠU C 18, 19.1.2011, p. 59-63.)

<sup>(6)</sup> COM(2011) 500, 29.6.2011, Baġit għall-Ewropa 2020, Parti II, p. 88.

3.11.5 Il-KESE huwa sorpriż li fil-proposta l-Kummissjoni ma ssemmix ir-rwol tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sajd u l-Akkwakultura tal-UE u huwa preokkupat dwar il-possibbiltà li jitnehew il-gruppi ta' ħidma transversali li jindirizzaw il-kwistjonijiet relatati mas-suq, il-politika kummerċjali u temi ġenerali. Il-kunsilli konsultattivi, fosthom dak tal-akkwakultura, mhumiex forums intersettorjali li jindirizzaw b'mod konġunt il-kwistjonijiet komuni tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-ipproċessar.

### 3.12 *Id-dimensjoni soċjali u s-sajd fuq skala żgħira*

3.12.1 Il-KESE jemmen li jeżistu xi nuqqasijiet fil-proposta tal-Kummissjoni li għandhom jiġu indirizzati, b'mod partikolari n-nuqqas tad-dimensjoni soċjali u n-nuqqas ta' definizzjoni adegwata tas-sajd kostali fuq skala żgħira u s-sajd tal-frott tal-baħar.

3.12.2 Skont il-Eurostat, bejn l-2001 u l-2010 n-numru ta' sajjieda naqas b'20 % u niżel għal 203 200 sajjied, li minnhom 40 % biss jaħdmu għal rashom. Is-settur kollu kien jimpjega ħames miljun persuna fl-2005. Fil-fehma tal-KESE, id-dimensjoni soċjoekonomika tas-sostenibbiltà għandha tingħata attenzjoni daqs id-dimensjoni ambjentali.

3.12.3 Hekk kif jingħad fl-opinjoni dwar il-Green Paper, il-KESE jemmen li l-Kummissjoni ma tikkunsidrax biżżejjed l-aspetti soċjali tal-PKS. Għaldaqstant, itenni dak li diġà qal f'din l-opinjoni, b'mod partikolari rigward in-nuqqas ta' rikonossiment sistematiku tal-kwalifiki professjonali bejn l-Istati Membri, il-ħtieġa li tinġabar data statistika armonizzata dwar l-inċidenti u l-kawżi tagħhom – li bħalissa ma teżistix fil-livell tal-UE – u l-bżonn urġenti li jerġa' jiġi vvalorizzat is-settur filwaqt li jiġu garantiti livelli deċenti ta' remunerazzjoni.

3.12.4 Il-KESE ma jemminx li r-riforma li qed issir bħalissa ser issolvi l-problemi tal-impjeg li jaffettwaw lill-ħaddiema tas-settur u, għalhekk, jipproponi li jiddaħħlu miżuri ta' akkumpanjament ta' natura soċjoekonomika (diversifikazzjoni tal-attivitàjiet, rikonverżjoni professjonali, taħriġ u sikurezza għall-ħaddiema tas-settur) biex itaffu l-impatt tal-proċess ta' riforma, bil-parteċipazzjoni massima tal-atturi istituzzjonali, ekonomiċi u soċjali.

3.12.5 L-aspetti soċjali għandhom jitqiesu fil-fażijiet kollha tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (produzzjoni, proċessar u kummerċjalizzazzjoni), bi proposti konkreti sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol.

3.12.6 Rigward il-flotta kostali fuq skala żgħira, il-Kummissjoni żżomm id-definizzjoni attwali ta' bastimenti b'tul ta' inqas minn 12-il metru, minbarra l-bastimenti li jużaw irkaptu rmunkat. Il-Kumitat jemmen li din id-definizzjoni ma tqisx ir-realtà tal-flotta fuq skala żgħira fl-Istati Membri differenti u tistabbilixxi kriterju arbitrarju wieħed li jista' joħloq sitwazzjonijiet diskriminatorji. Għaldaqstant, il-KESE jitlob li minbarra d-daqs

ikun hemm kriterji oħrajn li jkunu jistgħu jintużaw biex jillimitaw dan it-tip ta' sajd diversifikat ħafna, bħal pereżempju ż-żmien li l-bastimenti jgħaddu fl-ibħra miftuħa, id-distanza mill-kosta u r-rabtiet mal-komunitajiet lokali. Skont il-Kumitat, definizzjoni ta' dan il-kunċett fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali hi aktar adatta mill-kriterju uniformi impost fil-livell Komunitarju li jassimila parti enormi mill-flotta fuq skala żgħira masajd industrijali.

3.12.7 Barra minn hekk, il-KESE jemmen li d-definizzjoni tas-sajd fuq skala żgħira għandha tinkludi lill-operaturi tan-nases tat-tonn u tagħtihom l-istess drittijiet u obbligi li għandhom il-bqija tal-flotot fuq skala żgħira.

3.13 Il-KESE jinnota li l-proposta għal Regolament tagħti lill-Kummissjoni setgħat wisgħin biex tadotta l-atti delegati. Madankollu, billi l-adozzjoni ta' dawn is-setgħat min-naħa tal-Kummissjoni għandha tiġi notifikata fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tista' titħassar minn wieħed minnhom, il-KESE jemmen li jeżistu salvagwardji għall-applikazzjoni tagħha.

## 4. **Analiżi tal-proposta għal riforma tal-OKS u l-kummenti tal-Kumitat**

### 4.1 *Introduzzjoni*

4.1.1 L-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, li ser tiġi applikata għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura mniżżlin fl-anness tar-Regolament li jiġu kummerċjalizzati fl-UE, ser tikkontribwixxi biex jinkisbu l-għanijiet tal-OKS u ser tkun irregolata mill-prinċipji ta' governanza tajba stabbiliti fl-istess politika.

4.1.2 Kif jingħad fil-punt 2.2.2, hi ser ikollha l-istrumenti li ġejjin: organizzazzjonijiet professjonali, standards tal-kummerċjalizzazzjoni, informazzjoni għall-konsumatur, regoli dwar il-kompetizzjoni u tagħrif dwar is-swieq.

4.1.3 Il-KESE jappoġġja l-oġġettivi u l-prinċipji li ser jirregolaw ir-Regolament il-ġdid dwar l-OKS.

### 4.2 *Organizzazzjonijiet professjonali*

4.2.1 L-organizzazzjonijiet tal-produtturi tas-sajd ser jiġu stabbiliti bħala gruppi mwaqqfa fuq l-inizjattiva proprja tal-produtturi ta' prodotti tas-sajd fi Stat Membru wieħed jew aktar u ser jiġu rikonossuti b'konformità mal-proposta għal Regolament.

4.2.2 Minkejja r-rwol ewlieni tagħhom fl-implimentazzjoni tal-OKS, l-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi kien limitat kemm minħabba l-kompleksità tal-OKS stess kif ukoll, u fuq kolloxx, minħabba d-diffikultajiet tal-kummerċjalizzazzjoni f'kuntast fejn ir-regoli dwar il-kompetizzjoni jimpedixxu lill-produtturi li jlaħħqu mad-distributturi l-kbar u fejn hija permessa l-importazzjoni rħisa ta' ħut u frott tal-baħar li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti bażiċi tas-sikurezza tal-ikel, bħat-traċċabilità sħiħa "mill-ilma sal-mejda".



4.2.3 Il-KESE jitlob li jiġu ssemplifikati r-regoli burokratiċi u amministrattivi, b'mod partikolari jekk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jridu jindirizzaw il-kwistjoni tal-qabdi mhux mixtieqa li ser toħloq il-projbizzjoni tal-iskartar tal-ħut. Barra minn hekk, jitlob li tiġi riveduta l-politika tal-kompetizzjoni b'tali mod li tippermetti lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jiffokaw il-provvista tagħhom, li bħalissa hi frammentata wisq, b'mod effikaċi mil-lat operattiv u sigur mil-lat legali. B'mod speċjali, għandha tissaħħa l-integrazzjoni tas-sajjieda fuq skala żgħira.

4.2.4 Ser ikunu jistgħu jiġu stabbiliti organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-akkwakultura bħala gruppi mwaqfa fuq l-inizjattiva proprja tal-produtturi fis-settur tal-akkwakultura fi Stat Membru wieħed jew aktar u ser ikunu rikonoxxuti b'konformità mal-proposta għal Regolament.

4.2.5 Minkejja d-diffikultajiet imsemmijin, il-Kumitat jappoġġja l-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tas-sajd u f'dak tal-akkwakultura għaliex dawn s'issa taw impuls kbir lill-PKS.

4.2.6 Ser ikunu jistgħu jiġu stabbiliti wkoll organizzazzjonijiet interprofessjonali bħala gruppi mwaqfa fuq l-inizjattiva proprja tal-operaturi fis-settur tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura fi Stat Membru wieħed jew aktar u ser ikunu rikonoxxuti b'konformità mal-proposta għal Regolament.

4.2.7 Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-possibbiltà li jinħolqu organizzazzjonijiet interprofessjonali li jirrappreżentaw parti sinifikanti ta' mill-inqas tnejn mill-attivitajiet li ġejjin: produzzjoni, proċessar jew kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura. Għalkemm huma projbiti milli jwettqu b'mod dirett attivitajiet ta' produzzjoni, proċessar jew kummerċjalizzazzjoni, l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jistgħu, minbarra l-miżuri mfassla fil-proposta, jgħinu biex jiddiversifikaw il-prodotti tas-sajd fi swieq differenti u jteju l-profittabbiltà f'kull fażi tal-katina tas-sajd u l-akkwakultura.

4.2.8 Il-KESE jappoġġja l-oġġettivi tal-organizzazzjonijiet interprofessjonali u l-miżuri li jistgħu jadottaw, għalkemm jonqos artikolu dwar il-finanzjament ta' dan it-tip ta' organizzazzjonijiet.

#### 4.3 Estensjoni tar-regoli

4.3.1 L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li r-regoli stabbiliti fi ħdan organizzazzjoni tal-produtturi jew fi ħdan organizzazzjoni interprofessjonali jkun vinkolanti, taħt ċerti kundizzjonijiet, għall-produtturi u l-operaturi li ma jkunux membri tal-organizzazzjoni inkwistjoni, u li dawn l-istess produtturi u operaturi jridu jħallsu lill-organizzazzjoni tal-produtturi jew lill-organizzazzjoni interprofessjonali l-ammont kollu, jew parti minnu, li jħallsu l-membri tal-organizzazzjoni.

4.3.2 Il-KESE jemmen li din il-proposta tista' ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni tas-swieq.

#### 4.4 Stabbilizzazzjoni tas-swieq

4.4.1 L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jiffinanzjaw il-ħżin ta' ċerti prodotti tas-sajd sabiex iżommu l-istabbiltà tas-swieq, dejjem jekk jirrispettaw għadd ta' kundizzjonijiet.

4.4.2 Il-KESE jqis li dan il-mekkaniżmu hu adegwat. Però jemmen li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandu jkollhom ukoll l-awtonomija li jiddeċiedu liema speċijiet jistgħu jagħmlu parti minn dan il-mekkaniżmu. Mill-banda l-oħra, jemmen li l-prodotti tal-akkwakultura għandu jkollhom prezzijiet ta' referenza kif qed jiġi propost li jsir għall-prodotti tas-sajd. Flimkien ma' dawn il-prezzijiet ta' referenza għandu jkun hemm mekkaniżmi ta' intervent li jkun effettivi u adattati għall-karatteristiċi tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

4.4.3 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-settur biex ifittxu mekkaniżmi aktar flessibbli u effikaċi sabiex jibbilanċjaw il-provvista u d-domanda tal-prodotti tal-baħar. Il-miżuri ta' koordinazzjoni u ftehim fi ħdan l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jistgħu jkun punt tat-tluq tajjeb f'dan ir-rigward.

#### 4.5 Informazzjoni għall-konsumatur

4.5.1 Il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li jiġu kkummerċjalizzati fl-UE, inklużi l-importazzjonijiet, imniżżlin f'anness tal-proposta għal Regolament, jistgħu jiġu offruti għall-bejgħ lill-konsumatur finali biss meta jiġu mmarkati jew ittikkettati b'informazzjoni obbligatorja minima: l-indikazzjoni kummerċjali, il-metodu ta' produzzjoni, iż-żona fejn il-prodott inqabad jew trabba, id-data meta nqabad jew inħasad u jekk il-prodott hux frisk jew kiex iddifrostjat. Il-ħut preparat jew preservat, il-kavjar u s-sostituti tiegħu, il-krustaċi, il-molluski u l-invertebrati akkwatiċi l-oħra, preparati jew preservati, biss jistgħu jinbiegħu jekk jiġu mmarkati jew ittikkettati bl-informazzjoni mitluba fl-ewwel tliet kundizzjonijiet li huma obbligati jissodisfaw il-bqija tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, jiġifieri l-indikazzjoni kummerċjali, il-metodu ta' produzzjoni u ż-żona fejn il-prodott inqabad jew trabba.

4.5.2 Il-proposta dwar l-informazzjoni għall-konsumatur tintroduċi, minn naħa, rekwiżiti ġodda (sew għall-prodotti tal-Kapitolu 3 u sew għal dawk tal-Kapitolu 16 imniżżlin fl-Anness II dwar id-deskrizzjoni tal-prodotti) li ma jinsabux fil-leġislazzjoni attwali dwar l-OKS u, minn naħa oħra, testendi dawn il-miżuri għall-importazzjonijiet.

4.5.3 Il-KESE jemmen li l-esiġenza ta' dispożizzjonijiet ġodda dwar l-informazzjoni għall-konsumatur hija pożittiva, però tirrikjedi analiżi dettaljata ħafna li tqis il-karatteristiċi speċifiċi tal-forom differenti ta' preżentazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

4.5.4 Dawn ir-rekwiżiti l-ġodda għandhom verament jikkorrispondu ma' elementi pożittivi li huma ta' valur reali għall-konsumatur, m'għandhomx joħolqu konfużjoni bejn it-tikketta u t-traċċabilità, m'għandhomx joħolqu ostakli tekniċi għall-produtturi u għandhom ikunu konformi mar-riformi reċenti tar-Regolament (UE) 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi<sup>(7)</sup> u tar-Regolament (KE) 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>(8)</sup>.

<sup>(7)</sup> ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18-63.

<sup>(8)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

4.5.5 Għaldaqstant, il-KESE jemmen li qabel ma jiġu inkorporati rekwiżiti ġodda dwar it-tikketti, il-Kummissjoni għandha twettaq studju tal-impatt li janalizza l-vijabilità, l-applikabilità u s-siwi tagħhom għall-konsumatur.

4.5.6 B'risposta għad-domandi biex tiżdied it-trasparenza, il-proposta tikkunsidra l-possibbiltà li tingħata wkoll, b'mod volontarju u mingħajr ma jonqos l-ispazju tal-informazzjoni obbligatorja, informazzjoni ambjentali, etika jew soċjali, dwar it-tekniki ta' produzzjoni u dwar il-kontenut nutrittiv tal-prodott. Il-KESE jikkunsidra li kwalunkwe proposta ta' informazzjoni volontarja għandha tkun ibbażata fuq standards minimi regolati li jevitaw li din l-informazzjoni twassal għall-konfużjoni tal-konsumatur jew għad-distorsjoni tas-suq.

4.5.7 Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ il-kontroll tar-regoli dwar it-traċċabilità tal-prodotti tal-baħar bħala mod biex tissaħħaħ l-identifikazzjoni tal-oriġini tal-prodotti maqbuda jew imrobbija u biex tiżdied il-garanzija li jiġu rispettati r-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel matul l-istadji kollha tal-katina tas-sajd u l-akkwakultura fil-fażijiet differenti tagħha: produzzjoni, proċessar u kummerċjalizzazzjoni.

4.5.8 Sabiex tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta fis-suq tal-UE, il-KESE jitlob li l-prodotti importati jkunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet iġjeniċi, tas-saħħa u tal-kontroll li huma applikati għall-prodotti Komunitarji, inkluża t-traċċabilità sħiħa "mill-ilma sal-mejda", u jitlob li l-kontrolli – kemm fil-fruntiera kif ukoll fl-oriġini – ikunu komprensivi b'tali mod li jiggarran-tixxu r-rispett adegwat ta' dawn ir-regoli li jikkontribwixxu

għas-sikurezza tal-ikel. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jaħseb li d-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jistabbilixxu approċċ koerenti.

4.5.9 Fil-fehma tal-Kumitat għandha tiġi studjata l-possibbiltà li l-armonizzazzjoni tal-kriterji produttivi tiġi estiża għall-qasam soċjoprofessionali u r-rispett tas-sostenibbiltà ambjentali. F'dan ir-rigward, jipproponi li qabel jiġu konklużi ftehimiet kummerċjali bejn l-UE u pajjiżi terzi, jiġu analizzati l-kamp ta' applikazzjoni u l-konsegwenzi soċjali u ambjentali tal-istess ftehimiet u li kull tant żmien isir segwitu fil-fond tar-riżultati tagħhom, bil-għan li ma ssirx ħsara lill-kompetittività tas-settur Ewropew tas-sajd, tal-frott tal-baħar u tal-akkwakultura u l-katina tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-ipproċessar tiegħu.

#### 4.6 Tagħrif dwar is-swieq

4.6.1 Il-proposta tipprevedi li l-Kummissjoni twettaq sensiela ta' azzjonijiet bil-għan li tinforma lid-diversi atturi involuti fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura dwar is-sitwazzjoni u l-evoluzzjoni tiegħu, filwaqt li tqis il-kuntest internazzjonali, tissorvelja l-katina tal-provvista, tanalizza t-tendenzi tas-suq u twettaq studji *ad hoc* dwar il-formazzjoni tal-prezzijiet. Il-KESE jilqa' din il-proposta.

#### 4.7 Eżerċizzju tad-delega

4.7.1 Il-KESE jaqbel mad-delega tas-setgħat li jingħataw lill-Kummissjoni, billi dawn kollha jirreferu għall-kontroll u r-rispett effikaċi tal-proposta għal Regolament dwar l-OKS.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta’ bastimenti”**

COM(2011) 798 finali – 2011/0364 (COD)

(2012/C 181/34)

Relatur: **is-Sur ESPUNY MOYANO**

Nhar it-30 ta’ Novembru 2011 u nhar it-13 ta’ Diċembru 2011, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta’ bastimenti*

COM(2011) 798 final – 2011/0364 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar l-14 ta’ Marzu 2012.

Matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu li saret fit-28 u d-29 ta’ Marzu 2012 (seduta tat-28 ta’ Marzu), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b’103 voti favur, 30 vot kontra u 22 astensjoni.

## 1. Konklużjonijiet

1.1 Il-Kumitat jikkundanna bil-qawwa l-prattika tal-*finning* minn kwalunkwe flotta fid-dinja.

1.2 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-eliminazzjoni tal-permessi temporanji u l-applikazzjoni tal-politika “tax-xewka li ma tinqatax minn mal-ġisem tal-ħuta” jiggarrantixxu li l-*finning* ma jiġix prattikat fl-UE. Madankollu, il-Kumitat huwa inkwetat dwar il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali ta’ dawn il-miżuri, u għalhekk jemmen li għandhom jinsabu metodi oħra li jiżguraw il-konformità mal-projbizzjoni tal-*finning* mingħajr ma jiġu affettwati b’mod serju l-profittabbiltà tal-intrapriżi u s-sikurezza tal-ekwipaġġi, minkejja li dawn l-alternattivi mhux ser jeliminaw il-problemi ta’ monitoraġġ u infurzar li ġew dokumentati mill-Kummissjoni.

1.3 Il-KESE jissuġġerixxi l-miżuri alternattivi li ġejjin:

1.3.1 L-obbligu li l-iġsma u x-xewk jiġu żbarkati fl-istess port;

1.3.2 L-eliminazzjoni tal-permessi speċjali għall-bastimenti tas-sajd ta’ ħut frisk;

1.3.3 L-awtorizzazzjoni tal-permessi speċjali għall-bastimenti bil-friża, bil-kundizzjoni li jużaw mekkaniżmu ta’ traċċabilità li jiżgura l-korrelazzjoni bejn l-iġsma u x-xewk li jiġu żbarkati;

1.3.4 L-introduzzjoni f’kull organizzazzjoni reġjonali tas-sajd ta’ programm ta’ dokument statistiku għall-kummerċ tax-xewk tal-klieb il-baħar.

1.4 Il-Kumitat jirrakkomanda li l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd kollha jadottaw pjani ta’ ġestjoni tal-qbid tal-klieb

il-baħar li jstabbilixxu, fost affarijiet oħra, miżuri biex jillimitaw l-isforz tas-sajd, żoni/staġuni magħluqin għas-sajd u l-projbizzjoni tat-trasbord fl-ibħra miftuħa.

1.5 Il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tagħmel dak kollu li hu possibbli biex tiżgura kemm il-konformità mal-projbizzjoni tal-*finning* mill-flotot ta’ pajjiżi terzi fejn din il-prattika kundannabbli għadha tippersisti kif ukoll il-konformità mal-obbligi li tingħata data affidabbli dwar il-qbid ta’ dawn l-ispeċijiet mill-flotta ta’ pajjiżi terzi fi ħdan l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd.

1.6 Il-KESE jitlob li l-Kummissjoni Ewropea tiggarrantixxi bil-miktub li l-proċedura biex tinqata’ kompletament ix-xewka fil-pajjiżi terzi tal-iżbark ser titqies bħala “qtugħ sempliċi”, u għalhekk ma tinbidilx l-oriġini tal-prodott.

## 2. Introduzzjoni

2.1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta’ bastimenti<sup>(1)</sup> jstabbilixxi projbizzjoni ġenerali għall-prattika tat-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar u r-rimi lura fil-baħar tal-bqija tal-kelb il-baħar, prattika magħrufa bħala *finning*.

2.2 Barra minn hekk, ir-Regolament jawtorizza lill-Istati Membri biex joħroġu permessi speċjali għas-sajd, li permezz tagħhom it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar tista’ ssir abbord, mingħajr ma jintrema lura l-baħar il-bqija tal-ġisem tal-ħuta. Sabiex tiġi garantita l-korrispondenza bejn il-piż tax-xewk u dak tal-iġsma, ġie stabbilit proporzjon (ratio) tal-piż tax-xewk mal-piż ħaj.

2.3 Il-Kummissjoni tqis li l-ħruġ ta’ dawn il-permessi speċjali ma jiggarrantix il-kontroll tal-*finning* u, għalhekk, minn banda tipproponi li jiġu eliminati dawn il-permessi u, mill-banda l-oħra, tipproponi li jingħata permess biex tinqata’ parti mix-xewka tal-klieb il-baħar u tintlewa lejn il-karkassa.

<sup>(1)</sup> ĠU L 167, 4.7.2003, p. 2 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 04 Volum 06, p. 27-29).

### 3. Kummenti ġenerali

3.1 Il-Kumitat jikkundanna bil-qawwa l-prattika tal-*finning* minn kwalunkwe flotta fid-dinja.

3.2 Il-KESE jinnota li bosta xjenzjati, Stati Membri, NGOs u s-settur tas-sajd huma tal-fehma li m'hemmx provi li fl-UE jeżisti l-*finning* (?). Però huwa ċert li din il-prattika teżisti f'pajjiżi barra mill-UE.

3.3 Il-Kumitat jemmen li huwa importanti li wieħed ikun konxju tal-attività tal-flotta tas-sajd bil-konzizzjiet tal-wiċċ li taqbad il-klieb il-baħar pelaġiċi u li, sal-lum, użat il-permessi speċjali għas-sajd, sabiex wieħed ikun jista' jifhem għaliex hemm bżonn li dawn il-permessi jinżammu.

3.3.1 Il-flotta Komunitarja tas-sajd bil-konzizzjiet tal-wiċċ li taqbad il-klieb il-baħar hi magħmula minn madwar 200 bastiment (?). Kull bastiment jeħtieġ bejn 12 u 15-il membru tal-ekwipaġġ abbord.

3.3.2 Dawn il-bastimenti huma ddedikati, primarjament, għas-sajd tal-pixxispad u jaqbd u wkoll żewġ speċijiet ta' klieb il-baħar pelaġiċi: il-*ħuta* kaħla (*Prionace glauca*) tirrappreżenta madwar 87 % u l-*pixxitondu* (*Isurus oxyrinchus*) madwar 10 % tal-qabdi totali tal-klieb il-baħar pelaġiċi. Iż-żewġ speċijiet huma komuni ħafna fis-sistema epipelagika tal-oċeani u huma ġeografikament mifruxa sew fl-oċean Atlantiku, f'dak Indjan u f'dak Paċifiku. Skont l-aktar evalwazzjonijiet reċenti tal-ICCAT, l-istokkijiet tal-*Prionace glauca* u tal-*Isurus oxyrinchus* jinsabu f'sitwazzjoni tajba f'termini bijoloġiċi u mil-lat tar-rati ta' esplotazzjoni. Il-bijomassa rispettiva tagħhom hija ogħla jew qrib ir-rendiment massimu sostenibbli.

3.3.3 Il-preżentazzjoni tax-xewk għall-ewwel bejgħ mill-flotta tal-UE, bl-użu sħiħ tiegħu, hija diffrenti minn dik ta' xi flotot oħra f'pajjiżi oċċidentali mhux tal-UE fejn tintuża biss parti mix-xewk jew fejn ix-xewk jintrema.

3.3.4 Għandha ssir distinzjoni bejn l-attività tal-bastimenti tas-sajd ta' ħut frisk u dik tal-bastimenti mgħammra bil-friża:

3.3.4.1 Bastimenti tal-ħut frisk jew imħallat (bastimenti bil-friża b'qabda okkażżjonali friska): dawn joperaw fl-Atlantiku u normalment jidħlu fil-port ta' Vigo jew f'portijiet Komunitarji oħra bix-xewka mhux imneħħija minn mal-kumpliment tal-ġisem. Is-sajda normalment iddum aktar minn xahar.

3.3.4.2 Bastimenti bil-friża: dawn joperaw fl-Oċean Atlantiku, f'dak Indjan u f'dak Paċifiku u s-sajd tagħhom normalment idumu mill-inqas tliet xhur. Fuq dawn il-bastimenti, wara li jinqabad il-kelb il-baħar, dan tinqatagħlu rasu, jitnaddaf u

(?) Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1185/2003, tat-23.12.2005 (COM(2005)700); Rapport fuq inizjattiva tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew, INI/2054/2006; Pożizzjoni tal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għas-Sajd fuq l-Ibħra Miftuħa (LDRAC, Long Distance Fleet Regional Advisory Council) fir-rigward tal-konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-klieb il-baħar u Minuti tal-LDRAC tal-laqgħa konġunta dwar il-konsultazzjoni pubblika fuq it-tibdil tar-Regolament dwar it-tneħħija tax-xewka tal-kelb il-baħar, 18.2.2011.

(?) Dan ma jinkludix il-bastimenti tal-Mediterran, li m'għandhomx bżonn permessi speċjali.

jibda l-qtugħ tax-xewk kollu. Il-partijiet kollha jinħaslu b'ħafna ilma u jiddaħħlu fit-tunnel tal-iffriżar. Il-fwied jitqiegħed f'borża u wara f'kaxxa tal-plastik. Meta jitlestha l-proċess tal-iffriżar, l-iġsma jiġu pakkjati, l-ewwel fraffji tal-plastik u, wara, f'xoqqa tal-qoton (sabiex il-prodott ikun protett u ta' kwalità ogħla). Ix-xewk u l-fwied jitqiegħdu f'kaxxi. Qabel ma l-prodotti jinħażnu fl-istiva tal-bastiment, titpoġġa tikketta fuq il-partijiet kollha fejn jiġi indikat it-tip ta' prodott, il-preżentazzjoni u ż-żona ta' fejn inqabad. Il-qabdi normalment jidħlu fil-port ta' Vigo jew f'portijiet Komunitarji oħra u f'portijiet barranin:

— Atlantiku tat-Tramuntana: Cape Verde (Praia), Azores (Horta), il-Gżejjer Kanarji (Las Palmas).

— Atlantiku tan-Nofsinhar: l-Urugwaj (Montevideo), in-Namibja (Walvis Bay), l-Afrika t'Isfel (Cape Town).

— Oċean Indjan: l-Afrika t'Isfel (Durban), il-Mawrizju (Port Louis), l-Indoneżja (Ġakarta).

— Oċean Paċifiku: il-Perù (Callao, Chimbote, Puerto Pisco), Panama (Vacamonte), in-New Zealand (Napier), il-Polineżja Franċiża (Papeete – Tahiti).

3.3.5 Normalment, l-iġsma u x-xewk jiġu żbarkati fl-istess portijiet. Min-naħa l-oħra, il-kummerċjalizzazzjoni tax-xewk u dak tal-iġsma jieħdu toroq differenti. Dan ifisser li l-iġsma, meta jiġu żbarkati, jintbagħtu Vigo jew l-Amerika t'Isfel (l-aktar il-Brażil, il-Perù u l-Kolombja). Dawk li jintbagħtu Vigo normalment jinbiegħu fl-Italja, il-Greċja, ir-Rumanija, l-Ukraina, il-Polonja, ir-Russja, il-Portugall, l-Andalusija u l-Amerika t'Isfel. Ix-xewk, min-naħa l-oħra, normalment jintbagħat Vigo u, wara, il-Ġappun, Hong Kong, iċ-Ċina, Kalifornja, eċċ., jew jintbagħat direttament f'dawn il-pajjiżi mill-post fejn ikun ġie żbarkat.

3.3.6 Fir-rigward tal-prezzijiet, l-iġsma tal-klieb il-baħar normalment jinbiegħu mal-ewwel bejgħ għal prezz medju ta' bejn EUR 0,50 u EUR 2 kull kilo; u x-xewk tal-ħuta kaħla u tal-pixxitondu jinbiegħ mal-ewwel bejgħ għall-prezz ta' bejn EUR 10 u EUR 15-il kull kilo.

3.3.7 Illum il-ġurnata, id-dħul għas-sidien tal-bastimenti mill-bejgħ tal-iġsma jammonta għal madwar 55 % tad-dħul kollu, filwaqt li mill-bejgħ tax-xewk idaħħlu l fuq minn 45 % tal-istess dħul.

3.3.8 F'termini nutrittivi, il-kelb il-baħar, li ma fihx xewk (bones), għandu madwar 130 kalorija għal kull 100 gramma. Għandu laħam medjament xaħmi – 4,5 grammi għal kull 100 gramma – u rikk ħafna fi proteini ta' kwalità li fihom l-amminoaċidi essenzjali kollha – 21 gramma għal kull 100 gramma. Fil-parti l-kbira, ix-xaħam tiegħu mhux saturat, u għalhekk il-konsum tiegħu huwa adegwat f'dieti ta' prevenzjoni u trattament ta' mard kardjovaskulari, jekk jissajjar b'xaħmijiet adegwati bħaż-żejt taż-żebuga jew taż-żerriegħa. Huwa faċli biex tidderieħ u fih inqas vitamini tal-grupp B minn ħut ieħor, iżda fih ħafna vitamini liposolubbli A u E. Minn fost il-minerali li fih, jispikkaw il-fosfru, il-potassju, il-manjeżju u l-ħadid.



3.3.9 Fil-preżent isir użu sħiħ mill-kelb il-baħar b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-FAO. Minbarra l-ġisem u x-xewka, il-fwied jintuża fl-industrija farmakoloġika u f'dik tal-kożmetiċi billi tiġi estratta l-vitamina A, u l-iskwalen (squalene) u l-ġilda jintużaw għall-manifattura ta' oġġetti tal-ġilda.

3.4 Il-Kumitat jemmen li huwa utli li wieħed ikun jaf għaliex il-flotta Ewropea għandha bżonn il-permessi speċjali:

3.4.1 Għas-sikurezza. Ix-xewka li tibqa' mwaħħla, meta l-annimal huwa ffriżat, tkun taqta' daqs sikkina, u għalhekk l-immaniġġjar tagħha abbord bastiment kontinwament jiċċaqlaq hu ta' riskju serju għall-ekwipaġġ matul il-proċess tal-immaniġġjar u l-iżbark.

3.4.2 Għall-kwalità. Il-ħżin tax-xewk imwaħħal b'mod naturali mal-ġisem jiddeterjora l-kwalità tal-qabdiet, kemm tax-xewk u kemm tal-iġsma, minħabba l-brix u l-qtuġh bejn il-ħutiet. Il-prodott maqbud frisk u ffriżat joffri kwalità għolja f'termini nutrittivi u f'termini iġjeniċi u tas-saħħa. Il-qtuġh tax-xewka qabel l-iffriżar tal-ġisem jiżgura li fl-ebda mument ma tinkiser il-katina tal-kesħa.

3.4.3 Għall-użu tal-ispazju. Il-ħżin tal-iġsma u tax-xewk b'mod separat (jew fl-ispazji li jħallu l-iġsma meta jiġu stivati) jippermetti użu aħjar tal-ispazju disponibbli fl-istiva, u tiżdied, għaldaqstant, il-profitabbiltà tad-dgħajjes.

3.4.4 Sabiex ix-xewk u l-iġsma jidħlu fis-suq minn toroq differenti. L-introduzzjoni tal-miżura proposta tkun tfisser li mal-wasla fil-punt tal-iżbark f'pajjiż terz, ix-xewk irid jitneħħa fuq l-art. Dan joħloq il-konsegwenzi li ġejjin:

3.4.4.1 L-immaniġġjar tagħhom f'port barrani jista' jimplika bidla fl-oriġini tal-prodott jekk din il-proċedura ma titqies bħala "qtuġh sempliċi" (\*), u għalhekk il-prodott ma jibqax wieħed Komunitarju u jidħol fil-kategorija ta' prodotti esportati lejn l-UE, bir-rewżiti u l-kundizzjonijiet tas-saħħa u doganali li dan jinvolvi.

3.4.4.2 Jidħlu wkoll fatturi ġodda ta' riskju fil-ħatt tal-qabda, li jsir aktar kumpless, minbarra li jiżdied il-ħin li jieħu dan ix-xogħol.

3.4.4.3 Fl-istess waqt, din iż-żieda fil-ħin meħud għall-ħatt tnaqqas il-kwalità tal-prodotti billi tikkawża telf sostanzjali fil-katina tal-kesħa. Dan joħloq riskju għas-saħħa, peress li jimplika l-preżenza possibbli ta' istamini u ż-żieda fil-bażijiet volatili tan-nitroġenu totali, li jwassal għat-tħassir tal-prodott.

3.4.4.4 Barra minn hekk, il-portijiet ewlenin fejn normalment jiġu żbarkati l-qabdiet iffriżati jinsabu f'pajjiżi terzi li

(\*) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1063/2010 tat-18 ta' Novembru 2010 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju. ĠU L 307, 23.11.2010, Artikolu 78(1)(i).

m'għandhomx l-infrastruttura adegwata. Ukoll, parti kbira minnhom jinsabu fi nħawi bi klima tropikali, fattur li jgħaġġel it-telf tal-kesħa, u b'hekk jiġgrava l-konsegwenzi deskritti fil-punt preċedenti.

3.5 Il-*finning* jipprattikawh bastimenti mhux Ewropej li, minkejja li m'għandhomx sistema tal-iffriżar, joperaw f'ibħra 'l bogħod għal perjodi twal ta' żmien. Għal din ir-raġuni, huma jżommu biss ix-xewk permezz ta' proċedura tat-tnixxif (deidratazzjoni) u jarmu l-iġsma għax inkella dawn jitħassru. Għall-bastimenti Ewropej bil-frizza li ser jiġu affettwati mill-proposta tal-Kummissjoni, il-prattika tal-*finning* tfisser li jarmu sors siewi ta' dħul li jiġi mill-bejgħ tal-iġsma, u dan ma jagħmilx sens mill-lat tan-negożju.

3.6 Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-eliminazzjoni tal-permessi temporanji u l-applikazzjoni tal-politika "tax-xewka li ma tinqatx minn mal-ġisem tal-ħuta" jiggarrantixxu li l-*finning* ma jiġix prattikat fl-UE. Madankollu, fid-dawl tal-fatturi msemmijin hawn fuq u tal-konsegwenzi negattivi li dawn il-miżuri jista' jkollhom fuq is-sajjeda, il-Kumitat jemmen li għandhom jinsabu metodi oħra li jiżguraw il-konformità mal-projbizzjoni tal-*finning* mingħajr ma jiġu affettwati b'mod serju l-profitabbiltà tal-intrapriżi u s-sikurezza tal-ekwipaġġi, minkejja li dawn l-alternattivi mhux ser jeliminaw il-problemi ta' monitoraġġ u infurzar li ġew dokumentati mill-Kummissjoni.

3.7 Il-KESE jissuġġerixxi l-miżuri alternattivi li ġejjin:

3.7.1 L-obbligu li l-iġsma u x-xewk jiġu żbarkati fl-istess port;

3.7.2 L-eliminazzjoni tal-permessi speċjali għall-bastimenti tas-sajd ta' ħut frisk;

3.7.3 L-awtorizzazzjoni tal-permessi speċjali għall-bastimenti bil-frizza, bil-kundizzjoni li jużaw mekkaniżmu ta' traċċabilità li jiżgura l-korrelazzjoni bejn l-iġsma u x-xewk li jiġu żbarkati;

3.7.4 L-introduzzjoni f'kull organizzazzjoni reġjonali tas-sajd ta' programm ta' dokument statistiku għall-kummerċ tax-xewk tal-klieb il-baħar, bħalma jeżisti għat-tonn fil-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT).

3.8 Barra minn hekk, il-Kumitat jirrakkomanda li l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd kollha jadottaw pjani ta' ġestjoni tal-qbid tal-klieb il-baħar li jistabbilixxu, fost affarijiet oħra, miżuri biex jillimitaw l-isforz tas-sajd, żoni/staġuni magħluqin għas-sajd u l-projbizzjoni tat-trasbord fl-ibħra miftuħa.

3.9 Il-Kumitat jemmen li l-Kummissjoni Ewropea għandha tagħmel sforz akbar biex tiżgura kemm il-konformità mal-projbizzjoni tal-*finning* mill-flotot ta' pajjiżi terzi fejn din il-prattika kundannabbli għadha tippersisti kif ukoll il-konformità mal-obbligi li tingħata data affidabbli dwar il-qbid ta' dawn l-ispeċijiet mill-flotta ta' pajjiżi terzi fi ħdan l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd.

#### 4. Kummenti speċifiċi

4.1 Il-Kumitat jilqa' l-miżuri li hađu xi Stati Membri biex jiproteġu l-istokkijiet tal-klieb il-baħar l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari l-projbizzjoni fi Spanja li jinqabdu l-pixxivolpi (familja tal-Alopiidae) u l-kurazza komuni (familja tas-Sphyrnidae) <sup>(5)</sup>. F'dan ir-rigward, jitlob li fl-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd jiġu adottati l-miżuri adegwati għall-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ispeċijiet ta' klieb il-baħar li huma l-aktar vulnerabbli.

4.2 Il-Kumitat jemmen li l-mudell attwali bbażat fuq il-proporzjonijiet huwa adegwat u effettiv. Però, diversi studji xjentifiċi dwar dan is-suġġett imwettqa minn korpi ta' riċerka Ewropej jikkonkludu li l-proporzjon ta' 5 % la hu adegwat (għax baxx wisq) għall-prattiki tas-sajd tal-flotta Ewropea msejsa fuq l-użu sħiħ u massimizzat tal-piż tax-xewk, la għall-ispeċijiet prinċipali ta' klieb il-baħar (il-ħuta kaħla u l-pixxitondu) u, għalhekk, lanqas għall-ispeċijiet kollha kkombinati flimkien. Il-KESE jemmen li għandhom jerġgħu jiġu definiti l-proporzjonijiet massimi ammissibbli, ibbażati fuq kriterji realistiċi u b'bażi teknika u xjentifika suffiċjenti fid-dawl tal-istudji li diġà saru. Il-proporzjon il-ġdid għandu jirreferi b'mod espliċitu għall-piż ħaj tal-klieb il-baħar sabiex jiġu evitati l-problemi attwali fl-interpretazzjoni.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

<sup>(5)</sup> Ordni ARM/2689/2009, 28 ta' Settembru, li tipprojbixxi l-qbid tal-pixxivolpi (familja tal-Alopiidae) u tal-kurazza komuni (familja tas-Sphyrnidae). Ġurnal Uffiċjali ta' Spanja Nru 240, it-Tnejn 5 ta' Ottubru 2009, p. 84098.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku iġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika”**

COM(2012) 48 finali – 2008/0256 (COD)

(2012/C 181/35)

Nhar is-27 ta' Frar 2012 u t-13 ta' Marzu 2012, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikoli 114 u 168(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*Proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku iġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika*

COM(2012) 48 finali – 2008/0256 (COD).

Billi l-Kumitat diġà ta fehmtu dwar il-kontenut ta' din il-proposta fl-opinjoni tiegħu CESE 1022/2009 adottata fl-10 ta' Ġunju 2009 (\*), iddeċieda, matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u tad-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), b'161 vot favur, vot 1 kontra u 9 astensjonijiet, li ma jfassalx opinjoni ġdida dwar il-kwistjoni, iżda li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

(\*) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 18.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 fir-rigward ta’ informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem soġġetti għal preskrizzjoni medika”**

COM(2012) 49 final – 2008/0255 (COD)

(2012/C 181/36)

Nhar is-27 ta’ Frar 2012 u nhar it-13 ta’ Marzu 2012, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikoli 114 u 168(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 fir-rigward ta’ informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem soġġetti għal preskrizzjoni medika*

COM(2012) 49 final – 2008/0255 (COD).

Billi l-Kumitat diġà ta fehmto dwar il-kontenut ta’ din il-proposta fl-opinjoni tiegħu CESE 1025/2009, adottata nhar l-10 ta’ Ġunju 2009 (\*), iddeċieda, matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta’ Marzu 2012 (seduta tat-28 ta’ Marzu), b’156 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 9 astensjonijiet, li ma jfassalx opinjoni ġdida dwar il-kwistjoni, iżda li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, 28 ta’ Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

(\*) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 33.



**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/83/KE fir-rigward tal-farmakoviġilanza”**

COM(2012) 52 finali – 2012/0025 (COD)

(2012/C 181/37)

Nhar is-27 ta' Frar 2012 u s-16 ta' Frar 2012 rispettivament, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew iddeċidew, b'konformità mal-Artikoli 114 u 168(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE, fir-rigward tal-farmakoviġilanza*

COM(2012) 52 final 2012/0025 (COD).

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa sodisfaċenti u li, barra minn hekk, diġà ta fehmtu fl-opinjoni tiegħu CESE 1022/2009, adottata fl-10 ta' Ġunju 2009 (\*), iddeċieda, matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u tad-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), b'158 vot favur, vot wieħed kontra u 6 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

(\*) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 18.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 fir-rigward tal-farmakoviġilanza”**

COM(2012) 51 finali – 2012/0023 (COD)

(2012/C 181/38)

Nhar is-27 ta' Frar 2012 u nhar is-16 ta' Frar 2012, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikoli 114 u 168(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 fir-rigward tal-farmakoviġilanza*

COM(2012) 51 final – 2012/0023 (COD).

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa sodisfaċenti u li, barra minn hekk, diġà ta fehmtu fl-opinjoni tiegħu CESE 1025/2009, adottata fl-10 ta' Ġunju 2009 (\*), iddeċieda, matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu), b'157 vot favur, vot 1 kontra u 9 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

(\*) ĠU C 306, 16.12.2009, p. 33.

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi”**

COM(2012) 8 finali – 2012/007 (COD)

(2012/C 181/39)

Nhar it-2 ta' Frar 2012 u t-8 ta' Marzu 2012, il-Parlament u l-Kunsill iddeċidew, b'konformità mal-Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi*

COM(2012)8 final – 2012/007 (COD).

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa sodisfaċenti u li, barra minn hekk, diġà ta fehmtu fl-opinjoni tiegħu CESE 330/97, adottata fl-20 ta' Marzu 1997 (\*), iddeċieda, matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u tad-29 ta' Marzu 2012 (seduta tat-28 ta' Marzu 2012), b'166 vot favur, 2 voti kontra u 9 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, 28 ta' Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---

(\*) Opinjoni tal-KESE dwar il-Proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi, ĠU, C, 158/1997, p. 76, tas-26 ta' Mejju 1997 (mhux disponibbli bil-Malti)

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta’ Diċembru 2008 li jstabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet”**

COM(2012)21 finali — 2012/0013 (COD)

(2012/C 181/40)

Nhar it-13 ta’ Marzu 2012 u nhar it-22 ta’ Frar 2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b’konformità mal-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta’ Diċembru 2008 li jstabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet*

COM(2012)21 final – 2012/0013 (COD).

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa sodisfaċenti, iddeċieda, matul l-479 sessjoni plenarja tiegħu tat-28 u d-29 ta’ Marzu 2012 (seduta tat-28 ta’ Marzu 2012), b’158 vot favur, 2 voti kontra u 10 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, 28 ta’ Marzu 2012.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Staffan NILSSON

---





2012/C 181/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu [l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu]” COM(2011) 747 finali — 2011/0361 (COD) .....	68
2012/C 181/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ” COM(2011) 635 finali – 2011/0284 (COD) u “L-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ biex jiġu ffaċilitati t-tranżazzjonijiet transkonfinali fis-suq uniku” COM(2011) 636 finali .....	75
2012/C 181/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rapporti finanzjarji annwali, ir-rapporti finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ impriżi” COM(2011) 684 finali — 2011/0308 (COD) .....	84
2012/C 181/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar programm tal-konsumaturi 2014-2020” COM(2011) 707 finali – 2011/0340 (COD) .....	89
2012/C 181/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi)” COM(2011) 793 finali – 2011/0373 (COD) .....	93
2012/C 181/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar soluzzjoni onlajn għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi)” COM(2011) 794 finali – 2011/0374 (COD) .....	99
2012/C 181/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Pakkett tal-Allinjament tal-Qafas Leġiżlattiv Ġdid (QLĠ) (L-Implimentazzjoni tal-Pakkett tal-Prodotti)” COM(2011) 764 finali – 2011/0358 (COD); COM(2011) 765 finali – 2011/0351 (COD); COM(2011) 766 finali – 2011/0352 (COD); COM(2011) 768 finali – 2011/0350 (COD); COM(2011) 769 finali – 2011/0353 (COD); COM(2011) 770 finali – 2011/0354 (COD); COM(2011) 771 finali – 2011/0349 (COD); COM(2011) 772 finali – 2011/0356 (COD); COM(2011) 773 finali – 2011/0357 (COD) .....	105
2012/C 181/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Orizzont 2020 — Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)” COM(2011) 809 finali — 2011/0401 (COD), “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Orizzont 2020 — ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni fil-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)” COM(2011) 810 finali — 2011/0399 (COD), “Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li Jimplimenta Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)” COM(2011) 811 finali — 2011/0402 (CNS), “Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-Programm ta’ Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplementa ‘Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni — Orizzont 2020” COM(2011) 812 finali — 2011/0400 (NLE) .....	111



2012/C 181/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jstabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija” COM(2011) 817 finali – 2011/0384 (COD) u “L-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT): il-kontribuzzjoni tal-EIT għal Ewropa iktar innovattiva” COM(2011) 822 finali – 2011/0387 (COD) .....	122
2012/C 181/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (2014-2020)” COM(2011) 834 finali – 2011/0394 (COD) .....	125
2012/C 181/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Aġenda Ewropea għall-Integrazzjoni ta’ Persuni bin-Nazzjonalità ta’ Pajjiżi Terzi” COM(2011) 455 finali	131
2012/C 181/24	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013)” COM(2011) 489 finali – 2011/0217 (COD) .....	137
2012/C 181/25	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Insostnu t-tkabbir u l-impjiegi — aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta’ edukazzjoni għolja fl-Ewropa” COM(2011) 567 finali .....	143
2012/C 181/26	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Komunikazzjoni dwar il-Politiki tal-UE u l-Volontarjat: Ir-Rikonoxximent u l-Promozzjoni fl-UE tal-Ħidmiet Volontarji Transkonfinali” COM(2011) 568 finali .....	150
2012/C 181/27	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi ‘ERASMUS GĦAL KULĦADD’ — Il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażaġħ u l-Isport” COM(2011) 788 finali – 2011/0371 (COD) .....	154
2012/C 181/28	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar theddid serju transkonfinali għas-saħħa” COM(2011) 866 finali – 2011/0421 (COD) .....	160
2012/C 181/29	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan Direzzjonali għal Ewropa b’Użu Effiċjenti tar-Riżorsi” COM(2011) 571 finali .....	163
2012/C 181/30	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet b’effett ta’ serra u għar-rapportar ta’ informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni” COM(2011) 789 finali — 2011/0372 (COD) .....	169



2012/C 181/31	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Pakkett dwar l-Ajruporti” li jinkludi l-erba’ dokumenti li ġejjin: “il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-politika tal-ajruporti fl-Unjoni Ewropea — nindirizzaw il-kapaċità u l-kwalità biex nippromwovu t-tkabbir, il-konnettività u l-mobbiltà sostenibbli” COM(2011) 823 finali, “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta’ groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE” COM(2011) 824 finali – 2011/0397 (COD), “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta’ slots f’ajruporti tal-Unjoni Ewropea (Riformulazzjoni)” COM(2011) 827 finali – 2011/0391 (COD), “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta’ regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta’ restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f’ajruporti tal-Unjoni fi ħdan l-Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill” COM(2011) 828 finali – 2011/0398 (COD) .....	173
2012/C 181/32	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplorazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita” COM(2011) 814 finali – 2011/392 (COD) .....	179
2012/C 181/33	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura” COM(2011) 416 finali, “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd” COM(2011) 417 finali, “Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-Dimensjoni Esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd” COM(2011) 424 finali u “L-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd” COM(2011) 425 finali .....	183
2012/C 181/34	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1185/2003 dwar it-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar abbord ta’ bastimenti” COM(2011) 798 finali – 2011/0364 (COD) .....	195
2012/C 181/35	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika” COM(2012) 48 finali – 2008/0256 (COD) .....	199
2012/C 181/36	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 fir-rigward ta’ informazzjoni lill-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem soġġetti għal preskrizzjoni medika” COM(2012) 49 finali – 2008/0255 (COD) .....	200
2012/C 181/37	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/83/KE fir-rigward tal-farmakoviġilanza” COM(2012) 52 finali – 2012/0025 (COD) .....	201
2012/C 181/38	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 fir-rigward tal-farmakoviġilanza” COM(2012) 51 finali – 2012/0023 (COD) .....	202





2012/C 181/39	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tal-preparazzjonijiet perikolużi” COM(2012) 8 finali – 2012/007 (COD) .....	203
2012/C 181/40	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta’ Diċembru 2008 li jstabilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet” COM(2012)21 finali — 2012/0013 (COD) .....	204



## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

